Dun Ġużepp Gauci

# MARA TA' ĦILA LI ĦABBET L-IMĦABBA

meditazzjonijiet dwar l-ispiritwalità tal-

Venerabbli Madre Margerita De Brincat

Fundatriċi tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù

Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù
Malta

2014

# Preżentazzjoni

## mis-Superjura tal-Provinċja Maltija tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù

Il-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, sa mill-1988, minn meta nfetaħ il-Proċess Djoċesan li jwassal għall-Beatifikazzjoni u l-Kanonizazzjoni, tal-Fundatriċi, Madre Margerita De Brincat, segwiet mill-qrib b'ħerqa kull żvilupp f'dan il-Proċess. U kien għalhekk li kull membru ta' din il-Kongregazzjoni laqgħet b'entużjażmu u ferħ kbir, l-aħbar li rċeviet fis-27 ta' Jannar 2014, li Madre Margerita tal-Qalb ta' Ġesù ġiet iddikjarata Venerabbli.

Dan hu mument importanti fl-istorja tal-Kongregazzjoni, li dejjem ħarset lejn il-Fundatriċi bħala mudell ta' ħajja konsagrata awtentika, "mara ta' ħila" li qajmet fuq saqajha u mexxiet b'kuraġġ 'l quddiem l-istess Kongregazzjoni. Madre Margerita hija meqjusa bħala persuna ta' viżjoni wiesgħa u dik li tat identità speċifika lill-Kongregazzjoni li għaliha tant stinkat. Kienet ta' eżempju kbir għal dawk kollha li għexu magħha, għat-telqa totali f'idejn Alla, b'ħajja spiritwali profonda, u għixien tal-voti reliġjużi. Il-ħajja intima li hi kienet tgħix ma' Alla waslitha biex tgħix b'serenità u imħabba l-ħajja fraterna. L-appostolat li hija wettqet kien wieħed wiesa'. Kienet waħda mill-pijunieri fil-ħidma soċjali f'pajjiżna, u ħadmet bla interess personali fost il-foqra u l-imwarrbin. Barra minn hekk, kienet minn tal-ewwel li marret hija stess tiftaħ djar 'il barra minn xtutna, fejn għarfet il-ħtieġa li twassal lil Kristu.

Għal snin twal, Monsinjur Ġużepp Gauci, saċerdot innamrat minn din il-mara hekk umli imma fl-istess ħin ta' qawwa kbira, studja b'interess u fil-profond l-ispiritwalità tagħha. Hu kien benefattur kbir tal-Kongregazzjoni li hi waqfet, billi ħadem bi sħiħ biex jgħaddi din l-ispiritwalità lill-membri tal-istess Kongregazzjoni fiż-żjajjar li għamel fid-diversi Djar mifruxa fil-ħames kontinenti. Ta kontribut anke fid-Djar tal-Formazzjoni sabiex mill-bidunett inissel f'dawn iż-żgħażagħ imħabba lejn il-Fundatriċi, u għatx għall-ispiritwalità tagħha. Barra minn hekk, kull sena, b'sengħa kbira, jinseġ omelija mill-isbaħ, prattika u attwali, fiċ-Ċelebrazzjoni tal-Anniversarju mill-mewt tagħha.

Kienet ix-xewqa tiegħi, għalhekk, li l-materjal kollu li ħejja matul dawn is-snin twal u li huwa teżor mhux ta' min jitilfu, jinġabar u jiġi ppublikat. B'hekk dawn ir-riflessjonijiet profondi jistgħu jiġu f'idejn dawk kollha li jixtiequ jsiru jafu aktar mill-qrib l-ispiritwalità ta' din "il-mara ta' ħila", li saħħet il-ħajja tagħha mill-għaqda intima li kellha ma' Ġesù fl-Ewkaristija.

J'Alla dawn il-kitbiet ma jkunux għal dawk kollha li jiġu f'kuntatt magħhom sempliċiment materjal għall-qari, imma ta' għajnuna għal qawmien spiritwali u jiskopru fil-Venerabbli Madre Margerita, mudell għall-għixien ta' ħajja nisranija profonda li twassalhom, kif tant xtaqet hi, li jħobbu lil Alla, "l-Imħabba li mhix maħbuba" biex ikun magħruf u maħbub minn kulħadd u kullimkien.

Sr. Josephine Xuereb

**Sr Josephine Xuereb**
**Superjura Provinċjali** **22 ta' Frar 2014**

# Għaliex dan il-Ktieb ?

## Kelmtejn ta' qabel mill-awtur

Il-Papa Franġisku, fid-29 ta' Novembru 2013, waqt laqgħa mas-Superjuri Ġenerali tar-Reliġjużi li saret fl-Awla Pawlu VI, fil-Vatikan, ħabbar li l-2015 se tkun Sena ddedikata lill-Ħajja Konsagrata. Dakinhar hu qal lir-reliġjużi: *"Kunu xhieda ta' mod differenti kif tagħmlu l-affarijiet, kif taħdmu, kif tgħixu. Hu possibbli li tgħixu b'mod differenti f'din id-dinja".*

Min-naħa l-oħra, bejn April 2013 u Jannar 2014 fraħna bl-iżviluppi pożittivi li saru fil-proċess tal-Beatifikazzjoni tal-Qaddejja ta' Alla, Madre Margerita De Brincat, Fundatriċi tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Gesù. Assistejna għall-mument fejn il-Fundatriċi ġiet imsejħa "*Venerabbli*" u, allura, bdiet tingħata qima publika. Iċċelebrajna wkoll it-62 Anniversarju mill-Mewt tagħha fil-"Casa Madre" tal-Kongregazzjoni fi Triq Palma, Rabat, Għawdex. Madre Margerita għexet bis-sħiħ dak li talab il-Papa Franġisku mir-reliġjużi ta' llum, jiġifieri *"mod differenti ta' ħajja".*

Dakinhar tat-62 Anniversarju tal-Mewt ta' Madre Margerita, is-Superjura Provinċjali ta' Malta, Sr. Josephine Xuereb flimkien mal-Vigarja tagħha, Sr. Francesca Abela, talbuni niġbor id-diskorsi li għamilt dwar l-ispiritwalità tal-Fundatriċi, Madre Margerita, bil-ħsieb li jiġu ppublikati bħala ktieb ta' meditazzjoni għas-sorijiet tagħha. Aċċettajt bil-qalb din it-talba u mal-ewwel bdejt il-ħidma tiegħi, li fiha sibt ukoll l-għajnuna ta' x'uħud minn dawn is-sorijiet.

Dwar l-ispiritwalità ta' Madre Margerita, ili għal xi tletin sena naqsam ħsibijiet diversi mas-sorijiet tagħha, kull fejn jinsabu. Kull sena, nhar it-22 ta' Jannar, f'jum l-Anniversarju ta' mewtha, nagħmel diskors dwar xi aspett differenti ta' din l-ispiritwalità, li nħejjih b'ċertu entużjażmu, ħeġġa u studju, għax, biex ngħid is-sewwa, minn meta bdejt nirrifletti dwar il-ħajja spiritwali ta' din il-*"Mara ta' ħila li ħabbet l-Imħabba"*, issaħħart bil-kbir mill-ispiritwalità tagħha. Dan jidher li ġara wkoll mit-tejoloġi li ngħataw l-inkarigu mill-Kongregazzjoni għall-Kawżi tal-Qaddisin biex jistudjaw u jirrapportaw dwar l-erojċità ta' ħajjitha u tal-virtujiet tagħha. Infatti fir-relazzjoni li taw nhar it-12 ta' April 2013 jidher ċar dan l-atteġġjament unanimu tagħhom.

F'dan il-ktieb irnexxieli niġbor 25 diskors dwar l-ispiritwalità tal-Fundatriċi. L-ewwel wieħed sar fit-8 ta' Diċembru 1987 meta fakkarna l-ewwel ċentinarju mill-Professjoni Perpetwa tagħha. L-oħrajn saru kollha fil-jum tat-22 ta' Jannar. L-aħħar wieħed hu dak tas-sena 2014. Hemm nieqsa tlieta, dawk tas-snin 1994, 2003 u 2007: l-ewwel tnejn kienu saru mill-Eċċ. T. l-Isqof Nikol Cauchi u l-ieħor mill-Eċċ. T. l-Isqof Mario Grech. Ġbart ukoll xi kitbiet li dehru fil-fuljett *"Paċi u Ġid"* ippublikat mill-Kongregazzjoni.

Irrid noffri dawn il-ħsibijiet spiritwali tiegħi, b'mod partikulari, lis-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, bil-għan li jikbru fl-għarfien tal-għana spiritwali tal-Fundatriċi tagħhom. Nittama li din l-offerta fqajra tiegħi, offerta ħierġa minn qalbi, tkunilhom ta' għajnuna spiritwali biex matul is-sena 2015, is-Sena tal-Ħajja Konsagrata mħabbra mill-Papa Franġisku, jimtlew bl-istess entużjażmu għall-konsagrazzjoni reliġjuża li kellha Madre Margerita. B'dan il-mod, huma wkoll, ikunu jistgħu jilħqu l-għan spiritwali li bih Madre Margerita laqqmet lill-Kongregazzjoni: li *"jħobbu l-Imħabba u li jagħmlu li l-Imħabba tkun magħrufa u maħbuba minn kulhadd u kullimkien".* Bħalha jkunu jistgħu jagħmlu dak li jixtieq minnhom il-Papa Franġisku *"jgħixu b'mod differenti f'din id-dinja".* Jalla jkun hekk tassew.

***Dun Ġużepp Gauci*** ***22 ta' Frar 2014***

# Madre Margerita De Brincat – Min hi ?

## Bijografija qasira

Twieldet mill-familja De Brincat f'Ta' Kerċem, Għawdex, fit-28 ta' Novembru 1862 u fl-istess jum ġiet mgħammda fil-Parroċċa ta' San Ġorġ Martri fir-Rabat u ngħatat l-isem ta' Virġinja. B'hekk bdiet mixja twila lejn il-qdusija.

Sadattant, għall-ħabta tal-1875, b'inizjattiva tal-Ġiżwita, Patri Pietro Digiorgi, professur fis-Seminarju ta' Għawdex u tax-xebba Marija Karmena Xerri, minn Triq San Ġorġ fir-Rabat, Għawdex, twaqqfet l-Għaqda tat-"Tnax-il Stilla" tal-Qalb ta' Ġesù. Virġinja, wara li temmet l-iskola primarja, kienet spiss tasal sar-Rabat għall-privat tat-Taljan u tal-Franċiż, u billi qatt ma kienet tfalli żjara lil Ġesù Sagramentat fil-Knisja ta' San Ġorġ, semgħet b'din l-Għaqda u stinkat li tidħol fiha. Ġiet milqugħa bħala membru fit-8 ta' Diċembru 1877. Dun Ġużepp Diacono, fl-1878, sar Direttur Spiritwali ta' din l-Għaqda. F'dawn l-istess żminijiet, Virġinja, ta' ħmistax-il sena, għamlet il-vot privat tal-virġinità.

Meta Dun Ġużepp Diacono, wara ħidma għaqlija u bl-approvazzjoni tal-Isqof ta' Għawdex, irnexxielu jiżviluppa din l-Għaqda f'Kongregazzjoni Reliġjuża, Virġinja stinkat bil-kbir biex tidħol fiha. Dan seħħ fil-5 ta' Frar 1881 u fil-15 t'Awwissu tal-istess sena bdiet in-Novizzjat bl-isem ta' Maestra Virġinja tal-Beata Margerita. Sadattant, wara l-ftuħ tad-Dar ta' Birkirkara fl-1885, insibuha taħdem f'dan il-post u lejn tmiem l-1887 kellha sejħa sopranaturali biex titlaq malajr lejn Għawdex u mal-wasla sabet lil Dun Ġużepp Diacono qed iħott dak li kien inbena u daħlet hi biex tkompli l-ħidma tal-Kongregazzjoni, fiduċjuża fl-għajnuna tal-Providenza. Fit-8 ta' Diċembru tal-istess sena għamlet il-Professjoni Perpetwa u l-Isqof ta' Għawdex, Pietru Pace, taha l-isem ta' Madre Margerita tal-Qalb ta' Ġesù.

Minn dakinhar mexxiet il-Kongregazzjoni lejn il-maturità tagħha, laqqmitha bil-kariżma proprja tagħha, stinkat biex jitwaqqfu diversi Djar 'l hawn u 'l hinn f'Malta u Għawdex, u anke barra minn Malta. Kienet hi personalment li fl-1907 bdiet il-ħidma tal-Kongregazzjoni f'Korfù, fil-Greċja. Stinkat biex tikseb l-approvazzjoni Pontifiċja tal-istess Kongregazzjoni u l-affiljazzjoni mal-Ordni tal-Patrijiet Minuri Franġiskani.

Madre Margerita mietet fil-"Casa Madre" tal-Kongregazzjoni, fir-Rabat Għawdex, fit-22 ta' Jannar 1952. Mal-ewwel instemgħet l-għajta popolari *"mietet il-qaddisa tas-Sorijiet tal-Istilla".* Il-funeral tagħha sar l-għada, 23 ta' Jannar fil-Knisja tal-"Casa Madre" u tmexxa mill-Isqof t'Għawdex, Mons. Ġużeppi Pace. Wara ġiet midfuna fil-kripta tal-istess Knisja.

Fl-14 ta' Mejju 1977, l-Isqof t'Għawdex, Mons. Nikol Cauchi għamel ir-rikonjizzjoni tal-fdal tal-Fundatriċi li tqiegħed f'urna speċjali f'nofs l-istess kripta. Għaxar snin wara, il-Prefett tal-Kongregazzjoni għall-Kawżi tal-Qaddisin, f'Ruma, il-Kardinal Pietro Palazzini ta n-*"nulla osta"* għall-ftuħ tal-kawża tal-Beatifikazzjoni ta' Madre Margerita. Fil-5 ta' Ġunju 1988, jum is-Solennità ta' *"Corpus Christi"*, fil-Knejjes kollha ta' Għawdex inqara l-editt tal-Isqof Cauchi li kien iġib id-data tat-30 ta' Mejju 1988, li bih tħabbar il-Proċess tal-Beatifikazzjoni ta' Madre Margerita. Il-ftuħ ta' dan il-Proċess sar b'mod uffiċjali, fl-4 ta' Lulju 1988, mill-Isqof Cauchi fis-Santwarju tal-Madonna "Ta' Pinu", f'Għawdex.

Il-ġbir tax-xhieda u tagħrif ieħor dwar il-Qaddejja ta' Alla, beda u tkompla fid-Djoċesi ta' Għawdex sa l-2000. Fit-22 ta' Jannar 1994, saret it-traslazzjoni solenni tal-fdal mortali ta' Madre Margerita mill-kripta għall-Knisja tal-"Casa Madre" fejn tqiegħed f'urna tal-irħam. Fit-22 ta' Jannar 2000, fis-Santwarju "Ta' Pinu", f'Għawdex, ġie ċċelebrat l-għeluq solenni tal-Proċess Djoċesan mill-Isqof Nikol Cauchi.

Fis-17 ta' Frar 2000, il-materjal li ngħabar dwar Madre Margerita matul il-proċess djoċesan intlaqa' mill-Kongregazzjoni għall-Kawżi tal-Qaddisin f'Ruma, u fl-4 ta' Marzu 2004 saret il-preżentazzjoni uffiċjali tal-*"Positio"* li tiġbor fiha r-riżultati tal-Proċess Djoċesan, u b'hekk bdiet il-mixja regolari tal-każ lejn il-Beatifikazzjoni, f'Ruma.

Fit-12 ta' April 2013, il-Kongregazzjoni għall-Kawżi tal-Qaddisin, wara li kienet sejħet xi tejoloġi biex jistudjaw sewwa l-*"Positio"* dwar il-Qaddejja ta' Alla, Madre Margerita, żammet Kungress Partikulari dwar jekk jeżistux fi grad erojku l-virtujiet teologali, kardinali u oħrajn, fil-każ imsemmi. Ir-riżultat, kif mogħti mit-tejoloġi, kien unanimament pożittiv u fil-konklużjoni tiegħu, Madre Margerita ġiet ippreżentata *"bħala mudell ta' ħajja konsagrata awtentika, li hi għexet fl-għaqda ma' Alla permezz ta' talb bla waqfien u f'abbandun għar-rieda tiegħu. Barra dan, hi tista' tkun mudell attwali wkoll għal min jaħdem fl-ambjent edukattiv u formattiv taż-żgħażagħ".*

Fil-21 ta' Jannar 2014, sewwasew lejliet it-62 Anniversarju mill-mewt tal-Qaddejja ta' Alla, iltaqgħu l-Kardinali u l-Isqfijiet imsejħa mill-Kongregazzjoni għall-Kawżi tal-Qaddisin, taħt il-presidenza tal-Kardinal J. Harvey, u taw vot *"pienamente posittivo"* dwar dak li kienu għamlu t-tejoloġi f'April tas-sena 2013. Fis-27 ta' Jannar 2014, il-Kardinal Angelo Amato, S.D.B., Prefett tal-Kongregazzjoni għall-Kawżi tal-Qaddisin, kellu udjenza privata mal-Qdusija Tiegħu, il-Papa Franġisku u dan awtorizza lill-Kongregazzjoni biex tippromulga d-Digriet li bih Madre Margerita tkun tista' tissejjaħ Venerabbli u tiġi meqjuma publikament.

Nittamaw u nitolbu li ma jdumx ma jseħħ miraklu bl-interċessjoni tal-Venerabbli Madre Margerita De Brincat, Fundatriċi, ħalli tkun tista' titwettaq il-ġrajja tant mixtieqa tal-Beatifikazzjoni tagħha.

---

**Nota tal-Awtur:** Ir-riferenzi kollha li hemm f'dawn il-meditazzjonijiet, għal xi ġrajjiet mill-ħajja ta' Madre Margerita, huma meħudin mill-Bijografija tagħha *"Inħobbu l-Imħabba"*, miktuba minn P. Calliari, u minn xhieda fil-*Positio*, filwaqt li dawk li jirreferu għal kitbiet jew ġrajjiet dwar S. Franġisk u S. Klara ta' Assisi huma meħudin mill-*"Fonti għall-Ħajja ta' San Franġisk t'Assisi"*. In-numri li hemm wara s-siltiet mill-kitbiet ta' Madre Margerita jirreferu għan-numri tal-ittri kif jinsabu fil-ktieb *"L-Ittri"* li fih ġew ippublikati. Siltiet bl-ittra "V" qabel in-numru huma meħudin minn ittri miktubin wara xi Viżta Kanonika u li ma jidhrux fil-ktieb imsemmi.

# Madre Margerita tal-Qalb ta' Ġesù:
## L-identità spiritwali tal-omm tagħna (1987)

### Daħla

Fis-7 ta' Awwissu 1933, il-Madre Ġenerali ta' dak iż-żmien, Madre Nazzarena Gouder, ħarġet ċirkulari lis-Sorijiet kollha ta' dakinhar u stednithom biex ifakkru għeluq il-50 sena mill-Professjoni ta' Madre Margerita, jigifieri l-ewwel Professjoni tagħha li kienet saret fis-17 ta' Awwissu 1883 fid-Dar ta' Triq Għajn Qatet. Dakinhar Madre Nazzarena, f'dik iċ-ċirkustanza, kitbet: *"Ilkoll nafu sew u jixraq li qatt ma ninsewh, li wara Alla u l-wisq meqjum u dejjem mibki Missier Fundatur tagħna, il-Kongregazzjoni tagħna taf il-ħajja u l-iżvilupp tagħha lil Madre Margerita li, jekk ma nisslithiex hi, imma filwaqt li mexxietha sewwasew għal tletin sena bħala Superjura Generali, temgħatha bid-demm tas-saġrifiċċju tagħha, saħħitha bil-ħalib tat-talb imħeġġeġ tagħha u żammitha bil-għarfien tal-eżerċizzju ħelu tal-virtujiet tagħha".* Dakinhar, Madre Margerita kienet Superjura Lokali tad-dar tax-Xagħra, f'Għawdex.

Fit-8 ta' Novembru ta' din is-sena 1987, il-Madre Generali preżenti, Madre Bertilla Bartolo, ħarġet ċirkulari lis-Sorijiet kollha ta' llum u għamlet stedina biex issir tifkira xierqa tal-100 sena mit-tieni Professjoni ta' Madre Margerita li kienet saret fil-"Casa Madre" fit-8 ta' Diċembru 1887. F'din iċ-ċirkulari il-Madre Ġenerali qaltilna: *"… infittxu li niċċelebraw dan iċ-ċentinarju b'ferħ kbir, issa li l-Kurja tal-Isqof t'Għawdex qiegħda tipprepara biex tiftaħ il-proċess informattiv fuq l-atti erojċi tal-virtujiet ta' Madre Margerita għall-kawza tal-Beatifikazzjoni tagħha".*

U aħna rrispondejna b'ferħ għal din l-istedina tal-Madre Generali biex niċċelebraw din l-okkażżjoni. Meta saret iċ-ċelebrazzjoni tal-50 Anniversarju tal-Professjoni ta' Madre Margerita, hi kienet fid-dar tax-Xagħra, mimlija ħajja, illum fiċ-ċelebrazzjoni tal-100 Anniversarju hi qiegħda fis-sema, mimlija glorja, b'ħarsitha fuqna, ferħana li dak li temgħet hi bis-saġrifiċċju tagħha għadu jittiekel, dak li saħħet hi bil-ħalib tat-talb imħeġġeġ tagħha għadu jitqawwa, dak li żammet hi bil-għasel tal-eżerċizzju ħelu tal-virtujiet tagħha għadu jinżamm u jitħares.

### Ftit Storja

Qabel ma ngħaddu biex niflu l-identità spiritwali ta' Madre Margerita li fuqha llum rridu nimmudellaw l-identità spiritwali tar-Religjużi Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, ejjew niftakru ftit l-istorja, l-aktar f'dak li għandu x'jaqsam mal-okkażżjoni li qegħdin infakkru llum. Madre Margerita daħlet mat-Terzjarji Franġiskani, fid-Dar ta' Triq Għajn Qatet fil-5 ta' Frar 1881. Sentejn u nofs wara, fis-17 ta' Awwissu 1883 għamlet l-ewwel Professjoni, hawnhekk f'din id-dar, fil-"Casa Madre" li kienet ġiet miftuħa fil-15 ta' Jannar 1882. Fis-6 ta' Mejju 1886 saret dik li hi msejħa t-tieni fundazzjoni tal-Istitut. L-Isqof t'Għawdex, Mons. Pace ta l-approvazzjoni ekkleżjastika u ppromulga l-Kostituzzjonijiet tal-Kongregazzjoni li kienu ġew approvati mill-Ewwel Kapitlu Ġenerali li sar bejn l-1 u t-3 ta' Jannar 1885.

L-ewwel ħaġa li kien hemm bżonn issir kienet li tiġi rregolata l-pożizzjoni tas-Sorijiet li diġà kienu għamlu l-Professjoni. Skont il-Liġi tal-Knisja ta' dak iż-żmien, il-validità tal-Professjoni Reliġjuza kienet titlob sena sħiħa ta' novizzjat. U billi dan ma kienx sar, l-Isqof stabilixxa sena bejn l-1886 u l-1887 biex jagħti l-possibiltà lir-Reliġjuzi diġa professi biex jagħmlu jew jerġgħu jagħmlu n-Novizzjat skont in-normi tal-Kostituzzjonijiet il-ġodda, u ffissa Diċembru tal-1887 bħala ż-żmien tal-Professjoni l-ġdida. L-ewwel Professa kienet Madre Margerita li fit-8 ta' Diċembru 1887, quddiem l-Isqof Pace stess għamlet il-Professjoni tagħha u ħadet l-isem

ta’ Margerita tal-Qalb ta’ Ġesù. L-Isqof Pace ta din il-preferenza lil Madre Margerita minħabba l-pożizzjoni tagħha fil-Kongregazzjoni. Fil-11 ta’ Diċembru imbagħad, fil-preżenza tal-Vigarju Generali tad-Djoċesi, Mons. Ġużeppi Farrugia, saret il-professjoni ta’ ħmistax-il Reliġjuża oħra. Hekk Madre Margerita hi wkoll l-ewwel fost il-Professi kollha tal-Kongregazzjoni tagħna.

**Identità Reliġjuza**

Iżda, forsi, dak li hu l-aktar importanti għalina hu li Madre Margerita tidher quddiemna bħala l-mudell ewlieni tar-Reliġjuża Frangiskana tal-Qalb ta’ Ġesù. Id-Dokumenti kollha Konċiljari u Post-Konċiljari tal-Knisja jgħallmuna li r-Reliġjużi għandhom jirritornaw lejn l-ispirtu tal-bidu tal-Kongregazzjoni tagħhom u jimtlew bih. U, għalhekk, fl-okkażżjoni ta’ llum, inħoss li hu dmir tagħna li nimmeditaw l-ispirtu, l-identità reliġjuza, il-fiżonomija spiritwali tal-Fundatriċi Madre Margerita sabiex fuq dan il-mudell infasslu ħajjitna. Filwaqt li nsaqsu u nirrispondu, illum, għall-mistoqsija fundamentali: *“Min hi Madre Margerita? X’inhi l-identità spiritwali proprja tagħha ?”* ejjew insaqsu, nirrispondu u niddeċiedu dwar il-mistoqsija kumplimentari: *“Min jiena jien bħala Reliġjuża Franġiskana tal-Qalb ta’ Ġesù? X’inhi dik l-identità spiritwali li tidentifikani bħala talija?”*

Kull ħajja spiritwali tikkonsisti f’komunjoni, relazzjoni mill-qrib mat-tliet Persuni tat-Trinità Qaddisa, il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu: relazzjoni filjali ta’ sottomissjoni mal-Missier, relazzjoni ta’ imitazzjoni u mixja wara Kristu u relazzjoni ta’ telqa fit-tmexxija tal-Ispirtu s-Santu. Kien minħabba f’hekk li meta Ġesù bagħat lid-dixxipli tiegħu jgħallmu u jgħammdu, ordnalhom “*Morru, mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u għammduhom fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu”* (Mt. 28, 19). U aktar ma l-ħajja spiritwali issir profonda u tikber, aktar jeħtieġ issir profonda u tissaħħaħ ir-relazzjoni mal-Persuni tat-Trinità Qaddisa.

Mhux kull spiritwalità tfassal, tibni u tiżviluppa din ir-relazzjoni mat-Tliet Persuni tat-Trinità Qaddisa bl-istess mod. Kull spiritwalità għandha stil, triq u modi differenti biex tagħmel dan. U jekk, illum, irridu niftakru fl-identità spiritwali, jew inkella fil-fiżjonimija reliġjuza ta’ Madre Margerita, ejjew nippruvaw nifhmu kif kienet tibni din ir-relazzjoni mat-Tliet Persuni Divini, sabiex aħna, wliedha, nippruvaw nimitawha u nakkwistaw il-fiżjonomija spiritwali tagħha.

1. **Relazzjoni ma’ Alla l-Missier**

Nistgħu ngħidu li r-relazzjoni ta’ Madre Margerita nistgħu niġbruha fl-għajta tagħha: *“Amiamo ‘l Amore – Ejjew inħobbu l-Imħabba”*. U allura hi relazzjoni ta’ mħabba li tittraduċi ruħha fi spirtu ta’ faqar awtentiku u fil-kapaċità li ttenni l-FIAT f’kull sitwazzjoni. Nistgħu ngħidu li din ir-relazzjoni hi mibnija fuq il-voti reliġjużi tal-Kastità, Faqar u Ubbidjenza. Il-Kastità hi għażla ta’ mħabba, il-Faqar hu t-tisfija tal-imħabba minn dak kollu li mhux imħabba, u l-Ubbidjenza hi t-tennija bla waqfien tal-*“fiat”* bħala l-aqwa xhieda ta’ mħabba vera.

**Madre Margerita u l-Għażla ta’ mħabba**

Fis-siltiet li ġejjin li huma kollha meħudin mill-ittri ta’ Madre Margerita lid-Direttur Spiritwali, Mons. Antonio Galea, ninnutaw din l-għażla ta’ mħabba li għamlet il-Fundatriċi. *“Itlob u għid lil min jitlob sabiex ilkoll flimkien naslu għall-pussess ħelu tal-ħelwa mħabba safja… inħobbu, inħobbu l-Imħabba li mhix maħbuba għax mhix magħrufa u għalhekk nagħmlu li tkun magħrufa u żgur tkun maħbuba!”* (L1). Minħabba din l-għażla li għamlet, kien bħal jiddispjaċiha meta mhux kulħadd jagħżel bħalha: *“Kemm hu twajjeb il-Maħbub Mulej tagħna! Kif mhux maħbub, kif ma nibqgħux maħlula mill-fjammi kollhom imħabba tiegħu? Ah, għax mhix magħrufa, mhix maħbuba, Imħabba daqstant tenera, Maestà daqstant infinita, Imħabba daqshekk setgħana!”*(L3)

Darb'oħra, bħal stiednet lill-istess Direttur Spiritwali tagħha għal din l-imħabba safja: *"Kif int? kif inti sejjer fl-imħabba safja? Min jaf kemm toffri atti ġeneruzi lill-Mulej! Kemm tintilef ir-ruħ sabiħa tiegħek fil-fjammi safja, safja! Ah, iva, iva, inħobbu, inħobbu l-Imħabba li mhix magħrufa u għalhekk mhix maħbuba!"* (L6). Dwar din l-għażla ta' mħabba, fissret ix-xewqa li tintrabat b'vot miktub b'demmha stess: *"Il-vot li rrid nagħmel u nixtieq li jinkiteb f'demmi stess hu dan: 'O Alla Tlieta u Wieħed, jiena kreatura msejkna u li ma jixraqlix, noffri lili nnifsi kollni kemm jien lit-tmexxija tal-imħabba tiegħek, filwaqt li nitolbok li aħjar immut qabel ma nonqos mill-fedeltà tiegħi. Ammen'."* (L11).

Ninnutaw ukoll il-profondità tax-xewqat tagħha fuq din l-għażla ta' mħabba li dwarha talbet ukoll l-għajnuna tad-Direttur Spiritwali: *"Oh, għaliex it-Twajjeb Ġesù tagħna ma jikkunsmanix bin-nar tal-imħabba safja, safja tiegħu? Għaliex għadu jħallini ngħix fija nnifsi? Oh, jien ma naħsibx aktar dwar li ngħix… irrid tassew immut għalija nnifsi. Biex ngħix assolutament moħbija u mitlufa kollni kemm jien fiH… Imma kif se nagħmel? Għażiż Missier, għidli għall-imħabba tal-ħelu Ġesù tagħna, għidli kif se nagħmel? Ah, il-qalb fqira tiegħi trid tassew tixpakka f'qima lejn l-Imħabba!"* (L14)

Madre Margerita, fl-ittri lis-Sorijiet titkellem mill-kwalitajiet tal-imħabba li jibnu relazzjoni tajba mal-Missier Alla. Ninnutawhom ftit: **L-Esklussività:** *"Ħobbu, iva, għażiża binti, ħobbu, ħobb lilu biss, biss… attenta, ħares lil qalbek u ara hemmx l-iċken rabta ma' xi ħaġa li mhix Hu"*(L130). **Imħabba li tixraqlu:** *"Tħobb 'l Ġesù? Tħobbu ħafna? Tħobb lilu biss? Tħobbu biżżejjed? Iva, iva, ejjew inħobbuh, għax Hu biss jixraqlu jkun maħbub!"* (L138) **Imħabba Prattika:** *"M'hemmx bżonn ngħidlek biex tagħmel kollox bl-imħabba, għall-imħabba, fl-imħabba … għax l-Imħabba ma jogħġbuhiex atti magħmula mingħajr imħabba, anke jekk ikunu l-aqwa"* (L105) **Imħabba li tbati:** *"Ejjew inħobbu l-imħabba jfisser, ejjew inbatu għall-imħabba".* (L141). **Imħabba li tħobb 'l oħrajn:** *"Ejjew inħobbu bil-fatti u tassew: jiġifieri bis-sagrifiċċji, biċ-ċaħda tal-ġudizzji tagħna anke f'affarijiet żgħar: bl-imħabba fraterna, mogħdrija tal-oħrajn ukoll fid-dgħufija tagħhom…"* (L64). **Imħabba diżinteressata:** *"Ejjew inħobbuh b'imħabba diżinteressata bħal tiegħu! Inħobbuh billi nissagrifikaw is-sodisfazzjonijiet personali kollha tagħna!"* (L86).

**Il-Madre tinsisti dwar Faqar li jsaffi l-imħabba**

L-għażla ta' mħabba għal Dak li *"hu Imħabba"*(1Ġw 4,16), wasslet lil Madre Margerita biex tgħix fi spirtu ta' faqar totali sabiex ħielsa għal kollox u minn kollox, setgħet tkun kollha kemm hi ta' Alla. Għalhekk il-faqar tagħha ma kienx sempliċiment ħelsien minn dak li hu materjali, imma qerda tal-JIEN, spirtu ta' umiltà konvinta. Dan stqarritu b'mod ċar lid-Direttur Spirtiwali tagħha, f'ittra mingħajr data: *"Inħoss ġuħ għall-umiljazzjonijiet, biex ninħeba, biex nixxejjen… nixtieq tassew inkun ikkunsmata, mitlufa, imxejna għal dejjem … nixtieq tassew inkun kapaċi ngħid: Mhux jien li ngħix, imma l-ħelu Ġesù jgħix ġo fija"* (L30)

Fis-sena 1918, meta kienet Madre Ġenerali għas-sitt darba, esprimiet dan l-ispirtu ta' Faqar mill-JIEN tagħha, meta kitbet lid-Direttur Spiritwali: *"Kelli bżonn ta' permess biex nuża n-nuċċali l-ġdid, stennejt, imma mbagħad bil-permess mifhum, użajtu għax kelli bżonnu. Oh, kemm nixtieq nintemm b'qima lejn l-ubbidjenza mqaddsa".* (L8)

Madre Margerita fissret il-għan ta' dan l-ispirtu ta' faqar meta qalet lill-Madre Paċifica: *"Għandna nħalluh jagħmel li jrid Hu mingħajr ma nfixkluh… Hu tassew li l-JIEN tagħna jbati u jiġġieled, imma bil-għajnuna divina nistgħu nirbħu".* (L149)

**Riedet ittenni l-"Fiat" li jixhed għall-imħabba**

Dan l-ispirtu ta' faqar wassal lil Madre Margerita biex bil-"Fiat" tagħha f'kull sitwazzjoni, issaħħaħ sew ir-relazzjoni tagħha ma' Alla l-Missier. Meta darba sabet ruħha f'sitwazzjoni diffiċli, kitbet lid-Direttur Spiritwali tagħha, Mons. Antonio Galea: *"Jeħtieġ nirrassenjaw ruħna totalment għar-rieda Qaddisa tal-Wisq ħelu Maħbub tagħna, hekk insibu għajnuna u faraġ fiċ-ċirkustanzi diversi tal-ħajja … Tkun imbierka r-rieda l-aktar Qaddisa tiegħu… nirrassenjaw ruħna u nistennew dak li se joħroġ minn din iċ-ċirkustanza kritika u naduraw fis-skiet umli s-siġrieti tat-Tjubija Divina".* (L1)

Kienet tgħid il-"Fiat" tagħha u ġieli stqarret li kultant tħossu iebes, anke meta kienet tixtieq tiltaqa' mad-Direttur Spiritwali tagħha u ma kienx ikun possibli minħabba xi raġuni jew oħra. Minn diversi ittri lil Mons. Antonio Galea naqraw: *"Kont fi ħtieġa li narak qabel tlaqt u għal dan il-għan, nhar it-Tlieta filgħaxija, kont il-Furjana: imma paċenzja! Dan hu xi jfisser tissagrifika kollox għad-dmir… Kemm hu iebes kultant l-għażiż FIAT!"* (L7). Darb'oħra, kitbitlu: *"Xtaqt narak qabel l-irtir imqaddes, imma ma rnexxilix. Paċenzja! Issa waqt l-eserċizzi ma jkollix il-pjaċir li niltaqa' miegħek? Nittama"* (L8). L-istess ħsieb tennietu: *"Ma kellix l-okkażżjoni nerġa' narak qabel erġajt lura l-Casa Madre. Fiat! Ma nafx kif se jkunli ħafif niltaqa' miegħek. Fiat!"* (L12). U wkoll: *"Nittama li l-ġimgħa d-dieħla niġi Malta: imma ma nafx kif se jirnexxili nsibek! Tintagħmel dejjem ir-Rieda Divina"* (L13)

Kienet tgħid il-"Fiat" tagħha wkoll fil-mard. Lid-Direttur Spiritwali, Mons. Antonio Galea, kitbitlu: *"Kont marida għal ħmistax-il jum fid-Dar tal-Pilar, issa ninsab il-Ħamrun għall-mistrieħ.. Jekk jogħġbok tiġi xi darba. Intenni dejjem l-għażiż Fiat, għalkemm xi drabi jkun tassew niexef."* (L14).

Madre Margerita dejjem issejjaħ il-"Fiat", "għażiż", "qaddis", "maħbub" jew "ħelu" u, fost l-oħrajn tgħidilna li għandna ntennuh mingħajr "jekk jew imma", jiġifieri mingħajr ebda kundizzjoni. Tajjeb niftakru li meta mal-"Fiat" tuża l-aġġettiv Taljan "*caro*", dan ifisser kemm "għażiż", kif ukoll "jiswa ħafna". Ikollna ngħidu li l-"Fiat" għar-rieda divina, hu l-aħjar sinjal ta' mħabba li nistgħu nuru lil Alla Missier.

## 2. Relazzjoni ma' Alla l-Iben

Ir-relazzjoni ta' Madre Margerita mal-Iben, il-Verb Inkarnat, il-ħelu Ġesù, kienet relazzjoni ta' intimità qawwija u ta' kontemplazzjoni kontinwa tal-misteri tiegħu. Dawn huma ż-żewġ punti li fuqhom se nikkunsidraw din it-tieni relazzjoni, aħna u nistudjaw l-identità spiritwali Trinitarja ta' Madre Margerita.

**Intimità Qawwija:** hemm punt interessanti ħafna xi tgħid dwar il-Kristoloġija ta' Madre Margerita: kienet tiltaqa' ma' Kristu skont iċ-ċirkustanza li kienet issib ruħha fiha. Kienet timla kull rokna ta' ħajjitha bi Kristu. Dan jidher mill-mod kif kienet issejjaħ lil Ġesù, fil-kuntest ta' dak li kienet tkun qed titkellem dwaru.

Meta kienet tikteb dwar il-konsagrazzjoni reliġjuża, Madre Margerita kienet temmen bis-sħiħ li din hi rabta ta' imħabba sponsali ma' Ġesù u, allura kienet tirreferi għalih bħala: *"l-Għarus Divin, l-uniku Għarus, l-Għarus Imsallab, l-Għarus maħbub tagħna, l-Għarus l-aktar ħelu tal-Verġni".* U, allura, kienet tistieden lil min tikteb: *"kun kuntenta, serena għax ħadd ma jista' jeħodlok l-Għarus li int għażilt… jista' jkollok gosti differenti minn dawk tal-Għarus Divin?"* (L130). F'ittra lil Sr. Giuditta, naqraw: *"Ejjew inħobbu flimkien 'l Għarus maħbub tagħna, ejjew inħobbu lilu biss, biss u dak hu biżżejjed"* (L128).

Meta kienet tkun mitlufa f'intimità profonda ma' Ġesù, kienet issejjaħlu *"il-maħbub tagħna"* jew *"il-ħelu tagħna",* espressjonijiet li trid tkun esperimentajthom biex tgħidhom: nistħajjilha lil Madre Margerita bħal San Franġisk t'Assisi, kif naqraw dwaru fil-ħajja ta' Celano, li meta kien isemmi l-isem Ġesù kien idawwar ilsienu ma' xufftejh qisu jiggosta l-ħlewwa tiegħu. Nisimgħu lil Madre Margerita: *"Il-maħbub tagħna, għażiża binti, ma jixtieq xejn aktar mill-maħbuba tiegħu, ħlief imħabba ġeneruża, kostanti u safja"* (L139). U wkoll: *"Iva, iva ejjew inħobbu l-Maħbub tagħna, ejjew nissagrifikaw lilna nfusna minn kollox sabiex insiru nar ta' mħabba safja u perfetta"* (L139). Darb'oħra, f'ittra lil Sr. Nazzarena: *"Il-ħelu Maħbub, li miegħu se tingħaqad, hu tassew ħali fil-għana tiegħu. Iva, ifraħ, ħobb u itlob u fuq kollox ingħaqqad mal-Għarus tiegħek"* (L105). F'ittra lin-neputija, li kienet soru tal-Karità: *"Kollox għall-imħabba tal-ħelu Maħbub Ġesù u ejja ngħixu miegħu, fih u xi darba meta jogħġob 'l Alla isejħilna għat-tgħannieqa eterna tiegħu"* (L167). U, f'ittra tal-1944, naqraw: *"Kemm hu ħelu" kemm hu ta' min iħobbu! Kemm jieħu ħsiebna! Kemm jindukrana b'kura aktar minn ta' Missier! Oh, kif nistgħu ma nħobbux lil min hu daqshekk tajjeb!"* (L74)

Meta l-Madre kienet timmedita l-ġid li bih żejjinha, speċjalment fil-vokazzjoni kkonsagrata tagħha, kienet issejjaħlu b'espressjonijiet li jindikaw li kollox ġej minnu, bħal: *"il-Mulej Ġesù, l-Arkitett tajjeb tagħna, il-Proprjetarju Divin tagħna, is-Sid l-aktar Għoli, Dak li minnu ġej kull ġid",* kif se naraw f'dawn is-siltiet li ġejjin: *"Inroddu ħajr lill-Mulej Ġesù tagħna għax diġà nkuruna t-taħbit żgħir tagħna"* (L84); *"It-twajjeb Ġesù tagħna, l-Arkitett twajjeb tagħna, jista' jlestilna wkoll xi ħaġa oħra, anke mingħajr ma nistennewha."* (L108); *"Ġesù biss hu l-Arkitett ta' dan il-passaġġ dejjaq li minnu ruħek u qalbek huma għaddejja biex tippurifikahom."* (L148); *"Iva, għażiża binti, ejja nroddu ħajr lil Dak li jagħti kull ġid, għad-dispożizzjonijiet kollha li għandu għalina, kreaturi msejkna tiegħu."* (L109).

Meta kienet titkellem dwar l-ispirtu komunitarju,, lil Ġesù kienet issejjaħlu *"L-Għarus Komuni tagħna Ġesù, il-Maħbub komuni tagħna Ġesù."* Fl-1940, kitbet lil Madre Luisa: *"Ejja nitolbu għal xulxin u nħobbu lilna nfusna kollna kemm aħna u dejjem fit-tgħannieqa tal-Maħbub Komuni tagħna Ġesù."* (L122), u fl-1951, ftit qabel mewtha, kitbet lil Sr. Paċifika: *"Nirrikmanda lis-Sorijiet kollha biex ikunu ġenerużi fl-imħabba tal-Għarus komuni tagħna Ġesù."* (L135)

Ninnutaw kif Ġesù kien, għal Madre Margerita, l-punt ta' riflessjoni f'kull sitwazzjoni li fiha kienet issib ruħha.

**Kontemplazzjoni tal-misteri ta' Kristu**

F'dan il-punt jien nilmaħ lil Madre Margerita tantiċipa dak li qalilna il-Konċilju Vatikan II dwar it-tisħib fil-misteri ta' Kristu matul is-Sena Liturġika: *"Waqt li tfakkar il-misteri tal-fidwa, il-Knisja turi lill-fidili l-għana tal-għemil li jsalva u tal-merti tal-Mulej hekk li b'xi mod tagħmilhom preżenti fiż-żminijiet kollha biex il-fidili jkunu f'rabta magħhom u jimtlew bil-grazzja tas-salvazzjoni."* (S.C. 102)

Skont it-tradizzjoni Franġiskana, Madre Margerita kellha ġibda kbira lejn il-misteri tal-Milied, tal-Passjoni u tal-Ewkaristija. Ċerti espressjonijiet tagħha jgħinuna nifhmu din l-intimità li kienet teżisti ma' Kristu f'dawn il-misteri tiegħu, u kif kienet tagħmilhom spiritwalment preżenti f'ħajjitha u fil-ħajja tas-sorijiet tagħha: *"Filwaqt li nkomplu ngħixu fil-pjagi qaddisa tal-Ħelu Maħbub tagħna u nżommu qlubna 'l fuq, żgur li nsiru għarajjes inqas indenji tal-Bambin Divin li twieled f'għar bejn żewġ annimali u miet Imsallab bejn żewġ ħallelin! X'mudell ta' min jimitah! X'għarus ta' min iħobbu."* (L64). Darb'oħra stiednet lil xi sorijiet: *"Nitfgħu ħarsitna lejn Ġesù fil-Għar, fuq il-Kalvarju u fl-Ewkaristija, x'jgħidilna? Araw l-imħabba li għandi għalikom!"*(L65). Fl-1924, ippreżentat l-istess tliet misteri kristoloġiċi preferiti tagħha, hekk: *"Ma nafx kif il-qalb iebsa tagħna tiflaħ*

*tissaporti meta tara għaġeb tant kbir ta' mħabba, lejn kreaturi tant imsejkna, mill-Mulej tant Qaddis u Kbir! Kemm għandna tassew għax niskantaw meta naraw 'l Alla tliet darbiet Qaddis imwieled f'Għar u jmut fuq salib fuq il-Kalvarju. U jibqa' qisu mxejjen f'daqsxejn ta' ostja. X'jidhrilkom għeżież? Għaliex għamel lilu nnifsu daqstant żgħir? Għaliex umilja lilu nnifsu daqshekk? Għall-imħabba tagħna kreaturi msejknin tiegħu."* (L71)

Hu interessanti ninnutaw kif kienet tipprepara ruħha, u tħeġġeġ lis-Sorijiet iħejju ruħhom, għaċ-ċelebrazzjonijiet ta' dawn il-misteri. Fil-Avvent: *"Issa li qegħdin fiż-żmien Qaddis tal-Avvent nieħdu ħsieb li nagħmlu lbiesi sbieħ għall-Bambin Qaddis, nqabbdu wkoll nar għall-maħbuba Ommu Marija li bih tista' ssaħħan lill-Bambin li se jitwieled."* (L86). Fir-Randan u l-Għid: *"Tennu dejjem il-Fiat Qaddis! Mingħajr ma tgħejjew qatt, qatt; kif immeditajna f'Ġesù Imsallab, l-Għarus waħdieni l-aktar ħelu tagħna! Imma issa, hekku glorjuż għal dejjem. Mitmuma t-tbatijiet, mgħoddi t-taħbit, rebbieħ u glorjuż għall-eternità...tgħallimna sew mill-Ħelu Maħbub kif inbatu kull xorta ta' tbatijiet, issa nifirħu fil-Qawmien glorjuż tiegħu riżultat tal-umiljazzjonijiet tiegħu u tal-mewt tiegħu fuq is-salib."* (L142). Dwar it-tħejjija għall-Festi Ewkaristiċi ta' Korpus u tal-Qalb ta' Ġesù, insibu: *"Dawn il-jiem ifakkruna fl-Imħabba safja Ewkaristika! U ħafna jġibu ruħhom ħażin ma' din l-Imħabba! U kemm għandna npattu! Inħobbu, inħobbu u npattu b'imħabba sinċiera, safja u ġeneruża."* (L88).

Fil-kontemplazzjoni tal-Qalb Ewkaristika ta' Ġesù, Madre Margerita kienet issib iċ-ċentru ta' kollox, ta' kull attività spiritwali: kontemplazzjoni li żviluppat ruħha fil-kariżma tal-Kongregazzjoni bl-involviment tas-sorijiet fl-istess atteġġjament ta' adorazzjoni, immolazzjoni u riparazzjoni li ssir mill-istess Qalb Ewkaristika ta' Ġesù (ara: Kostituzzjonijiet, 3c). L-istedina tal-Fundatriċi dwar dan kienet titwassal b'mod mill-aktar prattiku: *"Irrikmanda lilek innifsek bil-qawwa u spiss lil wisq Qaddisa Qalb Ewkaristika li tgħinek tifhem u teqred minn qalbek kull sentiment dwarek innifsek u tkabbar biss sentimenti ta' umiltà, ta' stmerrija, f'kelma waħda il-verità kollha, ix-xejn tagħna u l-kollox tal-Mulej."* (L145).

### 3. Relazzjoni mal-Ispirtu s-Santu

L-Ispirtu s-Santu, it-Tielet Persuna tat-Trinità Qaddisa, hi l-qawwa Divina li taħdem fina u li tistenna minna telqa totali, abbandun perfett għat-tmexxija tagħha. Dan l-Ispirtu ta' abbandun hu wieħed mill-karatteristiċi ewlenin tal-ispiritwalità ta' Madre Margerita. Infatti spiss naqraw l-istediniet fil-ħsibijiet tal-Fundatriċi: *"Huwa importanti li nabbandunaw ruħna għal kull dispożizzjoni tal-Providenza Divina; iva, għandna ntennu dejjem l-għażiż Fiat, imma bil-kuraġġ u bil-ferħ u mhux bid-dwejjaq. Dak li neħtieġu hu nuqqas ta' fiduċja fina nfusna u fiduċja mingħajr tmiem fit-Tjubija Divina u xejn aktar...Għalhekk, kun ġeneruża f'li tabbanduna lilek innifsek, kostanti fil-fiduċja u tista' tkun żgura li dak li teħtieġ, jingħatalek"*(L143).

Fl-1940, fissret ruħha hekk mad-Direttur Spiritwali: *"Għażiż Missier, il-qalb imsejkna tiegħi (jekk nista' aktar ngħid il-qalb tiegħi) ma tinstabx aktar ġo fija, imma kważi mitlufa fil-Kollox. Ma nafx kif u lanqas meta...Ħafna drabi lejl mudlam u ntervalli ta' mħabba...iżda ma nista' nifhem xejn...Għalhekk l-abbandun totali hu ta' għajnuna għalija...Tkun dejjem magħmula il-wisq Qaddisa Rieda tal-wisq Maħbub Kollox tagħna!"*(L32), u wkoll: *"Għażiż Missier, il-leħen tal-Maħbub kultant qed jagħmilni nħoss għatx kbir...ġuħ kbir għal Alla tliet darbiet Qaddis...qed iġegħelni nbati bħal xi ħadd fl-agunija...Għidli, għidli Missier tar-ruħ tiegħi, għidli fejn nista' nsib Dak li qed tfittex kreatura daqshekk imsejkna...forsi taħsibni xi imbeċilli...imma rrakkomandani lit-Twajjeb Alla biex iwassalni fejn trid il-Providenza Divina tiegħu."* (L34). Fl-1941, fissret ruħha fil-qosor mal-

istess Direttur Spiritwali: *"Fiat qawwi qawwi jżommni kuntenta li nabbanduna ruħi f'abbandun totali għall-ħarsien Patern tal-Providenza Divina."*(L43).

X'qawwa ta' abbandun kellha Madre Margerita fit-tmexxija tal-qawwa Divina tal-Ispirtu s-Santu! L-Ispirtu s-Santu *"jonfoħ fejn irid"* u kif irid, fil-ħajja tal-bniedem, kif għallimna Kristu stess fid-diskursata li kellu ma' Nikodemu (ara: Ġw.3, 8). L-aħjar relazzjoni miegħu tikkonsisti f'li nħallu n-nifs, il-*"pnewma"* divina tiegħu, tmexxina u teħodna fejn trid, kif kienet tagħmel Madre Margerita.

**Għeluq**

Meta fl-1933 ġie ċċelebrat il-50 Anniversarju mill-ewwel Professjoni ta' Madre Margerita, is-Sorijiet offrewlha tabernaklu ġdid tal-metall indurate, għall-kappella tad-dar tax-Xagħra. L-istorja tgħidilna li Madre Margerita ma stennietx rigal bħal dak u filwaqt li qabditu f'idejha bdiet tbusu b'għożża mill-akbar u ttenni kliem ta' mħabba għal Dak li kellu jgħammar fih. Aktar tard it-tfajliet tal-Azzjoni Kattolika tax-Xagħra, offrew lil Madre Margerita, ċavetta tad-deheb għal dak it-tabernaklu.

Aħna llum qed niċċelebraw il-100 sena mill-Professjoni ta' Madre Margerita. Lil Madre Margerita m'aħniex se noffrulha rigali materjali. Iżda nistgħu noffrulha wieħed spiritwali. Hu r-rigal li qalbna se nagħmluha tabernaklu ħaj għat-Tliet Persuni Qaddisa tat-Trinità: tabernaklu ffurmat bl-istess sentimenti qaddisa tagħha. Iċ-ċavetta tad-deheb li tiftaħ u tagħlaq dan it-tabernaklu se tkun ir-rieda soda tagħna li akkost ta' kollox irridu nsiru tassew ulied xierqa ta' omm tant qaddisa.

Jien persważ li Madre Margerita bħalissa mis-sema qed tgħannaq u tbus lil dawk fostkom, uliedha, li qed tieħdu deċiżjoni serja li tassew tridu toffrulha dan ir-rigal.

Nitolbuha, għalhekk lil Madre Margerita, sabiex bħalha, ħajjitna kollha ta' Reliġjużi Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù tkun espressjoni kontinwa tal-għajta tagħha: *"Ejjew Inħobbu l-Imħabba",* dik l-Imħabba li hi Alla, dik l-Imħabba nkarnata li hi Ġesù Kristu, dik l-Imħabba msawba fi qlubna li hi l-Ispirtu s-Santu. B'dan il-mod, l-identità spiritwali tagħna tkun eżattament bħall-identità spiritwali tal-omm spiritwali tagħna.

# Madre Margerita: stilla mdawla tal-Qalb ta' Ġesù

Fl-1877, permezz tal-Ġiżwita, Patri Pietro Digiorgi, għalliem fis-Seminarju Djoċesan ta' Għawdex, wasal f'idejn Marija Karmena Xerri, xebba li kienet toqgħod fi Triq San Ġorġ fir-Rabat, Għawdex, il-ktieb tas-Saċerdot Ġenoviż, Don Gaspare Olmi *L-Għarusa tal-Qalb Qaddisa* (ed. Modena, 1873). Lejn tmiem l-1877, din ix-xebba, flimkien ma' Patri Digiorgi, waqqfet l-ewwel grupp tal-Assoċjazzjoni tat-*Tnax-il Stilla tal-Qalb ta' Ġesu`*, li għall-bidu bdew jiltaqgħu f'darha, imbagħad fil-Knisja ta' Savina.  Meta Patri Digiorgi ma setax ikompli mal-Assoċjazzjoni, il-viċi-parroku ta' San Ġorġ, Dun Ġużepp Diacono, ġie maħtur Direttur Spiritwali tagħha mill-Arċipriet Feliċ Refalo. Fit-8 ta' Diċembru 1877, Virġinja De Brincat, tfajla minn Kerċem, minħabba li spiss kienet tasal ir-Rabat għal-lezzjonijiet tal-privat fil-Franċiż u t-Taljan, saret taf b'din l-Assoċjazzjoni, ħassitha mxennqa li tidħol fiha u saret membru u hekk ltaqgħet għall-ewwel darba b'mod uffiċjali mal-Qalb ta' Ġesù li l-qima tiegħu kienet l-għan ewlieni ta' din l-Assoċjazzjoni ġdida.

Dun Ġużepp Diacono ħadem kemm felaħ biex jiżviluppa din l-Assoċjazzjoni tal-Istilel f'Kongregazzjoni Reliġjuża u xtara minn flusu dar fi Triq Għajn Qatet fejn il-membri setgħu jgħixu f'komunità. L-ewwel membri li uffiċjalment kienu msejħin *Terzjarji Franġiskani,* tlaqqmu mill-poplu *Sorijiet tal-Istilla.* Fil-5 ta' Frar 1881, Virġinja De Brincat bdiet tifforma parti minn din il-Kongregazzjoni u aktar tard ġiet imsejħa *Maestra Virginja tal-Beata Margerita* u mbagħad *Madre Margerita tal-Qalb ta' Ġesu`*. Kienet hi li ġiet imsejħa b'mod straordinarju biex issalva l-Kongregazzjoni meta Dun Ġużepp Diacono ried ixoljiha. Imbagħad refgħet fuq spallejha l-piż tal-familja Reliġjuża, żviluppatha, fetħitilha orizzonti akbar milli kellha qabel u laqqmitha bil-kariżma tagħha.

Fl-2007, sewwasew fl-10 ta' Jannar, seħħ żvilupp ġdid fil-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, meta s-Santa Sede permezz tal-Kongregazzjoni għall-Istituti ta' Ħajja Konsagrata u għas-Soċjetajiet ta' Ħajja Apostolika, approvat it-Twaqqif tal-Assoċjazzjoni tal-Istilel tal-Qalb ta' Ġesù. Din hi ffurmata minn lajċi mpenjati biex fuq il-passi tal-Fundatriċi, Madre Margerita tal-Qalb ta' Ġesu`, l-aqwa Imħabba tkun magħrufa u maħbuba u fil-mod kif jgħixu l-ħajja tagħhom ta' kuljum fi qbil mal-Vanġelu, isiru għotja ta' mħabba għal Dak li ta lilu nnifsu għalina. Dan kollu jitwettaq f'kollaborazzjoni mal-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, li fil-bidu żviluppat ruħha mill-istess Assoċjazzjoni.

Fl-Istatut ta' din l-Għaqda ġdida, Madre Margerita hi mfissra bħala *"Stilla minnhom li tiddi"*(nru.2). Saret tiddi bil-waqfien kontemplattiv tagħha ħdejn it-Tabernaklu minn fejn, skont tagħlimha, toħroġ enerġija spiritwali li ġġedded u ddawwal l-erwieħ. Kien għalhekk li Madre Margerita spiss titkellem mill-*"forn divin"* (L151) tat-Tabernaklu, min-*"nar divin"* li joħroġ minnu, mill-*"imħabba ewkaristika"* u wkoll mill-post fejn hemm *"nar li jikkonsma u jdawwal"*(L86).

Il-vokazzjoni tal- *"iStilel tal-Qalb ta' Ġesu`"* mhix limitata biss għas-*Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesu`* jew għall-membri tal-*Assoċjazzjoni tal-Istilel tal-Qalb ta' Ġesù*, imma wkoll għalina lkoll, dixxipli ta' Kristu, li bil-waqfien spiss tagħna ħdejn it-Tabernaklu, nistgħu nsiru *leqqiena* bl-imħabba biex, imbagħad, indawlu l-ambjenti kollha fejn ngħixu bid-dawl tagħha.

# FQAR WARA KRISTU FQIR MA' MADRE MARGERITA (1988)

**Daħla**

Din il-laqgħa tagħna ta' llum għandha tifsira partikulari għax biha rridu nfakkru is-36 Anniversarju mid-dħul fis-sema ta' dik li hi l-Fundatriċi ta' din l-għażiża Kongregazzjoni, Madre Margerita.

Fis-26 ta' Ottubru 1951 f'Malta mietet Madre Nazzarena, li kienet diġà Superjura Ġenerali tal-Kongregazzjoni u fiż-żmien li mietet kienet Superjura Lokali tal-"Casa Madre". F'dik l-okkażżjoni tal-mewt ta' Madre Nazzarena, Madre Margerita tkellmet hekk ma' Madre Paċifika (kif nafu mix-xhieda li din ħallitilna): *"Madre Nazzarena mietet. Issa jmiss lili. Nibqa' ftit ieħor magħkom u, imbagħad, immur jien ukoll. Madre Nazzarena diġà tinsab fis-sema u issa li rajt qaddisa tmut, issa li jien żgura li l-Kongregazzjoni hija mbierka minn Alla, issa nista' mmut fis-sliem. Ilni għoxrin sena nitlob biex naqla' din il-grazzja mingħand il-Mulej, li nara qaddisa tmut fil-Kongregazzjoni. Issa t-talba tiegħi ġiet mismugħa. Issa nħoss li mewti hi fil-qrib."*

Fit-23 ta' Diċembru 1951, Madre Margerita kienet marida sew. F'ċertu ħin bexxqet għajnejha, tbissmet lejn kulħadd u b'vuċi dgħajfa lissnet lil Madre Paċifika: *"Agħtini kuċċarina aranġjata."* U Madre Paċifika għamlet il-kuraġġ u qaltilha: *"Madre, tħalliniex hekk. Ninsabu qrib il-Milied. Ma tistax tmur il-ġenna f'dan il-jum."* U Madre Margerita, kważi b'karba qawwija rrispondiet: *"Kif irid Hu."* U Madre Paċifika kompliet: *"Għid lil Ġesù biex iħallik ftit ieħor fostna, kif ftehmna lejn tmiem Ottubru."* U Madre Margerita, bi tbissima tenniet: *"Kif irid Hu."* U wara li ħadet kuċċarina aranġjata kompliet: *"Ħalluni mmur. Ma niflaħx inżomm aktar, ħalluni mmur."*

Matul Jannar tal-1952, xitwa kiesħa u qalila ħakmet il-gżejjer tagħna. Sr Delfina li kienet iddur biha stqarret *"Kienet taħraq b'nar divin, meta kont naqbad il-polz tagħha f'idejja ma kontx nista' nissaporti l-ħruq tiegħu."* L-istess tabib li kien jikkuraha ma setax jagħti raġuni għal dak il-ħruq.

Fil-21 ta' Jannar 1952, festa ta' S. Anjeże, Sr Delfina staqsietha: *"Madre, x'tixtieq titlob lil S. Anjeże?"* U Madre Margerita rrispondiet: *"Li tiġi u teħodni magħha malajr."* U wara ftit tenniet: *"Iva, dalwaqt tiġi u teħodni."* Madre Margerita mietet fl-4:00 a.m. tat-22 ta' Jannar 1952, u l-għajta li ħarġet minn fomm kulħadd kienet: *"Mietet qaddisa! Mietet il-qaddisa tas-Sorijiet tal-Istilla!"* Tassew dak li kienet kitbet lil Sr Giovanna fl-1891, seħħ dakinhar, semgħet lil Kristu jgħidilha: *"Ejja, għarusa tiegħi, ejja mit-tbatija għall-mistrieħ dejjiemi biex nagħtik il-kuruna li inti mmeritajt b'tant għaraq u tbatija".* (L130). Dak ukoll li kienet kitbet lil Sr Dionisia: *"... fi żmien qasir għall-festa"* (L119), seħħ eżattament f'dan il-jum li lilu llum qed infakkru. Tistħajlek tisma' l-għajta tal-Fqajjar ta' Assisi: *"Ejja, ħa tiġi oħti l-Mewt! ... għalija se tkun il-bieb tal-ħajja."*

Quddiem dan kollu, forsi toħroġ waħeda l-mistoqsija: imma minn fejn Madre Margerita irnexxielha tikseb din il-libertà spiritwali kollha li biha kienet kapaċi kważi tixxennaq l-istess mewt u tħossha daqshekk kalma u fil-paċi li kważi tiltaqa' magħha bil-ferħ? Il-kontemplazzjoni kontinwa tal-Qalb Ewkaristika ta' Ġesù kienet wasslitha biex tħoss il-bżonn u tistinka kontinwament ħalli tixxejjen hi f'dak li hu tagħha u tissallab għal kollox mal-Għarus Imsallab: *"Missier tiegħi,"* kitbet lid-Direttur Spiritwali tagħha, Mons Alfons Agius, fit-13 t'Ottubru, 1941, *"l-ubbidjenza li tajtni li nżomm ħarsti dejjem imdawra lejn il-Ħelu Ġesù ... twassalni biex intir 'l fuq, 'l fuq ... aħfirli Missier, u għinni nikkorrispondi ... biex immut imsallba mal-Għarus Imsallab, għax din hi tassew il-prova tal-imħabba vera."*(L43). U Madre Margerita kienet taf li l-unika triq li tista' twassal għal dan kollu - għall-prova tal-imħabba, għat-tislib tassew mal-Għarus Imsallab, - kienet it-triq tal-Faqar. F'ittra oħra lill-istess Direttur Spiritwali, Mons Alfons Agius, miktuba fit-30 t'April 1942, qaltlu: *"Kuraġġ, għażiż Missier, il-Mulej iridna ngħixu ta' fqar ... biex jgħaqqadna bil-qawwa kollha u dejjem miegħu biss, biss, biss."*(L50).

**It-Triq tal-Faqar**

Mela, ħuti, it-triq għall-għaqda ma' Kristu, liema għaqda twassalna għall-għaqda dejjiema miegħu fis-sema, hi t-triq tal-Faqar. Dan il-faqar li dwaru nixtieq li llum nisimgħu lil Madre Margerita tgħallimna, kien l-għażla ewlenija ta' San Franġisk t'Assisi: *"Jiena ċ-ċkejken Fra Franġisku, irrid ngħix il-ħajja u l-faqar tal-Aktar Għoli, il-Mulej tagħna, Ġesù Kristu,"* kiteb lil S. Klara u lil ħutu kollha ordnalhom: *"Nagħtikom il-fehma tiegħi biex tgħixu dejjem f'din il-ħajja l-aktar qaddisa u fil-faqar imqaddes."* U saħaq bis-sħiħ dwar dan il-punt tant li Tumas ta' Ċelano kiteb li Franġisku wasal biex tenna: *"l-eżempji tal-faqar ta' Kristu jridu jkunu l-eżempji tagħna, u mhux dawk li jħaddnu reliġjużi oħra."* (2 Cel, 61).

U r-Reliġjuża Franġiskana tal-Qalb ta' Ġesù, mmexxija minn dan l-ispirtu franġiskan li jara fil-Faqar *"l-imħabba vera,"* spirtu mħaddan fil-milja tiegħu mill-Fundatriċi Madre Margerita, tipprofessa dak li hemm fil-Kostituzzjonijiet tal-Kongregazzjoni: *"Il-faqar tagħna kif fehmu u għexu Missierna San Franġisk, għandu jkun faqar rejali, u li jitlob minna ċaħda mill-kumditajiet, u mħabba lejn ħajja sempliċi; għandu jkabbar fina l-ispirtu tal-umiltà u jwassalna biex ngħixu bħala barranin u għorba, miftumin għal kollox mill-ġid ta' din l-art. Bil-ħaqq kollu mela, Madre Margerita kienet tgħallem: "Il-faqar hu qabel kollox, it-tifrik tal-"jien" biex naslu niksbu l-Ġid, l-aktar għoli u waħdieni."* (L15). Ejjew għalhekk niflu fil-qosor, xi kwalità ta' faqar kienet temmen fih Madre Margerita.

**Il-Faqar hu raġġ tal-imħabba għal Kristu**

Il-Faqar hu riżultat tal-fatt li tkun tgħix fi Kristu, ma' Kristu u bi Kristu. Il-faqar hu raġġ tal-imħabba għal Kristu. Kristu ħabbna u ftaqar għalina. Jekk inħobbu lil Kristu niftaqru għalih u biex nimtlew bih. Il-Konċilju Vatikan II jitkellem hekk dwar il-Faqar tar-Reliġjużi: *"Għal dak li hu faqar reliġjuż, mhux biżżejjed li wieħed jagħmel użu mill-ġid temporali skont kif jgħidu s-Superjuri; jenħtieġ ukoll li r-reliġjużi ikunu foqra bil-fatti u fl-ispirtu u jġemmgħu għalihom teżori fis-sema."* (PC, 13). Kemm Madre Margerita kienet fqira bil-fatti jixhduhulna ħafna ġrajjiet li hi stess għaddiet minnhom. Meta s-Sorijiet daħlu għall-ewwel darba fid-Dar tal-Adorazzjoni, fil-Belt Valletta fl-1923, Madre Margerita u tliet sorijiet oħra, fosthom Madre Luisa, sabu dar imneżża' anke minn dak li hu l-aktar meħtieġ tant li l-ewwel lejl għaddewh fuq xi siġġijiet bejn jitolbu u jongħosu, iżda ferħana li l-Qalb Ewkaristika ta' Ġesù issa setgħet terġa' tibda tirrenja fuq it-tron tagħha tal-Knisja tal-Adorazzjoni. Madre Luisa f'dik l-okkażżjoni kitbet: *"L-eżempju ta' Madre Margerita imbuttana biex aħna wkoll ngħixu bħall-għasafar tal-ajru, ferħanin biss bil-providenza ta' Alla tant twajjeb, li kuljum kien jagħtina l-ħobż meħtieġ."*

Waħda ħabiba ta' Madre Margerita tirrakkonta li darba fid-dar tal-Adorazzjoni lis-Sorijiet ħadulhom lampuka kbira għall-ikel. Meta ġiet imsajra u mqatta' bċejjeċ għas-Sorijiet, Madre Margerita ħadet ir-ras u l-partijiet l-oħra li s-soltu jintremew u ħalliet il-bqija għas-sorijiet.

Madre Luisa tirrakonta kif Madre Margerita kienet tmur is-Seminarju tal-Furjana fejn diġà kien hemm is-Sorijiet tagħha wkoll, u hemm kienet tiġbor il-biċċiet tal-ħobż li jħallu t-tfal għax kienet tgħid li trid tiekol minn dak li jħalli ħaddieħor. Din l-istess ħaġa kienet tagħmilha wkoll meta kienet fil-"Casa Madre" u kienet tinżel l-iskola tiġbor il-biċċiet tal-ħobż li jħallu t-tfal. Fir-refettorju kienet tagħżel il-biċċiet tal-ħobż l-aktar iebsa, tħallihom fil-kexxun biex jibbiesu aktar u, imbagħad, tikolhom.

Minn dawn l-eżempji ta' faqar tassew li kienet tgħix Madre Margerita nistgħu nsibu ħafna. Iżda jien, illum xtaqt nitkellem minn dak il-faqar tal-ispirtu li jbattal lill-persuna għal kollox minnha nfisha, ħalli timtela perfettament bi Kristu. Madre Margerita hi eżempju l-aktar ċar ta' dan il-faqar. U dan ninnutawh b'mod partikulari:

- <u>Fl-ispirtu ta' umiltà konvinta</u> li bih kienet mimlija, umiltà li kienet mimlija bil-konvinzjoni tax-xejn tagħha u tal-kollox ta' Alla. U għalhekk, l-għarfien tad-dgħufija tagħha, għax ġej minn spirtu ta' umiltà vera ma kienx

iwassalha għall-iskuraġġiment u għal qtigħ il-qalb, iżda għal telqa fiduċjuża fit-tmexxija Providenzjali tal-ħniena ta' Alla. F'kelma waħda, l-ispirtu ta' faqar li bih kienet mimlija u li kien iwassalha, minkejja l-qdusija kbira li nafu li biha kienet imżejna, biex tħossha nieqsa minn kollox, kien iwassalha biex aktar timtela bi Kristu, għax tant kienet tħoss il-ħtieġa tiegħu. Isimgħuha x'kitbet lid-Direttur Spiritwali tagħha, Mons Alfons Agius: *"Kultant tiġini xewqa tant qawwija li ntir, intir 'l hemm fuq! ... imma l-miżerji tiegħi jixħtuni mill-ġdid f'dan il-wied kollu mrar, imrar. Tkun dejjem magħmula r-rieda adorabbli ta' Alla, tliet darbiet Qaddis, Qaddis, Qaddis."* (L33)

Lid-Direttur Spiritwali, Mons Antonio Galea, f'okkażżjoni oħra kienet kitbitlu: *"Tennejt l-għażiż Fiat għalkemm bi sforz mill-aktar qawwi, meta nsib lili nnifsi kollni kemm jien inkapaċi mhux biss li ngħix ta' sempliċi reliġjuża, imma wkoll fil-kumpanija ta' ħafna erwieħ sbieħ."* (L3). L-ispirtu ta' umiltà kien iwassalha biex tqis ruħha l-inqas u l-agħar waħda fil-Komunità.

F'okkażżjoni oħra lil dan l-istess Direttur Spiritwali kitbitlu: *"Meta niftakar fil-kont serju li rrid nagħti dwar l-erwieħ tal-oħrajn, inħossni nibża', għax diġà dak dwar ir-ruħ imsejkna u ngrata tiegħi hu daqshekk tqil. X'għandi nagħmel, jekk mhux li nabbanduna ruħi kollni kemm jien fil-ħarsien Patern tal-Providenza Divina?"* (L25).

Mimlija b'dan l-ispirtu ta' faqar-umiltà, Madre Margerita qatt ma kienet tehda tistieden 'l uliedha s-Sorijiet biex jikbru f'dan l-ispirtu, jikbru billi jiċkienu: *"... l-umiljazzjonijiet ikunu l-ilmijiet li jnaddfu u jsaffu lir-ruħ vittma u li mbagħad issir kapaċi biex titkebbes bl-imħabba safja u Divina li tagħmilha ħaġa waħda mas-Setgħani."* (L140), kitbet lil waħda reliġjuża fis-6 ta' Mejju 1907. F'ittra lil Sorijiet li kienu għadhom kemm għamlu l-Professjoni, kitbitilhom b'mod l-aktar ċar: *"Agħmlu kuraġġ lilkom infuskom, dejjem b'fiduċja bla tarf fil-għajnuna setgħana Tiegħu u b'nuqqas ta' fiduċja fikom infuskom. Kollox, kollox hu possibbli bl-għajnuna divina tiegħu, għalkemm ma nistgħu nagħmlu assolutament xejn waħedna!"* (L66).

Dwar il-formazzjoni tan-Novizzi darba kitbet lill-Maestra tagħhom: *"... qatt m'għandek tixba' tinsisti li qlubhom għandhom ikunu ħielsa, mifruda mill-ħlejjaq kollha, l-aktar minnhom infushom: f'kelma waħda għandhom isiru familjari mal-kwalitajiet tal-Għarus Imsallab u wkoll li jagħrfu li huma mimlijin dgħufija u difetti."* (L117).

- Mimlija b'dan l-ispirtu ta' umiltà, Madre Margerita kienet tieqaf tirrifletti dwar il-kobor tal-vokazzjoni reliġjuża u dwar kemm ma kienx jixirqilha vokazzjoni bħal din. Anke hawn nistgħu ninnutaw aspett ieħor importanti tal-ispirtu ta' faqar ta' Madre Margerita. Meta l-bniedem jagħraf li dak li għandu mhux qiegħed għandu bi dritt, imma hu don tal-imħabba ta' Alla, ikun tassew qed jgħix dak l-ispirtu ta' faqar li jista' jgħinu jimtela tassew bl-imħabba ta' Alla.

Meta kienet tieqaf tirrifletti dwar il-vokazzjoni reliġjuża kienet tistqarr: *"Kemm hu tajjeb il-Maħbub Mulej tagħna! Kif nistgħu ma nħobbuhx"* (L3), kitbet lil Mons Anton Galea fl-20 ta' Ġunju 1917. B'sentiment qawwi ta' umiltà kienet dejjem tħossha nieqsa fil-koperazzjoni tagħha ma' tant imħabba min-naħa ta' min sejħilha: *"Irrikmanda bil-qawwa lill-Mulej, l-aktar ħlejqa dgħajfa u ingrata li qatt ma kkorrispondiet sew mal-grazzji ta' Benefattur daqshekk Ħali"* (L30), kitbet lil Mons Anton Galea f'ittra mingħajr data. Dan is-sentiment ta' faqar dwar l-indenjità tal-bniedem għall-vokazzjoni kbira bħalma hi l-konsagrazzjoni reliġjuża, kienet tagħmel il-ħila tagħha kollha biex tnisslu fil-qlub tar-reliġjużi tagħha.

F'ittra miktuba lil Sr Nazzarena, meta din għamlet il-Professjoni Reliġjuża, fit-13 ta' Mejju 1896, kitbet: *"Filwaqt li tumilja ruħek kemm tista' billi tqis lilek innifsek ma tixraqlekx preferenza bħal din, ħalli li tgħolli sal-kwiekeb ir-radd il-ħajr ħiereġ tassew mill-qalb, lill-Akbar u l-Uniku Maħbub."* (L105).

F'ittra lil Reliġjuża oħra li kienet waslet biex tagħmel il-Professjoni Perpetwa, qaltilha: *"Int ma jixraqlekx, għażiża binti, imma Dak li hu Infinit ma jħarisx lejn id-dgħufija tal-kreaturi tiegħu; l-imħabba biss tisraqlu qalbu*

*... Għalhekk umilja ruħek fix-xejn tiegħek, u wkoll minħabba n-nuqqas ta' rikonoxxenza tal-imgħoddi, iżda kollok fiduċja fil-Qalb Qaddisa tal-aktar ħelu Ġesù, ixħet lilek innifsek f'dak l-Oċean ta' TJUBIJA, żgura li tiġi milqugħa, u hemm ifraħ u gawdi dwar ix-xorti tiegħek."* (L155).

Lin-neputija tagħha li kienet waslet għall-Professjoni Perpetwa tagħha, fil-25 ta' Awwissu 1936, kitbitilha: *"X'xorti! X'fortuna! Żgur li ma jixraqilniex dan kollu, kreaturi msejkna bħalna! Xi tjubija, kif jindenja ruħu l-ħelu Għarus Divin? Għalhekk, x'attenzjoni għandu jkollok sabiex tagħmel lilek innifsek inqas indenja"* (L166).

- Fuq kollox dan l-ispirtu ta' faqar-umiltà ta' Madre Margerita wassalha biex f'qalbha tnissel ix-xewqa qawwija li tintemm hi b'dak kollu li hu tagħha, sabiex tintilef fi Kristu u titwaħħad miegħu. Dan nistgħu ngħidu li hu l-qofol tal-ispirtu ta' faqar ta' Madre Margerita u jikkonsisti fil-qerda tal-JIEN, dak il-JIEN malizjuż u ħażin – kif kienet issejjaħlu hi stess – li tant ifixkel fil-progress spiritwali. Nisimgħuha tesprimi din ix-xewqa tassew qawwija li kellha.

Lid-Direttur Spiritwali tagħha, Mons Anton Galea, fis-27 ta' Awwissu 1920 kitbitlu: *"Kif inħossni mirbuħa, mitmuma mix-xewqa li nkun kollni kemm jien irrevokabilment mitmuma mill-Imħabba Divina! Kemm inħoss ruħi bil-għatx għalih li hu s-Setgħani, biex ngħix fih."* (L11). Fit-28 ta' Marzu 1921, imbagħad kompliet tfissirlu: *"Għaliex il-Maħbub Ġesù tagħna ma jikkunsmanix bin-nar tal-imħabba safja, safja tiegħu? Għaliex iħallina ngħixu aktar fina nfusna? ... Irrid tassew immut għalija nnifsi biex ngħix assolutament moħbija u kollni kemm jien mitlufa fih ... Jien naf tassew li dan kollu ma jixraqlix, iżda l-ħelu Ġesù jpatti għall-faqar tiegħi."* (L14).

Lid-Direttur Spiritwali tagħha Mons Alfons Agius, imbagħad, darba stqarritlu: *"Ir-ruħ imsejkna tiegħi (jekk nista' nsejħilha aktar ir-ruħ tiegħi)* – araw f'liema stat ta' faqar kienet waslet – *ma tinsabx aktar fija iżda kważi mitlufa fil-Kollox ... Nitolbu, Missier, biex in-nar Divin jikkunsmana kollna kemm aħna u jalla jgħix Hu minflokna."* (L32). Darb'oħra lil dan l-istess Direttur Spiritwali, kitbitlu hekk: *"Iva, irrid ninħeba, irrid nixxejjen u ma nafx nagħmel għajr ninħeba bil-miżerji kollha tiegħi fil-Pjagi tal-ħelu Ġesù tiegħi, dak Ġesù li fih il-Missier Etern isib il-għaxqa tiegħu."* (L44).

Dan l-ispirtu li bih Madre Margerita kienet tant mimlija, nisimgħuha wkoll titkellem dwaru mas-Sorijiet tagħha tant kemm kienet tassew xewqana li jkollha reliġjużi verament fqar fl-ispirtu. F'ittra lis-Sorijiet naqraw: *"Tridu tħobbuH mingħajr interessi personali? Mingħajr riservi, b'ħeġġa biex tmutu għall-Jien tagħkom? U kemm hu velenuż dan il-ħaxix tant ħażin! U kemm għandna nishru biex ma nħalluhx jikber fil-ġnien tagħna."* (L73).

Lir-reliġjuża, Sr. Rosaria Sotera kitbitilha: *"L-Għarus tagħna ħabbna bi preferenza ta' tant oħrajn; inħobbuH bi preferenza ta' kollox u ta' kulħadd ... Aħna ċkejknin, aħna ċkejknin, ejja nintilfu fil-Kollox sabiex filwaqt li ngħixu moħbija u mxejna, mhux aħna ngħixu, imma Hu ġo fina."* (L122).

Fuq kollox, Madre Margerita kellha l-persważjoni li r-ruħ tista' tikber fil-qdusija, daqskemm jirnexxilha xxejjen dak li hu uman bi spirtu ta' ċaħda vera. Infatti ta' spiss kienet ittenni dak li darba kitbet lil waħda reliġjuża: *"L-għaqda divina ssir aktar intima, aktar ma r-ruħ tikber fiċ-ċaħda."* (L148).

**Għeluq**

L-istorja tgħidilna li ħamest ijiem qabel mewtha, sewwa sew fis-17 ta' Jannar 1952, wasal minn Ruma l-permess kif kien hemm bżonn isir dakinhar, biex Madre Margerita, minħabba l-mard tagħha, tkun tista' titqarben mingħajr il-ħtieġa tas-sawma preskritta f'dak iż-żmien. Jingħad li Madre Margerita laqgħet din l-aħbar b'ċerta għożża u gratitudni għax rat fiha l-aħħar sinjal ta' mħabba tal-Qalb Ewkaristika ta' Ġesù.

Madre Margerita kienet għaddiet ħajjitha f'kontemplazzjoni kontinwa ta' din il-Qalb Ewkaristika: minnha tgħallmet il-ħtieġa ta' faqar veru u għexet tassew dan il-faqar veru. U, għalhekk, il-Qalb Ewkaristika sabet f'Madre Margerita għamara xierqa, ħielsa minn kull xkiel fejn setgħet tgħammar u taħdem bil-libertà.

Aħna u nimmeditaw l-ispirtu ta' faqar ta' Madre Margerita ejjew naraw fih l-atteġjament meħtieġ sabiex ħielsa minn kull xorta ta' rabta, inkunu nistgħu niċċentraw ħarsitna fi spirtu ta' kontemplazzjoni fuq din il-Qalb Ewkaristika u bl-istess spirtu ta' faqar nagħmlu minn ħajjitna att ta' adorazzjoni, immolazzjoni u riparazzjoni kif titlob il-vokazzjoni tagħna (ara: Kostituzzjonijiet, 3ċ).

Wara din il-Quddiesa, is-Sorijiet Franġikani tal-Qalb ta' Ġesù hawn preżenti se jinżlu flimkien ma' Ġesù Ewkaristija fil-Kripta fejn hemm il-fdal qaddis ta' Madre Margerita sabiex hemm magħqudin fi spirtu wieħed mal-Fundatriċi, itennu li jridu jabbandunaw ruħhom fit-tmexxija infallibli tal-Qalb Ewkaristika. Nitolbu flimkien sabiex il-membri kollha ta' din il-Kongregazzjoni għażiża jsibu fil-Faqar veru dak l-atteġjament ta' ħajja li jista' jwassalhom biex awtentikament jgħixu l-Kariżma mħollija lilhom mill-omm qaddisa tagħhom, Madre Margerita.

# Il-Kristoċentriżmu tal-Ispiritwalità ta' Madre Margerita (1989)

***"Bi Kristu, ma' Kristu, fi Kristu"*** (mil-Liturġija tal-Quddiesa)

**Daħla**

San Pawl, mimli mħabba kif kien għal Kristu, stqarr lill-Korintin: *"Pedament ieħor ħadd ma jista' jqiegħed ħlief dak li diġà tqiegħed; u dan hu Ġesù Kristu"*. (1 Kor. 3: 11) u San Pietru bħal donnu jitlaq minn dan il-ħsieb ta' San Pawl u jikteb; *"Ersqu, mela, lejH li hu dik il-ġebla ħajja li kienet imwarrba mill-bennejja, imma magħżula minn Alla bħala ġebla għażiża. U intom ukoll bħal ġebel ħaj inbnew f'dar spiritwali, saċerdozju qaddis, biex toffru sagrifiċċji spiritwali li jogħġbu 'l Alla permezz ta' Ġesù Kristu"* (1 Pt.2: 4-5).

Mela fuq il-pedament li hu Kristu Ġesù, kull nisrani jrid jibni l-ħajja spiritwali tiegħu, l-eżistenza interjuri tiegħu. Ġesù Kristu għandu jkun iċ-ċentru ta' kollox u ta' kull ħidma. Hu l-ewwel f'kollox u jaħkem fuq kollox u fuq kulħadd.

Kristu ċ-ċentru jinsab f'nofs il-ħolqien kollu bħax-xemx f'nofs il-pjaneti kollha. U huwa l-qalba tal-ħolqien, id-dawl li jdawwal, li jagħti l-ħajja u jċaqlaq l-membri kollha u jiġbed lil kulħadd lejH. Kristu hu dak li jiġbed kollox lejh. U, għalhekk, ix -xewqa l-aktar intima ta' kull nisrani, ta' kull dixxiplu ta' Kristu, hi li jikber fi Kristu u li jinġibed minnu, li jissaħħar warajh, li jimxi warajh, li jagħmel lil Ġesù ċ-ċentru ta' ħajtu. U aktar mad-dixxipulat ikun f'sens radikali, aktar jeħtieġ li Kristu jkun ċ-ċentru b'mod tassew radikali.

San Franġisk t'Assisi mhux biss fehem din il-verità tal-Kristuċentriżmu, imma għamilha wkoll l-idea dominanti tiegħu. Fittex li jwettaqha f'ħajtu u b'ħiltu kollha ħabrek li titwettaq ukoll fil-ħajja tal-ulied spiritwali tiegħu. Franġisku fehem li qabel xejn, Kristu jrid ikun magħruf u maħbub, u bħal San Pawl ma riedx jaf ħaġ'oħra għajr lil Kristu u Kristu Msallab. Kiteb sew il-Franġiskan, Patri Agostino Gemelli li l-Kristoċentriżmu hu l-blata teoloġika li fuqha l-franġiskaniżmu bena ħsibijietu, ħajtu u l-akbar kisbiet li wettaq.

**Madre Margerita**

Inġbarna hawn illum biex b'mod spiritwali xieraq infakkru is-37 sena mill-mewt tal-Fundatriċi Madre Margerita. Madre Margerita kienet Franġiskana awtentika jew aħjar minn ta' quddiem fost il-Franġiskani l-aktar awtentiċi. U għalhekk, il-Kristoċentriżmu tal-ispiritwalità tagħha hu ċar daqs il-kristall, joffrilna tip ta' Kristoċentriżmu mill-aktar ħaj, intimu u prattiku, u hu għalina sejħa qawwija u urġenti biex inkomplu nibnu ħajjitna fuq Kristu, biex nimxu fil-qrib wara Kristu u biex ninbidlu fl-istess xbieha u sura ta' Kristu.

Wara l-Qawmien tiegħu mill-imwiet, Kristu ried jibni lil Pietru f'dan l-ispirtu ta'Kristoċentriżmu u għal tliet darbiet staqsieh: *"Tħobbni int aktar minn dawn?"* U Pietru, għal tliet darbiet wieġbu: *"Mulej, int taf kollox, int taf li nħobbok"* (ara: Ġw.25: 15-17). Bħala bidu għal dawn ir-riflessjonijiet tagħna li bihom Madre Margerita żgur li tridna ninbnew aktar fuq Kristu u ningħaqdu aktar intimament miegħu, ejjew nitilqu minn eżami ta' kuxjenza dwar il-Kristoċentriżmu personali preżenti tagħna, billi nisimgħu lil Madre Margerita ssaqsina dak li darba saqsiet lil waħda mir-reliġjużi tagħha: *"Tħobbu 'l Ġesù? Tħobbu ħafna? Tħobb lilu biss? Tħobbu biżżejjed? Iva, iva inħobbuH għax Hu biss jixraqlu li jkun maħbub"* (L138). Jew inkella, ejjew insaqsu lilna nfusna dak li darba Madre Margerita, fis-sempliċità qaddisa tagħha, staqsiet lid-Direttur Spiritwali, Mons. Alfons Agius: *"U int, Missier kif int sejjer ma' Ġesù? Kif qed tintelaq fil-ħdan ħelu tiegħu? L-aktar fit-taħbit tiegħek?"* (L48).

Ejjew, għalhekk, bis-sinċerità kollha, insaqsu lilna nfusna dwar il-Kristoċentriżmu tagħna, f'kelma waħda dwar kif aħna ma' Ġesù. Minn dan l-eżami ta' kuxjenza, ngħaddu imbagħad biex niflu x'kien hemm bejn Kristu u Madre Margerita u naraw ukoll liema sejħat trid tagħmlilna Madre Margerita biex insaħħu l-Kristuċentriżmu tagħna.

**Madre Margerita u Kristu**

Nistgħu ngħidu li ħajja Kristuċentrika hi ħajja *"bi Kristu, ma' Kristu u fi Kristu"* - *"bi Kristu"* għax hi ħajja li tingħax bil-qawwa tiegħu, f'telqa għall-Ispirtu tiegħu, *"ma' Kristu"* għax hi ħajja li tingħax f'għaqda mill-aktar intima ma' Kristu, *"fi Kristu"* għax il-persuna tintilef fi Kristu, tant li mhux hi tgħix, iżda Kristu fiha.

Darba Kristu fisser l-importanza ta' dan il-Kristoċentriżmu meta qal: *"Jien it-Triq, is-Sewwa, il-Ħajja: ħadd ma jmur għand il-Missier jekk mhux bija"* (Ġw.14:5). Kristu hu t-Triq u naslu bih, Kristu hu s-Sewwa u naslu, jekk ngħixu miegħu, mal-verità rivelata minnu: Kristu hu l-Ħajja u ngħixu tassew, jekk ngħixu fih: mela *"bi Kristu, ma' Kristu, fi Kristu"*. U Madre Margerita ta' spiss tistieden lil uliedha biex jgħixu dan il-Kristoċentriżmu fil-ħajja kkonsagrata: *"Dejjem ma' Ġesù, dejjem għal Ġesù u dejjem f'Ġesù, l-għarus Maħbub l-aktar ħelu tiegħek"* kitbet lil Sr.Giuditta fl-1930 (L128). Fl-1936 kitbet lil Sr. Marta: *"Hu biżżejjed għalina li nsibu lill-Għarus maħbub tagħna kull fejn inkunu..... għalhekk ħobbuH, ħobbuH u agħmlu kollox għaliH, miegħu u fiH!!"* (L131). Lil Madre Geltrude, fl-1936, kitbitilha: *"Afdaw biss fiH u miegħu u biH mingħajr ma tistrieħu la fuqhom infuskom u lanqas fuq xi ħlejqa oħra"* (L127).

Iżda, ejjew niflu aktar fid-dettal dan il-Kristoċentriżmu tal-ispiritwalità ta' Madre Margerita.

**Madre Margerita: bi Kristu**

Li tgħix bi Kristu jew permezz ta' Kristu, ifisser li temmen li Kristu hu kollox, li tittama li bi Kristu tista' tasal fejn Hu jrid iwasslek u li allura tintelaq kollok kemm int fit-tmexxija tiegħu. Tgħix bi Kristu, allura, jfisser li ma tfittex xejn aktar biex tistrieħ fuqu, għax li tgħix bi Kristu jkun aktar minn biżżejjed. Tgħix bi Kristu jfisser mela spirtu ta' faqar, sinjal tal-Kollox ta' Kristu.

Li Madre Margerita kien tgħix bi Kristu hu evidenti ħafna mill-aspirazzjonijiet u x-xewqat l-aktar intimi tagħha kif imfissrin lid-Diretturi Spiritwali tagħha: *"Inħallu kollox fil-ħarsien tal-Providenza Divina: lilha xejn ma jonqosha la mezzi u lanqas persuni"* (L1). F'ittra oħra kitbitlu: *"Filwaqt li nħoss il-miżerja kbira tiegħi, ninħeba fil-qiegħ nett tal-abbiss tat-Tjubija bla tarf tal-Kollox tagħna"* (L16). F'ittra bla data stqarret: *"Meta se jkun li ruħna tgħix biss il-ħajja tal-Imħabba safja u Divina? Meta se jkun li ruħna tieħu biss in-nifs tal-imħabba li tikkunsmana?"* (L29).

Fis-sena 1940, f'ittra lil Mons. Alfons Agius, naqraw: *"Forsi inti tista' turini xi mezz biex nissodisfa b'xi mod, il-ġuħ, il-għatx għall-Kollox.... għall-Kollox Etern u Infinit"* (L34). Darb'oħra, fl-1941, fissret ruħha: *"Nersqu qrib il-Qalb adorabbli u muġugħa tiegħu u nitolbu b'fiduċja filjali sħiħa u bħal tfal żgħar nintelqu fil-ħarsien Patern tiegħu"* (L38).

Ninnutaw ukoll, kif Madre Margerita kienet tħeġġeġ lis-Sorijiet tagħha biex jgħixu "*bi Kristu*": *"Nafu, maħbuba tiegħi, li l-imħabba safja trid bil-qawwa kollha l-pussess assolut ta' qlubna biex tkun tista' taħdem hemm bis-sinċerità u l-qawwa kollha."* (L138). Fl-1922 fissret kif "*bi Kristu*" xejn mhu mpossibbli: *"Kollox nistgħu bil-għajnuna Setgħana tiegħu, minkejja li waħedna ma nistgħu nagħmlu xejn."* (L66). Fl-istess sena, fissret lil

seħbitha, Sr. Paċifika: *"Jekk hu jieħu ħsieb l-għasafar tal-ajru u l-insetti tal-art, kif ma jiħux ħsieb u jgħin u jfarraġ l-għarajjes maħbubin tiegħu li għal imħabbtu ħallew arthom u l-familja u fuq kollox il-libertà tagħhom? Għalhekk li ma nafdawx fina nfusna hi ħaġa qaddisa, iżda mbagħad jeħtieġ li ndawru ħarsitna malajr lejn il-qawwa divina li ma tonqos qatt lil min jitlobha u jittamaha mill-Qalb tal-Missier Setgħan tagħna u tal-Għarus Divin!!!"* (L80).

Ninnutaw minn dawn il-ftit siltiet li mmeditajna, kif, għal Madre Margerita, li tgħix *"bi Kristu"* kien ifisser fiduċja għamja fil-Providenza, għarfien tal-miżerja tagħha u l-Kollox tiegħu, xewqa qawwija jew aħjar ġuħ u għatx li tgħix kollha kemm hi bih biss, abbandun fil-ħarsien tiegħu, pussess assolut ta' qalbha minn Kristu.

Hu tassew importanti għalina, illum, li nieqfu nsaqsu lilna nfusna jekk aħniex mexjin fuq il-passi ta' din l-omm għażiża tagħna, billi nħallu li ħajjitna tkun immexxija biss u dejjem minn Kristu, jiġifieri li ngħixu bih jew permezz tiegħu.

Jeħtieġ neżaminaw ruħna dwar dan l-ispirtu ta' faqar radikali. Għax jekk qed nippruvaw inserrħu rasna b'xi ħaġa oħra, jekk qed inħallu x-xewqat tagħna għal dak li hu materjali jew għalina nfusna jaljenawna jew inisslu fina sens ta' sigurtà dwar il-kuntentizza personali tagħna, dan ifisser li qed nippruvaw ngħixu b'xi ħaġa oħra li mhix Kristu u allura, li ħajjitna mhix *"bi Kristu"* tassew u biżżejjed. Ejjew, għalhekk, insaħħu aktar il-Kristoċentriżmu tal-ħajja kkonsagrata tagħna billi ħajjitna ssir tassew *"bi Kristu"*.

**Madre Margerita: ma' Kristu**

Li tgħix ma' Kristu jfisser li tgħix ħajja ta' "fergħa magħquda mad-Dielja" (ara: Ġw.15: 1-10): ħajja ta' intimità ma' Kristu, dejjem tixrob mill-Ispirtu tiegħu, idduq il-ħlewwa ta' mħabbtu u allura tikber fix-xebh miegħu. Li tgħix "*ma' Kristu"*, allura jfisser fuq kollox imħabba qawwija għaliH u konċentrazzjoni kontinwa fuqu. Ħajja kollha kemm hi "*ma' Kristu"* hi l-espressjoni l-aktar ċara u eżatta tal-Kastità kkonsagrata.

Nistgħu nifhmu kemm il-ħajja ta' Madre Margerita kienet tassew "*ma' Kristu"* meta niflu sew espressjonijiet bħal dawn li ġejjin: *"InħobbuH tassew mingħajr interess proprju, mingħajr taħlit ta' amor proprju, iżda purament u biss għalih innifsu, għax Hu ta' min iħobbu, għax hu twajjeb, twajjeb, twajjeb."* (L30). U tant kienet sensittiva għal din il-qawwa ta' mħabba, li tkompli tikteb: *"Biżżejjed! għax qalbi tibda tħabbat bil-qawwa u tħallini bla saħħa...InħobbuH sal-ġenn! Ma nafx kif, iżda hekk inħoss li għandi nħobbu bla ma naf kif u kemm...irrid ngħajjat biss, inħobbu l-Imħabba."* (L30).

Nistgħu nifhmu kemm kien hemm għaqda intima bejn Madre Margerita u Kristu meta nisimgħuha ssejjaħlu b'ismijiet mimlijin sentimenti ta' intimità u sempliċità: issejjaħlu ta' spiss l-**Għarus**: *"Kun ferħana, serena għax ħadd ma jista' jeħodlok l-Għarus li int għażilt."* (L130); kienet dejjem konxja li hu **Għarus Imsallab** u allura kienet taf ukoll li l-għarusa ma jistax ikollha: *"gosti differenti minn dawk tal-Għarus Divin"* (1L30); minħabba f'hekk tistieden lir-Reliġjużi li tassew iridu jgħixu "*ma' Kristu"* l-Għarus Imsallab tagħhom, *"Inħobbu l-Għarus Imsallab tagħna u nifirħu meta jimxi magħna ta' għarajjes veri tiegħu, jiġifieri meta jgħabbina bis-slaleb tiegħu."* (L133).

Kienet fuq kollox tinsisti li l-formazzjoni li tingħata lin-Novizzi tkun tikkonsisti f'li jiġu megħjuna jgħixu tassew "*ma' Kristu"* Msallab: *"Agħmel kull ma tista' biex tibdlilhom ruħhom f'dik tal-Ħelu Maħbub Imsallab".* (L117). Ninnutaw kif kienet tfisser fil-prattika kif tgħix *"ma' Kristu Msallab".*

Madre Margerita kienet tant magħquda *"ma' Kristu"* li kienet qisha tħoss b'mod sensibbli l-imħabba tiegħu, tant li darba fissret ruħha hekk: *"U forsi mhux veru, o l-aktar għażiża, li xi drabi tinħass il-preżenza tiegħu?...inħossu li jħobbna, li jridna kollna kemm aħna tiegħu?...Oh, iva, iva jiena spiss inħoss dan il-kollokwju ntern, anzi aktar u aktar sensibbli."* (L138). Żgur li kien minħabba f'hekk li darba fissret ruħha kif ġej, dwar din is-sensibilità tagħha, mad-Direttur Spiritwali tagħha: *"Immur qrib il-Priġunier Re u ninxteħet f'riġlejh u... jiġini li ntennilu, 'għażiż Għarus, għażiż Għarus' u dan b'ħafna nifsijiet qawwija, bħallikieku qalbi tkun trid tinqasam."* (L67).

Madre Margerita tant kienet magħquda *"ma' Kristu"* li, kif kien jiġrilu San Franġisk meta jissemma l-isem ta' Ġesù, kienet qisha tiggosta l-ħlewwa tal-għaqda miegħu u spiss kienet issejjaħlu l-"*Ħelu Ġesù tiegħi*", għax dak li kienet sensibilment tħoss f'qalbha kienet tfissru bi kliemha: *"Kollox għall-Ħelu Maħbub Ġesù tagħna u għalhekk ngħixu miegħU u fiH u xi darba, meta jogħġbu, isejħilna għat-tgħannieqa dejjiema."* (L167). L-istess, f'ittra oħra: *"Kemm Hu ħelu! Kemm Hu ta' min iħobbu! Dejjem ħsiebu fina! Jieqaf magħna b'tant kura, aktar minn dik ta' missier! Oh, kif jista' jkun li ma nħobbux lil min hu tant twajjeb! Kemm għandna għax immorru fejnu bl-imħabba ta' wlied u ngħidulu tant affarijiet sbieħ!"* (L74).

L-għaqda tagħha "*ma' Kristu"* kienet qisha trid taqsamha ma' wliedha, is-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, mhux biss b'dan il-kliem imħeġġeġ tagħha, iżda wkoll billi tirreferi għal Kristu bħala l-Għarus jew il-Maħbub Komuni li jgħaqqadna flimkien u miegħu: *"Nitolbu għal xulxin u nħallu lilna nfusna kollna kemm aħna u dejjem fit-tgħannieqa tal-Maħbuba Komuni Ġesù."* (L122). Dan l-istess ħsieb tennietu f'ittra oħra: *"Nifraħ...dwar l-għaqda ta' bejnietkom; jalla l-Għarus Komuni Ġesù jkompli jkebbiskom dejjem aktar biex taslu għall-għaqda mixtieqa minnU u minnkom ilkoll."* (L150).

Kemm-il darba, il-Fundatriċi kienet tfisser kif din l-għaqda "*ma' Kristu"* tar-Reliġjużi għandha twassalhom biex jimitaw mill-qrib lil Kristu. Nisimgħu żewġ siltiet minn ittri li Madre Margerita kienet tikteb lill-komunitajiet tal-Kongregazzjoni wara li kienet tagħmlilhom il-Viżta Kanonika bħala Superjura Ġenerali: *"Il-għan li għalih Ġesù Kristu sejħilna għall-ħajja reliġjuża hu li nsiru nixbhu lilu Msallab; iżda biex għan nobbli bħal dan jintlaħaq hemm bżonn li bil-qalb nilqgħu s-slaleb żgħar li dan jibgħatilna biex iwassalna ħalli nirbħu s-sema."* (V7). U wkoll: *"Li nimxu fuq il-passi ta' Ġesù, l-Imgħallem tagħna, jiswa xi tbatija għan-natura mħassra tagħna; iżda din hi t-triq waħdanija li twassal għas-sema; għalhekk jew nimxu wara Ġesù billi kull waħda ġġorr is-slaleb tagħha jew niċħdu għas-Saltna tas-smewwiet."* (V8).

Minn dan kollu naslu għall-konklużjoni prattika li skont Madre Margerita, tgħix "*ma' Kristu"* jfisser intimità miegħu, konċentrazzjoni fih, imitazzjoni tiegħu. Insaħħu l-Kristoċentriżmu tagħna billi ngħixu tassew u dejjem *"ma' Kristu"*.

**Madre Margerita: fi Kristu.**

Min jgħix "*bi Kristu"* u "*ma' Kristu"* jasal għal identifikazzjoni ma' Kristu billi jgħix "*fi Kristu"*, kif darba fisser San Pawl stess:*" Issallabt ma' Kristu. Ngħix, imma mhux jien, iżda jgħix fija Kristu"* (Gal. 2: 20) u *"għalija l-ħajja hi Kristu u l-mewt hi rebħ"* (Fil. 1: 21). Għalhekk irridu nilqgħu l-istedina tal-istess San Pawl: *"Żommu sħiħ fil-Mulej"* (Fil.4: 1).

Biex tgħix tassew "*fi Kristu"* trid titlef l-identità tiegħek f'dik ta' Kristu u allura, jeħtieġ sottomissjoni sħiħa għalih, jeħtieġ li tiċkien int u jikber Hu, tixxejjen int u jaħdem Hu. Nisimgħu ftit l-aspirazzjonijiet qawwija ta'

Madre Margerita dwar ix-xewqa tagħha li tgħix *"fi Kristu",* kif imfissrin lid-Direttur Spiritwali tagħha: *"Għaliex it-twajjeb Ġesù tagħna ma jikkunsmaniex bin-nar tal-imħabba safja tiegħu? Għaliex għadu jħallina ngħixu fina nfusna? .... Ajma, jien ma nafdax aktar f'li ngħix .... irrid tassew immut għalija nnifsi biex ngħix għal kollox moħbija u mitlufa kollni kemm jien fiH"* (L14). Li tgħix tassew *"fi Kristu"* kien iwassalha għal dan li ġej, kif fissret hi stess: *"inħoss bħal xi ħaġa sensibbli f'qalbi, kull ħin iżda l-aktar meta nkun fil-kor u fl-atti spiritwali.... inħoss paċi qaddisa, kalma perfetta.... Inħoss ukoll ġuħ għall-umiljazzjonijiet, biex ninħeba, biex nixxejjen.... nixtieq tassew inkun ikkunsmata, mitlufa, imxejna għal dejjem.... nixtieq li nkun nista' ngħid tassew: Mhux aktar jien li ngħix, iżda l-ħelu Ġesù jgħix fija...."* (L30).

Dawn l-istess sentimenti qaddisa tenniethom aktar tard ukoll lil Mons. Alfons Agius: *"Għażiż Missier, ir-ruħ fqajra tiegħek (jekk nista' nsejħilha aktar tiegħi) ma tinsabx aktar fija iżda kważi mitlufa fil-Kollox"* (L32). U f'ittra oħra: *"Ah! Inqisu lilna nfusna f'Dak l-Oċean ta' Mħabba , ta' mħabba infinita, ta' Mħabba Eterna!!!.... Ninħbew, nixxejnu, noffru lilna nfusna kollna kemm aħna f'dawn il-fjammi eterni!!!! F'dik il-Qalb li fiha hemm in-nar kollu tal-Imħabba Divina!!"* (L37).

Ninnutaw kif Madre Margerita, f'dawn ix-xewqat qawwija tagħha biex tgħix *"fi Kristu"*, dejjem titkellem mix-xewqa li tixxejjen, tintilef, tikkonsma lilha nfisha, tinqered. U bir-raġun, għax biex il-persuna tidentifika ruħha ma' Kristu u tgħix fih, jeħtieġ li teqred l-identità tagħha biex fiha tidher u tispikka l-identità ta' Kristu. Hu f'dan is-sens li rridu nifhmu l-enfasi kbira ta' Madre Margerita dwar il-qerda tal-Jien: *"Ħsiebkom hemm, dwar xi taħlit ta' dak il-famuż JIEN uman li hu kapaċi jħassar kollox"* (L152). U darba fost l-oħrajn, mitlufa f'xewqa li tintilef għal kollox fit-tgħannieqa ta' Kristu, tagħraf il-ħtieġa ta' din il-qerda tal-JIEN uman u tistqarr mad-Direttur Spiritwali. *"Eh, jeħtieġ li nsum aktar! Li nissaffa aktar u nbati, li nixxejjen.... qabel xejn, hux tassew Missier?"* (L22).

Kien ukoll dan l-għixien kontinwu *"fi Kristu"* li lil Madre Margerita kien jagħtiha l-qawwa li f'kull sitwazzjoni ttenni *"il-FIAT għażiż u qaddis"*; ir-rieda tagħha kienet mitlufa fir-Rieda Divina, *"fi Kristu"*. *"... nixtieq nasal feliċiment fit-tgħannieqa li għaliha nixxennaq bla waqfien: min-naħa l-oħra nħossni tassew ma jixraqlix. Eh, meta, meta, meta!!! Iżda spiss ukoll intenni l-Ħelu Fiat!"* (L55).

Meta nsiru midħla tal-kitbiet ta' Madre Margerita nindunaw li waħda mix-xewqat kbar tagħha, kemm għaliha nfisha kif ukoll għas-sorijiet tagħha, kienet li *"jinħbew fil-Qalb ta' Ġesù".* Din ix-xewqa nsibuha spiss imfissra fl-ittri tagħha: *"Jalla l-ħelu Għarus tagħna Ġesù, jaħbina fil-Qalb tiegħu kif tant tixtieq il-fqajra Sr. M. Margerita"* (L55); u wkoll: *"Itlob bil-qawwa kollha lill-Kollox tagħna biex jagħmilni żgħira, żgħira u moħbija għal kollox fih"* (L86); f'ittra lil Sr. Luisa, naqraw: *"Nitlob lill-Qalb Ewkaristika li jagħlaqna lkoll flimkien fil-fjammi smewwija u jikkunsmana fin-nar etern tiegħu"* (L122).

Ejjew, maħbubin ħuti, nissodisfaw dawn ix-xewqat qawwija li Madre Margerita kellha biex uliedha jgħixu *"fi Kristu"*, anzi eżattament fil-Qalb Ewkaristika tiegħu. Ejjew nixxejnu, neqirdu l-JIEN tagħna biex ngħixu fih u jkun Hu li juri ruħu fina. Ejjew ngħixu tassew *"fi Kristu".*

**Għeluq**

Madre Margerita għexet *bi Kristu, ma' Kristu, fi Kristu",* u ta' dan illum aħna nġbarna hawn biex inroddu ħajr 'l Alla minn qalbna. Għax għexet dan il-Kristoċentriżmu, fid-19 ta' Lulju 1942, ħassitha li, bil-libertà kollha, tista'

tikteb lid-Direttur Spiritwali tagħha Mons. Alfons Agius, li kienet qed tgħix fi stennija li *"jiġi l-Għarus ħelu u jeħodni miegħu"* (L52).

Fit-23 ta' Diċembru 1951 kienet marida gravi u fost l-oħrajn instemgħet tgħid bi tbissima fuq fommha: *"Ħalluni mmur. Ma niflaħx iżjed. Ħalluni mmur"*.

Fl-aħħar jiem ta' ħajjitha, matul ix-xahar ta' Jannar 1952, spiss kienu jarawha tħabbat b'idha fuq il-ħajt taċ-ċella u b'ħarsa serena ttenni: *"Irrid inħabbatlu. Irrid inħabbatlu",* espressjonijiet qawwija ta' kuntatt intimu Miegħu sal-aħħar.

Fis-17 ta' Jannar, kif kien meħtieġ f'dak iż-żmien, waslilha minn Ruma l-permess li titqarben mingħajr is-sawma preskritta, li dakinhar kienet għadha min-nofs il-lejl sa x'ħin titqarben. Madre Margerita laqgħetha bħala l-aħħar delikatezza tal-Għarus, li saħħitha f'aktar intimità miegħU.

Meta fit-3.00a.m. tat-22 ta' Jannar tal-1952, irċeviet il-vjatku, tat l-aħħar taħbita fuq il-ħajt taċ-ċella tagħha biex ukoll fl-aħħar mumenti turi li kienet tgħix *"bi Kristu, ma' Kristu, fi Kristu".*

Nitolbu, għalhekk lil Madre Margerita biex mis-sema żżomm ħarsitha fuqna ħalli bħala wliedha ngħożżu dan il-patrimonju ta' Kristoċentriżmu li ħallitilna. Nitolbuha tgħinna nsiru tassew fqar biex ngħixu *"bi Kristu"* biss; nitolbuha qawwa ta' mħabba, ta' kastità vera biex ngħixu *"ma' Kristu"* biss; nitolbuha biex fi spirtu ta' sottomissjoni għar-rieda divina ngħixu "*fi Kristu"* biss.

Omm l-aktar għażiża, għinna biex dejjem u kullimkien ngħixu *" bi Kristu, ma' Kristu u fi Kristu"*.

# Mill-Avvent lejn il-Milied ma’ Madre Margerita

L-Avvent, skont il-ħsieb tal-Liturġija, huwa ż-żmien li fih niftakru, niċċelebraw u nġeddu fostna, il-miġja tal-Mulej, bi tħejjija għat-tifkira solenni tal-Milied. Huwa żmien li fih aħna l-insara nqiegħdu ruħna bħala persuni li kollhom tama qed jistennew it-tieni miġja tal-Mulej biex jagħtihom il-premju dejjiemi tal-Ġenna. Huwa żmien, mela, li fih, flimkien mal-istess Liturġija fl-I Ħadd tal-Avvent, nitolbu 'l Alla li jista’ kollox, biex insaħħu r-rieda tagħna *“li, bis-saħħa ta’ għemejjel tajba, noħorġu niltaqgħu ma’ Kristu Ibnek, li ġej, biex nissieħbu miegħu fil-leminija tiegħu”.*

Madre Margerita li, mill-kitbiet tagħha nindunaw b’mod ċar kemm kienet tgħix sewwa ż-żminijiet differenti tal-Liturġija, minkejja li fi żminijietha ma tantx kien hemm formazzjoni liturġika kif għandna llum wara l-Koncilju Vatikan II, kienet tagħraf eżattament dan l-iskop liturġiku tal-Avvent u kienet tagħmel minn kollox, bil-kitbiet tagħha, biex tgħin lis-Sorijiet tagħha jgħixuh bl-aħjar mod possibbli.

Dak il-ħsieb interessanti u semplici tagħha, miktub f’ittra lil Madre Paċifika fil-5 ta’ Dicembru 1924, *“Issa li qegħdin fiż-żmien qaddis tal-Avvent, infittxu li nagħmlu ħwejjeġ sbieħ għat-Tarbija Qaddisa, u nlestu wkoll nar għall-maħbuba Omm Marija, ħalli jkollha biex issaħħan lit-Tarbija li se titwieled”* (L86) juri li Madre Margerita kienet tassew konxja li l-Milied li niċċelebraw kull sena jista’ jkunilna tassew ta’ għajnuna biex nitħejjew għat-tieni miġja tal-Mulej b’għemejjel tajba li dwarhom irid jiġġudikana. Fil-fatt, bħala riżultat ta’ dan il-ħsieb ta’ Madre Margerita, nibtet fil-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta’ Ġesu, l-użanza tal-***“Corredino”*** li mit-28 ta’ Novembru sa lejliet il-Milied, matul l-Avvent kollu, jnebbaħ għadd ta’ għemejjel tajba, li b’mod prattiku jwettqu x-xewqa tal-Fundatrici, li, fl-aħħar mill-aħħar hi x-xewqa tal-Liturġija fi Żmien l-Avvent.

F’ittri oħra li Madre Margerita kitbet matul l-Avvent u qrib il-Milied ta’ snin diversi, kienet tisħaq li *“qrib il-benniena tat-Tarbija Re, fis-skiet, naduraw, inroddu ħajr u nħobbu”* (L45), jew *“inħallu lill-Imħabba titkellem”* (L56), u wkoll *“nitgħallmu il-faqar imqaddes, is-semplicità u l-abbandun fil-ħarsien tal-Providenza divina”* (L102), u, fuq kollox *“nitgħallmu nħobbu”* (L78). Dawn ir-riflessjonijiet kollha ta’ Madre Margerita, riflessjonijiet mnebbħin miċ-ċelebrazzjoni tal-Milied li lejh jimmira l-Avvent, huma l-aqwa għajnuna biex nagħmlu dawk l-għemejjel tajba li rridu nersqu bihom quddiem il-Mulej tal-eżercti fil-laqgħa tagħna miegħu f’Jum il-Ħaqq.

Mela tajjeb li aħna u niccelebraw żmien l-Avvent bi tħejjija għat-tifkira tal-Milied u bi tħejjija għal-laqgħa tagħna mal-Mulej fl-aħħar jum, nixorbu minn dan l-ispirtu qaddis tal-Qaddejja ta’ Alla, Madre Margerita, biex bħalha ngħixu bl-aħjar mod dan iż-żmien liturġiku.

# Madre Margerita – Bniedma li saret Talba (1990)

**Daħla**

Inġbarna, illum, biex b'sentimenti ta' ferħ u ta' radd il-ħajr, infakkru t-38 Anniversarju tal-Mewt qaddisa tal-Fundatriċi tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, Madre Margerita Debrincat, li ġrat fis-sebħ tat-22 ta' Jannar 1952, hawnhekk, fil-"Casa Madre" tal-Kongregazzjoni tagħha. Infakkru din l-okkażżjoni b'sentiment ta' ferħ, għax qed infakkru persuna li warajha ħalliet fwieħa ta' ħajja qaddisa u li diġà bdiet il-proċess twil u tqil li, kif nittamaw, għad iwassal għall-Beatifikazzjoni u l-Kanonizzazzjoni tagħha.

Infakkru wkoll din l-okkażżjoni b'sentiment ta' radd il-ħajr, għax permezz ta' Madre Margerita, il-Mulej, fl-imħabba tiegħu, għoġbu jagħtina Kongregazzjoni ta' Reliġjużi li sa llum xerrdu l-ħidma siewja tagħhom fil-kontinenti kollha tad-dinja, u b'hekk, flimkien magħna l-Maltin u l-Għawdxin, tant persuni oħra, ta' kull razza u ġens, jistgħu jixorbu mill-għajn fejjieda li Madre Margerita riedet li tinfirex ma' kullimkien, għajn fejjieda li tnixxi mill-Qalb Ewkaristika ta' Ġesù.

Kull min, sewwa sew tmienja u tletin sena ilu, filgħodu kmieni kellu l-okkażżjoni jidħol fil-kamra żgħira li tiġi fuq in-naħa ta' wara ta' dan il-post qaddis fejn ninsabu aħna, seta' jilmaħ lill Madre Margerita f'sodditha, bi tbissima ħelwa fuq wiċċha, b'għajnejha mdawra lejn il-ħajt li kien jifred kamritha mill-kor li hawn warajna, b'idha maħruġa 'l barra mill-friex tas-sodda, tħabbat fuq il-ħajt.

Dik it-taħbita, jew, aħjar dawk it-taħbitiet, kienu l-aħħar sinjali ta' mħabba lejn dak li kienet issejjaħlu u Hu tassew l-"IMĦABBA"; kienu l-aħħar espressjonijiet ta' intimità profonda li rnexxielha tibni miegħu matul ħajjitha; kienu f'kelma waħda l-aħħar talbiet sempliċi, ħierġa minn qalb umli, li kien irnexxielha tagħmel lil Ġesù l-KOLLOX tagħha.

Ftit inqas minn għaxar snin qabel mewtha, sewwa sew fil-21 ta' Settembru 1942, Madre Margerita kitbet lid-Direttur Spiritwali tagħha, Mons. Alfsons Agius, u, fost l-oħrajn, qaltlu: *"Missier, ħallini ngħidlek bis-sempliċità ta' tarbija: f'dawn iż-żminijiet, it-talba u l-meditazzjoni tiegħi hi: it-tliet tifħiriet tas-Serafini, Qaddis, Qaddis, Qaddis..."* (L54).

Dan il-kliem sinċier ta' Madre Margerita, nistgħu ngħidu li kien qisu preludju għat-taħbitiet mal-ħajt ta' kamritha, ftit qabel mewtha. L-intimità li kellha ma' Alla fl-1942, mfissra bi ftit kliem, wasslitha biex tfisser l-għaqda li kellha ma' Ġesù permezz ta' tbissima fuq wiċċha u taħbitiet mal-ħajt ta' kamritha, f'Jannar tal-1952, ftit qabel l-għaqda dejjiema mal-Għarus tagħha wara mewtha. Din kienet il-ħajja tat-talb ta' Madre Margerita f'dawn l-aħħar snin tagħha: dak it-talb ta' sempliċità li kapaċi jiġi mlissen biss mir-ruħ li tant tkun mitlufa fl-imħabba għal dak li tant ħabbha, li ħlief r-ripetizzjoni ta' espressjonijiet qosra ta' mħabba, ma tkunx kapaċi tlissen minn qalbha.

Xtaqt li fl-okkazzjoni ta' llum, nitkellmu ftit mill-Ħajja tat-Talb ta' Madre Margerita: dik Madre Margerit li bħall-Fqajjar t'Assisi, li tiegħu kienet waħda mill-ulied l-aktar denji, mhux biss saret persuna li kontinwament titlob, iżda hi stess saret talba. B'dawn ir-riflessjonijiet nistgħu naslu biex nitħeġġu aktar fil-ħajja tat-talb tagħna, ħalli, fuq l-eżempju u taħt il-ħarsien ta' OMM u GĦALLIEMA tant qaddisa, inkun nistgħu nikbru fil-ħajja spiritwali tagħna.

**X'inhu t-Talb ?**

It-talb għandu importanza vitali fil-ħajja spiritwali tan-nisrani; u aktar mal-ħajja nisranija tipperfezzjona ruħha, bħalma jiġri fil-ħajja reliġjuża, aktar tikber l-importanza tat-talb. Ħajja nisranija bla talb, hi nieqsa min-nifs, tifga għax bla ħajja.

Il-fundament tat-talb hu Alla: MIssier, Iben u Spirtu s-Santu. Fit-Trinità, Alla jagħti lilu nnifsu lilU stess f'ħajja li ma titfissirx, il-ħajja Trinitarja; iżda jaqsam ukoll din il-ħajja mal-ħolqien. Il-ħolqien, min-naħa l-oħra, jaqsam fil-ħajja divina fi stadji diversi: mis-sempliċi eżistenza ta' ħlejjaq bla ruħ li jeżistu bla ma jgħixu, sal-att ta' mħabba u għarfien li jqiegħed lill-bniedem għalih fost il-ħlejjaq kollha.

Għalhekk, Alla jikkomunika mal-bniedem permezz tal-Ispirtu ta' Kristu. U l-bniedem, b'hekk jista' jwieġeb billi jagħmel dak li jrid minnu Alla, billi jtenni dik li hi t-talba per eċċellenza *"Abba (Missier)"*. Infatti, S.Pawl kiteb: *"Għax intom ma rċivejtux l-Ispirtu li jwassalkom għall-jasar biex terġgħu taqgħu fil-biża', imma rċivejtu l-Ispirtu li jagħmel minnkom ulied adottivi; u li bih aħna nistgħu ngħajtu; 'Abba! MIssier!' Dan l-Ispirtu jixhed flimkien mal-Ispirtu tagħna li aħna wlied Alla"* (Rum 8:15-16)

Għalhekk, it-Talb hu l-kelma tagħna 'l Alla, it-tweġiba tagħna, ħlejjaq żgħar u dgħajfin, lill-Ħallieq Setgħani li jikkomunika lilu nnifsu lilna. It-talb ifisser, kif igħid Charles de Foucauld *"li taħseb dwar Alla u tħobbu"*. It-talb hu l-mod kif iseħħ dak li hemm fil-*"Perfectae Caritatis"* : *"insiru ħaġa waħda m'Alla fil-qalb u r-ruħ"* (5)

F'ittra tal-Kongregazzjoni tad-Duttrina tal-Fidi mibgħuta lill-Isqfijiet fil-15 t'Ottubru 1989, dwar xi aspetti tat-talb nisrani, naqraw li t-talb *"hu djalogu personali, intimu u profond bejn Alla u l-bniedem. Hu jfisser il-komunjoni tal-ħlejjaq mifdija mal-ħajja intima tal-Persuni tat-Trinità"* (3), u tkompli: *"It-talba tan-nisrani għandha ssib ruħha fil-moviment Trinitarju t'Alla, u għalhekk, il-kontenut essenzjali tagħha għandu jkun determinat bl-istess żewġ direzzjonijiet ta' dan il-moviment. Fl-Ispirtu s-Santu, l-Iben jiġi fid-dinja biex jirrikonċiljaha mal-Missier bil-ħidmiet u t-tbatijiet tiegħu. Min naħa l-oħra, f'dan l-istess moviment u f'dan l-istess Spirtu, l-Iben magħmul bniedem jerġa' lura lejn il-Missier, billi jwettaq ir-rieda tiegħu bil-Passjoni u l-Qawmien mill-mewt tiegħu"* (7).

Għalhekk it-talb dejjem jibda bl-għarfien li Alla jħobbni: li nħalli 'l Alla jħobbni. Din hi, biex ngħidu hekk, il-parti passiva tat-talb. Imbagħad, tiġi l-parti attiva: it-tweġiba tiegħi għall-imħabba, l-adorazzjoni li biha nintelaq fl-idejn kollha mħabba tal-Provindenza Divina: *"Tiġi saltnatek; Ikun li trid Int"*. B'hekk it-talb isir it-tweġiba tiegħi li biha nikkonċentra fuq il-Persuna ta' Kristu, fuq l-Umanità tiegħu, biex nagħraf aktar l-Imħabba t'Alla u nkun nista' nimxi aktar fid-dawl ta' din l-Imħabba, fuq il-passi ta' Kristu. It-talb isir it-tweġiba tiegħi li niltaqa' m'Alla fir-rejaltà kollha tal-ħajja; fil-persuni u l-ġrajjiet li jinsġu ħajti, u fihom inkun kapaċi ntenni l-*"Ikun li trid Int"* tiegħi.

S.Tereza t'Avila, id-Duttur tat-Talb, kitbet: *"It-talb, għalija, mhux ħlief relazzjoni intima ta' ħbiberija, li noqgħod waħdi miegħu biss, ma' Dak li naf li jien maħbuba minnu"* (Ħajja.8). U darb'oħra: *"Il-profitt.fit-talb, jinsab mhux f'li taħseb ħafna, imma f'li tħobb ħafna"* (Fundazzjonijiet, 5,2). U wkoll: *"It-talb mhux ħlief fatt ta' mħabba … għalhekk il-preferenzi għandhom ikunu biss għal dawk il-ħwejjeġ li jqanqlu l-imħabba"* (Mansjonijiet, 4).

Fl-Ittra tal-Kongragazzjoni tad-Duttrina tal-Fidi li diġa semmejna, naqraw: *"l-imħabba t'Alla, l-uniku oġġett tal-kontemplazzjoni nisranija, hi rejaltà li ma tistax titmexxa minn xi metodu jew teknika. Għall-kuntrarju, għandu jkollna dejjem ħarsitna fuq Ġesù Kristu li fih l-imħabba t'Alla marret lejn is-Salib għalina" (31).* U biex din it-tweġiba ta' mħabba tagħna, li rridu nagħtu fit-talb, isseħħ tassew, dan l-istess Dokument jissuggerixi*; "ħarba mill-"jien" għall-"int" ta' Alla"* (3).

**Madre Margerita u t-Talb**

Wara li rajna dawk il-ftit ħsibijiet dwar it-Talb b'mod generali, ejjew issa naraw xi ħaġa fil-qosor dwar il-ħajja tat-talb ta' Madre Margerita. Li l-Ispiritwalità ta' Madre Margerita kellha dimensjoni Trinitarja ċara ħafna, u minħabba f'hekk il-ħajja tat-talb tagħha kellha 'l Alla, Missier, Iben u Spirtu s-Santu, bħala fundament, jidher ċar tassew minn diversi espressjonijiet meħudin mill-ittri tagħha lid-Diretturi spiritwali Mons. Anton Galea u Mons. Alfons Agius. Nisimgħu xi siltiet: *"Inħobbu, iva, inħobbu lill-Kollox waħdieni u assolut tagħna!! Oh! Kemm hu ħelu tħobb Imħabba Infinita! Tlieta u Wieħed!"*(7). F'waħda mill-esperjenzi mistiċi tagħha, uriet xewqitha li tagħmel vot li jinkiteb *"b'demmha stess"*, imfisser b'dan il-kliem: *"O Alla Tlieta u Wieħed, jiena ħlejqa msejkna u bla ma jistħoqqli, noffri lili nnifsi kollni kemm jien lis-setgħa ta' mħabbtek, filwaqt li nitolbok tagħmel li jiena mmut qabel ma nonqos mill-fedeltà tiegħi. Amen"*(11). Darba'oħra bħal fi tnehida, kitbet: *"Kemm aħna ngrati li ma nħobbux Imħabba Infinita! Esseri Suprem! Il-Kollox tant Assolut! Tlieta u Wieħed! Oh! Jalla jkun maħbub minn kulħadd u kullimkien. Amen"*(28). F'okkażżjoni oħra tfisser ruħha hekk: *"Inħoss għatx kbir... ġuħ kbir għal Alla, tliet darbiet Qaddis... jagħtini li nintelaq bħal waħda qed tmut"*(34).

Huwa ċar ukoll li Madre Margerita kienet kontinwament tgħix il-ħajja tat-talb tagħha, f'għarfien sħiħ u ċar tal-imħabba t'Alla: liema għarfien hu l-bidu, jew aħjar kif diġà għidna, l-aspett passiv tat-talb. Dan nistgħu narawh minn siltiet bħal dawn li ġejjin: *"Iva, inħossha, inħossha l-Imħabba tenera (anzi, kważi ngħid) miġnuna ta' Alla tliet darbiet Qaddis"*(43); *"Imma għaliex Imħabba li tant tħobb mhix maħbuba?! Esseri tant Divin!"*(44); *"L-Imħabba Eterna qed tagħmel li naraw u nħossu t-Tjubija Infinita tiegħu!"*(45); *"L-Imħabba kbira ta' Alla ssir bniedem.... Issir Tarbija!!! Fuq kollox, issir Ostja żgħira"*(56). Fis-sena 1943, disa' snin qabel mewtha, kitbet: *"Inħossni mgħaġġba mill-Ħniena Infinita tat-Twajjeb Alla li għadha żżommni ħajja u tistennieni li nkun kollna kemm jien tagħha, ġisem u ruħ, minkejja l-ingratitudnijiet tiegħi tal-imgħoddi u anke ta' llum"*(62).

Madre Margerita ma kenitx tieqaf f'din il-parti passiva tal-ħajja tat-talb, imma kienet tgħaddi għall-parti attiva: tixtieq, tipprova u tagħmel ħilitha kollha biex twieġeb għal din l-imħabba: inkomplu ninnutaw dak li hemm fil-kitbiet tagħha: *"Kultant inħoss il-ħtieġa ta' Alla... ir-ruħ tfittex il-mistrieħ u l-kwiet fil-Ħdan ta' Dak li waħdu hu biżżejjed għall-ħlejqa umana!"*(22); *"Inħobbu l-Imħabba li mhix magħrufa u, allura mhix maħbuba!! Kemm nixtieq nixxejjen għall-qima tagħha; għall-akbar glorja tagħha!!"* (26); *"Missier, għinni u itlob għalija u berikni... Inħobbu l-Imħabba li mhix maħbuba"*(28). Dan kollu jindikalna kif il-Fundatriċi hi u tikkontempla l-Imħabba kienet tasal għal-konklużjonijiet prattiċi li jwassluha tħobb l-Imħabba fil-prattika.

Biex tagħmel dan kellha xewqa kbira li tixxejjen, u kienet tinsisti dwar dan mas-Sorijiet tagħha, għax kienet taf li l-*"qerda tal-'JIEN'"* kienet l-unika triq biex ir-ruħ issir talba bl-għaqda mar-rieda t'Alla. Din hi l-ħarba mill-'jien' tiegħi, għall-'int' ta' Alla li semmitilna l-Ittra tal-Kongregazzjoni tad-Duttrina tal-Fidi dwar it-Talb (3). Imma, nisimgħu lil Madre Margerita: *"Jeħtieġ nixxejna fir-rieda divina... Oh! Telfa qaddisa... Oh! Tixjin qaddis... li fuqu tinbena s-saltna tal-Imħabba safja"*(138); *"Iva, inħobbu lill-Maħbub tagħna, nissagrifikaw ruħna kollna kemm aħna, ruħ u ġisem, biex inkunu nar ta' mħabba safja u perfetta"*(139). Innutaw ftit, kif Madre Margerita kienet dejjem mitlufa f'dan il-mod ta' talb awtentiku, li jikkonsisti f'din l-għaqda ta' mħabba safja mal-Maħbub. Darb'oħra, hi u tirreferi għaż-żmien li għaddtet fid-Dar tal-Adorazzjoni, kitbet: *"Għamilna qawwijin bil-qawwa tiegħu. Ħarisna u ħbiena taħt ġwenħajh! Oh! Kemm inkunu sewwa moħbijin u mxejnin b'dan il-mod!!!"*(111). Forsi nistgħu nittraduċu kliem Madre Margerita hekk: *kemm inkunu sewwa magħqudin miegħu f'dan l-ispirtu ta' talb!"*.

**Konċentrazzjoni fuq Kristu**

Il-konċentrazzjoni fuq il-persuna ta' Kristu, kienet tifforma parti importanti mill-ħajja tat-talb ta' Madre Margerita. Fl-1891, offriet regola mportanti lil Sr. Giovanna li, aktar tard saret Superjura Ġenerali tal-Kongregazzjoni: *"Il-ġabra u s-skiet għandhom ikunu l-mezzi biex tħares il-ħajja spiritwali tiegħek u l-għaqda mal-Għarus Imsallab tiegħek; il-ħars tiegħek... għandu spiss ikun imdawwar lejn Ġesù Msallab u qalbek għandha tintrefa' qrib it-Tabernaklu"*(130). Fl-1937, kitbet lil Sr. Rebekka: *"Sikwit għandek toqgħod fil-ġabra*

*qrib il-Pissidi Qaddis"*(132); filwaqt li fl-1948 issuġġeriet lil Sr. Dionisja: *"Nirrikkmandalek il-qawwa u s-sabar, eċċ.... fittex kollox mill-wisq qaddis Tabernaklu, kollox jinsab moħbi hemmhekk"*(121).

Din il-konċentrazzjoni ta' Madre Margerita fuq il-persuna ta' Kristu, kienet twassalha biex b'mod tassew prattiku tikkontempla l-misteri liturġiċi tiegħu, billi tinvolvi ruħha fihom bil-pariri li kienet tagħti lis-Sorijiet tagħha: innutawhom ftit u ppruvaw agħmluhom tagħkom:

- fl-Avvent: *"Issa li qegħdin f'dan iż-żmien qaddis tal-Avvent infittxu li nagħmlu lbiesi sbieħ għall-Bambin Qaddis"* (86).
- fil-Milied: *"Nawguralek nar ta' mħabba safja, dak in-nar li l-Bambin Qaddis ġie biex iġib fuq l-art"* (45).
- fil-Preżentazzjoni ta' Ġesù fit-Tempju: *"Kemm huma għoljin il-misteri ta' umiltà ta' kreaturi tant qaddisin"*(36).
- fir-Randan: *"F'dan l-Imqaddes Randan nieħdu ħsieb li noqgħodu eqreb lejn l-Għarus Imġarrab tagħna biex nitgħallmu nbatu bl-imħabba u nħobbu bit-tbatija"*(163).
- fil-Ġimgħa Mqaddsa: *"F'dawn il-jien qaddisa naraw lill-Maħbub Ġesù tagħna mimli tgħajjir! Ubbidjenti sal-mewt, mewt tas-salib! X'neħtieġu aktar biex inkissru għall-mewt is-suppervja tagħna!"*(79).
- fl-Għid: *"Fl-aħħar qam mill-mewt!... Jekk immutu mal-Mulej Ġesù, miegħU ukoll inqumu!"*(98).
- fil-*"Corpus"*: *"Kemm huma sbiħ dawn il-jien! Ifakkruna fl-imħabba safja Ewkaristika! U kemm hemm li jwieġbu ħażin! Eh! Kemm jeħtieġ li npattu! Imħabba, imħabba u tpattija b'imħabba sinċiera, safja u ġeneruża!"*(88).
- fi Kristu Re: *"Kemm irnexxiet il-Festa tal-Maħbub Re tagħna! Hu tassew ir-Re tal-qlub kollha? Eh! Li kieku kien hekk!"*(101).

Ninnutaw kif, b'mod mill-aktar sempliċi, kienet tagħmel miż-żminijiet Liturġiċi, għajnuna kbira għall-ħajja tat-talb tagħha.

**Laqgħa ma' Alla fir-rejaltajiet tal-Ħajja**

Fuq kollox, il-ħajja tat-talb ta' Madre Margerita, kienet tikkonsisti wkoll f'li tiltaqa' m'Alla fir-realtajiet kollha ta' ħajjitha, u fihom ittenilu l-*"Ikun li trid Int"*, jew aħjar kif kienet tgħid hi stess il-**"FIAT"** tagħha. Quddiem il-problemi kbar tal-ftuħ tad-Dar ta' Corfù, fil-Greċja, l-ewwel Dar tal-Kongregazzjoni 'l bogħod mix-xtut tal-gżejjer tagħna, kitbet: *"L-affarijiet l-oħra spiritwali sejrin tajjeb, meta jitqiesu ċ-ċirkustanzi attwali, tax-xogħol, tal-mard tan-nuqqas ta' ħtiġijiet, eċċ. Eh! Paċenzja u dejjem l-għażiz Fiat!"*(3).

Quddiem il-mard ta' Madre Nazarena, minn Londra, fejn kienet magħha f'Dar tas-Sorijiet Dumnikani, kitbet: "*L-għażiża sieħba batiet u għadha tbati... Dejjem Fiat!!! Grazzi għat-twajjeb Ġesù tagħna, qatt ma naqasni la l-kuraġġ u lanqas ir-rassenjazzjoni"*(16). Ninnutaw x'kapaċi jagħmel dan l-ispirtu ta' talb quddiem id-diffikultajiet tal-ħajja; b'liema spirtu ta' kuraġġ jimla qalb il-bniedem.

Quddiem il-grajjiet koroh tat-Tieni Gwerra Dinjija: *"Aħbarijiet koroh, koroh, qisu li l-Missier tad-dawl m'għadux jitfa' ħarstu fuq il-bnedmin!! Imma ma jieqafx li jkun Missier twajjeb, twajjeb, twajjeb!! Li jikkastiga biex idewwi l-feriti tagħna! Biex jurina li wara li jdum jistenna jaf iqajjimna mhux biż-żegħil, imma bil-bastun iebers!! Jibqa' dejjem l-aħjar Missier infinitament ħanin!"*(39). It-talb jgħin lill-bniedem biex jiltaqa' mal-imħabba ta' Alla, anke f'mumenti koroh bħalma kienu l-jiem tal-Gwerra Dinjija.

Minn dan kollu li għidna s'issa, nistgħu ninnutaw b'mod mill-aktar ċar, kemm il-ħajja tat-talb ta' Madre Margerita żviluppat bis-sħiħ u laħqet intimità mill-aqwa ma' Alla, f'kull ħin u f'kull sitwazzjoni tal-ħajja.

**Il-provi fil-ħajja tat-Talb**

Bħal f'kull ħaġa oħra, fil-mixja wara Kristu, it-Talb għandu wkoll il-ħafna mumenti tal-prova tiegħu. Lill-persuna li tixtieq tikber fil-ħajja tat-talb, Alla, ħafna drabi, jisirqilha l-ħeġġa, il-ġabra u l-konsolazzjonijiet tiegħu, biex igħallimha tfittex mhux dawn il-konsolazzjonijiet tiegħu, imma lilU li hu l-Mulej ta' kull konsolazzjoni. Bir-rigal tan-nixfa spiritwali, u tad-distrazzjonijiet tal-moħħ, Alla jrid igħallem l-ispirtu ta' ċaħda u l-għarfien tad-dgħufija tal-bniedem meta mħolli u mitluq għalih waħdu. Iżda, meta r-ruħ li tingħata b'serjetà għall-ħajja tat-talb, issib ruħha f'dis-sitwazzjoni, għandha tfittex li tkompli tagħmel kull ma tista' fil-ħajja tat-talb tagħha: jekk tieqaf jew iċċedi, tista' tibda t-triq tan-niżla tal-ispiritwalità tagħha. Id-Duttur tat-Talb, S.Tereza ta' Ġesù, tgħidilna hekk dwar dan il-punt: *"Il-persuna li tesperimenta nixfa spiritwali, għandha troddlu ħajr (lil Alla), għax tant jafdaha li daħħalha taħdem fil-għalqa tiegħu, bla ebda ħlas".* U tkompli: *"Il-persuna li hi mħabbta mill-aridità u distrazzjonijiet tal-moħħ, m'għandha qatt tinkwieta jew tiddejjaq. Jekk dil-persuna tikseb libertà spiritwali, u ma tkunx dejjem imħabbta, tibda ma tibzax mis-Salib u ssib li l-Mulej igħinha terfgħu"* (Ħajja, 11).

Fl-Ittra tal-Kongregazzjoni tad-Duttrina tal-Fidi li diġa semmejna, naqraw: *"Għall-persuna li tagħmel sforz serju, ikun hemm mumenti li fihom ikun qisha qed tiġri f'deżert, u minkejja l-isforżi kollha, ma tħoss xejn li hu t'Alla. Għandha tkun taf dil-persuna li lanqas dawk li jieħdu t-talb bis-serjeta ma huma meħlusin minn dawn il-provi…"*(30).

Jekk niġu għall-ħajja tat-talb ta' Madre Margerita, nistgħu faċilment ninnutaw kif, bħal dawk kollha li jagħmlu l-isforżi kollha għal intimità kbira m'Alla, sabet ruħha f'dawn il-provi tal-ħajja tat-Talb. Fl-1918, mill-"Casa Madre", kitbet lil Mons. Galea: *"Ix-xogħol jeħodli l-ħin kollu u, għalhekk ma jgħinix fil-ġabra, anzi fil-meditazzjoni kważi dejjem inħossni mitlufa fih. Imbagħad, fit-Tqarbin dik il-kesħa, dik il-mewt għal kull affett tajjeb, dan kollu qisu jgħaffiġni taħt piż tqil... kultant jiġini l-ħsieb li nħalli t-Tqarbina, għax nibża' li nagħmilha bi drawwa u ma tkunx togħġob lil Gesù: iżda, imbagħad, x'nagħmel?"*(9).

Fil-1942, kitbet lil Mons. Agius: *"Missier, emminni, dawl ma' dlam!... Inħoss ukoll aridità niexfa l-aktar fil-ħin tat-Tqarbin. Oh Imbagħad ikolli aktar kuraġġ biex ngħannqu miegħi kif tixtieq ir-ruħ għatxana tiegħi..."*(47).

Ħafna huma l-okkażżjonijiet li fihom Madre Margerita titkellem mill-aridità spiritwali, fl-ittri li kitbet lil Mons. Galea u Mons. Agius. Iżda nota komuni li ninnutaw f'dawn l-okkazzjonijet kollha, hi d-determinazzjoni tagħha li, jiġri x'jiġri, tkompli tagħmel ħilitha biex tikber fl-intimità tagħha mal-Mulej, kif darba tenniet lil Mons. Agius: *"Il-ħelu Ġesù daqqa jinħass u daqqa jistaħba, u, imbagħad, imbagħad ir-ruħ fqajra, kważi bħal f'agunija ta' tbatija, tfittex... "*(48).

Ma ninsewx li hekk kif id-deheb jiġi ppruvat bin-nar hekk ukoll ħajja ta' talb awtentika tiġi mgħoddija minn dawn il-provi ta' tbatijiet spiritwali, biex ir-ruħ titħejja għad-doni li l-Mulej, ikun lestielha.

**Grazzji Mistiċi**

Kif fil-ħajja tat-talb hemm iż-żmien tal-prova, hekk ukoll, jekk u meta tkun ir-rieda tas-Sid li jmexxi kollox, hemm iż-żmien tar-riġali msitiċi: riġali li huma mogħtijin lil kulħadd, f'xi ħin u f'xi żmien, kif irid Hu, b'mod normali, bil-gost jew bil-konsolazzjoni li l-persuna tħoss fil-mumenti tat-talb, u riġali straordinarji mogħtijin lil xi wħud għall-ġid tal-istituzzjonijiet li l-Providenza tkun fdatilhom f'idejhom.

Dwar dawn tal-aħħar, l-Ittra tal-Kongregazzjoni tal-Fidi dwar xi aspetti tat-Talb, tgħidilna: *"Hemm xi grazzji mistiċi, mogħtijin lill-fundaturi ta' istituzzjonijet ekklesjastiċi għall-ġid tal-fundazzjoni tagħhom, u lill-qaddisin oħra wkoll, li jikkaratterizzaw l-esperjenza personali tagħhom ta' talb u li ma jistgħux bħala tali, ikun oġġett ta' imitazzjoni u aspirazzjoni għall-membri l-oħra tal-fidili, anke għal dawk li jiffurmaw parti mill-istess istituti u dawk li jfittxu triq aktar perfetta ta' talb"*(24).

S.Tereza t'Avila, li ġiet mogħnija mill-Mulej b'ħafna minn dawn id-doni, issemmi fost l-oħrajn: *"… gieli f'daqqa waħda kont inħoss l-presenza t'Alla, b'mod tali, li kien ikun impossibli niddubita li Hu qiegħed ġo fija u li jien kont kollni kemm jien mgħarrqa fiH. Din bl-ebda mod ma kienet xi dehra: nemmen li hi msejħa teoloġija mistika. Ir-ruħ tintilef b'mod tali li tħossha barra minnha nfisha. Ir-rieda tħobb, il-memorja tkun qisha mitluda, ma tistax tirraġuna…"*(Ħajja 10).

Biex ma ntawlux, niġu għall-punt tagħna: Madre Margerita kellha minn dawn l-esperjenzi mistiċi? Filwaqt nissottomettu ruħna għal dak li għad iridu jgħidu l-awtorijiet tal-Knisja dwar dan il-punt, inwieġbu bla tlaqliq li jidher li kellha. F'ittra miktuba lil waħda reliġjuża marida, fl-1892, qisha riedet tfisser esperjenzi ta' dak li S.Tereza t'Avila sejħitlu "teologija mistika": *"U forsi mhux veru, l-aktar għażiża tiegħi, li kull tant inħossu l-preżenza tiegħu?!... Inħossu li jħobbna, li jridna kollna kemm aħna tiegħu?... Li jridna ninsew lilna nfusna u l-ħolqien kollu biex ngħixu biss, biss miegħU, biH, u fiH?... Oh! Iva, iva, spiss inħoss dan il-kollokwiju ġewwieni, anzi aktar u aktar sensibbli"*138).

Barra minn dan jekk nisimgħu x-xhieda ta' Sorijiet li kienu qrib tagħha, bħalma kienet Madre Paċifika, insibu li kien hemm bosta okkażżjonijiet li fihom Madre Margerita kienet tintilef f'estasi ta' mħabba waqt il-qari li kienet tagħmel lill-Komunità, jew filwaqt li kienet tilmaħ xi xbiha tal-Imsallab, jew ta' Ġesù Tarbija.

Madre Luisa Busuttil, ex-Superjura Ġenerali tal-Kongregazzjoni tirrakkonta kif darba Madre Margerita, meta kienet fid-Dar ta' Ruma, ħadet f'idejha xbiha sabiħa ta' Ġesù Bambin u damet xi sagħtejn mitlufa f'estasi bih f'idejha.

Madre Paċifika, Madre Luisa Busuttil u Madre Providenza Gauci xeħdu li Madre Margerita qaltilhom li meta kienet toqgħod f'kamra partikulari hawn fil-"Casa Madre", dehrilha Ġesù u taha ċ-ċurkett, sinjal ta' "għerusija mistika" f'għaqda dejjiema miegħu.

Dwar dawn il-ġrajjiet nistgħu nżidu ħafna u ħafna aktar li, iżda, għalissa hu aħjar li nisktu dwarhom. Iżda nistgħu ntennu mingħajr dell ta' dubju li l-Ħajja tat-Talb ta' Madre Margerita, laħqet tassew livell ta' mistiċiżmu għoli

**Għeluq**

Tajna ħarsa, illum, lejn il-Ħajja tat-Talb ta' Madre Margerita. ħarsa li fiha rajna kif Madre Margerita għarfet il-qawwa tal-Imħabba Trinitarja u għamlet ħilitha kollha biex twieġeb għaliha bix-tixjin tal-'Jien', bit-tennija tal-'Fiat' u b'telqa sħiħa fit-tmexxija u l-ħarsien tal-Providenza Divina.

Minħabba dan kollu, inħossu li nistgħu ngħidu bil-libertà kollha dwar Madre Margerita, dak li Tumas ta' Celano qal dwar Franġisku t'Assisi: *"ma kienx bħal bniedem li jitlob, imma aktar talba ħajja hu nnifsu".* Iva, Madre Margerita ma kenitx sempliċi bniedma li titlob , imma saret talba, talba ħajja.

Aħna li llum inġbarna hawnhekk biex b'mod sempliċi nfakkru lil din il-bniedma li saret talba, ejjew nitgħallmu minnha:

- li t-talb jikkonsisti f'li nagħarfu kemm tassew iħobbna Alla;
- li t-talb ifisser nagħmlu ħilitna biex inxejnu l-eġoiżmu tagħna ħalli nsaħħu l-qawwa tal-imħabba tagħna għal Alla;
- li t-talb jikkonsisti f'li niltaqgħu ma' din l-imħabba t'Alla fir-realtajiet kollha ta' ħajjitna;
- li nitolbu jfisser nikkonċentraw ħarsitna fuq Kristu, Alla li sar bniedem bħalna, biex minnu nitgħallmu ngħidu l-*'Abba'* tagħna lill-Missier tas-sema.

Nitolbu, illum, lill-Madre Margerita biex wara li għallmitna x'inhu t-talb u xi jfisser titlob, u titlob tassew, tibqa' żżomm ħarsitha fuqna, ixxerred fuqna l-interċessjoni tagħha, ħalli lkoll insiru TALBA ta' mħabba u fedeltà ma' kull nifs ta' ħajjitna.

# IL-FRANĠISKANIŻMU TA' MADRE MARGERITA (1991)

**Daħla**

Kull Kongregazzjoni Reliġjuża għandu jkollha l-identità, jew aħjar il-bixra partikulari tagħha, li nsejħulha l-Kariżma proprja ta' dik il-Kongregazzjoni Reliġjuża partikulari u li hi ffurmata mill-patrimonju spiritwali mħolli mill-Fundaturi u minn tradizzjonijiet siewja li jkunu nibtu mal-mixja taż-żminijiet. Din il-bixra partikulari, jew aħjar din il-kariżma ta' Kongregazzjoni Reliġjuża, turi ruħha fi stil ta' ħajja spiritwali li jingħax mill-membri ta' dik il-Kongregazzjoni u fil-kwalità ta' apostolat imwettaq minnhom.

Fid-Dokument tal-Kongregazzjoni għar-Reliġjużi u l-Istituti Sekulari, *"Elementi Essenzjali fit-Tagħlim tal-Knisja dwar il-Ħajja tar-Reliġjużi"* tal-1983, naqraw: *"Wieħed jgħix il-konsagrazzjoni reliġjuża f'Istitut partikulari skont il-Kostituzzjonijiet li l-Knisja, bl-awtorità tagħha tilqa' u tapprova. Dan ifisser li tgħix il-konsagrazzjoni skont ċerti disposizzjonijiet li juru u jsaħħu sewwa identità distinta. L-identità tiġi minn dik l-azzjoni tal-Ispirtu s-Santu li hu don, li bih jitwaqqaf l-Istitut u li joħloq għamla partikulari ta' spiritwalità, ta' ħajja, ta' apostolat u ta' tradizzjoni."* (11). Jekk nitkellmu mill-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, u nippruvaw niflu l-elementi li jiffurmaw il-bixra spiritwali, jew inkella, il-kariżma tagħha, naslu biex ninnutaw mill-banda l-waħda l-marka Franġiskana u min-naħa l-oħra l-marka tal-Kult tal-Qalb Qaddisa ta' Ġesù.

Infatti, fl-ewwel żminijiet tal-Kongregazzjoni, nsibu l-*"Kuruna tat-tnax-il Stilla tal-Qalb ta' Ġesù"* li, imbagħad żviluppat ruħha f'Kongregazzjoni Reliġjuża magħrufa bħala *"Sorijiet Terzjarji ta' San Franġisk"* u aktar tard, fit-23 ta' Diċembru 1946, bħala Sorijiet Franġiskani ta' Malta. Imbagħad, dawn iż-żewġ elementi tal-Kongregazzjoni li minnhom tkellimna s'issa, ġew imfissrin aħjar meta fl-1970, fuq suġġerimenti li ħarġu minn dak li ddefinixxa l-Konċilju Vatikan II, intagħżel l-isem Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, biex l-isem stess ikun indikazzjoni ċara tal-Kariżma mħaddna mill-Kongregazzjoni.

**Madre Margerita**

Qegħdin illum infakkru d-39 Anniversarju mill-mewt tal-Fundatriċi tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, Madre Margerita De Brincat, li ġrat fil-"Casa Madre" tal-Kongregazzjoni fi sbieħ it-22 ta' Jannar 1952. Dan nagħmluh biex inroddu ħajr 'l Alla li tana lil din il-persuna għażiża u qaddisa fl-istorja ta' pajjiżna u magħha tana Kongregazzjoni Reliġjuża li għal aktar minn mitt sena wettqet u għadha twettaq ħidma qaddisa ta' siwi kbir mal-erbat irjieħ tad-dinja. Dan nagħmluh ukoll biex nitolbu 'l Alla li minnu ġej kull don, kull ġid, biex il-ħidma tal-Proċess tal-Beatifikazzjoni ta' Madre Margerita li nbdiet fid-Djoċesi t'Għawdex, fl-4 ta' Lulju 1988, tkun tista' tilħaq l-għan qaddis tagħha.

Iżda dan nagħmluh, fuq kollox, biex ikollna l-okkażżjoni nsiru nafu aħjar u aktar lil din il-persuna mibgħuta lilna mill-Providenza Divina, bħala ideal ta' ħajja awtentikament reliġjuża, biex, bħala membri tal-Kongregazzjoni għażiża tagħha, inkunu nistgħu nfasslu ħajjitna fuq l-eżempju tagħha.

Diġà fl-imgħoddi, kellna l-okkażżjoni nitkellmu dwar aspetti diversi tal-ispiritwalità ta' Madre Margerita bħalma huma l-ispirtu ta' faqar tagħha, id-dimensjoni Trinitarja tal-ispiritwalità tagħha,Il-Kristoċentriżmu ta' ħajjitha u l-ħajja ta' Talb tagħha. Illum xtaqt li nagħmlu ftit riflessjonijiet dwar il-Franġiskaniżmu tagħha, li, kif diġà għedna, hu wieħed mill-elementi fundamentali tal-Kariżma tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù.

**Il-Valuri tal-Franġiskaniżmu**

Mistoqsija mportanti li jeħtieġ inwieġbu qabel inkomplu b'dawn il-ħsibijiet tagħna, hi: liema huma l-valuri li fuqhom tinbena l-ħajja reliġjuża Franġiskana? Il-Franġiskan, P. Martino Conti, Professur fl-Università Franġiskana "Antonianum" ta' Ruma, kiteb li dawn il-valuri huma erbgħa: il-penitenza, il-faqar, il-minorità u t-talb (ara: *"L-identità dei Fratelli e delle Sorelle del Terzo Ordine Regolare di San Francesco"*, Movimento Francescano, Bologna 1986).

**Il-Penitenza** skont il-ħsieb Franġiskan, hi mixja ta' ħajja skont il-Vanġelu, imfassla fuq konverżjoni kontinwa li, qabel xejn, hi don t'Alla, don li jintlaqa' b'bidla sħiħa minn barra u minn ġewwa. Dan id-don joħloq moħħ ġdid imdawwal mill-Vanġelu li jsir kapaċi jaħseb bħal Kristu; joħloq qalb ġdida li tkun kapaċi tqim 'l Alla u tħobb l-aħwa fuq l-eżempju ta' Kristu; joħloq kuxjenza ġdida li timpenja ruħha li taqdi 'l Alla u l-aħwa skont dak li tgħid il-fidi. Din il-penitenza hi t-tweġiba għas-sejħa tal-Vanġelu: *"Indmu u emmnu fil-Bxara t-Tajba"* (Mk 1:15). Din hi l-penitenza li esperimenta Franġisku stess, kif fisser hu stess fit-Testment tiegħu: *"Il-Mulej ta lili, Franġisku, il-grazzja li nibda nagħmel penitenza hekk: għaliex, billi kont ngħix fid-dnub, id-dehra tal-imġiddmin kienet għalija wisq ta' min jistmerrha: iżda l-Mulej innifsu mexxieni f'nofshom u jiena wrejt ħniena magħhom."* (1).

**Il-Faqar** Franġiskan jitwieled mill-faqar ta' Kristu li *"ma qagħadx ifittex tiegħu li hu daqs Alla, iżda xejjen lilu nnifsu billi ħa n-natura ta' lsir."* (Fil 2: 6b – 7a); jitfassal fuq l-istil li bih il-Fqajjar t'Assisi mexa wara Kristu bħala *"pellegrin u barrani"* f'din id-dinja; u jwassal għall-bidla fir-relazzjonijiet mal-ħwejjeġ, mal-persuni u ma' Alla stess, għax joħloq atteġġjament ta' ċaħda mill-ħwejjeġ materjali, ta' qadi umli mal-persuni, ta' fiduċja u radd il-ħajr ma' Alla. Dan hu l-faqar li S. Klara fir-regola tagħha fissritu hekk: *"Is-Sorijiet m'għandhom ikollhom xejn tagħhom, la dar, la post u lanqas ebda ħaġa oħra, iżda bħala barranin u għorba f'din id-dinja, jaqdu lill-Mulej fil-faqar, u l-umiltà, u jintbagħtu jittalbu l-karità bil-fiduċja. U m'għandhomx għax jistħu, għaliex il-Mulej sar fqir għalina fuq din l-art."* (VIII, 1-3).

**Il-Minorità** hi d-distintiv tal-Franġiskani fid-dinja, fir-relazzjonijiet mal-oħrajn, kemm fil-komunità li fiha jgħixu, kif ukoll fix-xogħol u l-apostolat li jwettqu, għax Franġisku ried ikun l-iżgħar fost kulħadd, il-qaddej ta' kulħadd. Il-minorità hi dimensjoni fundamentali tal-Franġiskaniżmu u timplika ċ-ċaħda ta' kull xorta ta' dominju fuq l-oħrajn u stil ta' ħajja sempliċi, li jagħmlu jitwemmen il-messaġġ ta' sliem li nxandru u jqanqal għal komunjoni mal-bnedmin kollha. Hu l-għixien radikali ta' dak li talab Ġesù: *"Jekk intom ma terġgħux issiru bħat-tfal iż-żgħar, żgur li ma tidħlux fis-Saltna tas-Smewwiet."* (Mt 18: 3). Hu dak li talab Franġisku mill-aħwa kollha tiegħu: *"U ħadd minnkom ma jissejjaħ 'pirjol' imma lkoll xorta waħda tissejħu l-Aħwa ż-żgħar. U għandkom taħslu riġlejn xulxin."* (Reg 1221: VI, 3-4).

**It-Talb** jew inkella l-ispirtu ta' talb hu valur fundamentali, għax minn Franġisku, bniedem li sar talba, niksbu l-għana, il-vitalità tad-dimensjoni kontemplattiva tal-ħajja. Mit-talb tiegħu, minsuġ minn tifħir u radd il-ħajr 'l Alla, Missier Setgħani, nifhmu kif għandu jkun l-istil tat-talb tagħna u nitgħallmu nagħmlu minn kull mument ta' ħajjitna komunjoni ma' Alla biex naslu nagħmlulu għamara soda u żgura fi qlubna. Din hi l-ħajja mitluba mir-Regola Franġiskana: *"Kullimkien, f'kull post, kull ħin u kull waqt, l-Aħwa, irġiel u nisa, għandhom jemmnu bil-ħaqq kollu u bl-umiltà jkennu f'qalbhom u jħobbu, jagħtu ġieħ, iqimu, jaqdu, jfaħħru, jbierku u jsebbħu lil Alla kbir u l-Aktar għoli, il-Missier ta' dejjem u l-Iben u l-Ispirtu s-Santu. U jagħtuh qima b'qalb safja, għax jeħtieġ nitolbu dejjem bla ma naqtgħu."* (9a).

**Il-Franġiskaniżmu ta' Madre Margerita**

Mistoqsija mportanti li jeħtieġ li nagħmlu qabel ma ngħaddu biex naraw kemm Madre Margerita kienet awtentikament Franġiskana hi: minn fejn kisbet l-ispirtu Franġiskan?

Nafu li Dun Ġużepp Diacono, li miegħu Madre Margerita kellha kuntatti mill-qrib fiż-żminijiet tal-bidu tal-Kongregazzjoni, sa minn meta kien seminarista, kellu ġibda għall-ispiritwalità Franġiskana u kien membru tat-Terz'Ordni Franġiskan. Kien f'dawk iż-żminijiet li l-Papa Ljun XIII li miet fl-1903, fl-Enċiklika Tiegħu, *"Auspicata Concessum"* ħeġġeġ lill-Isqfijiet tad-dinja kollha biex fost l-oħrajn jinqdew bl-ispirtu Franġiskan fil-ħidma għat-tiġdid tad-dinja.

Il-fatt li l-ewwel Dar ta' Triq Għajn Qatet, fejn is-Sorijiet Franġiskani għexu bejn l-1879 u l-1882, qrib ħafna tal-Knisja ta' San Franġisk, tal-Minuri Konventwali, seta' wkoll kellu l-effett tiegħu fuq l-influss tal-Franġiskaniżmu fuq il-Kongregazzjoni li kienet qed titwieled u li fil-fatt, għall-bidu ħadet l-isem ta' "Terzjarji Franġiskani", u mill-Isqof Djoċesan ingħatat ir-Regola Franġiskana.

Iżda, fuq kollox, nemmnu li meta Alla jagħżel għalih strument li bih ikun irid jaħdem, żgur li jżejnu bid-doni li jkunu meħtieġa. U għalhekk, nistgħu naslu għall-konklużżjoni li l-parti l-kbira tal-formazzjoni franġiskana li kellha Madre Margerita ġiet mis-sema, ispirata u mgħallma lilha minn Dak li hi kienet issejjaħlu l-"KOLLOX", minn Dak li hu l-bidu ta' kollox, minn Dak li bħala fuħħari ta' sengħa bla tarf, isawwar kif jaf Hu l-ġarar tal-fuħħar u ġewwa fihom jaħbi t-teżor li jrid Hu, biex maż-żmien jinkixef, jidher u jaħdem skont il-pjan Divin tiegħu.

U kemm Madre Margerita riedet tkun Franġiskana vera, u kemm riedet li uliedha, is-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, jimtlew bl-ispirtu Franġiskan, jidher minn dawn il-kitbiet tagħha: *"Nifraħ bil-missjoni ġdida li ngħatatlek. Oqgħod attenta ħafna biex taħdem f'din il-għalqa bil-prudenza, iżda, fl-istess ħin, bi spirtu kollu kemm hu serafiku u evanġeliku."* (85). Lil waħda mis-Superjuri, darba waħda fissritilha x-xewqa tagħha: *"Li kien il-Mulej iħares lis-Sorijiet fis-sempliċità franġiskana tagħhom."* (88). U dwar il-formazzjoni tan-Novizzi, darba kitbet hekk: *"L-għeżież novizzi jeħtieġu attenzjoni kbira. Nagħmel kull ma nista', u flimkien mal-Majestra, nistudjaw il-mod kif innisslu fil-qlub teneri tagħhom il-veru spirtu franġiskan."* (96).

Iżda nistgħu naslu biex niskopru kemm Madre Margerita kienet awtentikament franġiskana, meta niflu kif kienu mħawlin fil-fond tal-ħajja spiritwali tagħha, il-valuri franġiskani li semmejna fil-bidu.

**Il-Penitenza ta' Madre Margerita**

Kemm-il darba fil-kitbiet tagħha fissret ix-xewqa kbira li kellha biex tgħix fi stat ta' konverżjoni kontinwa, billi ssaffi dejjem aktar l-imħabba tagħha għall-Għarus waħdieni tagħha, Ġesù. *"O kemm nixtieq inħobbu bil-qlub tal-erwieħ twajbin kollha; iżda dan mhux biżżejjed. Nixtieq li nitlob biss (nistħi ngħid) l-istess Qalb Umana u Ewkaristika biex inħobb kif jixraq lil Dak li jiftaħar li jsib l-għaxqa tiegħu fost ulied il-bnedmin."* (7). Darb'oħra kitbet: *"Inħobbu lill-wisq ħelu Ġesù tagħna li jħobbna bla tarf. O! Kemm nixtieq inħobbu bl-istess Qalb tiegħu! Iżda, meta, meta se tingħatali din il-grazzja? Tassew, nistħi naħseb dwar dan; iżda rridu bil-ħeġġa kollha."* (8).

F'okkażżjoni oħra, staqsiet lid-Direttur Spiritwali tagħha, Mons Alfons Agius: *"Xi jrid it-twajjeb Ġesù tagħna minn din l-ilsira msejkna tiegħu? Li tikkonverti u ssir għarusa fidila tiegħu tassew."* (46). Darb'oħra, kienet diġà kitbet lid-Direttur Spiritwali tagħha, Mons Anton Galea: *"Għażiż Missier, meta jkollok ftit ħin liberu, użah b'risq il-bint fqajra tiegħek, billi tiktbilha żewġ versi mħeġġin biex tgħinha tissaħħaħ ftit fl-imħabba għall-ħelu Ġesù, twajjeb, twajjeb, twajjeb!"* (17). F'ittra oħra, fi spirtu qawwi t'umiltà, imxennqa kif kienet li ttir lejn is-sema għat-tgħannieqa dejjema mal-Għarus tagħha Ġesù, kitbet: *"Nemmen li għadu jħallini f'din l-art ingrata, minħabba l-ħtijiet u d-dnubiet gravi tiegħi."* (61).

Lis-Sorijiet tagħha, kienet spiss tħeġġiġhom għal din il-konverżjoni. Infatti, lil waħda mir-reliġjużi tagħha, b'ton ftit u xejn qawwi, kitbitilha: *"Minflok ma tibki u taqta' qalbek, umilja ruħek quddiem it-tjubija tiegħU u itlob*

*maħfra għal tant dgħufija li għad hemm fik u b'qalb qawwija ddeċiedi li tagħmel kull ma tista' biex tikkorieġi ruħek malajr kemm jista' jkun."* (80).

Madre Margerita, kienet ukoll toffri mezzi prattiċi għall-konverżjoni: *"Jeħtieġ niġġieldu dejjem kontra n-natura mħassra tagħna. Jeħtieġ nissagrifikaw ruħna dejjem: immutu dejjem għas-sodisfazzjonijiet tagħna: għall-ġibdiet ħżiena tagħna; ma nċedu qatt għar-raġunijiet umani, lanqas dak li jippretendi minna ġisimna. Ngħollu qlubna dejjem 'l fuq, ħisibijietna fis-sema u qatt fil-ħwejjeġ tad-dinja."* (71).

Hi stess kienet tfittex l-għajnuna tad-Direttur Spiritwali tagħha f'din il-ħidma ta' konverżjoni: *"Għażiż Missier, int tista' turini xi mezzi biex b'xi mod intaffi l-ġuħ u l-għatx tal-Kollox, tal-Kollox etern u nfinit."* (34). U kienet titlob biex din il-konverżjoni sseħħ: *"Jien ma nista' nitlob xejn aktar ħlief il-konverżjoni tal-erwieħ kollha: nibda minni msejkna midinba."* (38). U, fuq kollox, kienet temmen li ż-żmien mogħti lilna f'did-dinja, għandu jservi għall-konverżjoni: *"X'jidhirlek mill-għamara twila tiegħi f'dan l-eżilju iebes? Eh! Baqagħli xi nħallas!"* (114).

**Il-Faqar ta' Madre Margerita**

Il-Faqar Franġiskan kien jidher ċar ħafna fil-ħajja u fix-xewqat ta' Madre Margerita. Kienet tiggosta djar fqar minn kollox, biex tixbaħ lil Ġesù fi twelidu. Meta marret għall-ewwel darba fid-Dar tal-Adorazzjoni fil-Belt Valletta, kitbet: *"Kemm hu ħelu ssib dan il-post tant oriġinali: nieqes mill-kumditajiet, iżda mhux daqs il-għar ta' Betlem."* (84). Darb'oħra, hi u tfisser l-faqar li tant kienet tgħożż b'qalbha kollha, kitbet: *"X'ferħ, xi sliem iggustajna fiċ-ċaħdiet u 'l bogħod mill-ħsejjes u l-istorbji kollha. Tassew ħassejna li qegħdin f'Betlem"* (126).

Kienet tinsisti ħafna li s-Sorijiet jitrawmu fi spirtu ta' ċaħda u ta' faqar tassew, u dan, biex jimxu fqar wara Kristu fqir: *"Lis-Sorijiet għeżież, għallmuhom jiggustaw il-ħlewwa taċ-ċaħda biex jimitaw lill-ħelu Ġesù tagħna li ċċaħħad minn dak li kien tassew meħtieġ għall-ħajja."* (145).

Il-faqar franġiskan ta' Madre Margerita kien jidher ċar ħafna fil-qawwa li biha kienet tixxennaq għas-sema, għax fid-dinja kienet tħossha, bħal Fqajjar t'Assisi, barranija, f'eżilju: *"Meta se jkun li l-ispirtu tagħna ma jiħux ħlief in-nifs tal-ħajja tal-imħabba li tikkonsma? Ah! Ir-ruħ li tixxennaq għall-imħabba ma tista' ssib ebda mistrieħ f'dan l-eżilju, jekk mhux hi u tixxennaq u tmut."* (29). Darb'oħra stqarret: *"Oh! Kemm hu ħelu tħobb l-Imħabba Infinita! Tlieta u Wieħed! Ajma! X'sabar jeħtieġ biex toqgħod f'dan l-eżilju! Kemm hu iebes, kultant, l-għażiż Fiat!"* (7). *"Illum jew għada jkollna nitilqu minn dan l-eżilju dinji. Hawn mhux pajjiżna."* (129). *"Sa meta se jtul dan l-eżilju? Sa meta se jkollna nibqgħu 'l bogħod mill-kisba tal-Kollox tant mixtieq?"* (58).

Dan l-ispirtu ta' faqar radikali li ħaddnet Madre Margerita, wettaq bidla sħiħa fir-relazzjonijiet tagħha mal-ħwejjeġ maħluqa, mal-persuni l-oħra u, fuq kollox, m'Alla.

Kellha xewqa kbira li kemm hi stess kif ukoll is-Sorijiet tagħha, imutu għal dak li hu tad-dinja. Spiss insibu fil-kitbiet tagħha il-parir: *"Fittex li tinqata' dejjem aktar mill-ħwejjeġ maħluqa u minnek innifsek, u ngħaqad biss mal-ħelu Għarus Imsallab"* (130).

Kellha xewqa kbira li taqdi 'l oħrajn, l-aktar fis-salvazzjoni ta' ruħhom. Meta lil Marija Busuttil, li aktar tard saret Madre Luisa Busuttil, kitbitilha li ġiet milqugħa fil-Kongregazzjoni, qaltilha fost l-oħrajn: *"Fittex li tiġi biex tkun l-iżgħar, il-qaddejja ta' kulħadd, biex tħobb u tbati ma' Ġesù u tpatti għall-offiżi li jirċievi."* (107). F'okkażżjoni oħra, kitbet lil waħda reliġjuża: *"Tgħejja qatt taqdi u tgħin l-erwieħ biex iħobbu l-Għarus tagħna, għax qatt ma nistgħu nkunu rikonoxxenti biżżejjed għall-vokazzjoni reliġjuża."* (175).

Kellha, fuq kollox, fiduċja għamja fil-ħarsien Divin u kienet tistinka biex timla qlub is-Sorijiet b'dan l-ispirtu: *"Kemm tassew m'aħna xejn! Iżda dan għandu jqanqalna aktar biex nersqu lejH b'aktar fiduċja filjali."* (109).

*"Min-naħa tiegħi, numilja ruħi u ninħeba fil-Qalb dejjem maħbuba tal-ħelu Ġesù u ningħaqad mal-fiduċja; wara nħossni fil-kwiet u fis-sliem."* (56).

**Il-Minorità ta' Madre Margerita**

Il-Minorità, distintiv tal-Franġiskani kollha, kienet distintiv partikulari ta' Madre Margerita. Minħabba f'hekk, kienet kontinwament konxja tal-miżerja, tal-ingratitudnijiet u tax-xejn tagħha, u dan, għax kien ġej minn umiltà vera u radikali, qatt ma kien jiskuraġġiha, iżda kien iwassalha biex titkennen b'fiduċja sħiħa fil-Qalb ta' Kristu. Araw ftit kif kienet tfisser lilha nfisha dwar dan: *"Filwaqt li nħoss il-miżerja estrema tiegħi, ninħeba fil-qiegħ tal-abbiss tat-tjubija bla tarf tal-Kollox tagħna."* (16). *"Iva, maħbuba tiegħi, jien li diġà ilni ħamsin sena bl-imqaddes abitu franġiskan, kemm inħossni mixħuta taħt il-piż ta' djun kbar, ladarba nsibni tant fqira mill-virtù u mill-merti."* (161).

Lid-Direttur Spiritwali tagħha, darba waħda talbitu: *"Berikni u fis-Sagrifiċċju Qaddis offrini vittma biex inkun imsoffija u, imbagħad, ikkunsmata."* (11). Darb'oħra talbitu: *"Offrini fis-Sagrifiċċju qaddis, li nitlob lill-imħabba tiegħek biex tiċċelebrah b'riparazzjoni għall-ingratitudnijiet tiegħi."* (34). U f'okkażżjoni oħra, qaltlu: *"Għażiż Missier, għinni nagħmel għemejjel sinċieri ta' ndiema perfetta u ta' umiltà mill-aktar profonda."* (61).

Lis-Sorijiet tagħha kienet kontinwament tħeġġiġhom għall-umiltà: *"L-isbaħ dota li biha tista' ssir xi ftit għażiża quddiem l-Għarus Divin hi l-imqaddsa umiltà, l-għarfien taċ-ċokon u x-xejn tiegħek."* (166). Darb'oħra kitbet: *"Nitolbu bil-ħeġġa biex il-Qaddisin jgħallmuna l-ispirtu tal-umiltà tassew u l-imħabba safja li bihom waslu għal tant glorja, hemm fuq."* (101).

Wara waħda miż-żjajjar kanoniċi tagħha bħala Superjura Ġenerali, kitbet lis-Sorijiet ta'dik il-Komunità partikulari: *"Inħeġġiġkom biex tissottomettu l-ġudizzju u l-ideat tagħkom; għalhekk, umiltà fil-mod kif taħsbu, umiltà fil-mod kif tirraġunaw, umilta fil-mod kif taħdmu."* (V 17). Darb'oħra stiednet lis-Sorijiet: *"Ejjew nagħmlu gàra dwar min minna hi l-aktar umli, l-aktar lesta u doċli għaċ-ċaħda tal-jien, l-akbar għadu ta' rwieħna."* (147).

Lil waħda reliġjuża, meta kitbitilha dwar il-ħtieġa tal-umiltà, fakkritha wkoll li dik kienet il-virtù li dwarha dejjem kienet tinsisti mas-Sorijiet: *"Intennilek il-kliem tas-soltu tiegħi: kun żgħira, żgħira f'kollox u dejjem; u żgur issib kull sliem u hena f'did-dinja fqajra u, imbagħad, fl-oħra, it-tgħannieqa dejjiema mal-Maħbub."* (128).

**It-Talb ta' Madre Margerita**

It-Talb kien ukoll valur fundamentali fil-ħajja ta' Madre Margerita. Nistgħu ngħidu dwarha dak li ntqal dwar San Franġisk t'Assisi, jiġifieri li Madre Margerita saret talba, għax ħajjitha, bħal ta' Franġisku, kienet taħlita kontinwa ta' mħabba għal Ġesù, ta' ferħ f'Ġesù u ta' djalogu ħerqan ma' Ġesù. Dan kollu hi stess fissritu lil Madre Nazzarena Gouder, meta kitbitilha għal jum il-Professjoni: *"Iva, maħbuba binti, għandek tassew raġun li tifraħ u tgħum fl-imħabba u fl-hena, għax il-ħelu Maħbub li miegħu se tingħaqad hu tassew ħali fil-għana tiegħu. Iva, ifraħ, ħobb u itlob; u fuq kollox, ingħaqad mal-Għarus tiegħek."* (105).

Il-ħajja tat-talb ta' Madre Margerita, kienet tikkonsisti, fuq kollox, f'għaqda kontinwa mal-Qalb Ewkaristika ta' Ġesù, fl-Adorazzjoni, fl-Immolazzjoni u fir-Riparazzjoni tiegħu lill-Missier: *"Ningħaqdu fil-Wisq Qaddisa Qalb Ewkaristika, u noffru lilna nfusna għalina nfusna u għall-bnedmin kollha."* (36).

Dan kollu, Madre Margerita kienet tagħmlu billi, kif kitbet darb'oħra: *"L-għażiż Fiat dejjem f'qalbi: fuq xuftejja radd il-ħajr kontinwu. Bl-umiltà nitolbu maħfra għalina u għal ħutna kollha midinbin."* (39). U darb'oħra: *"Ġesù Ostja jkunilna dejjem is-sieħeb waħdani tagħna, u l-imħabba safja tiegħu tikkunsmana bħal xemgħa fin-nar*

*tiegħu."* (86). U f'okkażżjoni oħra, fissret ruħha hekk: *"L-eżerċizzju waħdieni tiegħi, mhux ħlief att ta' abbandun sħiħ fiH, li hu l-Infinit."* (55).

Fuq kollox, din l-offerta personali fi spirtu t'immolazzjoni, kienet tgħixha waqt il-Quddiesa, kif kemm-il darba stqarret mad-Direttur Spiritwali tagħha: *"Għażiż Missier, fis-Sagrifiċċju Qaddis, offri flimkien mal-Ostja bla tebgħa, ir-ruħ imsejkna u ngrata tiegħi biex tkun maħtufa minn Dak li hu l-Aktar Għoli."* (14).

Ftit espressjonijiet ta' Madre Margerita, juruna, imbagħad, kif kien it-talb tagħha, jew aħjar l-għaqda intima tagħha ma' Ġesù fl-Ewkaristija: *"Immur ħdejn il-Priġunier Re u ninxteħet f'riġlejH: jiġini li nibki ħafna għax qisni nħoss il-ħtijiet u d-dnubiet kollha li jweġġgħu l-Qalb sensibbli tiegħu! ... Drabi oħra nħoss sejħa (mhux bil-widnejn) u mmur u jiġini li ntenni: Għażiż Għarus, għażiż Għarus, b'ħafna tnehid, qalbi tkun qisha trid tinqasam! .. wara att ta' adorazzjoni, ninxteħet ħdejH u skont il-ġibda tal-preżenza tiegħU, inħalliH jeħodni fejn irid."* (63).

Lil waħda reliġjuża kitbitilha: *"Kemm hu sabiħ toqgħod miegħu biss, biss! Ipprova u tħoss xi ħaġa divina, smewwija, tal-ġenna, li ma nafx x'inhi. Iżda jeħtieġ li toqgħod miġbura u distakkata ħafna, biex issibu hekk waħdu, waħdu."* (159). Lil reliġjuża oħra issuġġeritilha: *"Fis-skiet titgħallem titkellem. Fil-mumenti liberi, oqgħod mal-ħelu Ġesù, priġunier tal-imqaddes Tabernaklu; hekk jirnexxilek tiggosta l-hena ġewwieni tal-erwieħ fidili u ġenerużi."* (163). U meta tirreferi għaż-żmien li għaddiet fid-Dar tal-Adorazzjoni, tikteb: *"Inbierku dak iż-żmien li fih għexna għad-dell tal-preżenza reali tal-Ostja bla tebgħa! Qawwiena bil-qawwa tiegħU. Ħarisna u ħbiena taħt ġwenħajH! O! Kemm tħossok sewwa moħbija u mxejna b'dan il-mod!"* (111).

Ninnutaw kif l-ispirtu tat-Talb ta' Madre Margerita, bħal dak tal-Fqajjar t'Assisi, jikkonsisti tassew f'atteġjament ta' tifħir u ta' radd il-ħajr, ta' meditazzjoni u ta' kontemplazzjoni, ta' sentimenti mħeġġin bl-imħabba ħerġin ilkoll minn qalb li kienet tgħix f'esperjenza profonda u kontinwa tal-imħabba li hi Alla u li wriet ruħha lilna fi Kristu.

**Mixja lejn l-Imħabba**

Megħjuna minn dawn l-erba' valuri fundamentali tal-Franġiskaniżmu, Madre Margerita mxiet bil-ħeffa, il-mixja Franġiskana lejn l-Imħabba li tgħaddi minn tliet waqfiet importanti tal-misteri tal-ħajja ta' Kristu li hu l-Inkarnazzjoni tal-Imħabba Divina.

F'Betlem, flimkien ma' Franġisku, Madre Margerita tintilef tikkontempla l-umiljazzjonijiet kbar tal-Bniedem Alla. Fuq il-Kalvarju, hi u tagħraf mal-Fqajjar t'Assisi, l-imħabba li tat ruħha lilna fi tbatijiet tal-għaġeb, fi spirtu ta' kompassjoni tixxennaq li tistkenn fil-Pjagi ta' Kristu, l-aktar f'dik tal-Kustat tiegħu. U hi u tixxemmex fid-dawl qawwi tal-Imħabba li toħroġ mit-Tabernaklu, tixxennaq, kif għamel Franġisku, li tikkonsma ruħha fi spirtu t'immolazzjoni biex tagħmel riparazzjoni għad-dnubiet tad-dinja kollha. Forsi, mhux għalhekk Madre Margerita spiss tistieden lis-Sorijiet tagħha biex bħalha u bħal Franġisku, jikkontemplaw l-imħabba ta' Betlem, tal-Kalvarju u tat-Tabernaklu? *"Inħarsu lejn Ġesù Bambin fil-Għar, fuq il-Kalvarju, u fl-Ewkaristija. X'jgħidilna? Araw kemm inħobbkom!"* (65). U darb'oħra: *"Kemm għandna nistagħġbu meta naraw Alla tliet darbiet qaddis imwieled f'għar u mejjet ma' salib fuq il-Kalvarju u jibqa' kważi mxejjen f'ostja żgħira."* (71).

**Ferħ u Apostolat**

Ir-ruħ Franġiskana li mgħejjuna mill-valuri franġiskani tal-penitenza, faqar, minorità u talb timxi l-mixja tal-imħabba minn Betlem lejn il-Kalvarju u sa ġewwa t-Tabernaklu, issib li qalbha tkun imtliet b'ferħ perfett, b'dik

il-*'perfetta letizia'* tipika tal-ispiritwalità Franġiskana. Dan hu dak il-ferħ li, kif insibu fil-kitba franġiskana *"Mera tal-Perfezzjoni",* Franġisku *"kien jistinka b'ħeġġa qawwija biex ikollu ... l-istess ħaġa kien iħobb jara u kien japprezza fl-aħwa tiegħu."* (95). *Dan il-ferħ, kif kien ifisser Franġisku stess "jiġi minn qalb safja u jinkiseb bil-ġabra tat-talb."* (M.P. 95).

Dan il-ferħ, Madre Margerita kienet qisha tgħum fih. Infatti, darba waħda fissret ruħha mad-Direttur Spiritwali tagħha: *"Grazzi lit-twajjeb Ġesù tagħna, ninsabu fil-quċċata tal-ferħ spiritwali taħt xita abbundanti ta' grazzji smewwija."* (8). Darb'oħra, kitbet lis-Sorijiet: *"Ifirħu dejjem fis-Salvatur tagħna u, fuq kollox, ikbru fl-imħabba safja u fil-fiduċja sħiħa fil-ħarsien patern tal-Providenza Divina."* (152).

Iżda, ir-ruħ Franġiskana, li tesperimenta dan il-ferħ spiritwali f'ħajjitha, tħoss li ma tistax iżżommu għaliha waħedha, u tfittex li taqsmu mal-oħrajn billi tistinka ħalli turihom kemm hu sabiħ, kemm hu tajjeb li TĦOBB L-IMĦABBA, LI TGĦUM FL-IMĦABBA, LI TINTILEF FL-IMĦABBA. Għalhekk, ir-ruħ Franġiskana ssir "appostlu", tinxteħet b'ruħha u ġisimha biex twelled lil Kristu u l-ferħ u l-imħabba tiegħu fil-qlub tal-oħrajn.

Hekk għamel Franġisku, meta fil-Vanġelu tal-Quddiesa, sema' kif Kristu bagħat lid-dixxipli qablu, f'kull belt u raħal fejn kien sejjer Hu. *"Dan irrid"*, qal Franġisku, *"dan nitlob, dan nixxennaq li nagħmel b'qalbi kollha."* (1 Cel 22).

Hekk ukoll ġralha Madre Margerita. L-għajta spissa tagħha kienet: *"Irrid, nixtieq u nixxennaq l-erwieħ, l-erwieħ! Agħtuni erwieħ li jħobbu tassew u b'mod safi lill-Mulej u etern Alla, u nkun hienja, hienja tassew."* (72). Kemm-il darba kienet tqawwi qalb is-Sorijiet: *"Nagħmlu kull ma nistgħu biex inkunu utli fl-għalqa tad-dwieli tal-Mulej: hi kbira tassew!"* (89). Darb'oħra, wara waħda mill-viżti kanoniċi tagħha kitbet lil dik il-komunità partikulari: *"Ħudu ħsieb tassew li żżommu ħajja fi qlubkom il-fjamma tal-imħabba qaddisa, u qawwija l-ħeġġa għall-ġid tal-erwieħ, biex il-ħidma tagħkom, magħquda mat-talb umli u kollu fiduċja, tista' tkabbar dejjem aktar is-saltna ta' Kristu."* (V 14).

Anke lid-Direttur Spiritwali tagħha kienet tħeġġu: *"Naħdmu għall-erwieħ, li huma l-prezz tad-Demm t'Alla, tliet darbiet Qaddis."* (13).

**Għeluq**

Kieku kellna niġbru l-ħajja kollha ta' Franġisku t'Assisi f'żewġ kelmiet, naslu biex ngħidu li Franġisku sar *"appostlu u vittma."* U bir-raġun kollu, għax il-Fqajjar t'Assisi, offra ħajtu bħal sagrifiċċju jfuħ 'l Alla għas-salvazzjoni tal-umanità biex *"jibni l-Knisja li kienet qed tiġġarraf."*

U, nistgħu ngħidu, li dan hu wkoll dak li riedet twettaq Madre Margerita fuq il-passi ta' Franġisku. F'ittra lil waħda mir-Reliġjużi tagħha, kitbet hekk: *"Int taf li aħna vittmi u appostli tal-erwieħ u qabel ma l-kalċi jimtela u jfur, l-erwieħ ma jistgħux igawdu mis-sagrifiċċji u t-talb tagħna."* (148).

U Madre Margerita dan kollu mhux biss għallmitu, iżda wkoll għexitu. U meta f'Jannar 1952 ħajjitha kienet qed tintefa ftit ftit fiċ-ċella tagħha fil-"Casa Madre", is-Sorijiet li spiss kienu jżuruha, kienu jilmħu fuq wiċċha serenità smewwija, serenità li kienet titkellem waħedha u tgħajjat fis-skiet, l-aħħar għajta ta' Ġesù fuq il-Kalvarju: *"Kollox mitmum"*(Ġw. 19,30).

Kollox mitmum għax b'sodisfazzjon spiritwali kienet qed ittemm il-ħajja ta' vittma u ta' appostlu biex tikseb il-premju dejjiemi fil-ġenna. U għax fl-aħħar minuti ta' ħajjitha ma setgħetx titkellem aktar, dawret ħarsitha lejn il-ħajt li kien jifred iċ-ċella tagħha mill-Kor, u b'idha tat daqqiet dgħajfa fuqu, qisha riedet tgħid lil Ġesù: *"Ejja,*

*għax issa ma niflaħx ngħix aktar f'dan l-eżilju, 'l bogħod minnek."* U wara ftit minuti ttajret lejn is-sema pajjiżha.

Ħuti reliġjużi, aħna u nitfgħu ħarsitna lejn is-sema, fejn nittamaw li aħna wkoll għad naslu, ejjew niddeċiedu li, bis-serjetà kollha, rridu nfasslu ħajjitna fuq l-ispirtu franġiskan li l-omm għażiża tagħna għexet b'tant għożża. Ejjew ngħixu l-valuri franġiskani tal-Penitenza, tal-Faqar, tal-Minorità u tat-Talb. Ejjew nimxu t-triq franġiskana tal-imħabba minn Betlem, lejn il-Kalvarju, u sa ġot-Tabernaklu.

Ejjew, fuq kollox, inħallu l-ferħ sħiħ ta' Kristu jqanqalna biex naħdmu bl-enerġija tagħna kollha, ħalli nilħqu l-idejal apostoliku ta' Franġisku t'Assisi u ta' Madre Margerita, jiġifieri, li L-IMĦABBA TKUN MAGĦRUFA U MAĦBUBA MINN KULĦADD U KULLIMKIEN.

*****************************************************************

# MADRE MARGERITA DE BRINCAT:

# MARA TA’ ĦILA (1992)

**<u>Daħla</u>**

*“Mara ta’ ħila min isibha? Tiswa ħafna aktar mill-ġawhar ... tħażżem ġenbejha bil-qawwa ... tiftaħ mal-fqir idejha, tmidd idejha lejn l-imsejken ... kliem il-għerf għandha fuq fommha, kliem it-tjieba fuq ilsienha ... mara li tibża’ mill-Mulej ta’ min ifaħħarha.”* (Prov. 31: 10, 17, 20, 26, 30).

Il-Ktieb tal-Proverbji, jiġi fit-tmiem b’innu sabiħ ta’ tifħir lill-*“mara ta’ ħila”*. U f’dan it-tifħir, fost ħafna kwalitajiet sbieħ tal-mara, għandna minn ta’ quddiem, il-ħeġġa tagħha għax-xogħol, - *“tħażżem ġenbejha bil-qawwa”,* - l-attenzjoni tagħha għall-fqir u għall-imsejken, - *“tiftaħ mal-fqir idejha, tmidd idejha lejn l-imsejken”*, - u l-għotja sħiħa tagħha 'l Alla, - *“mara li tibża’ mill-Mulej ta’ min ifaħħarha.”*

**Il-‘Mulieris Dignitatem’**

Il-Papa Ġwanni Pawlu II, fl-Enċiklika tiegħu *“Mulieris Dignitatem”*”dwar id-dinjità u l-vokazzjoni tal-mara, jitkellem hekk dwar il-“*mara ta’ ħila”: “Il-mara, meta tagħraf xi dmir ġie afdat lilha, tkun mara ta’ ħila, u tkun mara ta’ ħila għaliex Alla jafdalha l-bniedem, dejjem u kullimkien, ukoll f’qagħdiet ta’ diskriminazzjoni soċjali li fihom tista’ ssib ruħha. Dan l-għarfien u din il-vokazzjoni fundamentali tal-mara juru lill-mara x’inhi d-dinjità li rċeviet mingħand Alla; b’hekk issir il-mara ta’ ħila li titwettaq fil-vokazzjoni tagħha. B’hekk il-mara ta’ ħila ssir għajnuna meħtieġa fuq li meħtieġa, għall-oħrajn kollha, u bidu ta’ qawwa spiritwali għal dawk kollha li jgawdu mill-qawwa kbira ta’ qalbha. Ma’ dawn “in-nisa ta’ ħila” għandhom dejn kbir kemm il-familji tagħhom u kemm nazzjonijiet sħaħ!”* (30).

Minħabba dan kollu, il-Papa, lejn tmiem l-istess Enċiklika, ħass il-bżonn li jfisser ir-radd il-ħajr tal-Knisja, lil dawn in-“nisa ta’ ħila”: *“Il-Knisja trodd ħajr għall-manifestazzjonijiet kollha tal-ħila tal-mara li dehru tul iż-żminijiet fil-popli u n-nazzjonijiet kollha; trodd ħajr għall-kariżmi kollha li l-Ispirtu s-Santu ta lin-nisa fil-ġrajja tal-Poplu ta’ Alla, għar-rebħiet kollha li kisbu bil-fidi, it-tama u l-imħabba tagħhom; trodd ħajr għall-frott kollu tal-qdusija tan-nisa.”*(31).

Fl-istess ħin il-Knisja titlob li *“d-doni kollha tal-Ispirtu ta’ siwi kbir li, b’id miftuħa, ingħataw lill-‘bniet’ ta’ Ġerusalemm ta’ dejjem, ikunu magħrufin u apprezzati biex ikunu ta’ ġid għal kulħadd, għall-Knisja, u għall-familja kollha tal-bnedmin, speċjalment fiż-żminijiet ta’ llum”* (31).

**Madre Margerita**

Illum, qegħdin infakkru l-erbgħin sena mill-mewt ta’ Madre Margerita De Brincat, Fundatriċi tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta’ Ġesù, li ġrat kmieni fil-għodu tat-22 ta’ Jannar 1952, hawnhekk fil-“Casa Madre” tal-Kongregazzjoni. Nistgħu ngħidu li Madre Margerita kienet waħda minn dawn in-*“nisa ta’ ħila”* li minħabba fihom il-Knisja trodd ħajr lil Alla.

Madre Margerita kienet tassew *“mara ta’ ħila”* li bi qdusitha, bil-kariżma mnebbħa lilha mill-Ispirtu s-Santu, u bil-kuraġġ tagħha mibni fuq il-fiduċja qawwija li kellha fil-ħarsien Providenzjali tal-Imħabba li mhix maħbuba għax mhix magħrufa, ħalliet lill-Knisja u lid-dinja, familja reliġjuża li xerrdet ħidmitha f’ħafna pajjiżi tad-dinja.

Meta fl-1980 il-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù kienet qed tfakkar l-ewwel ċentinarju mit-Twaqqif tagħha, l-Isqof t'Għawdex, l-Eċċ Tiegħu Mons Nikol Cauchi, ħareġ Ittra Pastorali tal-okkażżjoni fejn, fost l-oħrajn kiteb: *"Din il-ġrajja taċ-ċentinarju għandha ġġegħelna nirriflettu fuq ix-xhieda nisranija ta' dik li kienet strument f'idejn Alla biex jitwaqqaf dan l-ordni reliġjuż u fuq it-tagħlim li nistgħu nisiltu minn ħajjitha għaż-żminijiet tagħna. Hija kienet xebba prudenti u kuraġġjuża li ma qatgħetx qalbha mill-problemi li kull organizzazzjoni ġdida tiltaqa' magħhom, għax għarfet sewwa d-dinjità tagħha ta' mara nisranija ... Bil-ferħ u l-ġenerożità hija aċċettat is-sejħa tagħha li tikkonsagra ħajjitha lil Alla u dan il-fatt jixħet dawl fuq is-sbuħija u l-valur tal-vokazzjoni reliġjuża."*

Minħabba dan kollu, waqt din iċ-Ċelebrazzjoni Ewkaristika tal-lejla, ejjew ningħaqdu mas-sentimenti ta' radd l-ħajr li fisser il-Papa Ġwanni Pawlu II fil-*'Mulieris Dignitatem'*, għax tassew f'Madre Margerita, Alla offrielna mill-qrib, minn fost ix-xbejbiet tagħna, *"mara ta'  ħila"* li jeħtieġ nagħrfuha u napprezzawha dejjem aktar.

**Il-Karatteristiċi ta' "Mara ta' Ħila"**

Biex nagħrfu u napprezzaw tassew lil Madre Margerita bħala *"mara ta' ħila"*, hu xieraq li nagħmlu mistoqsija mportanti: liema huma l-karatteristiċi ta'  *"mara ta' ħila"*, jew aħjar, minn fejn naslu biex nagħrfu li mara tkun tassew *"ta' ħila"*?

Il-Papa Ġwanni Pawlu II, fl-Enċiklika tiegħu *"Redemptoris Mater",* jagħtina tweġiba ċara u eżatta għal din il-mistoqsija fundamentali: *"Il-figura ta' Marija ta' Nazaret, titfa dawl fuq il-femminilità bħala tali minħabba l-frott li Alla, fil-ġrajja kbira tal-Inkarnazzjoni tal-Iben, fada lilu nnifsu għall-ministeru ħieles u attiv ta' mara. Għalhekk jista' jingħad li n-nisa, huma u jħarsu lejn Marija, isibu fiha s-sigriet tal-għixien dinjituż tal-femminilità tagħhom, u tal-kisba tal-milja vera tagħhom. Għad-dawl ta' Marija, il-Knisja tara f'wiċċ il-mara, ir-rifless ta' sbuħija li tirrifletti l-ogħla sentimenti li għalihom tista' tasal qalb il-bniedem: is-sbuħija tal-għotja personali fl-imħabba; il-qawwa li tista' tilqa' l-akbar tbatijiet; fedeltà bla qies u dedikazzjoni li ma tgħejjiex għax-xogħol; is-setgħa li tgħaqqad intuwizzjoni fonda ma' kliem ta' għajnuna u kuraġġ."* (46).

Skont il-Papa, mela, l-għixien dinjituż tal-femminilità, jew aħjar il-fatt li jkollok *"mara ta' ħila"*, jidher ċar minn dawn l-erba' kwalitajiet li semma f'din l-Enċiklika: kwalitajiet li spikkaw fil-Verġni Marija u li jirriflettu ruħhom f'kull *"mara ta' ħila"*. Nerġgħu nsemmuhom:

- Is-sbuħija tal-għotja personali fl-imħabba;
- Il-qawwa li tilqa' l-akbar tbatijiet;
- Fedeltà bla qjies u dedikazzjoni li ma tgħejjiex għax-xogħol;
- Is-setgħa li tgħaqqad intuwizzjoni fonda ma' kliem ta' għajnuna u kuraġġ.

Ngħaddu issa, biex naraw kemm dawn l-erba' karatteristiċi ta' femminilità  dinjituża kienu jinsabu b'mod mill-aktar ċar f'Madre Margerita, il-Fundatriċi tagħna, b'tali mod li nisgħu naslu biex insejħulha bit-titlu bibliku *"mara ta' ħila"*. Dan irridu nagħmluh fi spirtu ta' umiltà, u, fuq kollox, fi spirtu ta' radd il-ħajr lil DAK li kif spiss tenniet Madre Margerita stess, hu l-Arkitett ta' kollox.

1. **Is-sbuħija tal-għotja personali fl-imħabba**

Nistgħu ngħidu li l-mara, skont il-pjan tal-Ħallieq, ġiet magħmula biex tingħata, biex tkun don, rigal ġenwin. U kulħadd jaqbel li l-għotja tal-mara tispikka, hi aktar sħiħa u ġeneruża minn dik tar-raġel. Il-Papa Ġwanni Pawlu II, fil-*"Mulieris Dignitatem"* qal hekk: *"Il-mara 'tiżżewweġ' kemm bis-Sagrament taż-żwieġ, kif ukoll spiritwalment b'għerusija ma' Kristu. Iż-żwieġ kemm dak Sagramentali u kemm dak spiritwali, jitlob minnha 'l-*

*għoti sħiħ tagħha nfisha minn qalbha' lill-għarus tagħha. F'dan is-sens, nistgħu ngħidu li ż-żwieġ tassew jidher spiritwalment fil-verġinità."* (21)

Infatti, ftit qabel dan il-kliem, waqt li l-Papa fl-istess Enċiklika kien qed jitkellem mill-maternità spiritwali tal-mara kkonsagrata, kiteb: *"Il-mara kkonsagrata ssib l-Għarus tagħha, differenti imma wieħed, f'kulħadd u f'kull wieħed, skont il-kelma tal-Għarus innifsu: 'kull ma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi' (Mt 25: 40). L-imħabba ta' għerusija ġġib magħha rieda ħerqana li tħaddan magħha lil dawk li magħhom twettaq il-ħidma tagħha ... Fil-verġinità din il-ħerqa turi ruħha lejn dawk kollha li huma mħaddnin għall-imħabba ta' Kristu".* (21).

Jekk minn dan il-kliem tal-Papa nitfgħu ħarsitna fuq Madre Margerita, ninnutaw kemm kienet qawwija fiha din l-ewwel karatteristika li tagħmilha *"mara ta' ħila"*, is-sħuħija tal-għotja tagħha fl-imħabba. Sa minn meta kellha 14-il sena, tat xhieda ċara ta' dan. Nafu li fl-1876, bil-permess tad-Direttur Spiritwali tagħha, għamlet il-wegħda privata li tgħix il-verġinità għal ħajjitha kollha. F'dan il-waqt kmieni ta' ħajjitha, diġà kellha b'mod ċar fi ħisibijietha dan il-valur hekk importanti li minħabba fih, ikkonsagrat ħajjitha lil Alla, biex tkun kollha kemm hi ta' Kristu, u fi Kristu, ta' dawk kollha li huma tiegħu.

Madre Margerita fehmet sewwa l-ħtieġa li tkun għotja sħiħa. Isimgħu kif fissret din ix-xewqa fundamentali tagħha, f'waħda mill-ittri li kitbet: *"O, li kieku nista' nħalli ħajti fil-ħidma li nagħmel fil-Komunità, għall-imħabba tal-Għarus Waħdieni tiegħi!!! O, kemm kont immut ħienja! Iva, nittama fil-ħniena tiegħu li tingħatali din il-grazzja!"* (130)

Darba waħda, hi u tikteb lid-Direttur Spiritwali tagħha, Mons Alfons Agius, fissret ruħha hekk: *"Nissagrifikaw kollox, nagħtuH kollox, kull m'għandna u kull ma aħna, u Hu jissuplixxi għall-bqija kollu".* (52). Lil waħda reliġjuża li għamlet żmien twil marida fis-sodda, kitbitilha hekk: *"Mhux veru, għażiża tiegħi ... li jridna ninsew lilna nfusna u l-ħolqien kollu biex ngħixu biss miegħU, biH u fiH?"* (138). F'okkażżjoni oħra, fissret ix-xewqa tagħha li jkollha Sorijiet li jgħixu s-sbuħija tal-għotja personali tagħhom fl-imħabba, bil-kliem li ġej: *"O kemm nifraħ li għandi wlied tant hienja li jagħtu lilhom infushom kollhom kemm huma għall-imħabba safja tiegħu! O, kemm nitolbu minn qalbi biex jgħinhom jipperseveraw u jikbru dejjem aktar fil-grazzji tiegħu!"* (105)

Kieku kellna nkomplu nsemmu siltiet mill-ittri ta' Madre Margerita li jfissru l-għotja sħiħa tagħha, ma nispiċċaw qatt, għax ħajjitha kollha kienet indirizzata lejn dan il-għan, u l-aqwa xewqat tagħha kienu li jkollha Sorijiet li jgħixu din l-għotja sħiħa. Iżda ejja nagħlqu dwar dan il-punt b'silta minn talba li hi kitbet fl-1891, biex nagħmluha tagħna: *"Nifhem li mil-lum 'l quddiem niffissa ħarsti Fik, imsallab għalija, u li t-tama vera u waħdanija tiegħi tkun Fik Priġunier fl-Imqaddes Tabernaklu tal-Imħabba, biex mgħejjuna u mfarrġa minnek, nibda u nkompli sal-aħħar it-triq kollha tbatija tal-imħabba qaddisa tiegħek!"*

2. **Il-qawwa li kapaċi tilqa' l-akbar tbatijiet**

Ħafna kienu n-nies li matul kull żmien baqgħu msemmija għat-tbatijiet li għaddew minnhom. Ħafna oħrajn batew fis-skiet, mingħajr ma l-istorja tat każhom. Il-Verġni Marija *"wieqfa"* ħdejn is-Salib ta' Binha Ġesù fuq il-Kalvarju (Ġw. 19,25), hi x-xempju tal-mara li taf tilqa' l-akbar tbatijiet u, fuq kollox, taf tilqagħhom fis-skiet.

Nisimgħu x'qalilna l-Papa fil-*"Mulieris Dignitatem"* dwar dan il-punt: *"Aħna u nikkontemplaw l-Omm, li sejf ta' niket nifdilha ruħha, naħsbu ukoll fin-nisa kollha li qed ibatu fid-dinja sew fir-ruħ u sew fil-ġisem. F'din it-tbatija għandha sehem sewwa n-natura proprja tal-mara li spiss tiflaħ għat-tbatija aktar mir-raġel. Hi ħaġa iebsa tgħid kemm huma dawn it-tbatijiet ... B'dawn it-tbatijiet ukoll irridu nieqfu ħdejn is-Salib ta' Kristu."* (19).

Li Madre Margerita kellha tgħaddi minn ħafna tbatijiet huwa evidenti ħafna, meta wieħed jikkunsidra li kienet hi li nisslet, welldet u kabbret il-Kongregazzjoni Reliġjuża li sa minn żmienha firxet il-friegħi tagħha mhux biss f'Malta kollha, iżda f'għadd ta' pajjiżi barranin. U kif qalilna Kristu stess *"il-mara meta tkun se tiled tħossha mdejqa, għax tkun waslet is-siegħa tagħha, iżda meta tkun twieldet it-tarbija ma tiftakarx iżjed fl-uġigħ, bil-ferħ li twieled bniedem fid-dinja".* (Ġw 16:21). U min jaf kemm-il darba Madre Margerita kellha tgħaddi minn dan l-*"uġigħ tal-ħlas"*! Żgur li għaddiet minnu meta ġiet biex tnissel Djar ġodda, ħidmiet u proġetti ġodda għall-Kongregazzjoni tagħha. Min jaf minn liema tbatijiet għaddiet Madre Margerita meta matul il-ħidma tagħha fil-Kongregazzjoni kellha tgħaddi mill-esperjenzi tal-biża' taż-żewġ gwerer dinjija, b'tant ulied spiritwali jaħdmu 'l hawn u 'l hemm b'tant perikli għal ruħhom u għal saħħithom! Kif qal il-Papa dwar it-tbatijiet tal-mara: *"hi ħaġa iebsa ssemmihom kollha: iżda nista' nsemmi l-ħerqa tal-omm għal uliedha!"* (M.D.,19), hekk ukoll irrid ngħid jien dwar Madre Margerita. Dik il-ħerqa li kellha għall-ulied spiritwali tagħha min jaf xi tbatijiet wasslitha tesperimenta f'ħajjitha!

Iżda nafu li Madre Margerita kienet bniedma li tispira kuraġġ. L-għajta tagħha *"Kuraġġ qawwi, qawwi!"* żgur li kienet tgħin mhux biss lil min kienet tingħad jew tinkiteb, iżda wkoll kienet tqawwi lilha nfisha biex tilqa' kull xorta ta' tbatijiet bil-kuraġġ u l-qawwa kollha. Infatti, meta mardet u l-fatt stess li ma setgħetx taħdem kemm riedet kien ta' tbatija kbira għaliha, kitbet hekk lid-Direttur Spiritwali: *"X'kalċi ħejjieli l-ħelu Ġesù għall-ħajja ġdida tiegħi! ... jixraqli agħar għall-ingratitudnijiet tiegħi!! Nilqgħu bil-qalb u f'abbandun sħiħ, nittama li nissodisfa lill-Qalb Maħbuba tiegħu!!"* (33).

Waħda mix-xewqat il-kbar tagħha kienet li t-tbatijiet jgħinuha tagħmel minnha nfisha *"immolazzjoni"* biex tissieħeb mill-qrib fl-immolazzjoni tal-Għarus Imsallab tagħha. Hekk fissret ruħha f'waħda mill-ittri tagħha: *"Nixtieq nagħmel immolazzjoni sħiħa tiegħi innifsi f'ġieħ Dak li tant iħobbna ... l-ispirtu hu dejjem lest, minkejja li n-natura ma tiħux gost."* (156). Lis-sorijiet tagħha kienet dejjem tħarriġhom fl-eżerċizzju tant siewi tat-tbatija: *"Mingħajr imħabba kbira għat-tbatija, għas-sagrifiċċji, għall-umiljazzjoni ma jkunx hemm imħabba tassew."* (65) U biex tagħmlilhom kuraġġ, kienet tgħidilhom: *"Inħossni wisq ħienja li nbati ... Tant jien għatxana biex inbati li t-tbatijiet li għaddejja minnhom jidhirli li huma ftit wisq biex nikkuntenta lil Ġesù tiegħi."* (148).

Ikollna ngħidu bis-sinċerità kollha: x'qawwa kellha Madre Margerita quddiem tbatijiet kbar li l-Mulej għoġbu jgħaddiha minnhom! Tassew kienet *"mara ta' ħila"*.

3. **Fedeltà bla qjies u dedikazzjoni li ma tgħejjiex għax-xogħol**

Ir-ruħ li tassew trid tgħix l-għotja sħiħa tagħha, ma tistax tonqos mill-fedeltà lejn din l-għotja tagħha; ma tgħejjiex fix-xogħol tagħha. Dak li l-Profeta Isaija qalilna dwar il-Qaddej ta' Jahve: *"Ma jeghjiex, ma jitfarrakx, sakemm ma jwaqqafx il-ġustizzja fuq l-art."* (Is 42:4), nistgħu ngħiduh dwar il-*"mara ta' ħila"* li bl-għotja sħiħa tagħha issir il-qaddejja tal-Mulej. Il-Papa fil-*"Mulieris Dignitatem"* kiteb: *"Fil-ħajja tan-nisa kkonsagrati lil Alla li jgħixu skont il-kariżmi u r-regoli tal-ħafna istituti tal-appostolat, il-maternità tista' turi ruħha fil-ħsieb ħerqan għan-nies, l-aktar għal dawk li huma l-aktar fqar ... għal min hu mwarrab min-nies".* (21).

Din il-ħerqa mimlija fedeltà, din id-dedikazzjoni li qatt ma tgħejja kienet ċara ħafna fil-*"mara ta' ħila"* li qed nitkellmu dwarha fl-okkażżjoni ta' llum. Sal-aħħar snin ta' ħajjitha kienet qisha misjuqa mix-xewqa l-kbira tagħha, li *"l-Imħabba tkun magħrufa u maħbuba"*. Isimgħu x'kitbet lil Mons Agius, ftit snin qabel mewtha: *"Missier, fil-ġewwieni tiegħi spiss inħoss din il-karba: l-Imħabba mhix maħbuba, l-imħabba mhix magħrufa ... X'jista' jsir biex nikkuntetawH? X'nista' nagħti biex tingħatalu mħabba safja? Biex inħobb mhux bil-kliem, imma bil-fatti?"* (63). Snin qabel kienet kitbet: *"Neħtieġu saħħa u spirtu kbir ta' sagrifiċċju u ta' ħeġġa tassew mixgħula għall-erwieħ"* (20). Darb'oħra stqarret: *"Ir-ruħ tiegħi tixtieq tixxejjen biex issalva l-erwieħ ... biex ittaffi l-għatx tal-Qalb maħbuba ta' Ġesù tagħna".* (32).

Lis-Sorijiet tagħha, imbagħad, kienet spiss tistedinhom għal din il-fedeltà bla qjies u tqawwilhom qalbhom biex qatt ma jgħejjew fix-xogħol tagħhom. *"Aħdem, għażiża binti, iva, aħdem fil-għalqa tad-dwieli li t-twajjeb Ġesù tagħna fdalek."* (120) Lil soru oħra, f'okkażżjoni oħra kitbitilha: *"Il-ħelu Ġesù tagħna joffrilna oqsma x'naħdmu u x'nikkultivaw; iva, nagħmlu ħilitna kollha biex inkunulu ġenerużi f'li nikkorispondu mas-sejħat ta' mħabba tiegħu".* (66). Darb'oħra lil waħda reliġjuża oħra, fissritilha fid-dettal: *"Int taf li aħna vittmi u appostli tal-erwieħ, u qabel mal-kalċi tagħna jimtela, l-erwieħ ma jistgħux igawdu mis-sagrifiċċji u t-talb tagħna. Jeħtieġ inkunu ġenerużi biex il-kalċi tagħna jimtela malajr u l-erwieħ imsejkna tal-midinbin igawdu minnu dejjem aktar."* (148).

Minn dan kollu nistgħu nindunaw sewwa b'liema fedeltà u b'liema ġenerożità Madre Margerita, bħala *"mara ta' ħila"* għexet il-vokazzjoni tal-għotja sħiħa tagħha!

4. **Il-kapaċità li tgħaqqad intuwizzjoni fonda ma' kliem ta' għajnuna u kuraġġ**

Dejjem qrajt u smajt jingħad li l-mara għandha sitt sensi u mhux ħamsa bħalma għandu r-raġel: is-sitt sens jikkonsisti fl-intuwizzjoni fonda li biha l-mara tagħraf il-ħtiġijiet tal-bniedem. Meta, mbagħad, il-mara tkun tassew mara, tagħmel ħilitha kollha biex tgħin f'dawk il-ħtiġijiet. Minn fejn jitnissel dan is-sitt sens tal-intuwizzjoni fil-mara? Nisimgħu lill-Papa jfissrilna dan il-punt importanti fil-*"Mulieris Dignitatem"*: *"Il-maternità għandha rabta speċjali mal-misteru tal-ħajja, li qed tissawwar fi ħdan il-mara. L-omm timtela b'ammirazzjoni għal dan il-misteru tal-ħajja u tintebaħ fiha nfisha u tifhem dak li qed iseħħ fi ħdanha. Fid-dawl tal-'bidu', l-omm tilqa' lil dak li qed jissawwar fi ħdanha u tħobbu bħala persuna. Dan il-kuntatt, ma hemmx ieħor bħalu, tal-omm mal-bniedem ġdid li qed jissawwar fi ħdanha, jwassalha biex tħares lejn il-bniedem – mhux biss lejn binha, imma lejn kull bniedem – b'mod li juri l-kobor tal-personalità tal-mara. Ġeneralment, il-fehma hi li l-mara, aktar mir-raġel, kapaċi tifhem bniedem, u l-maternità tgħinha ġġib ħafna 'l quddiem dan in-natural tagħha."* (18).

Mela, skont dawn il-ħsibijiet sbieħ tal-Papa, l-intuwizzjoni li teżisti fil-karattru tal-mara, hi riżultat tal-kapaċità tagħha li tkun omm u, allura li tifhem lill-bniedem fil-ġewwieni tagħha. U aktar ma jkun qawwi l-ispirtu matern tal-mara, aktar tkun fonda u qawwija l-intuwizzjoni tagħha.

Quddiem dan il-fatt jeħtieġ li nsaqsu: kien xejn qawwi l-ispirtu matern ta' Madre Margerita? Nisiltu tweġiba mill-kitbiet tagħha lis-Sorijiet: *"Ngħannaqkom kollha, waħda waħda fil-Kustat Qaddis"* (142). Darb'oħra, billi ma setgħetx tkun preżenti għall-Professjoni ta' xi Sorijiet, billi kienet Troina fi Sqallija għall-ftuħ tad-Dar t'hemm, kitbet: *"Mill-bogħod naħseb dwarkom li fi ftit jiem se tagħmlu l-Professjoni".* (66). Lil waħda mis-Superjuri kitbitilha hekk: *"Ngħidlek biex tagħmel kull ma tista' biex lis-Sorijiet tagħtihom dak kollu li jista' jgħinhom kemm fir-ruħ, kif ukoll fl-istudju, eċċ."* (81).

L-interess matern tagħha kien jolqot lil kull waħda mis-Sorijiet individwalment: *"Ninteressa ruħi tassew fl-affarijiet tal-Kongregazzjoni fqajra tagħna u tal-membri tagħha, nixtieq inkun naf dwar kull waħda b'mod partikulari."* (108). U darb'oħra: *"Nixtieq ngħannaqkom ilkoll, ilkoll, waħda, waħda ... nixtieq insemmikom ilkoll iżda ma niftakarx l-ismijiet kollha. Insomma nagħtikom tgħannieqa tenera fil-Qalb Qaddisa tal-wisq Ħelu Għarus tagħna Ġesù."* (114)

Hemm ħafna aktar x'tgħid dwar l-ispirtu matern qawwi ta' Madre Margerita. Żgur li minn dan l-ispirtu matern kienet toħroġ intuwizzjoni fonda li biha kienet tagħraf il-ħtiġijiet kemm tas-Sorijiet tagħha kif ukoll tas-soċjetà ta' madwarha. U quddiem l-għarfien ta' xi ħtiġijiet qatt ma baqgħet passiva. L-istess ħidmiet li rawmet fil-Kongregazzjoni tagħha huma xhieda ta' dan.

Iżda billi l-qawwa tal-intuwizzjoni femminili tispikka aktar fuq livell individwali u personali, insibu ħafna okkażżjonijiet fejn Madre Margerita kienet tipprova tgħin bi kliemha dak li kienet tagħraf fil-ġewwieni tal-"ġuf" matern tagħha. Lil waħda reliġjuża li, milli jidher kienet tħobb tibki lilha nfisha, kitbitilha: *"Minflok ma tibki u taqta' qalbek, aktar għandek tumilja ruħek quddiem tjubitu u itolbu maħfra għal tant dgħufija li għad hemm fik, u bil-kuraġġ iddeċiedi li tagħmel kull ma tista' biex tikkorieġi ruħek malajr: dan hu li qed jieħdok lura u mhux ix-xogħol li tatek l-imqaddsa Ubbidjenza."* (80).

Dwar sitwazzjonijiet bħal dawn, Madre Margerita li kienet taf xi ħsara jġib l-'amor proprju' fil-ħajja spiritwali, kellha dejjem lesta kelma qawwija ta' għajnuna u kuraġġ: *"Ma rridekx tgħarrafni aktar bid-dmugħ tiegħek, jiġifieri, ma rridekx tibki aktar dwar dawn l-affarijiet, iżda għall-offiżi li jsiru lill-ħelu Ġesù"* (143).

Madre Margerita, immexxija minn intuwizzjoni fonda, kellha wkoll kelma ta' kuraġġ għal min jinduna bl-iżbalji tiegħu fil-ħidma sinċiera ta' konverżjoni: *"Fl-aħħar ikkonvinċejt ruħek dwar il-miżerji tiegħek, iżda mhux biex taqta' qalbek, imma biex tumilja ruħek u biex tafda aktar fit-tjubija tal-ħelu u maħbub Ġesù tagħna"* (145).

Ninnutaw x'ħila kellha Madre Margerita, li tgħaqqad mal-intuwizzjoni fonda tagħha, kliem ta' għajnuna u ta' kuraġġ. Żgur li ma nistgħux niddubitaw li l-Fundatriċi kienet tassew *"mara ta' ħila"*.

**<u>Għeluq</u>**

Fl-okkażżjoni tal-lejla, tajna ħarsa ħafifa lejn il-karatteristiċi femminili ta' Madre Margerita li jagħmluha *"mara ta' ħila"*. Bħala għeluq ta' dawn il-ħsibijiet, nixtieq nagħti ħarsa qasira lejn ix-xbiha ta' Madre Margerita li drajna naraw f'idejna u li hi meħuda minn ritratt għall-Passaport tas-sena 1924. Minn din il-ħarsa nifhmu li tassew għandna x'naqsmu ma' *"mara ta' ħila"*. Il-ħarsa tagħha, deċisiva u serja, imma fl-istess ħin kollha mħabba, turina li kienet kapaċi tinżel fil-fond ta' kull sitwazzjoni u hemm tiltaqa' mal-imħabba ta' Alla u b'hekk setgħet tagħti dejjem it-tweġiba ta' mħabbitha.

Ix-xufftejn tagħha, ftit u xejn imbexxqin, juru li kienet irżina u meqjusa fi kliemha, iżda, fl-istess ħin, kellha dejjem fuq fommha kelma ta' ġid, ta' kuraġġ u ta' għajnuna.

Il-bixra ġenerali ta' wiċċha, tagħtik x'tifhem li Madre Margerita kienet persuna ta' esperjenza, li għaddiet minn għadd ta' ċirkustanzi li fihom dejjem semgħet il-leħen t'Alla jkellimha, u bil-kuraġġ kollu, dejjem għamlet ħilitha biex ittennilu l-FIAT tagħha. Kollox ma' kollox, naslu biex intennu li Madre Margerita kienet tassew *"mara ta' ħila"* li s-siwi tagħha jeħtieġ inkomplu niskopruh u ngħarbluh mal-mixja tas-snin li ġejjin.

Għaddew 40 sena minn mewtha! Inroddu ħajr 'l Alla li għoġbu jagħtihielna! Iżda ejjew nitolbu u naħdmu għalenija biex niskopru, ngħożżu u ngħixu l-kariżma spiritwali li l-Mulej ried jgħaddilna permezz tagħha.

Iżda, fuq kollox, nitolbu biex fil-Kongregazzjoni għażiża tagħha, fost is-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, jkollna aktar *"nisa ta' ħila"* li bħalha u fuq il-passi tagħha, iħobbu l-imħabba li mhix maħbuba, jagħtu ħajjithom kollha biex din l-Imħabba tkun magħrufa kullimkien u minn kulħadd, u jxandru mal-erbat irjieħ li fuq l-artal, fit-Tabernaklu, hemm il-Qalb tal-Priġunier divin, li tħeġġeġ bl-imħabba għall-bnedmin kollha (ara: "Kostituzzjonijiet', 83), u tridhom iħobbuha u jagħmlu l-għamara tagħhom fiha. Din hi s-sejħa li jeħtieġ li nilqgħu bil-fedeltà kollha, sejħa li ħierġa mill-qalb twajba u sħiħa ta' Madre Margerita, il-*"mara ta' ħila"* ta' żminijietna.

=============================================

# MADRE MARGERITA: MIBNIJA FUQ KRISTU (1993)

*"Intom il-bini ta' Alla ... Pedament ieħor ħadd ma jista' jqiegħed ħlief dak li diġà tqiegħed, Ġesù Kristu."* (1 Kor 3: 9-10*).*

*"Kristu Ġesù hu l-ġebla tax-xewka. Fih il-bini kollu, marbut sewwa, jitla' f'tempju qaddis fil-Mulej".* (Ef. 2: 20-21).

**Daħla**

Fuq il-pedament li hu Kristu, hi mibnija l-Knisja. Infatti, l-Konċilju Vatikan II għallimna fil-*"Lumen Gentium"*: "*Fuq dan il-pedament – Kristu – il-Knisja nbniet mill-Appostli u fuqu hija tieħu saħħa u rbit".* (6). U ladarba l-Knisja hi x-xirka tagħna l-insara, kull ruħ nisranija għandha tibni u torbot u ssaħħaħ l-eżistenza spiritwali tagħha fuq Ġesù Kristu.

Ġesù Kristu jeħtieġ ikun iċ-ċentru tal-ħsibijiet, tad-deċiżjonijiet u tal-ħidmiet ta' kull nisrani. Jeħtieġ li Kristu jkun l-ewwel f'kollox u jimla kollox. San Pawl, li hu l-għajn li minn tagħlimu tnixxi din id-duttrina li tqiegħed lil Kristu Ġesù bħala l-pedament tal-ħajja nisranija, tana ħafna indikazzjonijiet ċari u prattiċi dwar kif dan jista' jseħħ tassew. Araw x'uħud minnhom:

- *"ngħix, imma mhux jien, iżda jgħix fija Kristu."* (Gal 2: 20);
- *"intom ilqajtu lil Sidna Ġesù Kristu; għixu mela magħqudin miegħu; niżżlu għeruqkom fih, u ibnu l-ħajja tagħkom fuqu"* (Kol 2: 6-7);
- *"aqdu lil Kristu Sidna"* (Kol 3: 24);
- *"nixtieq nintemm u nkun ma' Kristu"* (Fil 1: 23);
- *"aħsbu bħal ma kien jaħseb Kristu Ġesù"* (Fil 2: 5).

Il-Qaddisin kollha saru qaddisin għax għarfu l-ħtieġa li jiltaqgħu ma' Kristu u jinbnew fuqu u li jqegħduh bħala ċ-ċentru tal-eżistenza tagħhom. Min-naħa l-oħra l-qaddisin stinkaw kemm felħu biex jimitawh u jingħaqdu miegħu kemm jista' jkun mill-qrib billi jagħmlu tagħhom l-istess sentimenti ta' Qalbu.

Fost il-Qaddisin kollha, niltaqgħu mal-Fqajjar ta' Assisi li mhux biss fehem din il-verità imma fittex li jagħmel minnha l-ħsieb ewlieni li jmexxih u jimbuttah 'l quddiem bla heda. Bħal San Pawl, San Franġisk ma riedx ikun jaf ħaġa oħra, ħlief lil Ġesù Kristu u dan Imsallab. Bħala eżempju ta' kemm tassew ried li jkun hekk, fl-Ittra li kiteb lill-Kapitlu Ġenerali u lill-Aħwa kollha tal-Ordni tiegħu, insibu: *"O Alla li tista' kollox .. agħti lilna msejknin il-grazzja li ... nkunu nistgħu nimxu fuq il-passi ta' Ibnek, il-Mulej tagħna Ġesù Kristu, u megħjunin mill-grazzja tiegħek biss naslu għandek ..."*

Minn din is-silta, u minn għadd bla tarf ta' oħrajn bħalha li nsibu fil-Kitbiet ta' San Franġisk t'Assisi, naslu malajr għall-konklużjoni dwar kemm l-ispiritwalità Franġiskana tikkonsisti fl-għixien tal-Vanġelu *'sine glossa'*, b'mod sħiħ u awtentiku. U billi l-Vanġelu mhux sempliċi ktieb jew kunċett, imma hu l-persuna ta' Ġesù Kristu, allura, l-ispiritwalità franġiskana hi mibnija b'mod sħiħ, awtentiku u radikali fuq Ġesù Kristu, Feddej tagħna.

**Betlem, il-Kalvarju, l-Ewkaristija**

Iżda l-Ispiritwalità Franġiskana, minn fost l-aspetti kollha tal-misteru salvifiku ta' Kristu, tieqaf tikkontempla u allura, tagħżel li tinbena, b'mod partikulari, fuq tliet atti speċjali ta' dan il-misteru: Betlem, il-Kalvarju, u t-Tabernaklu.

Fihom, ir-ruħ Franġiskana bħal issib l-aqwa sinjali tal-imħabba t'Alla; fihom tara l-aqwa tliet blokki bażiċi li jiffurmaw il-pedament Kristoloġiku li fuqhom tinbena. F'Betlem, ir-ruħ Franġiskana tintlaqat mill-faqar, mill-umiltà u mis-sempliċità li fihom twieled Dak li hu s-Setgħani, u tagħmel minn dawn il-virtujiet il-bażi tal-ispiritwalità li tħaddan u tgħix. Fuq il-Kalvarju, l-ispiritwalità franġiskana tifhem il-"ġenn" tas-Salib u titħeġġeġ li turi mħabba għall-Imsallab billi tissieħeb  miegħu fit-tixjin tiegħu u fi tbatijietu. Fl-Ewkaristija, il-ħsieb franġiskan jilmaħ il-kapulavur tal-imħabba ta' Kristu għalina, u għalhekk, ir-ruħ franġiskana tieqaf fis-skiet u bl-imħabba ħdejn it-Tabernaklu biex minn hemm tikseb il-qawwa ħalli tgħix b'mod awtentiku s–sejħa radikali tal-Vanġelu.

Biex nifhmu l-importanza ta' dawn it-tliet atti tal-misteru salvifiku ta' Kristu fl-ispiritwalità franġiskana, biżżejjed intennu li kien Franġisku t'Assisi stess li ta lid-dinja l-ewwel Presepju, fi Greccio. Kien Franġisku t'Assisi li kiseb għall-Knisja Kattolika ħafna mill-postijiet li tqaddsu bil-Passjoni u l-mewt ta' Kristu, fl-Art Imqaddsa, li tħeġġeġ biex imut martri ħalli jissieħeb ma' Kristu fi tbatijietu, u li seħħlu jwettaq dan meta fuq il-Verna ġie mżejjen bil-pjagi tal-Imsallab. Kien Franġisku wkoll li ried jibgħat lil uliedu fil-knejjes kollha tad-dinja biex jaraw li jkun hemm postijiet xierqa fejn tiġi mħarsa, miqjuma u ċċelebrata l-Ewkaristija.

**Madre Margerita**

Kull sena, f'dan il-jum tat-22 ta' Jannar, il-Komunitajiet kollha tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù jingħaqdu flimkien fi spirtu ta' radd il-ħajr, biex biċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrifiċċju Ewkaristiku, jfakkru l-jum għażiż li fih, filgħodu kmieni, 41 sena ilu, ir-ruħ twajba tal-Fundatriċi Madre Margerita, ittajret lejn is-sema. Dakinhar tal-mewt ta' Madre Margerita – kienet is-sena 1952 hawn fil-"Casa Madre" tal-Kongregazzjoni – malajr ġriet l-aħbar ta' mewtha, u kull min kien jafha jew sema' dwarha, qal: *"mietet il-qaddisa tas-Sorijiet tal-Istilla".*

Illum, 41 sena wara mewtha, aħna u nfakkru l-eżempji qaddisa li ħallitilna, u nitolbu lill-Mulej biex meta jrid u jekk jogħġbu jwassal għat-tmiem mixtieq il-Proċess tal-Beatifikazzjoni tagħha mibdi fid-Djoċesi Għawdxija, fl-4 ta' Lulju 1988, ejjew nippruvaw nifhmu kemm tassew Madre Margerita għażlet li tinbena fis-sod fuq Kristu. Ix-xewqa fundamentali tagħha kienet: *"Dejjem ma' Ġesù, dejjem għal Ġesù, u dejjem f'Ġesù"* (128). Bla waqfien kienet ittenni lis-Sorijiet: *"Hu biżżejjed għalina li nsibu lill-Għarus maħbub tagħna kull fejn inkunu"* (131), u qatt ma kienet tixba' tistedinhom: *"Afdaw biss fiH u miegħU u biH mingħajr ma tistrieħu la fuqkom infuskom u lanqas fuq xi ħlejqa oħra."* (127).

Dejjem ħerqana li tinbena aktar fis-sod fuq il-pedament li hu Ġesù Kristu, bħal San Pawl u bħal Fqajjar t'Assisi kienet tagħmel tagħha x-xewqat profondi tagħhom: *"Nixtieq tassew inkunu ikkunsmata, imxejna, mitlufa għal dejjem ... nixtieq li nkun nista' ngħid tassew: mhux aktar jien li ngħix, iżda l-ħelu Ġesù jgħix fija ..."* (92). Darb'oħra stqarret bis-sempliċità kollha: *"Missier tiegħi, spiss jiġuni f'moħħi u f'qalbi x-xewqat tal-kbir appostlu: nixtieq nintemm u nkun ma' Kristu."* (42). U f'okkażżjoni oħra, bla ħabi qalet: *"Għażiż Missier, ir-ruħ fqajra tiegħi (jekk nista' aktar nsejħilha tiegħi) ma tinsabx aktar fija iżda kważi mitlufa fil-Kollox."* (32).

Iżda, ejjew ninżlu aktar fid-dettal u niflu kif Madre Margerita, bħala Franġiskana awtentika, għażlet li tqiegħed bħala pedament Kristoloġiku tal-ħajja spiritwali tagħha, it-tliet blatiet kbar tal-misteru salvifiku ta' Kristu: Betlem, il-Kalvarju, u t-Tabernaklu. Dawn it-tliet blatiet huma l-ġabra perfetta tal-imħabba ta' Alla għall-bniedem kif murija f'Ġesù Kristu. U Madre Margerita, hi u tgħix ir-regola fundamentali li ispirat ħajjitha u l-ħidma tagħha, *"Inħobbu l-Imħabba"*, uriet għożża tal-għaġeb għat-*"Tarbija Divina ta' Betlem"*, għall-*"Għarus Imsallab"* u għall-*"Priġunier Re fit-Tabernaklu"*. Mhux ta' b'xejn kienet spiss tistieden: *"Inħarsu lejn Ġesù Bambin fil-Għar, fuq il-Kalvarju u fl-Ewkaristija: x'jgħidilna" Araw l-imħabba li għandi għalikom"*. (65).

Darb'oħra stqarret: *"Kemm għandna tassew niskantaw x'ħin naraw Alla tliet darbiet Qaddis imwieled f'għar u mejjet fuq salib fuq il-Kalvarju u jibqa' kważi mxejjen f'ostja żgħira! X'jidhrilkom, għażiż? Għaliex sar tant żgħir? Għaliex umilja ruħu daqshekk? Għal imħabbitna, ħlejjaq imsejknin tiegħu"*(71).

Nippruvaw għalhekk niflu sewwa s-sentimenti tal-omm spiritwali tagħna quddiem dawn it-tliet misteri ta' Kristu, biex nitgħallmu minnha ninbnew fis-sod fuq Ġesù Kristu, il-pedament waħdieni tal-ħajja spiritwali tagħna.

**Betlem**

F'Betlem Ġesù sar żgħir biex ma nsibuhiex bi tqila li noħolqu relazzjoni mill-qrib miegħu. F'Betlem, Ġesù deher nieqes mill-ħtiġijiet kollha biex nitgħallmu ngħixu ħajja sempliċi mingħajr il-kumplikazzjonijiet ta' ħafna ħtiġijiet żejda. F'Betlem, Ġesù beda t-triq iebsa lejn il-Kalvarju biex jgħallimna l-ħtieġa tal-mortifikazzjoni tar-rieda tagħna aħna u nistinkaw biex bħalU nwettqu r-rieda tal-Missier. F'Betlem, Ġesù ried li jitqiegħed f'maxtura biex minn qabel jurina li ried isir l-ikel spiritwali tagħna.

Madre Margerita fehmet dan kollu: tant hu hekk li l-misteru tat-Twelid ta' Ġesù, mimli kif inhu bil-qawwa tal-imħabba t'Alla, kien jiskantaha, kien isaħħarha. Żgur li Madre Margerita kien ikollha ċ-ċans li toqgħod ħdejn ix-xbiha ta' Ġesù Tarbija f'xi presepju li kien jitlesta fil-Komunitajiet tagħha qrib il-Milied, aktar u aktar meta qed nitkellmu minn Komunitajiet ta' Sorijiet Franġiskani. Iżda hu żgur ukoll li t-Tabernaklu kien għal Madre Margerita presepju ħaj, fejn bla waqfien jgħammar il-Feddej, dak li hu *"Alla magħna".*

Imma, isimgħu ftit x'kienet tfittex li tagħmel Madre Margerita quddiem il-misteru ta' Betlem, u b'liema sempliċità kienet tfisser ħsibijietha, mimlijin seħer, u mħabba mħeġġa: *"Noqogħdu flimkien mal-Omm tiegħu, biex inbennu l-Bambin l-aktar Qaddis."* (127). Darb'oħra: *"F'dik il-lejla hienja ejjew ningħaqdu qrib il-maxtura flimkien mal-Omm u ma' San Ġużepp."* (109). U wkoll: *"Ngħannaqkom ilkoll flimkien qrib il-maxtura tal-Bambin Qaddis, flimkien mal-Omm Qaddisa tiegħu u tagħna u ma' San Ġużepp u mar-Rgħajja Qaddisa."* (75). U hekk kif kien qed joqrob Milied ieħor: *"Nieqfu fi skiet mimli qima u nħallu biss l-Imħabba titkellem! L-Imħabba eċċessiva ta' Alla ssir bniedem ... Issir Tarbija! Fuq kollox issir Ostja żgħira!"*(56).

Innutaw ftit kemm Madre Margerita kienet tħossha qrib l-oħrajn fil-Milied, mitlufa kif kienet tkun fl-imħabba għal Ġesù Bambin: *"Noqogħdu flimkien"*, u *"ngħannaqkom ilkoll flimkien"*. Innutaw ukoll b'liema tenerezza ta' mħabba kienet toqgħod qrib Ġesù Bambin: *"noqogħdu nbennu l-Bambin"*, u *"nieqfu fi skiet mimli qima u nħallu biss l-Imħabba titkellem."*

Imma, fuq kollox, ejjew ninnutaw x'kien ikun ir-riżultat ta' dan kollu, jew aħjar, x'kien l-aktar jgħin lil Madre Margerita tinbena aħjar fuq Kristu, hi u tikkontempla l-misteru tiegħu ta' Betlem. Isimgħu ftit: *"Hu jagħtina*

*daqqiet t'għajn li jfieru l-qalb, u mbagħad? ... imbagħad, nibqgħu maħkumin ..."* (127), jiġifieri, iċ-ċanfira li jagħtina Ġesù minħabba l-egoiżmu tagħna, tibnina spiritwalment billi tolqotna u tgħinna nikkonvertu.

Darb'oħra kitbet: *"Naduraw lill-Bambin misterjuż, tliet darbiet qaddis ... is-Setgħani."* (109), jiġifieri nintelqu f'idejH biex jagħmel bina li jrid, billi jonġorna u jibnina kif jidhirlu Hu, għax din hi l-aqwa adorazzjoni li nistgħu nagħtuH. F'okkażżjoni oħra kitbet: *"Ejjew insiru żgħar, żgħar bħal Bambin ta' Betlem."* (149), u wkoll: *"Jalla l-Bambin Ġesù, jagħmilna bħalu, żgħar, żgħar, għax hu hekk biss l-istat li fih nistgħu nogħġbuH."* (172), jiġifieri nistgħu tassew ninbnew fis-sod fuq Kristu b'ħajja umli, sempliċi u fqira bħal tiegħu.

Qrib il-Milied tal-1937, kitbet: *"... bl-affetti msejknin tagħna magħqudin ma' tiegħu tant mimlijin imħabba u safjin, nadurawH, inroddulU ħajr filwaqt li nġeddu l-konsagrazzjoni tagħna."* (172), u dan nagħmluh, trid tgħidilna Madre Margerita, biex nistinkaw ħalli ngħixuha aħjar fi spirtu ta' għotja sħiħa aktar minn qabel.

Dan hu l-mod kif Madre Margerita, Milied wara Milied, kienet tfittex li tinbena aktar fis-sod fuq Kristu, bil-qawwa tal-imħabba li toħroġ minn dan il-misteru. Hekk ukoll jeħtieġ li nitgħallmu nagħmlu aħna, biex inkomplu nagħmlu tagħna l-wirt spiritwali li ħallitilna.

**Il-Kalvarju**

Il-Kalvarju hu l-post fejn Kristu fissrilna x'jiġifieri tagħmel minnek innifsek għotja sħiħa u perfetta, immolazzjoni vera. Il-Kalvarju hu l-post fejn Kristu wriena b'mod ċar is-sentimenti qaddisa u nobbli li kien hemm moħbija fil-Qalb umana u divina tiegħu. Il-Kalvarju hu l-post fejn Kristu tana xhieda awtentika ta' kif tbati bl-imħabba u tħobb bit-tbatija.

U Madre Margerita kienet spiss, l-aktar hekk kif kien jasal żmien ir-Randan u l-Passjoni, tqiegħed lilha nfisha fuq l-Kalvarju, u bi ħsibijietha kienet tagħmel minnu l-post tan-*"namrar"* tagħha mal-Għarus Imsallab u fl-istess ħin tistinka biex issir tassew l-għarusa msallba tiegħu.

Diġà għidna li Madre Margerita kienet issib ruħha fuq il-Kalvarju bi ħsibijietha. Iżda hu żgur li kienet iġġib quddiem għajnejha dan il-post qaddis meta kienet tieqaf qrib xi xbiha ta' Ġesù Msallab, ħaġa li spiss kienet tistieden lis-Sorijiet tagħha biex jagħmluha: *"itfgħu ħarsa fuq is-Salib u hemm issibu l-Għarus tagħkom umiljat." (V8),* jew, *"... il-ħars tiegħek għandu jkun spiss imdawwar lejn Ġesù Msallab".* (130).

Il-Fundatriċi, fuq kollox, kienet tħossha fuq il-Kalvarju, waqt is-Sagrifiċċju tal-Quddiesa, kif darba waħda hi stess fissret lid-Direttur Spiritwali tagħha: *"Fis-Sagrifiċċju Qaddis, f'dak il-Kalvarju, kif inħossni qed immut mal-Vittma bla tebgħa!"* (60).

Hawnhekk jixraq insaqsu: x'kien ikun l-atteġjament ta' Madre Margerita hi u tieqaf fuq il-Kalvarju? Kienet tipprova tifhem kif tista' tbati bl-imħabba u tħobb bit-tbatija. Infatti darba waħda stiednet lil Reliġjuża tagħha: *"F'dan ir-Randan Imqaddes infittxu li noqogħdu aktar qrib tal-Għarus ("appassionato" = imġarrab jew miġnun bl-imħabba għalina) tagħna biex minnu nitgħallmu nbatu bl-imħabba u nħobbu bit-tbatija."* (163).

Kienet tipprova tagħraf il-mod kif Ġesù xejjen lilu nnifsu biex titgħallem aktar tmut għaliha nfisha u tqum għal ħajja ġdida: *"F'dawn il-jiem qaddisa (tal-Ġimgħa Mqaddsa), naraw lill-maħbub Ġesù tagħna mimli tgħajjir, ubbidjenti sal-mewt tas-salib. X'irridu aktar biex inkissru għall-mewt is-suppervja tagħna?"* (79).

Iżda, fuq kollox, minn fuq il-Kalvarju ħdejn Ġesù Msallab, Madre Margerita tgħallmet issir l-għarusa msallba tiegħu billi kienet tistinka biex tagħmel tagħha s-sentimenti tiegħu ta' immolazzjoni sħiħa. U dan kollu ħeġġiġha biex tfisser lir-Reliġjużi tal-Kongregazzjoni tagħha li l-konsagrazzjoni reliġjuża tagħhom jeħtieġ twassalhom biex isiru għarajjes imsallba tal-Għarus Imsallab. Infatti, kienet tistinka li n-Novizzi, *"... jagħrfu tajjeb ħafna l-kwalitajiet tal-Għarus Imsallab"* (117), biex, kif kitbet hi stess, *"... ikollna x-xorti li narawhom kollha jinnamraw mill-Għarus Imsallab Ġesù"* (117).

Lir-reliġjuża li kienet tasal għall-Professjoni Perpetwa, kienet tiktbilha: *"Hekku, fl-aħħar, imsallba mal-Għarus imsallab!"* (128), filwaqt li bla waqfien kienet tfakkar lis-Sorijiet dak li darba kitbet lil waħda minnhom: *"... ingħaqad biss mal-ħelu Għarus Imsallab li miegħu tgħarrast għal dejjem u li ġġorr fuq sidrek mhux bħala tiżjin, imma biex tiftakar fit-tislib miegħek li Hu bir-raġun jippretendi!"* (130).

Minħabba dan kollu, spiss kienet tistieden lis-Sorijiet: *"L-attenzjoni tagħkom għandha tkun biss li timitaw lill-Maħbub Imsallab!* (V1). U għalhekk, meta kienet tara lil xi wħud minnhom imħabbtin mill-mewġ tal-ħajja, kienet tistedinhom: *"...itfgħu ħarsa fuq is-salib u hemm issibu lill-Għarus tagħkom Ġesù umiljat: żgur li minn hemm tiksbu l-kuraġġ meħtieġ biex timitawH"* (V8). U, fl-istess ħin, dejjem kienet tagħmilhielhom ċara: *"li mill-Għarus Imsallab, l-għarusa ma tistax tistenna kuruni tal-ward!"* (166).

Minn dawn il-ftit ħsibijiet, nistgħu nagħrfu biċ-ċar kemm tassew il-qagħda ta' Madre Margerita fuq il-Kalvarju għenitha biex tinbena fis-sod fuq Ġesù Kristu, u kemm ħeġġitha biex tibni lis-Sorijiet u lill-Kongregazzjoni tagħha fuq dan il-pedament waħdieni ta' ħajja spiritwali vera.

Nitgħallmu minn Madre Margerita, nieqfu fuq il-Kalvarju fis-skiet u l-ġabra: nitgħallmu nżommu ħarsitna fuq Ġesù Msallab u nħalluH jonġor bil-qawwa ta' mħabbtu s-suppervja tagħna biex ikompli jibnina bis-sentimenti tiegħu ta' mħabba li taf tbati u tilqa' kull umiljazzjoni u ta' għotja sħiħa u perfetta.

**It-Tabernaklu**

L-imħabba u l-umiltà murijin f'Ġesù Kristu, fil-misteri tiegħu ta' Betlem u tal-Kalvarju, jilħqu l-quċċata tagħhom fit-Tabernaklu. Fl-Ewkaristija, Ġesù baqa' magħna, iħobbna u jsaħħaħna fl-imħabba dgħajfa tagħna. Fl-Ewkaristija, Ġesù wriena l-akbar umiltà għax fiha lanqas tidher s-sura ħelwa ta' Tarbija kif kellu f'Betlem, jew talinqas is-sura ta' ġisem imbiċċer kif kellu fuq il-Kalvarju, iżda nħeba kollu kemm hu f'biċċa ħobż u ftit inbid. L-Ewkaristija hija l-prolungazzjoni tal-misteru tal-Inkarnazzjoni u t-tifkira ħajja tal-misteru tal-Fidwa. Kellha raġun Madre Margerita tistagħġeb u tiskanta: *"L-imħabba eċċessiva t'Alla ssir bniedem ... issir Tarbija! Fuq kollox issir ostja żgħira!"* (56). U darb'oħra: *"Xi mħabba! X'eċċess ta' imħabba! Wara li sar Tarbija tant umilja ruħu li sar ikel. Kemm għandna tassew niġġennu bl-imħabba!"* (75).

Madre Margerita għamlet mill-Ewkaristija, iċ-ċentru ta' ħajjitha. Is-sigħat twal quddiem it-Tabernaklu, ħafna minnhom ukoll matul il-lejl, kienu l-għaxqa ta' qalbha u l-aħjar ħinijiet ta' ħajjitha. L-aqwa rigal li qalgħet f'għomorha kien fl-1921 meta l-Kongregazzjoni tagħha ġiet mogħtija d-Dar u l-Knisja tal-Adorazzjoni li hemm fil-Belt Valletta, Malta. U billi hi stess kienet fost l-ewwel Sorijiet li marru hemm, ħassitha tassew ixxurtjata u kitbet: *"Ikun imfaħħar l-isem tal-Mulej li għoġbu jagħżel lilna biex noqogħdu ħdejH maġenb it-tron tiegħu fl-Ewkaristija ... Kemm ġew imħallsin sewwa x-xewqat tagħna! Kemm ġew imwettqin sewwa issa x-xewqat ħerqana tagħna! Deo Gratias! Hallelujah!"* (69).

Madre Margerita kienet għal kollox ruħ mistika u ewkaristika, tant li jekk tifridha mit-Tabernaklu tkun qed tneżżagħha mill-kobor spiritwali tagħha. It-Tabernaklu kien għaliha skola spiritwali u l-*"power house"* li minnha kienet tiġġenera l-enerġija li kienet tgħinha twettaq il-programmi spiritwali tagħha. Jekk f'Betlem hi tgħallmet is-sempliċità, il-faqar u l-umiltà tat-Tarbija Divina; jekk fuq il-Kalvarju *"innamrat"* mal-Għarus Imsallab u tgħallmet tgħix l-għotja sħiħa, l-immolazzjoni tal-konsagrazzjoni reliġjuża tagħha, ħdejn it-Tabernaklu, qrib il-Priġunier Divin, kompliet tissawwar bin-nar tal-imħabba li jħeġġeġ f'dan il-forn qaddis u bl-enerġija li toħroġ minn hemm kisbet il-qawwa biex tgħix u tgħallem dak li tgħallmet hi. Kien frott ta' din l-esperjenza tagħha, li darba kitbet dan is-suġġeriment: *"Il-ħars tiegħek spiss għandu jkun imdawwar lejn Ġesù Msallab u qalbek merfugħa qrib it-Tabernaklu."* (130). Darb'oħra tenniet: *"Qalbek għandha tintrefa' qrib it-Tabernaklu, l-aktar meta tkun imnikkta u mġarrba; għandek tfittex u tistenna l-mistrieħ tiegħek minnU biss."* (130)

Madre Margerita kienet issib fit-Tabernaklu, skola ta' mħabba, skola tal-virtujiet li għandhom iżejnu r-ruħ ikkonsagrata 'l Alla. Isimgħu x'kitbet dwar dan lil waħda mis-Sorijiet tagħha: *"Irrikkmanda ruħek bil-ħeġġa u spiss lill-Qalb Ewkaristika biex tgħinek tifhem u taqla' mill-għeruq ta' qalbek, kull sentiment dwarek innifsek u tkabbar biss is-sentimenti kollha tal-umiltà, tat-tixjin, tal-istmerrija tiegħek innifsek."* (145). Lil waħda mis-Superjuri tal-Kongregazzjoni tagħha kitbitilha: *"Mur ħdejn il-Priġunier tagħna u għidlu dwar it-taħbit kollu tiegħek, ix-xewqat u d-dubji tiegħek ... superjura għandha tmur spiss ħdejn il-Missier tad-dawl, ħdejn id-Direttur għaref, ħdejn il-Mulej tal-qlub kollha; mingħajr dan mhux possibli tmexxi la lilek innifsek u wisq aktar 'l oħrajn"* (147). Lil Sr Dijonisja, fl-1948 kitbitilha: *"Nirrikkmandalek il-qawwa, is-sabar eċċ.; fittex kollox mill-Imqaddes Tabernaklu, kollox jista' jinstab moħbi hemm."* (121).

Iżda fuq kollox, Madre Margerita kienet temmen li mit-Tabernaklu toħroġ enerġija, qawwa spiritwali li ssaħħaħ lill-bniedem fid-dgħufija tiegħu u tittrasformah skont il-pjan salvifiku tal-Mulej għalih. Kien għalhekk li darba kitbet lil waħda mis-Superjuri dwar il-Komunità fdata f'idejha: *"Agħmel kull ma tista' biex tagħmel mid-Dar kollha forn ta' Mħabba Divina, u kun ċerta li s-Sorijiet għeżież kollha jistgħu jiffurmaw dan il-forn jekk jitkebbsu mill-forn tat-Tabernaklu."* (151). Lil Madre Paċifika talbitha tressaq il-qlub tas-Sorijiet żgħażagħ lejn it-Tabernaklu biex jissaħħu fl-imħabba: *"Kebbes dawk il-qlub teneri bin-nar Ewkaristiku biex ikunu qaddisa u safja u mal-mixja taż-żmien jikbru fl-imħabba u jġorru dak in-nar kull fejn ikunu!"* (88).

F'okkażżjoni oħra kitbet dwar il-qawwa purifikanti li toħroġ mit-Tabernaklu: *"U fejn jista' jinstab nar aktar iħeġġeġ, aktar kapaċi jikkonsma l-imperfezzjonijiet kollha, jekk mhux fl-Imqaddes Tabernaklu?"* (140). Lil Soru oħra kitbitilha: *"Qatt m'għandek tidher imnikkta u qalbek maqtugħa, u meta tkun hekk mur malajr ħdejn it-Twajjeb Ġesù Priġunier tal-imħabba, u toħroġ minn hemm mimlija kuraġġ u msaħħa."* (143).

Ninnutaw minn dan kollu li għidna s'issa, kemm Madre Margerita kienet temmen u tesperimenta l-qawwa <u>purifikanti, trasformanti u unifikanti</u> li toħroġ mit-Tabernaklu: l-istess kif kien jagħmel il-Fqajjat t'Assisi, Franġisku.

Iżda, ninnutaw ukoll il-ħeġġa li kellha Madre Margerita biex tagħmel riparazzjoni, tpatti b'imħabbitha għan-nuqqasijiet li jsiru lil Ġesù fl-Ewkaristija. Ftit siltiet jgħinuna nifhmu dan: *"Ningħaqdu fil-Qalb Ewkaristika u nagħmlu immolazzjoni tagħna nfusna, għalina u għall-bnedmin kollha."* (36). Ix-xewqa fundamentali tagħha kienet: *"Ma nixtieq xejn aktar ħlief li nintemm bħala vittma ta' riparazzjoni."* (59). Lis-sorijiet spiss kienet tistedinhom: *"Iva, iva, akkost tas-sagrifiċċji kollha, jeħtieġ nagħmlu immolazzjoni tagħna nfusna bħala vittmi tal-Qalb Qaddisa."* (140).

Fl-aħħarnett, imma mhux l-anqas fis-siwi, nisimgħu ukoll lil Madre Marerita tgħallimna b'liema atteġjament jeħtieġ nersqu qrib it-Tabernaklu: *"Mur ħdejn il-Priġunier tagħna ... imma b'qalb kalma ... bla ma taħseb li qed titlef il-ħin, imma tirbaħ, ħin, sliem, kalma u aktar enerġija."* (147). Lil Madre Dijonisja, issuġġeritilha: *"Nirrikkmandalek bil-ħeġġa li tmur ħdejn l-Għarus Priġunier b'fiduċja filjali, għax hu għalik biss jibqa' qisu mxejjen f'dak is-skiet."* (118).

Dwar il-mod kif hi stess kienet tersaq lejn it-Tabernaklu, nisimgħu dak li kitbet lid-Direttur Spiritwali tagħha: *"Immur ħdejn il-Priġunier Re u ninxteħet f'riġlejH; jiġini li nibki, għax bħal inħoss il-ħtijiet tiegħi u d-dnubiet kollha li jweġġgħu l-Qalb sensibbli tiegħu! Imbagħad nibqa' qisni waħda mejta għal xi siegħa jew aktar ... jiġini li ntenni: għażiż Għarus, għażiż Għarus, b'ħafna tnehid; qalbi tkun qisha trid tinqasam ... skont il-ġibda tal-preżenza tiegħu inħalliH jeħodni fejn irid".* (63).

Hemm ħafna u ħafna aktar xi ngħidu dwar kif Madre Margerita sabet fit-Tabernaklu ċ-ċentru tal-ħajja spiritwali tagħha u l-pedament sod li fuqu sawret il-ħajja spiritwali tagħha. Imma, nittama li dak li għidna, hu biżżejjed biex nitgħallmu kif il-ħajja spiritwali tagħna tinbena tassew fis-sod mhux biss jekk inżommu ħarsitna fuq Ġesù Tarbija f'Betlem u fuq l-Għarus Imsallab fuq il-Kalvarju, imma, aktar u aktar, jekk qalbna tkun dejjem merfugħa qrib il-Priġunier tal-Imħabba fit-Tabernaklu Ewkaristiku.

**Għeluq**

Madre Margerita nbniet tassew fuq Kristu! U b'mod partikulari hi nbniet spiritwalment fuq il-blatiet sammi tal-misteri Kristoloġiċi ta' Beltem, tal-Kalvarju u tat-Tabernaklu.

Jirrakkuntaw is-Sorijiet li jafuha sewwa li mhux l-ewwel darba li tawha xi xbiha ta' Ġesù Tarbija jew ta' Ġesù Msallab u kienet tibqa' mitlufa f'kontemplazzjoni ta' mħabbtu għal sigħat twal, b'dik ix-xbieha f'idejha jew quddiemha.

Madre Paċifika li kienet qrib ħafna ta' Madre Margerita, ħalliet miktub li quddiem it-Tabernaklu, ħdejn Ġesù fl-Ewkaristija: *"kienet tkun qisha xi serafin ... mingħajr ma tiċċaqlaq b'għajnejha maħsulin bid-dmugħ u rasha kemmxejn mitluqa fuq sidirha ... tibqa' hekk għal ħin twil bla ma tiċċaqlaq. In-nies li jkunu qrib tagħha kienu jibqgħu mbellħin kif hi setgħet tibqa' f'dik il-qagħda għal ħin daqshekk twil."*

Imħeġġa kif kienet bl-imħabba għal Ġesù, dik l-imħabba li sawritha u bnietha fis-sod, ma kellhiex xewqa oħra f'ħajjitha ħlief li titwaħħad għal kollox miegħu fis-sema. Kien għalhekk li fl-aħħar mumenti ta' ħajjitha, bejn nifs u ieħor, instemgħet ittenni b'karba ta' mħabba: *"Ħalluni mmur. Ma niflaħx iżjed. Ħalluni mmur!"*

U Madre Margerita marret. Kien f'xi l-erbgħa ta' filgħodu tat-22 ta' Jannar 1952. Marret ħdejn Ġesù li fuqu bniet ħajjitha. U mis-sema tħares lejna wliedha u tifraħ x'ħin tarana mxennqin li nimxu fuq il-passi tagħha billi ninbnew fuq Ġesù Kristu, u tgħidilna: *"Uliedi, m'hemmx pedament ieħor ħlief Kristu. Fittxu li minn Betlem titgħallmu l-faqar, is-sempliċità, l-umiltà. Fittxu li l-Kalvarju jsaħħaħkom biex tħobbu bit-tbatija u tbatu bl-imħabba biex l-għotja tagħkom tkun sħiħa. Fittxu li t-Tabernaklu jkun għalikom il-forn minn fejn titħeġġu bl-imħabba biex tħobbu l-Imħabba u tagħmluha magħrufa u maħbuba minn kulħadd u kullimkien."*

U aħna, llum, b'rikonoxxenza u b'determinazzjoni inħossu li rridu nweġbuha: *"Iva, għażiża omm spiritwali tagħna: bħalek irridu nagħmlu aħna, bħalek irridu ninbnew fuq Kristu: Hu biss se jkun il-pedament ta' ħajjitna. Grazzi. Ammen."*

========================================

# Awtopsja fuq Ġesu` Bambin minn Madre Margerita

Meta nitkellmu minn "awtopsja" l-ħsieb tagħna dritt imur fuq dak li jsir wara l-mewt fuq xi katavru biex tingħaraf sewwa l-kawża tal-mewt ta' dik il-persuna. Dan hu veru. Iżda f'din ir-riflessjoni tiegħi nixtieq

nitkellem mit-tifsira proprja tal-kelma *"awtopsja"* li ġejja mill-Grieg Antik, hi *"ara, għalik innifsek"*, jew aħjar, ipprova skopri għalik innifsek x'hemm moħbi f'dik il-ħaga jew fl-oħra. U dan qed nagħmlu, biex bħalkom nipprova napprezza sewwa dak li kienet tagħmel Madre Margerita, bi ħsibijietha matul iż-żmien preferit tagħha, il-Milied.

Nistedinkom, ġibu quddiem għajnejkom lill-Fundatriċi bi xbieha sabieħa ta' Ġesu Bambin f'idejha, kważi mitlufa f'estasi kif kemm-il darba ġralha meta kienet tkun hekk u minn għajnejha bħal ħierġa qawwa ta' *"laser"* li tinfed fil-ġewwieni ta' Ġesu` Tarbija hi u tipprova tifhem dak li hemm moħbi f'qalbu. U hi stess tagħtina r-riżultat ta' l-awtopsja tagħha.

L-ewwel ħaġa li tolqotna fir-rapport li tħallielna hi *"quddiem Ġesu` Tarbija nitgħallmu nħobbu"*(78) għax hemm ġewwa sabet qalb divina u umana li taf tħobb tassew, li taf taqdi, li taf tingħata bis-sħiħ, li hi lesta għal kull tbatija b'riżq dawk li tħobb. Imma dan ir-rapport ma jieqafx hemm. Tkompli tagħtina dettalji nteressanti: *"It-Tarbija qaddisa tfittex qlub qawwija, qlub safja, qlub wesgħin"*(109). Naturalment, Madre Margerita waslet għal din il-konklużjoni fir-rapport ta' l-awtopsja għax sabet li l-Qalb ta' Ġesu` Tarbija minkejja li hi dgħajfa u żgħira hi qawwija, safja u wiesgħa, u allura, tridna niffurmaw qalb tixbah lil tiegħu. Hi u tkompli tfissrilna x'sabet fl-awtopsja li għamlet tikteb *"qrib il-benniena tiegħu ngħaqqdu l-affetti msejkna tagħna ma tiegħu li huma tassew sħan u safja..."*(172). L-affetti ta' Ġesu` għalina huma tant mimlijin imħabba li wassluh biex għamel dak kollu li għamel għas-salvazzjoni tagħna, u għalhekk tajjeb li napprezzaw aktar l-imħabba tiegħu għalina u nfittxu li nagħtuh aktar imħabba. Indunat ukoll, Madre Margerita li l-ħarsa ta' Ġesu` Tarbija li għax ċkejken mhux ħlief niggustawha, kultant *"trid tfieri l'qalbna"*(64), għaliex ? Għax filwaqt li hu sar tassew ċkejken, aħna rridu nitkabbru. U, allura l-ħarsa tiegħu trid tferina mhux biex tweġġagħna, imma biex iġġibna f'sensina u twassalna nifhmu li jeħtieġ inbiddlu l-istil ta' ħajja tagħna. Il-Fundatriċi ndunat ukoll li Ġesu` sar daqshekk ċkejken *"biex jirbaħ l-imħabba msejkna tagħna"*(71). Dan kollu mhux għax għandu bżonnha, imma għax għandu dritt għaliha u għall-istess ġid tagħna.

Hekk kif kull sena joqrob iż-żmien li fih niċċelebraw dan il-misteru kbir ta' l-Inkarnazzjoni u t-Twelid ta' Ġesu` Tarbija, Alla u Bniedem, tajjeb li nieqfu nistudjaw sewwa dan ir-rapport li l-Fundatriċi ħallitilna mill-*"awtopsja"* spiritwali li għamlet fuq Ġesu` Bambin. Żgur li l-konklużjonijet li waslet għalihom hi jekk neħduhom bis-serjeta' kollha, jistgħu jkunulna mezzi mill-aħjar biex niċċelebraw kif jixraq dawn il-Festi Qaddisa..

# WARA KRISTU FIT-TRIQ TAĊ-ĊAĦDA

# MA' MADRE MARGERITA (1995)

*"Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu u jimxi warajja"* (Mk 8:34).

**Daħla**

Il-Papa Ġwanni Pawlu II f'waħda mit-tweġibiet li ta għall-mistoqsijiet li sarulu mill-ġurnalista Taljan Vittorio Messori u li ġew ippublikati fil-ktieb li ħareġ f'Ottubru 1994 bit-titlu *"Varcare la Soglia della Speranza"*, stqarr dan li ġej: *"Il-kult tas-Salib ta' Kristu fassal l-istorja tal-ħajja spiritwali nisranija, u qanqal 'il qaddisin il-kbar tal-Knisja ... Kollha, ibda minn San Pawl, kienu jiftaħru bis-salib ta' Kristu (ara: Gal. 6:14) ... Mhux rari li l-qaddisin tal-Knisja Kattolika rċivew il-marki tal-pjagi, ibda minn Franġisku t'Assisi. Huma ġabu f'ġisimhom is-sinjal fiżiku tax-xebh tagħhom ma' Ġesù fil-Passjoni tiegħu."* (n. 12).

In-nisrani, mela, hu msejjaħ għall-qdusija billi jsir jixbaħ lil Ġesù fi tbatijietu. It-triq taċ-ċaħda, l-irfigħ tas-salib huma kundizzjonijiet essenzjali fil-mixja wara Kristu. Jekk aħna naslu biex nikkunsidraw l-imħabba t'Alla għalina meta narawh jinsa u jxejjen lilu nnisfu għal kollox biex jimliena bid-don tiegħu nnifsu, kif muri lilna b'mod ċar f'Ġesù Msallab, aħna wkoll naslu biex nagħtu tweġiba ċara ta' mħabba billi niċħdu lilna nfusna, nerfgħu salibna u nimxu wara Ġesù fit-triq tat-tixjin tiegħu.

Quddiem ix-xbieha ta' Ġesù Msallab, nistgħu ntennu ma' San Pawl: *"ħabbni u ta ruħu għalija."* (Gal 2:20), u naslu biex nifhmu xi ftit milll-wisa' u t-tul, il-għoli u l-fond tal-imħabba ta' Alla *"li tisboq kull għerf."* (Ef 3: 18 – 19). Iżda, fl-istess ħin, l-għarfien ta' din l-imħabba għandu jimbuttana u jsuqna 'l quddiem biex nimxu wara Kristu fit-triq taċ-ċaħda, kif hu stess talabna jekk irridu nimxu warajh, jekk irridu nkunu tassew dixxipli tiegħu.

Meta l-Konċilju Vatikan II, fil-*"Lumen Gentium"* jitkellem dwar is-sejħa universali għall-qdusija fil-Knisja, jgħid li *"dawk kollha li huma mmexxijin mill-Ispirtu ta' Alla, waqt li jobdu għal-leħen tal-Missier u jaduraw 'l Alla l-Missier fl-Ispirtu u l-verità, jimxu wara Kristu fqir, umli u mgħobbi bis-salib biex ikun jistħoqqilhom li jissieħbu miegħu fil-glorja."* (LG., 41).

Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, waqt li jitkellem mis-sehem tagħna l-insara fis-sagrifiċċju ta' Kristu, jgħidilna li *"Ġesù ried isieħeb fis-sagrifiċċju tal-fidwa tiegħu lil dawk stess li huma l-ewwel li jibbenefikaw minnu"*, u jikkwota kliem Santa Roża ta' Lima: *"Barra mis-salib, m'hemmx sellum ieħor li bih nilħqu s-sema."* (618).

Iżda, imbagħad, kif insibu fid-"Direttivi dwar il-Formazzjoni tl-Istituti Reliġjużi", ladarba *"li wieħed jimxi wara Kristu skont ma jgħallem fl-Evanġelju, għandu jiġi meqjus bħala n-norma fundamentali tal-ħajja reliġjuża."* (8), l-*"Ecclesiae Sanctae"* ta' wara l-Konċilju Vatikan II tgħidilna *"ir-reliġjużi għandhom jingħataw għall-għemejjel ta' penitenza u mortifikazzjoni aktar mill-bqija tal-fidili."* (ES 22).

**Madre Margerita**

Qegħdin hawn illum biex b'sentimenti ta' ferħ u ta' radd il-ħajr infakkru t-43 anniversarju mill-mewt tal-Fundatriċi, Madre Margerita De Brincat. Madre Margerita hi għalina don ħaj li ngħatalna mill-Providenza biex bit-tagħlim u l-eżempji tagħha toffrilna mudell ta' ħajja spiritwali Kristuċentrika li żgur tgħinna biex nilħqu dik il-qdusija li l-Mulej jistenna minna.

Għalhekk, f'din l-okkażżjoni ta' llum, mhux biss irridu inroddu ħajr 'l Alla li tana lil Madre Margerita u permezz tagħha tana l-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, imma wkoll irroddulu ħajr għax f'Madre Margerita tana għalliema ta' spiritwalità profonda: u nagħmlu sewwa li nistinkaw biex nimitawha.

***"Inħobbu l-Imħabba"***

L-għajta ta' Madre Margerita, *"Inħobbu l-Imħabba"*, hi għajta li tiġbor fiha stil sħiħ ta' ħajja spiritwali. Jekk Alla ħabbna u ħalaqna, ħabbna u fdiena, ħabbna u mliena b'kull ġid, ħabbna u sejħilna biex inkunu qaddisin, ħabbna u jistenniena li mmorru ħdejh fil-ġenna: li tħobb din l-Imħabba jfisser li tħaddem sewwa dawn id-doni kollha tal-Imħabba. Għalhekk *"Inħobbu l-Imħabba"* jfisser mod kif titqaddes, mod kif twettaq apostolat, f'kelma waħda, mod kif tingħaqad ma' Ġesù u timxi warajh fl-istess triq tiegħu.

Mela, *"Inħobbu l-Imħabba"* jfisser timxi fit-triq taċ-ċaħda li wriena Kristu, terfa' salibek bħalu u timxi warajh fit-triq li tgħaddi mill-Kalvarju biex tasal għall-qawmien mill-imwiet. Madre Margerita stess tfissrilna dan: *"Inħobbu l-Imħabba jfisser: inbatu għall-Imħabba. Jiġifieri, inkunu dejjem hienja u lesti li fl-okkażżjonijiet kollha nimmortifikaw l-amor proprju tagħna."* (141). Kienet temmen bil-qawwa kollha li: *"Mingħajr ħafna mħabba għat-tbatija, għas-sagrifiċċju, għall-umiljazzjoni ma jkunx hemm imħabba tassew."* (65).

Darba waħda, kitbet dan li ġej lil Soru li kienet marida f'qiegħ ta' sodda: *"Kemm huma sbieħ u għeżież is-sagrifiċċji offruti lill-wisq maħbub Għarus tagħna Ġesù! Hu tant ħelu li toqgħod miegħu fuq is-salib tiegħu, għalkemm in-natura dgħajfa tagħna mhux dejjem tkun hienja! L-imħabba tagħmlilna kollox ħafif u ħelu."* (114).

Żgura minn dan kollu, Madre Margerita kienet spiss tħeġġeġ lis-Sorijiet tagħha: *"InħobbuH billi nissagrifikaw is-sodisfazzjonijiet kollha tagħna, l-interessi kollha tagħna, il-kumditajiet kollha tagħna."* (86). Hi kienet tassew persważa li l-għan tal-Kongregazzjoni tagħha, *"Inħobbu l-Imħabba",* seta' jintlaħaq biss permezz tat-triq taċ-ċaħda: *"Ma nixtieqx u ma nistax nawguralkom ebda ġid ieħor jekk mhux imħabba safja, imħabba ġeneruża, imħabba qawwija ... Għalhekk, uliedi l-aktar għeżież, ejjew inħobbu; imma bl-għemil u tassew, jiġifieri bis-sagrifiċċji, biċ-ċaħda tal-ġudizzju proprju, anke fl-affarijiet żgħar."* (64).

**Eżempji ta' ċaħda**

Minn dan kollu nistgħu nifhmu sewwa kemm Madre Margerita kienet ċerta, u trid li aħna wkoll inkunu ċerti bħalha, li ma tistax tħobb l-Imħabba bla ma timxi fl-istess triq murija mill-Imħabba, it-triq taċ-ċaħda. Din iċ-ċertezza ta' Madre Margerita tidher mhux biss mill-kitbiet tagħha, iżda wkoll u fuq kollox mill-istil ta' ħajja li kienet tgħix. Insibu miktub dwarha li *"jekk xi drabi kienu jirregalawlha xi ħelu jew xi torta, kienet tħallihom jibbiesu għal ġimgħa jew iżjed, imbagħad, x'ħin tiġiha l-okkażżjoni kienet tikolhom u tgħid lis-Sorijiet: "Iebsin kif inhuma nsibhom iżjed tajbin...!"* Madre Paċifika kitbet: *"Qatt ma kienet tiekol laħam jew bajd jew ħalib, iżda biss ħaxix u ħut ordinarju u wkoll, minn dawn, kienet tiekol ftit wisq."*

Roża Salamone, li kienet ħabiba kbira ta' Madre Margerita tirrakonta li darba, meta Madre Margerita kienet fid-Dar tal-Adorazzjoni, is-Sorijiet qalgħu lampuka kbira. Dawn sajruha u qattgħuha biċċiet żgħar, u Madre Margerita ħalliet l-aħjar partijiet għas-sorijiet u kielet ras il-ħuta u dawk il-partijiet li ssoltu jintremew. Madre Paċifika tirrakkonta li wara li t-tfal kienu joħorġu mill-iskola kienet tinżel fil-klassi u tfittex taħt il-bankijiet il-loqom tal-ħobż li kienu jħallu t-tfal u meta dak il-ħobż kien jibbies u jitnawwar kienet tqiegħdu fi skudella, ixxarrbu bl-ilma kiesaħ u tieklu.

Tgħid ukoll li Madre Margerita kienet issum u tilbes iċ-ċilizzju kważi kuljum u kienet issawwat lilha nfisha bid-dixxiplina sa ttajjar id-demm minn ġisimha. Kważi qatt ma kienet tixrob u meta tixrob mhux ħlief ftit ilma. Kienet tbati bi ħruq kbir f'għajnejha u dan x'aktarx minħabba d-dmugħ li kienet ixxerred kuljum quddiem Ġesù

Msallab u l-Priġunier Divin, l-aktar fi żmien il-Milied u l-Ġimgħa Mqaddsa. Iżda l-akbar penitenza tagħha kienet dik ta' kuljum, jiġifieri, il-ħarsien eżatt u skrupluż tar-Regola, tal-ħin għall-Atti komuni, tas-skiet.

Quddiem din it-triq taċ-ċaħda li Madre Margerita għażlet u għallmet bla heda bħala kundizzjoni essenzjali għall-mixja mill-qrib wara Kristu, jew aħjar, bħala kundizzjoni essenzjali biex l-Imħabba tkun maħbuba, ta' min jieqaf jistaqsi: x'kienu l-motivi li kienu jimbuttaw lil Madre Margerita biex tgħix b'tant determinazzjoni din l-għażla fundamentali ta' ħajjitha? U aħna u nfittxu tweġiba, insibu tliet motivi li kienu jħejju qalb Madre Margerita biex tikber fl-ispirtu taċ-ċaħda hi u tistinka biex tħobb l-Imħabba.

**1. It-tisfija tar-ruħ biex tkun kapaċi tħobb tassew**

L-Imħabba li mhix kapaċi tbati, li tibża' mit-tbatija, u li tagħmel ħilitha kollha biex taħrab it-tbatija, mhix imħabba tassew. L-imħabba tissaħħaħ u tintwera fil-ħin tal-prova. Hi t-tbatija li ssaffi l-imħabba minn dak kollu li mhux imħabba: mill-biża', mill-qtigħ il-qalb, mill-amor proprju, mir-rispett uman, mill-interessi personali. Alla stess, lill-erwieħ li jagħżel għalih, jgħaddihom miż-żmien tal-prova biex isaffihom u jagħmilhom aktar jgħoddu għalih. Madre Margerita, hi u tgħix bla waqfien il-penitenza franġiskana li hi konverżjoni dejjem sejra lejn il-Vanġelu *"sine glossa"*, darba waħda, fetħet qalbha u stqarret: *"Inħossni hienja ħafna li nbati. Kieku taf, binti, minn liema pressa ta' tbatijiet intimi, fiżiċi u morali jgħaddini minnhom it-twajjeb Alla biex isaffini! Imma tant jien għatxana li nbati li qishom ftit wisq biex nikkuntenta lil Ġesù tiegħi! It-tbatija tiswa ftit biex issalva l-erwieħ; imbagħad, għandi ħafna xi npatti!"* (148). Lejn tmiem ħajjitha, hi u tixxennaq li toħroġ mill-eżilju ta' din id-dinja biex titgħannaq għal dejjem mal-Imħabba, kitbet: *"Għadni neħtieġ insum, inbati, nixxejjen biex nissaffa."* (22).

Lis-Sorijiet tagħha, Madre Margerita kienet tistedinhom bla waqfien biex jgħixu l-imħabba safja, l-imħabba li tissaffa bit-tbatija: *"Għandek tkun aktar minn ċerta li t-tbatijiet, l-isforzi, l-umiljazzjonijiet, ikunu l-ilmijiet li jgħarrqu u jsaffu r-ruħ vittma li, imbagħad, issir aktar lesta biex titkebbes bl-imħabba safja u divina!"* (140). F'okkażżjoni oħra kitbet: *"Inħobbu lill-Maħbub tagħna: nissagrifikaw lilna nfusna fir-ruħ u fil-ġisem, biex insiru nar ta' imħabba safja u perfetta."* (139).

Madre Margerita kienet taf ukoll li anke l-istess apostolat li bih *"l-Imħabba ssir magħrufa u maħbuba minn kulħadd u kullimkien"* seta' jħalli l-effetti mixtieqa jekk ikun imsieħeb mas-sagrifiċċji li jsaffu r-ruħ u jagħmluha vittma u appostlu aktar xierqa: *"Int taf li aħna vittmi u appostli tal-erwieħ u qabel ma l-kalċi jimtela u jfur, l-erwieħ ma jistgħux igawdu mis-sagrifiċċji u t-talb tagħna ... Aktar ma d-demm jiġri bil-ħeffa fil-qalb, bil-għajnuna tas-sagrifiċċju u tal-mortifikazzjoni, aktar il-kalċi jimtela malajr."* (148).

Għalhekk, aħna u nistinkaw biex nilħqu l-għan tal-Konsagrazzjoni tagħna b'ħajja qaddisa li fiha *"inħobbu l-Imħabba"* u b'apostolat fejjiedi li bih *"l-Imħabba tkun maħbuba minn kulħadd u kullimkien"* ejjew bħal Madre Margerita, inħossu l-ħtieġa tas-sagrifiċċji li bihom insaffu l-imħabba tagħna u nagħmluha aktar imħabba safja u perfetta.

**2. Il-ġlieda kontra l-għedewwa tal-imħabba**

Kif rajna, it-tbatija ssaffi l-imħabba tagħna u tagħmilna dejjem aktar kapaċi *"inħobbu l-Imħabba".* Iżda f'din il-ħidma tagħna, l-attakki tal-għedewwa spiritwali tagħna ma jonqsux. U allura, jeħtieġ li r-ruħ li trid tħobb tassew u tibqa' tħobb sal-aħħar, tgħaddi mit-triq taċ-ċaħda biex tkun dejjem lesta għal kull xorta ta' tfixkil li

jqanqlu kontriha s-setgħat tal-ħażen. Iċ-ċaħda, it-tbatijiet, il-mortifikazzjonijiet jittrenjaw lir-ruħ u jqawwuha fil-ġlieda kontra l-għedewwa tagħha.

Madre Margerita kienet tagħraf biżżejjed il-ħtieġa tal-ispirtu ta' ċaħda fil-ġlieda kontra kull xorta ta' tfixkil spiritwali. Isimgħu ftit x'kitbet lil waħda mill-komunitajiet reliġjużi tagħha wara ż-żjara kanonika li għamlitilha: *"Itolbu dejjem biex it-twajjeb Ġesù jagħmel li tinnamraw minn dawn il-virtujiet sbieħ: iċ-ċaħda, is-sottomissjoni, is-sagrifiċċju, ħalli jidhru fikom fl-ogħla grad ta' perfezzjoni. Huma żgur ikunu għalikom korazza ċerta kontra l-għedewwa kollha ta' ruħkom u rahan żgur ta' eternità hienja li hi infallibilment imwiegħda lil dawk kollha li jissieltu bil-perseveranza u l-ħeġġa."* (V10).

Fuq kollox, Madre Margerita kienet taf li hemm il-ħtieġa ta' spirtu ta' sagrifiċċju qawwi biex jintrebaħ l-aqwa għadu ta' ruħna: l-amor proprju. Lis-Sorijiet kienet tħeġġiġhom: *"Nagħmlu gàra dwar min minna hi l-aktar umli, l-aktar pronta u doċli għaċ-ċaħda tal-'Jien', l-akbar għadu ta' ruħna."* (147). Darb'oħra, hi u tikteb lil waħda mill-komunitajiet wara ż-żjara kanonika, insistiet dwar il-ħtieġa ta' spirtu ta' sagrifiċċju, ħalli jintrebaħ l-amor proprju li hu l-akbar għadu tal-imħabba u l-għaqda fraterna: *"Issagrifikaw ruħkom għal xulxin bla ma tagħtu każ tas-suġġerimenti tal-ħażin amor proprju."* (V10). F'okkażżjoni oħra kitbet: *"Jeħtieġ nisfurzaw u nagħmlu vjolenza fuqna nfusna biex fid-dar u madwarna jsaltan is-sliem imqaddes."* (V3).

Innutaw ftit, f'okkażżjoni oħra, b'liema ħeġġa, Madre Margerita tissuġġerixxi l-ispirtu ta' sagrifiċċju ħalli nkunu nistgħu nirbħu l-ġibdiet tan-natura mħassra tagħna: *"Jeħtieġ nissieltu dejjem kontra n-natura mħassra tagħna. Jeħtieġ nissagrifikaw ruħna dejjem, immutu dejjem għas-sodisfazzjonijiet tagħna, għall-ġibdiet ħżiena tagħna: qatt m'għandna nċedu għar-raġunamenti umani, għal dak li jitlobna ġisimna."* (71).

Kemm hu veru dak li qaltilna Madre Margerita, li l-ispirtu ta' ċaħda hu *"korazza żgura"*(V10), kontra l-għedewwa spiritwali tagħna!

### 3. L-imitazzjoni ta' Ġesù Msallab

Kif diġà għidna, f'Ġesù Msallab tispikka dik li tissejjaħ l-imħabba *"patetika"* ta' Alla, jiġifieri l-imħabba li tbati, li tixxejjen, li qatt ma tfittex drittijietha, li tmut biex tingħata lilna u tagħnina b'kull ġid. Għalhekk ir-ruħ li tassew trid *"tħobb l-Imħabba"* jeħtieġ li timita din l-imħabba. Jeħtieġ tħobb b'imħabba li tbati, li tinsa lilha nfisha, li tingħata, li tittiekel, li tintemm.

Madre Margerita, bħall-Missier spiritwali tagħha San Franġisk t'Assisi, kienet spiss tieqaf fuq il-Kalvarju tikkontempla l-imħabba tal-Imsallab. U bħala riżultat ta' dan kienet sikwit tħeġġeġ lis-Sorijiet tagħha: *"Nimmeditaw aktar mill-qrib lill-Għarus "appassionato" ("imġarrab" jew "miġnun bl-imħabba għalina") tagħna, biex nitgħallmu nbatu bl-imħabba u nħobbu bit-tbatija."* (163). F'okkażżjoni oħra, kitbet lil waħda mill-komunitajiet tal-Kongregazzjoni tagħha: *"L-attenzjoni tagħkom għandha tkun biss biex timitaw lill-Maħbub Imsallab. Imbagħad, is-sagrifiċċji li tiltaqgħu magħhom intom u tgħixu din l-imitazzjoni, isirulkom ħfief anzi ħelwin."* (V1).

Iżda, imbagħad, Madre Margerita kienet ukoll tfisser kif din l-imitazzjoni ta' Ġesù Msallab kellha twassal għat-tislib miegħu: l-imħabba twasslek fejn il-Maħbub, fl-istess sitwazzjoni tiegħu. *"Inħobbu lill-Għarus ħelu tagħna Ġesù Msallab. U biex inħobbuh sewwa jeħtieġ li nkunu msallbin miegħu."* (70).

Madre Margerita kienet tagħraf il-ħtieġa assoluta tal-imitazzjoni ta' Kristu bil-mixja warajh fit-triq taċ-ċaħda, tal-irfigħ tas-salib, biex niksbu s-salvazzjoni mwiegħda lilna: *"Tiswa tassew lin-natura mħassra tagħna ftit tbatija, li timxi fuq il-passi ta' Ġesù l-Imgħallem tagħna. Imma din biss hi t-triq li twassal għas-sema. Għalhekk, jew nimxu wara Ġesù billi kull waħda ġġorr is-salib tagħha, jew inkella niċħdu għas-saltna tas-sema."* (V8).

Kellha raġun Madre Margerita tixxennaq bla waqfien li s-Sorijiet tagħha jagħmlu ħilithom kollha biex, permezz tal-ispirtu ta' sagrifiċċju jsiru: *"... għarajjes inqas indenji tat-Tarbija Divina, li twieled f'għar bejn żewġ annimali u miet Imsallab bejn żewġ ħallelin. X'mudell ta' min jimitah, x'għarus ta' min iħobbu!"* (64).

**Għeluq**

Bħal-lum sena saret it-traslazzjoni tal-fdal glorjuż ta' Madre Margerita mill-kripta fejn kien ilu għal 42 sena, għal din il-Knisja, fejn diġà ilu sena. Din it-traslazzjoni saret bħala parti mill-ħidma li qed issir fil-Proċess tal-Beatifikazzjoni ta' Madre Margerita. Imma jien nemmen bis-sħiħ li din it-traslazzjoni kellha ħalli effett qawwi fuq il-ħidma li nwettqu aħna li qegħdin tant qrib tal-fdal ta' Madre Margerita, biex nitqaddsu. Il-fdal ta' Madre Margerita waħdu mhux se jagħmel mirakli, għalkemm il-Providenza tista' tinqeda bih biex isiru u jekk isiru jkollhom sehem importanti biex il-Beatifikazzjoni ta' Madre Margerita tkun tista' sseħħ malajr kif ilkoll nixtiequ.

Il-fdal ta' Madre Margerita għandu jkun għalina sejħa siekta li bla waqfien tidwi f'moħħna u f'qalbna biex bħalha nistinkaw ħalli *"Inħobbu l-Imħabba"*. U billi, kif għallmitna Madre Margerita, l-imħabba tassew tintwera fl-ispirtu ta' ċaħda u fl-irfigħ tas-salib, allura, is-sejħa ta' Madre Margerita ssir qawwa li tgħinna nilqgħu kull okkażżjoni ta' ċaħda, kull salib, bħala mezz li bih nawtentikaw l-imħabba tagħna. Għalhekk, bħal Madre Margerita, jeħtieġ ikollna, *"ġuħ għall-umiljazzjonijiet, għal li ma nkunux magħrufin, għat-tixjin."* (30). Bħalha jeħtieġ nibdew nirraġunaw li *"jiswa li llum inġorru xi salib, filwaqt li fil-ħajja l-oħra nithennew għal dejjem."* (65).

Għalhekk, ejjew inroddu ħajr 'l Alla li tana lil Madre Margerita, il-Kongregazzjoni tagħha, imma wkoll u fuq kollox li permezz tagħha saħħaħ fina r-rieda li nimxu fit-triq taċ-ċaħda, li nerfgħu s-salib ma' Kristu, biex ma' Kristu u ma' Madre Margerita naslu għall-qawmien ta' dejjem.

**TALBA**: Mulej Ġesù, int tlabtna biex nimxu warajk fit-triq taċ-ċaħda mgħobbijin bis-slaleb ta' kuljum li int stess tibgħatilna għax tħobbna, u aħna, kemm-il darba wegħdniek li rridu ngħixu skont din ix-xewqa tiegħek. Nitolbuk, għinna nżommu ħarsitna fuq l-eżempju u t-tagħlim tal-omm spiritwali tagħna, Madre Margerita, biex imħeġġin minnha u mqawwijin mit-talb li hi żgur tagħmillek għalina, inkunu nistgħu nwettqu bil-ġenerożità, bil-kuraġġ, u bi-ferħ il-wegħdiet tagħna. Bħal Madre Margerita nemmnu li ma nistgħux inħobbu l-Imħabba mingħajr spirtu ta' sagrifiċċju. Għalhekk, nitolbuk, saħħaħ ir-rieda tagħna ħalli bla biża' u bla tnikkir nimxu warajk fit-triq li mit-tbatija twassalna għall-mewt u għall-qawmien. Ammen.

++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++

# MA' MADRE MARGERITA LEJN IT-TIELET MILLENNJU (1996)

**Daħla**

Kważi elfejn sena ilu *"waslet il-milja taż-żminijiet",* meta *"Alla bagħat lil Ibnu, imwieled minn mara, imwieled taħt il-liġi, biex jifdi lil dawk li kienu taħt il-liġi, biex ikollna l-adozzjoni".* (Gal.4: 4–5).

U, kif ħabbrilna l-Papa Ġwanni Pawlu II, fl-Ittra Apostolika tiegħu, *"Tertio Millennio Adveniente"*, tal-10 ta' Novembru 1994, ilkoll ninsabu fi żmien ta' tħejjija biex, fis-Sena 2000, niċċelebraw kif jixraq il-Ġublew il-Kbir li jfakkar l-għoxrin ċentinarju mill-ġrajja l-kbira tal-Inkarnazzjoni ta' Ġesù Kristu u tas-Salvazzjoni tagħna mwettqa minnu.

Infatti, fl-Ittra Apostolika li semmejna, l-Papa kitbilna *"... l-elfejn sena mit-twelid ta' Kristu, ... jirrappreżentaw Ġublew tassew kbir fuq li kbir, mhux biss għall-insara, imma wkoll, indirettament, għall-ġens kollu tal-bnedmin, minħabba l-parti mportanti li kellu l-kristjaneżmu fid-dinja matul dawn l-aħħar elfejn sena" (15).* Imbagħad, il-Papa jkompli jgħidilna: *"Kull Ġublew hu mħejji mill-Providenza ta' Alla fil-ġrajja tal-Knisja. Dan jgħodd ukoll għall-Ġublew il-Kbir tas-sena 2000. Konvinti minn din il-ħaġa, inħarsu b'sens ta' ħajr u b'sens ukoll ta' responsabiltà lejn kull ma ġara fl-istorja tal-ġens kollu tal-bnedmin, ibda mit-twelid ta' Kristu, u l-aktar lejn kull ma ġara bejn l-elf u l-elfejn sena."* (17).

Minħabba dan kollu, il-Papa ħass il-ħtieġa li jsejjaħ lil kulħadd għal tħejjija spiritwali, aħna u resqin sewwa lejn il-Ġublew il-Kbir tas-sena 2000. *"Jaqbel",* qalilna l-Papa, *"li nersqu lejn din id-data storika permezz ta' fażi ta' tħejjija dwar materji ... li jqanqlu s-sentimenti tal-Insara".* (30). Għalhekk, hi żgur ix-xewqa tagħna ilkoll li nilqgħu l-istedina paterna tal-Papa ħalli nimpenjaw ruħna għal tħejjija xierqa għaċ-ċelebrazzjoni ta' għeluq l-2000 sena mill-Inkarnazzjoni ta' Kristu u l-Fidwa tagħna.

**Mezzi ghat-Tħejjija**

Il-Papa, fl-istess Ittra Apostolika li semmejna, ma naqasx li joffrielna għadd ta' mezzi ta' tħejjija biex iċ-ċelebrazzjoni tal-Ġublew il-Kbir tiksbilna frott siewi għall-mixi 'l quddiem fil-ħajja spiritwali tagħna. U kieku kellna niġbru fil-qosor l-aktar mezzi mportanti għalina, insibu, fost l-oħrajn, **tlieta** li nistgħu nsejħulhom il-punti ewlenin li fuqhom tinbena l-Ittra Apostolika *"Tertio Millennio Adveniente"*.

1. Il-Papa qalilna: *"Iż-żmien wasal fil-milja tiegħu għaliex Alla, bl-Inkarnazzjoni, daħal fil-ġrajja tal-bniedem. L-eternità daħlet fiż-żmien ... Fil-Kristjaneżmu ż-żmien hu ta' mportanza fundamentali. Id-dinja nħolqot fiż-żmien, fiż-żmien seħħet il-ġrajja tas-salvazzjoni ... Bil-miġja ta' Kristu jibdew "l-aħħar żminijiet", "l-aħħar siegħa", jibda ż-żmien tal-Knisja li jibqa' sal-Parusija. Minn din ir-relazzjoni ta' Alla maż-żmien, joħroġ id-dmir li għandna nqaddsu ż-żmien."* (9 – 10)

Mela, l-ewwel tħejjija għall-Ġublew il-Kbir, għandha tikkonsisti f'li nitgħallmu nqaddsu ż-żmien, kull jum, kull minuta ta' ħajjitna, billi nagħrfu niltaqgħu ma' Alla u mal-imħabba tiegħu f'kull ħin, f'kull minuta, f'kull żmien u ġrajja.

2. Il-Papa qalilna wkoll: *"Il-Ġublew tas-sena 2000 għandu jkun talba kbira ta' fidi u radd il-ħajr, l-aktar għad-don tal-Inkarnazzjoni tal-Iben ta' Alla u tar-Redenzjoni li kisbilna. Fis-sena tal-Ġublew, l-insara, b'fidi tal-għaġeb se jidhru quddiem l-imħabba tal-Missier li ta lil Ibnu 'biex kull min jemmen fih ma jintilifx imma jkollu l-ħajja ta' dejjem'* (Ġw 3:16)" (36).

Mela, it-tieni tħejjija xierqa għall-Ġublew il-Kbir għandha tkun tisħiħ tal-fidi tagħna fi Kristu li sar bniedem bħalna u fdiena mill-jasar tad-dnub. Din il-fidi, imbagħad, issir wkoll radd il-ħajr li jwassalna biex inħaddmu mill-aħjar li nistgħu, id-doni kollha li Kristu ġabilna miegħu.

3. Fl-aħħarnett, il-Papa qalilna wkoll: *"Il-ferħ tal-Ġublew hu b'mod partikulari ferħ għall-maħfra tad-dnubiet, il-ferħ tal-konverżjoni ... Ħaġa sewwa, għalhekk, li waqt li t-tieni elf sena tal-Kristjaneżmu qed joqrob lejn it-tmiem tiegħu, il-Knisja timpenja ruħha li tagħraf aħjar id-dnub ta' wliedha, hija u tiftakar fiċ-ċirkustanzi kollha, li fihom, tul iż-żminijiet, tbegħdu mill-ispirtu ta' Kristu u tal-Evanġelju tiegħu ... Il-Knisja li fi ħdanha għandha l-midinbin, hi fl-istess waqt qaddisa, iżda dejjem teħtieġ li tissaffa, bla heda tagħmel penitenza u tiġġedded"* (32).

Għalhekk, it-tielet tħejjija li l-Papa qed jitlob minna hekk kif il-bidu tat-tielet Millennju hu fil-qrib, hi l-għarfien tad-dnub tagħna, mhux biex naqtgħu qalbna, imma biex nikkonvertu.

**Madre Margerita**

Illum, inġbarna hawn flimkien biex infakkru b'radd il-ħajr xieraq, l-44 Anniversarju mill-mewt għażiża tal-Fundatriċi, Madre Margerita, li ġrat filgħodu kmieni fit-22 ta' Jannar 1952, hawn fil-"Casa Madre" tal-Kongregazzjoni tagħha. Jista' jkun li s'issa kienet qed timraħ fi ħsibijietkom il-mistoqsija: imma x'għandu x'jaqsam il-Ġublew il-Kbir ma' Madre Margerita? Inweġibkom mal-ewwel li għandu x'jaqsam, talinqas indirettament. Madre Margerita, bit-tagħlim siewi u prattiku li ħallitilna, tista' tgħinna ħafna fit-tħejjija tagħna għall-Ġublew tas-sena 2000. U kien proprju minħabba f'hekk li għażilt li, fl-okkażżjoni ta' llum, nitħaddet dwar il-*Mixja tagħna lejn it-Tielet Millennju flimkien ma' Madre Margerita*.

Jekk għidna li l-Papa jridna nitħejjew għaċ-ċelebrazzjoni ta' din il-ġrajja qaddisa billi nitgħallmu nqaddsu ż-żmien, Madre Margerita ssaqsina: *"tafu tapprofittaw ruħkom mill-okkażżjonijiet kollha u ma' kulħadd u dejjem"* (72) biex tagħmlu l-Imħabba magħrufa u maħbuba?

Jekk għidna li l-Papa jridna nitħejjew għall-Ġublew il-Kbir billi nsaħħu l-fidi tagħna fi Kristu, li sar bniedem bħalna u fdiena, Madre Margerita tfakkarna bla heda li, *"il-wisq ħelu Salvatur tagħna ġie biex iġib nar, nar; u ma jrid xejn aktar ħlief li dan jitkebbes fil-qlub kiesħa tal-bnedmin."* (64).

Jekk għidna li l-Papa jridna nersqu lejn it-Tielet Millennju b'konverżjoni sinċiera, Madre Margerita tistieden lil kull wieħed u waħda minna: *"umilja ruħek quddiem it-tjubija tiegħu u itlob maħfra għal tant dgħufijiet li għad hemm fik, u b'qalb qawwija ddeċiedi li tagħmel kull ma' tista' biex tikkonverti malajr."* (80).

Għalhekk, ejjew niċċelebraw dan il-jum għażiż tal-44 Anniversarju mill-mewt għażiża ta' Madre Margerita, billi ngħarblu dawn it-tliet sejħat tagħha li huma fi qbil perfett ma' dawk tal-Papa. B'dan il-mod ikollna wkoll l-għajnuna tal-Fundatriċi biex nimxu sewwa fit-triq spiritwali li għandna quddiemna bi tħejjija għall-Ġublew il-Kbir tas-Sena 2000.

1. **Inqaddsu ż-żmien**

Meta l-Papa, fl-Ittra Apostolika tiegħu, kompla jfisser x'ried jifhem bl-istedina tiegħu *"għandna nqaddsu ż-żmien",* qalilna: *"Il-Knisja ... lil kull bniedem turih li kull waħda minn dawn it-taqsimiet taż-żmien (is-sigħat, il-jiem, is-snin, is-sekli), hi mimlija bil-preżenza ta' Alla u bil-ħidma tiegħu għas-salvazzjoni."* (16). U billi l-preżenza ta' Alla, minkejja li ma tidhirx, hi dinamika, hi dejjem attiva bl-imħabba tagħha, in-nisrani hu msejjaħ biex iqaddes iż-żmien billi jagħraf l-imħabba t'Alla u jwieġeb għas-sejħat tagħha f'kull żmien, f'kull ġrajja ta' ħajtu.

Madre Margerita dan kollu kienet tafu u kienet tgħixu sewwa. Infatti, fl-1937, kitbet lin-neputija tagħha li kienet soru f'Kongregazzjoni oħra fejn kienet għadha kemm mietet is-Superjura tagħha, u qaltilha: *"Ara, kif dak kollu li hu ta' dil-ħajja, jintemm ... ara, kif kollox jgħaddi, il-ferħ u n-niket! Hieni min jaf japprofitta ruħu*

*sewwa minn kollox ... Għalhekk, għażiża tiegħi, tgħallem approfitta ruħek mill-okkażżjonijiet kollha biex timxi dejjem 'l quddiem fil-perfezzjoni qaddisa tal-vokazzjoni tagħna."* (170). Mela, skont Madre Margerita, tkun tqaddes iż-żmien meta tfittex li tapprofitta mill-okkażżjonijiet kollha biex tikber fil-qdusija.

Meta fl-1921, Madre Margerita marret Ruma ma' Madre Nazarena biex din tingħata l-kura medika li kienet teħtieġ, f'ittra li kitbet lil Mons Anton Galea, ħallitilna eżempju ċar dwar kif kienet qed tqaddes iż-żmien li għaddiet ma' seħbitha: *"Kemm atti ta' abbandun stajt nagħmel sa minn meta wasalna fil-Belt Imqaddsa. Is-sieħba għażiża batiet u għadha tbati ... dejjem Fiat!!! ... Kultant nara l-jiem għaddejjin mingħajr raġġ ta' tama fil-qrib, nagħmel il-qalb biex inġedded l-atti tal-abbandun, iżda nibża' li jkunu wisq bierda, niexfa u xi drabi bi drawwa ... Insomma, għażiża Missier, irrikkmandani bil-ħeġġa lill-Mulej biex napprofitta ruħi minn dan iż-żmien."* (16). Ninnutaw kemm kienet tistinka Madre Margerita biex tqaddes iż-żmien bl-aħjar mod possibli, u kemm kienet tixxennaq biex tapprofitta ruħha minn żminijiet diffiċli.

F'Mejju 1941, fl-eqqel tat-Tieni Gwerra Dinjija, Madre Margerita kitbet lil Mons Alfons Agius u fissret ruħha kif kienet tiltaqa' mal-imħabba t'Alla – fi kliem ieħor, kif kienet tqaddes iż-żmien – f'mumenti terribli bħalma kienu dawk tal-gwerra: *"Xi ngħidu f'dawn iż-żminijiet tant kritiċi? Aħbarijiet ħżiena, ħżiena, qisu l-Missier tad-dawl m'għadux jitfa' ħarstu fuq umanità!! Iżda ma jiqafx ikun Missier twajjeb, twajjeb, twajjeb!!! Li jikkastiga biex ifejjaq il-ġrieħi tagħna! Biex iwassalna naraw li wara li jdum jistenna jaf iqajjimna mhux biż-żegħil imma bil-bastun iebes!! Jibqa' dejjem l-aħjar Missier ta' ħniena bla tarf."* (39).

Fl-1943, disa' snin qabel mewtha, f'ittra oħra lil Mons Alfons Agius, fissret fil-qosor kif kienet qed tistinka biex tqaddes iż-żmien, is-snin tax-xjuħija tagħha: *"Issa tlift kull sentiment anke dwar il-ħin ... Fiat! Missier tiegħi, inħossni mistagħġba bil-Ħniena bla tarf tat-Twajjeb Alla li għadu jżommni ħajja u jistennieni nkun kollni tiegħu, ruħ u ġisem, minkejja l-ingratitudnijiet tal-imgħoddi, u anke tal-lum!!! ... ħajti tgħaddi bħal qisha fil-għażż minn barra, ladarba ma nista' nagħmel xejn, imma, minn ġewwa irrid ngħix il-ħajja moħbija ta' Nazaret għalkemm insibni distratta. Ngħaddi sigħat qrib il-Priġunier Maħbub, daqqa fin-nixfa u daqqa nibki. L-għażiż Fiat biss u l-abbandun imtenni fil-ħinijiet kollha ta' ħajti ..."* (62).

Hemm ħafna eżempji oħra sbieħ fil-kitbiet ta' Madre Margerita, li jgħallmuna nqaddsu l-ħinijiet kollha ta' ħajjitna. Nistgħu nsemmu wkoll b'liema spirtu kienet tqaddes iż-Żminijiet Liturġiċi biex, kif qalilna l-Papa, fl-Ittra Apostolika tiegħu, *"kull sena, kull jum, kull mument jitħaddnu mill-Inkarnazzjoni u mill-Qawmien mill-imwiet biex hekk isibu posthom 'fil-milja taż-żminijiet'."* (10).

Imma mhux possibli nkomplu nsemmu aktar eżempji, għax il-ħin ma jippermettix. Tajjeb, iżda, nitgħallmu mill-ftit li semmejna, kif, bħal Madre Margerita, nistgħu niltaqgħu mal-imħabba t'Alla. B'hekk, kull ħin, kull żmien jitqaddes, isir Ġublew, laqgħa ta' ferħ ma' Kristu li jimla ż-żminijiet kollha.

1. **Fidi fl-Inkarnazzjoni u l-Fidwa**

*"Il-Ġublew tas-sena 2000",* qalilna l-Papa, *"għandu jkun talba kbira ta' fidi u ta' radd il-ħajr, l-aktar għad-don tal-Inkarnazzjoni tal-Iben ta' Alla, u tar-Redenzjoni li kisbilna."* (32).

Qabel, il-Papa kien diġà qalilna li *"ir-reliġjon tal-Inkarnazzjoni hi r-reliġjon tal-fidwa tad-dinja permezz tas-sagrifiċċju ta' Kristu, li fih tinsab ir-rebħa fuq id-dnub u fuq l-istess mewt ... Ir-reliġjon, li għandha bidu fil-misteru tal-Inkarnazzjoni u tal-Fidwa, hi r-reliġjon li biha wieħed jibqa' fil-fond tal-qalb ta' Alla u jgħix l-istess ħajja tiegħu."* (7 – 8).

Għalhekk, il-fidi u r-radd il-ħajr għall-Inkarnazzjoni u l-Fidwa ta' Kristu jfissru għixien fil-Qalb ta' Kristu. Dan kollu, Madre Margerita kienet tafu sewwa, u bis-sejħat tagħha tagħmlilna kuraġġ biex ngħixuh u nagħtu xhieda

tiegħu bħalha. L-atteġjament bla waqfien tal-ispiritwalità ta' Madre Margerita ġie mfisser sewwa f'ittra li kitbet lil Mons Alfons Agius: *"Naduraw fi skiet profond l-Umanità wisq qaddisa tal-Feddej Divin u Salvatur adorabbli tagħna."* (39).

Madre Margerita kienet temmen li kull ħidma apostolika u kull progress fil-ħajja spiritwali jiġu minn tisħib mill-qrib fil-ħidma salvifika ta' Kristu. Infatti, fl-1947, kitbet dan li ġej lil waħda mis-Sorijiet tagħha: *"Nifraħ li kabbartu l-ħidma, u, allura, il-ġid għall-erwieħ, li jiswew id-Demm għażiż tal-ħelu Salvatur tagħna. Ifirħu dejjem intom ukoll fl-istess Salvatur u, fuq kollox, ikbru fl-imħabba safja u fil-fiduċja sħiħa fil-ħarsien patern tal-Providenza Divina. Qiegħdu l-fiduċja kollha tagħkom fil-Priġunier Maħbub u komplu mexjin 'l quddiem bil-kuraġġ".* (152).

L-ispiritwalità ta' Madre Margerita kienet għal kollox Kristuċentrika bħal dik tal-Fqajjar t'Assisi. Bħalu kienet tieqaf timmedita u trodd ħajr għall-misteru tal-Inkarnazzjoni u għall-Fidwa. Bħal Franġisku, Madre Margerita kienet tixxennaq li tgħammar fil-Pjagi ta' Kristu Msallab. Isimgħu ftit dawn is-siltiet mill-kitbiet li ħallitilna: *"Filwaqt li nibqgħu ngħixu fil-Pjagi Qaddisa tal-Maħbub ħelu tagħna u nżommu qlubna dejjem 'l fuq, żgur li nsiru għarajjes inqas indenji tat-Tarbija Divina li twieled f'għar bejn żewġ annimali u miet Imsallab bejn żewġ ħallelin. X'mudell ta' min jimitah! X'għarus ta' min iħobbu!"* (64)

Darb'oħra naqraw: *"Inħarsu 'l fuq u nilmħu Alla li jinżel mill-ħdan etern tal-Missier divin tiegħu u jiġi biex jieħu l-miżerji umani, u jgħix bħal wieħed mill-ifqar; u imbagħad, mgħajjar u kkundannat għall-mewt, u mewt tas-salib, bejn żewġ ħallelin qisu l-agħar fosthom! Oh, fidi mqaddsa, kemm affarijiet tgħallem lil dawk li jimmeditaw bl-imħabba!"* (147). F'ittra oħra nsibu: *"Kemm għandu tassew jgħaġġibna naraw 'l Alla tliet darbiet qaddis, imwieled f'għar u mejjet fuq salib fuq il-Kalvarju u jibqa' kważi mxejjen f'ostja żgħira! X'jidhrilkom, għeżież? Għaliex sar daqshekk żgħir? Għaliex umilja ruħu daqshekk? Għall-imħabba tagħna, ħlejjaq imsejkna tiegħu; biex jikseb l-imħabba miżera tagħna."* (71).

Quddiem dawn ir-riflessjonijiet, Madre Margerita kienet dejjem tasal għall-istess konklużjoni li għaliha jridna naslu l-Papa aħna u nsaħħu l-fidi tagħna fl-Inkarnazzjoni u fil-Fidwa: *"L-imħabba titħallas bl-imħabba. Għalhekk, inħobbu b'imħabba bla tarf, lil Dak li ħabbna b'imħabba bla tarf!"* (161).

Jekk nagħmlu tagħna din il-konklużżjoni ta' Madre Margerita, żgur li nkunu qed nitħejjew sewwa għaċ-ċelebrazzjoni tal-Ġublew il-Kbir tas-Sena 2000 kif jixtieq il-Papa.

### 2. Nagħarfu dnubna u nikkonvertu

Fl-Ittra Apostolika tiegħu, il-Papa, filwaqt li qalilna li l-ferħ tal-Ġublew hu l-ferħ tal-konverżjoni, kompla: *"il-konverżjoni, il-metanoia, hi l-kundizzjoni meħtieġa minn qabel ħa sseħħ mill-ġdid il-ħbiberija ma' Alla, ir-rikonċiljazzjoni kemm tal-individwi kif ukoll tal-komunitajiet."* (32). U, imbagħad, kompla jiċċara: *"Il-Knisja ma tistax taqsam l-għatba ta' din l-elf sena ġdida, mingħajr ma ġġiegħel 'l uliedha jissaffew bl-indiema tagħhom mill-iżbalji u l-infedeltajiet, minn nuqqas ta' koerenza, u minn nuqqas ta' għemil f'waqtu"*(33).

Dan l-ispirtu ta' konverżjoni kien dejjem jimla l-ħsibijiet ta' Madre Margerita. Ta' Franġiskana awtentika li kienet, qatt ma nsiet il-ħtieġa li tgħix il-*"penitenza evanġelika"*, jiġifieri, ir-ritorn lejn l-għixien tal-Vanġelu b'mod radikali, *"sine glossa"*, kif ried il-Fqajjar t'Assisi. U, allura, Madre Margerita għandha ħafna x'tgħallimna dwar il-ħtieġa tal-konverżjoni vera, hekk kif qed nitħejjew għaċ-ċelebrazzjoni tal-Ġublew il-Kbir tal-Inkarnazzjoni tal-Feddej tagħna, Ġesù Kristu.

Ninnutaw il-ħerqa kbira li kellha Madre Margerita biex tingħaqad għal dejjem mal-Mulej fil-Ġenna. Dil-ħerqa kienet twassalha biex tqis lilha nfisha marbuta f'eżilju hi u tgħix f'din id-dinja. Minħabba f'hekk, fl-1942,

stqarret ma' Mons Alfons Agius: *"Spiss nara erwieħ twajba jtiru u nilmaħ lili nnifsi għadni marbuta f'dan il-ħabs iebes! Xi jrid it-twajjeb Ġesù tagħna minn din l-ilsira msejkna tiegħu? Li tikkonverti u ssir għarusa tassew fidila tiegħu."* (46).

Sena wara, f'Lulju 1943, Madre Margerita, li kienet temmen bis-sħiħ li ż-żmien hu mogħti lilna biex nikkonvertu, tenniet kważi l-istess kliem, f'ittra oħra lil Mons Agius: *"Iva, Missier, nemmen li minħabba l-ħtijiet u d-dnubiet gravi għadu jħallini f'din l-art ingrata ... Għinni, għażiż Missier, ħa nagħmel atti sinċieri ta' ndiema perfetta u ta' umiltà mill-aktar profonda ladarba jien daqshekk ingrata lejn Alla tliet darbiet Qaddis!"* (61).

Jekk imbagħad ninnutaw is-sejħiet spissi li kienet tagħmel għall-konverżjoni, konverżjoni b'rebħiet bla waqfien fuq l-eqqel għadu spiritwali, l-amor proprju, naslu malajr għall-konklużjoni dwar kemm Madre Margerita kienet temmen li l-wasla għaċ-ċelebrazzjoni tal-Ġublew dejjiemi fil-Ġenna mhux possibli jekk mhux bl-għajnuna ta' ħidma bla waqfien ta' konverżjoni. Nisimgħuha ftit: *"Jeħtieġ niġġieldu dejjem kontra n-natura mħassra tagħna. Jeħtieġ nissagrifikaw ruħna bla waqfien; immutu dejjem għas-sodisfazzjonijiet tagħna, għat-tendenzi ħżiena tagħna; ma nistgħu qatt inċedu għar-raġunamenti umani lanqas għall-pretensjonijiet tal-ġisem tagħna ... Kemm nistgħu, bil-grazzja divina, inħarsu 'l fuq, aktar 'l fuq, aktar 'l fuq. Imbagħad ma nħossux aktar la bard u lanqas sħana, imma arja ħelwa u hienja."* (71).

Darb'oħra kitbet: *"Jeħtieġ ngħassu serjament u bi spirtu ġeneruż ħalli nħejju qalb retta u safja għat-tieġ ma' l-Għarus bla tebgħa"*(73). Tajjeb, għalhekk, li aħna wkoll li resqin mhux biss lejn il-Ġublew tas-Sena 2000, imma wkoll lejn il-ferħ tal-Ġublew ta' dejjem fil-Ġenna, inħossu l-ħtieġa tal-konverżjoni, u ngħidu ta' spiss lilna nfusna, ma' Madre Margerita, *"jeħtieġ tassew li nsum aktar, li nixxejjen aktar, li nissaffa aktar."* (22), f'kelma waħda, jeħtieġ li ngħixu l-konverżjoni ta' kuljum tagħna.

**Għeluq**

Qegħdin fl-aħħar sena tal-ewwel fażi – 1994/1996 – ta' tħejjija mnedija mill-Papa għaċ-ċelebrazzjoni tal-Ġublew il-Kbir, fil-bidu tat-Tielet Millennju. Lejn tmiem l-Ittra Apostolika tiegħu, il-Papa qalilna: *"Ħaġa waħda hi żgura: kulħadd hu mistieden jagħmel dak li jista' biex ma tiġix traskurata l-isfida tas-Sena 2000, li magħha hemm żgur marbuta grazzja speċjali tal-Mulej għall-Knisja u għall-ġens kollu tal-bniedem."* (55). U, ftit qabel, kien qalilna: *"Fis-sena 2000 trid tidwi b'qawwa mġedda t-tħabbira: 'Araw, tweldilna s-Salvatur tad-dinja'."* (38).

Qrib il-Milied 1937, Madre Margerita kitbet: *"Diġa ili ngħodd għal 75 darba il-jum kbir tat-Twelid tal-wisq ħelu Bambin tagħna ... Intant, nawguralkom (il-Festi tal-Milied) mimlijin b'kull ġid smewwi; jalla iċ-ċkejken Qaddis Ġesù jagħmilna bħalu, daqshekk żgħar, żgħar, ladarba meta nsiru hekk nistgħu nogħġbuH."* (172). Ninnutaw ftit kif Madre Margerita dakinhar iċċelebrat dak li nisgħu ngħidulu l-Ġublew tad-Djamanti, jiġifieri l-75 darba tal-Festa tal-Milied f'ħajjitha: riedet tqaddes dak il-jum tant għażiż għaliha billi tħalli l-qawwa tal-umiltà ta' Kristu li sar Tarbija ċkejkna, taħdem fiha, biex issir togħġbu aktar.

Jalla aħna wkoll, nimxu fuq il-passi qaddisa ta' Madre Margerita, billi bħalha nitgħallmu nqaddsu kull żmien ta' ħajjitna, billi nħallu 'l Kristu jinkarna aktar f'ħajjitna u jibdilna skont xewqtu, kif jidhirlu Hu.

B'dan il-mod, b'passi ħfief u bil-kuraġġ, nitħejjew kif jixraq għaċ-ċelebrazzjoni tal-Ġublew il-Kbir tas-Sena 2000 u, imbagħad, għaċ-ċelebrazzjoni tal-Ġublew dejjiemi tas-Saltna tas-sema. Madre Margerita tkun magħna f'din il-ħidma qaddisa tagħna, u tmexxina hi bl-għajnuna tat-tagħlim u tal-eżempji qaddisa tagħha. Ammen.

@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@

## Madre Margerita tgħallimna "ngħoddu jiem ħajjitna"

Fis-Salm 90, is-Salmista, waqt li jqis l-hemm tal-Poplu ta’ Alla fl-eżilju ta’ Babel, ifisser il-fiduċja tiegħu f’Alla, u jagħmillu talba mportanti hafna: *“għallimna ngħoddu jiem ħajjitna, sabiex aħna nimxu bil-għaqal”*(S.90,12). B’din it-talba, l-awtur tas-Salm, imnebbaħ minn Alla, ried juri kemm hu mportanti li nqisu sewwa s-siwi tas-snin li ngħixu, skond kemm fihom inkunu fittixna li nwettqu l-pjan ta’ Alla għalina. U jħossu wkoll li jrid jistqarr: “*Żmien ħajjitna hu b’kollox sebgħin sena; l-iżjed tmenin, jekk inkunu f’saħħitna;... malajr jgħaddu, u aħna mmorru magħhom”*(S.90,10). Is-Salmista jrid jgħodd sewwa jiem ħajtu bi tħejjija għall-ħajja dejjiema.

Kull 22 ta’ Jannar, flimkien mas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta’ Ġesù, infakkru l-Anniversarju mill-mewt tal-Fundatriċi. Dan l-Anniversarju jservi ta’ okkażżjoni biex naraw x’għamilna bil-wirt qaddis li ħallitilna, tant snin wara mewtha. Il-wirt spiritwali ta’ Madre Margerita, wirt mibni prinċipalment fuq il-fiduċja tagħha fil-ħarsien patern u providenzjali ta’ Alla, u fit-telqa sħiħa għall-pjani ta’ mħabba tiegħu, hu wirt ta’ siwi kbir għal żminijietna, meta l-parti l-kbira tal-bnedmin ta’ llum huma mehdijin biss f’dak li hu materjali u, allura, f’dak li jrid jintemm.

Madre Margerita spiss kienet tieqaf tgħodd snin ħajjitha u minn dak li tagħraf, tiġbed konklużjonijiet ta’ siwi spiritwali. Hekk, per eżempju għamlet fl-1931, meta f’ittra li kitbet lin-nepputija tagħha, Sr. Antonia Abela, stqarret: *“Diġà ilni nġib l-abitu mqaddes franġiskan għal 50 sena, u kemm inħossni mgħobbija bil-piż ta’ ħafna djun... int agħmel li tista’ biex tiżżejjen bl-isbaħ virtujiet reliġjużi”*(161). Ninnutaw kif hi u tgħodd snin ħajjitha kienet tasal għal konklużjoni prattika anke għal dik il-persuna li lilha tkun tikteb.

F’Diċembru ta’ l-1937, f’ittra oħra lill-istess nepputija, kitbet *“Diġà ngħodd 75 darba l-Jum kbir tat-Twelid tal-wisq ħelu Bambin tagħna... is-saħħa turini li ma ngħoddx wisq aktar... nintelqu fil-ħarsien tal-Providenza Divina”*(172). L-eżerċizzju ta’ l-abbandun sħiħ fil-ħarsien tal-Providenza ta’ Alla, kien l-aqwa konklużjoni ta’ Madre Margerita hi u tgħodd is-75 darba li ċċelebrat il-festa tal-Milied Imqaddes.

Fl-1938, f’ittra lil Sr. Luisa Busuttil stqarret: *“Diġà ilni 51 sena bil-Professjoni Perpetwa u jidhirli li m’għandi xejn ta’ soru ħlief l-abitu u l-isem... il-Pjagi tat-twajjeb Ġesù biss jagħmluli kuraġġ”*(109). Minkejja li fl-umiltà li kellha kienet tagħraf in-nuqqasijiet tagħha, imma ma kenitx taqta’ qalbha hi u tqiegħed il-fiduċja tagħha fl-imħabba tal-Feddej Divin.

Dawn huma ftit eżempji minn ħafna oħrajn li juruna kif Madre Margerita kienet tgħodd is-snin ta’ ħajjitha b’mod spiritwali, jiġifieri, biex tiġbed minnhom konklużjonijiet spiritwali utli kemm għaliha personalment, kif ukoll għal min tkun qed tikteb.

Għalhekk kull meta nfakkru xi Anniversarju tal-ġrajjiet ewlenin tal-ħajja qaddisa ta’ Madre Margerita, u naturalment, anke tal-ħajja personali tagħna, ejjew bħall-Fundatriċi *“ngħoddu jiem ħajjitna”* sewwa, biex naraw fejn inkunu wasalna fil-ħajja spiritwali tagħna. Minn fejn inkunu wasalna, imbagħad, inkunu nistgħu nieħdu l-aħjar konklużjonijiet prattiċi biex il-ġejjieni jkun wisq aħjar mill-imgħoddi. B’hekk ikun jista’ jitwettaq aħjar il-pjan ta’ Alla għalina, fina u bina.

# Ma’ Madre Margerita lejn it-Tielet Millennju:

# Ġesù Kristu (1997)

**Daħla**

Qed noqorbu sewwa lejn l-elfejn sena minn meta *“waslet il-milja taż-żminijiet”*, għax dakinhar *“Alla bagħat lil Ibnu, imwieled minn mara, imwieled taħt il-liġi, biex jifdi lil dawk li kienu taħt il-liġi, biex ikollna l-adozzjoni”*. (Gal.4,4-5)

U sewwasew sena ilu, meta konna qed nagħmlu l-istess ċelebrazzjoni tat-Tifkira li qed nagħmlu llum, l-Anniversarju tal-Mewt tal-Fundatriċi, Madre Margerita, lqajna l-istedina li l-Papa Ġwanni Pawlu II għamlilna fl-Ittra Appostolika tiegħu *“Tertio Millennio Adveniente”* tal-1994, biex nitħejjew sewwa għaċ-ċelebrazzjoni tal-Ġublew il-Kbir tas-Sena 2000, u bl-għajnuna tat-tagħlim tal-Fundatriċi, immeditajna flimkien dwar it-tliet mezzi ewlenin li offrielna l-Papa għal din it-tħejjija.

Rajna dakinhar kif il-Papa qalilna: *“iż-żmien wasal fil-milja tiegħu għax Alla, bl-Inkarnazzjoni , daħal fil-ġrajja tal-bniedem..... minn din ir-relazzjoni ta’ Alla maż-żmien, joħroġ id-dmir li għandna nqaddsu ż-żmien’*(T.M.A. 9-10). Dakinhar ukoll smajna lil Madre Margerita tistieden lil kull wieħed u waħda minna, *“tgħallem approfitta ruħek mill-okkażżjonijiet kollha biex timxi ‘l quddiem fil-perfezzjoni qaddisa tal-vokazzjoni tiegħek”*(170)

Dakinhar smajna l-istedina tal-Papa għal *“talba kbira tal-fidi u radd il-ħajr, l-aktar għad-don tal-Inkarnazzjoni tal-Iben ta’ Alla u tar-Redenzjoni li kisbilna”*(T.M.A. 32). F’dik l-okkażżjoni wkoll, il-Fundatriċi ħeġġitna ngħixu bħalha f’kull ħin ta’ ħajjitna, *“naduraw fi skiet profond l-Umanità wisq qaddisa tal-Feddej Divin u Salvatur adorabbli tagħna”’*(39).

Sena ilu ukoll, tkellimna dwar ix-xewqa tal-Papa li “*l-ferħ tal-Ġublew ikun b’mod partikulari ferħ għall-maħfra tad-dnubiet, il-ferħ tal-konverżjoni”*(T.M.A. 32), filwaqt li smajna lil Madre Margerita tfakkarna li, *‘jeħtieġ ngħassu serjament u bi spirtu ġeneruż ħalli nħejju qalb retta u safja għat-tieġ mal-Għarus bla tebgħa’* (73).

**Is-Sena 1997**

Illum, it-22 ta’ Jannar 1997, ninsabu miġburin flimkien biex fi spirtu ta’ ferħ u ta’ radd il-ħajr, infakkru l-45 Anniversarju mill-mewt tal-Fundatriċi, Madre Margerita. Bħas-soltu, din it-tifkira għażiża toffrielna l-okkażżjoni biex nimmeditaw xi aspetti mill-Ispiritwalità tal-Fundatriċi li jistgħu jgħinuna nkomplu nfasslu l-ispiritwalità tagħna skont il-wirt spiritwali li ħallitilna Madre Margerita.

Imma, tajjeb, niftakru li mas-sena 1997, skont ix-xewqa tal-Papa kif imfissra fit- *“Tertio Millennio Adveniente”*, bdejna t-tieni fażi ta’ tħejjija li tieħu tliet snin - u fi kliem il-Papa *“hi dik ta’ tħejjija vera”’* għaċ-ċelebrazzjoni tal-Ġublew il-Kbir tas-Sena 2000.

Fi kliem il-Papa *“l-ewwel sena, l-1997, se tkun riflessjoni fuq Kristu, il-Verb tal-Missier li sar bniedem bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu. Jeħtieġ naraw b’mod tassew ċar il-karattru kollu kemm huKristoloġiku tal-Ġublew, li se jiċċelebra l-Inkarnazzjoni u d-dħul fid-dinja tal-Iben ta’ Alla, misteru ta’ salvazzjoni għall-qima kollha tal-bnedmin”*(T.M.A. 40). Minħabba dan, it-Tifkira ta’ llum, tal-45 Anniversarju mill-mewt ta’ Madre Margerita,

toffrielna okkażżjoni tassew f'postha, biex mill-karattru għal kolloxKristoloġiku tal-ispiritwalità ta' Madre Margerita, nisiltu aspetti prattiċi li jgħinuna nwieġbu bil-fedeltà għas-sejħa tal-Papa, li nagħmlu mis-sena 1997, sena speċjali ta' riflessjoni dwar Ġesù Kristu.

**Temi Kristoloġiċi**

Bħala għajnuna għal din ir-riflessjoni speċjali dwar Kristu, il-Papa, fit – *"Tertio Millennio Adveniente"*, tana tliet temi Kristoloġiċi fundamentali:

- "l-għarfien mill-ġdid ta' Kristu Salvatur u Xandàr tal-Evanġelju, b'riferenza speċjali għall-Kap IV tal-Evanġelju ta' San Luqa fejn it-tagħlim li Kristu ntbagħat ixandar jintiseġ ma' dak tal-Ġublew' (T.M.A. 40). Tajjeb li niftakru li f'Kap. IV ta' San Luqa naqraw li Kristu, fil-jum tas-Sibt, fis-sinagoga ta' Nażaret, applika għalih innifsu kliem Isaija: *"L-Ispirtu tal-Mulej fuqi, għax Hu kkonsagrani. Bagħatni nħabbar il-ħelsien lill-imjassrin, inwassal il-bxara t-tajba lill-fqajrin, u d-dawl mill-ġdid lill-għomja, inrodd il-ħelsien lill-maħqurin u nxandar is-sena tal-grazzja tal-Mulej"*(ara: Lq.4: 16-22)
- "Għarfien aktar fil-fond tal-misteru tal-Inkarnazzjoni u tat-Twelid fil-ġuf tal-Verġni Marija". ( T.M.A. 40). Sewwa nżommu fi ħsiebna dak li qal il-Papa:*"li l-elfejn sena mit-twelid ta' Kristu (mingħajr ma noqogħdu nqisu l-iżball li sar meta ġiet ikkalkulata s-sena ta' dan it-twelid) jirrappreżenta Ġublew tassew kbir fuq li kbir, mhux biss għall-insara, imma wkoll, indirettament, għall-ġnus kollha tal-bnedmin, minħabba l-parti importanti li kellu l-kristjaneżmu fid-dinja tul dawn l-aħħar elfejn sena'* (T.M.A. 15)
- "Il-ħtieġa tal-fidi fi Kristu għas-salvazzjoni"( T.M.A. 40). Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika jgħallimna: *"Kull min jirrifjuta l-grazzja tal-ħajja li hi fi Kristu, jagħmel hu stess ħaqq minnu nnifsu (ara: Ġw.3.18,12,49) u jieħu skont għemilu (ara:1 Kor.3,12-15); jista', għalhekk, jibgħat lilu nnifsu għall-kundanna ta' dejjem għax iċċaħħad mill-Ispirtu tal-imħabba(ara: Mt.12,32; Lq. 6,4-6; 10,26-31)"* (679)

B'dawn it-tliet temi Kristoloġiċi li tana l-Papa biex nagħmlu r-riflessjoni tagħna matul l-1997 dwar Kristu, ejjew issa nfittxu fit-tagħlim ta' Madre Margerita, biex naraw x'għajnuna toffrielna għal din ir-riflessjoni tagħna. Nemmen bis-sħiħ li dan hu l-aħjar mod li bih nistgħu niċċelebraw din it-Tifkira għażiża ta' llum. Fl-istess ħin nistgħu wkoll ninnutaw kemm it-tagħlim li ħallitilna Madre Margerita fil-kitbiet tagħha hu attwali għal żminijietna u għal kull kategorija ta' persuni.

**Kristu Salvatur u Xandàr tal-Evanġelju**

Il-Papa fit-*"Tertio Millennio Adveniente"*, wara li tkellem dwar l-importanza ta' Kristu fl-istorja tas-salvazzjoni, kompla: *"Huwa hu li jħabbar il-bxara t-tajba lill-fqajrin, li jġib il-ħelsien lil dawk imċaħħdin minnu, li jeħles lill-maħqurin, li jagħti d-dawl lill-għomja (ara: Mt.11,4-5; Lq.7,22). B'dan il-mod hu jagħmel li sseħħ 'Is-sena tal-grazzja tal-Mulej', li jħabbar mhux biss bi kliemu, iżda qabel kollox b'għemilu. Il-Ġublew, jiġifieri sena tal-grazzja tal-Mulej, huwa l-karatteristika tal-ħidma kollha ta' Ġesù, u mhux biss xi ħaġa li tiġi kull ċertu żmien."*(11).

Għalhekk, aħna u mħejju ruħna biex infakkru b'mod xieraq il-Ġublew il-Kbir f'għeluq l-2000 sena minn meta Ġesù Salvatur ta bidu għas-sena tal-grazzja tal-Mulej, għaż-żmien li fih il-grazzja tal-Mulej bdiet taħdem fostna

bix-xandir tal-Bxara t-Tajba, tajjeb li qabel xejn insaqsu lilna nnfusna dwar id-disposizzjoni ta' qalbna biex tilqa' lil Ġesù bil-Bxara t-Tajba tiegħu.

It-tifkira ta' Madre Margerita li qed nagħmlu llum, tgħinna naraw fiha għalliema esperta u eżempju ħaj ta' kif tiddisponi qalbek biex tilqa' l-Bxara t-Tajba tas-salvazzjoni. Madre Margerita, fil-fatt, kienet tinsisti bla waqfien dwar attenzjoni sħiħa għal Kristu. *"Inkomplu dejjem 'l quddiem, bla ma nieqfu fuq ħafna riflessjonijiet li jistgħu jfixkluna f'li nżommu ħarsitna fissa fuq Kristu'"*(149).

Biex dan iseħħ tassew, Madre Margerita kellha ġibda kbira lejn u kienet spiss tirrikkmanda l-ġabra u s-skiet: *"Il-ġabra u s-skiet għandhom ikunu mezzi biex tikkultiva l-ħajja spiritwali tiegħek u l-għaqda mal-Għarus Imsallab'"*(130). Ninnutaw ukoll kif Madre Margerita kienet tfittex is-skiet u l-ġabra biex titgħallem l-Bxara t-Tajba tal-Imgħallem Divin, għax kif kitbet: *"Fis-skiet titgħallem ....'"*(163). Mhux ta' b'xejn li l-atteġġament ewlieni tal-ħajja spiritwali tagħha, ġie mfisser bi kliemha stess: *"naduraw fi skiet profond l-Umanità wisq qaddisa tar-Redentur Divin u Salvatur adorabbli tagħna"*(39). "Tadura" jfisser tisma' fi skiet meqjum u b'attenzjoni sħiħa, tilqa' b'qalb miftuħa u twettaq f'ħajtek b'impenn ġeneruż.

F'dan l-atteġġament ta' adorazzjoni fis-skiet u l-ġabra, Madre Margerita, kienet tilqa' l-Bxara t-Tajba:

A. Mill-misteri ewlenin ta' Ġesù Kristu kif ippreżentati matul is-Sena Liturġika. Innutaw ftit żewġ eżempji qosra: *"Quddiem Alla Tarbija, nitgħallmu nħobbu"*(78). *"Qrib l-Għarus ("appassionato": tfisser "imġarrab" jew "miġnun bl-imħabba għalina") tagħna nitgħallmu nbatu bl-imħabba u nħobbu bit-tbatija'"*(163)
B. Mill-ġrajjiet tal-ħajja ta' kuljum, mis-sinjali taż-żminijiet, Madre Margerita kienet tisma' lis-Salvatur tal-bnedim iwassal il-Bxara t-Tajba tiegħu li tagħmel minn kull żmien u ħin *'sena tal-grazzja'*. Isimgħu żewġ, eżempji oħra: Fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija: *"Jaf jikkastiga biex ifejjaq il-feriti tagħna! Biex nindunaw li wara li jistenna fit-tul jaf iġibna f'tagħna mhux biż-żegħil, imma bil-bastun iebes!"*(39). Fi żmien ix-xjuħija tagħha: *"Kemm-il darba nħoss s-siegħa (li mmut) qrib u nerġa' nsib ruħi f'dan l-eżilju!. X'Fiat twil!.... biex inpatti għall-ħtijiet u għad-djun tal-ħajja twila l-imgħoddija'*(52)
C. Fuq kollox, Madre Margerita kienet tilqa' u tagħmel tagħha, u tistinka biex twassal lill-oħrajn, il-Bxara t-Tajba kif miktuba fil-Kotba Mqaddsa. Isimgħu wkoll xi ftit eżempji: Għax tgħallmet minn kliem Kristu fil-Vanġelu, *"li HU jieħu ħsieb l-għasafar tal-ajru u d-dud tal-art'* (80), allura, kienet tqawwi qalb l-oħrajn: *"Kif ma jħarisx u ma jgħinx u ma jfarraġx lill-għarajjes maħbubin tiegħu li għall-imħabbtu ċaħdu għal pajjiżhom u għall-familja tagħhom u, fuq kollox, għal-libertà tagħhom?"*(80). Għax kienet taf minn kliem Kristu fil-Vanġelu,*"li min ma jiċċekkinx bħal tifel żgħir ma jistax jidħol fis-saltna tas-smewwiet"* (70), kienet spiss tfakkar: *"Kuraġġ, u siru żgħar, żgħar"* (70). Għax kienet qrat sewwa kliem San Pawl: *"Kollox nista' bl-għajnuna Divina u xejn minni nnifsi"*(145), kienet ittenni lis-Sorijiet tagħha: *"aktar ma nagħrfu li ma nistgħu nagħmlu xejn tajjeb, aktar insiru kapaċi bl-għajnuna divina"*(145). Imħeġġa mix-xewqat qawwija *"tal-kbir appostlu: nixtieq nintemm u nkun ma' Kristu"*(42), il-Madre stqarret li mħeġġa minn xewqat bħal dawn, *"nibki u nitniehed u nokrob"*(42), bil-għan li xi darba dan kollu seta' jseħħ fiha wkoll.

Madre Margerita kienet temmen bis-sħiħ li, *"Il-wisq ħelu Salvatur tagħna ġie biex iġib nar, nar u ma jrid xejn aktar ħlief li jitkebbes fil-qlub kiesħa tal-bnedmin"*(64) .U billi dan in-nar tal-Bxara t-Tajba, taż-żmien tal-grazzja

tal-Mulej, *'filwaqt li jsaħħan, idawwal ukoll, allura r-ruħ li tħobb tassew issir ukoll umli u ubbidjenti'* (64) għax titgħallem mit-tagħlim u l-eżempju tas-Salvatur, mill-Bxara t-Tajba tiegħu. Nagħmlu sewwa jekk minn Madre Margerita nitgħallmu nilqgħu sewwa lil Kristu, xandàr tal-Bxara t-Tajba, filwaqt li fis-skiet u l-ġabra nimmeditaw il-messaġġi tiegħu kif imwasslin lilna fil-Liturġija tal-misteri tiegħu, fis-sinjali taż-żminijiet li jibgħatilna u, fuq kollox fit-tagħlim u l-eżempji tiegħu kif miktubin fl-Iskrittura.

**L-Inkarnazzjoni u t-Twelid ta' Kristu**

Dwar dan il-misteru Kristoloġiku li tiegħu fil-Ġublew il-Kbir se nfakkru l-2000 Anniversarju, il-Papa, fit- *"Tertio Millennio Adveniente"'*, offrielna diversi ħsibijiet sbiħ li minnhom nisiltu l-ftit li ġejjin: *"l-Iben ta' Alla 'sar wieħed minna' b'att ta' umiltà mill-aqwa..... Fi Kristu .... hu Alla stess li jitkellem permezz tal-Verb Etern tiegħu li sar bniedem. Hawn insibu l-punt essenzjali li jagħmel il-kristjaneżmu differenti mir-reliġjonijiet l-oħra kollha: f'dawn ir-reliġjonijiet sa mill-bidu nsibu t-tfittxija ta' Alla, imma hu Alla nnifsu ukoll li jiġi bħala Persuna biex ikellem lill-bniedem u jurih it-triq kif jista' jasal għandu.... F'Ġesù Kristu, Alla mhux biss ikellem lill-bniedem, imma jfittxu wkoll. L-Inkarnazzjoni tal-Iben ta' Alla tixhed li Alla ried ifittex lill-bniedem"* (T.M.A. 5-7).

Minn din il-meditazzjoni profonda tal-Papa nistgħu nisiltu żewġ ħsibijiet Kristoloġiċi li huma kumplimentari: l-umiltà ta' Kristu li kif qalilna San Pawl *"xejjen lilu nnifsu billi ħa n-natura ta; lsir"*(Fil.2:7); u l-imħabba tiegħu li wasslitu biex jieħu l-inizzjattiva li jersaq lejna biex jiltaqa' magħna. Ġesù stess qal lil Nikodemu: *"Alla hekk ħabb lid-dinja li ta lil Ibnu l-Waħdieni, biex kull min jemmen fih ma jintilifx, imma jkollu l- ħajja ta' dejjem"'*(Ġw.3:16).

Jekk infittxu fil-kitbiet ta' Madre Margerita, l-aktar fl-ittri li kienet tikteb qrib il-Milied, ninnutaw kif ħsibijietha, f'dak iż-żmien għażiż, kienu jikkonċentraw fuq il-misteru tal-Inkarnazzjoni u tat-Twelid ta' Ġesù. Nistgħu ngħidu li dak li kien jiġri lill-Fqajjar ta' Assisi, kien jiġri wkoll lil Madre Margerita: il-Milied kien isaħħarha! U r-riflessjonijiet li kienet tagħmel dwar dan il-misteru, kienu jiġbru fihom l-istess ħsibijiet tal-Papa: l-umiltà ta' Kristu u l-imħabba t'Alla li fi Kristu resaq lejna, fl-Inkarnazzjoni u t-Twelid tiegħu.

Ninnutaw, l-ewwelnett, kif Madre Margerita kienet tikkontempla l-umiltà ta' Kristu f'dan il-misteru. F'Diċembru tal- 1924, kitbet lis-sorijiet: *"Kemm għandna tassew niskantaw meta naraw lil Alla tliet darbiet Qaddis, imwieled f'Għar ..... X'jidhrilkom, għeżież? Għaliex sar daqshekk żgħir? Għaliex umilja ruħu daqshekk? Għall-imħabba tagħna, ħlejjaq imsejknin tiegħu"*(71). Qrib il-Milied tal-1931, kitbet: *"Inħarsu 'l fuq u naraw Alla li jinżel mill-ħdan etern tal-Missier u jiġi biex jieħu l-miżerji umani u jgħix bħal wieħed mill-ifqar"*(147). Darb'oħra, lejn il-Milied tal-1939, stqarret: *"Ma jistax ikun li nsiru qaddisin mingħajr umiljazzjonijiet. Għalhekk ejjew niċċekknu, niċċekknu bħat-Tarbija ta' Betlem"*(149)

Min -naħa l-oħra, ninnutaw ukoll kif Madre Margerita kienet tintlaqat tassew mill-inizjattiva ta' mħabba t'Alla li fl-Inkarnazzjoni u t-Twelid ta' Kristu resaq lejna. F'Diċembru tal-1921, kitbet: *"inħarsu lejn Ġesù Tarbija fil-grotta.... x'jgħidilna? Araw l-imħabba li għandi għalikom"* (65). Fil-bidu tal-Avvent tal-1924, kitbet lil Madre Paċifika: *"Kemm ħabbna l-Missier Etern Divin meta tana rigal tant għażiż bħalma hu l-Iben waħdani tiegħu! Kif ma mmutux b'radd il-ħajr għall-imħabba daqshekk kbira!"*(86) Fl-20 ta' Diċembru 1942, kitbet lil Mons Alfons Agius: *"Fi żmien tant għażiż bħal dan, nieqfu fi skiet meqjum u nħallu biss lill-Imħabba titkellem. L-Imħabba tant kbira ta' Alla ssir bniedem..... issir Tarbija!..... Min ikollu fidi żgħira biss ma jmutx bl-imħabba"*(56).

Dawn ir-riflessjonijiet ta' Madre Margerita dwar il-misteru tal-Inkarnazzjoni u t-Twelid ta' Ġesù għandhom iħeġġuna biex inkissru s-suppervja tagħna u biex nimpenjaw ruħna bl-imħabba ħalli nersqu dejjem aktar lejn Kristu li, fl-Inkarnazzjoni u t-Twelid tiegħu tant resaq lejna biex isalvana.

**Il-ħtieġa tal-fidi fi Kristu għas-salvazzjoni.**

Il-Papa, wara li qalilna, *"'ladarba l-Ġublew hu msieħeb mit-tifkira tat-Twelid ta' Kristu, minnu nnifsu għandu nota kristuloġika"'*(T.M.A. 31), jkompli jgħidilna, *"dan il-Ġublew irid jwettaq l-insara tallum fil-fidi f'Alla li ġie rivelat fi Kristu"*(T.M.A. 31) Minħabba f'hekk, il-Papa jkompli: *"Fis-sena tal-Ġublew, l-insara, b'fidi tal-għaġeb se jidhru quddiem l-imħabba tal-Missier li ta lil ibnu 'biex kull min jemmen fih ma jmutx, imma jkollu l-ħajja ta' dejjem'(Ġw.1:16)"'*(T.M.A. 320).

Għalhekk, it-tielet tema kristuloġika dwar il-ħtieġa tal-fidi fi Kristu għas-salvazzjoni, tinbena fuq it-tnejn l-oħra ta' qabilha, jiġifieri, l-għarfien ta' Kristu Salvatur u Xandàr tal-Evanġelju u l-Inkarnazzjoni u t-Twelid tiegħu. Din it-tielet tema, mela, għandha twassalna biex inġeddu u nsaħħu l-fidi tagħna fi Kristu għax *"min għandu l-Iben għandu l-ħajja, min ma għandux l-Iben ta' Alla ma għandux il-ħajja"*(1 Ġw.5:12). Hi l-fidi fi Kristu li ssalvana.. Dwar il-fidi ta' Madre Margerita fi Kristu hemm ħafna u ħafna xi tgħid għax Madre Margerita kienet persuna mimlija bi Kristu, persuna li tgħix bi Kristu. Mhux l-ewwel darba li fissret din il-fidi tagħha b'espressjonijiet bħal dawn li ġejjin. Isimgħu ftit: *"( Ġesù) jkun dejjem fi qlubna, f'fommna, fi ħsibijietna"*(161). *"Inħossni tant għatxana għat-tbatija għax narahom ftit wisq biex nikkuntenta lil Ġesù tiegħi"*(148). *"Dejjem ma' Ġesù, dejjem għal Ġesù, dejjem f'Ġesù"* (128).

Iżda, imbagħad, biex niġbru fil-qosor il-fidi ta' Madre Margerita fi Kristu, jeħtieġ insemmu żewġ affarijiet importanti. L-ewwelnett, dil-fidi fi Kristu kienet twassalha biex tħossha vojta, xejn, mingħajru, għax Kristu kien il-Kollox tagħha. It-tieni, l-ispirtu ta' abbandun fil-ħarsien u t-tmexxija ta' Kristu hu l-aqwa espressjoni ta' fidi fi Kristu li nsibu f'Madre Margerita.

Kristu, kif għidna kien il-Kollox ta' Madre Margerita. Isimgħu ftit espressjonijiet li spiss kienu joħorġu minn fommha u li kienu juru x'kien hemm f'qalbna: *"Min iħobbkom iridkom safjin, safjin, għal Dak li hu l-Kollox tagħna"*(74). *"Nagħraf il-miżerja estrema tiegħi, u ninħeba fil-fond tal-abbiss tat-tjubija nfinità tal-Kollox tagħna"*(16). *"Ikun kollox għall-glorja ta' Ġesù Kristu Sultan, il-Kollox waħdieni tagħna!"*(152)

Jekk inkomplu nfittxu fil-kitbiet ta' Madre Margerita, insibu aktar u aktar espressjoninjiet li juru xi kwalità ta' fidi kellha Madre Margerita fi Kristu. Ninnutaw ftit: *"Inħobbu lill-wisq ħelu Ġesù tagħna, li jħobbna bla tarf"'*(8). *"Inħobbu lit-twajjeb Ġesù tagħna u ninxteħtu fil-Qalb wisq qaddisa tiegħu fejn ngħumu fl-imħabba"*(90).

Xi ngħidu, imbagħad għall-fidi ta' Madre Margerita f'Ġesù fl-Ewkaristija, *"l-Priġunier Re"*(112) tagħha, u f'Ġesù Kurċifiss, *"l-Għarus Imsallab"*(128) tagħha? L-istedina li kienet tħobb tagħmel lis-sorijiet tagħha, *"Ħarstek tkun spiss imdawra lejn Ġesù Msallab u qalbek merfugħa qrib it-Tabernaklu"*(130), kienet espressjoni ċara ta' din il-fidi tagħha.

Iżda żgur li l-aqwa espressjoni tal-fidi sħiħa fi Kristu li kellha Madre Margerita, tidher fl-ispirtu ta' telqa sħiħa fil-ħarsien u t-tmexxija ta' Kristu li kienet tgħix f'kull sitwazzjoni ta'ħajjitha. Nisimgħu, għalhekk, kliemha stess dwar din il-karatteristika fundamentali tal-ispiritwalità ta' Madre Margerita. *"L-abbandun sħiħ għall-paternità tal-wisq maħbub Ġesù biss ifarraġna u jsaħħaħna"*(51). *"Oh! X'kalma tgawdi ruħna meta tintelaq bis-sħiħ fil-*

*ħelu Għarus, u biżżejjed"*(143). *"Inġeddu l-att ta' abbandun sħiħ tagħna fil-ħarsien patern tal-wisq ħelu Għarus tagħna Ġesù"*(113).

Din il-fidi fi Kristu ta' Madre Margerita, murija fl-espressjonijiet sempliċi u profondi tagħha, imma, fuq kollox, fit-telqa bla kundizzjonijiet tagħha għat-tmexxija u l-ħarsien tiegħu, kienet xi ħaġa murija bil-fatti fil-ġrajjiet diversi ta' ħajjitha. Kienet dil-fidi li waslitha biex titgħabba bil-piż tal-Kongregazzjoni, kienet din il-fidi li żammitha dejjem miexja 'l quddiem anke meta kellha taffronta diffikultajiet mill-akbar minħabba l-Kongregazzjoni tagħha. Kienet din l-fidi li wasslitha, lil Madre Margerita, għal dak il-grad ta' ħajja qaddisa li nittamaw li ma jdumx ma jkun magħruf b'mod uffiċċjali mill-Knisja, bil-Beatifikazzjoni tagħha.

**Il-Verġni Marija**

Meta l-Papa tkellem mis-sehem tal-Verġni Marija fit-tħejjija għall-Ġublew il-Kbir tas-sena 2000, qalilna: *"Il-Verġni Mqaddsa, li se tkun preżenti b'mod indirett, tul din il-fażi ta' tħejjija, f'din l-ewwel sena, għandna nħarsu lejha aktar fil-misteru tal-Maternità divina tagħha. Hu fil-ġuf tagħha li l-Verb sar bniedem.... Marija dejjem turi l-Iben divin tagħha u tidher għal dawk kollha li jemmnu bħala eżempju ta' fidi li tgħix bil-fatti"*(T.M.A..434)

Madre Margerita wkoll tenfassizza l-Maternità tal-Verġni Marija hi u tfakkar lis-Sorijiet tagħha li Marija tistà tgħin ħafna fl-għixien ta' fidi sħiħa fi Kristu. Isimgħuha: *"Ningħaqdu mal-Omm ħelwa tiegħu biex i nħobbuĦ"*(128). *"L-Omm tal-Għarus tista' kollox b'risq l-għarajjes ta'Binha"*(130).

Fuq kollox jixraq li nilqgħu l-istedina ta' Madre Margerita: *"Itolbu lill-Verġni Mqaddsa biex tiksbilkom id-disposizzjonijiet spiritwali sbieħ kollha tagħha"*(80), fuq kollox u qabel kollox, il-fidi li biha hi laqgħet lil Kristu u seħbitu fil-misteru kollu tiegħu, sa fuq il-Kalvarju.

**Għeluq.**

Illum, f'din iċ-ċelebrazzjon i tal-45 Anniversarju mill-mewt tal-Fundatriċi, Madre Margerita , inħossu l-ħtieġa li b'qalbna kollha nroddu ħajr lil Alla li tana din il-*"mara ta' ħila"*, din ir-reliġjuża franġiskana qaddisa. Inroddulu ħajr ukoll li magħha tana il-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù li wettqet u għadha twettaq ħidmiet ta' appostolat imżejnin bil-marka ta' *"Inħobbu l-Imħabba"*, kemm f'pajjiżna kif ukoll 'l barra mix-xtut ta' pajjiżna.

Iżda, fuq kollox, ejjew ukoll inroddu ħajr 'l Alla li permezz ta' Madre Margerita ħallielna tant tagħlim ta' siwi għall-ħajja spiritwali tagħna. B'mod partikulari, inroddu ħajr 'l Alla għat-tagħlim ta' Madre Margerita li tana llum u li bih nistgħu nagħmlu minn din is-Sena 1997, sena ta' riflessjoni dwar Kristu bi tħejjija għall-Ġublew il-Kbir tas-Sena 2000, kif jixtieq il-Papa Ġwanni Pawlu.

Madre Margerita, b'ħarsitha fuqna mis-sema, żgur li żżommna magħqudin flimkien fi Kristu, ma' Kristu u bi Kristu, biex meta jasal il-waqt bħalha u magħha nitwaħħdu ma' Kristu fis-sema għal dejjem . Ammen.

# Ma’ Madre Margerita lejn it-Tielet Millennju:

# L-Ispirtu s-Santu (1998)

**Daħla**

***“Spiritus ubi vult spirat – L-Ispirtu jonfoħ fejn irid”*** (Ġw. 3:8).

Dan il-kliem intqal minn Ġesù meta Nikodemu mar għandu bil-lejl. Ġesù nqeda bi proverbju Lhudi ta’ dawk iż-żminijiet li kien jitkellem mill-qawwa tar-riħ biex ifisser il-qawwa tal-Ispirtu s-Santu fir-ruħ tan-nisrani. Infatti dritt wara kompla: *“Hekk jiġri minn kull min jitwieled mill-Ispirtu”* (Ġw. 3:8b).

*“L-Ispirtu jonfoħ fejn irid”:* sentenza sempliċi, sentenza misterjuża, sentenza b’tifsira profonda, għax turina l-qofol ta’ dak kollu li nistgħu nkunu nafu dwar il-ħidma tat-Tielet Persuna tat-Trinità Qaddisa, l-Ispirtu s-Santu, li jaħdem kif irid għall-ġid tan-nisrani.

Qegħdin fis-sena 1998. Dwarha, il-Papa Ġwanni Pawlu II, fl-Ittra Appostolika tiegħu bi tħejjija għat-Tielet Millennju, it-*“Tertio Millennio Adveniente”* qalilna: *“Is-sena 1998, it-tieni sena ta’ tħejjija se tkun dedikata b’mod partikulari lill-Ispirtu s-Santu u lill-preżenza tiegħu fi ħdan il-komunità tad-dixxipli ta’ Kristu biex tqaddishom” (T.M.A., 44).*

**Madre Margerita**

Illum, it-22 ta’ Jannar ta’ din is-sena 1998, qegħdin niċċelebraw is-46 Anniversarju mill-Mewt tal-Fundatriċi tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta’ Ġesù, Madre Margerita De Brincat. Din iċ-ċelebrazzjoni nagħmluha bil-ħsieb li nroddu ħajr ‘l Alla li tana lil din il-persuna għażiża bil-Kongregazzjoni li ħallitilna, u bil-ħsieb li nitgħallmu dejjem aktar dwar l-ispiritwalità ta’ din l-Għalliema Qaddisa, u wkoll biex nitolbu lill-istess Spirtu s-Santu biex idawwal lil dawk li qed jaħdmu fil-Proċess tal-Beatifikazzjoni tagħha biex jimxu ‘l quddiem fil-ħidma iimportanti tagħhom.

Diġa, fis-sentejn li għaddew, fl-okkażżjoni tat-22 ta’ Jannar, sibna f’Madre Margertia għajnuna biex nitħejjew għall-Millennju l-ġdid li qed joqrob. Fl-1996, Madre Margerita għallmitna nqaddsu ż-żmien, inroddu ħajr għad-don tal-Inkarnazzjoni u tal-Fidwa, u nesperimentaw il-ferħ ta’ konverżjoni vera. Fl-1997, Madre Margerita għallmitna nifhmu aħjar it-temi Kristoloġiċi dwar Kristu Salvatur, dwar l-Inkarnazzjoni, u dwar il-ħtieġa tal-fidi fi Kristu għas-salvazzjoni.

Illum, fit-tieni sena ta' tħejjija għall-Ġublew il-Kbir tas-Sena 2000, se nagħmlu pass ieħor 'l quddiem lejn it-Tielet Millennju flimkien ma' Madre Margerita, billi nħarsu lejha f'relazzjoni mal-Ispirtu s-Santu. U, għalhekk, insaqsu: Madre Margerita kienet xejn doċli għall-ħidma tal-Ispirtu s-Santu? Kienet tħallih jonfoħ fejn irrid lill-Ispirtu s-Santu? Isimgħu ftit l-esperjenzi li ġejjin u li huma meħudin mill-ħajja tagħha.

**Esperjenzi mill-Ħajja tal-Fundatriċi**

Madre Paċifika li kienet waħda mis-Sorijiet qrib ħafna ta' Madre Margerita, tirrakkonta li darba waħda hawn fil-"Casa Madre", marret fejn Madre Margerita fiċ-ċella tagħha, titlobha tberikha. *"Inxtħett għarkubtejja ħdejha",* tirrakkonta, *"u rajt il-kexxun tal-iskrivanija miftuħ u ma nafx kif ħarist lejh u rajt trijangolu eżatt maqtugħ minn karta u fuqu kien hemm miktub xi kliem bil-Latin. Il-Madre qabdet it-trijangolu, urituli u qaltli: "Hekku x'hemm miktub: 'Spiritus ubi vult spirat – l-Ispirtu jonfoħ fejn irid'." Kompliet tbexxaq xuftejha, bħal riedet tgħid xi ħaġa oħra, iżda siktet",* temmet tirrakkonta Madre Paċifika.

U hawn insaqsu: x'riedet tgħid aktar, Madre Margerita? Isimgħu dil-ġrajja li ġejja li tista' toffrielna xaqq dawl biex inwieġbu għal din il-mistoqsija li għadna kemm għamilna.

L-istess Madre Paċifika tgħid li darba waħda, ċerta Suor Lorenza, li xehdet għal ħafna mill-esperjenzi misterjużi ta' Madre Margerita, marret fuqha u qaltilha li hekk kif daħlet fil-kamra tal-Madre Ġenerali, jiġifieri ta' Madre Margerita, sabitha b'ħalqa miftuħ, mingħajr ma setgħet tagħlqu. Baqgħet hekk għal ċertu żmien mhux ħażin, kompliet tgħidilha Suor Lorenza lil Madre Paċifika. Madre Paċifika, imbagħad, ikkummentat *"kien ġara, kif sirna nafu iżjed tard, li Madre Margerita kienet ħasset fuq fommha n-nifs tal-Ispirtu s-Santu"*. Ma rrid ngħid xejn partikulari dwar din it-tieni ġrajja, iżda naħseb li taqblu miegħi jekk nissogra nikkummenta li Madre Margerita kienet mhux biss doċli għall-qawwa tal-Ispirtu s-Santu, imma wkoll kienet tieqaf tiggustaha sewwa, u qisha riedet tgħid lil Sr. Paċifika, meta din rat dak it-trijangolu tal-karti, biex tkun doċli hi wkoll għan-nifs tal-Ispirtu s-Santu. Iżda, isimgħu esperjenza oħra.

Kien il-25 ta' Jannar, meta fl-Imdina, fil-Kattidral, kienet tiġi ċċelebrata s-Solennità tal-Konverżjoni ta' San Pawl Appostlu, meta, tirrakkonta wkoll Madre Paċifika, *"kont Ħaż-Żebbuġ u kont sejra l-Imdina ma' xi konsorelli biex nisma' l-Paniġierku ta' San Pawl li kellu jagħmlu ċ-ċelebri Dumnikan Taljan, Padre Pio Gustin. Malli Madre Margerita waslet minn Għawdex staqsietni fejn sejrin u jien weġibtha: "Madre sejrin l-Imdina biex nisimgħu l-Paniġierku ta' San Pawl, li se jagħmlu Padre Gustin. Min jaf x'paniġierku sabieħ se jagħmel!!".* "U", tkompli Sr. Paċifika, *"il-Madre qalet: "Għamilt dannu lill-Ispirtu s-Santu. Għax mhux dawn għandhom ikunu r-raġunijiet għala mmorru għall-priedka. Għandna mmorru b'umiltà kbira u mingħajr kurżità fiergħa. Ħejji ruħek biex fil-priedka tisma' l-Kelma ta' Alla u biex tiġbor dik iż-żerriegħa li l-priedka tnissel fil-qalb tagħna, permezz tal-predikatur".* Madre Paċifika kkonkludiet: *"Din l-osservazzjoni għamlitli ħafna ġid. Jien stess, f'ċirkustanzi oħra, kont nirrikkmanda li jmorru jisimgħu l-priedka b'dak l-istess spirtu li bih kienet tridna nkunu animati, Madre Margerita".*

Minn dawn l-esperjenzi ta' Madre Margerita, nistgħu naslu għall-konlużjoni ċara dwar x'riedet tgħid aktar Madre Margerita meta lil Madre Paċifika wrietha dak it-trijangolu li kien jissimbolizza lit-Trinità Qaddisa, u fuqu kien hemm miktub bil-Latin, *"l-Ispirtu jonfoħ fejn irid"*. Riedet tinsisti dwar il-ħtieġa li qatt m'għandna noħolqu xi kwalità ta' tfixil lin-nifs tal-Ispirtu s-Santu. Anzi, kif kienet tagħmel hi, niggustaw dan in-nifs Qaddis,

noqgħodu attenti għall-movimenti kollha tiegħu biex nippruvaw nikkoperaw magħhom bl-aktar doċilità u fedeltà.

**Min hu l-Ispirtu s-Santu ?**

Nagħmlu sewwa li, hawnhekk, nieqfu nwieġbu għal din il-mistoqsija mportanti: min hu l-Ispirtu s-Santu? U t-tweġiba li se nagħtu se tkun prinċipalment meħuda mid-Dokumenti riċenti tal-Knisja.

Il-Konċilju Vatikan II, fil-Kostituzzjoni Dommatika *"Lumen Gentium"*, għallimna: *"Meta ntemmet il-ħidma li l-Missier fada lill-Iben biex iwettaq fid-dinja, nhar Għid il-Ħamsin, intbagħat l-Ispirtu s-Santu biex iqaddes bla qatt ma jehda l-Knisja u biex dawk li jemmnu jkunu jistgħu jidħlu għand il-Missier permezz ta' Kristu fi Spirtu wieħed. Dan hu l-Ispirtu li jagħti l-ħajja, l-għajn ta' ilma li jasal għall-ħajja ta' dejjem; permezz tiegħu l-Missier jagħti mill-ġdid il-ħajja lill-bniedem mejjet ħtija tad-dnub, sakemm iqajjem fi Kristu l-iġsma tagħhom li jmutu. L-Ispirtu jgħammar fil-Knisja u fil-qlub tal-fidili bħal f'tempju u jitlob fihom u jixhed li huma wlied adottivi. Hu jwassal il-Knisja għall-verità kollha, jgħaqqadha fis-sbuħija u fis-servizz, jagħniha b'għotjiet differenti, b'doni ġerarkiċi u b'kariżmi, u b'dawn id-doni jmexxiha u jżejjinha bil-frott tal-grazzja tiegħu"*(4).

Jekk infittxu fl-Enċiklika tal-Papa Ġwanni Pawlu II *"Dominum et Vivificantem"*, dwar l-Ispirtu s-Santu fil-ħajja tal-Knisja u tad-dinja, li ġiet ippublikata fit-18 ta' Mejju 1986, naqraw ħafna tagħlim sabiħ dwar l-Ispirtu s-Santu. Iżda minnha se nisiltu ftit ħsibijiet: *"Hu l-Ispirtu tas-sewwa li Ġesù jsejjaħ Paraklitu – u 'parakletos" tfisser 'difensur',  wkoll 'interċessur' jew 'avukat'. U (Ġesù) jgħid li l-Paraklitu hu Difensur "ieħor", it-tieni wieħed, ladarba hu, Ġesù nnifsu, hu l-ewwel Difensur, ladarba kien hu li wassal u ħabbar l-Bxara t-Tajba (3)... L-Ispirtu s-Santu kellu jkun id-Difensur tal-Appostli u tal-Knisja, dejjem preżenti fosthom – minkejja li ma jidhirx – bħala għalliem tal-Bxara t-Tajba li Kristu xandar (4)... Bejn l-Ispirtu s-Santu u Kristu, fil-ħidma salvifika, teżisti rabta intima li biha l-Ispirtu jaħdem fl-istorja tal-bniedem bħala 'Difensur ieħor' li jassigura b'mod dejjiemi x-xandir u t-tixrid tal-Bxara t-Tajba rivelata minn Ġesù ta' Nażaret (7)... Fl-Ispirtu s-Santu, il-ħajja intima ta' Alla Wieħed u Tlieta, issir kollha kemm hi għotja, qsim ta' mħabba reċiproka bejn il-Persuni Divini... Fl-istess ħin, l-Ispirtu s-Santu li hu daqs il-Missier u l-Iben fid-Divinità,, hu mħabba, għotja mhix maħluqa li minnha ġejjin bħal minn għajn ħajja, l-għotjiet tad-doni kollha lill-ħlejjaq" (10).*

L-Ezortazzjoni Appostolika Post-Sinodali tal-Papa Ġwanni Pawlu II, "Vita Consacrata", dwar il-Ħajja Konsagrata, tgħallimna li *"Matul iż-żminijiet, l-Ispirtu s-Santu dejjem jiġbed xi persuni biex jintebħu bil-ġmiel li jsaħħar ta' din l-għażla hekk impenjattiva... Hu l-Ispirtu li jqanqal ix-xewqa għal tweġiba sħiħa... Hu jsawwar il-qalb ta' dawk li jissejħu u jagħmilhom jixbhu 'l Kristu safi, fqir u ubbidjenti billi jagħtihom il-ħila u jimbuttahom ħa jagħmlu tagħhom il-missjoni tiegħu... jiddestinahom għall-qadi ta' ħuthom skont il-qagħda proprja ta' ħajjithom"*(19).

Ma' dawn is-siltiet mit-tagħlim uffiċjali tal-Knisja, nixtieq inżid ftit ħsibijiet sbiħ dwar l-Ispirtu s-Santu li tani l-awtur Peter G. van Breeman fil-ktieb tiegħu *"As Bread that is Broken"*. Qalilna, fost l-oħrajn: *"L-Ispirtu s-Santu hu l-milja ta' dak li Alla għandu x'jagħti… Hu t-Tielet Persuna tat-Trinita Qaddisa*". Stqarrija qasira li tfisser ħafna.Tfisser li Alla hu *'familja'*.Alla mhux iżolat, mhux magħluq fih innifsu. Alla hu komunità. F'Alla hemm tnissil, għarfien u mħabba, hemm komunikazzjoni perfetta. Il-Missier ifisser u juri ruħu fil-Verb li hu l-Iben.L-Iben jintelaq għal kollox f'idejn il-Missier. Il-Missier u l-Iben huma miftuħa għal xulxin b'mod sħiħ, jaqsmu f'ħajja waħda, f'għaqda li ma tinħallx, f'imħabba bla tmien, fl-Ispirtu s-Santu li hu r-rabta tal-għaqda, ir-rabta

ta' ftuħ bejn il-Missier u l-Iben. L-Ispirtu s-Santu hu l-ispirtu, il-moħħ, il-mentalità ta' Kristu li qalilna: *"Ma nħallikomx iltiema, nerġa' niġi għandkom"* (Ġw 14:18).

**Lejn it-Tielet Millennju**

Il-Papa Ġwanni Pawlu II, meta fit-*"Tertio Millennio Adveniente"* qalilna li s-sena 1998, bi tħejjija għall-Ġublew il-Kbir tas-sena 2000, hi dedikata lill-Ispirtu s-Santu, ġabrilna fil-qosor ħafna tagħlim dwar l-Ispirtu s-Santu fi tliet punti importanti.

1. L-ewwel, billi l-Ispirtu s-Santu, kif naqraw fir-4 Talba Ewkaristika tal-Quddiesa, hu *"l-aqwa don"* ta' Alla, u fl-istess ħin kull ma tagħna Alla seħħ bih, allura l-Papa jinsisti dwar il-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu fl-aqwa ħidma t'Alla għalina, **fil-misteru tal-Inkarnazzjoni**: *"Il-Ġublew il-Kbir… għandu sura pnewmatoloġika, għaliex il-misteru tal-Inkarnazzjoni seħħ bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu… li fil-misteru għoli ta' Alla wieħed fi Tliet persuni, li hu l-Persuna-Imħabba, id-Don mhux maħluq, l-għajn tal-għotjiet kollha li jiġu minn Alla fl-ordni tal-ħolqien, il-prinċipju dirett, u b'xi mod, is-suggett tal-għoti tiegħu nnifsu ta' Alla fl-ordni tal-grazzja. Il-misteru tal-Inkarnazzjoni hu l-qofol ta' din l-għotja tiegħu nnifsu ta' Alla"* (44). U, allura, kif il-ħidma tal-Ispirtu s-Santu wettqet il-misteru l-kbir li bih tqaddisna, hekk ukoll l-istess ħidma tal-Ispirtu s-Santu, aħna u nersqu lejn is-sena 2000, għandha tqanqalna għal qdusija awtentika. L-Ispirtu s-Santu, qalilna l-Papa jinsab preżenti *"fi ħdan il-komunità tad-dixxipli ta' Kristu biex iqaddishom"* (44)
2. It-tieni ħidma msemmija mill-Papa meta ried li s-sena 1998 tkun *"iddedikata b'mod partikulari lill-Ispirtu s-Santu"* (T.M.A. 44), hi dik **tat-tqassim ta' kariżmi, ħidmiet u ministeri diversi**: *"Mela se jkun wieħed mill-impenji ewlenin tat-tħejjija għall-Ġublew, l-għarfien mill-ġdid tal-preżenza u tal-ħidma tal-Ispirtu li jaħdem fil-Knisja kemm sagramentalment, l-aktar permezz tal-Konfirmazzjoni, u kemm permezz tal-ħafna kariżmi, ħidmiet u ministeri li hu jqassam għall-ġid tagħha: 'Wieħed hu l-Ispirtu li jqassam il-ħafna doni tiegħu għall-ġid tal-Knisja, b'id miftuħa, skont l-għana kollha tiegħu, u skont kemm dan il-qadi jkun meħtieġ' (ara 1Kor 12:1-10)"* (45). Fost il-Kariżmi li jqassam l-Ispirtu s-Santu hemm dawk ta' suriet diversi ta' ħajja kkonsagrata.
3. It-tielet ħidma speċifika tal-Ispirtu s-Santu msemmija mill-Papa fit-*"Tertio Millennio Adveniente"*, hi dik **tal-evangelizzazzjoni tagħna**. *"L-Ispritu s-Santu hu għal żmienna wkoll l-awtur ewlieni tal-evangelizzazzjoni tagħna. Tkun ħaġa importanti, għalhekk, li nsiru nafu mill-ġdid li l-Ispirtu s-Santu hu dak li jibni s-Saltna t'Alla tul iż-żminijiet u jħejji d-dehra sħiħa tagħha fi Kristu huwa u jqanqal lill-bnedmin fil-fond ta' qalbhom biex fil-ħajja tagħhom ta' kuljum tinbet iż-żerriegħa tas-salvazzjoni, li tilħaq il-kobor sħiħ tagħha fl-aħħar taż-żminijiet"* (45)L-Ispirtu s-Santu, matul l-istorja tas-salvazzjoni, qajjem qlub ġenerużi li taw ruħhom bis-sħiħ biex jevanġelizzaw lilhom infushom ħalli, imbagħad ikunu jistgħu jevanġelizzaw lill-oħrajn.

Biex niġbru fil-qosor dak li qalilna l-Papa Ġwanni Pawlu II fl-Ittra Apostolika *"Tertio Millennio Adveniente"*, nistgħu ngħidu li filwaqt li l-Ispirtu jonfoħ fejn irrid, jonfoħ żgur lejn il-qdusija, lejn kariżmi, ministeri u ħidmiet, u lejn l-evanġelizzazzjoni.

**Madre Margerita u l-Ispirtu s-Santu**

Diġa rajna kif Madre Margerita mhux biss kienet bniedma li ħalliet lill-Ispirtu s-Santu jonfoħ kif irid fil-ħajja tagħha, iżda wkoll kienet attenta, b'ċerta delikatezza u doċilità li tgħaġġbek, biex ma tqiegħdlu ebda tfixkil Hu u jonfoħ, anzi dejjem għamlet ħilitha kollha biex tintelaq għal kollox fil-kurrent spiritwali tiegħu.

Għalhekk, dak li issa rridu nagħmlu biex infakkru sewwa dan is-46 Anniversarju mill-mewt ta' Madre Margerita, hu li niflu fil-qosor kif Madre Margerita b'konvinzjoni u ġenerożità tal-għaġeb, intelqet fit-tmexxija tat-tliet kurrenti tal-Ispirtu s-Santu li semmielna l-Papa fl-Ittra Appostolika tiegħu, jiġifieri fil-kurrent tal-qdusija, fil-kurrent tal-kariżma li għaliha għażilha u fil-kurrent tal-evanġelizzazzjoni.

1. **Il-Kurrent tal-Qdusija**
   *"L-Ispirtu jonfoħ fejn irid"*.U kif qalilna l-Papa, *"il-preżenza tiegħu fi ħdan il-komunità tad-dixxipli ta' Kristu hi biex iqaddishom"*, (T.M.A. 44). Il-Konċilju Vatikan II, meta fil-*"Lumen Gentium"* jitkellem mis-*'Sejħa Universali għall-Qdusija fil-Knisja'* (Kap. V) jgħidilna li hemm forom diversi ta' qdusija skont il-frott tal-grazzja li l-Ispirtu s-Santu jipproduċi fil-fidili (39).

Il-kurrent ta' qdusija li l-Ispirtu s-Santu nefaħ f'Madre Margerita, u l-koperazzjoni sħiħa tagħha miegħu jidhru minn dawn il-ftit siltiet li se nisimgħu mill-kitbiet tagħha. *" Inkunu dejjem aktar ġeneruzi mal-Maħbub Għarus tagħna biex naslu għal-għan tal-perfezzjoni tagħna. Inkunu lkoll, ilkoll attenti, għax bħal ħalliel jiġi biex jisraqna: u billi aħna ninsabu dejjem lesti, ma jbeżżagħniex, anzi jkun mistenni u mixtieq. Inħobbu H dejjem aktar b'imħabba safja u generuza, ma ngħidu qatt biżżejjed, imma dejjem aktar aħjar u 'l quddiem… Dak li mhux etern, mhu xejn; għalhekk, inżommu fi ħsiebna d-destin ġejjieni tagħna u xejn ma jkun jista jeħodha kontrina"* (77).

Ninnutaw ukoll kif dawn il-ħsibijiet qaddisa li l-Ispirtu s-Santu kien nefaħ ġewwa fiha, kienet tħalli lill-Ispirtu s-Santu jonfoħhom fuq l-oħrajn, permezz tagħha: *" Irċivejt bi pjaċir l-ittra għażiża tiegħek mimlija awguri. … li nirritornahomlok mimlijin qdusija… Nifraħ li tinsab tajba, nittama li mhux biss f'saħħtek, imma aktar f'li timxi 'l quddiem fl-imħabba għat-tbatija, għall-umiljazzjonijiet, eċċ, eċċ, kif naraw fl-eżempju li tana l-wisq Ħelu Għarus tagħna Ġesù… biex ningħataw bis-sħiħ għall-qdusija li hi dik il-ħaġa vera u waħdanija li għaliha jixxenqu l-għarajjes veri u fidili tal-Imsallab"* (164).

F'okkazzjoni oħra, Madre Margerita kitbet hekk: *"Kun af, għażiża tiegħi, li f'din id-dinja kollox jgħaddi: ħaġa waħda biss hi meħtieġa: li ssalva r-ruħ, anzi għalina r-reliġjużi, li nqaddsuha! Il-bqija hu kollu sekondarju. Għalhekk, nitolbu bla waqfien biex qatt ma nonqsu mid-dmirijiet tagħna, anzi nfittxu li nieħdu ħsieb ukoll dawk li ġew afdati fil-ħarsien matern tagħna. Nieħdu ħsieb li huma wkoll, bl-eżempju tajjeb tagħna, jkunu eżatti, miġburin u qaddisin u, fuq kollox, umli u sottomessi bl-imħabba u qatt bil-biża'"* (147).

Madre Margerita tant kienet inħakmet sewwa minn dan il-kurrent ta' qdusija li nefaħ fuqha l-Ispirtu s-Santu li anke l-iċken awguri li kienet twassal fl-ittri tagħha, kien awgurju qaddis: *"Nawguralkom il-grazzji kollha biex tkunu Reliġjużi qaddisin"* (73).

2. **Il-Kurrent tal-Kariżma**

Il-Knisja Post-Konċiljari għallmitna li *"il-Kariżma tal-fundaturi tidher bħala esperjenza tal-Ispirtu s-Santu mgħoddija lid-dixxipli proprji biex ikunu jistgħu jgħixuha, iħarsuha, japprofonduha u jiżviluppawha bla waqfien f'armonija mal-Ġisem ta' Kristu dejjem jikber"* (*'Mutuae Relationes'* II).

Meta Madre Margerita saret membru tal-Kongregazzjoni Reliġjuża *"Terzjarji Franġiskani"* immexxija minn Dun Ġuzepp Diacono, il-Kongregazzjoni kienet prinċipalment addottat il-kariżma Franġiskana, iżda maż-żmien, bis-sehem ewlieni tal-istess Madre Margerita, il-Kongregazzjoni żviluppat il-kariżma proprja tagħha mibnija fuq l-ispiritwalità Franġiskana u fuq l-għanijiet oriġinali tagħha kif imfissrin fir-regola ta' ħajja ta' Madre Margerita *"Inħobbu l-Imħabba... u nagħmluha magħrufa u maħbuba minn kulħadd u kullimkien".*

Dwar kemm Madre Margerita, f'kull żmien ħalliet il-kurrent kariżmatiku jonfoħ fuqha u jmexxiha, jidher ċar minn dawn is-siltiet li ġejjin. Dwar il-kariżma Franġiskana, fost l-oħrajn, naqraw: *"Nagħmel kull ma' nista', u flimkien mal-Majestra nistudjaw il-mod kif innisslu fl-erwieħ teneri tagħhom (tan-novizzi) il-veru spirtu franġiskan"*(96). F'okkazjoni oħra, f'ittra lil Madre Paċifika, insibu: *"Oqgħod attenta li f'dan il-kamp (tal-formazzjoni tas-sorijiet) taħdem bil-għaqal u fl-istess ħin bi spirtu għal kollox evanġeliku u serafiku"*(85). F'ittra oħra, fissret b'dan il-kliem ix-xewqa tagħha: *"Jalla l-Mulej iħares (lis-sorijiet) fis-sempliċità franġiskana tagħhom u jagħmel li jikbru fl-imħabba qaddisa biex isiru denji li jmorru fl-ibgħad missjonijiet"*(88).

Jekk, imbagħad, inħarsu lejn l-aspett partikulari tal-kariżma tal-Kongregazzjoni, jiġifieri dak li għandu x'jaqsam mal-imħabba lejn il-Qalb ta' Ġesù fl-Ewkaristija, li għandha twassal lir-Reliġjuża Franġiskana tal-Qalb ta' Ġesù għal atteġġjament ta' Adorazzjoni, ta' Immolazzjoni u ta' Riparazzjoni, nistgħu ninnutaw kif Madre Margerita kienet dejjem taħt l-influss tal-kurrent kariżmatiku tal-Ispirtu s-Santu li jaħdem fil-fundaturi biex jgħinhom jgħaddu lid-dixxipli tagħhom il-karizma li biha jkun nebbaħhom Hu. Innutaw ftit: *"Iva, iva, akkost tas-sagrifiċċji kollha, jeħtieġ noffru ruħna kollna kemm aħna bħala vittmi tal-Qalb qaddisa"*(140). F'ittra oħra miktuba minn Corfù fl-1919, qalet hekk: *"Nawguralkom, maħbubin uliedi, l-imħabba safja li teqred fina l-imperfezzjonijiet kollha, u tagħmilna vittmi ta' riparazzjoni tal-Qalb Ewkaristika, inqas indenji, kif tixtieq bil-ħeġġa kollha, u titlob għas-sorijiet u wlied maħbubin kollha tagħha, il-fqajra oħtkom u ommkom f'Ġesù, Sr. M. Margerita tal-Qalb ta' Ġesù"*(V1). Ninnutaw, kif Madre Margerita, konxjament jew le, f'din l-ittra miktuba wara waħda miż-żjajjar kanoniċi tagħha, qed tinsisti dwar l-aspett *"matern"* tagħha, biex jidher ċar li, bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu kienet hi li nisslithom f'din il-kariżma proprja tal-Kongregazzjoni.

F'ittra oħra wara żjara kanonika oħra, li fiha ninnutaw dak li diġà kkummentajna dwaru, kitbet dan li ġej: *"Kuraġġ, mela, għeżież uliedi... ersqu spiss lejn il-Qalb Ewkaristika u bl-adorazzjonijiet tagħkom kunu ta' faraġ u tpattija għal tant offiżi li bla waqfien jirċievi mill-bnedmin ingrati kollha, l-aktar mill-erwieħ ikkonsagrati lilu. It-twajjeb Ġesù tagħna jberikna lkoll u jagħmilna qaddisin, kif mill-qalb tawguralkom l-omm maħbuba tagħkom fi Kristu Ġesù, Sr. M. Margerita tal-Qalb ta' Ġesù"*(V9).

F'ittra oħra lil waħda mir-reliġjużi, insibu: *"Ninsab hienja u rassenjata jien u ntenni spiss il-wisq għażiż Fiat. Anzi rrid nissagrifika ruħi kollna kemm jien f'ġieħ Dak li tant iħobbna... Iva, iva, nagħmlu li nistgħu biex nissodisfaw ix-xewqat li Ġesù għandu li jarana kollna tiegħu, għarajjes imsallbin miegħu, priġunieri miegħu fiċ-ċella ewkaristika tiegħu"*(156). Ninnutaw kif l-Ispirtu s-Santu kien bla waqfien imexxi bil-kurrent spiritwali tiegħu lill-Fundatriċi fit-triq tal-kariżma li Hu stess kien nebbaħha.

**3. Il-Kurrent tal-Evanġelizzazzjoni**

L-Eżortazzjoni Appostolika Post-Sinodali *"Vita Consacrata"*, hi u titkellem mill-ħidma tal-Ispirtu s-Santu fil-Ħajja Reliġjuża, tgħid dan li ġej: *"L-istess Spirtu, mhux talli ma jbiegħedx mill-ġrajja tal-bniedem lil dawk li jsejjaħ il-Missier, imma jiddestinahom għall-qadi ta' ħuthom skont il-qagħda proprja tal-Istituti tagħhom"* (19). Ma ninsewx li l-Papa Ġwanni Pawlu II, fit-*"Tertio Millennio Adveniente"*, sejjaħ lill-Ispirtu s-Santu *"l-awtur ewlieni tal-evanġelizzazzjoni"* (45)

U Madre Margerita, inħakmet sewwa minn dan it-tielet kurrent ta' dak, li kif qalilna Ġesù stess *"jonfoħ fejn irid"*. Isimgħu ftit x'kitbet lil xi sorijiet li kienu għadhom kif għamlu l-Professjoni Reliġjuża, meta kienet qed tiftaħ l-ewwel żewġt idjar tal-Kongregazzjoni fl-Italja, fi Troina u Regalbuto fl-1922: *"Offru lilkom infuskom kollkom kemm intom lill-Mulej Ġesù tagħna li qed joffrielkom missjoni mill-aktar għammiela biex tiksbu erwieħ, erwieħ, erwieħ!!! Il-ħelu Ġesù tagħna, joffrielna għelieqi x'naħdmu u x'nieħdu ħsieb; iva, nagħmlu kull ma' nistgħu biex inkunulu ġenerużi fit-tisħib tagħna mas-sejħat kollha mħabba tiegħu... Itolbu fjammi, fjammi ta' mħabba safja, ta' ħeġġa għall-akbar glorja tiegħu, għas-salvazzjoni tal-erwieħ, erwieħ, erwieħ!"*(66). Jidher ċar kif Madre Margerita kienet, dakinhar u dejjem, taħt il-qawwa tal-kurrent ta' evanġelizzazzjoni tal-Ispirtu s-Santu.

Fl-1925, kien hemm xi Sorijiet li bagħtulha xi xbihat qaddisa biex hija jkollha xi tqassam, u Madre Margerita, wara li rringrazzjathom kompliet tiktbilhom hekk: *"Nixtieq xi ħaġa aktar għanja u għażiża. Irrid, nixtieq u nixxennaq erwieħ, erwieħ... agħtuni erwieħ li jħobbu b'imħabba vera u safja lill-Mulej u Etern Alla u nkun hienja,hienja tassew... Hu jrid li jkun magħruf u maħbub, maħbub! Inħobbuh u nagħmlu li jkun maħbub minn kulħadd u kullimkien!! Oh! Li kieku nistgħu nagħmluH magħruf, żgur li jkun maħbub! Intom, għeżież tiegħi, għandkom tant okkażżjonijiet f'waqthom biex tagħmluH magħruf... X'xorti!!"* (72).

Iżda billi Madre Margerita kienet konvinta li biex tagħmel dan kollu ma' l-oħrajn, trid tkun qabel xejn għamiltu miegħek innifsek, biex tevanġelizza jeħtieġ tkun evanġelizzata, wara li kitbitilhom: *"Oh! Qaddsuhom kollha... kollha... iva, kollha..."*(72), kompliet tiktbilhom ukoll: *"nibdew minna nfusna, maħbubin tiegħi. Iva, nibdew minna nfusna billi nkunu ċkejknin u mkebbsin bl-imħabba safja għall-wisq ħelu Ġesù tagħna!"*(72).

Aħna u ninnutaw minn dan kollu kif Madre Margerita kienet ħalliet il-kurrent qawwi tal-evanġelizzazzjoni li nefaħ fuqha l-Ispirtu s-Santu, jmexxiha b'mod qawwi, jixraq ninnutaw ukoll li għal Madre Margerita l-evanġelizzazzjoni kienet tikkonsisti f'li timtela u timla lill-oħrajn bl-imħabba safja. Nistgħu, bla dubju ta' xejn, insejħu lil Madre Margerita *"evanġelizzata mill-imħabba"* u *"evanġelizzatriċi tal-Imħabba"*.

**Il-Verġni Marija**

Il-Papa Ġwanni Pawlu II, fit-*"Tertio Millennio Adveniente"*, għal din is-sena 1998, pinġielna lill-Verġni Marija bħala idejal ta' persuna li ħalliet għal kollox lill-Ispirtu s-Santu jonfoħ kif ried Hu fil-ħajja tagħha. *"Marija, li nisslet il-Verb magħmul bniedem bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu u mbagħad, tul ħajjitha kollha, ħalliet l-Ispirtu s-Santu jmexxiha bil-ħidma tiegħu f'ruħha, tul din is-sena rridu nħarsu lejha u nippruvaw nixbhuha l-aktar bħala l-mara dejjem imħejjija biex tisma' leħen l-Ispirtu, mara tas-skiet, attenta, mara ta' tama, li bħal Abraham għarfet tilqa' r-rieda ta' Alla "ittamat meta ma kienx hemm ebda tama" (ara Rum.4,18). Uriet b'mod mill-aktar għoli l-ħerqa tagħha għall-foqra ta' Jahweh, u dehret tiddi bħal xbieha ta' dawk li b'qalbhom kollha jafdaw fil-wegħdiet ta' Alla"* (48).

Darba waħda, Madre Margerita  stiednet lil waħda mis-Sorijiet: *"Itlob lill-Verġni Mqaddsa biex taqlagħlek id-dispożizzjonijiet spiritwali sbieħ kollha tagħha"*(122). Żgur li Madre Margerita, meta ssuġġeriet din it-talba kienet qed tagħmel ħilitha kollha biex hi stess tikseb id-dispożizzjonijiet spiritwali tal-Verġni Marija, fosthom dik li biha *"ħalliet l-Ispirtu s-Santu jmexxiha bil-ħidma tiegħu f'ruħha"* (T.M.A.,48). Infatti dan kien li ridna naraw illum, meta ħarisna lejn Madre Margerita  bħala persuna li ħalliet *"lill-Ispirtu s-Santu jonfoħ fejn irrid"* fil-ħajja tagħha. Bħal Marija, Madre Margerita  kienet:

- *"il-mara dejjem imħejjija biex tisma' leħen l-Ispirtu"* (T.M.A.,48), għax kif għallmet, *"hu meħtieġ nisktu f'silenzju meqjum u nħallu lill-Imħabba titkellem"* (56);
- *"mara tas-skiet, attenta"* (T.M.A.,48), għax kienet temmen tassew li *"fis-skiet titgħallem titkellem"* (163);
- *"mara ta' tama, li bħal Abraham għarfet tilqa' r-rieda ta' Alla, 'ittamat meta ma kienx hemm ebda tama'* (ara: Rum.4:18)" (T.M.A.,48), għax kienet kapaċi *"tirrassenja ruħha għal kull dispożizzjoni tal-Providenza Divina"* (143);
- *"uriet b'mod mill-aqwa l-ħerqa tagħha għall-foqra ta' Jahweh"* (T.M.A.,48), kienet tara fihom *"teżori tant għeżież li swew il-prezz tad-demm ta' Iben l-aktar għoli"* (131);
- *"dehret tiddi bħal xbieha ta' dawk li b'qalbhom kollha jafdaw fil-wegħdiet ta' Alla"*(T.M.A.,48); f'kollox kienet tfittex *"li tersaq lejH b'fiduċja filjali u tintelaq bis-sħiħ għall-bluha tiegħu"*(109).

**Għeluq**

*"L-Ispirtu jonfoħ fejn irrid"*. Kif rajna, l-Ispirtu nefaħ bil-qawwa fil-ħajja ta' Madre Margerita. U Madre Margerita  mhux biss kienet konxja bis-sħiħ dwar din il-ħidma tal-Ispirtu s-Santu fiha, mhux biss kienet tiggosta ż-żiffa ħelwa tan-nifs tiegħu, mhux biss kienet għal kollox attenta li ma tfixkilx il-qawwa tal-kurrenti tiegħu, iżda kienet tintelaq bis-sħiħ fit-tmexxija ta' dawn il-kurrenti u tħalihom iwassluha fejn ried iwassalha l-arkitett divin, l-Ispirtu s-Santu.

*"L-Ispirtu jonfoħ fejn irrid"*.Jonfoħ ukoll kif irid fil-ħajja ta' kull wieħed u waħda minna. U, għalhekk , iċ-ċelebrazzjoni tas-46 Anniversarju mill-mewt tal-Fundatriċi, Madre Margerita, f'din is-Sena ddedikata lill-Ispirtu s-Santu, għandha ssir għalina lkoll sejħa qawwija biex fuq l-eżempju ta' Madre Margerita  nsiru aktar konxji tal-ħidma tal-ispirtu s-Santu fina, bina, biex, imbagħad nuru dejjem aktar fedeltà u ġenerożità ma' din il-ħidma.

F'waħda mill-aħħar ittri tagħha lil Mons. Alfons Agius, Madre Margerita kitbet: *"F'dan iż-żmien it-talba tiegħi u l-meditazzjoni tiegħi huma: it-tliet tifħiriet tas-Serafini: Qaddis, Qaddis, Qaddis… Oh! it-Tjubija bla tarf ta' Alla tliet darbiet Qaddis tissuplixxi għall-ingratitudni kbira tiegħi"* (127).

Aħna wkoll, illum ma' Madre Margerita, infaħħru lit-Trinità Qaddis li bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu taħdem fina, u nitolbu l-ħarsien mis-sema tal-omm spirtiwali tagħna Madre Margerita  biex l-Ispirtu s-Santu, li jagħti grazzja u dawl lill-fehmiet tagħna, għajn ta' ħajja li qatt ma tiġi nieqsa, jimliena lkoll bl-imħabba u jgħinna nħobbu l-Imħabba u nagħmluha magħrufa u maħbuba minn kulħadd u kullimkien. Ammen.

# Ma’ Madre Margerita lejn it-Tielet Millennju:

# Il-Missier (1999)

*“Alla hekk ħabb lid-dinja li ta lil Ibnu l-waħdieni, biex kull min jemmen Fih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta’ dejjem”*(Ġw..3:16)

*“Kemm ħabbna l-Missier Etern Divin meta tana rigal tant għażiż li hu l-Iben il-waħdieni tiegħu”. (Madre Margerita,* 86)

**Daħla**

*“Fis-sena tal-Ġublew”* kitbilna l-Papa Ġwanni Pawlu II fit-*“Tertio Millennio Adveniente”* ta’ Novembru 1994, *”l-insara, b’fidi tal-għaġeb se jidhru quddiem l-imħabba tal-Missier li ta lil Ibnu, biex kull min jemmen fih ma jintilifx imma jkollu l-ħajja ta’ dejjem(Ġw.3:16)”* (32). Aktar ma jgħaddi ż-żmien, aktar qed noqorbu lejn din il-ġrajja tant importanti għall-fidi nisranija: it-tifkira tal-2000 sena mit-twettiq tal-Misteru tal-Inkarnazzjoni. It-tħejjija għal din il-ġrajja ġiet imnebbħa lilna l-insara mill-Papa stess bl-Ittra Apostolika tiegħu *“Tertio Millennio Adveniente”* tal-10 ta’ Novembru 1994.

Matul l-ewwel fażi ta’ tħejjija, mill-1994 sal-1996, il-Knisja stednitna *“nidħlu aktar fil-fond tal-aspetti karatteristiċi ta’ dan il-Ġublew”*(T.M.A.31). U sewwasew fit-22 ta’ Jannar 1996, ikkunsidrajna flimkien mal-ispiritwalità ta’ Madre Margerita, it-3 karatteristiċi ewlenin ta’ dan il-Ġublew, jiġifieri: id-dmir li nqaddsu ż-żmien, it-talba ta’ fidi u radd il-ħajr għad-don tal-Inkarnazzjoni, u l-ferħ tal-konverżjoni.

Mal-bidu tas-sena 1997, bdejna t-tieni fażi ta’ tħejjija għaċ-ċelebrazzjoni tal-Ġublew, tħejjija Trinitarja. U, għalhekk, fl-ewwel sena, jiġifieri fl-1997, dejjem f’relazzjoni mal-ispiritwalità ta’ Madre Margerita, irriflettejna dwar Kristu,*”il-Verb tal-Missier li sar bniedem bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu”*(T.M.A.,40). Dan għamilnieh billi waqafna fuq it-tliet temi Kristoloġiċi fundamentali li tana l-Papa: l-għarfien mill-ġdid ta’ Kristu Salvatur u

Xandàr tal-Evanġelju, għarfien aktar fil-fond tal-misteru tal-Inkarnazzjoni u tat-Twelid mill-Verġni Marija u l-ħtieġa tal-fidi fi Kristu għas-salvazzjoni.

Is-sena l-oħra,1998, it-tieni sena ta' tħejjija *"kienet ddedikata b'mod partikulari lill-Ispirtu s-Santu u lill-preżenza tiegħu fi ħdan il-komunità tad-dixxipli ta' Kristu biex iqaddishom"*. (T.M.A.44). Dakinhar, sewwasew sena ilu, bl-għajnuna tal-ispiritwalità ta' Madre Margerita, irriflettejna dwar: il-preżenza tal-Ispirtu s-Santu fil-komunità tad-dixxipli ta' Kristu biex iqaddishom, il-ħidma tal-Ispirtu s-Santu li jqassam kariżmi, fosthom dik tal-ħajja reliġjuża u il-ħidma tal-Ispirtu s-Santu bħala awtur tal-evanġelizzazzjoni.

Illum, ninsabu fis-sena 1999 li skont ix-xewqa tal-Papa kif imfissra fit-*"Tertio Millennio Adveniente"* hi *"it-tielet u l-aħħar sena ta' tħejjija li trid twessa' x-xefaq ta' dawk li jemmnu skont il-qjies ta' Kristu: il-qjies tal-Missier li hu fis-smewwiet,(ara: Ġw.16:28)"*(T.M.A.49) U kompla jgħidilna, li, *"il-ħajja nisranija kollha, qisha pelligrinaġġ lejn id-dar tal-Missier"*(T.M.A.49).

U f' din il-mixja, f'dan il-pellegrinaġġ, hi x-xewqa tal-Papa li nagħmlu tliet ħidmiet importanti f'relazzjoni mal-Persuna Divina tal-Missier:

- **l-ewwel**, *"li tiegħu( tal-Missier), kuljum dejjem aktar, nagħrfu l-imħabba bla qjies għal kull bniedem maħluq, u b'mod partikulari għall-iben il-ħali" (Lq.15:11-32)"* (T.M.A.49)
- **it-tieni**, *"is-sens tal-mixi lejn il-Missier, għandu jimbotta lil kulħadd biex, f'għaqda sħiħa ma' Kristu, Feddej tal-bniedem, kulħadd jaqbad il-mixja ta' konverżjoni tassew, li jkollha mhux biss l-aspett 'negattiv' tal-ħelsien mid-dnub, imma ukoll l-aspett 'posittiv' tal-għażla ta' dak li hu tajjeb, imfisser minn dawk il-valuri etiċi li nsibu fil-Liġi naturali u li ġew mwettqa u mfissra fil-fond mill-Evanġelju"*(T.M.A. 50)
- **it-tielet**, *"waqt li niftakru fi Kristu.... huwu juri l-misteru tal-Missier u tal-imħabba tiegħu lill-bniedem, juri ukoll lill-bniedem x'inhu, kollu kemm hu fih innifsu, u jħabbarlu x'inhi l-vokazzjoni tassew għolja tiegħu, għandna naraw li bl-ebda mod ma nkunu nistgħu neħilsu.... tul din is-sena ta' tħejjija, mill-impenn kontra s-sekulariżmu"*. Dwar dan is-sekulariżmu, il-Papa jkompli li l-bniedem *"li mar 'l quddiem ħafna fit-teknoloġija, ftaqar sewwa fih innifsu, għax nesa lil Alla jew warrbu fil-ġenb. Irridu nwieġbu għall-kriżi kbira taċ-ċiviltà, biċ-ċiviltà tal-imħabba, li tinbena fuq il-valuri universali tal-paċi, tas-solidarjetà, tal-ġustizzja u tal-libertà, li laħqu s-sħuħija kollha tagħhom fi Kristu"*(T.M.A.52).

Dawn huma t-tliet ħidmiet importanti li dwarhom il-Papa qed jistedinna nimpenjaw ruħna bis-serjetà fil-mixja tagħna lejn il-Missier f'din l-aħħar sena ta' tħejjija għall-Ġublew il-Kbir tas-sena 2000.

**Madre Margerita**

Bħas-soltu, llum it-22 ta' Jannar, ninsabu hawn biex infakkru b'radd il-ħajr is-47 Anniversarju mill-mewt tal-Fundatriċi tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, Madre Margerita De Brincat li ġrat hawn, "fil-Casa Madre", tal-Kongregazzjoni tagħha, mas-sebħ ta' dan il-jum tal-1952. Tifkira bħal din ma ssirx biex sempliċiment inkunu qed inżidu ċelebrazzjoni oħra mal-ħafna li diġa għandna. Iżda ssir biex insiru nafu dejjem aktar lil din il-persuna mogħtija lilna mill-Providenza Divina, mhux biss biex ħallitilna l-Kongregazzjoni Reliġjuża tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, imma wkoll biex tgħallimna bl-eżempji u l-kitbiet tagħha.

Għalhekk aħna u nfakkru dan l-Anniversarju għażiż b'sentimenti ta' radd il-ħajr, ejjew infittxu fl-ispiritwalità ta' Madre Margerita dak li jista' jgħinna biex nagħmlu l-aħħar pass tagħna lejn il-Ġublew il-Kbir tas-sena 2000, pass li jressaqna qrib il-Missier tas-sema li jħobbna u jieħu ħsiebna,

**L-imħabba tal-Missier**

Flimkien ma' Madre Margerita, ejjew, fl-ewwel post, nagħarfu u nikkontemplaw u nagħmlu att ta' fidi qawwija *"fl-imħabba bla qjies tal-Missier għal kull bniedem maħluq, u b'mod partikulari għall-iben il-ħali"* (T.M.A. 49). Fuq kollox, ejjew nagħarfu u nikkontemplaw b'fidi mħeġġa l-imħabba tal-Missier *"li minnu ntbagħat Ġesù"* (T.M.A. 49) u, kif tistqarr Madre Margerita, *"naraw Alla li jinżel mill-ħdan etern tal-Missier divin tiegħu u jiġi biex jieħu l-miżerji umani u jgħix bħal wieħed mill-ifqar"* (147). Kellha raġun Madre Margerita quddiem din l-imħabba kollha tistagħġeb u ttenni: *"kemm ħabbna l-Missier Etern Divin meta tana rigal tant għażiż bħalma hu l-Iben il-waħdieni tiegħu!"*(86).

Madre Margerita kienet tagħraf bla waqfien l-imħabba bla qjies tal-Missier għall-*"iben il-ħali"*. Tant li fi żmien l-aħħar gwerra dinjija, quddiem tant ġrajjiet ta' niket, kienet tilmaħ fihom l-imħabba t'Alla li ssejjaħ lill-*"iben il-ħali"*, lill-midneb, għall-konverżjoni. Darba minnhom stqarret li l-Missier, *":.... jitfa' fuq l-umanità l-kastigi ħelwin tiegħu biex jagħmel li mmorrru għandu bħala Missier l-aktar ħanin"* (47). U, f'okkażżjoni oħra matul l-istess Tieni Gwerra Dinjija, sewwasew fis-27 t'April 1941, tagħraf u temmen fl-imħabba tal-Missier għall-*"iben il-ħali"* u tikteb: *"... mhux qed jitfa' xita ta' grazzji ma' dawk il-bombi? U ma jidhirlekx li t-twajjeb Alla qed juża ħarsien għal kollox speċjali mal-gżejjer tagħna? U ma taħsibx li qed jistenna konverżjoni universali?"* (38).

Dan l-għarfien u din il-fidi ta' Madre Margerita fl-imħabba tal-Missier tas-sema, kienu jwassluha biex tieħu atteġġament għal kollox tipiku tl-ispiritwalità tagħha, dak ta' telqa sħiħa, ta' abbandun inkundizzjonat fit-tmexxija tal-imħabba tal-Missier. Dan l-atteġġament jitfisser l-aħjar bi kliemha stess. Fl-1923 kitbet dan li ġej: *'"inħossni bħal tarbija ċkejkna ċkejkna, imsieħba minn Missier, li l-preżenza tiegħu tnessini kull imrar"* (25). Fl-1924, fissret ruħha hekk: *"Tkun dejjem magħmula r-rieda wisq qaddisa tal-Missier ħelu tagħna li Fih nintelqu ruħ u ġisem, fil-ħajja u fil-mewt"*(46). F'Settembru tal-1943, tmien snin u nofs qabel mewtha, kitbet: *"Inħossni mgħaġġba mill-ħniena bla tarf tat-Twajjeb Alla li għadu jżommni fil-ħajja u li jistennieni nkun kollni tiegħu, ruħ u ġisem, minkejja l-ingratitudnijiet l-imgħoddija u anke tal-lum tiegħi!"* (62).

Quddiem dawn l-eżempji ċarissimi ta' fidi fl-imħabba tal-Missier, anke għall-*"iben il-ħali"*, li nistgħu nsibu f'Madre Margerita, nagħmlu sewwa jekk bħalha nħossuna bħal dak it-tifel ċkejkna f'idejn il-missier tiegħu filwaqt li dan kien qed jaqsam fuq ħabel stirat bejn żewġ *'skyscrapers'* ta' New York u li, mistoqsi minn sħabu jekk beżax xħin kien f'dak l-għoli, kollu seren wieġeb li le, ladarba kien f'dirgħajn missieru.

Iżda, fuq kollox, ejjew nilqgħu dak li qalilna l-Papa fit-*"Tertio Millennio Adveniente"*, u nagħmlu mill-Ġublew il-Kbir li ġej, *"għemil kbir ta' tifħir 'l Alla"*(49) għall-imħabba tiegħu magħna, billi bħal Madre Margerita, nistqarru bis-sinċerità kollha fis-skiet ta' qalbna: *"imma kif ma mmutux b'rikonoxxenza għall-imħabba tant kbira"*(86). U għalhekk mal-appostlu S.Pawl ngħannu bil-ħeġġa u bl-imħabba:*"Imbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu, li mliena b'kull xorta ta' barka spiritwali fis-smewwiet fi Kristu"* (Ef. 1:3)

**Il-Konversjoni lejn il-Missier**

Il- Papa, kemm-il darba, fit-*"Tertio Millennio Adveniente"* semma li l-ferħ tal-Ġublew għandu jkun il-ferħ tal-konverżjoni vera. Iżda hawnhekk qiegħed jisħaq dwar il-fatt li din il-konverżjoni m'għandhiex jkollha biss aspett

*'negattiv'* tal-ħelsien mill-ħażen, iżda wkoll l-aspett *'pożittiv'* tal-għażla tal-valuri li hemm fil-liġi naturali u mfissra fil-Vanġelu. Ġesù stess sejjaħ lid-dixxipli tiegħu mhux biss biex *'jindmu'*, biex jagħtu daharhom lid-dnub, imma wkoll biex *'jemmnu'*, billi jħaddnu l-valuri tal-Bxara t-Tajba.

Anke dwar dan it-tieni punt, Madre Margerita toffrielna eżempji ċari ta' konverżjoni li hija mixja bla waqfien lejn dak li hu aħjar minn ta'qablu, lejn valuri ta' siwi akbar minn dawk li diġa ġew imħaddna. Meta tikteb dwarha nfisha f'ittra lill-Mons. Alfons Agius fis-26 ta' Jannar 1942, għamlitha ċara dwar il-valur ewlieni li kienet tixxennaq għalih bħala reliġjuża: *"Xi jrid it-twajjeb Ġesù minn din l-imsejkna lsira tiegħu? Li tikkonverti u ssir għarusa tassew fidila tiegħu!"*(46). F'ittra oħra, miktuba fid-19 ta' Lulju 1942 lill-istess Mons. Alfons Agius, semmiet il-konverżjoni li twassal għar-riparazzjoni, li hi valur fundamentali fil-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù: *"Grazzi għall-wisq ħelu Maħbub Ġesù, int Missier, u l-imsejkna bintek, b'xi mod, irxuxtajna ..... Kemm-il darba tħossok fil-qrib u, imbagħad, terġa lura? X'fiat twil, jeħtieġ intenni !!! Int, Missier, tgħid li biex nikkonverti, u jien, li biex inpatti għall-ħtijiet u d-djun tal-ħajja twila tal-imgħoddi"*(52)

Anke meta Madre Margerita kienet tikteb lil xi reliġjuża oħra dwar il-ħtieġa tal-konverżjoni, mhux biss kienet turiha n-nuqqasijiet li għandha twarrab, imma wkoll il-valuri li għandha tħaddan. Ara x'kitbet f'Ottubru tal 1922*: "Irrikmanda ruħek spiss u bil-ħeġġa lill-Qalb Ewkaristika li tista' twasslek biex tagħraf sewwa u taqla' mill-għeruq ta' qalbek kull sentiment egoista u trawwem biss is-sentimenti kollha ta' umiltà, ta' ċkunija.... f'kelma waħda, l-idea tal-verità, ix-xejn veru tagħna u l-kollox tal-Mulej"*(145). Lil waħda reliġjuża li kienet fid-Dar ta' Ruma, kitbitilha dan li ġej: *"Umilja ruħek, mela, fix-xejn tiegħek u wkoll għall-ingratitudnijiet l-imgħoddija, iżda fiduċjuża, inxteħet fil-Qalb wisq qaddisa tal-ħelu Ġesù, bil-persważjoni intima li tkun milqugħa sewwa f'dak l-oċean ta' Tjubija u hemm thenna u ifraħ dwar xortik"*(155).

Il-Papa, f'dan il-kuntest ta' konverżjoni b'direzzjoni ċara lejn il-valuri tal-Vanġelu, isemmi l-importanza tas-Sagrament tal-Qrar: Dan huwa *"l-ambjent biex insibu mill-ġdid u niċċelebraw b'ħeġġa liema bħala s-Sagrament tal-Penitenza fit-tifsira l-aktar għolja tiegħu"*'T.M.A. 50).

Mill-kitbiet ta' Madre Margerita lill-Mons. Anton Galea u lill-Mons. Alfons Agius, nifhmu liema ħeġġa kellha biex tersaq lejn dan is-Sagrament ta' Rikonċiljazzjoni, u kemm kienet tagħmel ħilitha kollha biex ma tħallix jgħaddi ż-żmien twil bejn qrara u oħra. F'ittra tal-1923, miktuba mid-Dar tax-Xagħra, naqraw: *"Minn mument għall-ieħor nistennewk b'ħeġġa.... jekk jogħġbok ejja, għax ilna aktar minn 3 ġimgħat ma nirċievu l-assoluzzjoni sagramentali"* . Darb'oħra, fl-1927, mid-Dar tal-Adorazzjoni, kitbet: *"Nistennewk kuljum. Xi sorijiet ilhom neqsin mill-assoluzzjoni għal 17- il jum.... Jekk ma tistax tiġi għarrafni"*(26)

Minn dan kollu ninnutaw kemm Madre Margerita kienet tistinka biex hi u r-reliġjużi tagħha jgħixu kif jixraq il-mixja tal-konverżjoni lejn il-Missier. Hi x'inhi s-sitwazzjoni tagħna, ejjew nitfgħu ħarsitna fuq il-valuri dejjem akbar u nistinkaw biex nagħmluhom tagħna.

Meta l-awtur Ingliż, Malcolm Muggeridge,ikkonverta fl-età ta' 80 sena, kien hemm korrispondent ta' gazzetta li qallu: *'Ħallejt ftit għall-aħħar, Sur Muggeridge'*. U dak wieġbu: *'Ilni nisma' l-qanpiena tal-Mulej.... ma stajtx nibqa' trux għaliha... qatt mhu tard li tisma' s-sejħa tal-Mulej'*.

Il-Mulej qed isejjaħ lilna lkoll bil-qanpiena tal-Ġublew il-Kbir tas-Sena 2000 miġbuda minn Madre Margerita. Ejjew niftħulu qalbna beraħ u nilqgħu aħjar il-valuri li qed joffrielna.

**L-Impenn kontra s-Sekulariżmu**

L-imħabba tal-Missier hi għall-bniedem sħiħ, ruħ u ġisem. Din l-imħabba trid twassal lill-bniedem għat-tgħannieqa dejjiema tal-Missier fid-dar tiegħu tas-sema. Għalhekk, il-Papa, fit-*"Tertio Millennio Adveniente"* ifakkarna li t-tweġiba tal-bniedem għall-imħabba tal-Missier, murija minn konverżjoni li hi kisba dejjem sejra ta' valuri aqwa, tintwerra f'impenn serju kontra s-sekulariżmu. Il-ġlieda kontra s-sekulariżmu, jew aħjar, kontra l-ispirtu tad-dinja u ta' dak kollu li hu tas-seklu li jintemm, trid issir bl-armi tal-ġustizzja, tal-paċi, tas-solidarjetà, f'kelma waħda, kif qalilna l-Papa stess, *"biċ-ċiviltà tal-imħabba'.*(T.M.A., 52). Ladarba Alla *"hu Imħabba'"*(Ġw.4:8), *"l-imħabba ta' Alla u tal-proxxmu li tiġbor fil-qosor il-ħajja morali kollha ta' min jemmen"* (T.M.A. 50) tifforma t-tweġiba li għandu jagħti kull nisrani, għall-imħabba tal-Missier Alla.

Madre Margerita għarfet sewwa l-ħtieġa tal-arma tal-imħabba biex titwarrab il-frugħa tas-sekulariżmu: *"Inħobbu lil Ġesù, għax Hu biss jistħoqqlu jkun maħbub: il-bqija mhux ħlief frugħa tal-frugħat. Oh! Kemm hu ħelu tħobb l-Imħabba! Oh! Għaliex mhux kulħadd iħobbha?"* (138) Lis-sorijiet tagħha, sa minn dawk iż-żminijiet, meta n-nar tas-sekulariżmu kien għadu ma tħeġġiġx dakskemm hu fi żminijietna kienet tistinka biex jinpenjaw ruħhom bil-qawwa kontrih: *"Kun attenta, attenta, wisq attenta, għax qatt ma għandek tonfoħ il-frugħa li teżisti fid-dinja, l-aktar f'dawn iż-żminijiet.... Aħna għandna nkunu għedewwa tassew tal-frugħa mhux biss għalina nfusna imma wkoll f'dawk li jiddependu minna'"*(132).

F'ittra oħra, miktuba fid-28 ta' Lulju 1939, fissret ruħha dwar l-impenn kontra s-sekulariżmu bil-kliem li ġej: *"Kemm jeħtieġ ikunu serji dawk li jagħmluha mas-sekulari, umli tassew biex ma jafdawx fihom infushom, imma jibżgħu mid-dell tal-periklu. Jeħtieġ nitolbu ħafna għalihom, imsieken, għax xi drabi jsibu periklu fejn linqas jistennewh. Għalhekk dejjem u kullimkien u ma' kulħadd jeħtieġ ikunu serji u prudenti u beżgħana aktar milli kuraġġjużi.....Ftehmna? Nemmen li fhimtni. L-esperjenza hi omm tal-għaqal"*(110)

Madre Margerita kienet temmen li jekk is-sekulariżmu hu ta' ħsara għal kulħadd, hu ta' ħsara b'mod partikulari għal dawk li bil-konsagrazzjoni reliġjuża, ġew magħżulin minn Alla biex jikkonċentraw ħajjithom fuq dak li hu spiritwali. Hu f'dan il-kuntest, li f'okkażżjoni oħra kitbet lin-neputija tagħha, Sr.Antonia: *"Kif jgħaddi kollox.... bħal ħolma jgħaddi dak li hu ta' dil-ħajja..... Inħobbu b'imħabba safja lill-maħbub Ġesù tagħna u ngħixu l-ħajja tal-imħabba safja tiegħu, għax dan biss hu biżżejjed, il-bqija mhux ħlief frugħa u miżerja'"*(174)

Darba waħda, f'ittra miktuba lill-Mons Anton Galea, f'Ottubru 1917, Madre Margerita fissret fil-qosor x'għandu jkun il-għan ewlieni ta' kull appostolat: impenn kontra s-sekulariżmu b'insistenza fuq it-tkabbir taċ-ċiviltà tal-imħabba, kif jgħallimna il-Papa, fit-*"Tertio Millennio Adveniente"*. Isimgħu dak li kitbet: *"Nagħmlu kull sagrifiċċju biex inkebbsuhom bl-imħabba safja, biex ngħinuhom jeħduha kontra l-frugħa tad-dinja ħażina, biex ikunu jistgħu jħobbu u jiggustaw kemm hi tajba l-Imħabba ħelwa"*(7).

Minħabba dan, Madre Margerita kienet titħassar lil dawk li kienu jidhru maħkumin għal kollox mill-ispirtu sekulari tad-dinja. F' ittra miktuba lill-Mons. Alfons Agius, fl-1943, qalet: *"Nitlob,iva, nitlob għall-erwieħ u ma nieqafx nippreżentahom lit-twajjeb Ġesù. Oh! Kemm tnikkitni d-dehra ta' tant u tant erwieħ li jintilfu fil-frugħa"*(60)

Minn dan kollu, jidher ċar kemm Madre Margerita kienet tgħallmet sewwa kliem Kristu: *"Ħadd ma jista' jaqdi żewġ sidien.... ma tistgħux taqdu lil Alla u lill-flus'"*(Mt.6:24) Kienet taf ukoll Madre Margerita li l-impenn kontra dak li hu materjali jeħtieġ li jkun drastiku, deċisiv u konvint, għax ma jistax ikun hemm imħabba ta' Alla mingħajr dan l-impenn serju kontra s-sekulariżmu.

Billy Graham li kien kelliem magħruf mad-dinja kollha għal *'lectures'* tiegħu, kien fi Stokkolma, il-belt kapitali tal-Isvezja, biex jagħti xi konferenzi. Wieħed mill-organizzatturi ħadu għall-mixja madwar il-belt u wara staqsieh x'jidhirlu mill-belt tagħhom. Billy wieġbu: *'għandkom belt sabiħa mingħajr tbissima.... ftit rajt nies jitbissmu.... qrajt ukoll dwar ir-rata kbira ta' suwiċidji li hawn f'din il-belt..... tgħid in-nies tagħkom bidlu 'l Alla mad-dinja?'*

Jeħtieġ li aħna wkoll, bħal Madre Margerita, nipperswadu ruħna li jekk irridu nħobbu l-Imħabba jeħtieġ nimpenjaw ruħna bil-qawwa kollha kontra l-frugħa tad-dinja.

**Il-Verġni Marija**

Il-Papa ,fit-*"Tertio Millennio Adveniente"*, kitbilna:*"F'dan il-qasam wiesgħa ta' impenji, l-Imqaddsa Verġni Marija, il-bint għażiża tal-Missier, tidher quddiemna li nemmnu bħala eżempju perfett ta' mħabba, kemm għal Alla, kif ukoll għall-proxxmu..... Il-maternità tagħha, li kellha l-bidu f'Nażaret, u laħqet il-qofol tagħha f'Ġerusalemm ħdejn is-salib, f'din is-sena trid tinħass bħala stedina ħerqana, kollha mħabba, magħmula lill-ulied kollha ta' Alla biex jergġħu lura lejn dar il-Missier, huma u jagħtu widen għal dak li tgħidilhom: 'Kull ma jgħidilkom Kristu, agħmluh'(ara:Ġw.2:5)"* (54).

Madre Margerita tgħallmet sewwa mill-Verġni Marija kif għandha tgħid il-**'Fiat'** tagħha bħala l-aqwa att ta' mħabba għall-Missier. *".... ningħaqdu mal-ħelwa Omm tagħna u tiegħu biex inħobbuĦ"*(128). F'okkażżjoni oħra fissret ix-xewqa tagħha li l-Verġni Marija tgħinha tissaffa min-nuqqasijiet tagħha biex tkun tista' tingħaqad aktar mal-Għarus tagħha Ġesù, il-mibgħut tal-Missier. Isimgħu kliemha stess: *"Hu tassew meħtieġ li 'l Omm ħelwa tagħna taħbini taħt il-mant matern tagħha, għax ladarba nsibni tant kerha, mhux safja u supperva, ma nafx x'nista' nagħmel biex nidher quddiem l-Għarus Ġesù"* (109). Ejjew, aħna wkoll, nilqgħu l-istedina tal-Ommijiet tagħna, Marija u Madre Margerita, u nistinkaw biex nagħmlu dak li jrid minna Ġesù, ħalli nimxu bil-ħeffa u bil-kuraġġ lejn dar il-Missier.

**Għeluq**

*"Kemm ħabbejtna.... kemm ħabbejtna".* Din l-espressjoni spiss kienet toħroġ mhux biss mill-fomm, imma wisq u wisq aktar mill-qalb ta' Madre Margerita, meta fi Kristu kienet tikkontempla l-imħabba ta' Alla għalina. *"Kemm ħabbejtna..... kemm ħabbejtna!"* Din kienet it-tnehida kollha mħabba ta' Madre Margerita waqt li kienet tiċċelebra lit-Tarbija Divina fil-Milied, lill-Għarus Imsallab fil-Ġimgħa Mqaddsa u lill-Priġunier tal-Imħabba f'Korpus.

Iżda, mbagħad nafu kemm din l-espressjoni ta'Madre Margerita ma kinitx biss karba vojta, imma stil ta' ħajja spiritwali li kienet tgħix f'telqa sħiħa b'fiduċja qawwija fit-tmexxija ta' Dak li hu Imħabba, u f'ħidma bla waqfien biex din l-Imħabba tkun magħrufa u maħbuba minn kulħadd u kullimkien.

Minħabba dan, Madre Margerita, mhux biss tista' tgħinna nagħarfu sewwa l-imħabba tal-Missier, imma wkoll tnebbaħħna kif inwieġbu għaliha bl-aħjar mod possibli. L-istedina tagħha, *"Nintelqu bi sħiħ f'dak il-Ħdan patern ferjn insibu dak kollu li l-imsejkna ruħ tagħna tista' tixtieq jew teħtieġ"* (53), għandha ssir it-tweġiba

tagħna għall-imħabba tal-Missier li tant iħobbna u jieħu ħsiebna. Dak Alla li skont San Pawl, *"Hu għani fil-ħniena, u bis-saħħa tal-imħabba kbira li biha ħabbna, meta konna mejta minħabba dnubietna, tana ħajja ġdida flimkien ma' Kristu""* (Ef.2:4-5), jistenna minna tweġiba sinċiera li għaliha tistedinna Madre Margerita stess; *"Inħobbu, inħobbu lil Alla tant twajjeb u tant qaddis!".*(62). *"Ejjew, ejjew erwieħ, biex tħobbu l-imħabba"* (139).

Mela, aħna u niċċelebraw dan l-Anniversarju għażiż tal-Fundatriċi, u , eżattament, biex niċċelebrawh sewwa, ejjew nistinkaw biex inwieġbu sewwa għal dawn l-istediniet ta' Madre Margerita. Fuq kollox nitolbu lil Madre Margerita biex mis-sema xxerred fuqna ftit mill-ħeġġa li kellha biex bħalha nħobbu l-Imħabba, u bħalha, nintelqu għal kollox fit-tgħannieqa paterna tal-Missier tas-sema Ammen.

# MADRE MARGERITA DE BRINCAT: IMDAWWLA U MAGĦĠUNA MILL-EWKARISTIJA (2000)

*"Ejjew għandi, intom ilkoll li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin, u jiena nserraħkom".*(Mt.11:28).

*"Nirrikkmandalkom bil-ħeġġa li tersqu b'fiduċja filjali ħdejn l-Għarus Priġunier, li għalina baqa' mxejjen fil-Pissidi"*(Madre Margerita,118)..

**Daħla.**

Qegħdin fis-Sena 2000, is-Sena tal-Ġublew il-Kbir, li fiha qed infakkru l-2000 sena mill-Inkarnazzjoni u t-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu. Il-Papa Ġwanni Pawlu II, fit-*"Tertio Millennio Adveniente"* ta' l-1994, qalilna li f'din il-fażi, wara t-tliet snin ta' tħejjija, *"il-fażi taċ-ċelebrazzjoni tal-Ġublew, l-għan ikun il-glorifikazzjoni tat-Trinita Qaddisa li minnha ġej kollox, li lejha kollox miexi, fid-dinja u fl-istorja. Lejn dan il-misteru ħarisna fit-tliet snin ta' tħejjija; minn Kristu u bi Kristu, fl-Ispirtu s-Santu, għal għand il-Missier... Iżda għax Kristu hu t-triq waħdanija li twassal għand il-Missier, biex nuru l-importanza tal-presenza ħajja tiegħu għas-salvazzjoni tagħna fil-Knisja u fid-dinja... is-sena 2000 se tkun kollha kemm hi Ewkaristika: fis-Sagrament ta' l-Ewkaristija l-Feddej li sar bniedem fil-ġuf tal-Verġni Marija elfejn sena ilu, jkompli joffri lilu nnifsu lill-ġens kollu tal-bnedmin bħala għajn ta' ħajja divina"*.(T.M.A.,55).

**Madre Margerita.**

F'din is-Sena 2000, Sena Ewkaristika, sewwasew fit-22 ta' Jannar, infakkru b'radd il-ħajr u bil-ferħ, it-48 Anniversarju mill-mewt tal-Fundatriċi tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, Madre Margerita DeBrincat. F'dan l-Anniversarju se jiġi ċelebrat it-tmiem tal-Proċess Informattiv Djoċesan għall-Beatifikazzjoni u l-Kanonizzazzjoni ta' Madre Margerita. Kien fl-4 ta' Lulju 1988, kważi 12-il sena ilu, li bdiet din il-ħidma mħabbra mill-editt ta' l-Isqof Djoċesan, l-Eċċ.T.Mons. Nikol Cauchi, tat-30 ta' Mejju 1988 li nqara fil-Knejjes kollha t'Għawdex fil-Festa ta' l-Ewkaristija *"Corpus Christi"*, ta' dik is-sena, fil-5 ta' Ġunju 1988.

Minn dakinhar inġabar it-tagħrif kollu possibli dwar il-persuna, il-virtujiet, u il-ħidma ta' Madre Margerita. U issa, sewwasew fil-bidu tas-Sena Ewkaristika tal-Ġublew il-Kbir, se niċċelebraw it-tmiem ta' din il-ħidma, biex id-dokumenti kollha jittieħdu Ruma. Dawn il-ġrajjiet kollha qishom iridu jindikawlna kemm Madre Margerita kienet tassew *"persuna mdawwla u magħġuna mill-Ewkaristija"*. Hu tassew veru dak li nkiteb dwarha:*"Madre Margerita għamlet mill-Ewkaristija l-ġabra ta' l-ispiritwalità tagħha, tat-tejoloġija tagħha, tal-kult tagħha"* (Calliari Paolo: "Inħobbu l-Imħabba": 1987, p.183).

U għalhekk, biex matul din is-Sena Ewkaristika tal-Ġublew il-Kbir, jirnexxielna nifhmu ftit aktar il-kobor tat-teżori bla qjies li Kristu ħallielna fl-Ewkaristija, ejjew ningħaqdu ma' din il-persuna mdawla u magħġuna mill-Ewkaristija, biex bħalha u magħha nifhmu l-ħtieġa kbira li aħna wkoll nibdew niċċelebraw aħjar dan il-misteru kbir ta' l-imħabba ta' Kristu għalina.

Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika jgħallimna:*"Il-Feddej tagħna, fl-Aħħar Ikla tiegħu, fil-lejl li ġie ttradut, waqqaf is-sagrifiċċju Ewkaristiku tal-Ġisem u d-Demm tiegħu biex ikompli s-sagrifiċċju tiegħu tas-salib tul iż-żminijiet sa ma jerġa' jiġi, u biex iħalli f'idejn il-Knisja, l-Għarusa maħbuba tiegħu, it-tifkira tal-Mewt u l-Qawmien tiegħu mill-imwiet: Sagrament ta' tjieba, sinjal ta' għaqda u rabta ta' mħabba, l-ikla ta' l-Ghid li fiha Kristu jittieħed bħala ikel, ir-ruħ timtela' bil-grazzja, u jingħatalna r-rahan tal-ħajja ta' dejjem"* (1323).

Għalhekk, biex nitkellmu sewwa dwar l-Ewkaristija, u biex inħallu lil Madre Margerita tgħallimna bl-eżempji u l-kitbiet tagħha, ejjew nikkunsidraw flimkien it-tliet rejaltajiet li Ġesù Kristu ħallielna f'dan is-Sagrament kbir ta' mħabbtu għalina:

- ir-rejaltà tas-Sagrifiċċju, il-Quddiesa;
- ir-rejaltà tas-Sagrament, it-Tqarbin;
- ir-rejaltà tal-Preżenza, fit-Tabernaklu.

+++++++++++++++++++++++++++++++++++

# IL-QUDDIESA:

L-Ewkaristija bħala Sagrifiċċju, jew aħjar il-Quddiesa, hija l-offerta tal-Ġisem u d-Demm ta' Kristu li taħt ix-xbihat tal-ħobż u l-inbid, is-Saċerdot joffri 'l Alla fuq l-artal, bħala tifkira u tiġdid tas-Sagrifiċċju tas-Salib. Il-Quddiesa tfakkarna mhux biss fl-Aħħar Ikla tal-Mulej fiċ-ċenaklu ta' Ġerusalemm, imma wkoll fil-misteru kollu ta' l-Ghid tiegħu, il-Passjoni, il-Mewt u l-Qawmien Rebbieħ tiegħu mill-mewt. Nistgħu ngħidu li l-Quddiesa hi ċ-ċelebrazzjoni ferrieħa u rikonoxxenti ta' l-imħabba li biha Ġesù ħabbna.

Il-Quddiesa hija wkoll sagrifiċċju għax fiha jiġi offrut Kristu, il-vittma waħdanija li tassew togħġob 'l Alla. Ġesù wettaq is-sagrifiċċju tiegħu nnifsu fuq is-Salib, darba għal dejjem. Il-Quddiesa ġġedded, tirriproduċi mill-ġdid dak is-sagrifiċċju bl-istess effetti tiegħu, iżda b'mod differenti, jiġifieri, b'mod Sagramentali, taħt xbihat, u mingħajr tixrid ta' demm.

Dawn il-ftit ħsibijiet dwar il-Quddiesa, jghinuna nifhmu xi ftit il-kobor u l-qdusija ta' dan is-Sagrifiċċju Ewkaristiku. Iżda fl-istess hin għandhom iqanqluna biex niċċelebraw dan is-sagrifiċċju b'mod tassew ħaj, b'seħem attiv u mifhum, u, fuq kollox, b'atteġġjament li tassew jinvolvina, jagħmilna parti ħajja fiċ-

ċelebrazzjoni tiegħu, fl-offerta tiegħu, fil-qdusija tiegħu. Forsi wasal iż-żmien li nwarrbu mill-vokabularju tagħna l-espressjoni *"se mmur nisma' l-Quddiesa"* u nibdew nużaw dik li aktar tfisser l-atteġġjament li suppost nieħdu *"se mmur niċċelebra l-Quddiesa"*.

Ma nistgħux nieħdu sehem sħiħ fil-Quddiesa, jekk ma niċċelebrawx ma' Kristu, jiġifieri jekk ma nifirhux tassew bis-salvazzjoni tagħna li titwettaq f'misteru waqt il-Quddiesa. Ma nistgħux niċċelebraw sewwa l-Quddiesa jekk ma noffrux lilna nfusna 'l Alla flimkien ma' Kristu. Ma nistgħux niċċelebraw sewwa l-Quddiesa jekk ma naqsmux tassew fil-qdusija ta' dan is-sagrifiċċju bil-qdusija personali tagħna.

Iċ-ċelebrazzjoni tat-48 Anniversarju mill-mewt ta' Madre Margerita, li miegħu, din is-sena, se niċċelebraw pass ieħor importanti fil-Proċess tal-Beatifikazzjoni tagħha, joffrielna okkażżjoni sabiha biex nitfgħu ħarsitna fuq Madre Margerita, u mill-eżempji u t-tagħlim tagħha nitħeġġu biex niċċelebraw aħjar is-Sagrifiċċju Ewkaristiku tal-Quddiesa.

Tajjeb li nżommu quddiem għajnejna li fi żmien Madre Margerita, il-Quddiesa kienet tiġi ċelebrata bil-Latin u s-Saċerdot kien jiċċelebraha dahru lejn in-nies, meta ma kienx ikun hemm xi persuna li tgħid ir-Ružarju għan-nies waqt il-Quddiesa. Dan kollu ma tantx kien jgħin biex il-fidili jieħdu seħem sħiħ fil-Quddiesa.

Iżda dwar Madre Margerita, minkejja li kienet tgħix f'dawk iż-żminijiet, irridu nitkellmu mod ieħor. Is-seħem tagħha fil-Quddiesa kien dejjem ħaj, mifhum u attiv. Dak li nkiteb dwar il-Quddiesa li ġiet iċċelebrata fil-Knisja tal-"Casa Madre" fis-17 t'Awissu 1933, meta ġie mfakkar il-50 Anniversarju tal-Professjoni tagħha, jurina l-atteġġjament abitwali tagħha waqt is-sagrifiċċju ewkaristiku. Naqraw li dakinhar *"matul il-hin kollu tal-Quddiesa ma għamlet xejn għajr tibki"* (Calliari Paolo: "Inħobbu l-Imħabba", p.167).

X'kien dan il-biki ta' Madre Margerita li spiss kien jidher matul il-Quddiesa li fiha kienet tiehu sehem kuljum? Kien biki ta' ferħ u ta' radd il-ħajr quddiem misteru tant kbir ta' mħabba. Kien biki ta' riparazzjoni għad-dnubiet tal-bnedmin. Kien l-atteġġjament spiritwali li bih kienet tħoss li qiegħdha ma' Kristu fuq il-Kalvarju, kif darba waħda stqarret f'ittra lil Mons. Alfons Agius, fl-1943: *"Fis-Sagrifiċċju Mqaddes, f'dak il-Kalvarju, kif tħossok qed tmut mal-Vittma bla Tebgħa!"* (60).

Il-Papa Pawlu VI, fl-Istqarrija tal-Fidi maħruġa minnu fit-30 ta' Gunju 1968, stqarr: *"nemmnu li l-Quddiesa ċelebrata mis-Saċerdot fil-persuna ta' Kristu...hi tassew is-Sagrifiċċju tal-Kalvarju Sagramentalment imwettaq fuq l-artali tagħna".* U Madre Margerita kienet tgħix il-ħin tal-Quddiesa, kif smajniha tistqarr, fuq il-Kalvarju. Kienet trid tgħix dak li għallem San Pawl dwar il-Quddiesa: *"ixxandru l-mewt tal-Mulej sa ma jiġi"* (1Kor.11:26b).

Żgur li dan kien dak li riedet tfisser Madre Margerita, meta f'ittra lil Mons. Anton Galea, qalet: *"Irrikkmandani bil-ħeġġa fis-Sagrifiċċju Qaddis, biex tingħatali l-grazzja li nintemm għal kollox fil-fjammi ta' l-Imħabba Divina"*(6). U, darb'oħra, f'ittra lill-istess Saċerdot, uriet dix-xewqa: *"Għażiż Missier, fis-Sagrifiċċju Qaddis, flimkien ma' l-Ostja bla tebgħa offri lir-ruħ fqajra u ngrata tiegħi, biex tkun maħtufa minn Dak li hu fuq kollox"* (14). L-istess ħsieb niltaqgħu miegħu f'ittra lil Mons. Alfons Agius, miktuba fit-3 ta' Ġunju 1941: *"Tħalli qatt, għażiż Missier, li fis-Sagrifiċċju Qaddis, toffri flimkien mal-Vittma bla tebgħa, ruħ imsejkna li tixtieq tkun kollha kemm hi mitmuma f'dak in-nar Divin"* (40).

U billi l-vittma li tiġi offruta fil-Quddiesa, Ġesù Kristu, hi perfetta, Madre Margerita kienet tħoss il-ħtieġa li waqt il-Quddiesa tissaffa, ħalli ssir hi wkoll vittma xierqa, offerta li togħġob 'l Alla. S. Pawl kiteb hekk dwar l-

offerta ta' Kristu: *"ta lilu nnifsu għalina, offerta u sagrifiċċju jfuħu"* (Efes.5:2). U Madre Margerita li bla waqfien kienet tixxennaq li fil-Quddiesa ssir offerta tixbah lil Kristu, fl-1920, kitbet lil Mons. Anton Galea, u fissritlu din ix-xewqa hekk: *"Aħfirli l-liberta; berikni u offrini vittma fis-Sagrifiċċju Qaddis biex inkun imsoffija u, imbagħad, ikkunsmata, kif tixxennaq ir-ruħ ta' Sr. Margerita"* (11). U f'Mejju 1943, fissret l-istess xewqa lil Mons. Alfons Agius, b'dan il-mod: *"Ma nixtieq xejn aktar ħlief li nintemm bħala vittma ta' riparazzjoni. Għalhekk, nitolbok, Missier, li jogħġbok toffrini fis-Sagrifiċċju Qaddis, flimkien mal-Vittma bla tebgħa, biex niġi msoffija"* (59).

Fl-aħħar mill-aħħar, l-istess Liturġija tal-Quddiesa, tistedinna niftakru ħtijietna biex nindmu u nissaffew minnħom, kemm waqt l-Att Penitenżjali tal-bidu, kif ukoll waqt il-*"Ħaruf t'Alla"*, ftit qabel it-Tqarbin.

Waqt il-Quddiesa, li hi t-tiġdid tas-sagrifiċċju ta' riparazzjoni li Ġesù wettaq fuq il-Kalvarju għad-dnubiet tal-bnedmin kollha, Madre Margerita kienet issib l-aħjar okkażżjoni biex taqdi dmirħa bħala Franġiskana tal-Qalb ta' Ġesù, billi twettaq ir-riparazzjoni li hi waħda mill-karatteristiċi ewlenin li nsibu fl-oriġini tal-Kongregazzjoni tagħha. Għalhekk ninnutaw kif,waqt il-Quddiesa kienet tixxennaq bil-qawwa dak li fl-1943 fissret lil Mons. Alfons Agius: *"Ma nixtieq xejn aktar ħlief li nintemm bħala vittma ta' riparazzjoni"* (59). Dan l-istess ħsieb bl-istess xewqa nsibuh imfisser lil Mons. Alfons Agius, f'ittra ta' l-20 t'Ottubru 1940: *"Offrini fis-Sagrifiċċju Qaddis, li nitolbok tiċċelebra b'riparazzjoni għall-ingratitudnijiet tieghi"* (34).

Ħsieb tassew sabih dwar is-sehem attiv li Madre Margerita kienet tiehu fil-Quddiesa, insibuh f'ittra miktuba lil Mons. Alfons Agius, qrib il-Milied tal-1942. Naqraw hekk: *"F'dak il-Lejl Qaddis nibqghu magħqudin flimkien, u fit-tliet Quddisiet żommni fil-Kalċi ma' dawk il-qatriet ta' ilma"* (56). Għalfejn riedet tingħaqad mal-qatriet ta' ilma li s-Saċerdot jitfa' fil-kalċi waqt l-Offertorju? Għax kienet tifhem li f'dak ir-Rit, minkejja li dakinhar ma tantx kien imfisser ċar, in-natura umana tagħna, ippreżentata fil-qatriet ta' l-ilma, tissieħeb fin-natura Divina ta' Kristu, ippreżentata mill-inbid. Infatti, illum, f'dak il-ħin is-Saċerdot jgħid: *" Bil-misteru ta' dan l-ilma u nbid ikollna sehem fin-natura divina ta' Kristu, kif hu jissieħeb magħna fin-natura tagħna l-bnedmin"* . U Madre Margerita, li kienet tant tinvolvi ruħħa sewwa fiċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa, kienet tixxennaq li d-Divinita ta' Kristu tittrasforma sewwa l-umanità tagħha biex issir aktar tixbaħ lil Kristu. Ninnutaw xi ħsibijiet profondi kienu jimlew moħħ Madre Margerita waqt il-Quddiesa u x'fidi kellha dwar il-qawwa trasformanti li hemm fis-Sagrifiċċju tal-Quddiesa.

Għalhekk, nagħmlu sewwa llum jekk, biex niċċelebraw sewwa dan l-Anniversarju għażiż tal-Fundatriċi, Madre Margerita, u biex nitolbu ħalli l-ħidma tal-Beatifikazzjoni tagħha li issa se tagħmel pass importanti 'l quddiem u taqbad it-triq lejn Ruma, timxi 'l quddiem, niddeċiedu li bis-serjeta kollha rridu nimxu fuq l-eżempji u t-tagħlim ta' Madre Margerita, u nibdew nieħdu seħem aħjar, aktar attiv, aktar mifhum, aktar ħaj fis-Sagrifiċċju Ewkaristiku tal-Quddiesa. Żgur li din id-deċizzjoni tkun l-aħjar mod ta' ċelebrazzjoni tat-48 Anniversarju tal-Mewt ta' Madre Margerita u l-aqwa talba li nistgħu nagħmlu ħalli l-Proċess tal-Beatifikazzjoni tagħha jimxi aktar 'l quddiem. Mela, bħal Madre Margerita u ma' Madre Margerita irridu li bil-Quddiesa noffru l-aqwa u l-ogħla Sagrifiċċju lil Dak li hu IMĦABBA.

************************************

# IT-TQARBIN:

L-Ewkaristija hi wkoll Sagrament, għax fiha hemm sinjal sensibbli - il-ħobż u l-inbid li jinbidlu fil-Ġisem u d-Demm ta' Kristu - li ġie magħżul minn Ġesù Kristu biex ifisser u jagħti l-grazzja. U, f'dan is-Sagrament, is-sinjal sensibbli mhux biss jagħtina l-grazzja, imma lill-istess awtur tal-grazzja, Ġesù Kristu. Dak Ġesù li twieled f'Betlem, il-*"belt tal-ħobż"*, sar l-ikel u x-xorb tagħna fl-Ewkaristija, sar it-Tqarbin tagħna għax *"tqarreb"* tant lejna, anzi daħal f'komunjoni magħna, għax isir *"ħaġa waħda"* magħna.

Minħabba f'hekk, it-Tqarbin bil-Ġisem u d-Demm ta' Kristu, hu ikel li jgħajjixna għall-ħajja ta' dejjem. Ġesù stess qalilna: *"Jien hu l-ħobż il-ħaj li niżel mis-sema. Jekk xi ħadd jiekol minn dan il-ħobż jgħix għal dejjem"* (Ġw.6:51). Jekk ngħixu bl-Ewkaristija, bil-mod il-mod ninbidlu f'dak li nirċievu, fi Kristu, hekk li ħajjitna tkun il-ħajja tiegħu u bħal San Pawl inkunu nistgħu ntennu: *"Ngħix, imma mhux iżjed jien, imma jgħix fija Kristu"* (Gal.:2:20).

It-Tqarbin iqarribna lejn Kristu, u jgħaqqadna ħaġa waħda miegħu billi jkabbar il-fidi tagħna fih u jsaħħaħ fina l-imħabba għaliħ. It-Tqarbin huwa wkoll sinjal u qawwa ta' l-għaqda bejnietna, Għax kif jgħallimna San Pawl: *"ilkoll kemm aħna nieħdu seħem minn ħobża waħda"* (1Kor.10:17). It-Tqarbin hu, fuq kollox, rahan tal-ħajja ta' dejjem, imwiegħda lilna minn Kristu stess: *"Min jiekol Ġismi u jixrob Demmi għandu l-ħajja ta' dejjem, u jiena nqajjmu mill-imwiet fl-aħħar jum"* (Ġw. 6:54). Dan jiġri għax kif jgħallmuna ħafna mill-Għalliema tal-Knisja, it-Tqarbin iqiegħed fina ż-żerriegħa ta' l-immortalità u tal-qawmien glorjuż fl-aħħar jum.

Iżda, biex it-Tqarbin iħalli fina dan il-frott kollu, jeħtieġ li nersqu lejh bl-aħjar dispożizzjonijiet: b'qalb kemm jista' jkun safja, b'fidi mħeġġa, b'imħabba sinċiera, b'umiltà konvinta, b'ġabra attenta, bi tħejjija tajba, b'radd il-ħajr xieraq. San Pawl iwissina: *"Kull min jiekol il-ħobż jew jixrob il-kalċi tal-Mulej bla ma jixraqlu, ikun ħati tal-Ġisem u d-Demm tal-Mulej. Ħa jġħarbel il-bniedem lilu nnifsu, imbagħad jiekol il-ħobż u jixrob il-kalċi"* (1Kor.11:27-28).

Għidna li hu meħtieġ nersqu għat-Tqarbin bl-aħjar dispożizzjonijiet. U min aħjar minn Madre Margerita, jista' jagħtina eżempji ċari ta' kif nistgħu nersqu bl-aħjar dispożizzjonijiet għal din l-ikla spiritwali tant siewja u għażiża? Madre Margerita, bniedma mdawwla u magħġuna mill-Ewkaristija, hi l-aħjar għalliema ta' l-aqwa dispożizzjonijiet li bihom nistgħu nersqu għat-Tqarbin.

Meta matul Jannar 1940, Madre Margerita kienet fid-Dar tax-Xagħra, il-qagħda ta' saħħitha għaddiet minn kriżi gravi ħafna, tant li l-Arċipriet tax-Xagħra wasslilha l-Vjatku Mqaddes u wara amministralha d-Dilka tal-Morda. Dakinhar, l-Arċipriet Mawrizju Cauchi stqarr: *"F'ħajti kollha qatt ma tajt il-Vjatku mqaddes lil persuna li kienet tant imxennqa għal Alla daqs Madre Margerita"*. It-tabib li kien jikkuraha, Nikolino Xicluna, qal: *"Il-Madre tagħkom hi marida aktar bid-deni ta' l-imħabba milli b'dak naturali"* .

Is-Sorijiet li kienu magħha dakinhar qalu li wara li Madre Margerita rċiviet it-Tqarbina tal-Vjatku, talbet li tibqa' waħedha biex trodd ħajr lil Ġesù ta' dik l-aħħar żjara li hu għamel lill-qaddejja tiegħu - għalkemm nafu li ma kenitx l-aħħar waħda - u damet f'ġabra profonda għal nofs siegħa, waqt li s-Saċerdoti stennew f'kamra oħra.

Imma, f'Jannar 1952 wasal tassew it-tmiem ta' l-*"eżilju"* ta' Madre Margerita f'din id-dinja. Fil-15 ta' Jannar bdiet l-agunija tagħha. Fis-17 ta' Jannar waslilha minn Ruma l-permess li titqarben mingħajr ma tagħmel is-sawma preskritta, billi kienet marida. (Dakinhar hekk kien meħtieġ li jsir). Madre Margerita, moribonda, aċċettat dan il-permess bħala l-aħħar delikatezza ta' l-Għarus tas-sema lil dik li tant kienet tirċeviħ b'qima mħeġġa u b'imħabba taħraq. Kellha raġun Sr. Delfina Gauci, l-infermiera li kienet tieħu ħsiebha, tistqarr: *"meta*

*kont noħdilha l-polz f'idejja ma kontx inkun niflaħ inżommu daqs kemm kien ikun sħun: kienet taqbad bl-imħabba divina"* . Kien Patri Berardu Debrincat, Franġiskan Konventwal, li fit-tlieta ta' filgħodu tat-22 ta' Jannar 1952, ġabilħa l-Vjatku Mqaddes li hi stess talbet. Ma setgħetx tlissen kelma, imma l-ħarsa tagħha li l-ħin kollu kienet imdawra lejn il-ħajt li kien jifred kamritha mill-kor fejn kien hemm Ġesù fit-Tabernaklu, f'dak il-ħin tal-Vjatku tat ħarsa mimlija mħabba lil Ġesù Ostja, ħarsa ta' appuntament mill-*"komunjoni"* miegħu li għexet abitwalment f'din l-art, għall-*"komunjoni"* perfetta u dejjiema miegħu fis-sema.

Dak li Madre Margerita kienet tagħmel regolarment matul ħajjitħa, għexitu wkoll f'mewtha. Id-dispożizzjonijiet qaddisa li bihom kienet tersaq għat-Tqarbin f'ħajjitha, wriethom ukoll qabel mewtha, kif jixhdu dawn il-ġrajjiet li semmejna. Jingħad sewwa li *"kif tgħix tmut"*! U Madre Margerita, waqt mewtha għamlet dak li soltu kienet tagħmel f'ħajjitha.

Madankollu, l-anqas irridu naħsbu li din l-intimità ta' Madre Margerita ma' Ġesù fit-Tqarbin kienet xi ħaġa li ġrat awtomatikament, inkisbet b'xi miraklu. Anzi, kienet triq iebsa, sforz ġenwin bla waqfien, ġlieda mingħajr serħan li Madre Margerita, bil-karattru sod tagħha ta' *"mara ta' ħila"* irnexxielha twettaq u tirbaħ bil-kuraġġ kollu. Infatti, f'ittra miktuba lil Mons. Anton Galea, fl-1918, stqarret: *"Fit-Tqarbin dik il-kesħa, dik il-mewt għal kull affett tajjeb: tassew iħalluni mitluqa taħt piż tassew tqil..... Xi drabi jiġini f'moħħi li nħalli t-Tqarbina għax nibża' li meta nagħmilħa bi drawwa, ma togħġobx lil Ġesù. Iżda, imbagħad, x'nagħmel?"* (9).

F'din l-istqarrija ta' Madre Margerita, insibu tliet riflessjonijiet importanti li għandhom x'jaqsmu mat-Tqarbin u li jistgħu jgħinuna ntejbu d-dispożizzjonijiet li bihom nersqu nirċevuh. L-ewwelnett ninnutaw li l-bruda u d-distrazzjonijiet jolqtu wkoll mument tant għażiż bħalma hu l-ħin tat-Tqarbin. It-tieni, ta' min jiftakar li m'għandniex nintrebħu mit-tentazzjoni komuni li tagħmel mit-Tqarbin drawwa, jew ħaġa ta' rutina. It-tielet, hu meħtieġ li bħal Madre Margerita nistinkaw biex nikbru fil-ħeġġa waqt it-Tqarbin. It-Tqarbin hu tassew meħtieġ għalina, u bħal Madre Margerita nistgħu ntennu: *"u bla Tqarbin, x'nagħmlu?"*

Sitwazzjoni oħra li, b'xi mod, tixbaħ lil din li għadna kemm semmejna, ġiet imfissra minn Madre Margerita, f'ittra miktuba lil Mons. Alfons Agius, fl-1942: *"Dawl ma' dlamijiet!... Mhux dejjem fl-istess mod, għax ukoll ġie li nħoss aridità niexfa, l-aktar fil-ħin tat-Tqarbin... Oh! imbagħad ikolli aktar kuraġġ biex ngħannqu sewwa kif tixtieq ir-ruħ għatxana tiegħi"* .(47).

F'din l-ittra, miktuba għaxar snin qabel mewtha, Madre Margerita turi li kienet għadha tikkumbatti mal-bruda li tant toħloq tfixkil fil-ħin tat-Tqarbin. Iżda tajjeb li niftakru li hu l-Mulej stess li jaf jinqeda b'mumenti bħal dawn ta' *"aridita niexfa"*, biex jgħaddi mill-prova lill-qaddejja tiegħu. U Madre Margerita kienet toħroġ bl-unuri minn dawn il-provi. Ma kenitx tħalli l-kurrent tal-bruda jġorrha miegħu. Kienet tieqaflu bis-sħiħ. U l-*"aridita niexfa"* li kienet tesperimenta waqt it-Tqarbin, kienet twassalha biex timtela b'ħeġġa akbar għal Dak li jiġi fina fit-Tqarbin. Tistħajjilha lil Madre Margerita, dik it-tifla ċkejkna li l-omm tistaħbielha għal xi ftit, u x'ħin l-omm titfaċċa mill-ġdid quddiem bintha, din ittir għal ommha, tgħannaqha bil-ħeġġa kollha u tħaddanha biex ma terġax tistaħbielha. *"Oh! imbagħad ikolli aktar kuraġġ biex ngħannqu sewwa kif tixtieq ir-ruħ għatxana tiegħi"* (47).

Għal Madre Margerita, in-numru ta' nies li jersqu għat-Tqarbin kien bħal termometru li jimmarka s-sitwazzjoni spiritwali tal-poplu li tkun fostu. Infatti, f'ittra miktuba fl-1922 minn Corfù, fil-Greċja, fejn il-Kongregazzjoni waqqfet l-ewwel Dar 'l barra mix-xtut ta' pajjiżna, qalet lil Mons. Anton Galea: *"In-numru tat-Tqarbin mhux kbir bħal ma kien qabel. Paċenżja, eh!"* (19).

U żgur li Madre Margerita quddiem sitwazzjonijiet bħal dawn kienet tagħmel ħilitha kollha ħalli l-Imħabba moħbija fit-Tqarbin, issir magħrufa u maħbuba minn kulħadd u kullimkien. Infatti, qatt ma kienet tieqaf tħeġġeġ lill-oħrajn għal aktar għozza u intimità fil-hin tat-Tqarbina Ewkaristika. F'ittra miktuba mill-"Casa Madre" f'Mejju 1930, insibu din l-istedina mimlija ħeġġa u mħabba: *"InħobbuH; iva, inħobbuH b'imħabba safja; inħobbu lilu biss, biss. L-aktar fil-mumenti intimi tat-Tqarbin"* .(159). Min jaf minn liema qalb tħeġġeġ bl-imħabba għal Ġesù fl-Ewkaristija, ħarġet espressjoni ta' mħabba bħal din!

Għalhekk, illum, aħna u nfakkru dan l-Anniversarju għażiż ta' din il-persuna mdawla u magħġuna mill-Ewkaristija, u fl-istess hin aħna u nitolbu bil-ħeġġa biex, jekk hi r-rieda t'Alla, il-ħidma għall-Beatifikazzjoni ta' Madre Margerita tkun tista' timxi aktar 'l quddiem, ejjew niddeċiedu bis-serjeta li t-Tqarbin tagħna jrid isir b'aktar serjeta. Madre Margerita għallmitna bl-eżempju u bil-kitbiet tagħha liema għandhom ikunu l-aħjar dispożizzjonijiet spiritwali li bihom nersqu għat-Tqarbin. Jekk dawn id-dispożizzjonijiet nagħmluhom tagħna, inkunu qed nagħmlu l-aħjar tifkira ta' Madre Margerita u l-aħjar talba b'risq il-Proċess tal-Beatifikazzjoni tagħha. Ejjew, bħal Madre Margerita,nagħmlu mill-ħin ta' kull Tqarbina, ħin li jqarribna aktar lejn Kristu u li jkabbarna fl-intimità miegħu.

*************************************

# IT-TABERNAKLU:

Flimkien mal-Papa Pawlu VI, fl-istqarrija tal-fidi tiegħu tal-1968, aħna nemmnu bis-sħiħ li *"wara s-Sagrifiċċju tal-Quddiesa, is-Sagrament Ewkaristiku jinżamm fit-Tabernaklu bħala l-qalb ħajja tal-knejjes tagħna"* . Il-Papa Ġwanni Pawlu II, fl-Enċiklika tiegħu *"Redemptor Hominis"* qalilna:*"Kull membru tal-Knisja, l-aktar l-Isqfijiet u s-Saċerdoti, għandħom jieħdu ħsieb u jaraw li dan is-Sagrament ta' l-imħabba, jkun fiċ-ċentru tal-ħajja tal-Poplu t'Alla, sabiex permezz tal-manifestazzjonijiet ta' qima li għandhom jingħatawlu, Kristu jirċievi mħabba bi tpattija għall-imħabba tiegħu u jsir tabilħaqq il-ħajja ta' l-erwieħ tagħna"* (20).

Il-preżenza rejali ta' Ġesù fl-Ewkaristija hi misteru 'l fuq mir-raġuni tagħna, iżda ma jmurx kontra tagħha. Din il-preżenza rejali hi miraklu li jistħoqqlu l-fidi tagħna Għax Kristu ħabbru minn qabel, b'mod partikulari meta kien qed jitkellem fis-sinagoga ta' Kafarnahum, u wettqu fl-aħħar ta' ħajtu fuq l-art meta kif qalilna San Ġwann: *"hu, li kien ħabb lil tiegħu li kienu fid-dinja, ħabbhom għall-aħħar"* (Ġw.13:1), u għadu jġeddu bla waqfien sa l-aħħar taż-żminijiet.

Fl-Ewkaristija, taħt ix-xbihat tal-ħobż u ta' l-inbid, hemm verament, rejalment u sostanzjalment, il-Ġisem u d-Demm, u r-ruħ u d-divinità ta' Sidna Ġesù Kristu. Il-Papa Pawlu VI, fl-Istqarrija tal-Fidi, għallimna: *"Kristu ma jistax ikun preżenti b'mod ieħor f'dan is-Sagrament, ħlief billi s-sustanza kollha tal-ħobż tinbidel f'Ġismu u s-sustanża kollha ta' l-inbid tinbidel f'demmu, waqt li jibqgħu bla mibdula l-proprjetajiet biss tal-ħobż u l-inbid li jaqghu taħt is-sensi tagħna"* . Din il-presenża tibqa' sħiħa mhux biss waqt il-Konsagrazzjoni u waqt it-Tqarbin, imma wkoll wara l-Quddiesa sakemm jibqgħu sħaħ ix-xbihat infushom. X'misteru! X'imħabba! Kellu raġun San Tumas t'Akwinu, fis-Sekwenża ta' Jum *"Corpus Christi"*, jkanta:

"Taħt xbihat fejn aħna nilmħu - mhux il-ħajja, imma sinjali, - jinħbew ħwejjeġ hekk għeżież".

Il-preżenza ta' Kristu fl-Ewkaristija hi tassew l-*"Għimmanu-el"*, Alla magħna. Fiha jiġri tassew dak li Kristu wiegħed lid-dixxipli tiegħu qabel ma tela' s-sema: *"U ara jiena magħkom dejjem sa l-aħħar taż-żmien"* (Mt.28:20). Kristu, fit-Tabernaklu, sar tassew dak li kienet issejjaħlu Madre Margerita *"il-Priġunier ta' l-imħabba"*, jistenniena li nżuruh biex nuruh imħabbitna, u nitkellmu miegħu fi spirtu ta' ħbiberija qaddisa u sinċiera.

Għalhekk, illum, ta' min jistaqsi: x'kienet ir-relazzjoni ta' Madre Margerita ma' Ġesù fit-Tabernaklu? Dwar dan il-punt ħalliet ħafna kitbiet, Madre Paċifika li kienet qrib ħafna ta' Madre Margerita. Mhux possibli tghid kull ma qalet Madre Paċifika, iżda se nagħżel dak li l-aktar jista jolqotna.

*"Madre Margerita kienet toħroġ minn kamritha matul il-lejl u tmur fil-kor u tinviżta lil Ġesù... kienet tibqa' qrib il-"Priġunier" tagħha, kif hi kienet issejjaħlu sakemm is-Sorijiet jistenbħu fil-ħamsa... Min jista' qatt jimmaġina d-diskorsi ħelwin li kienet tagħmel ma' Ġesù Ostja? Kienet tkun qisha xi serafin quddiemu. Kienet tkun hemm mingħajr ma titħarrek b'għajnejha maħsulin fid-dmugħ... Din l-imħabba lejn Ġesù fl-Ewkaristija ma ħallietha qatt. Kemm-il darba, lejliet l-ewwel Ġimgħa tax-xaħar kienet tkun indisposta u jkollha toqgħod fis-sodda, u mbagħad filgħodu kienet tiġbor il-forzi kollha tagħha biex tagħmel kumpanija lill-Maħbub tagħha... Meta kienet teħodni magħha f'xi Knisja fejn ikun espost is-S.S.Sagrament, malli tinżel għarkubtejha kienet toqgħod f'adorazzjoni profonda u kienet tibqa' hekk għal hin twil bla ma tiċċaqlaq."* Dan hu ftit minn dak li ħallitilna miktub Madre Paċifika dwar l-imġieba ta' Madre Margerita quddiem il-Preżenza ta' Ġesù fl-Ewkaristija.

Iżda, biex inkomplu dwar is-suġġett, hemm żmien fil-ħajja ta' Madre Margerita li ma nistgħux ma nsemmuhx. Iż-żmien li għaddiet fid-Dar ta' l-Adorazzjoni tal-Belt Valletta, mill-1923 sa l-1929, kien żmien mimli ġrajjiet li juru tassew kemm Madre Margerita, għax imdawwla u magħġuna mill-Ewkaristija, kienet kapaċi tafda fil-qawwa providenżjali ta' Ġesù Ostja u dejjem sabet il-ħarsien kollu mħabba tiegħu. Fl-1923, ftit ġimgħat wara li reġgħet bdiet l-Adorazzjoni Perpetwa fil-Knisja ta' l-Adorazzjoni, Madre Margerita kienet diġà bdiet tesperimenta l-ħarsien ta' Ġesù fit-Tabernaklu. U minkejja li kienu daħlu f'dik id-Dar imneżża għal kollox u lanqas kellhom xi skola jew xi ħjata li setghu jgħinuhom fil-ħtiġijiet ta' kuljum, Madre Margerita kitbet: *"Nittama li issa li għandna l-Adorazzjoni Perpetwa, aktar jikbru l-mezzi"* (84).

U tassew, Ġesù fl-Ewkaristija kien jaħseb. Biżżejjed niftakru meta l-Komunità t'hemm sabet ruħha bla sold u wara li Madre Margerita, kollha fiduċja fl-imħabba ta' Ġesù Ostja, qegħdet iċ-ċavetta tal-kaxxa tal-flus ħdejn it-Tabernaklu, Ġesù ġabilhom aktar milli kien meħtieġ. Ġesù Ostja kien laqa' l-kliem kollu fiduċja fih ta' Madre Margerita: *"Għażiż Ġesù, jekk trid li s-Sorijiet adoratriċi tiegħek jibqghu miegħek, aħseb int biex tmantnihom"*.

Kellha raġun Madre Margerita, mid-Dar ta' l-Adorazzjoni, f'ittri differenti, tistqarr b'espressjonijiet mill-isbaħ, l-imħabba tagħha għal Ġesù fl-Ewkaristija. Fl-1924, kitbet lis-Sorijiet kollha: *"Oh! x'Sieħeb ħelu għandna!"* (84). Fl-istess sena, kitbet lil Madre Paċifika: *"Ġesù Ostja jkun dejjem, b'mod sħiħ, is-sieħeb tagħna, u l-imħabba safja tiegħu tikkunsmana bħal xemgħa fin-nar tiegħu"* (86). Fl-1926, kitbet għal darb'oħra lil Madre Paċifika:*"Aħna hienja bix-xogħol li għandna li dejjem nistgħu nżommu kumpanija lil Ġesù Ostja"* (87).

L-imħabba li Madre Margerita kellha għal Ġesù *"Priġunier ta' l-imħabba"* fit-Tabernaklu kienet xi ħaġa ta' l-għaġeb u kienet tagħmel ħilitha kollha biex tkebbisha fil-qlub ta' l-oħrajn. Għax, tassew, lil min tħobb, tixtieq tarah maħbub minn kulħadd! Kienet tinsisti, b'mod partikulari mas-Sorijiet tagħha li għandu jkollhom imħabba tħeġġeġ għall-*"Għarus Priġunier"*, jew inkella għall-*"Qalb Ewkaristika ta' Ġesù"*. Fl-1934, qisha f'estasi ta'

mħabba, kitbet lill-Majestra tan-Novizzi, biex lin-Novizzi tagħmilhom, *"...imġienen, imġienen bl-imħabba għal Dak li jiftaħar li qiegħed Priġunier taħt is-saqaf tad-Dar ta' l-Għarajjes tiegħu! Oh! x'xorti!"* (117).

Fl-1941, mid-Dar tal-Qbajjar, fejn is-Superjuri kienu jibgħatuha għax l-arja tal-baħar kienet tiswielha ħafna għal saħħitha, kitbet hekk lil Mons. Alfons Agius: *"Fid-Dar għandna wkoll il-kumpanija wisq ħelwa tal-Kollox maħbub tagħna! Ġesù Priġunier. Oh! Kemm tgħaġġibni l-umiltà Tiegħu sa dan kollu!"* (42).

Iżda, fuq kollox, il-Preżenza ta' Ġesù fl-Ewkaristija, għal Madre Margerita kellha tliet karatteristiċi mportanti li tajjeb nagħmluhom tagħna, ħalli, aħna wkoll, bħal Madre Margerita, jirnexxielna nixorbu mit-Tabernaklu, il-qawwa spiritwali li tant neħtieġu. L-ewwelnett, it-Tabernaklu kien għal Madre Margerita **forn** li bin-nar tiegħu jdewweb dak li hu ħażin u jkebbes bis-sħana ta' l-imħabba. Infatti, meta fl-1946, kitbet lis-Superjura tal-"Casa Madre", insistiet magħha: *"Agħmel dak kollu li hu possibli biex id-Dar kollha ssir forn ta' mħabba divina; u kun ċerta li s-sorijiet għeżież kollha jiffurmaw dan il-forn, jekk jitkebbsu f'dak il-forn tat-Tabernaklu"* (151). Fl-1907, kienet diġà kitbet lil Soru oħra: *"U fejn jinsab nar aktar iħeġġeġ, aktar kapaċi li jtemm kull imperfezzjoni, jekk mhux fl-Imqaddes Tabernaklu?"*(140).

Kien għalhekk li Madre Margerita spiss titkellem min-*"nar Ewkaristiku",* bħal meta f'Lulju 1942, kitbet lil Mons. Alfons Agius u qaltlu: *"B'kull mod għandna napprofittaw miż-żmien mogħti lilna ħalli bin-nar Ewkaristiku nxejnu fina kull dell ta' ħtija sakemm l-Għarus ħelu jiġi u jeħodna"*(52).

It-tieni, it-Tabernaklu kien għal Madre Margerita **skola** fejn titgħallem dak kollu li hu meħtieġ biex tghix sewwa l-ħajja spiritwali. Infatti, f'ittra qasira miktuba lil Sr. Dionisia, fl-1948, qaltilha: *"Nirrikkmandalek il-qawwa, is-sabar, eċċ. Fittex kollox mill-Imqaddes Tabernaklu: kollox jinsab moħbi hemmhekk"*(153).

Darb'oħra, lil waħda Soru li, milli jidher, kienet tbati xi ftit iżżejjed mill-amor proprju, issuġġeritilha l-iskola tat-Tabernaklu: *"Irrikkmanda lilek innifsek spiss u bil-ħeġġa lill-Qalb Ewkaristika li tgħinek tagħraf u taqla' sewwa mill-għeruq kull sentiment egoista u tkabbar biss is-sentimenti kollha ta' umiltà, tixjin..."* (145).

Fl-1930, minn Ruma kitbet lil waħda mis-Sorijiet:*"Fittex dejjem il-kumpanija ta' Ġesù fit-Tabernaklu tiegħu: ixrob minnU l-għajnuniet, il-faraġ u l-dwal li tkun teħtieġ"* (128).

It-tielet, it-Tabernaklu Ewkaristiku, għal Madre Margerita kellu l-karatteristika ta' **post ta' serħan** fost il-problemi u d-diffikultajiet kollha tal-ħajja. F'waħda mill-isbaħ ittri ta' Madre Margerita, miktuba lil Sr.Giovanna fl-1891, naqraw hekk: *"Qalbek għandha tkun merfugħa qrib it-Tabernaklu. L-aktar meta tkun imnikkta u ttentata, għandek tfittex u tistenna l-mistrieħ tiegħek minnU biss"* (130).

F'ittra miktuba lil Sr. Rosaria, ittra bla data, naqraw din l-istedina ta' Madre Margerita: *"Attenta li ma titlef ebda okkażżjoni li tmur qrib il- ħelu Ġesù fil-Pissidi tiegħu. Hemmhekk insibuh dejjem lest biex idawwwalna, ifarraġna u jgħinna"* (125).

Fl-1930, kitbet lin-neputija tagħha li kienet reliġjuża: *"Kemm hu ħelu li toqgħod miegħu biss, biss! Ipprova u tħoss xi ħaġa li ma nafx x'inhi, xi ħaġa divina, smewwija, tal-Ġenna, Imma jeħtieġ li toqgħod miġbura u distakkata ħafna, biex issibu hekk waħdu, waħdu"* (159).

Quddiem dan kollu, Madre Margerita kienet tagħraf il-ħtieġa li ssir riparazzjoni għall-Imħabba li mhix maħbuba fit-Tabernaklu. Jekk Ġesù Ostja baqa' magħna u sar għalina forn ta' mħabba, skola ta' qdusija u post ta'

mistrieħ, jixraq li nagħtuh imħabba vera, u jixraq li nagħtuh din l-imħabba għal kemm-il darba aħna stess ma ħabbejnihx  u minflok tant oħrajn li ma jħobbuhx. Dan l-ispirtu ta' riparazzjoni kellu tassew għeruq fondi fil-ħajja ta' Madre Margerita. Infatti, darba stqarret ma' Mons. Alfons Agius: *"Ma nixtieq xejn aktar għajr li nintemm bħala vittma ta' riparazzjoni"* (59).

Lis-Sorijiet kienet bla waqfien tfakkarhom: *"Iva, iva, akkost tas-sagrifiċċji kollha jeħtieġ li noffru ruħna vittmi tal-Qalb Qaddisa"* (140). U f'ittra oħra ta' l-1930, tfakkar: *"Jeħtieġ nirriparaw: Għalhekk inbatu dak li jibgħatilna l-wisq ħelu Għarus tagħna"* (91).

It-Tabernaklu, fejn jgħammar Ġesù fl-Ewkaristija, hu *"power house"* ta' enerġija spiritwali. U, għalhekk, in-nisrani ma jistax ma jersaqx qrib it-Tabernaklu biex hemm jiċċarġja l-enerġija spiritwali tiegħu. It-Tabernaklu sawwar lill-martri bil-qawwa li tat xhieda għal Kristu sat-tixrid ta' demmhom. It-Tabernaklu sawwar bosta eremiti li tbegħdu mid-dinja biex ifittxu biss dak li hu qaddis. It-Tabernaklu sawwar ir-Rgħajja ta' l-erwieħ biex bl-akbar dedikazzjoni jieħdu ħsieb il-merħla fdata f'idejhom. It-Tabernaklu sawwar tant verġni li saru xhieda ċara tal-ġid tas-sema li ma jintemmx. It-Tabernaklu sawwar lil Madre Margerita u għamilħa ruħ imdawwla u magħġuna mill-Ewkaristija. U f'ittra miktuba mid-Dar tax-Xagħra, fid-9 t'Ottubru 1939, Madre Margerita bħal ħasset ċerta nostalġija għaż-żmien li għaddiet  fid-Dar ta' l-Adorazzjoni, tant qrib ta' Ġesù fit-Tabernaklu, u kitbet: *"Imbierku dak iż-żmien li fih għixna għad-dell tal-presenza rejali tal-Ostja bla tebgħa! Għamilna qawwija bil-qawwa tiegħu. Rawwimna u ħbiena taħt il-ġwienaħ tiegħu. Oħ! kemm tkun sewwa hekk moħbija u mxejna!"* (111).

Ejjew, għalhekk, niċċelebraw dan l-Anniversarju għażiż ta' din il-bniedma imdawwla u magħġuna mill-Ewkaristija, ta' Madre Margerita, billi niddeċiedu li rridu nħallu aktar ħin biex ngħadduh ma' Ġesù fit-Tabernaklu. Żgur li l-ħin mgħoddi ma' Ġesù fl-Ewkaristija, mhux ħin mitluf, imma hu ħin li nindunaw bis-siwi tiegħu meta ħajjitna tinbidel għal kollox f'Ġesù fil-Glorja tas-sema. U, għalhekk, nitolbu lil Madre Margerita biex titfa' ħarsitha fuqna mis-sema u tnissel fi qlubna ftit minn dik l-imħabba taħraq li kellha għal Ġesù *"Priġunier Divin"* fit-Tabernaklu. Nitolbuha tghinna sabiex nagħmlu mit-Tabernaklu l-post li lejh nersqu bil-fidi u bl-imħabba, il-post li l-aktar jiġbidna lejh u jżommna ħdejh.  Madre Margerita għallimna nħobbu lill-Priġunier Divin fit-Tabernaklu kif ħabbejtu int.

**Għeluq:**

Fl-innu  - miktub mill-Poeta Ġorġ Pisani - li bih il-Kongregazzjoni tfaħħar minn qalbha lill-Omm Spiritwali tagħha, naqraw, fost l-oħrajn, dawn il-versi:

*Ġesù Ostja kien l-ikel li għajxek,*

*Kien ta' ħajtek ix-xemx, l-idejal;*

*qalbek daħlet tistkenn mal-qalb tiegħu*

*f'dik l-Għamara ta' skiet f'nofs l-artal.*

F'dan il-kliem mirqum tal-Poeta, għandna dak kollu li lill-Madre Margerita għamilha kbira u qaddisa: għandna dak kollu li l-Knisja, sa llum fid-Djoċesi tagħna u mil-lum 'l quddiem f'Ruma, tista tibni fuqu biex tasal ħalli ssebbaħ u tigglorifika lil Madre Margerita, l-ewwel bil-Beatifikazzjoni, u, imbagħad bil-Kanonizzazzjoni tagħha.

L-Ewkaristija kienet tassew  ix-xemx li dawwlet u saħħnet lil Madre Margerita, l-idejal li dejjem mexxieha, il-kenn fejn dejjem sabet is-serħan tagħha.

B'dan id-diskors dwar l-ispiritwalita ewkaristika ta' Madre Margerita, xtaqna nfakkru t-48 Anniversarju mill-mewt tagħha f'din is-Sena Ewkaristika tal-Ġublew il-Kbir tas-Sena 2000. Fih ikkunsidrajna l-mod kif Madre Margerita kienet *tiċċelebra l-Quddiesa*, id-dispożizzjonijiet li bihom kienet *tirċievi t-Tqarbin*, u fuq kollox, kif kienet *toqgħod ħdejn l-Għarus Priġunier fit-Tabernaklu.*

Dan kollu wassalna biex nifhmu kemm Madre Margerita kienet tassew imdawwla u magħġuna mill-Ewkaristija. U, għalhekk, l-aħjar mod li bih nistgħu niċċelebraw dan l-Anniversarju għażiż, hu eżattament li, megħjunin mill-eżempju  u t-tagħlim ta' Madre Margerita, nistinkaw biex insiru nixbhuha fl-imħabba li kellha għall-Ewkaristija. Bħal Madre Margerita, ninġabru fuq il-Kalvarju waqt il-Quddiesa għat-twettiq tal-misteru tas-salvazzjoni tagħna, bħal Madre Margerita, waqt it-Tqarbin, nitkebbsu b'aktar ħeġġa, bħal Madre Margerita nersqu ħdejn il-Priġunier Divin fit-Tabernaklu u hemm insibu forn li jsaħħan, skola li tgħallem, post ta' mistrieħ għal ruħna.

Jekk dan l-Anniversarju jwassalna biex nagħmlu tagħna dawn id-deċiżjonijiet, żgur li ma jkunx sempliċi ċelebrazzjoni li tgħaddi bħal ħafna oħra, imma tkun għalina okkażżjoni li fiha, aħna wkoll, bħal Madre Margerita u bl-għajnuna tagħha, niddawlu u nintgħaġnu mill-Ewkaristija.

*********************************

# L-Ewkaristija: il-Qalb tal-Knisja

Il-mibki Papa Ġwanni Pawlu II qatt ma waqaf jistqarr u jgħallem dwar l-importanza ta' l-Ewkaristija fil-ħajja tal-Knisja. Spiss tkellem minn dan il-"*misteru tal-fidi*" bħala l-"*qalb tal-Knisja*", bħala *"teżor ta' siwi bla qjies*" fil-ħajja tal-Knisja, bħala l-"*miraklu l-kbir ta' l-imħabba ta' Alla*" li jseħħ bla waqfien fl-istorja tal-Knisja.

Infatti, fl-Enċiklika *"Ecclesia de Eucharistia"* tas-17 ta' April 2003, kiteb: *"L-Ewkaristija, preżenza salvifika ta' Ġesù fil-komunità tal-fidili u l-ikel spiritwali tagħha, hija l-aktar ħaġa għażiża li qatt jista' jkollha fil-mixja ta' l-istorja tagħha"*(9). Fl-Ittra Apostolika *"Mane nobiscum, Domine"* tas-7 t'Ottubru 2004, sejjaħ lill-Knisja biex *"tikkontempla, tfaħħar, tadura b'mod mill-izjed speċjali lil dan is-Sagrament meraviljuż"*(29).

Dan it-tagħlim tal-Knisja dwar l-Ewkaristija għandu jqanqalna lkoll biex nifhmu li ma nistgħux ngħixu tassew il-vokazzjoni nisranija tagħna, mingħajr qima *"fl-ispirtu u l-verità"* ta' dan is-Sagrament *"tal-għaġeb"*. U biex din il-qima tkun tassew qawwa li tinfluwenza lill-ħajja kollha tagħna, jeħtieġ li nifhmu u nħossu tassew lil min qed inqimu u ma' min inkunu qed noħolqu *"komunjoni"* vera permezz ta' dan is-Sagrament tal-imħabba. Ħafna nsara għadhom ma waslux għal trasformazzjoni vera lejn ħajja nisranija matura għax għadhom mhumiex persważi biżżejjed minn dawn il-veritajiet fundamentali dwar l-Ewkaristija, minkejja li jersqu biex jiċċelebraw ta' spiss u jirċievu l-istess Ewkaristija.

Min-naħa l-oħra, il-mod kif Madre Margerita kienet persważa miċ-ċentralità ta' l-Ewkaristija fil-ħajja tal-Knisja u tan-nisrani, għandu jgħallimna biex intejbu l-atteġġjament tagħna dwar dan is-Sagrament *"tal-għaġeb"*. Kienet tistieden *"fittex il-kumpanija ta' Ġesù fit-Tabernaklu tiegħu; ixrob minnu l-għajnuniet, il-faraġ u d-dwal li teħtieġ"*(64). L-esperjenzi li minnhom għaddiet meta bejn l-1923 u l-1929 kienet fid-Dar ta' l-Adorazzjoni tal-Belt Valletta, wassluha biex tbierek *"dak iż-żmien li fih għixna taħt id-dell tal-preżenza rejali fl-Ostja bla tabgħa! Qawwiena bis-saħħa tiegħu. Rawwimna u ħbiena taħt ġwenħajh. Oh! kemm tkun sewwa moħbija u mxejna b'dan il-mod!"*(111). Kienet tqis bħala xorti mill-aqwa il-preżenza ta' *"Ġesù moħbi taħt il-velu ewkaristiku, fit-Tabernaklu tad-djar reliġjużi kollha tagħna"*(76), għax dil-preżenza hi preżenza li tibni, timmatura, iddawwal, tgħin u tfarraġ!. U għalhekk kienet titlob lir-reliġjuħi tagħha biex *"ma jitilfu ebda okkażżjoni li jersqu lejn il-ħelu Ġesù fil-pissidi tiegħu"*(128). Kienet tixxennaq, fuq kollox, li

s-Sorijiet tagħha jitkebbsu *"bin-nar ewkaristiku"*(69) li joħroġ mit-Tabernaklu, biex, imbagħad, ikebbsu bih lil dawk kollha li jahdmu jew jiltaqgħu magħhom.

Dawn ir-riflessjonijiet ewkaristici li nsibu spiss fil-kitbiet tal-Qaddejja ta' Alla, Madre Margerita, jixhdu għall-fidi li kellha f'dan is-Sagrament ta' l-imħabba ta' Kristu. Kienet temmen, kif temmen il-Knisja, li l-Ewkaristija tibni lill-Knisja, lin-nisrani, lil kull bniedem li jersaq b'xi mod lejha. Kienet temmen li t-Tabernaklu hu bħal *"power house"* spiritwali li tiġġenera bla waqfien dik l-enerġija li għandu bġonn il-bniedem biex jgħix skont il-pjan ta' Alla għalih. Għalhekk kienet tissuġġerixi li l-waqfa fejn it-Tabernaklu tista' tkun għal kull ħadd għajn ta' dawl, ta' faraġ, ta' ħeġġa, ta' qawwa li tgħin id-dgħufija tal-bniedem.

Is-Sena Ewkaristika li l-Papa Gwanni Pawlu II kien ħallielna bħala wirt ta' l-imħabba tiegħu għall-umanità kollha, għandha tibqa' tkun għalina lkoll tifkira għażiża biex nitkebbsu fil-fidi tagħna f'dan is-Sagrament *"hekk tal-għaġeb".* Iżda għandha tkun ukoll tifkira dejjiema biex inħallu l-qawwa spiritwali li tohroġ minn dan is-Sagrament u tittrasformana fi bnedmin skond il-*"qjies ta' Kristu"*. Il-Qalb ta' Kristu li fl-Ewkaristija tħabbat bl-imħabba, meta tiġi fina fit-Tqarbin, tista' tlibbisna bl-istess sentimenti tar-Ragħaj Divin. Ejjew nistinkaw, biex kif ġara f'Madre Margerita, hekk jiġri fina: insiru erwieħ li bla waqfien niċċarġjaw il-ħajja spiritwali mill-*"power house"* ewkaristika tat-Tabernaklu!

# Madre Margerita De Brincat:

# Evanġelizzatriċi ta’ l-Imħabba (2001)

*“Morru fid-dinja kollha: xandru l-Evanġelju lill-ħolqien kollu”* (Mk. 16, 15).

*“Nagħmlu ħilitna kollha biex inkunu utli fl-għalqa tad-dwieli tal-Mulej: hi tant wiesgħa”* (Madre Margerita, 89).

**Daħla**

Kull min hu mgħammed, hu profeta, hu fid-dmir li jwassal il-Bxara t-Tajba tas-salvazzjoni: hekk għallimna l-Konċilju Vatikan II, u hekk għadha tisħaq il-Knisja fi żminijietna, meta, bla waqfien issejjaħ lill-insara kollha biex ikunu **evanġelizzaturi**, jiġifieri biex kull fejn ikunu, b’kull meżż, iħabbru l-Bxara t-Tajba tal-Evanġelju.

U billi fost l-imgħammdin, ir-reliġjużi huma dawk il-persuni li għandhom jagħtu xhieda ċara tal-qawwa tal-magħmudija li taħdem fihom, allura, hu evidenti li fost l-insara, ir-reliġjużi għandhom ikunu minn ta’ quddiem biex bl-istil ta’ ħajjithom u bil-kelma tagħhom, ikunu evaġelizzaturi awtentiċi.

Żgur li dan il-ħsieb kien bla waqfien iberren fil-moħħ u fil-qalb ta’ Madre Margerita De Brincat, Fundatriċi tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta’ Ġesù, li tagħha llum qed infakkru d-49 Anniversarju tal-Mewt li ġrat filgħodu kmieni hanhekk fil-“Casa Madre” tal-Kongregazzjoni tagħha. Żgur li dakinhar tat-22 ta’ Jannar 1952, l-akbar faraġ li mlielha qalbha biex ferħana tmur tiltaqa’ ma’ Ġesù, l-Għarus tagħha, kien li f’ħajjitha kollha xxenqet bla waqfien u għamlet ħilitha kollha biex tkun *“utli fil-għalqa tad-dwieli tal-Mulej li hi tant wiesgħa”*(89).

**X’inhi l-Evanġelizzazzjoni ?**

L-Evanġelizzazzjoni tikkonsisti f’li l-Bxara t-Tajba, il-messaġġ tal-Vanġelu, jitwassal lil kull parti ta’ l-umanità, biex hekk bil-qawwa tiegħu stess jidħol fil-qlub tal-bnedmin u jġedded l-umanità kollha. Għalhekk, il-għan ta’ l-evanġelizzazzjoni hu li titwettaq trasformazzjoni, bidla ġewwinija fil-bniedem bil-qawwa tal-Vanġelu (ara: *“Evangelii Nuntiandi”,* 18). B’dan il-mod, mgħejjunin mill-istess qawwa spiritwali li ġġib magħha l-Bxara t-Tajba tal-Vanġelu, il-bnedmin li jilqgħuha, jkunu jistgħu jgħixu skond il-mentalità tal-Vanġelu ta’ Kristu.

X’inhu l-messaġġ ewlieni li ghandu jitwassal bl-evanġelizzazzjoni ? L-istess dokument sinodali ta’ l-1975, l-“*Evangelii Nuntiandi”*, li fih insibu l-qofol tal-ħsieb tal-Knisja dwar din il-ħidma ewlenija tagħha, jgħidilna: *“L-evanġelizzazzjoni tiġbor fiha ix-xandir ta’ l-imħabba t’Alla għalina u ta’ l-imħabba tagħna għal Alla”*(28). Fil-

fatt, nistgħu ngħidu li meta l-bniedem jagħraf l-imħabba ta' Alla għalih u jħossu fid-dmir li jagħmel kull ma jista' biex iwieġeb bl-aħjar mod għaliha, ikun qed jgħix il-qofol tal-Vanġelu.

Il-Vanġelu, mela, hu l-Persuna ta' Kristu li bl-Inkarnazzjoni tiegħu sar bniedem bħalna u fih innifsu wriena l-imħabba li Alla għandu għalina, u għallimna kif nistgħu nwieġbu għal din l-imħabba. U meta Ġesù bagħat lid-dixxipli tiegħu jwasslu l-Bxara t-Tajba, riedhom ixandru dak li hu stess xandar lil Nikodemu, fis-skiet tal-lejl: *"Alla hekk ħabb lid-dinja li bagħat lil Ibnu l-waħdieni biex kull min jemmen fih ma jintilifx, imma jkollu l-ħajja ta' dejjem"*(Ġw. 3, 16).

Ħafna fehmu li hawn jinsab il-qofol tal-evanġelizzazzjoni. Infatti fl-1988, waqt iċ-ċerimonja tal-ftuħ tal-Logħob Olimpiku fil-belt Amerikana ta' Los Angeles, żgħażagħ pentekostali Amerikani pittru għadd ta' strixxi kbar bil-kitba *"John 3: 16"* fuqhom. Ħafna ġurnalisti ħasbu li dak kien l-isem ta' xi grupp mużikali ġdid li kien qed jirreklama ruħu. Iżda meta wieħed mill-ġurnalisti skopra li dak kien jirreferi għal kliem Kristu lil Nikodemu: *"Alla hekk ħabb lid-dinja li bagħat lil Ibnu l-waħdieni biex kull min jemmen fih ma jintilifx, imma jkollu l-ħajja ta' dejjem",* kliem meħud mill-vers 16 tal-kapitlu 3 tal-Vanġelu ta' San Ġwann, kulħadd għaraf li dawk iż-żgħażagħ sabu mezz mill-aqwa ta' evanġelizzazzjoni billi jxandru l-imħabba ta' Alla għall-bniedem fost dawk kollha li kienu qed jaraw l-aktar xandira popolari fuq it-Televiżjoni fil-ftuħ tal-Logħob Olimpiku.

**Madre Margerita u l-Evanġelizzazzjoni**

Fl-*"Evangelii Nuntiandi"* naqraw: *"Ir-reliġjużi, min-naħa tagħhom, isibu fil-ħajja tagħhom ikkonsagrata 'l Alla, strument mill-aqwa għall-evanġelizzazzjoni effettiva"*(69). Żgur li dan kien wieħed mill-ħsibijiet ewlenin li wassal lil Madre Margerita – jew aħjar lit-tfajla Virġinja De Brincat – biex ta' 14-il sena, bil-permess tad-Direttur Spiritwali tagħha, għamlet il-vot tal-virġinità, bix-xewqa li ħajjitha kollha, bla ebda tfixkil, issir strument f'idejn il-Providenza Divina biex *"l-Imħabba li mhix maħbuba għax mhix magħrufa, issir magħrufa u maħbuba minn kulħadd u kullimkien"* (1).

Żgur ukoll li dan kien wieħed mill-ħsibijiet tat-tfajla Kerċmija Virġinja, li mbuttaha biex meta kienet tmur ir-Rabat minn Kerċem, għall-privat tat-Taljan u tal-Franċiż, u fl-inħawi ta' San Ġorġ semgħet bl-Assoċjazzjoni l-ġdida tat-Tnax-il Stilla tal-Qalb ta' Ġesù – li tagħha Dun Ġużepp Diacono kien Direttur Spiritwali – malajr fittxet li tissieħeb fiha għax għarfet li setgħet tkunilha ta' għajnuna biex b'xi mod ittaffi x-xewqa tħeġġeġ tagħha li tagħmel *"l-Imħabba magħrufa u maħbuba"*, fi kliem sempliċi, li tevanġelizza l-Imħabba.

Meta, imbagħad, fl-1880, Dun Ġużepp Diacono rnexxielu jiżviluppa din l-Assoċjazzjoni tal-Istilel f'Kongregazzjoni Reliġjuża bl-isem *"Terzjarji Franġiskani"*, Virġinja ħabirket kemm felħet biex tissieħeb fiha u minn meta ġiet milqugħa minn Dun Ġużepp Diacono, fi Frar 1881, bdiet twettaq l-ewwel ħidma ta' evanġelizzazzjoni fost il-bniet fqar li matul il-jum kienu jiġu mħarsin mill-ewwel Sorijiet Franġiskani, fid-dar ta' Triq Għajn Qatet.

Madre Margerita dejjem qieset din il-ħidma ta' evanġelizzazzjoni bħala ewlenija fost il-ħidmiet tal-Kongregazzjoni tagħha, tant li f'ittra li kitbet lil Mons. Ġużeppi De Piro li kien jgħinha biex il-Kongregazzjoni tikseb l-approvazzjoni Pontifiċja, fl-1921, qaltlu li l-Kongregazzjoni tagħha *"għandha bħala għan l-edukazzjoni u t-tagħlim tat-tfajliet, l-aktar dawk fqar, kemm interni kif ukoll esterni, speċjalment bit-tagħlim tal-katekiżmu bi tħejjija ħalli jirċievu l-ewwel sagramenti: minbarra dan jitgħallmu wkoll ħidmiet tad-dar, il-qari u l-kitba u s-somom"*(158).

Din il-ħidma ta' evanġelizzazzjoni, Madre Margerita bdiet twettaqha wkoll f'Malta meta fl-1884 ġiet miftuħa d-Dar ta' Birkirkara, fejn għadd ta' bniet kienu jgawdu mill-ħarsien tagħha u tas-Sorijiet li kellha magħha. Kien minn din id-dar ta' Birkirkara li l-Ispirtu s-Santu qanqal lil Madre Margerita biex, lejn tmiem is-sena 1888, titlaq malajr lejn Għawdex u ssalva l-Kongregazzjoni meta Dun Ġużepp Diacono kien wasal biex ixoljiha. Żgur li x'ħin dakinhar, Madre Margerita, għarkubtejha fil-loġġa tal-"Casa Madre", qalet lil Dun Ġużepp Diacono: *"bil-għajnuna ta' Alla nħoss li nista' nieħu dan kollu fuq spallejja u nkompli l-ħidma...",* kellha f'moħħha l-ġid kbir ta' evanġelizzazzjoni li seta' jsir mill-Kongregazzjoni, u għalhekk, b'kuraġġ u determinazzjoni, indaħlet fl-aħħar mument, għax imnebbħa mis-sema biex issalvaha, tiżviluppaha u tlaqqamha bil-kariżma proprja tagħha.

U fil-fatt, din il-ħidma ta' evanġelizzazzjoni kompliet tixtered ma' Malta kollha u fl-1907, wara ħafna diffikultajiet kbar, il-Kongregazzjoni firxet il-ħidma ta' evanġelizzazzjoni tagħha 'l barra minn xtut Malta, bil-ftuħ tad-Dar ta' Corfù, fil-Greċja: ħidma ta' evanġelizzazzjoni b'mod partikulari fost ħafna Maltin li kienu emigraw f'dak il-pajjiż. Dak li qanqal lil Madre Margerita biex tieħu dan il-pass kuraġġjuż kien, l-ewwelnett l-ispirtu evanġeliku li kellha, iżda wkoll il-qagħda spiritwali u soċjali mwiegħra li fiha kienu jinsabu dawn il-Maltin f'dik il-gżira Griega. Inkiteb li f'din id-Dar ta' Corfù, Madre Margerita *"rat mezz tassew qawwi li bih isir l-apostolat prattiku għall-ġid ta' tant erwieħ fqajrin u abbandunati* (ara: Calliari, P., "Inħobbu l-Imħabba", Malta, 1988).

Minn dan kollu nistgħu naslu għall-konklużjoni ċara dwar kemm l-għajta ta' Madre Margerita li saret ir-regola fundamentali ta' ħajjitha u tal-Kongregazzjoni tagħha, *"Inħobbu l-Imħabba li mhix magħrufa u lanqas maħbuba! Nagħmlu kull ma' nistgħu biex issir magħrufa u żgur tkun maħbuba!"*(54), intweriet u tqiegħdet fil-prattika f'ħidma ta' evanġelizzazzjoni li għadha sejra mal-erbat irjieħ tad-dinja hekk kif inbeda t-Tielet Millennju tal-Kristjaneżmu. Bir-raġun kollu, għalhekk, illum qed nitkellmu minn Madre Margerita bħala **Evanġelizzatriċi tal-Imħabba.**

**Il-Karatteristiċi ta' min jevanġelizza**

L-*"Evangelii Nuntiandi"* titkellem fit-tul mill-karatteristiċi li għandhom jidentifikaw lil dawk li jevanġelizzaw bis-serjetà. Iżda, fost l-oħrajn, ta' min isemmi dawn it-tlieta li ġejjin:

- *"iż-żelu mħeġġeġ tagħna għall-evanġelizzazzjoni għandu jiġi mill-għajn ta' ħajja tassew qaddisa mitmugħa bit-talb u speċjalment b'imħabba għall-ewkaristija qaddisa, u, kif jgħidilna l-Konċilju Vatikan II, l-evanġelizzazzjoni tagħmel lil min jevanġelizza aktar qaddis"* (76).
- *"min jevanġelizza għandu jinsa lilu nnifsu u anke akkost ta' sagrifiċċju persunali kbir, ifittex bla waqfien is-sewwa biex jgħaddih lill-oħrajn. Qatt m'għandu jiffalsifikah, qatt ma jaħbih biex jogħġob lin-nies"*(78).
- *""il-ministeru ta' l-evanġelizzazzjoni jitlob minn min jevanġelizza, imħabba fraterna dejjem akbar lejn dawk li jkun qed jevanġelizza"*(79).

Il-Kongregazzjoni għall-Evanġelizzazzjoni tal-Popli, f'dokument ta' Lulju 1976 dwar sehem in-nisa fl-evanġelizzazzjoni, tisħaq dwar il-kwalitajiet tal-mara li l-Papa Ġwanni Pawlu II semma b'radd il-ħajr 'l Alla fl-Enċiklika *"Redemptoris Mater"* tal-1987, u fil-*"Mulieris Dignitatem"* tal-1988, li jgħinu ħafna biex dawn it-tliet karatteristiċi ta' min jevanġelizza li ssemmew fl-*"Evangelii Nuntiandi"* tal-1975, jistgħu jkunu żviluppati. Isimgħu ftit silta mportanti minn dak li qalet il-Kongregazzjoni għall-Evanġelizzazzjoni tal-Popli:

*"In-nisa huma l-bennejja tal-ħajja u jafu x'inhuma l-kwalitajiet mitluba minnhom u żviluppati fihom biż-żmien twil tat-trobbija tal-ulied. Għandhom kapaċità kbira biex iħobbu t-tarbija li se titwieled, biex jgħixu b'dik it-tama minkejja dewmien, problemi, provi. In-nisa huma kapaċi li jagħtu lilhom infushom bla ma jqisu l-prezz li jridu jħallsu biex il-bnedmin ikollhom il-ħajja – il-ħajja sħiħa, speċjalment dik tar-ruħ, permezz tal-grazzja u biex din tingħatalhom bil-kotra, jiġifieri, fil-milja tal-Vanġelu, tas-Sagramenti u tal-Knisja. Id-dedikazzjoni tagħhom hi spiss aktar intuwittiva minn dik tar-raġel. Huma aktar kapaċi jagħarfu l-aspirazzjonijiet, id-dwejjaq tal-bnedmin, u jindunaw x;inhi l-aħjar tweġiba. Din l-intuwizzjoni twassal għal inizjattivi konkreti. Fil-ħidma tagħha, huwa eħfef għall-mara li żżomm kontinwità u fedeltà għall-ħajja fil-ġrajjiet tagħha. Il-fidi tagħha fil-ħajja ssaħħaħ il-fidi tagħha fil-grazzja u tagħtiha s-sabar meħtieġ fix-xogħol ta' edukazzjoni naturali u sopranaturali. Is-santwarju li fih kull persuna ħajja tikber, il-mara, għandu sens aktar attent u rispett akbar għall-persuna ndividwali u għall-karatteristiċi tagħha. Hi mħallef aqwa tal-karattru. Eħfef mir-raġel jirnexxilha turi ż-żerriegħa tat-tjubija moħbija f'kull ruħ. Fil-ħidmiet diversi ta' l-evanġelizzazzjoni in-nisa juru kapaċità speċjali biex joħolqu relazzjonijiet b'simpatija delikata, biex iħawwlu fil-fond iż-żerriegħa ta' konvinzjoni nisranija u biex jibnu b'ħafna modi l-familja ta' l-ulied t'Alla".*

Minn dawn id-dokumenti tal-Knisja ninnutaw il-fiduċja li l-Knisja għandha fl-evanġelizzazzjoni mwettqa min-nisa. Dak, imbagħad, li l-Knisja tippretendi minn kull mara, tippretendih b'aktar raġun min-nisa kkonsagrati, mir-reliġjużi, li bl-għotja sħiħa tagħhom infushom għall-qadi tas-Saltna t'Alla għandhom aktar ċans jirfinaw u jħaddmu l-karatttru femminili tagħhom. Kien għalhekk li fid-dokument *"Mutuae Relationes"* tal-1978, il-Kongregazzjoni tar-Reliġjużi għallmet: *"Ir-reliġjużi nisa fidili għas-sejħa tagħhom u lesti biex jużaw il-kwalitajiet naturali tal-femminilità tagħhom, għandhom iwieġbu għall-ħtiġijiet konkreti tal-Knisja u tad-dinja, billi jfittxu u jagħtu sehemhom għal forom ġodda ta' qadi apostoliku"*(49).

**Madre Margerita: evanġelizzata biex tevanġelizza**

Wara li rajna dawn il-ftit ħsibijiet tal-Knisja dwar x'inhuma l-karatteristiċi ewlenin ta' min jevanġelizza, anzi tal-Evanġelizzatriċi, tajjeb li issa ngħaddu biex neżaminaw sewwa kemm Madre Margerita kellha tassew dawn il-kwalitajiet mitlubin mill-Knisja u li għamlu minnha Evanġelizzatriċi awtentika.

L-ewwelnett, żgur li Madre Margerita kienet hi stess evanġelizzata biex setgħet tevanġelizza. Kienet evanġelizzata b'ħajja tassew qaddisa li bħal għajn ta' ilma ġieri kienet tfawwar sejħat bla waqfien għall-għixien tal-Vanġelu, biex l-Imħabba tkun magħrufa u maħbuba. Madre Margerita kienet tagħraf u tistqarr li *"aħna vittmi u appostli ta' l-erwieħ u qabel ma l-kalċi jimtela, l-erwieħ ma jistgħux igawdu mis-sagrifiċċji u t-talb tagħna. Jeħtieġ inkunu ġenerużi biex il-kalċi tagħna jimtela malajr u l-erwieħ imsejkna tal-midinbin ikunu jistgħu igawdu minn dak li jfur minnu"*(148). Dan jurina li kienet konxja tassew li, kif għallmitna l-Knisja *"iż-żelu mħeġġeġ għall-evanġelizzazzjoni jiġi mill-għajn ta' ħajja tassew qaddisa"*(E.N.,76).

Ninnutaw ukoll li l-ħajja qaddisa li kienet tħeġġeġ lill-Madre Margerita għall-evanġelizzazzjoni, kienet ħierġa minn għaqda ntima ma' Ġesù, l-Għarus Divin li fih kienet tintelaq b'fiduċja għamja. Spiss kienet tixxennaq li tgħix *"moħbija ma' Kristu f'Alla"*(155), u kienet taf li l-Evanġelizzatriċi *"għandha tkun immolata, mitlufa, imxejna fl-Imħabba"*(155). Minħabba f'hekk, bla waqfien kienet tissuġġerixxi lis-sorijiet, *"bil-fiduċja inxteħet fil-qalb wisq qaddisa u wisq ħelwa ta' Ġesù, bil-perżwazjoni ntima li tkun milqugħa sewwa f'dak l-Oċejan ta' tjubija"*(155).

L-imħabba għall-Għarus Priġunier u Msallab, kienet għal Madre Margerita, l-għajn ta' kull qawwa fil-ħidmiet kollha tagħha. U għax hi stess kienet esperimentat dan, kienet tnebbaħ lis-sorijiet, *"fis-skiet titgħallem titkellem. Fil-ħinijiet liberi oqgħod ħdejn il-ħelu Ġesù, Priġunier fit-Tabernaklu Mqaddes"(B89),* jew *"il-ġabra u s-skiet għandhom ikunu l-mezzi biex tkabbar il-ħajja spiritwali tiegħek u l-għaqda ma' l-Għarus Imsallab"* (130). Kemm jidher ċar f'Madre Margerita dak li għallmitna l-Knisja li l-ħeġġa għall-evanġelizzazzjoni għandha tkun *"mitmugħa bit-talb u, speċjalment, b'imħabba għall-ewkaristija qaddisa"*(E.N., 76).

Mhux ta' b'xejn li minn ħajja spiritwali bħal din ta' Madre Margerita, kienu joħorġu stediniet imħeġġa u qawwija li bihom kienet tqanqal lis-sorijiet għall-ħidma ta' evanġelizzazzjoni. Isimgħuha ftit: *"Għandu jkun l-akbar impenn tagħkom li żżommu ħajja fi qlubkom il-fjamma ta' l-imħabba qaddisa u sħiħa l-ħeġġa għall-ġid ta' l-erwieħ, biex il-ħidma tagħkom magħquda ma' talb umli u fiduċjuż tkun tista' tkabbar dejjem aktar is-Saltna ta' Kristu"*(V14). Kemm hu tassew dak li għidna, li Madre Margerita kienet evanġelizzata biex tevanġelizza.

**Madre Margerita: sagrifiċċju f'ġieħ is-sewwa**

Madre Margerita għarfet tagħmel minn ħajjitha kollha att ta' adorazzjoni bla waqfien tar-rieda t'Alla, tal-pjan tal-imħabba divina. B'dan il-mod, f'kollox kienet tfittex li tagħraf is-sewwa u kienet tagħmel ħilitha kollha biex ixxandarha. Għalhekk, nistgu ngħidu li Madre Margerita għamlet minn ħajjitha, impenn, sagrifiċċju sħiħ, f'ġieħ is-sewwa. Dan hu eżattament dak li titlob l-*"Evangelii Nuntiandi'* ta' Pawlu VI, minn min jevanġelizza: *"min jevanġelizza għandu jinsa lilu nnifsu u anke akkost ta' sagrifiċċju personali kbir, ifittex bla waqfien is-sewwa biex jgħaddih lill-oħrajn"*(E.N.,78).

Meta Madre Margerita ġiet biex tiftaħ id-Dar ta' Corfù, iltaqgħet ma' ħafna kurrenti li ppruvaw ifixkluha u kienu ħafna l-mezzi li ntużaw biex is-sewwa jitgħawweġ u jitfixkel. Iżda Madre Margerita, ta' *"Mara ta' Ħila"* li kienet, għamlet ħilitha kollha biex toħroġ il-verità sħiħa, hi personalment affrontat is-sitwazzjoni biex tagħraf x'seta' kien hemm fl-għeruq tal-problemi li nqalgħu u meta kollox sab postu, kellha l-akbar sodisfazzjon li tara l-ewwel Sorijiet tagħha jħallu xtut Malta biex jevanġelizzaw f'art barranija. Din l-evanġelizzazzjoni bdiet fil-kappella ta' ċimiterju, iżda għadha sejra sa żminijietna b'aktar minn mitt sena ta' ħidma. Din kienet l-aħjar sistema li Madre Margerita, bħala Evanġelizzatriċi vera baqgħet tuża fil-ħidmiet kollha tagħha, tissagrifika ruħha biex toħroġ il-verità, minkejja kull tfixkil li jipprova jgħawweġ jew joħnoq dik il-verità.

Fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija – kif jidher ċar mill-ittri tagħha ta' dawk iż-żminijiet – Madre Margerita kienet tistinka biex twassal il-verità dwar ġrajja kerha bħal dik. Kienet tinsisti li Alla *"ma jieqafx li jkun Missier twajjeb, twajjeb, twajjeb! Li jikkastiga biex ifejjaq il-feriti tagħna! Biex iwassalna naraw li wara stennija twila jaf iqajjimna mhux biż-żegħil, imma bil-bastun aħrax! Imma jibqa' dejjem l-aħjar Missier infinitamenr Ħanin!"*(39). Ngħiduha kif inhi, mhix ħaġa ħafifa li fi żminijiet bħal dawk twassal din il-verità diffiċli! Imma, il-Madre qatt ma beżgħet tippriedka s-sewwa.

Anke fl-evanġelizzazzjoni privata tagħha mas-sorijiet, permezz ta' l-ittri li kienet tiktbilhom, il-Fundatriċi qatt ma beżgħet twassal il-verità sħiħa. Lil waħda soru li f'Ottubru 1936 sofriet it-telfa ta' missierha, kitbitilha: *"X'nista' ngħidlek ħlief nirrikkmandalek is-Salib li l-Għarus Divin offrielek biex isallbek miegħu?? Iva, binti, approfitta u eżerċita ruħek f'atti ġenerużi ta' abbandun sħiħ fil-Providenza Divina u, fl-istess ħin roddlu ħajr għad-dispożizzjonijiet tajbin li fihom sibt lill-pazjent wisq għażiż tiegħek"*(129). Ninnutaw kif Madre Margerita kienet tfittex li tkun ċara ħafna hi u twassal il-verità.

F'ittra miktuba lil Madre Paċifika fl-1924, Madre Margerita fissret il-verità dwar l-imġieba mhix tajba biżżejjed ta' xi sorijiet, bla ma qagħdet tfittex li tiskużahom: *"... jidhrilhom li rebħu l-gideb u s-sekulari, iżda jien ngħid li kieku aħna ġibna ruħna ta' veri reliġjużi, il-gwaj żgur li kien ikun inqas"*(85). Lil waħda soru li kienet tippretendi li l-Fundatriċi tiktbilha aktar spiss, fl-1938 fissritilha l-verità, billi qaltilha: *"kun ċerta li ħadd fid-dinja mhu l-kawża tas-skiet tiegħi, ħlief il-Proprjetarju Divin"*(148). Lil soru oħra li lmentat mal-Madre li l-ħidma ġdida li tawha s-superjuri fl-1922 kienet qed toħolqilha xi diffikultajiet fil-ħajja spiritwali tagħha, weġbitha *"itlob maħfra għal tant dgħufija li għad hemm fik u ddeċiedi bis-sħiħ li tagħmel kull ma tista' biex tikkonverti malajr kemm jista' jkun: dan hu li qed jixħtek lura u mhux il-ħidma li tatek l-imqaddsa ubbidjenza"*(143).

Minn dawn il-ftit eżempji prattiċi, nistgħu nifhmu kif Madre Margerita, fil-ħeġġa li kellha biex tevanġelizza kull persuna li jkollha kuntatt magħha, ma kienetx tibża' twassal il-verità sħiħa, bla tidwir jew kompromessi, anke akkost li ma tingħoġobx. L-*"Evangelii Nuntiandi"* trid li min jevanġelizza s-sewwa *"qatt ma jiffalsifikaha, qatt ma jaħbiha biex jogħġob lin-nies"*(E.N., 72). U Madre Margerita kienet lesta għal kull sagrifiċċju biex tevanġelizza l-Imħabba; ħajjitha kollha kienet ikkonsagrata bis-serjetà biex twassal il-Bxara t-Tajba ta' l-Imħabba fis-sħuħija u l-ġenwinità tagħha.

**Madre Margerita: tevanġelizza u tħobb**

Il-Papa Pawlu VI fl-*"Evangelii Nuntiandi"* għamilha ċara li min jevanġelizza għandu jħobb tassew lil min ikun qed jiġi evanġelizzat minnu (ara E.N., 79). Kull evanġelizzazzjoni għandha tkun frott l-imħabba u twassal għall-imħabba. Din l-imħabba tikkonsisti f'turija ta' rispett ġenwin, ta' attenzjoni ħerqana biex tagħraf u tgħin fil-ħtiġijiet ta' min hu dgħajjef, fi mpenn serju biex titwassal il-verità sħiħa. L-*"Evangelii Nuntiandi"* kienet ċara biżżejjed, meta qalet *"il-ministeru ta' l-evanġelizzazzjoni jitlob minn min jevanġelizza, imħabba fraterna dejjem akbar lejn dawk li jkun qed jevanġelizza"*(E.N., 79).

F'xi wħud mill-ittri ta' Madre Margerita ninnutawha tfisser b'liema mpenn u dedikazzjoni mimlijin imħabba, hi u s-sorijiet tagħha kienu jinxteħtu għall-ħidma tal-evanġelizzazzjoni, mal-ftuħ ta' xi Dar ġdida. Meta, fl-1922 ġiet miftuħa d-Dar ta' Troina, fi Sqallija, Madre Margerita kitbet: *"Fil-bidu, is-sorijiet kienu xi ftit qalbhom maqtugħa, imma malajr għamlu l-kuraġġ meta għarfu l-ġid kbir li jistgħu jagħmlu fil-ħidma għall-erwieħ, l-aktar bit-tagħlim tal-katekiżmu... il-koperazzjoni ġeneruża tagħna nittamaw li ma tonqosx bil-għajnuna Divina, ladarba għandna kull rieda tajba"* (19). Meta, fl-1922, il-Fundatriċi kienet Regalbuto, fi Sqallija wkoll, kitbet: *"... hawn ukoll għalqa kbira x'naħdmu u hawn dispożizzjoni (fin-nies) li tagħmlilna kuraġġ. Sadattant neħtieġu qawwa u spirtu ta' sagrifiċċju kbir u ta' żelu mħeġġeġ ħafna għall-erwieħ. Hawn ħafna minnhom,m'hemmx għalfejn tmur iċ-Ċina biex issalva l-erwieħ, hawn ħafna abbandunati u traskurati kullimkien... Oh! kieku kellna mħabba vera lejn il-Maħbub tagħna Gesù, kemm konna nissagrifikaw ruħna kollha biex insalvawhom!!!"*(20).

F'xi ittri, Il-Madre Fundatriċi, kienet tfisser il-ħeġġa mimlija mħabba li kellha biex tevanġelizza: *"Inħoss għatx imħeġġeġ għall-erwieħ: iva, inħossni naqbad. Oh! iva, għażiż Missier, nagħmlu kull sagrifiċċju biex inkebbsuhom bl-imħabba safja, biex ngħallmuhom jitbegħdu mill-frugħa tad-dinja ħażina eċċ., ħalli jkunu jistgħu jħobbu u jiggustaw kemm hi ħelwa l-Imħabba"*(7). Spiss kienet tfisser l-imħabba li kellha għall-erwieħ li setgħu japprofittaw mill-evanġelizzazzjoni tagħha u tal-Kongregazzjoni tagħha, billi ttenni *"... irrid, nixtieq u nixxennaq erwieħ, erwieħ, erwieh! Agħtuni erwieħ li jħobbu tassew u b'mod safi lill-Mulej u etern Alla u nkun hienja, hienja tassew"*(72). Meta kitbet lil Sr. Giovanna tal-Axxenzjoni, fl-1891, bħal żvugat qalbha magħha u

qaltilha: *"Oh! li kieku nista' nħalli ħajti fil-ħidma li nwettaq fil-komunità għall-imħabba tal-Għarus waħdieni tiegħi! Oh! kemm kont immut hienja!"*(130).

Din l-imħabba għall-erwieħ li biha kienet imkebbsa hi, Madre Margerita kienet tagħmel minn kollox biex tkebbisha fi qlub is-sorijiet tagħha. Infatti, darba kitbet lil waħda mill-komunitajiet tal-Kongregazzjoni wara l-Viżta Kanonika li kienet għamlitilhom: *""Is-sagrifiċċju tagħkom ikun jogħġob 'l Alla u xi darba jġibilkom ġabra ta' merti qaddisa biex jagħnu l-kuruna ta' dejjem imwiegħda b'mod speċjali lil dawk li jkunu taw sehemhom fil-ħidma tat-tqaddis tal-proxxmu"*(V16). Kienet ukoll tħeġġeġ lis-sorijiet tagħha biex mal-ħidma ta' evanġelizzazzjoni isieħbu wkoll it-talb tagħhom li hu mezz tassew qawwi ta' apostolat: *"Inħobbuh u naħdmu biex ikun maħbub minn kulħadd u kullimkien. Għidu u għallmu lill-oħrajn biex jgħidu 'Nar Divin, kebbes il-qlub kollha tal-bnedmin'."*(118). F'okkażżjoni oħra, wara l-Viżta Kanonika, kitbet lill-Komunità: *"... il-ħidma tagħkom, magħquda ma' talb umli u fiduċjuż, tkun tista' tkabbar dejjem aktar is-Saltna ta' Kristu"*(V14).

Minn dan il-ftit li rajna, żgur li nistgħu nifhmu kemm, skont ix-xewqa ta' l-*"Evangelii Nuntiandi",* Madre Margerita kienet tevanġelizza għax tħobb u tħobb billi tevanġelizza. Mhux ta' b'xejn li llum nistgħu, bil-libertà kollha nsejħu lil Madre Margerita ***"Evanġelizzatriċi tal-Imħabba"***.

**Għeluq**

Il-ħidma ta' l-evanġelizzazzjoni ta' l-Imħabba li wettqet Madre Margerita, illum infirxet u kibret tassew. Ħafna Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, minn żmien il-Fundatriċi 'l hawn, u f'diversi nħawi tad-dinja, ħadmu u għadhom jaħdmu bl-enerġija kollha tagħhom u bl-għajnuna tal-grazzja, biex *"l-Imħabba tkun magħrufa u maħbuba minn kulħadd u kullimkien".* Din il-ħidma ta' evanġelizzazzjoni ta' l-Imħabba qed issir fost l-anzjani u t-tfal, fost il-morda u dawk f'saħħithom, f'pajjiżna u 'l barra minnu. Kullimkien u f'kull ħin, l-ulied spiritwali ta' Madre Margerita, jħossuhom fid-dmir, kif naqraw fil-Kostituzzjonijiet tagħhom, *"li jfakkru lil kulħadd din il-verità ta' faraġ: li qrib tagħna, fit-Tabernaklu, hemm qalb għanja bl-imħabba li ssalva, li tħabbat għal dawk kollha li jsejħulha"* (83).

Illum, aħna u nfakkru d-49 Anniversarju mill-Mewt tal-Fundatriċi, Madre Margerita, rajna liema kienu l-karatteristiċi ewlenin li l-Knisja titlob minn dawk li jevanġelizzaw, liema karatteristiċi, madwar mitt sena qabel ma' Pawlu VI xandarhom fl-*"Evangelii Nuntiandi"* tiegħu, kienu diġa jispikkaw fl-evanġelizzazzjoni mwettqa minn Madre Margerita.

Għalhekk biex din iċ-ċelebrazzjoni ta' llum tkun tassew f'waqtha u tħalli fina frott spiritwali abbundanti, aħna lkoll, għax mgħammdin u r-reliġjużi kollha għax mgħammdin u kkonsagrati bil-voti mqaddsa u għax ulied spiritwali ta' Fundatriċi ta' din ix-xorta, għandna lkoll nistinkaw biex niksbu l-għajn li minnha toħroġ il-qawwa ta' kull evanġelizzazzjoni: ħajja qaddisa mibnija fuq għaqda ntima ma' l-Għarus Priġunier u Msallab. Ilkoll għandna nistinkaw biex, bħal Madre Margerita, nissagrifikaw ruħna f'ġieħ ix-xhieda u x-xandir tal-verità. Ilkoll għandna nħawwlu fil-fond ta' ħajjitna, imħabba tħeġġeġ għall-aħwa kollha, li timbuttana biex nersqu lejhom u nħabbrulhom il-Bxara t-Tajba tal-Vanġelu, tal-Imħabba.

Ejjew, għalhekk, fl-okkżajoni ta' llum niddeċiedu li l-għajta ta' Madre Margerita *"inħobbu l-Imħabba"* jeħtieġ tinżel 'l isfel sewwa fil-fond ta' qlubna biex issuqna, timbuttana, ħalli aħna wkoll, fl-ambjenti li fihom ngħixu u naħdmu, bil-mezzi li għandna għad-dispożizzjoni tagħna, nistinkaw biex din l-Imħabba *"tkun magħrufa u allra*

*maħbuba minn kulħadd u kullimkien".* F'kerlma waħda, bhall-Fundatriċi, aħna wkoll jeħtieġ insiru *"evanġelizzaturi tal-Imħabba".*

Madre Margerita, kun dejjem magħna bl-eżempju u bit-talb tiegħek, biex inwettqu bl-imħabba din il-missjoni ta' mħabba billi nevanġelizzaw l-Imħabba.

€€€€€€€€€€€€€€€€€€€€€€€€€€€€€€€€€€€€€€€€€

# Madre Margerita u l-Formazzjoni tat-Tfal

Meta joqrob iż-żmien li fih jingħata bidu ghal- sena skolastika oħra, is-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesu` li f'idejhom għandhom diversi skejjel, jibdew iħejju l-lokalitajiet fejn jinġabru t-tfal biex taħt il-ħarsa attenta tagħhom jieħdu dak kollu li hu meħtieġ għall-formazzjoni tagħhom. Dan kien wieħed mill-għanijiet li għalih twaqqfet il-Kongregazzjoni tagħhom u dwar dan kienet tishaq ħafna l-Fundatriċi, il-Qaddejja ta' Alla, Madre Margerita De Brincat. Infatti f'ittra lill-Qaddej t'Alla, Mons. Ġużeppi De Piro, Fundatur tas-Soċjeta Missjunarja ta' San Pawl, li fiha fis-6 ta' April 1920, talbitu biex kif ikun Ruma, jinforma ruħu dwar x'kien jeħtieġ isir biex il-Kongregazzjoni tikseb l-approvazzjoni Pontifiċja, kitbet: *"L-iskop tagħha (tal-Kongregazzjoni) hu l-edukazzjoni u t-tagħlim tat-tfajliet, l-aktar dawk fqar, interni u esterni. Issir insistenza kbira l-aktar fuq it-tagħlim tal-katekiżmu li jħejjihom ħalli jersqu kif jixraq lejn is-Sagrament Mqaddsa; barra dan, jiġu mgħallma ħidmiet domestici, kif jaqraw u jiktbu…"*(159).

Sal-lum stess, il-Kongregazzjoni għadha tagħti mportanza kbira lill-formazzjoni u l-edukazzjoni tat-tfal u l-adoloxxenti. Fil-Kostituzzjonijiet tal-Kongregazzjoni naqraw: *"L-edukazzjoni tat-tfal u taż-żgħażagħ hija waħda mill-ħidmiet apostoliċi l-aktar speċifiċi tal-Kongregazzjoni… Għandna nqisu l-ħidma tagħna fl-Istituti Edukattivi-Assistenzjali mat-tfal u maż-żgħażagħ bħala offerta tas-sehem tagħna mal-ġenituri biex ngħinuhom jaqdu dmirhom fil-qasam iebes u diffiċli ta' l-edukazzjoni"*(76). Nafu li ħafna huma dawk li japprezzaw dil-ħidma tas-Sorijiet, u dan mhux biss f'Malta imma wkoll l'barra minn Malta. Infatti fi żjara li għamilt f'Novembru 2009 fil-Pakistan, innutajt li f'pajjiż għal kollox Musulman, l-iskejjel tas-Sorijiet Franġiskani huma preferuti għax huma magħrufin għall-formazzjoni vera li jagħtu lit-tfal tal-pajjiż.

Inħoss li s-Sorijiet Franġiskani għamlu tagħhom dik il-ħeġġa li kellha l-Fundatriċi biex tilħaq dan il-għan nobbli u qaddis. Innutaw ftit mill-kitbiet ta' Madre Margerita. F'ittra ta' l-1920: *"Ġesu` jafdalek iċ-ċkejknin tiegħu biex trawwimhom u tiżra fil-qlub ċkejknin tagħhom iż-żerriegħa qaddisa tal-grazzja divina u ta' l-imħabba vera għal Alla"*(141). F'ittra oħra ta' l-1923, naqraw: *"Aħdem biex dawn iċ=ċkejknin jikbru tassew fl-edukazzjoni spiritwali u temporali. Tħalli xejn ma jsirx biex tilħaq dan il-għan"*(81). Fl-1926 kitbet: *"Kebbes dawk il-qlub teneri bin-nar ewkaristiku ħalli kollha kemm huma jkunu qaddisin u safja; u b'hekk mal-mixja taż-żmien jikbru fl-imħabba"*(88). Fl-1941 kitbet lin-nepputija tagħha li kienet Soru tal-Karita`: *"Agħmel kull ma' tista' biex tixħet żerriegħa tajba f'dawk il-qlub teneri, ħalli huma u jikbru tiġbor il-frott mixtieq"*(173). Nistgħu nkomplu b'ħafna

ħsibijiet sbieħ tal-Fundatriċi dwar dan is-suġġett, ħsibijiet li juruna s-serjeta` li biha kienet tixtieq li titwettaq il-ħidma tal-formazzjoni u l-edukazzjoni taċ-ċkejknin.

Illum, kważi l-iskejjel kollha tas-Sorijiet Franġiskani huma mimlijin b'għalliema lajċi. X'uħud minn dawn qed isiru membri ta' l-Assoċjazzjoni ta' l-Istilel tal-Qalb ta' Ġesu` approvata mis-Santa Sede f'Jannar 2007, u, allura jistgħu jixorbu ħafna mill-ħeġġa tal-Fundatriċi. Imma jeħtieg li l-ftit Sorijiet li għad baqa' f'dawn l-iskejjel iħeġġu lill-għalliema kollha bil-wirt spiritwali ta' Madre Margerita, ħalli huma wkoll jiksbu dik il-ħeġġa għal-edukazzjoni sħiħa taċ-ċkejknin li tagħmel mill-iskejjel tas-Sorijiet Franġiskani, benniena fejn jitrawmu qlub mimlijin b'valuri nsara, u qlub li jkun kapaċi *"jħobbu l-Imħabba u jagħmluha magħrufa u maħbuba minn kulħadd u kullimkien",* kif kienet ix-xewqa fundamentali tal-Fundatriċi, Madre Margerita.

# Il-Qalb Ewkaristika ta' Madre Margerita (2002)

*"Qabel il-festa ta' l-Għid, billi kien jaf Ġesù li waslet is-sieghu tiegħu biex jgħaddi minn din id-dinja għal għand il-Missier, hu, li kien ħabb lil tiegħu li kienu fid-dinja, ħabbhom għall-aħħar"* (Ġw.13:1).

*"Inħobbu lill-wisq ħelu Ġesù tagħna, li jħobbna bla tarf. Oh! Kemm nixtieq inħobbu bl-istess Qalb tiegħu! Iżda meta, meta se jingħatali dan il-favur? Tassew, nisthi naħseb biss dwaru; iżda nixtiequ bil-ħeġġa kollha"* (Madre Margerita, 8).

**Daħla**

Ħassejt li għandi nibda din ir-riflessjoni tieghi dwar l-ispiritwalità ewkaristika ta' Madre Margerita, jew aħjar, kif talbuni s-superjuri tal-Kongregazzjoni tagħha, dwar il-qalb ewkaristika ta' Madre Margerita, b'dawn iż-żewġ siltiet, waħda mill-Vanġelu ta' San Ġwann u l-oħra mill-istess kitbiet ta' Madre Margerita. L-ewwel waħda, dik meħuda mill-Vanġelu ta' San Ġwann, sewwasew mill-meditazzjoni profonda ta' l-Evanġelista ta' l-imħabba, dwar l-imħabba qawwija ta' Kristu fl-Aħħar Ċena, awl-il-lejl qabel il-Passjoni u l-Mewt ta' Ġesù, għażiltha għax inħoss li fiha San Ġwann tana deskrizzjoni qasira iżda sħiħa, tal-Qalb Ewkaristika ta' Ġesù: *"hu li kien ħabb lil tiegħu li kienu fid-dinja, ħabbhom għall-aħħar"* (Gw.13:1). It-tieni silta, mehuda minn ittra li Madre Margerita, fl-1918, kitbet lil Mons. Anton Galea, tfisser ix-xewqa kbira li kellha Madre Margerita li tħobb bl-istess Qalb ta' Ġesù: *"Kemm nixtieq inħobbu bl-istess Qalb tiegħu!"*(8). Fl-umiltà tagħha stqarret li tistħi tikteb dwar dan, iżda tenniet li *"nixtiequ bil-ħeġġa kollha"*(8). Forsi ta' min isaqsi: irnexxielha, Madre Margerita, tħobb bil-Qalb ta' Ġesù, bil-Qalb Ewkaristika tiegħu? M'inhix se nwieġeb iva jew le, iżda se nipprova nagħtikom xi ħsibijiet mibnijin fuq il-kitbiet tagħha, biex intom tkunu tistgħu taslu għal konklużjoni xierqa, u fuq kollox, tkunu tistgħu timitawha, għax, fl-aħħar mill-aħħar, Ġesù tana l-Qalb Ewkaristika tiegħu, mhux biex noqgħodu nħarsu lejha biss, iżda biex nimitawha: *"Tgħallmu minni, għax jiena ta' qalb ħelwa u umli"*(Mt.11:29).

**Il-Qalb Ewkaristika ta' Ġesù**

Qabel ma' nkomplu bil-ħsibijiet tagħna tajjeb li ngħidu x'nifhmu bil-misteru tal-Qalb Ewkaristika ta' Ġesù. Il-Papa Piju XII, fl-Enċiklika tiegħu dwar il-Qalb ta' Ġesù "*Haurietis Aquas*" (1956), ippreżentalna il-Qalb Ewkaristika ta' Ġesù bħala l-aqwa don tal-Qalb ta' Ġesù, ta' l-imħabba ta' Alla għalina. Biex ifisser dan il-misteru, Piju XII inqeda bi kliem il-Papa Ljun XIII: *"dak l-att ta' l-aqwa mħabba li bih, il-Feddej tagħna, hu u*

*jfawwar l-għana kollu ta' Qalbu bix-xewqa li jibqa' magħna dejjem sa l-aħħar taż-żmien, waqqaf is-Sagrament meqjum ta' l-Ewkaristija"*(71). Għalhekk, fi kliem sempliċi, il-misteru tal-Qalb Ewkaristika ta' Ġesù hu dak il-mument storiku ta' l-Aħħar Ikla, lejliet il-Passjoni u l-Mewt tiegħu, li fih Ġesù waqqaf is-Sagrament ta' l-imħabba tiegħu, ta' l-Ewkaristija, u, fl-istess ħin, dak il-mument attwali u dejjem sejjer li fih, fl-Ewkaristija, Ġesù hu dejjem magħna, hu l-*"Għimmanu-el",* l-*"Alla magħna"* sa l-aħħar taż-żmien.

Meta nitkellmu mill-Qalb Ewkaristika ta' Ġesù f'relazzjoni mal-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, m'aħniex qed nitkellmu biss minn misteru Kristoloġiku mportanti, iżda qed nitkellmu minn *"kariżma"*, minn regola ta' ħajja, minn stil ta' ħajja qaddisa u ta' ħajja apostolika, li tingħax mill-membri kollha ta' din il-Kongregazzjoni Reliġjuża. Infatti, is-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, imnebbhin mill-Fundatriċi tagħhom, Madre Margerita, skond il-Kostituzzjonijiet li jmexxu l-ħajja tagħhom, fil-liberta' tagħhom jintrabtu li jqiegħdu fil-qalba ta' ħajjithom, imħabba tħeġġeġ lejn il-Qalb Qaddisa ta' Ġesù fl-Ewkaristija, u fil-kontemplazzjoni ta' dan il-misteru jfittxu dak li għandhom jimitaw biex fuqu jfasslu l-ħajja spiritwali tagħhom u l-ħajja ta' apostolat għall-ġid ta' l-oħrajn, l-aktar tal-fqajrin (ara: Kostituzzjonijiet, 3ċ).

Ix-xewqat l-aktar ħerqana ta' Madre Margerita, kif imfissra minnha stess fl-ittri tagħha, kienu: *"ningħaqdu fil-Wisq Qaddisa Qalb Ewkaristika u nissagrifikaw ruħna għalina nfusna u għall-umanità kollha"*(36). Bħall-Qalb Ewkaristika kienet tixxennaq li ssir sagrifiċċju, olokawst, għall-qdusija personali tagħha u għall-ġid ta' l-erwieħ. Fil-Qalb Ewkaristika kienet issib il-mudell ta' l-imħabba li xtaqet tagħti 'l Alla: *"nixtieq biss u nitlob lill-istess Qalb Ewkaristika biex inħobb kif jixraq lil Dak li jiftaħar li jsib l-għaxqa tiegħu fost ulied il-bnedmin"*(7). Fuq kollox, fil-Qalb Ewkaristika kienet issib l-għajn ta' kull kuraġġ li kienet teħtieġ fil-mumenti diffiċli tal-ħajja: *"il-Qalb Ewkaristika biss tagħmilli kuraġġ"*(34). L-istedina bla waqfien tagħha kienet li s-Sorijiet tagħha jsiru *"vittmi riparatriċi tal-Qalb Ewkaristika"*(V1).

**Il-Karatteristiċi tal-Qalb Ewkaristika ta' Ġesù**

Kif diġà, rajna, San Ġwann l-Appostlu, fid-daħla għall-Vanġelu ta' l-Aħħar Ikla tal-Mulej, tana sintesi tal-karatteristiċi kollha li, f'dak il-ħin imħeġġeġ b'qawwa ta' mħabba mill-akbar, kienu jimlew il-Qalb ta' Kristu, jew aħjar il-Qalb Ewkaristika tiegħu: *"hu li kien ħabb lil tiegħu li kienu fid-dinja, ħabbhom għall-aħħar"*(Ġw.13:1). Fl-espressjoni *"ħabbhom għall-aħħar"* San Ġwann ġabar dak kollu li hu mħabba. Iżda jekk inkomplu niflu dak kollu li ġara f'dik il-lejla ta' mħabba, insibu tliet karatteristiċi li jiffurmaw dak kollu li hu mħabba: ninnutaw l-imħabba li tingħata, l-umiltà li taqdi, u l-kuraġġ li jqawwi l-qalb. Dawn it-tliet karatteristiċi li flimkien jiffurmaw il- *"ħabbhom għall-aħħar"*, li qalilna San Ġwann, nistgħu nsejħulhom il-karatteristiċi ewlenin tal-Qalb ta' Ġesù fl-Ewkaristija, mhux biss dakinhar tal-mument storiku ta' l-istituzzjoni tagħha, iżda wkoll tal-permanenza dejjiema tagħha magħna fit-Tabernaklu.

Semmejna **l-imħabba li tingħata**. Infatti kien proprju f'dik il-lejla li Ġesù ħareġ bi stqarrija dwar fejn kienet se twasslu l-imħabba, meta qal: *"Ħadd ma għandu mħabba akbar minn din: li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu"*(Ġw.15:13). Ġesù kien qed jitkellem mill-imħabba li biha kien se jwettaq għal kollox ir-rieda tal-Missier, anke sal-mewt tas-salib. Din l-istess imħabba għadha tidher b'mod ċar fl-Ewkaristija, fejn Ġesù għadu jagħti lilu nnifsu lill-Missier, f'imħabba sagrifikali fi spirtu ta' riparazzjoni. U Ġesù ried li d-dixxipli tiegħu jitgħallmu minnu din l-imħabba li tingħata, sabiex huma wkoll jingħataw għat-twettiq tar-rieda ta' Alla li trid is-salvazzjoni tal-bnedmin kollha. Kemm erwieħ tkebbsu bil-qawwa ta' din l-imħabba li tingħata, waqt is-sahriet twal tagħhom quddiem Ġesù fl-Ewkaristija fit-Tabernaklu! Dik il-Qalb Ewkaristika li tgħallimna l-imħabba li tingħata,

tqawwina bl-enerġija spiritwali li neħtieġu biex aħna wkoll nitmexxew f'kollox u kullimkien, minn għotja mimlija mħabba.

Ġesù wriena b'mod mill-aktar ċar li l-imħabba tal-Qalb Ewkaristika tiegħu hi mħabba li tingħata, meta waqt l-istituzzjoni ta' l-Ewkaristija, taħt xbihat wettaq dak li, imbagħad, fil-Passjoni u l-Mewt tiegħu kien se jwettaq fir-rejaltà. Dak il-ħin Ġesù qal: *"Dan hu Ġismi li jingħata għalikom…Dan il-kalċi huwa l-Patt il-Ġdid b'demmi, id-demm li jixxerred għalikom"*(Lq.22:19-20). L-istess sinjal sensibbli ta' l-Ewkaristija jfisser l-għotja sħiħa ta' riparazzjoni lill-Missier li wettaq Kristu. Kif biex isir il-ħobż, il-qamħ jintaħan u d-dqiq jintagħġen, u kif biex isir l-inbid, l-għeneb jintagħsar, hekk Kristu intaħan, intagħġen, intgħasar biex jingħata lill-Missier bi tpattija għall-offiżi li sarulu, u salva lill-umanita' kollha.

Dwar l-imħabba li tingħata li wriena Ġesù fl-Ewkaristija, il-"Katekiżmu tal-Knisja Kattolika", għallimna: *"Għax Kristu kien se jħalli lil tiegħu u ma kienux se jarawh aktar, ried jagħtina l-preżenza Sagramentali tiegħu; għax kien sejjer joffri lilu nnifsu fuq is-salib biex isalvana, ried li aħna jkollna t-tifkira ta' l-imħabba li biha ħabbna "sa l-aħħar"(Ġw.13:1), sa ma tana ħajtu stess. Fil-fatt, bil-presenza rejali tiegħu, Kristu jibqa' b'mod misterjuż fostna bħala dak li ħabbna u ta ruħu għalina (ara: Gal.2,20), u jibqa' taħt l-ispeċi li juruna u jagħtuna din l-imħabba tiegħu"*(1380). Il-Qalb Ewkaristika ta' Ġesù turina l-imħabba li tingħata ta' Ġesù.

Semmejna wkoll **l-umiltà li taqdi**. L-Appostlu San Ġwann biex ifisser kif Ġesù *"ħabbhom għall-aħħar"*, irrakkuntalna dak li l-aktar laqtu waqt l-Aħħar Ikla, u filwaqt li ħalla barra r-rakkont tat-twaqqif ta' l-Ewkaristija, irrakkuntalna l-ġrajja ta' servizz umli li ried iwettaq Ġesù, meta ħasel saqajn id-dixxipli tiegħu. San Ġwann qisu ried ifissrilna li ma tistax teżisti qalb ewkaristika bħal dik ta' Kristu, mingħajr ma tkun kapaċi taqdi fi spirtu ta' umiltà. *"Wara li ħaslilhom saqajhom, libes il-mantar u reġa' qagħad fuq il-mejda* (biex issa, wara li bħal qaddej ħaslilhom saqajhom, bħala mgħallem, jgħallimhom) *u qalilhom: "Tafu x'għamiltilkom ? Intom issejħuli 'l-Imgħallem' u 'l-Mulej', u tgħidu sewwa, għax hekk jien. Mela jekk jien, li jien il-Mulej u l-Imgħallem, ħsiltilkom saqajkom, hekk intom għandkom taħslu saqajn xulxin. Għax jien tajtkom eżempju, biex kif għamilt jien magħkom, hekk tagħmlu intom ukoll"*(Ġw.13: 12-15). Ġesù wera b'mod ċar li l-imħabba ewkaristika tiegħu ta' dik l-aħħar lejla kienet taf taqdi, u, allura, l-imħabba ewkaristika ta' kull min jimxi fuq il-passi tiegħu, jeħtieġ tkun taf taqdi fi spirtu ta' umiltà, ukoll!

Dwar din l-imħabba umli li taqdi ta' Ġesù, il-"Katekiżmu tal-Knisja Kattolika", qalilna fil-qosor: *"Il-mogħdrija ta' Ġesù għal dawk kollha li qegħdin ibatu hi tant kbira li hu jqis ruħu ħaġa waħda magħhom: "Kont marid u ġejtu zzuruni"(Mt.25,36)"*(1503). Għax, fl-aħħar mill-aħħar, l-umiltà li taqdi ma tistax ma twassalx biex min jaqdi jsir ħaġa waħda ma' min jiġi moqdi! Hekk għamel Ġesù f'ħajtu, hekk għamel fl-Aħħar Ikla, hekk għadu jagħmel magħna mit-Tabernaklu!

Semmejna wkoll it-tielet karatteristika tal-Qalb Ewkaristika ta' Ġesù, **il-kuraġġ li jqawwi l-qalb**. X'ma għamelx Ġesù, f'dik il-lejla ta' mħabba, biex iqawwi qalb l-appostli tiegħu, quddiem il-ġrajjiet tal-Passjoni u l-Mewt li kien hemm lesti għalih? Wegħedhom l-Ispirtu s-Santu *"id-Difensur, li se nibgħatilkom mingħand il-Missier, l-Ispirtu tal-verità, li ġej mill-Missier"*(Ġw.15:26). Qalilhom biex ma jitħawdux, għax hu t-Triq li twassal għand il-Missier: *"tħallux qalbkom titħawwad! Emmnu f'Alla, u emmnu fija wkoll…Ħadd ma jmur għand il-Missier jekk mhux permezz tiegħi"*(Ġw.14:1-6). Wegħdhom lilu nnifsu bħala garanzija ċerta ta' rebħa: *"min jibqa' fija u jiena fih, dan jagħmel ħafna frott; għax mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn…Jekk tibqgħu fija u kliemi jibqa' fikom, itolbu kull ma tridu, u jingħatalkom"*(Ġw.15:5-7). Qalilhom ukoll li għad jgħaddu minn ħafna tbatijiet, iżda

dawn, imbagħad, jitbiddlu f'ferħ dejjiemi u r-rebħa aħħarija tkun tagħhom: *"Għad iġġarrbu n-niket, imma n-niket tagħkom għad jitbiddel f'hena…fid-dinja tbatu jkollkom. Iżda agħmlu l-qalb, jiena rbaħt id-dinja"*(Ġw.16:20 u 33). Dawn il-wegħdiet ta' Ġesù lill-appostli tiegħu, wegħdiet ħerġin mill-imħabba tal-Qalb Ewkaristika tiegħu, ġew imbagħad imsaħħin mit-Talba Saċerdotali tiegħu, li biha Ġesù kompla jsaħħaħ qalb l-appostli tiegħu f'mument tassew delikat ta' l-istorja tas-salvazzjoni: *"Ma nitolbokx li twarrabhom mid-dinja, imma li tħarishom mill-Ħażin…Jien minħabba fihom nagħti ħajti, biex huma wkoll ikunu mqaddsa permezz tal-verità"*(Ġw.17:15 u 19). Il-Qalb Ewkaristika ta' Ġesù f'dak il-mument ta' l-Aħħar ċena u fil-mumenti kollha tal-ħajja tal-bniedem mit-Tabernaklu, tnissel f'kull bniedem dak il-kuraġġ li jsaħħaħ il-qalb u tghinu jkompli 'l quddiem fil-mixja tiegħu lejn l-ħajja dejjiema.

Mela, il-*"ħabbhom għall-aħħar"* ta' l-Aħħar Ċena li kitbilna San Ġwann Appostlu, nistgħu nittraduċuha f'imħabba li tingħata, f'umiltà li taqdi u f'kuraġġ li jqawwi l-qalb tal-bniedem. Din hi l-Qalb Ewkaristika ta' Ġesù.

**Il-qalb ewkaristika ta' Madre Margerita**

Niġu, issa, għall-punt ewlieni tad-diskors tagħna, li biex naslu għalih kellna bilfors nagħmlu l-mixja tagħna dwar il-Qalb Ewkaristika ta' Ġesù, f'dik il-lejla ta' l-Aħħar Ikla, u fil-qagħda tiegħu magħna fit-Tabernaklu. Issa jeħtieġ insaqsu: Madre Margerita kellha qalb ewkaristika? Biex naslu għat-tweġiba tagħna, irridu nsaqsu: Madre Margerita kellha dawn il-karatteristiċi li rajna fil-Qalb Ewkaristika ta' Ġesù? Madre Margerita kellha mħabba li tingħata, umiltà li taqdi, kuraġġ li jqawwi l-qalb? Infittxu fil-ġrajjiet u l-kitbiet tagħha, u naslu għall-konklużjonijiet tagħna.

**Madre Margerita u l-imħabba li tingħata**

Nistgħu ngħidu mingħajr tlaqliq li l-ħsieb ewlieni li dejjem kien iberren f'moħħ Madre Margerita, sa minn meta fl-1876, ta' 14-il sena, bil-permess tad-direttur spiritwali tagħha, għamlet il-vot privat tal-virġinità, kien li ħajjitha tkun kollha kemm hi għotja sħiħa 'l Alla, għotja ta' mħabba lil dak li hu Imħabba. Din l-għotja sħiħa ta' mħabba tfissret b'mod ċar mill-Appostlu San Pawl, meta dwaru nnifsu qal: *"Ngħix, imma mhux iżjed jien, iżda jgħix fija Kristu. Il-ħajja li issa nghix fil-ġisem qiegħed ngħixha bil-fidi fl-Iben ta' Alla, li ħabbni u ta lilu nnifsu għalija"*(Gal.2:20). San Pawl qisu ried jgħid li, ladarba Kristu ta lilu nnifsu għalija, jien għandi nagħti lili nnifsi għaliħ. Għalfejn? Biex dan Kristu jkun magħruf, biex ikun maħbub, biex nissieħeb miegħu fit-twettiq tar-rieda tal-Missier, biex nissieħeb fi tbatijietu għas-salvazzjoni ta' l-umanità.

Madre Margerita, f'ittra miktuba lil waħda reliġjuża, fl-1907, fissret dan il-ħsieb fundamentali tagħha li tghix għal kollox din l-imħabba li tingħata bis-sħiħ: *"Hawn jien miegħek biex infakkrek mhux affarijiet ġodda, le, imma mill-aktar antiki u qodma; imma li jidhru dejjem ġodda għal min tassew irid jgħix il-fedeltà u l-immolazzjoni lill-Qalb Qaddisa! Għalhekk, għażiża tieghi, in-nar li jikkonsma l-vittma jeħtieġ li jkun dak stess li kkonsma l-Vittma per eċċellenza, u li permezz tiegħu biss tkun mogħġuba l-immolazzjoni tiegħek. Għalhekk għandek tkun aktar minn ċerta li n-niket, it-tbatijiet, l-umiljazzjonijiet ikunu l-ilmijiet li jaħslu u jsaffu r-ruħ vittma, li imbagħad, tkun tajba biex titkebbes mill-imħabba safja u divina, li tagħmilha ħaġa waħda ma' Dak li hu s-setgħani!"*(140). Permezz tat-tbatijiet u ta' l-umiljazzjonijiet, qed tgħallem Madre Margerita, ir-ruħ tista' ssir vittma li tingħata fl-imħabba, bħal Ġesù, il-vittma per eċċellenza, li ngħata lill-Missier għalina, biex jagħmel ir-rieda tiegħu u jpatti għal dnubietna u jsalvana.

Iżda hu nteressanti ninnutaw, li Madre Margerita kienet żgura li n-nar li jifforma l-vittmi, jinsab fit-Tabernaklu. F'kelma waħda, kienet temmen li l-qalb tal-bniedem tista' tiġi ffurmata f'qalb li tingħata bl-imħabba, mill-Qalb Ewkaristika ta' Ġesù fit-Tabernaklu. Għalhekk f'din l-ittra li għadna kemm semmejna, tkompli: *"U fejn jinsab nar aktar iħeġġeġ, aktar kapaċi jikkonsma kull imperfezzjoni, jekk mhux fl-imqaddes Tabernaklu?!..."*(140). Il-Qalb Ewkaristika ta' Ġesù, bil-qawwa ta' l-imħabba tagħha li tingħata, fiha enerġija spiritwali qawwija biżżejjed biex tifforma qlub ewkaristiċi li lesti jingħataw fl-imħabba, kif għamlet f'Madre Margerita.

F'ittra miktuba lil Mons. Alfons Agius, ittra li ma ġġibx data, iżda li żgur inkitbet ftit snin qabel mewtha, Madre Margerita ttenni din ix-xewqa ewlenija li kienet issuqha f'ħajjitha kollha, li tkun għotja sħiħa ta' mħabba: *"Ma nixtieq xejn aktar ħlief li nintemm bħala vittma ta' riparazzjoni. Għalhekk nitlob lill-paternita' tiegħek biex toffrini fis-Sagrifiċċju Qaddis flimkien mal-Vittma bla tebgħa biex inkun imsoffja"*(59). Biex iseħħilha ssir għotja sħiħa ta' mħabba qed turi x-xewqa ħerqana li tkun dejjem aktar imsoffija minn dak kollu li mhux imħabba, ħalli l-għotja tagħha ta' mħabba tkun kemm jista' jkun sħiħa.

Nistgħu nsemmu ħafna eżempji oħra li juruna kemm Madre Margerita kienet għamlet minnha nfisha għotja ta' mħabba, u dwar kemm kienet tipprova tifforma lis-Sorijiet tagħha f'din l-għotja, iżda l-ħin ma jippermettix. Imma, inħossni ċert li Madre Margerita, mill-Qalb Ewkaristika ta' Ġesù tgħallmet bis-sħiħ din il-karatteristika ta' għotja sħiħa ta' mħabba.

**Madre Margerita u l-umiltà li taqdi**

L-imħabba li hi għotja vera 'l Alla, tkun kapaċi wkoll taqdi bl-umiltà lill-aħwa. Dan urihulna Ġesù stess f'dik il-lejla Ewkaristika ta' l-Aħħar Ċena, meta mhux biss għallimna l-għotja sħiħa tiegħu nnifsu li ried iwettaq, iżda wkoll l-umiltà li taqdi meta ħasel saqajn l-appostli tiegħu. Ġesù għamel dan ukoll meta tkellem minnu nnifsu taħt dan l-aspett doppju ta' għotja u ta' qadi: *"Bin il-bniedem ma ġiex biex ikun moqdi, imma biex jaqdi u biex jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra"*(Mt.20:28). L-imħabba li tingħata għal kollox biex twettaq ir-rieda tal-Missier, hi ukoll imħabba li taqdi lill-aħwa kollha fil-ħtiġijiet tagħhom.

U jekk s'issa rajna kemm tassew il-ħajja ta' Madre Margerita kienet ittieħdet mill-għotja sħiħa tal-Qalb Ewkaristika ta' Ġesù, issa nistgħu nkomplu naraw kemm ittieħdet ukoll mill-umiltà li taqdi tagħha. Is-Sorijiet ta' żmienha għadhom jiftakru b'liema ħeġġa ta' umiltà li trid taqdi tassew, kienet taħsel saqajn tnax-il soru, nhar Ħamis ix-Xirka filgħaxija, biex tkompli dak li Ġesù talab mid-dixxipli tiegħu *"hekk intom għandkom taħslu saqajn xulxin"*(Ġw.13:14). Meta darba bħala Superjura Ġenerali kienet qed tagħmel il-viżta tagħha lil xi djar f'Malta, imsieħba minn Madre Franġiska Borġ, u mill-Furjana ħasset li għandha tmur fl-Istitut ta' Fra Diegu l-Ħamrun u hemm sabet konfużjoni sħiħa għax xi tfal kellhom l-infezzjoni tal-variċella, minflok ma telqet minn hemm kif issuġġerewlha, għażlet li toqgħod hemm tghin u taqdi f'sitwazzjoni mwiegħra ta' dik il-kwalità. Lis-Sorijiet tagħha li dejjem taw servizz umli kull fejn wettqu l-hidmiet ta' l-apostolat tagħhom, kienet dejjem tgħallimhom: *"Ftakru fi kliem il-Vanġelu: meta tkunu għamiltu dak li jkollkom tagħmlu, għidu: aħna qaddejja ma niswew għalxejn!"*(V6). Barra dan kienet bla waqfien tħeġġiġhom biex jaqdu bl-imħabba u bil-ħeġġa: *"Żommu tixgħel fi qlubkom il-fjamma ta' l-imħabba qaddisa u qawwija il-ħeġġa għall-ġid ta' l-erwieħ, biex il-ħidma tagħkom, magħquda mat-talb umli u fiduċjuż, twessa' dejjem aktar is-saltna ta' Kristu"*(V14).

Meta f'Novembru 1920, kitbet lil Marija Busuttil, dik li wara kienet Madre Luisa Busuttil, waħda mis-Superjuri Ġenerali tal-Kongregazzjoni, u qaltilħa li ġiet milqugħa fil-Kongregazzjoni, fost l-oħrajn, kitbitilha hekk: *"Tista' tiġi meta jogħoġbok fid-dar tal-Għarus tagħna Ġesù biex tħobbu u taqdih bil-fedeltà u l-ġenerożità sal-*

*mewt…Fittex li tiġi biex tkun l-iżgħar, il-qaddejja ta' kulħadd, biex tħobb u tbati ma' Ġesù u tpatti għall-offiżi tiegħu…"*(107). Wieħed mill-għanijiet li offritilha kien li taqdi fl-umiltà lil kulħadd. Ma tistax tkun dixxiplu ta' Ġesù li fittex li jaqdi u jħobb, u li għadu jagħmel hekk mit-Tabernaklu, jekk ma tkunx kapaċi tħobb u taqdi bl-umiltà. Fi Frar 1949, f'ittra lin-neputija Sr.Antonia Abela, kitbet: *"Tgħejja qatt taqdi u tghin l-erwieħ biex iħobbu lill-Għarus tagħna: qatt ma nistgħu nkunu rikonoxxenti bizzejjed għall-vokazzjoni reliġjuża tagħna"*(175). Madre Margerita kienet tara fis-servizz umli, att ta' rikonoxxenża, *"ewkaristija"*, għad-don tal-vokazzjoni reliġjuża.

Mill-ftit riflessjonijiet li għamilna, nistgħu naslu għall-konklużjoni dwar kemm Madre Margerita kellha qalb li taf taqdi fi spirtu ta' umiltà, qalb li *"dejjem lesta biex taħsel saqajn l-oħrajn"*, kif għamlet il-Qalb Ewkaristika ta' Ġesù fl-Aħħar Ikla.

**Madre Margerita u l-kuraġġ li jqawwi l-qalb**

Mill-Qalb Ewkaristika ta' Ġesù, f'dik il-lejla ta' l-Aħħar ċena, ħarġu sentimenti qawwija, imfissrin bi kliem mimli mħabba, li bihom Ġesù ried iqawwi qalb l-appostli tiegħu, quddiem il-ġrajjiet kiefra li minnhom kellu jgħaddi fil-Passjoni u l-Mewt tiegħu. Kif rajna, l-qawwa li offrielhom Ġesù kienet il-qawwa ġejja mill-Missier li jħobb u jmexxi 'l kulħadd, il-qawwa ġejja minnu stess li hu t-Triq żgura li twassal għand il-Missier, il-qawwa ġejja mill-Ispirtu s-Santu li hu d-Difensur, l-Avukat. Il-Qalb Ewkaristika ta' Ġesù, mit-Tabernaklu, għadħa timliena bil-kuraġġ bil-qawwa divina ta' kull xorta li ssaħħaħna fid-dghufija umana tagħna. Kellha raġun Madre Margerita spiss tistieden lis-sorijiet tagħha: *"Fid-diffikultajiet li tiltaqghu magħhom duru lejn Alla u Hu jagħtikom l-għajnuniet meħtieġa. B'mod partikulari, ersqu spiss lejn il-Qalb Ewkaristika"*(V9). Hi stess kienet personalment esperimentat: *"Il-Qalb Ewkaristika biss tagħmilli kuraġġ"*(34).

Iżda jekk, imbagħad niflu l-mod kif issawret il-qalb ta' Madre Margerita, u kif nafu ssawret b'mod partikulari bl-enerġija spiritwali li toħroġ mit-Tabernaklu, ninnutaw li bla waqfien kienet tnebbaħ f'dawk kollha li jersqu lejha, il-kuraġġ. *"Kuraġġ qawwi, qawwi",* kienet espressjoni li ta' spiss kienet tinstema' fuq fommha u tinkiteb fl-ittri tagħha. Kien dak il-kuraġġ imwieled mill-fidi u miċ-ċertezza li Alla ma jitlaq qatt lil min jafda ruħu fih u jintelaq fit-tmexxija tiegħu. Kien dak il-kuraġġ li għamel lil Madre Margerita, għalliema esperta ta' l-abbandun fl-imħabba paterna ta' Alla. Innutaw ftit x'kitbet lil Soru żagħżugħa, fl-1922, minn Corfù fejn kienet esperimentat kull xorta ta' diffikultajiet: *"Oh! x'paċi ġġarrab, meta r-ruħ tintelaq fil-ħarsien patern tal-Providenza mbierka. Kuraġġ mela, u hila kbira. Mela aħna m'aħniex għarajjes tas-Sultan tas-sema? Għaliex niddubitaw? Għaliex ma nafdawx fl-għajnuna paterna tiegħu?"*(144).

U, fuq kollox kienet tindika lis-Sorijiet l-għajn ta' dan il-kuraġġ: *"Meta tkun imnikkta jew qalbek maqtugħa, mur malajr qrib it-twajjeb Ġesù Priġunier ta' l-imħabba u minn hemm toħroġ kuraġġjuża u msaħħa"*(143). U darb'oħra, kważi tenniet l-istess parir: *"Meta tħossok imdejqa jew imħabbta mill-passjonijiet tiegħek, itfa' ħarsa fuq it-Tabernaklu jew fuq is-Salib u hemm issib lill-Għarus tiegħek Ġesù umiljat: minn hemm żgur jiġik il-kuraġġ meħtieġ biex timitah"*(V8). Meta hi stess kienet tara kif il-Providenza divina tiehu ħsieb tipprovdi dak kollu li hu meħtieġ, kienet tagħmel il-kuraġġ, għax hemm Hu li jmexxi kollox, u minħabba dan darba, fl-1923, stqarret ma' Sr. Paċifika: *"Għalhekk qatt ma jonqosni l-kuraġġ, fl-ebda ħidma li Hu jafdalna"*(84). Il-kuraġġ, mela li kien iqawwi qalb Madre Margerita, u l-kuraġġ li bih hi kienet tqawwi qalb l-oħrajn kollha li magħhom kien ikollha xi kuntatt, kien kuraġġ mibni fuq fiduċja mill-aqwa fil-ħarsien tal-Providenza Divina, kuraġġ mibni

fuq il-qawwa divina, kif kien il-kuraġġ li bih il-Qalb Ewkaristika ta' Ġesù, fl-Aħħar ċena, riedet issaħħaħ qalb l-Appostli.

F'dan il-kuraġġ li joħroġ mill-Qalb Ewkaristika ta' Ġesù, Madre Margerita kien tfittex li tittrenja lis-sorijiet tagħha: *"Għidu lil xulxin kliem ta' faraġ u ta' kuraġġ, dejjem fil-Qalb Ewkaristika"(B61),* u, darb'oħra, kitbet hekk lil waħda mill-komunitajiet tas-Sorijiet tagħha:*"Qegħdu l-fiduċja kollha tagħkom fil-Priġunier Maħbub u komplu 'l quddiem, bil-kuraġġ"*(152). Fuq kollox, Madre Margerita kienet tifhem li l-valur tal-FIAT li jeħtieġ intennu quddiem il-pjani tar-rieda ta' Alla, jiddependi minn kemm inkunu kapaċi ntennuh bil-kuraġġ kollu. Kien għalhekk li darba kitbet: *"Jeħtieġ nirrassenjaw ruħna għal kull disposizzjoni tal-Providenza Divina. Iva, intennu dejjem l-għażiż Fiat. Imma, bil-kuraġġ u bil-ferħ u mhux bil-biki u t-tnehid"*(143).

Minn dan kollu, naslu biex nifhmu kemm l-ispiritwalità ta' Madre Margerita kienet spiritwalità determinata, mibnija fuq persważjonijiet intimi mixgħulin f'qalbha min-nar iħeġġeġ ta' mħabba li jixgħel mill-Qalb Ewkaristika ta' Ġesù fit-Tabernaklu. Dawn il-persważjonijiet mhux biss imlewlha qalbha qisu b'kuraġġ naturali li kien jaqbel ħafna mal-karattru ta' *"mara ta' ħila"* li kellha, iżda kienu jimbuttawha biex bla waqfien, fil-kuntatti tagħha, b'mod partikulari ma' bnedmin dgħajfin, tuża psikoloġija li tnebbaħ u tqanqal għall-kuraġġ, kuraġġ mibni dejjem fuq bażi soda, il-qawwa divina li toħroġ mill-Qalb Ewkaristika ta' Kristu fit-Tabernaklu.

**Għeluq**

Ikkunsidrajna flimkien il-lejla, maħbubin huti, il-karatteristiċi tal-Qalb Ewkaristika ta' Ġesù: l-imħabba li tingħata, l-umiltà li taqdi, u l-kuraġġ li jqawwi l-qalb: karatteristiċi li sibnihom f'dik il-lejla qaddisa ta' l-Aħħar Ċena, u li għadna nsibuhom fil-Qalb Ewkaristika ta' Ġesù dejjem magħna fit-Tabernaklu. Fittixna, imbagħad fl-Ispiritwalità ta' Madre Margerita u sibna li l-kuntatt intimu tagħha ma' Ġesù fit-Tabernaklu, l-imħabba tagħha għall-Qalb Ewkaristika ta' Ġesù, mhux biss kienet iżżommha ħinijiet twal fejn it-Tabernaklu, iżda saret għaliha programm ta' ħajja spiritwali li wassalha biex hi wkoll issir mimlija bl-imħabba li tingħata, bl-umiltà li taqdi u bil-kuraġġ li jqawwi l-qalb. U, allura, nistgħu naslu biex ngħidu, issa, li t-Tabernaklu kien għal Madre Margerita, skola, forn, għidulu li tridu, li sawwar fiha qalb ewkaristika bħal dik ta' Kristu. U l-qalb ewkaristika ta' Madre Margerita saret wirt mill-aqwa għas-Sorijiet tagħha u għal dawk kollha li jridu jitgħallmu minnha, wirt li jindikalhom it-triq ta' kif trawwem fik qalb ewkaristika bħal dik ta' Kristu.

It-tobba u l-infermiera meta jkunu jridu jiċċekkjaw it-taħbit tal-qalb tal-pazjenti tagħhom, jiċċekkjaw il-polz. Meta Madre Margerita, fl-1940 kienet fid-Dar tax-Xagħra, u hemmhekk kienet kważi fi tmiem ħajjitha, it-tabib Nicolino Xicluna, waqt li kien bil-polz tagħha f'idejh, ma ħasibhiex darbtejn biex jistqarr: *"Il-Madre tagħkom hi marida aktar bid-deni ta' l-imħabba divina milli b'dak naturali"*. Meta, fil-bidu tas-sena 1952, ħamsin sena ilu, Madre Margerita kienet fil-"Casa Madre" u deher li waslet fl-aħħar jiem ta' ħajjitha, Suor Delfina li kienet l-infermiera li tiehu ħsiebha, stqarret bil-miktub: *"Hi kienet taqbad bl-imħabba divina: meta kont noħdilha l-polz f'idejja ma kontx niflaħ inżommu daqs kemm kien ikun sħun"*. Anke t-tabib Anton Tabone li kien jiehu ħsiebha hawn fil-"Casa Madre" u li kien iżurha kuljum u anke aktar minn darba kuljum, stqarr li ma kienx jaf ifisser għaliex dik is-sħana f'ġisimha, qabel mietet. Milli jidher, il-polz ta' Madre Margerita ma kienx jimmarka ħlief it-taħbit u l-ħruq ta' mħabba ħerġin minn qalb ewkaristika mfassla fuq, u msawra mill-Qalb Ewkaristika ta' Kristu!

Aħna u niċċelebraw, maħbubin huti, il-50 Anniversarju mill-Mewt tal-Fundatriċi, Madre Margerita, nitolbu lill-Qalb Ewkaristika ta' Ġesù, biex tixħet il-qawwa tagħha fil-qlub tagħna lkoll u tnissel fihom xi ftit mill-

karatteristiċi qaddisa tagħha ta’ imħabba li tingħata, ta’ umiltà li taqdi, u ta’ kuraġġ li jqawwi l-qalb, kif bihom, bil-qawwa kollha, iffurmat il-qalb ewkarisika ta’ Madre Margerita!

++++++++++++++++++++

# Madre Margerita:

# mudell ta’ fidi awtentika (2004)

*“Fi Kristu Ġesù, xejn ma jkun jiswa ħlief biss il-fidi li taħdem permezz ta’ l-imħabba”* (Gal. 5:6).

*“Dur lejĦ bl-akbar fiduċja u nxteħet b’għajnejk magħluqa u ma jiddispjaċikx”*(109).

**Daħla**

Dawn iż-żewġ sentenżi, l-ewwel waħda minn San Pawl lill-Galatin, u t-tieni waħda minn Madre Margerita lil Sr. Luisa Busuttil, huma żewġ espressjonijiet qawwija ta’ fidi vera u ħajja. Fl-ewwel waħda, San Pawl jgħallimna li għad-dixxipli ta’ Kristu, l-aktar ħaġa mportanti hi l-fidi fil-qawwa ta’ Kristu li tintwera f’qawwa ta’ mħabba għalih u għall-aħwa kollha. Fit-tieni waħda, Madre Margerita, bħal tkompli dwar il-ħsieb ta’ San Pawl u turi li n-nisrani jirnexxi jekk b’fidi qawwija u konvinta jintelaq għal kollox fit-tmexxija kollha mħabba ta’ l-Imgħallem Divin, Ġesù Kristu Sidna. Għal Madre Margerita dan hu x’kien ifisser *“Inħobbu l-Imħabba”.* Infatti, l-istess San Pawl, fl-Ittra lill-Filippin stqarr: *“Għal kollox niflaħ bis-saħħa ta’ dak li jqawwini”*(Fil.4:11). U Madre Margerita, mgħallma mill-ispirtu ta’ fidi li kellu S. Pawl, darba fost l-oħrajn stqarret: *“Minn moħħna qatt m’għandħa twarrab ir-regola ta’ Missierna S. Pawl: nista’ kollox bl-għajnuna divina u minni nnifsi ma nista’ xejn”*(145). Fil-fatt, kemm jekk nitkellmu mill-Appostlu Missierna San Pawl, kemm jekk minn Madre Margerita, irridu naslu biex ngħidu li l-fidi tagħhom it-tnejn saret għalihom għajn ta’ kuraġġ u qawwa, mibnija fuq iċ-ċertezza li Alla ma jitlaq qatt lil min jemmen fil-ħarsien tal-Providenza Paterna tiegħu u jafda ruħu fil-ħarsien kollu mħabba tiegħu. Hi biss fidi ħajja, qawwija u konvinta li tista’ twassal lill-bniedem biex jikber fil-qdusija u biex jirnexxilu jagħmel il-ġid fil-Knisja u fid-dinja ta’ żminijietna. Kienet il-fidi li taħdem bl-imħabba li wasslet lil San Pawl u lil Madre Margerita biex għamlu dak li għamlu. Hi l-fidi li taħdem bl-imħabba li tista’ twassalna biex inkunu tassew utli fil-Knisja ta’ Kristu.

**X’inhi l-Fidi ?**

Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika jgħallimna li *“bil-fidi l-bniedem iħalli għal kollox f’idejn Alla l-intelliġenza u r-rieda tiegħu u, b’ruħu u ġismu jagħti l-kunsens tiegħu lil Alla, awtur tar-rivelazzjoni. L-Iskrittura ssejjaħ “ubbidjenza tal-fidi” din it-tweġiba tal-bniedem lil Alla, li rrivela lilu nnifsu (ara: Rum. 1,5; 16,26)”*(143). U jkompli jgħallimna: *“Tobdi (mil-Latin “ob-audire”) fil-fidi jfisser toqgħod minn rajk b’mod hieles għall-kelma li tisma’, għax il-verità tagħha hi garantita minn Alla, il-Verità fih innifsu. Ta’ din l-ubbidjenża Abraham hu mudell li tagħtina l-Iskrittura Mqaddsa. Fil-Verġni Marija din l-ubbidjenza seħħet b’mod l-iktar perfett”*(144).

Għalhekk, meta nitkellmu mill-ħajja nisranija li hi mmexxija mill-fidi, nistgħu nqabbluha ma' vjaġġ fuq *"highway"* fejn issib ħafna sinjali matul il-ġirja tiegħek: suq bil-mod, qbadt triq ħażina, ikser lejn il-lemin jew lejn ix-xellug, ġejja liwja perikuluża, ieqaf, u tant oħrajn. Dawn ukoll huma ftit mill-messaġġi spiritwali li nistgħu nirċievu fi triqtna lejn il-qdusija. Kull pass jitlob att ta' fidi. Mingħajr il-fidi ma nistgħux nimxu 'l quddiem fil-*"highway"* tal-ħajja nisranija, Għax it-triq hi mimlija diffikultajiet li ħafna minnhom, jekk mhux kollha, ma jistgħux jintrebħu b'mod ordinarju. F'kelma waħda rridu nidraw nafdaw fl-id kollha mħabba tal-Missier tas-sema li tmexxina bla waqfien fid-direzzjoni t-tajba.

Mela l-fidi hi avventura li ttul ħajja sħiħa u li teħtieġ r-rieda li nikbru fl-għarfien u fit-twettiq ta' dak li jrid Alla. Kull darba li naħsbu li t-triq tkun waslet għat-tmiem għax inkunu tgħallimna nafdaw għal kollox fit-tmexxija tal-Mulej, Hu jgħaddina minn mogħdijiet ġodda li matulhom niskopru perikli u diffikultajiet ġodda u, allura, fihom ukoll jeħtieġ inħaddmu l-qawwa tal-fidi, sa l-aħħar. Irridu nimxu dejjem bil-fidi, dejjem inżidu l-għarfien tagħna dwar l-imħabba kollha ħniena ta' Alla fil-vjaġġ tagħna, nistinkaw bla waqfien biex inwettqu dak li turina l-id setgħana ta' Alla.

**Madre Margerita**

Illum, it-22 ta' Jannar 2004, kif nagħmlu kull sena, inġbarna hawn biex infakkru t-52 sena mill-mewt ta' Madre Margerita De Brincat, Fundatriċi tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, li ġrat hawn fil-"Casa Madre" tal-Kongregazzjoni tagħha, filgħodu kmieni. Dawn il-52 sena li għaddew minn dak il-jum tal-mewt ta' Madre Margerita, wassluna biex niskopru sewwa l-personalità ta' din il-persuna qaddisa, magħżula mill-Mulej mhux biss biex issalva l-Kongregazzjoni fl-aktar mumenti diffiċli li għaddiet minnhom, iżda wkoll biex tlaqqamha bl-ispirtu qaddis tagħha, imnebbaħ lilha mill-Mulej Alla, li minnu ġejja kull għotja tajba u kull don perfett.

Il-kariżma li biha ġiet imnebbħa Madre Margerita biex tgħixha hi u biex tgħaddiha lill-membri tal-Kongregazzjoni tagħha ħalli jgħixuha u jiżviluppawha mal-medda tas-snin, hi don mogħti mill-Ispirtu s-Santu, li jifforma stil ta' ħajja spiritwali u mod ta' ħajja apostolika. Kull kariżma, għidna, hi don, u kull don mogħti mill-Mulej Alla, għandu fundament li fuqu jitfassal u jinbena: il-fidi. Għalhekk, jekk irridu niskopru sewwa dak li għen lil Madre Margerita biex tgħix b'fedeltà mill-aqwa l-kariżma ta' *"Inħobbu l-Imħabba"*, tajjeb li nfittxu li nifhmu l-qawwa ta' fidi ħajja, qawwija u konvinta li mexxietha f'din il-ħidma qaddisa tagħha. Dan hu l-punt li fuqu se nibnu din ir-riflessjoni tagħna, li biha, b'mod ħaj nixtiequ nfakkru, b'sentimenti ta' ferħ u ta' radd il-ħajr 'l Alla, din l-okkażżjoni ta' llum.

U biex nifhmu sewwa l-qawwa ta' fidi li mexxiet bla waqfien lil Madre Margerita fl-iżvilupp spiritwali personali tagħha u fil-ħidma apostolika li wettqet, irridu nieqfu fuq tliet aspetti mportanti tal-fidi tagħha: it-twemmin sħiħ tagħha fit-tjubija ta' Alla, l-ispirtu ta' telqa, ta' abbandun sħiħ, fit-tmexxija tal-Providenza ta' Alla u, fuq kollox, il-kuraġġ li dejjem mexxiha 'l quddiem u li bih hi dejjem fittxet li tnebbaħ il-qlub tas-Sorijiet tagħha u ta' min kellu xi kuntatt magħha. Dan hu l-itinerarju ta' fidi li mxiet Madre Margerita: dan hu l-itinerarju ta' fidi li Madre Margerita toffri lilna lkoll bħala parti mill-patrimonju spiritwali li ħallitilna biex bih aħna wkoll inkunu nistgħu ngħixu sewwa l-mixja nisranija tagħna.

**Madre Margerita u t-Tjubija ta' Alla**

Jekk hemm xi ħaġa li Madre Margerita kienet aktar minn konvinta dwarha, żgur li kienet it-tjubija ta' Alla. It-twemmin dwar dan l-attribut divin, jew aħjar dwar din l-essenza divina ta' Alla, għax kif għallimna San Ġwann:

*"Alla hu mħabba"* (1Ġw. 4, 8), kien kontinwament jimraħ fil-ħsibijiet ta' Madre Margerita u kien jimla 'l qalbha b'nifs qawwi u kien juri ruħu fil-kuraġġ li bih kienet taffronta anke l-iktar sitwazzjonijiet diffiċli tal-ħajja tagħha.

Minn dak il-jum tas-sena 1888, li fih imnebbħa mis-sema, telqet minn Birkirkara u waslet Għawdex u għarkubtejha f'nofs il-loġġa tal-"Casa Madre" stqarret il-fidi tagħha fl-għajnuna tal-Providenza ta' Alla quddiem Dun Ġużepp Diacono li kien wasal biex ixolji l-Kongregazzjoni, *"Iva jiena nħoss li, bil-għajnuna ta' Alla, nista' nieħu din ir-responsabiltà u mmexxi 'l qudiem din l-opra",* il-ħajja ta' Madre Margerita kienet mimlija minn ġrajjiet diversi li jixhdu għal din il-fidi tagħha.

Fl-1889 quddiem il-ħtieġa li tħallas ħamsin lira sterlina lill-bennej biex jixtri xi travi, emmnet fit-tjubija ta' Dak li jista' kollox, Għaddiet ħin twil titkellem miegħu fit-talb u ftit ħin qabel wasal il-bennej biex jieħu l-flus, waslet il-Providenza b'somma aktar milli kien hemm il-ħtieġa. Meta, f'okkażżjoni oħra, is-soru li kienet tħejji l-ikel talbitha xi flus għax ma kienx baqa' qatra żejt u min kien soltu jġibilhom kien ilu jdejjinhom, u Madre Margerita qaltilha *"lanqas għandi sold wieħed. Ejjew nerħu ruħna f'idejn il-Providenza ta' Alla u jaħseb Hu",* tassew li ħaseb Hu għax siegħa wara xi turisti Ngliżi fittxew li jixtru xi bizzilla mingħand is-Sorijiet u ħallew flus biżżejjed biex jitħallas iż-żejt ta' xahar sħiħ. Fi Frar 1900, l-ekonoma tad-dar talbitha xi flus biex tixtri l-laħam għall-ikel tal-komunità u Madre Margerita wieġbet "*M'għandix flus, imma toqgħodx taħseb għal għada, il-Mulej jipprovdi";* il-Mulej ipprovda fil-ħin, għax mill-ktieb li kienet taqra waqgħet lira tad-deheb li biha seta' jitħallas il-laħam meħtieġ biex tiekol il-komunità. Nistħajjel li f'dawn is-sitwazzjonijiet, il-Mulej kien jagħraf il-fidi qawwija u konvinta ta' Madre Margerita, u b'dak li kien jagħmel magħha kien qisu qed itennilha l-kliem li darba tenna lill-mara Kangħanija: *"Mara, il-fidi tiegħek kbira. Ħa jsirlek kif tixtieq"*(Mt. 15:28).

Nistgħu nkomplu sejrin b'ħafna ġrajjiet ta' din il-kwalità li jixhdu b'mod ċar għat-twemmin sħiħ ta' Madre Margerita fit-tjubija u fl-imħabba u fil-ħarsien tal-Providenza Divina. Imma nieqfu billi nsemmu dak li ġara meta wasal il-ħin li fl-1907, il-Kongregazzjoni tiftaħ l-ewwel dar tagħha 'l barra mix-xtut ta' Malta, fil-gżira Griega ta' Corfù. Dakinhar ix-xitan kien deffes denbu f'kollox, qala' kull xorta ta' rwiefen, inqeda b'min kiteb ittri b'aħbarijiet koroh dwar il-qagħda tal-Maltin f'Corfù, sab min ixerred xniegħat foloz bil-għan li dan il-proġett fejjiedi jiġi mfixkel. Iżda l-fidi ta' Madre Margerita fl-għajnuna tal-Providenza baqgħet soda, kompliet miexja 'l quddiem fil-ħidma tagħha, sakemm, minkejja kollox, il-għan tagħha ntlaħaq u sa' llum, is-Sorijiet tagħha għadhom fil-Gżira ta' Corfù jwettqu l-ħidma qaddisa tagħhom. Tassew ikollok tghid li Madre Margerita kellha dik il-fidi, li kif semma Kristu fil-Vanġelu, hi fidi li kapaċi taqla' s-siġar u tħawwilhom fil-baħar (ara: Lq.17:6), u tagħmel ħwejjeġ kbar, għax *"kollox jista' jkun għal min jemmen"*(Mk.9:23).

Quddiem dawn l-eżempji ta' Madre Margerita, nistgħu tassew nagħtu ċanfira siekta imma qawwija lilna nfusna li quddiem ċirkustanzi li jfixkluna naqtghu qalbna u nieqfu mill-ħidma ta' ġid li nkunu nwettqu. Kemm tassew nistgħu ngħidu lilna nfusna dak li Ġesù darba qal lid-dixxipli tiegħu *"ja nies bla fidi"*(Mk. 9:9). U min-naħa l-oħra kemm hu mportanti li nduru lejn Ġesù li kien l-għajn ta' kull qawwa ta' fidi li kellha Madre Margerita, u bħad-dixxipli, nitolbuh: *"Mulej, kattar fina l-fidi"*(Lq.17:5).

Jekk irridu nkomplu niflu l-qawwa ta' fidi li Madre Margerita kellha fit-tjubija u l-imħabba ta' Alla, ma nistgħux ma nagħtux daqqa t'għajn lejn il-kitbiet tagħha. Fl-ittri tagħha lid-Diretturi Spiritwali spiss tistqarr li *"filwaqt li nħoss il-miżerja estrema tiegħi, ninħeba fil-qiegħ nett tat-tjubija bla tarf tal-Kollox tagħna"*(16), u wkoll *"Għidli, Missier, fejn jinsab Dak li ħlejqa tant fqajra qed tfittex... it-Tjubija bla tarf"*(34). Lil waħda mis-Sorijiet li kienet rebħet id-difett li kellha li titkabbar biha nfisha, kitbitilha; *"fl-aħħar ikkonvinċejt ruħek dwar il-miżerji tiegħek;*

*mhux biex taqta' qalbek, imma biex tumilja ruħek u biex tafda aktar u aktar fit-tjubija tal-ħelu u maħbub Ġesù tagħna"*(145). Kienet tagħraf ukoll it-tjubija ta' Alla fost it-tbatijiet li tgħaddi minnħom kif darba waħda fissret ruħha ma' waħda mis-Sorijiet tagħha: *"Kieku taf, binti, kemm provi sbieħ ta' tbatijiet fiżiċi u morali jgħaddini minnhom it-twajjeb Alla biex isaffini!"*(148). Iżda quddiem dak kollu li t-tjieba ta' Alla kienet titlob minnha, ma kenitx ħlief tistqarr: *"Tkun magħmula, maħbuba u adurata ir-rieda wisq qaddisa tat-twajjeb Ġesù, tliet darbiet qaddis"*(42).

Fuq kollox ninnutaw li Madre Margerita tant kienet ċerta mit-tjubija ta' Alla li spiss, fil-kitbiet tagħha kienet tħoss il-ħtieġa li tenfasizza l-kelma "tjubija" (bit-Taljan, "bontà"), li mhux biss insibuha regolarment bħala aġġettiv ma' l-isem Ġesù jew Alla, bħal p. eż. *"bl-għajnuna tat-twajjeb Ġesù"*(7), jew *"il-Missier twajjeb tagħna hu tant ħelu u tant twajjeb"*(38), iżda spiss kienet ittennija għal tliet darbiet wara xulxin. F'ittra ta' Awissu 1922, naqraw: *"Nixtieq ħafna ħafna nħobb lit-twajjeb Ġesù tagħna li hu tant twajjeb, twajjeb, twajjeb"*(19), kif ukoll f'Diċembru ta' l-istess sena: *"inħobbu, inħobbu, inħobbu lil Dak li hu tant ta' min iħobbu... tant ħelu... tant twajjeb twajjeb twajjeb"*(22). Fl-aħħar ittra li għandna minn Madre Margerita lil Mons. Anton Galea, naqraw fost l-oħrajn: *"Inħobbuħ tassew mingħajr taħlit ta' amor proprju... għax hu ta' min iħobbu, għax hu twajjeb, twajjeb, twajjeb!!"*(30).

Quddiem dan kollu inħossu li tassew irridu ngħidu: x'fidi qawwija u konvinta kella Madre Margerita fit-tjubija ta' Alla, tjubija nkarnata u murija fil-milja kollha tagħha f'Ġesù Kristu! Kemm tkun ħaġa xierqa, kieku llum nitolbu bil-ħeġġa biex il-Mulej jgħinna nkattru l-fidi tagħna fit-tjubija bla tarf tiegħu!

**Fidi li saret abbandun fiduċjuż**

Il-fidi hi qabża mimlija fiduċja, fiduċja fl-imħabba u t-tjubija ta' Alla li jiġi jiltaqa' magħna. Il-fidi, għalhekk, hi l-muftieħ li jiftaħ il-bieb tal-għana bla tmiem tal-ħidma ta' l-imħabba u t-tjubija ta' Alla fil-ħajja tagħna. Biex nesperimentaw il-qawwa tal-fidi jeħtieġ li nkunu fiduċjużi li l-Mulej se jkun tassew hemm biex imexxina Hu bil-qawwa tat-tjubija bla tarf tiegħu, meta nitilqu għal kollox is-sigurtajiet personali li magħhom inkunu ntrabatna, ir-rieda tagħna li tkun saret il-liġi tal-għażliet tagħna, il-valuri li nkunu ffurmajna skond il-qjies personali tagħna. Mela, l-esperjenża prattika u awtentika ta' fidi vera hi l-abbandun fiduċjuż fl-imħabba u t-tjubija ta' Alla, biex ninqeda bil-kliem ta' Madre Margerita, hi *"qabża fl-Oċejan tat-tjubija bla tarf tiegħu"*.

Fost il-ġrajjiet li jsemmi l-Isqof Amerikan Fulton Sheen, naqraw li darba hu u jippassiġġa ma' raġel fil-kampanja, dan staqsih: *"fil-prattika, x'inhi l-Fidi ?"* Fulton Sheen ħadu fit-tarf ta' preċipizzju kbir li kien hemm f'dawk l-inħawi u li kien jagħti għal fuq xmara għaddejja bil-qawwa kollha, u qallu: *"il-Fidi vera hi li tkun kapaċi taqbeż minn hawn għal isfel u tħossok ċert li se ssib min jilqgħek qabel ma titkisser mal-blat jew tegħreq fix-xmara".* Din it-telqa f'idejn Alla tibda meta nagħrfu u nkunu ċerti li hemm relazzjoni ta' mħabba bejna u Alla. Meta nagħrfu tassew u nsiru nemmnu tassew f'din l-imħabba qawwija u li qatt ma tiġi nieqsa ta' Alla, insiru kapaċi nintelqu f'idejh bla biża', bla kundizzjonijiet. Jeħtieġ insiru nemmnu dak li qal San Pawl lil Timotju, li aħna nistgħu *"nonqsu mill-kelma li tajna, iżda hu jibqa' jżomm kelmtu; għax hu ma jistax iqarraq bih innifsu"*(2Tim. 2:13).

Fil-bidu tal-mixja tagħna mal-Mulej, ikun hemm ħafna drabi diversi sitwazzjonijiet li fihom niddubitaw mill-imħabba tiegħu u ma nafdawx bizzejjed fit-tjubija tiegħu. F'dawn iż-żminijiet inkunu għadna *"nies bla fidi"*(Mk.9:9). Iżda meta nimmaturaw fil-fidi, nikbru fil-fidi, insaħħu r-relazzjoni tagħna ma' Alla, inkunu kapaċi nafdaw tassew fih, u fl-għemejjel tagħna, fl-esperjenżi li ngħaddu minnħom, inħossuna lesti li nintelqu għal

kollox fit-tmexxija ta’ l-imħabba u tat-tjubija bla tarf tiegħu. Forsi, bħalissa, jista’ jkun hemm min qed isaqsi: *“imma jista’ jkun li nasal biex ikolli din ir-relazzjoni ma’ Alla ?”* Ġesù stess iweġibna, kif darba wieġeb lil dak il-missier li kellu l-ibnu maħkum mix-xitan: *“Kollox jista’ jkun għal min jemmen”*(Mk.9:23).

Iżda, huti, jekk illum inħarsu lejn it-tagħlim u l-eżempji li ħallitilna Madre Margerita, żgur li naslu biex ngħidu li hu tassew possibli li ngħixu fidi vera, billi nintelqu għal kollox u bil-fiduċja kollha, fit-tjubija bla tarf tal-Mulej, għani fl-imħabba u fit-tjubija tiegħu għalina. Infatti, meta fl-1921, Madre Margerita sieħbet lil Madre Nazzarena Gouder f’Ruma għax din kienet teħtieġ kura medika serja, u f’dak iż-żmien il-Kongregazzjoni ma kellhiex id-Dar ta’ Ruma, u, għalhekk ħteġilhom joqgħodu għand is-Sorijiet Dumnikani, f’ittra lil Mons. Anton Galea, kitbet: *“Eh! tintagħmel dejjem ir-Rieda qaddisa. Kemm atti ta’ abbandun kelli l-okkażżjoni nagħmel sa mill-ewwel wasla fil-belt qaddisa”*. U tkompli tfisser kif: *“Dejjem Fiat!!!”* U turi wkoll li dan l-ispirtu ta’ abbandun jeħtieġ kuraġġ u qawwa spiritwali: *“Grazzi għat-twajjeb Ġesù tagħna, qatt ma naqasni, la l-kuraġġ u lanqas ir-rassenjazzjoni...Xi drabi nara l-jiem għaddejjin mingħajr raġġ ta’ tama fil-qrib. Inqawwi qalbi u nġedded l-atti ta’ abbandun, għalkemm nibża’ li jkunu wisq keshin, nexfin, u xi drabi bi drawwa!”*(16).

Fl-1943, meta kienet diġà għaddiet minn sitwazzjonijiet tassew serji dwar saħħitha, imxennqa li tingħaqad mal-Kollox tagħha fis-sema, tħoss il-ħtieġa li tissaffa dejjem aktar hi u tbati l-eżilju ta’ din id-dinja, u ssib il-faraġ waħdieni tagħha, fl-abbandun fit-tjubija bla tarf tal-Mulej. Isimgħu x’kitbet lil Mons. Agius fil-15 ta’ Marżu 1943: *“Eh! sa meta se jdum dan l-eżilju!! U sa meta se jtul dan il-bogħod mill-kisba tal-Kollox li tant jien imxennqa għaliħ??!! Għad baqgħali djun xi nħallas; għad baqgħali ħtijiet xi npatti, eċċ.; għalhekk nabbanduna ruħi fid-dirgħajn paterni tat-tjubija divina...”*(58). U f’Settembru ta’ l-istess sena 1943, kitbet: *“Inħossni mgħaġġba bil-ħniena bla tarf tat-twajjeb Alla, li għadu jżommni ħajja u li jistennieni li nkun kollni tiegħu, fir-ruħ u fil-ġisem, minkejja l-ingratitudnijiet tiegħi ta’ l-imgħoddi u ta’ llum!!...L-għażiż Fiat biss! U l-abbandun imtenni fil-mumenti kollha tal-ħajja”*.(62). Ninnutaw, huti, x’kienet l-espressjoni ħajja tal-fidi qawwija ta’ Madre Margerita fit-tjubija bla tarf tal-Mulej: dan l-ispirtu awtentiku ta’ abbandun fit-tmexxija ta’ tjubitu!

Dan l-eżempju ta’ fidi qawwija li f’Madre Margerita saret espressjoni ta’ abbandun fiduċjuż fit-tjubija bla tarf tal-Mulej, jimbuttana biex infittxu fit-tagħlim tagħha ħalli naraw x’kienet tgħallem lill-oħrajn. F’ittra lil Madre Paċifika Xuereb, miktuba fis-16 ta’ April 1922, ninnutaw kif għal Madre Margerita fidi vera ma setgħetx ma ssirx abbandun sħiħ fit-tjubija tal-Providenza. Naqraw: “*Nemmen li tinsabu fis-sliem u f’fiduċja kbira fil-ħarsien tal-Providenza divina, li mingħajrha ma nistgħu nagħmlu xejn tajjeb, la ftit u lanqas ħafna. Għalhekk tħallu qatt li teżerċitaw ruħkom f’dan l-eżerċizzju sabih ta’ l-abbandun sħiħ f’Alla, Missierna! Oh! x’kalma tgawdi ruħna meta tintelaq fil-ħarsien tat-twajjeb Ġesù tagħna. Kif le ? Jekk Hu jiehu ħsieb l-għasafar ta’ l-ajru u d-dud ta’ l-art, kif ma jiehux ħsieb u ma jgħinx u ma jfarraġx l-għarajjes għeżież tiegħu, li għal imħabbtu ħallew warajhom art twelidhom u l-familja u, fuq kollox, il-libertà tagħhom?”*(80). Ninnutaw dak li tgħallem Madre Margerita: li fidi vera fil-Providenza ma tistax ma ssirx abbandun sħiħ: altrimenti ma tkunx fidi vera.

F’ittra oħra lill-istess Madre Paċifika, miktuba fl-24 ta’ Marżu 1930, Madre Margerita tistqarr it-twemmin tagħha li :*”kollox nistgħu bl-għajnuna divina, li qatt ma tonqos lil dawk li jitolbuha. Ladarba l-ħelu Għarus tagħna jżurna b’xi tbatijiet, hu sinjal ċar li jħobbna tassew”*(92). U, ninnutaw, kif dan it-twemmin għandu jwassal għat-tweġiba li, kif tgħallimna Madre Margerita, għandha tkun: *“Għalhekk, nikkorrispondu b’imħabba ġeneruża u billi nabbandunaw ruħna bis-sħiħ u mingħajr ma nerġgħu lura fil-ħarsien patern tal-Providenza divina tiegħu u nkomplu ‘l quddiem fil-Mulej, mingħajr ebda qtiegħ ta’ qalb”*(92). Anke l-istess fidi fix-xejn tagħna, m’għandhiex twassalna għal qtiegħ ta’ qalb, iżda biex aktar nintelqu fit-tjubija tal-Providenza.

Isimgħuha x'kitbet lil Sr. Luisa Busuttil fid-9 ta' Diċembru 1938: *"Dwar id-dwejjaq u d-dlam tiegħek, titnikkitx... ma tafx li Hu jieħu gost jarahom (lill-Għarajjes tiegħu), mixħutin taħt il-piż tas-salib, biex jipperswadihom dwar id-dgħufija tagħhom u hekk, malajr, b'fiduċja kbira, jabbandunaw ruħhom għall-ħarsien patern tiegħu ?"*(109).

Meta f'Jannar ta' l-1940, kienet għadha fid-Dar tax-Xagħra, u t-tabib, minħabba saħħitha, kien ordnalha li ma tiċċaqlaqx mis-sodda u hi bħal kienet tħoss li qed tgħaddi ħajja ta' għażż, Madre Margerita kienet temmen li l-esperjenża tal-abbandun għal dak li titlob minnha l-Providenza, hi waħda mill-ħidmiet l-aktar siewja li tista' twettaq u dan kien ikunilha ta' faraġ kbir f'din is-sitwazzjoni tagħha. Isimgħu dak li kitbet lil Sr. Luisa Busuttil, mix-Xagħra, f'Jannar 1940: *"Grazzi għat-twajjeb Ġesù tagħna nħossni ftit aħjar, iżda t-tabib iridni nibqa' fis-sodda; u jien ngħaddi l-parti l-kbira tal-jum bħal waħda għażżiena, intenni l-għażiż Fiat b'qalb sinċiera, u nabbanduna ruħi għal kollox fil-ħarsien patern tal-Providenza Divina. Għalhekk nitolbu għal xulxin u nabbandunaw ruħna dejjem u bis-sħiħ fil-Ħdan tal-Maħbub komuni tagħna Ġesù"*(112).

Hemm ħafna aktar xi tghid dwar dan l-aspett prattiku tal-fidi ħajja u konvinta ta' Madre Margerita, jiġifieri, dwar l-esperjenża mimlija fidi, ta' l-abbandun fiduċjuż tagħha fit-tjubija u fl-imħabba tal-Providenza ta' Alla. Iżda se jkollna nieqfu hawn biex inkomplu dwar l-aħħar aspett tal-fidi tal-Fundatriċi għażiża tagħna.

**Fidi li saret ukoll kuraġġ qawwi**

Id-dinja ta' llum tidher mimlija biża' dwar il-ġejjieni tagħha. It-tweġiba tal-bniedem għal dan il-biża' qed tkun f'ħafna każi, tiftix bla rażan għall-pjaċir f'sitwazzjonijiet li ma jistgħux jissodisfaw il-qalb tal-bniedem. U, għalhekk, fi żminijietna, qed nassistu għal pjaċiri bla rażan, drogi, pornografija li tbaxxi l-bniedem, u elf sitwazzjoni oħra ta' din il-kwalità, li qatt ma jistgħu jirrendu lill-bniedem hieni.

Il-bniedem jista' jeħles minn dan il-biża' meta jagħraf li ħajtu hi mmexxija mill-Ħallieq li mhux se jitilqu għal kollox fil-ħakma tal-ħażin. Il-fidi tal-bniedem fl-imħabba u t-tjubija tal-Ħallieq li jmexxi kollox, tfisser li m'għandux iħalli l-biża' jfixklu jew iwasslu biex jiddubita mill-kapaċità tal-Mulej li jgħasses fuq dawk li jħobb. Lid-dixxipli li ddubitaw mill-ħarsien tiegħu waqt il-maltempata li ħakmithom huma u jaqsmu l-Għadira ta' Tiberija, Ġesù qalilhom: *"Agħmlu l-qalb, jienu hu, tibżgħu xejn!"*(Mt.14:27). Lil Pietru, li hu u miexi fuq l-ilma, ra li r-riħ kien qawwi, beża' u ħabat jegħreq, Ġesù qallu: *"Bniedem ta' fidi żgħira, għaliex iddubitajt ?"*(Mt.14:31). Fl-Aħħar Ikla, Ġesù ried iħejji lid-dixxipli biex jaffrontaw il-jiem tal-Passjoni tiegħu b'qawwa ta' fidi: *"Tħallux qalbkom titħawwad! Emmnu f'Alla u emmnu fija wkoll!"*(Gw.14:1). Għalhekk hu ċar li l-fidi fit-tjubija u fl-imħabba tal-Mulej, għandha ssir mhux biss abbandun sħiħ fit-tmexxija tiegħu, imma wkoll kuraġġ qawwi li jwassal lill-bniedem biex jirbaħ kull biża', biex iwarrab kull qtiegħ ta' qalb, biex jippersevera fl-għażliet li tghinu jagħmel il-fidi tiegħu.

Xi snin ilu, it-Televiżjoni Amerikana wriet film drammatiku dwar ġrajjiet li jseħħu wara diżastru nukleari, jismu *"The Day After"*. Qabel il-wiri tal-film, in-nies ġew mgħarrfa dwar l-effetti psikoloġiċi ta' biża' li l-film jista' jħalli fuq min jarah. Infatti, omm irrakkuntat li bintha ta' xi tnax-il sena, wara li rat il-film damet imwerwra għal xi jiem tant li lanqas kienet kapaċi tmur skola. Iżda, l-Isqof Mennonita, Nelson Litwiller irnexxielu jinnota li l-mużika li kien hemm fl-isfond ta' dawk ix-xeni kollha ta' qerda, kienet dik ta' l-innu tant popolari fost il-Protestanti *"How firm a Foundation"*. Dan l-innu hu mibni fuq kliem il-Mulej f'Isaija: *"La tibżax għax jien fdejtek... Anki jekk tgħaddi mill-ilma, jiena miegħek; jekk taqsam ix-xmajjar, ma jgħerrqukx; u l-fjamma ma tibilgħekx. Għax jiena l-Mulej, Alla tiegħek"*(Is. 43:1-2). U dan l-Isqof ikompli jgħid li ma jafx jekk il-produtturi

tal-film kienux jafu jew le x'mużika għażlu, iżda żgur li l-Ispirtu s-Santu kien jaf u b'hekk ried iwassal messaġġ ta' kuraġġ u ta' tama anke fost tant xeni ta' biża' u ta' qtiegħ il-qalb.

Il-fidi li Madre Margerita kellha fil-Providenza ta' Alla, fidi li wasslitha biex, jiġri x'jiġri, tintelaq għal kollox fil-ħarsien divin, kienet turi ruħha fil-kuraġġ qawwi li bih kienet taffronta anke l-iktar sitwazzjonijiet diffi'li, u li bih kienet tipprova tnebbaħ lis-Sorijiet tagħha. L-espressjoni spissa tagħha *"kuraġġ qawwi, qawwi"*(109) kienet espressjoni mimlija fidi fit-tjubija divina li hi stess esperimentat f'tant u tant okkażżjonijiet, u kienet ukoll arma li biha kienet tinqeda biex trawwem fil-qlub ta' dawk kollha li kienu jersqu lejħa, fidi konvinta u abbandun sħiħ fit-tmexxija kollha tjubija u mħabba tal-Providenza.

Il-fidi fil-Priġunier Divin, kienet għal Madre Margerita għajn ta' kuraġġ qawwi. Infatti, f'ittra tal-20 t'Ottubru 1940, stqarret lil Mons. Alfons Agius: *"ladarba nsibni tant fqajra, l-istess Qalb Ewkaristika biss tagħmilli kuraġġ"*(34). Fil-5 ta' Mejju 1922, f'ittra lil waħda mis-Sorijiet, kitbet: *"Meta tħossok imnikkta jew qalbek maqtugħa, mur malajr qrib it-twajjeb Ġesù Priġunier ta' l-imħabba u minn hemm toħroġ kollok kuraġġ u qawwa"*(143). F'ittra lil Soru oħra, miktuba fl-10 ta' Jannar 1947, insibu: *"Qiegħed il-fiduċja kollha tiegħek fil-Priġunier Maħbub, u kompli 'l quddiem, 'l quddiem bil-kuraġġ"*(152). Dawn il-ftit kitbiet ta' Madre Margerita, meħudin minn fost ħafna oħrajn bħalhom, juruna x'kapaċi tagħmel fidi ħajja u vera, x'qawwa kapaċi tnissel fil-qalb tal-bniedem: fihom naraw jitwettaq fil-prattika dak li Ġesù wiegħed lid-dixxipli tiegħu fl-Aħħar Ikla: *"Tassew, tassew ngħidilkom, min jemmen fija hu wkoll għad jagħmel l-opri li qiegħed nagħmel jien, u akbar minnhom għad jagħmel"*(Gw.14:12).

U Madre Margerita qatt ma kienet tieqaf tqawwi qalb is-Sorijiet tagħha, biex mgħejjunin minn fidi vera fil-ħarsien tal-Providenza, jkomplu mexjin 'l quddiem bil-kuraġġ fl-impenji reliġjużi tagħhom. F'ittra tas-17 ta' Marżu 1922, miktuba minn Troina, nistgħu ninnutawha b'mod l-aktar ċar twettaq dan l-impenn importanti tagħha ma xi sorijiet żgħażagħ: *"Isaw, mela, għall-ħidma, għall-kliem u għat-talb imħeġġeġ!!! Agħmlu kuraġġ likom infuskom b'fiduċja bla tarf fl-għajnuna qawwija tiegħu u billi ma tafdawx fikom infuskom. Kollox, kollox nistgħu bl-għajnuna divina tiegħu, minkejja li ma nistgħu xejn minna nfusna!!"*(66). Tinnutaw f'dan il-kliem, kif il-fidi vera u konvinta ssir kuraġġ ? F'ittra oħra miktuba lil Sr. Paċifika fl-20 ta' Diċembru 1923, naqraw: *"Inroddu ħajr lit-twajjeb Alla, li dejjem u kull fejn inkunu jieħu ħsieb jagħtina aktar mill-meħtieġ; hu għalhekk li qatt ma jonqosni l-kuraġġ f'kull ħidma li hu jafdali"*(84). Tinnutaw din l-istqarrija ta' fidi ta' Madre Margerita, fidi li kienet timliha bil-kuraġġ ?

F'ittra tas-27 ta' Marzu 1938, Madre Margerita tqawwi qalb waħda mis-Sorijiet tagħha bil-kliem li ġej: *"Kuraġġ u naħdmu bil-ħeġġa kollha...inkomplu 'l quddiem taħt l-id paterna. Fiduċja bla tarf fih biss. Kuraġġ dejjem. Ġesù jkun miegħek"*(148). F'ittra li Madre Margerita kitbet lin-nepputija tagħha, Sr. Antonia Abela, fl-24 ta' Frar 1933, naqraw ukoll dal-kliem ta' nkuraġġiment: *"Kuraġġ u nkomplu dejjem 'l quddiem bil-ferħ fil-Mulej; dak kollu li nistgħu nagħmlu u nbatu għal Dak li miet Imsallab għalina, hu tassew ftit"*(163).

Ninnutaw, maħbubin huti, mill-ftit li rnexxielna nisiltu mill-kitbiet ta' Madre Margerita, b'liema mod irnexxielha tittraduċi l-fidi tagħha fit-tjubija tal-Providenza Divina, f'kuraġġ li kien isehibha fil-ħidmiet kollha tagħha u f'kuraġġ li bih kienet tipprova tnebbaħ u tqawwi lil dawk kollha li jersqu lejha. Hu l-mument, illum, aħna u niċċelebraw dan il-51 Anniversarju mill-Mewt tal-Fundatriċi, li nieqfu neżaminaw sewwa l-fidi tagħna, biex inkunu nistgħu naslu għal konklużjoni dwar l-awtentiċità tagħha.

Il-fidi qawwija u vera ta’ Madre Margerita saret abbandun sħiħ u fiduċjuż fil-pjani tal-Providenza ta’ Alla: dan l-abbandun qatt ma sab ruħu fi stat ta’skuraġġiment, iżda kien dejjem imsieħeb minn kuraġġ qawwi li hu sinjal ċar ta’ fidi u abbandun awtentiċi. Din hi l-fidi ta’ Madre Margerita! F’hiex tinsab il-fidi tagħna ? Nixtiequ u fi ħsiebna intejbuha, nawtentikawha ? Madre Margerita tista’ tkunilna mudell ta’ fidi vera!

**Għeluq**

L-Ittra lill-Lhud tgħidilna: *“In-nies ta’ l-imgħoddi għoġbu lil Alla sewwasew għax kellhom il-fidi”*(Lhud,11:2). U San Pawl li tant saħaq dwar il-ġustifikazzjoni permezz tal-fidi, qalilna: *“Intom ulied Alla lkoll kemm intom, permezz tal-fidi fi Kristu Ġesù. Intom li intom mgħammda fi Kristu, ilbistu ‘l Kristu”*(Gal.3:26). Hi l-fidi fi Kristu li tqaddisna, li tagħmilna naqsmu fil-misteru salvifiku ta’ Kristu, li tgħinna nimxu warajĦ bla waqfien. U, minħabba f’hekk li, kif għidna fil-bidu bi kliem San Pawl, *“il-fidi taħdem permezz ta’ l-imħabba”*(Gal.5:6).

Kienet din il-fidi li wasslet lil Madre Margerita biex tibni l-ħajja spiritwali tagħha fuq ir-regola *“Inħobbu l-Imħabba”*. Għax kienet bniedma ta’ fidi vera li wasslitha tintelaq għal kollox f’idejn l-Imħabba, u bil-kuraġġ kollu twettaq il-pjani kollha ta’ l-Imħabba, Madre Margerita saret għalina lkoll mudell ta’ fidi li taħdem permezz ta’ l-imħabba. Il-fidi vera tirbaħ il-biża’, il-fidi vera hi għajn ta’ kuraġġ, il-fidi vera hi ġeneruża, il-fidi vera hi perseveranti, il-fidi vera hi dawl, il-fidi vera hi mħabba. U, għalhekk, l-għajta ta’ Madre Margerita *“Inħobbu l-Imħabba”* hi għajta mimlija fidi awtentika.

Din il-fidi, Madre Margerita baqgħet tistqarrha kif setgħet sa l-aħħar hinijiet ta’ sbieħ it-22 ta’ Jannar 1952 meta, bil-ftit enerġija li kien għad baqgħalha, b’idha ħabbtet mal-ħajt taċ-ċella tagħha lejn fejn kien hemm Ġesù, il-Priġunier Maħbub, fit-Tabernaklu. Din il-fidi vera li seħbitha u qawwietha matul ħajjitha kollha sa l-aħħar nifsijiet tagħha f’din id-dinja, bħallum 52 sena ilu, inbidlet fil-viżjoni hienja u dejjiema tal-Ġenna.

Iżda din il-fidi, li fil-Ġenna m’għandhiex bżonnha, Madre Margerita ħallietha lilna biex mit-tagħlim u l-eżempji tagħha nkunu nistgħu nixorbu qawwa dejjem ġdida li biha nkattru u nsaħħu l-fidi tagħna. Il-wirt ta’ fidi tant ħajja u konvinta li ħallitilna Madre Margerita jista’ jkun għalina qawwa dejjem ġdida li timbuttana ‘l quddiem biex bħalha nintelqu fl-Oċejan tat-tjubija divina u bil-kuraġġ kollu nħaffu ‘l quddiem fil-mixja spiritwali tagħna lejn is-sema pajjiżna. Dan hu l-aħjar mod li bih niċċelebraw dan l-Anniversarju għażiż tal-Mewt tal-Fundatriċi tagħna!

Madre Margerita, mudell ta’ fidi vera, għinna nkattru u nsaħħu l-fidi tagħna. Ammen.

<><><><><><><><><><><><><><>

# Madre Margerita u l-Ewkaristija (2005)

**Daħla**

*"Il-Knisja titmantna bl-Ewkaristija"*(1). Hekk beda l-Enċiklika tiegħu *"Ecclesia de Eucharistia"*(2003), il-Papa Ġwanni Pawlu II. U fl-Ittra Apostolika tiegħu *"Mane Nobiscum Domine"*(2004), li biha ta bidu għas-Sena Ewkaristika 2004-2005, il-Papa enfasizza, *"Il-"qsim tal-ħobż" – kif l-Ewkaristija kienet tissejjaħ fiż-żminijiet bikrija – kien dejjem fiċ-ċentru tal-ħajja tal-Knisja"*(2). Jekk il-Knisja tgħix bil-qawwa ta' l-Ewkaristija, u jekk il-Knisja għandha fiċ-ċentru tagħha l-Ewkaristija, kull min jgħix il-ħajja tal-Knisja, għandu spiritwalment jitmantna mill-Ewkaristija u jagħmel mill-Ewkaristija ċ-ċentru tal-ħajja spiritwali tiegħu.

Lejn tmiem l-Enċiklika dwar l-Ewkaristija, li diġà semmejt, il-Papa Ġwanni Pawlu II għamlilna stedina: *"Ejjew inqegħdu lilna nfusna fl-iskola tal-qaddisin, interpreti kbar tal-vera pjetà Ewkaristika. Fihom it-tejoloġija ta' l-Ewkaristija tikseb is-sbuħija kollha ta' esperjenżi rejali; "aħna nittieħdu minnha", u biex ngħidu hekk, "lilna ssaħħanna"*(62).

**Madre Margerita**

Qegħdin hawn biex infakkru flimkien, b'sentimenti ta' radd il-ħajr, it-53 Anniversarju mill-mewt tal-Fundatriċi, Madre Margerita De Brincat, li wara mewtha diġà bdiet il-mixja iebsa tal-proċess tal-Beatifikazzjoni u tal-Kanonizzazzjoni tagħha. Kif soltu nagħmlu kull sena, f'okkażżjoni bħal din nieqfu niflu xi aspett ta' l-ispiritwalità ta' Madre Margerita, li mhux biss inqisuha bħala Fundatriċi tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, imma wkoll Għalliema ta' spiritwalità mibnija kollha kemm hi fuq l-Imħabba Ewkaristika.

U biex nilqgħu l-istedina tal-Papa għal din is-sena Ewkaristika, jiġifieri, *"li nqiegħdu lilna nfusna fl-iskola tal-qaddisin li huma nterpreti kbar tal-qdusija Ewkaristika"*, ejjew fl-okkażżjoni ta' llum, nitfgħu ħarsitna fuq il-pjetà Ewkaristika ta' Madre Margerita bil-għan li nitgħallmu minnha dak li jista' jgħinna biex nikbru f'qima ħajja Ewkaristika li turi ruħħa fil-mod kif ngħixu l-vokazzjoni tagħna. Madre Margerita għadha mhix meqjuma fost il-qaddisin, imma aħna li nafu sewwa l-patrimonju spiritwali li ħallitilna, nħossuna ċerti li l-qdusija ta' ħajjitha u t-tagħlim li għadditilna huma dwal ċari biżżejjed għalina li juruna t-triq spiritwali li fiha jeħtieġ immiddu l-passi tagħna.

**Madre Margerita u l-Ewkaristija**

Kif nafu mill-istorja, Madre Margerita sa minn ċkunitha kellha tħeġġeġ f'qalbħa mħabba vera lejn l-Ewkaristija. Meta kibret u saret reliġjuża, għamlet mill-Ewkaristija l-ġabra tal-qima tagħha, ir-regola tal-ħajja spiritwali tagħha. Hi kienet tqatta' siegħat twal quddiem it-Tabernaklu, ħdejn il-*"Priġunier ta' l-imħabba"*. Kienet tara fil-Qalb Ewkaristika ta' Ġesù skola ta' virtujiet qaddisa, forn ta' mħabba, mistrieħ fit-toqol tal-ħajja. Is-snin li

għamlet fid-Dar ta' l-Adorazzjoni, tal-Belt Valletta, kienu għaliha żmien li fih, kif kitbet hi stess, *"Ġesù saħħaħna bil-qawwa tiegħu, ħarisna u ħbiena taħt il-ġwienaħ tiegħu"*(111). L-Ewkaristija kienet il-kariżma li Madre Margerita għaddiet lis-Sorijiet tagħha bħala l-patrimonju spiritwali li huma għandhom ikomplu jiżviluppaw u jgħixu fil-ħajja tagħhom.

Iżda tajjeb li, kif qalilna l-Papa, infittxu f'dawn il-persuni qaddisa, u allura, f'Madre Margerita, dik li nistgħu nsejhulħa t-tejoloġija Ewkaristika tagħha, sabiex mgħallmin minnha, aħna wkoll inkunu nistgħu nimmaturaw tassew fil-fidi tagħna fl-Ewkaristija li tgħinna niċċelebraw dejjem aħjar dan il-misteru kbir ta' l-imħabba ta' Alla għalina.

Għalhekk, f'din l-okkażżjoni nixtieq nieħu t-tliet punti ewlenin li dwarhom kellimna l-Papa fl-Ittra Apostolika tiegħu *"Mane Nobiscum Domine"* li biha ta bidu għas-Sena Ewkaristika 2004-2005, ħalli mbagħad infittxu fl-ispiritwalità ta' Madre Margerita, biex naraw x'kienu l-esperjenzi tagħha fi qbil mal-ħsibijiet tal-Papa għal din is-sena Ewkaristika. F'din l-Ittra Apostolika, il-Papa Ġwanni Pawlu II tkellem mill-Ewkaristija taħt dawn it-tliet aspetti mportanti: l-Ewkaristija, misteru ta' dawl, l-Ewkaristija, għajn u turija ta' komunjoni u l-Ewkaristija, bidu u pjan ta' "missjoni".

**L-Ewkaristija, misteru ta' dawl**

Dwar l-Ewkaristija bħala misteru ta' dawl, il-Papa qalilna li minkejja li fl-Ewkaristija l-glorja ta' Kristu tibqa' moħbija, minn dan il-misteru ta' ħabi sħiħ, Kristu jsir misteru ta' dawl li bil-għajnuna tiegħu dawk li jemmnu jitwasslu għall-għarfien tal-ħajja divina. "*L-Ewkaristija hi dawl għax f'kull quddiesa l-liturġija tal-Kelma ta' Alla tiġi qabel il-liturġija ta' l-Ewkaristija fl-għaqda taż-żewġ "imwejjed", il-mejda tal-Kelma u l-mejda tal-Ħobż... Fil-ġrajja tad-dixxipli mexjin lejn Għemmaws kliem Kristu għamel qlubhom ġewwa fihom "imkebbsin", u ħariġhom mid-dlam tan-niket u tad-disperazzjoni, u qajjem fihom xewqa biex jibqgħu miegħu: "Ibqa' magħna, Mulej"(ċf.Lk.24:29)... Għarfuh meta fil-mejda wettaq il-ġest sempliċi tal-"qsim tal-ħobż". Meta l-imħuħ huma mdawlin u l-qlub imkebbsin, is-sinjali jibdew "jitkellmu"*(12-14).

Il-Papa jenfasizza li biex l-Ewkaristija tkun tassew dawl li jdawwal l-imħuħ u jkebbes il-qlub jeħtieġ *"li titrawwem kuxjenża ħajja dwar il-presenża rejali ta' Kristu kemm waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa kif ukoll waqt il-qima ta' l-Ewkaristija barra mill-Quddiesa... Il-preżenza ta' Ġesù fit-tabernaklu jeħtieġ tkun bħal kalamita li tiġbed lejha numru dejjem akbar ta' erwieħ innamrati minnu, lesti biex jistennew bis-sabar ħalli jisimgħu leħnu u, bħallieku, biex iħossu t-taħbit ta' qalbu. "iggustaw u araw kemm hu tajjeb il-Mulej"(Ps.34:8)"*(18).

Dak li l-Papa qalilna dwar l-Ewkaristija, Madre Margerita esperimentatu fil-ħajja tagħha u kienet tistinka biex tfittex li tgħaddih lill-oħrajn, speċjalment lis-Sorijiet tagħha. Nistgħu ngħidu li Madre Margerita kienet ruħ innamrata mill-Ewkaristija li sabet fl-Ewkaristija kalamita li tiġbidha bla waqfien lejn it-tabernaklu u li kienet tistenna hemm bis-sabar biex tisma' l-leħen ta' Ġesù jkellimha u tħoss lil Qalbu tħabbat bl-imħabba għaliha. Mhux ta' b'xejn, f'waħda mill-ittri tagħha kitbet: *"Ġesù moħbi taħt il-velu ewkaristiku, fit-Tabernaklu! Infittxu lkoll kemm aħna u dejjem li nkunu magħqudin fih u miegħu"*(76).

F'ittra miktuba lil Suor Rosaria, ittra mingħajr data, nistgħu nifhmu kemm tassew kienu jeżistu f'qalb Madre Margerita sentimenti ewkaristiċi: *"Kif int sejra mat-twajjeb Ġesù, l-Għarus l-aktar ħelu ? Tgħaddi ħin miegħu, waħdek miegħu waħdu? Iżżiegħel bih bħala għarusa ġdida u żgħira ? Fit-Tqarbina Qaddisa tirrakkuntalU dwar*

*in-niket tiegħek u l-ferħ tiegħek ? IssibU fil-meditazzjoni mqaddsa ? Fl-istudju żżommU qribek biex idawlek ?... jew twarrbu u tħalli l-moħħ u l-qalb tiegħek jintilfu fid-distrazzjonijiet ?!"*(125). Minn dan il-kliem ħiereġ minn qalb imkebbsa bl-imħabba Ewkaristika, nistgħu ninnutaw kif l-Ewkaristija kienet għal Madre Margerita dawl li jfarraġha u jferraħha. Kien għalhekk li fl-istess ittra tkompli tistieden lil Suor Rosaria: *"Attenta biex ma titlef ebda okkażżjoni li tmur qrib il-ħelu Ġesù fil-Pissidi tiegħu: hemm insibuh dejjem lest biex idawwalna, ifarraġna u jgħinna"*(125).

Ħsibijiet li jixbhu lil dawk imfissrin f'din l-ittra, nsibuhom f'ittra oħra li Madre Margerita kitbet lil Suor Giuditta Żammit, fit-28 ta' Jannar 1930, meta din għamlet il-Professjoni Perpetwa tagħha. F'din l-ittra, Madre Margerita ħallitilna ħafna ħsibijiet sbieħ dwar il-Konsagrazzjoni Reliġjuża. Fost l-oħrajn, kitbet: *"Issa ntrabatt għal dejjem ma' l-Għarus, intrabatt mal-Kongregazzjoni tagħna, mal-Knisja mqaddsa, jonqos il-korrispondenza tiegħek biex tkun tabilħaqq soru vera u qaddisa"*(128). U hawn, Madre Margerita toffri l-għajnuna biex Suor Giuditta tkun tista' tghix dan l-impenn importanti tagħha: *"Fittex dejjem il-kumpanija ta' Ġesù fit-Tabernaklu tiegħu. Minn hemm ixrob l-għajnuna, il-faraġ u d-dawl li għandek bżonn"*(128). Ninnutaw anke f'din l-ittra, l-fidi ta' Madre Margerita fil-qawwa u fid-dawl spiritwali li jiġu mill-Ewkaristija, verità mportanti li għallimna l-Papa Ġwanni Pawlu II, fl-Ittra Apostolika *"Mane nobiscum Domine".*

Quddiem dawn il-ħsibijiet dwar il-fidi ta' Madre Margerita fl-Ewkaristija, nistgħu nifhmu l-ġabra u d-dmugħ li bihom kienet tiċċelebra s-Sagrifiċċju Ewkaristiku tal-Quddiesa, nistgħu nifhmu għaliex meta kienet tkun quddiem it-Tabernaklu ma riedet 'l ħadd ifixkilha. Min jaf xi djalogi mħeġġin kien ikun hemm bejnha u bejn l-Għarus Priġunier ? Min jaf x'namrar spiritwali kien iseħħ bejniethom f'dawk il-ħinijiet ? Min jaf b'liema ħeġġa taħraq kienet tkun imkebbsa quddiem it-Tabernaklu ? Mhux ta' b'xejn li Suor Delfina Gauci ddikjarat li anke qabel mewtha, meta kienet teħdilha t-taħbit tal-polz tagħha, kienet tħossha taqbad bl-imħabba filwaqt li t-Tabib Anton Tabone li kien jikkuraha ma setax ifisser ir-raġuni ta' dik is-sħana kollha f'ġisimha anke qabel mewtha. Ippermettuli ngħid: kienet ġiet imsaħħna sew min-nar Ewkaristku matul ħajjitha!

**L-Ewkaristija, għajn u turija ta' komunjoni**

Il-Papa, fl-Ittra Apostolika tiegħu, jitkellem ukoll mill-Ewkaristija bħala għajn u turija ta' komunjoni. Infatti hu jfisser kif lid-dixxipli ta' Għemmaws li talbuh *"jibqa' magħhom"* tahom rigal aqwa minn dak li talbuh billi *"baqa' fihom"* għax iċċelebra l-"qsim tal-ħobż", jiġifieri, l-Ewkaristija magħhom. Il-Papa jkompli jfisser kif li *"tirċievi l-Ewkaristija jfisser tidħol f'komunjoni profonda ma' Ġesù. "Ibqgħu fija u jien nibqa fikom"(Ġw.15:4). Din ir-relazzjoni ta' " komunjoni" profonda u reċiproka tgħinna biex niggustaw minn qabel il-Ġenna f'did-dinja"*(19).

Iżda l-Papa jkompli jfisser kif din il-komunjoni ma' Ġesù li sseħħ fl-Ewkaristija ma tistax titwettaq tassew 'l barra mill-komunjoni ekklesjali għax *"l-Ewkaristija hi kemm il-għajn ta' l-għaqda ekkleżjali kif ukoll l-akbar turija tagħha"*(21). U, għalhekk, ikompli l-Papa, *"f'kull Quddiesa aħna msejhin biex inkejlu lilna nfusna ma' l-idejal ta' komunjoni li l-Atti ta' l-Appostli joffrielna bħala mudell għall-Knisja ta' kull żmien"(Atti2:42-47; 4:32-35)"*(22). Il-Knisja kienet ifurmata minn dawk li kienu *"qalb waħda u ruħ waħda bejniethom".* Il-Papa jsemmi wkoll speċifikament dawk l-okkażżjonijiet taċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa mill-Isqof flimkien mal-presbiterju tiegħu u bis-sehem ta' l-akbar numru possibli ta' fidili, li fihom tidher il-komunjoni sħiħa tal-Knisja, komunjoni li għandha tingħax fi spirtu fratern fil-ħajja ta' kuljum ta' dawk li jiċċelebraw l-Ewkaristija.

Madre Margerita kienet temmen bis-sħiħ fil-qawwa li toħroġ mill-Ewkaristija u li twassal biex isseħħ tassew mhux biss komunjoni vera ma' Ġesù, imma wkoll komunjoni fraterna. Infatti f'waħda mill-ittri tagħha miktuba mill-"Casa Madre" fl-14 ta' April 1946, tistqarr waħda mix-xewqat fundamentali tagħha: *"Jalla l-imħabba tal-ġenn tal-Maħbub Divin toħroġna għal kollox minna nfusna u hekk mitlufin fih, ngħixu, mhux aħna, iżda Hu waħdu, waħdu"*(151). U għax kienet ċerta li l-qawwa biex isseħħ din il-komunjoni ma' Ġesù li, imbagħad turi ruħħa wkoll fil-komunjoni fraterna li għandu jkun hemm fil-komunitajiet reliġjużi, tiġi mill-Ewkaristija, tkompli: *"Agħmel kull ma tista', għażiża tieghi, biex id-dar kollha ssir forn ta' mħabba divina u kun ċerta li s-sorijiet kollha jiffurmaw dan il-forn, jekk jitkebbsu f'dak il-forn tat-Tabernaklu"*(151). U tispiċċa tawgura lill-komunità kollha li tgħix fil-fjammi ewkaristiċi ta' mħabba li joħorġu mit-Tabernaklu: *"Inħallik fost dawn il-fjammi flimkien ma' sħabek kollha filwaqt li nixtieqlek il-bqija tan-nar li għandu minn dak li hu etern"*(151).

F'ittra miktuba lil Madre Luisa Busuttil fid-9 ta' Diċembru 1938, Madre Margerita, b'sens ta' sodisfazzjon spiritwali, stqarret: *"Iva, inroddu ħajr lil Alla, lil Dak li minnu ġejja kull ħaġa tajba, għal dak kollu li jogħoġbu jiddisponi dwarna, ħlejjaq imsejkna tiegħu!"*(109). Imbagħad, tkompli turi is-sodisfazzjon spiritwali tagħha, għall-komunjoni fraterna li teżisti fost is-Sorijiet, u tikteb: *"Fis-sewwa kollu, ibqgħu magħqudin u aqsmu bejnietkom kliem ta' faraġ u ta' kuraġġ , dejjem fil-Qalb Qaddisa Ewkaristika, ċerti li fil-għaqda hemm is-saħħa; u din, fil-Qalb Qaddisa, qatt ma tintrebaħ"*(109).

**L-Ewkaristija, bidu u pjan ta' missjoni**

It-tielet riflessjoni dwar l-Ewkaristija li l-Papa għamel fl-Ittra Apostolika tiegħu *"Mane nobiscum Domine"*, hi li l-Ewkaristija hi l-bidu u l-pjan tal-"missjoni". Il-Papa jfakkarna kif iż-żewġ dixxipli ta' Għemmaws hekk kif għarfu lill-Mulej, *"dak il-ħin stess qamu u reġgħu lura Ġerusalemm"* (Lq.24:33), biex jgħarrfu b'dak li raw u semgħu. Wara li nkunu ltqajna mal-Mulej fl-Ewkaristija ma nistgħux inżommu għalina biss il-ferħ u l-imħabba li jiġu minn esperjenża spiritwali ta' din ix-xorta, iżda jeħtieġ li nxandru l-imħabba tal-Mulej f'dan il-misteru kbir. Meta s-saċerdot fi tmiem il-quddiesa jibgħat lill-fidili, *"morru fil-paċi ta' Kristu"*, ikun qed jafdalhom ir-responsabiltà li dak li huma jkunu għaddew minnu, jwassluh lil ħaddieħor billi jxandru lis-soċjetà ta' madwarhom il-valuri kristjani.

Madre Margerita kienet tagħraf li l-Ewkaristija hi għajn ta' enerġija spiritwali għal min irid iwettaq apostolat siewi. Infatti f'ittra tad-9 ta' Settembru 1936, kitbet lin-neputija tagħha, Suor Antonia Abela: *"Fittex dejjem il-faraġ tiegħek u l-għajnuna mit-Tabernaklu Mqaddes, qrib l-Għarus Priġunier: hu jkebbsek bin-nar tiegħu u mbagħad jieħdok mimlija kuraġġ biex tkebbes lil dawk l-erwieħ tajba w innoċenti. Oh, mhux li jirnexxilek issalva mqar waħda minnhom biss!... Imma mhux waħda biss, jalla jkunu ħafna; talinqas, talinqas ħarsilhom għal żmien itwal l-innoċenza tagħhom, eċċ. Insomma, it-talb umli u fiduċjus ikun il-muftieħ tal-grazzji"*(167).

Il-Papa jkompli jgħidilna: *"L-Ewkaristija mhux biss tagħti l-qawwa spiritwali meħtieġa għal din il-missjoni, iżda wkoll hi – f'ċertu sens – pjan. L-Ewkaristija hi mod ta' ħajja, li minn Ġesù tgħaddi f'kull nisrani, u bix-xhieda tiegħu, tixtered fis-soċjetà u fil-kultura. Biex dan jiġri, kull wieħed mill-fidili għandu jassimila miegħu nnifsu, permezz tal-meditazzjoni personali u komunitarja, il-valuri li l-Ewkaristija tesprimi, l-atteġġjament li hi tnebbaħ, ir-riżoluzzjonijiet li għalihom hi twassal"* (25).

Minn quddiem it-Tabernaklu, Madre Margerita kienet titnebbaħ bi pjan ta' azzjoni fl-apostolat tagħha. Fit-Tabernaklu kienet tara ġabra ta' dawk il-virtujiet li jeħtieġ ngħallmu lill-oħrajn biex jikbru fi spirtu tassew nisrani. Infatti, f'ittra tal-14 ta' Settembru 1948, hi ssuġġeriet lil Suor Dionisia l-virtujiet li dwarhom kellha

tagħmel insistenza fil-komunità ta' Ruma, li tagħha din Suor. Dionisia kienet Superjura f'dawk iż-żminijiet: *"Nirrikkmandalek il-qawwa, il-paċenżja, eċċ. Fittex kollox mill-Imqaddes Tabernaklu, kollox jinsab hemm moħbi"*(121). U ċerta minn din il-verità dwar il-pjan ta' azzjoni apostolika li Ġesù fl-Ewkaristija jista' jnebbaħ mit-Tabernaklu tiegħu, tkompli: *"Oh! li kieku nista' nagħmel li jkun magħruf minn kulħadd u kullimkien, kemm inqis ruhi xxurtjata! Talinqas nagħmlu li jkun magħruf u maħbub mill-ulied u mis-sorijiet għeżież tagħna"*(121).

Ġwanni Pawlu II, fl-Ittra Apostolika tiegħu, jinsisti wkoll dwar il-ħtieġa li dawk li jaqsmu fl-Ewkaristija, jimpenjaw ruħħom biex jibnu soċjetà aktar fraterna. Fost l-oħrajn jgħidilna, *"mhux b'kumbinazzjoni li l-Vanġelu ta' San Ġwann ma fihx ir-rakkont tat-twaqqif ta' l-Ewkaristija, iżda minflok isemmi l-"ħasil tar-riġlejn" (cf. Ġw.13:1-20): meta Ġesù miel l-isfel biex jaħsel saqajn id-dixxipli tiegħu, hu wriena b'mod ċar it-tifsira ta' l-Ewkaristija. San Pawl b'qawwa jistqarr li m'hemmx post għal ċelebrazzjoni Ewkaristika nieqsa mill-karità li titfisser b'li wieħed jaqsam fil-prattika mal-fqar (ċf.1Kor.11:17-22, 27-34)"*(28).

Madre Margerita, mill-Ewkaristija kienet titnebbaħ biex taħdem ħalli l-imħabba moħbija f'dan is-Sagrament għażiż tkun magħrufa aktar fost il-bnedmin, biex il-bnedmin jitmexxew dejjem u f'kollox minn din l-imħabba. F'ittra tat-22 ta' Novembru 1925 lil waħda mill-Komunitajiet tagħha, kitbet: *"X'jistenna minna jekk mhux imħabba ?! Imħabba, imħabba jitlob mill-imqaddes Tabernaklu! Imħabba jitlob permezz ta' ħafna ispirazzjonijiet tiegħu! Xi jrid ?... Irid ikun magħruf u maħbub, maħbub, maħbub!! Biżżejjed, inħobbuħ u nagħmlu li jkun maħbub minn kulħadd u kullimkien!! O! li kieku nistgħu nagħmluh magħruf, kieku żgur ikun maħbub!"*(72).

Imnebbħin minn dan l-ispirtu Ewkaristiku tal-Fundatriċi, Madre Margerita, is-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, iqisu li hu dmir fundamentali tagħhom, *"li nfakkru lil kulħadd din il-verità ta' faraġ: li qrib tagħna, fit-Tabernaklu, hemm qalb, għanja fl-imħabba li ssalva, li tħabbat għal dawk kollha li jsejħulha"*(Kostituzzjonijiet, 83ċ). It-Tabernaklu hu għall-ulied spiritwali ta' Madre Margerita, mhux biss nar li jħeġġiġhom, dawl li jfarraġhom, iżda wkoll pjan ta' ħidma ta' evanġelizzazzjoni mill-aqwa.

**Għeluq**

Il-proverbju Malti jgħid li *"kif tgħix tmut".* U Madre Margerita li għexet din l-ispiritwalità Ewkaristika, mietet f'għaqda ma' Ġesù fl-Ewkaristija. F'Jannar 1952, is-sitwazzjoni ta' saħħitha marret mill-ħażin għall-agħar. Fis-17 ta' Jannar waslilha minn Ruma l-permess – għax dakinhar hekk kien meħtieġ – li titqarben mingħajr is-sawma preskritta, billi kienet marida. Is-sawma tat-Tqarbin, dakinhar, kienet li ma tieħu xejn, lanqas ilma, minn nofs il-lejl sa x'ħin titqarben. Madre Margerita aċċettat dan il-ġest bħala sinjal ta' mħabba delikata minn Ġesù fl-Ewkaristija stess, ġest ta' mħabba u ta' approvazzjoni għall-ħajja ewkaristika li għexet.

Fit-tlieta ta' filgħodu tat-22 ta' Jannar 1952, Patri Berardu DeBrincat, Franġiskan Konventwal, wasslilha l-Vjatku Mqaddes li hi stess kienet talbet. Ma setgħetx titkellem, iżda ħarsitha kollha mħabba wriet is-sentimenti qaddisa li kien hemm moħbija f'qalbha, sentimenti li kienet rawwmet hi stess bil-ħajja Ewkaristika tagħha. L-aħħar ħinijiet li għamlet fid-dinja, sakemm mietet fit-22 ta' Jannar 1952 fl-erbgħa ta' filgħodu, kienu mumenti tassew Ewkaristiċi, b'għajnejha mdawwrin lejn il-ħajt li kien jifred kamritha mill-kor u bil-ftit enerġija li kien baqgħalha f'idejha, tħabbat fuqu bħala l-aħħar tislima lil Dak li tant kienet tħobb u tgħożż fil-ħinijiet kollha ta' ħajjitha.

Nistgħu ngħidu li Madre Margerita għexet ħajja Ewkaristika u għamlet mewta Ewkaristika. U, illum, 53 sena wara mewtha, aħna u niċċelebraw din is-sena Ewkaristika, mis-sema, Madre Margerita tistedinna bit-tagħlim li ħallitilna u bl-eżempji ta' ħajja li għexet, biex nagħmlu mill-Ewkaristija, il-manteniment tagħna fid-deżert ta' ħajjitna, il-programm ta' ħajja spiritwali li nixtiequ ngħixu biex minn dan il-wied tad-dmugħ naslu għall-hena dejjiemi fis-sema, il-qawwa li timbuttana biex inwasslu l-Bxara t-Tajba ta' l-Imħabba Ewkaristika kull fejn inkunu.

Madre Margerita, għinna biex bħalek ninbnew u niddawlu bl-Ewkaristija, għinna ninnamraw bis-serjetà minn Ġesù fl-Ewkaristija, għinna nisimgħu leħnu u nħossu t-taħbit ta' Qalbu fit-Tabernaklu, għinna biex nifhmu u ngħixu l-verità li ħallielna Kristu stess li jekk nieklu Ġismu u nixorbu Demmu ngħixu l-ħajja tassew u naslu għall-ħajja ta' dejjem.

Madre Margerita, ruħ Ewkaristika, kabbar fina imħabba għal dan is-Sagrament ta' l-Imħabba tal-għaġeb ta' Ġesù għalina. Ammen.

++++++++++++++++

# Milied u Ewkaristija

Wieħed mill-ħafna ħsibijiet sbieħ li l-Papa Ġwanni Pawlu II offrieilna fl-Enċiklika tiegħu dwar l-Ewkaristija "Ecclesia de Eucharistia", hi li "l-Ewkaristija, filwaqt li tfakkarna fil-passjoni u l-qawmien, tqiegħed lilha nfisha f'kontinwità ma' l-Inkarnazzjoni"(55). Fl-Inkarnazzjoni, Ġesù sar Tarbija u strieħ f'maxtura, il-post fejn l-annimali kienu "jmaxtru" (jomgħodu) l-ikel. Fl-Ewkaristija. Ġesù sar ikel u joqgħod fuq l-artal (mejda), fejn il-bnedmin jieklu l-ikel tagħhom. It-twelid ta' Gesù seħħ f'Betlem, id-"dar tal-ħobz", u l-Verġni Marija qegħditu fil-maxtura, il-post minn fejn jittieħed l-ikel mill-annimali.

Dan kollu jurina r-relazzjoni kbira li hemm bejn il-Milied li niċċelebraw kull sena u li lejh il-Fundatriċi, Madre Margerita kellha ġibda kbira, u l-Ewkaristija li niċċelebraw kuljum u li l-Papa jridna niċċelebrawha b'aktar ħeġġa u mħabba, l-aktar matul din is-Sena Ewkaristika li qegħdin fiha. Ġesù li sar bniedem fl-Inkarnazzjoni u fl-Ewkaristija sar ikel biex jibqa' magħna u jiġi fina, tana żewġ rigali kbar f'dawn iż-żewġ misteri, rigali li huma f'relazzjoni għal xulxin. Anzi l-Ewkaristija hi l-estensjoni, il-prolungazzjoni ta' l-Inkarnazzjoni. Ġesù ried iwaqqaf l-Ewkaristija biex l-Inkarnazzjoni tieghu tipperpetwa ruħha magħna "sa l-aħħar taż-żmien". Hekk wiegħed hu stess lid-dixxipli tiegħu qabel ma' tela' s-sema.

Iż-żmien tal-Milied ifakkarna fil-Fqajjar t'Assisi u f'Madre Margerita li t-tnejn kienu jiċċelebraw dan il-misteru b'ħeġġa mill-akbar. S. Frangisk, meta ċċelebra l-Milied fi Greccio, ħa saċerdot biex fl-għar imħejji apposta, jiċċelebra s-Sagrifiċċju Ewkaristiku tal-Quddiesa. Madre Margerita, kull meta kienet titkellem mill-Milied, mill-Inkarnazzjoni u t-Twelid ta' Ġesù kienet bħal tgħaddi minn fuq il-Kalvarju bi ħsibijietha, u, mbagħad kien tasal fit-Tabernaklu, f'Betlem ta' l-Ewkaristija. Innutaw ftit il-kliem tagħha stess: "Inħarsu lejn Ġesù Tarbija fil-grotta, fuq il-Kalvarju u fl-Ewkaristija. X'jgħidilna? Araw l-imħabba li għandi għalikom"(65).

Xieraq għalhekk, li ċ-ċelebrazzjoni tal-Milied li nagħmlu kull sena, ċelebrazzjoni li ssir b'mod partikulari biċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrifiċċju Ewkaristiku tal-Quddiesa, tfakkarna f'dawn il-ħsibijiet, li jgħinuna ngħaqqdu flimkien żewġ misteri kbar, l-Inkarnazzjoni u l-Ewkaristija. Ġesù Inkarnat għadu magħna fl-Ewkaristija! X'imħabba ta' misteri! X'misteri ta' mħabba! B'liema mħabba għandna ngħożżuhom u niċċelebrawhom! Jalla jkun tassew hekk!

+++++++++++++++++++

# Il-Ħsieb Bibliku ta' Madre Margerita (2006)

**Daħla**

*"Biex jgħarraf lilu nnifsu lill-bnedmin, fit-tjieba tiegħu, Alla niżel għall-livell tagħhom biex ikellimhom bi kliemhom stess".* Hekk għallem il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika (101). Il-Konċilju Vatikan II, fid-*"Dei Verbum"*, qalilna: *"Fil-fatt, kliem Alla, espress bi lsien il-bniedem ħa sura ta' kelmet il-bniedem, kif il-Verb tal-Missier ta' dejjem, meta ħa l-ġisem dgħajjef tagħna, sar jixbah lilna l-bnedmin"*(13)." U, mnebbaħ mill-istess *"Dei Verbum",* il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, ikompli jgħalllem: *"Hemm tant qawwa u saħħa fil-kelma ta' Alla, li żżomm u tqawwi l-Knisja, issaħħaħ ulied il-Knisja fil-fidi tagħhom, tmanti lil ruħhom, u hi nixxiegħa safja li ma tintemm qatt fil-ħajja spiritwali tagħhom. Jeħtieġ li l-bieb ta' l-Iskrittura Mqaddsa jkun miftuħ beraħ għall-insara"*(131).

**Madre Margerita**

Ninsabu miġburin hawn flimkien, b'sentimenti ta' għożża u ta' radd il-ħajr biex niċċelebraw dan l-54 Anniversarju mill-mewt tal-Fundatriċi tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, il-Qaddejja t'Alla, Madre Margerita De Brincat. U f'din l-okkażżjoni nixtieq li nagħmel mistoqsija mportanti ħafna, imnebbħa minn dak li għallimna l-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika dwar l-Iskrittura Mqaddsa: il-bieb ta' l-Iskrittura kien miftuħ beraħ għal Madre Margerita, minkejja li għexet fi żminijiet meta materjalment dan ma tantx kien possibli ? Xorbot xejn mill-għejjun tal-Bibbja, minkejja li ma kellhiex xi formazzjoni teoloġika jew biblika speċjali ? X'nistgħu ngħidu jekk il-lejla, kif fi ħsiebi nagħmel, nippruvaw nitkellmu mill-ħsieb bibliku ta' Madre Margerita ?

Bla biża' ta' xejn u bla ebda dubju nħossni li nista' nistqarr li, fil-kuntest tas-sitwazzjoni globali tagħha, Madre Margerita kienet midħla sewwa ta' l-Iskrittura Mqaddsa. Imma, imbagħad, waħedha tinbet il-mistoqsija: imma kif, meta nafu li Madre Margerita għexet fi żminijiet meta ma tantx kien hawn fl-idejn kopji tal-Bibbja u meta s-siltiet li kienu jinqraw fil-Liturġija kienu ħafna limitati u kienu jinqraw bil-Latin? Nafu li Madre Margerita kienet taf tajjeb it-Taljan u kopji tal-Bibbja bit-Taljan kienu jeżistu aktar milli kienu jeżistu bil-Malti. Iżda żgur li fuq kollox irridu nirreferu għall-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu li lil dawk li jagħżel jaf jippompja fihom dak kollu li hu meħtieġ biex ikunu jistgħu jwettqu sewwa l-missjoni li għaliha jkun għażilhom!

**Elementi ewlenin fl-ispiritwalita' tal-Fundatriċi**

Fost dawn l-elementi jispikkaw tnejn: l-ispirtu ta' *abbandun* fil-ħarsien tal-Providenza u t-tennija tal-*"Fiat"* f'kull sitwazzjoni tal-ħajja. Dawn iż-żewġ elementi spiritwali li jispikkaw ħafna fl-ispiritwalita' ta' Madre Margerita huma elementi msejsin għal kollox fuq l-ispirtu tal-Bibbja.

Insemmu, qabel xejn, l-ispirtu ta' abbandun li kienet tgħix il-Fundatriċi, u mall-ewwel hi stess tindikalna l-fundament bibliku tiegħu. F'ittra tal-1922, naqraw: *"O! x'kalma tgawdi ruħna meta tintelaq għall-ħarsien tat-twajjeb Ġesù tagħna. U kif le ? Jekk Hu jieħu ħsieb l-għasafar ta' l-ajru u d-dud ta' l-art, sejjer ma jieħux ħsieb u ma jgħinx u ma jfarraġx lill-għarajjes għeżież tiegħu...?"*(80). Hu ċar li dan l-ispirtu ta' abbandun li tissuġġerixxi Madre Margerita hu mibni fuq kliem Kristu fid-diskors tal-Muntanja kif misjub f'San Mattew (6:25,eċċ.) fejn kważi naqraw l-istess kliem użat minn Madre Margerita. L-ispirtu ta' abbandun hu l-aqwa att ta' fidi vera fil-Providenza li jista' jagħmel in-nisrani li hu konvint mill-ħarsien ta' Alla.

Dan l-ispirtu ta' abbandun hu parti mill-atteġġjament ta' tfulija spiritwali mitlub minn Kristu meta qal lid-dixxipli: *"Tassew ngħidilkom li jekk intom ma terġgħux issiru bħat-tfal iż-żgħar, żgur li ma tidħlux fis-Saltna tas-Smewwiet"*(Mt.18:2). Madre Margerita, li kienet tqis l-importanża ta' din is-sejħa evanġelika, darba fissret l-atteġġjament fundamentali tal-għixien tagħha, meta kitbet: *"Inħossni bħal tarbija żgħira żgħira, imsieħba minn Missier, li l-preżenza tiegħu tnessini l-imrar kollu"*(25). U darb'oħra stiednet lis-Sorijiet: *"Kuraġġ u kunu żgħar żgħar, għax Ġesù jgħid: min ma jsirx żgħir bħal tifel ċkejken ma jidħolx fis-Saltna tas-Smewwiet,* u tkompli bi kliem il-Vanġelu: *"U min jiċċekken jitkabbar u min jitkabbar jiċċekken"*(70), u wkoll: *"... fuq kollox l-umiltà, għax min jiċċekken jitkabbar u min jitkabbar jiċċekken..."*(144) Kollox jurina kif Madre Margerita kienet tgħallmet mill-Vanġelu kif tintelaq għal kollox fil-ħarsien patern tal-Providenza, f'atteġġjament ta' tfulija spiritwali.

Min-naħa l-oħra, jekk nitkellmu mill-element spiritwali l-ieħor li tant jispikka fl-ispiritwalità ta' Madre Margerita, it-tennija tal-*"Fiat",* naslu biex nifhmu wkoll il-fundament bibliku tiegħu. L-istess kelma li Madre Margerita tinqeda biha biex tfisser dan l-atteġġjament spiritwali mportanti - il-kelma *"Fiat"* - tindikalna dan li qed ngħidu. Meta Kristu għallem lid-dixxipli tiegħu l-*"Missierna"*, fost l-oħrajn għallimhom jgħidu lill-Missier il-*"Fiat"* - *"ikun li trid int kif fis-sema hekk fl-art"*(Mt.6:10). Infatti mhux l-ewwel darba li Madre Margerita kienet tfisser il-*"Fiat"* tagħha bil-kliem kollu li għallem Kristu fil-Vanġelu, bħal meta kitbet: *"Il-Fiat voluntas tua kif fis-sema hekk fl-art iħallini f'abbandun qaddis"*(45).

It-tweġiba tal-Madonna lill-Anġlu meta dan ħabbrilha l-misteru ta' l-Inkarnazzjoni, kienet iffurmata mill-*"Fiat"* - *"ħa jsir minni skond kelmtek"*(Lq.1:38). Ġesù wkoll fil-Ġetsemani tenna l-*"Fiat"* - *"tkun magħmula r-rieda tiegħek, u mhux tiegħi"*(Lq.22:42), quddiem it-toqol tal-Passjoni. Madre Margerita bħal esperimentat din is-sitwazzjoni evanġelika tal-Ġetsemani, meta darba tenniet: *"Kemm hu iebes, kultant, l-għażiż Fiat"*(7). Tajjeb niftakru wkoll li l-aġġettiv *"caro"*, bit-Taljan, li Madre Margerita tħobb tuża mal-kelma *"Fiat",* ifisser mhux biss *"għażiż"*, imma wkoll li *"jiswa ħafna"*. L-għixien tal-*"Fiat"*, jifforma tweġiba mportanti għas-sejħat tal-Vanġelu, u hu fih innifsu atteġġjament evanġeliku, atteġġjament ta' *"qaddejja"*.

Ġesù talab dan l-atteġġjament ta' qaddejja mid-dixxipli tiegħu, meta qalilhom: *"...meta tagħmlu kull ma tkunu ordnati, għidu, aħna qaddejja li ma niswew għalxejn, għamilna biss dak li kellna nagħmlu"*(Lq.17:10). F'waħda mill-ittri taż-żjajjar Kanoniċi tagħha, Madre Margerita kitbet: *"Ftakru f'dak li ntqal fil-Vanġelu: 'Meta tkun għamiltu dak li għandkom tagħmlu, għidu: aħna qaddejja li ma niswew għalxejn!' Kuraġġ, uliedi..."*(V6).

**L-Attributi Divini**

Meta Madre Margerita ssemmi 'l Alla jew lil Ġesù Kristu, il-Verb ta' Alla li nkarna fih l-attributi divini kollha, turi ċerta familjarita ma' dak li naqraw fl-Iskrittura, l-aktar fis-Salmi, dwar Alla. Dak li naqraw fis-Salm 17: *"Inħobbok, Mulej, qawwa tiegħi, il-Mulej blata tiegħi, fortizza u ħellies tiegħi... sur tal-kenn tiegħi u tarka tiegħi"*(2), jew f'Salm 22: *"Il-Mulej hu r-ragħaj tiegħi, xejn ma jonqosni: f'mergħat kollhom ħdura jqegħedni"*(1), isib l-eku tiegħu f'kitbiet ta' Madre Margerita, bħal: *"Inħobbu, inħobbu Alla tant twajjeb u tant qaddis!"*(62), jew *"Missier l-aktar ħelu, Sid l-aktar manswet, il-Kollox"*(109), u wkoll *"Inħobbu, inħobbu, u nigglorifikaw lil Dak li minnu jiġi kull ġid"*(49). Jidher ukoll li għandhom fundament bibliku l-ħsibijiet: *"kuraġġ qawwi qawwi u fiduċja sħiħa fit-tjubija nfinita tal-Kollox tagħna: Missier, Ħuna, Għarus"*(39). Meta kitbet: *"...il-Missier tad-dwal, id-Direttur Għaref, il-Missier tal-qlub kollha..."*(147), tistħajjlek qed tisma' lill-Profeta Isaija jitkellem mill-Feddej li kellu jitwieled: *"Kunsillier ta' l-għaġeb, Alla setgħan, Missier għal dejjem, Prinċep tas-sliem"*(9:6). Kull meta Madre Margerita ssemmi - u dan tagħmlu spiss fil-kitbiet tagħha - *"il-Kollox, il-Kollox etern u nfinit"*(34), tistħajjlek qed tisma' kliem Bin Sirak, meta stqarr: *"ngħidu kemm ngħidu ma naslux biex ngħidu kollox, imma fi ftit kliem: "Hu kollox!"."*(Sir.43:27).

It-tjubija bla tarf li Alla juri mal-bnedmin kienet tolqot ħafna lil Madre Margerita. Qatt ma kienet issemmi 'l Alla jew lil Ġesù mingħajr ma ssejjaħlu *"it-twajjeb Alla"*(148), *"it-twajjeb Ġesù tiegħi"*(41), u ħafna drabi, l-aktar meta ssemmi lil Ġesù li fih it-tjubija divina dehret fl-aqwa tagħha, kienet tirrepeti għal tliet darbiet l-aġġettiv twajjeb, bħal: *"l-imħabba tal-ħelu Ġesù twajjeb, twajjeb, twajjeb"*(17). Bħas-Salmista, spiss kienet tfaħħar bil-mod tagħha, it-tjubija tal-Mulej: *"Faħħru l-Mulej, għax hu tajjeb, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu!"*(117:1). Bħas-Salmista li stieden *"ippruvaw u taraw kemm hu tajjeb il-Mulej"*(34:9), Madre Margerita darba fissret ruħha mad-Direttur Spiritwali: *"nagħmlu kull sagrifiċċju biex inkebbsuhom bl-imħabba safja... ħalli jkunu jistgħu iħobbu u jiggustaw kemm hi tajba l-Imħabba ħelwa"*(7).

Mhux l-ewwel darba li Madre Margerita titkellem minn *"Dak li jiftaħar li jsib l-għaxqa tiegħu fost ulied il-bnedmin"*(7), u darb'oħra, fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija, stiednet lid-Direttur Spiritwali tagħha: *"Infakkruh lill-Missier, li l-Qalb ħelwa ta' Ġesù tiegħu ssib l-għaxqa tagħha f'li tgħammar fost ulied il-bnedmin"*(50). Dawn l-espressjonijiet huma meħudin kważi kelma b'kelma mill-Iskrittura, fejn fil-Ktieb tal-Proverbji, l-Għerf ta' Alla jistqarr *"nitliegħeb fuq l-art imħejjija għall-bnedmin, nitgħaxxaq b'ulied il-bnedmin"*(8:31).

Ix-xewqa kbira ta' intimita' ma' Alla li kellha Madre Margerita, kemm-il darba ġiet imfissra minnha: *"il-leħen tal-Maħbub, kultant iwassalni biex inħoss għatx kbir... ġuħ kbir għal Alla tliet darbiet Qaddis",* u wkoll: *"forsi int tista' turini xi mezz biex almenu nissodisfa xi ftit il-ġuħ, oh! l-għatx għal dak li hu l-Kollox...il-Kollox etern u Infinit!"*(34). F'dan il-kliem ta' Madre Margerita jidhru ċari l-ħsibijiet tas-Salmista li jkanta: *"Ruħi bil-għatx għalik, għalik imxennaq jiena, bħal art niexfa, maħruqa, bla ilma"*(62:2-3), jew: *"Bħalma għażżiela tixxennaq għan-nixxiegħat ta' l-ilma, hekk tixxennaq ruħi għalik, Alla tiegħi. Ruħi għatxana għal Alla, għal Alla l-ħaj"*(41:1-2).

F'dan l-*"Oċejan immens"*(43) ta' tjubija divina, kif Madre Margerita stess kienet issejjaħ 'l Alla, hi kienet issib is-serħan u l-kwiet ta' ruħa. *"Xi drabi nħoss il-ħtieġa ta' Alla... ir-ruħ tfittex mistrieħ u kwiet fi ħdan Dak li waħdu hu biżżejjed għall-ħlejqa umana!"*(22), u spiss kienet tfakkar: *"Hu jgħinna, ifarraġna bla dubju ta' xejn"*(92). Kitbiet bħal dawn juru li Madre Margerita kienet ċerta mill-istedina ta' Kristu: *"Ejjew għandi, intom ilkoll li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin, u jiena nserraħkom"*(Mt.11:28). U meta kitbet lil waħda soru marida: *"...l-imħabba tagħmilna kollox ħafif u ħelu"*(114), żgur li kellha f'moħħha kliem Kristu dwar *"il-madmad ħelu...u t-toqol ħafif"*(Mt.11:30) tiegħu.

**"Inħobbu l-Imħabba"**

L-akbar attribut ta' Alla, anzi, l-essenża tiegħu, hi l-imħabba. U, allura, meta niġu biex nikkunsidraw ir-regola fundamentali ta' l-ispiritwalità ta' Madre Margerita, miġbura fl-għajta tagħha *"Inħobbu l-Imħabba"*, naslu biex nifhmu, hawn ukoll, li l-bażi ta' ħsibijietha kienet bażi biblika. L-Imħabba, għal Madre Margerita hi Alla. L-Appostlu San Ġwann kitbilna: *"Alla hu mħabba"*(1Ġw.4:8). U f'waħda mill-ittri tagħha, Madre Margerita fissret: *"U ladarba l-Imħabba vera hi l-istess Alla, jeħtieġ li Hu jkun il-ħajja ta' qlubna"*(107).

Iżda, billi San Ġwann kompla jfisser *"B'dan deħret l-imħabba ta' Alla fina, għax Alla bagħat lil Ibnu l-waħdieni fid-dinja, biex ngħixu bih"*(1Ġw.4:9), għal Madre Margerita, l-*"Imħabba"* hi wkoll Ġesù Kristu, li fih l-Imħabba li hi Alla, inkarnat ruħha. Infatti, qrib l-Avvent 1924, Madre Margerita kitbet: *"Kemm ħabbna il-Missier Etern Alla meta tana rigal daqshekk għażiż, bħalma hu l-Waħdieni tiegħu!"*(86). F'Ġesù li sar bniedem kienet tilmaħ l-Imħabba t'Alla!

L-istess San Ġwann, fil-Vanġelu tana kliem Kristu fis-sinagoga ta' Kafarnahum fejn, fost l-oħrajn, qal: *"Min jiekol ġismi u jixrob demmi jibqa' fija u jiena fih...min jiekol lili, hu wkoll jgħix bija"*(Ġw.6:56-57). Madre Margerita tidher li hi mnebbħa minn dan il-kliem meta fl-*"Imħabba"* tara wkoll lil Ġesù fl-Ewkaristija, li baqa' magħna biex ngħixu bih, tant li diversi drabi titkellem mill-*"Għarus Priġunier li għalina baqa' mxejjen fit-Tabernaklu"*(118), u wkoll: "*Inħobbu lill-wisq ħelu Maħbub tagħna li għalina sar tant żgħir mhux biss f'ġisem ta' bniedem, imma aktar u aktar f'ostja żgħira. B'hekk, Hu tassew jgħammar magħna, magħna ħlejjaq fqar u msejkna"*(127). Ta' min jgħid ukoll li l-għajta ta' Madre Margerita *"Inħobbu l-Imħabba'*, qisha tweġiba għas-sejħa li Ġesù għamel lid-dixxipli tiegħu fl-Aħħar ċena :*"Ibqgħu fl-imħabba tiegħi"*(Ġw.15:9).

Quddiem din l-Imħabba li hi Alla, San Ġwann jistedinna: *"Uliedi, ma nħobbux bil-kliem u t-tpaċpiċ, imma bl-għemil u bis-sewwa"*(1Ġw.3:18). L-istess tagħmel Madre Margerita: tinsisti, bħal San Ġwann, u kważi bl-istess kliem tiegħu, dwar l-awtentiċità ta' l-imħabba tagħna għall-Imħabba: *"Inħobbu, iżda bl-għemejjel u bis-sewwa, jiġifieri: bis- sagrifiċċji, biċ-ċaħda tal-ġudizzju proprju, anke fl-affarijiet iż-żgħar, bl-imħabba ta' l-aħwa u bil-mogħdrija għal xulxin fid-dgħufija, eċċ...."*(64).

U anke meta titlob din l-imħabba awtentika, Madre Margerita tissuġġerixxi xi kwalitajiet li għandhom jidħru fl-imħabba u li bihom turi li kienet taf sewwa l-kwalitajiet ta' l-imħabba msemmijin minn San Pawl fl-Ewwel Ittra lill-Korintin. Madre Margerita tikteb: *"Ma nixtieqx u ma nistax nawguralkom aktar ġid jekk mhux imħabba safja, imħabba ġeneruża, imħabba qawwija"*(64). L-imħabba *"safja"* li ssemmi Madre Margerita, skond San Pawl hi dik li *"ma tifraħx bl-inġustizzja, imma tifraħ bil-verita"* (1Kor.13:6); l-imħabba *"ġeneruża"*, kif ifisser San Pawl *"taf tistabar u tħenn, mhijiex għajjura, ma tintefaħx biha nfisha, ma titkabbarx fuq l-oħrajn; ma tagħmilx dak li mhux xieraq; ma tfittixx dak li hu tagħha; xejn ma tinkorla, ma żżommx f'qalbha għad-deni"* (1Kor.13:4-5); l-imħabba *"qawwija"* ta' Madre Margerita, fi kliem San Pawl, *"kollox tagħder, kollox temmen, kollox tittama, kollox tissaporti"*(1Kor.13:7). Madre Margerita, bi kliemha, bħal għamlet ġabra fil-qosor - sintesi - tal-karatteristiċi ta' l-imħabba awtentika li semma San Pawl.

Meta kienet tikteb lill-komunitajiet reliġjużi tagħha dwar l-imħabba li għandhom juru ma' xulxin, jidher li Madre Margerita kien ikollha fi ħsiebha l-idejal ta' l-ewwel komunitajiet insara kif impitter minn San Luqa fl-Atti ta' l-Appostli, l-aktar fejn kiteb li *"il-kotra kbira ta' dawk li emmnu kienu qalb waħda u ruħ waħda"*(Atti 4:32). Infatti f'ittra ta' l-1948, naqraw: *"magħqudin f'qalb waħda u ruħ waħda issibu l-paċi fil-qlub qaddisa ta' Ġesù u Marija"*(76), filwaqt li f'ittra miktuba fl-1920 lill-Komunità tad-Dar tal-Pilar wara ż-żjara kanonika li

għamlet hemm, kitbet:: *"Kunu lkoll qalb waħda u ruħ waħda: issagrifikaw ruħkom għal xulxin, u tatux każ tas-suġġerimenti tal-ħażin amor propju"*(V10). Pariri bħal dawn insibuhom kważi fl-Ittri kollha li Madre Margerita kitbet wara xi żjara kanonika tagħha.

**Il-Ħidma Salvifika**

Meta Ġesù ried ifisser fil-qosor il-ħidma salvifika tiegħu, fost ix-xbiehat li nqeda bihom kien hemm dik tan-*"nar"*: *"Nar ġejt inqiegħed fuq l-art, u kemm nixtieq li diġà qabad"*(Lq.12:49). Jidher li Madre Margerita ntlaqtet ħafna minn din ix-xbieha tan-nar, u fil-kitbiet tagħha ssemmiha ta' spiss u fissritha sewwa wkoll. F'ittra miktuba qrib il-Milied 1924 tixxennaq li *"It-Tarbija Qaddisa tagħtina xrara safja tan-nar tagħha, dak in-nar li ġiet biex iġġib fid-dinja"*(71), filwaqt li qrib il-Milied 1941, fissret l-awguri tagħha b'dan il-mod: *"Nawguralek nar safi ta' mħabba, jiġifieri dak in-nar li t-Tarbija Qaddisa ġiet biex iġġib fid-dinja"*(45), u f'ittra oħra tfisser *"għax in-nar filwaqt li jsaħħan, idawwal ukoll"*(64). F'ittra oħra qrib il-Milied 1945, filwaqt li ħsibijietha juru r-relazzjoni bejn l-Inkarnazzjoni u l-Ewkaristija, anzi li l-Ewkaristija hi l-prolungament tal-Inkarnazzjoni, kitbet: *"Wara li sar Tarbija, tant tbaxxa li sar ikel!...Ġie biex iġib in-nar fid-dinja u ma jrid xejn aktar ħlief li jaqbad"*(75). U billi Madre Margerita kienet temmen bis-sħiħ li l-misteru salvifiku ta' Kristu qed jitkompla fl-Ewkaristija, fil-kitbiet tagħha, spiss issemmi *"il-fjammi safja ta' l-imħabba Ewkaristika"*(69). Anżi kienet tikkunsidra t-Tabernaklu forn ta' nar divin u kienet tixtieq li *"l-għeżież sorijiet, biex jiffurmaw mill-komunita' forn ta' mħabba divina, jitkebbsu minn dak il-forn tat-Tabernaklu"*(151).

Il-qofol tal-misteru salvifiku ta' Kristu ntlaħaq fil-ġrajjiet tal-Għid: il-mewt u l-qawmien tiegħu. Infatti Kristu stess qal: *"Meta nintrefa' 'l fuq mill-art, jiena niġbed il-bnedmin kollha lejja"*(Ġw.12,32). Madre Margerita kienet tagħraf l-importanza ta' dawn il-misteri u hi u tikkunsidrahom, kienet tasal għall-konklużjoni: *"Naslu biex ingawdu mill-Qawmien Glorjuż tiegħu, li hu konsegwenza ta' l-umiljazzjonijiet u tal-mewt tiegħu fis-salib. Biżżejjed iżżomm ħarstek fuq l-Imsallab biex titgħallem l-għerf kollu tal-qaddisin"*(142). U mgħallma minn kliem Kristu stess *"min ma jerfax salibu u jimxi warajja ma jistħoqqlux li jkun miegħi"*(Mt.10:38), kienet tgħallem lill-oħrajn: *"...forsi m'għandux ikun għalina ta' ferħ kbir kull salib żgħir li jingħatalna ?"*(138), u wkoll: *"Jaqbel li għalissa nġorru xi salib, filwaqt li fid-dinja l-oħra għad nifirħu għal dejjem"*(65).

F'ittra oħra titkellem dwar il-ħajja ta' dejjem, billi tikteb: *"Ma tarax kif jgħaddi ż-żmien u dalwaqt inkunu miegħU għal dejjem! Kif inkunu qdejnieĦ, hekk Hu stess jaqdina għal dejjem"*(71). Dan il-ħsieb jaqbel perfettament ma' dak li qal Ġesù fil-Vanġelu ta' San Luqa: *"Ħenjin dawk il-qaddejja li meta jiġi sidhom isibhom jishru! Tassew ngħidilkom, li hu jitħażżem, iqegħdhom madwar il-mejda, u jgħaddi quddiemhom iservihom"*(Lq.12,37). Tfakkar ukoll dwar l-ideja tal-*"ħalliel"* li semma Ġesù: *"li kieku Sid id-dar kellu jkun jaf f'liema sahra tal-lejl se jiġi l-ħalliel..."*(Mt.24:43), meta kitbet: *"Ilkoll kemm aħna jeħtieġ inkunu nishru għax Hu għad jiġi bħal ħalliel biex jaħtafna..."*(77).

Matul il-Passjoni tiegħu, fil-Ġetsemani, Ġesu wera lil Pietru li ried iwettaq sa l-aħħar dak kollu li kien hemm imħejji għaliħ mill-Missier: *"Forsi l-kalċi li tani Missieri ma nixorbux ?"*(Ġw.18:11). Anke meta għaraf il-morr li kien hemm lest għaliħ f'dan il-*"kalċi"*, u kollu biża' qal: *"Missier, kollox jista' jkun għalik: biegħed minni dan il-kalċi!"*, Ġesù xorta laqgħu: *"Iżda mhux li rrid jien, imma li trid Int"*(Mk.14:36). Madre Margerita kellha dawn il-ħsibijiet f'moħħha meta darba stqarret li tixtieq *"tasal fil-quċċata li tlegleg il-kalċi morr sa l-aħħar qatra..."*(25). Hi fissret dan il-ħsieb b'aktar dettal meta kitbet: *"Inżommu l-ispirtu fis-sliem u l-kalma anke fost id-dlam sfieq tal-ħajja ta' għaqda* (jiġifieri ta' intimità mal-Mulej)*. Żgur, jeħtieġ nitilgħu l-muntanja tal-mirra u nixorbu mill-*

*kalċi tiegħu biex naslu għall-għaqda l-aktar perfetta!"*(148). F'ittra oħra, Madre Margerita qisha tkompli dwar dan il-ħsieb u tinqeda bi kliem li Ġesù stess qal lid-dixxipli fil-Ġetsemani: *"Iva, maħbuba tiegħi, l-ispirtu hu lest, minkejja li n-natura tmur kontra"*(156).

Jekk inkomplu dwar il-ħidma salvifika mwettqa minn Ġesù Kristu, ninnutaw li din il-ħidma spiss ġiet imqabbla minn Ġesù stess mal-ħidma fil-*"għalqa tad-dwieli"*, bħal meta Ġesù, f'waħda mill-parabboli tiegħu, semma lis-Sid li *"ħareġ...biex isib nies tax-xogħol u jħaddimħom fil-għalqa tiegħu tad-dwieli"*(Mt.20:1). Darb'oħra qal lid-dixxipli tiegħu: *"Il-ħsad huwa kbir, iżda l-ħaddiema ftit. Itolbu mela lil Sid il-ħsad biex jibgħat ħaddiema għall-ħsad tiegħu"*(Mt.9:37-38). Fil-kitbiet ta' Madre Margerita, l-aktar meta tirreferi għall-apostolat li bih *"l-Imħabba tkun magħrufa u maħbuba",* spiss niltaqgħu ma' espressjonijiet imnebbħin minn dawn il-ġrajjiet evanġeliċi. Meta fetħet id-Dar ta' Regalbuto fi Sqallija, kitbet: *"E! x'għalqa kbira! Iżda ftit huma l-ħaddiema! Nitolbu dejjem biex il-Mulej jibgħat il-ministri tiegħu biex jaħdmu fl-għalqa tad-dwieli tiegħu"*(20). Fl-1940, f'ittra lil Mons. Alfons Agius, kitbet: *"Kuraġġ biex taħdem fil-għalqa tad-dwieli kbira tat-twajjeb Alla..."*(32), filwaqt li lis-Sorijiet tagħha: *"Il-ħelu Ġesù tagħna joffrielna għelieqi x'naħdmu u x'nikkultivaw; iva, nagħmlu kull ma nistgħu biex inkunu ġenerużi ħalli nikkorrispondu mas-sejħat ta' mħabbtu"*(66). Kienet temmen bis-sħiħ f'dak li qal Kristu: *"fittxu l-ewwel is-saltna u l-ġustizzja ta' Alla u l-bqija jingħatalkom ukoll"*(Mt.6:33): infatti f'waħda mill-ittri tagħha naqraw: *"...ilkoll flimkien naslu għall-kisba ta' l-imħabba ħelwa u safja; allura l-bqija jingħatalna bla dubju ta' xejn"*(1).

**Il-Milja Salvifika**

Il-milja tas-salvazzjoni hi mfissra fil-Ktieb ta' l-Apokalissi b'ħafna dehriet li San Ġwann Appostlu kellu meta kien eżiljat fuq il-Gżira ta' Patmos. Fost dawn id-dehriet hemm dik tat-*"Tieġ tal-Ħaruf"* u ta' *"Ġerusalemm tas-Sema".* Infatti, fost l-oħrajn, naqraw il-kant tal-kotra kbira fis-sema: *"Nifirħu u nithennew u nagħtuħ glorja, għax wasal it-tieġ tal-Ħaruf, u l-għarusa ħejjiet ruħħa"*(Apok.19:7), kif ukoll: *"u l-Belt il-qaddisa, Ġerusalemm il-ġdida, rajtha nieżla mis-sema mingħand Alla, imħejjija bħal għarusa mżejjna għall-Għarus tagħha"*(Apok.21:2). Anke dwar dan insibu ħsibijiet fil-kitbiet ta' Madre Margerita: *"Jeħtieġ ngħassu bis-serjeta' u b'ruħ ġeneruża biex inħejju qalb tajba u safja sat-tieġ ma' l-għarus bla tebgħa"*(73), u *"f'jum sabieħ inkunu nistgħu niltaqgħu f'Ġerusalemm tas-Sema biex inkantaw il-kantiku tal-verġni u nsieħbu lill-Ħaruf bla tebgħa kull fejn imur"*(159). Din ta' l-aħħar taqbel perfettament ma dak li hemm fl-Apokalissi: *"... huma verġni; huma li jimxu wara l-Ħaruf kull fejn imur"*(Apok.14:4).

Għall-Apokalissi ta' San Ġwann, insibu riferenza oħra, meta kitbet lill-Mons. Alfons Agius, f'ittra ta' Settembru 1942, *"f'dan iż-żmien, it-talba tiegħi u l-meditazzjoni tiegħi huma t-tliet tifħiriet tas-Serafini: Qaddis, Qaddis. Qaddis"*(54), riferenza ċara għal dak li kiteb S. Ġwann dwar *"l-erba' ħlejjaq ħajjin, kull waħda minnhom b'sitt ġwienaħ... lejl u nhar ma jieqfu qatt itennu: Qaddis, Qaddis, Qaddis..."*(Apok.,4:8).

**L-ispirtu Pawlin**

Jidher li Madre Margerita kienet familjari mal-kitbiet ta' l-Appostlu San Pawl. Diġa rajna li kienet taf sewwa l-karatteristiċi ta' l-imħabba vera msemmijin mill-Appostlu fl-Ewwel Ittra lill-Korintin. Bħal San Pawl, li quddiem l-Għerf ta' Alla, fl-Ittra lir-Rumani stqarr: *"Kemm tassew ħadd ma jista' jgħarbel il-ġudizzji tiegħu u jifhem it-triqat tiegħu"*(11:33), Madre Margerita kitbet: *"Kemm huma moħbija l-ġudizzji ta' Alla! Min qatt kien jaħseb li..."*(83), u f'ittra oħra, quddiem ċirkustanzi li ma kienux mistennija, titkellem mit-*"twajjeb Ġesù li permezz tal-ġudizzji moħbija tiegħu, ma ppermettiex li ..."*(90).

Fl-Ittra lill-Filippin, San Pawl sab ruħu *"bejn ħaltejn"* dwar ix-xewqa li jintemm u jkun ma' Kristu jew li jibqa' jgħix fil-ġisem (ara: Fil.1:22-25). Madre Margerita, fl-1941, sabet ruħha f'dilemma bħal din: id-dewmien tagħha f'dan l-*"eżilju"* u x-xewqa tagħha li tmur il-ġenna. Bħal San Pawl, fissret ruħħa bl-istess kliem ta' l-Appostlu, *"jiġu spiss fi ħsibijieti u f'qalbi l-inkwiet tal-kbir appostlu: cupio dissolvi et esse cum Christo (nixtieq nintemm u nkun ma' Kristu)"*(42). Matul iċ-ċelebrazzjoni liturġika tal-Milied u tal-Ġimgħa Mqaddsa, kienet iżżomm ħarsitha fuq Ġesù, fil-mod kif umilja ruħu, u obda sal-mewt tas-Salib, u kienet tinqeda bi kliem San Pawl fil-Kantiku Kristoloġiku ta' l-Ittra lill-Filippin: *"Dak li hu Infinit fil-kobor u fil-majestà, jixxejjen, isir Tarbija ċkejkna...*(78)... *nilmħu wkoll f'dawn il-jiem, lill-maħbub Ġesù tagħna, mimli tgħajjir! Ubbidjenti sal-mewt u sal-mewt tas-salib!"*(79).

Kull meta Madre Margerita kienet tħoss il-ħtieġa li tnebbaħ spirtu ta' kuraġġ f'xi persuna oħra, spiss kienet tinqeda bl-espressjoni pawlina *"ifirħu dejjem fil-Mulej"*(Fil.4:4). Hekk, per eżempju: *"inkomplu 'l quddiem bil-ferħ fil-Mulej"*(93), u *"kuraġġ u nkomplu 'l quddiem, dejjem 'l quddiem bil-ferħ fil-Mulej!"*(108). Jidher ukoll li Madre Margerita kienet taf dak li San Pawl kiteb dwar Abraham: *"Meta ma kellu ebda tama, Abraham ittama u emmen"*(Rum.4:18), tant li f'ittra lill-Vigarja Ġenerali, Sr. Paċifika, quddiem xi nkwiet li nqala' fl-1932, kitbet: *"...jalla l-Mulej jagħtina l-għajnuna meħtieġa f'dawn iċ-ċirkustanzi kritiċi. Ejja nittamaw anke kontra kull tama. Kuraġġ qawwi qawwi, u nkomplu 'l quddiem bil-ferħ fil-Mulej"*(93).

Ħsieb ieħor li Madre Margerita kienet tinqeda ħafna bih fl-ittri li kienet tikteb qrib il-Għid, hu li *"nifhmuha sewwa: mingħajr mewt ma nistgħux inqumu. Għalhekk, immutu mat-twajjeb Ġesù tagħna biex miegħu inkunu nistgħu nqumu għal ħajja ġdida..."*(79), u wkoll: *"jekk immutu mal-Mulej Ġesù, miegħu wkoll inqumu"*(98). Dan il-ħsieb jidher li hu mnebbaħ ukoll mit-tagħlim ta' l-Appostlu San Pawl: *"Intom għandkom tqisu lilkom infuskom mejtin għad-dnub, iżda ħajjin għal Alla fi Kristu Ġesù."*(Rum.6:11).

Bħal San Pawl li wasal biex jistqarr mal-Galatin: *"Ngħix, imma mhux iżjed jien, iżda jgħix fija Kristu"*(2:20), Madre Margerita kienet tixxennaq bla waqfien *"irrid li nkun nista' ngħid fis-sewwa: mhux aktar jien li ngħix, iżda l-ħelu Ġesù jgħix fija"*(30). Flimkien ma' San Pawl ukoll kienet temmen bis-sħiħ fil-verità li stqarr mall-Filippin: *"Għal kollox niflaħ bis-saħħa ta' Dak li jqawwini"*(Fil.4: 13). Fil-fatt, f'ittra tal-1922, Madre Margerita kitbet: *"minn moħħna qatt m'għandħa titwarrab il-verità ta' Missierna San Pawl: kollox nista' bl-għajnuna divina u xejn meta nkun waħdi..."*(145).

Ta' min jistaqsi wkoll hawnhekk: tgħid Madre Margerita kellha f'moħħha x-xewqa ta' San Pawl: *"irrid nagħraf lilu... u nsir nixbhu fil-mewt"*(Fil.3:10), għax *"lil dawk li hu għarafħom mill-bidu, ppredestinahom ukoll biex jieħdu s-sura fuq ix-xbieha ta' Ibnu"*(Rum.8:29), meta kitbet biex fil-formazzjoni tan-novizzi tagħha *"tieqafx tinsisti... biex jagħrfu sewwa ħafna l-kwalitajiet tal-Għarus Imsallab..."*(117) ? Madre Margerita, mnejn kisbet l-ideja li s-Sorijiet tagħha għandhom isiru għarajjes imsallba ta' l-Għarus Imsallab ? Forsi, minn San Pawl ?

San Pawl stqarr: *"aħna nxandru 'l Kristu msallab, skandlu għall-Lhud u bluħa għall-Griegi; iżda għal dawk li huma msejjħin, sew Lhud sew Griegi, Kristu huwa l-qawwa ta' Alla u l-għerf ta' Alla"*(1Kor.1:23-24). U Madre Margerita, spiss kienet tistieden lis-Sorijiet: *"il-ħars tiegħek għandu jkun meqjus sewwa u spiss imdawwar lejn Ġesù Msallab... speċjalment meta tkun imnikkta u ttentata, għandek tfittex il-mistrieħ tiegħek minnu biss"*(130), u wkoll: *"Biżżejjed tħares lejn l-Imsallab biex titgħalllem l-għerf kollu tal-qaddisin"*(142). Bħal San Pawl, Madre Margerita kienet ċerta li Ġesù Msallab hu l-qawwa u l-għerf ta' Alla!

Meta San Pawl kiteb lill-Galatin li *"ma jkun qatt li niftaħar jekk mhux bis-salib ta' Sidna Ġesù Kristu"*(Gal.6:14), kompla, *"li bih id-dinja hi msallba għalija u jien għad-dinja"*(6:14). F'ittra tal-1934, lil Madre Geltrude, Madre Margerita kitbet dwar l-ispirtu ta' ċaħda li għandu jkolllħom ir-reliġjużi u, mbagħad kompliet: *"kif ngħidu fil-vestizzjoni u fil-professjoni: id-dinja hi msallba għalina u aħna għad-dinja. Jiġifieri, id-dinja mhix se tħalli ebda effett fuqna"*(126).

Fuq kollox, nafu li San Pawl kien jagħraf tassew id-diversi *"karizmi"* - doni - li Alla jqassam skond il-ħtieġa tas-sejħat li jagħmel. Lir-Rumani wrihom ix-xewqa tiegħu li *"naqsam magħkom id-doni spiritwali biex inwettaqkom"*(1:11), filwaqt li fakkar lill-Korintin; *"kull wieħed għandu d-doni tiegħu mingħand Alla"*(1Kor.7:7). Ta' min isaqsi wkoll, jekk Madre Margerita kenitx imnebbħa minn San Pawl meta kitbet: *"Intiru, intiru 'l fuq, 'l fuq biex insibu lil Dak li jħobbna u jistenniena biex jimliena bil-karizmi tiegħu, bil-finezzi tiegħu, eċċ."*(156) ? Żgur li Madre Margerita, bħal San Pawl, kienet tagħraf li Alla għandu ħafna *"doni u karizmi"* xi jqassam lill-bnedmin li jitbegħdu mid-dinja u jersqu qribU, li jħalluH jinqeda bihom għall-ġid ta' l-oħrajn!

**Aktar Ħsibijiet Bibliċi**

Fl-umiltà tagħha, Madre Margerita kienet spiss iżżomm fi ħsibijietha li *"il-Mulej sawwar il-bniedem mit-tajn ta' l-art"*(Ġen.2:7), u, minkejja li kienet ħerqana li tkun ħielsa minn kull miżerja umana, min-naħa l-oħra kienet *"tħossha mfixkla mit-tajn"*(58), jiġifieri mill-ġibdiet tal-ġisem, u kienet tagħraf, *"x'estremitajiet: il-Kollox u t-tajn, agħar mix-xejn... iżda x'nagħmel biex nikkorrispondi ma' tant Tjubija, ma' tant Imħabba ?!"*(57). Hi u tagħraf il-limiti umani tagħha, xorta kienet tistinka ma' dak li t-Tjubija Divina kienet titlob minnha.

Immedjatament wara l-waqgħa tal-bniedem fid-dnub, il-Ġenesi jippreżenta l-ubbidjenza ta' Abraham, li dwarha l-Mulej wiegħed lil Abraham: *"... inkattarlek sewwa lil nislek bħall-kwiekeb tas-sema u bħar-ramel f'xatt il-baħar..."*(Ġen.22:17). Madre Margerita żgur li kellha f'moħħha din il-wegħda li Alla għamel lil Abraham, meta f'nota qasira *"X'inhi l-imħabba?"*, kitbet: *"Alla tiegħi, irrid insalva tant erwieħ daqskemm hemm ramel f'xatt il-baħar, daqskemm hemm weraq fis-siġar, kwiekeb fis-sema, raġġi fix-xemx".* Tistħajjel li Madre Margerita kienet tara f'dawk li kienet tagħtihom servizz spiritwali, ulied imnisslin minnha, bħalma l-Iskrittura tara fina lkoll, ulied Abraham..

Minħabba dan kollu, Madre Margerita kienet attenta ħafna għall-iċken sinjal ta' frugħa li jidher fil-komunitajiet tas-sorijiet tagħha. F'ittra tal-1892, qisha ttenni kliem Koħelet: *"O frugħa tal-frugħat, jgħid Koħelet. O frugħa tal-frugħat! Kollox frugħa!"*(1:2), meta tikteb: *"Inħobbuh għax Hu biss biss jistħoqqlu jkun maħbub... il-bqija mhux ħlief frugħa tal-frugħat..."*(138). F'ittra tal-1917, tfisser ix-xewqa tagħha li lill-erwieħ *"ngħinuhom jitbegħdu mill-frugħat tad-dinja ħażina..."*(7), filwaqt li fl-1946, terġa tistqarr: *"...ngħixu l-ħajja ta' l-imħabba safja... il-bqija mhux ħlief frugħa u miżerja"*(174).

Żgur li Madre Margerita kellha fi ħsiebha lil Marija ta' Betanja f'riġlejn Ġesù (ara: Lq.10:38,eċċ), meta kitbet *"inkomplu noqogħdu f'riġlejh, bħallikieku ikun sensibbli għalina"*(145), u meta f'ittra tal-1938, tkellmet mill-*"unum necessarium (l-aħjar sehem)"*(148), kif ukoll meta fl-1945 kitbet lil Sr. Luisa Busuttil: *"... oqgħod attenta li ma jfettillekx twarrab il-ħidma ta' Marija"*(114).

Il-Fundatriċi kellha wkoll f'moħħha l-insistenza tat-talba tal-mara Kangħanija (ara: Mt.15:22,eċċ), meta kitbet: *"Itolbu bħalma talbet il-Kangħanija għal bintha..."*(117), u lix-xebbiet għaqlin tal-Parabbola tal-Vanġelu (ara: Mt. 25:1,eċċ.) meta, fl-1891, qalet lil Sr. Giovanna Fenech: *"...impenja ruħek biex tkun dejjem l-aktar waħda*

*mħeġġa ħalli jirnexxilek issir waħda mix-xebbiet għaqlin"*(130), u wkoll: *"mal-wasla tal-Għarus ikun jista' jdaħħalna mall-ewwel għat-tieġ dejjiemi"*(170).

Meta Madre Margerita, f'ittra tal-1924, fissret ix-xewqa tagħha: *"nittamaw li, xi darba, l-Għarus Ewkaristiku jkollu min jaduraħ fl-ispirtu u l-verità."*(86), żgur li l-Madre kellha f'moħħha kliem Kristu lis-Samaritana: *"Alla huwa spirtu, u dawk li jadurawh għandhom jadurawh fl-ispirtu u l-verita'."*(Ġw.4:24).

**Għeluq**

Nagħlaq dawn il-ftit riflessjonijiet ta' llum dwar il-ħsieb bibliku ta' Madre Margerita, bi kliem is-Salmista: *"Musbieħ għal riġlejja l-kelma tiegħek, Mulej, u dawl fil-mogħdija tiegħi"* (S.119:105). Minn dak kollu li għidna llum nistgħu naslu biex intennu li anke għal Madre Margerita, il-kelma tal-Mulej kif miktuba fil-Bibbja, għalkemm mhux dejjem kienet tikkwotaha eżatt bil-kliem, imma dejjem kienet *"musbieħ"* u *"dawl"* li wrewha d-direzzjoni li kellha tieħu fil-mixja spiritwali tagħha, u li kienet bla waqfien tnebbaħha fit-tagħlim u l-formazzjoni li kienet tagħti lill-oħrajn.

Irrid ukoll insemmi kliem San Ġirolmu, Duttur tal-Knisja, li fil-kummenti bibliċi tiegħu dwar il-Profeta Isaija, stqarr: *"Min ma jafx il-Kotba Mqaddsa ma jafx lil Kristu".* U nafu kemm Madre Margerita kienet taf lil Kristu, u, allura żgur li kienet taf u kienet timmedita sewwa l-Bibbja li, kif rajna llum kienet tnebbaħha f'ħafna mill-ħsibijiet spiritwali tagħha.

Jalla l-Kelma ta' Alla, miktuba fil-Bibbja, li llum hi ħafna eqreb lejna milli kienet fi żmien Madre Margerita, tkun mezz effikaċi li jgħinna nsiru nafu aktar lil Kristu, tkun dawl li jurina d-direzzjoni li rridu nieħdu biex niksbu s-salvazzjoni dejjiema. Nitolbu, biex anke f'dan il-kamp spiritwali, Madre Margerita tkun għalina għallliema li b'tagħlimha u bl-eżempju tagħha tqanqalna biex insibu fil-Kotba Mqaddsa l-għajnuna li neħtieġu fil-mixja spiritwali tagħna.

+++++++++++++

# Madre Margerita u l-Għarus Imsallab (2008)

*"Meta nintrefa' 'l fuq mill-art, jiena niġbed il-bnedmin kollha lejja".* (Ġw. 12: 32).

**Daħla**

Ġesù miet imsallab. Għalhekk is-salib kien l-istrument, l-għodda tal-fidwa, u bil-mewt, bit-tbatija, bid-demm, sar sinjal sensibbli tas-salvazzjoni tagħna. Is-salib ma baqax aktar sinjal ta' saħta, iżda sfida u triq li jwasslu għall-glorja dejjiema, l-ewwel għal Ġesù Kristu, imbagħad għall-kristjani kollha. Dan hu dak li ħabbar Ġesù stess meta qal li mgħolli 'l fuq, imsallab, jiġbed il-bnedmin kollha lejh.

*"Aħna nxandru 'l Kristu msallab, skandlu għall-Lhud u bluha għall-Griegi; iżda għal dawk li huma msejjħin, sew Lhud sew Griegi, Kristu huwa l-qawwa ta' Alla u l-għerf ta' Alla"* (1Kor.1:23-24). F'dan il-kliem, San Pawl fisser ir-reazzjoni spontanja ta' kull bniedem quddiem il-qawwa salvifika tas-Salib. Setgħet is-salvazzjoni tasal lid-dinja Griega-Rumana permezz tas-salib, kastig mogħti lill-ilsiera, u mhux biss mewta kiefra, imma saħta ? Setgħet is-salvazzjoni tasal lid-dinja Lhudija permezz ta' ġisem mejjet li l-kuntatt miegħu kien xi ħaġa mpura, li kien jeħtieġ tissaffa malajr ? Setgħet is-salvazzjoni tasal minn bniedem ikkundannat, li fuqu kien iġib il-marka tas-saħta u mdendel fuq forka ? Dawk kollha li kienu fuq il-Kalvarju waqqgħu għaċ-ċajt lill-Imsallab u qalulu biex jinżel minn fuq is-Salib. Pietru li sema' lil Ġesù jitkellem dwar il-Passjoni, ried ibiegħdu minnha (ara: Mt. 16:22) u kif ħabbar Kristu, *"...lkoll kemm intom se titħawwdu minħabba fija f'dan il-lejl"* (Mt.26:31). Iżda, mbagħad, imsaħħin mill-qawwa ta' l-Ispirtu ta' Kristu Rxoxt, ilkoll għarfu l-qawwa fejjieda tas-Salib, ta' l-Imsallab. Ilkoll, b'mod jew ieħor, stqarrew dak li Pawlu kiteb lill-Kolossin: *"Alla għoġbu jerġa jħabbeb kollox miegħu bid-demm tiegħu (ta' Kristu), mxerred fuq is-salib"*(Kol.1:20).

**Madre Margerita**

Fl-okkażżjoni ta' llum, inġbarna hawn biex infakkru l-55 Anniversarju mill-Mewt tal-Qaddejja ta' Alla, Madre Margerita De Brincat, Fundatriċi tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù. Infakkru dan l-Anniversarju bil-għan li nroddu ħajr 'l Alla li tahielna b'dak kollu li għaddielna permezz tagħha, u bil-għan ukoll li nitgħlmu mill-patrimonju spiritwali tagħha li ħallitilna, partikularment permezz tal-kitbiet tagħha.

Fost il-ħafna riflessjonijiet teoloġiċi li jolqtuna fl-ispiritwalità kristoloġika ta' Madre Margerita, hemm dawk dwar Ġesù Msallab, jew aħjar, kif kienet issejjaħlu hi, dwar l-*"Għarus Imsallab".* L-Imsallab kien għal Madre Margerita dak li kien għall-Beatu Ġorġ Preca, il-*"ktieb il-kbir"* tagħha. Kull meta kienet tiftaħ dan il-ktieb, billi kif kienet tħobb tistieden lill-oħrajn ukoll, titfa' ħarsitha fuqu, kienet titfarraġ, titqawwa, issib l-għerf spiritwali

li jweżinha u juriha direzzjoni ċara. *"Ingħaqad biss mal-ħelu Għarus Imsallab"*(130), *"Inħobbu l-Għarus Imsallab tagħna u nifirħu meta nħossuna meqjusa ta' għarajjes veri tiegħu, billi jgħabbina bis-slaleb tiegħu"*(133), huma x'uħud mill-istediniet li kienet tħobb tagħmel lis-Sorijiet tagħha. L-Imsallab kien għal Madre Margerita, dak li kien għal San Pawl Missierna, dak li kien għal San Ġwann, Appostlu u Evanġelista.

**San Pawl u l-Imsallab**

Waħda mill-karatteristiċi tat-Tejoloġija ta' l-Imsallab, f'San Pawl Appostlu, hi li San Pawl jagħraf il-qawwa u l-għerf ta' Alla, f'Ġesu Msallab. Fl-Ewwel Ittra lill-Korintin, għamilha ċara: *"Kristu huwa l-qawwa ta' Alla u l-għerf ta' Alla. għax il-bluha ta' Alla hija għarfa aktar mill-bnedmin, u d-dgħufija ta' Alla hija aqwa mill-bnedmin"*(1Kor.1:24-25). Bħala riżultat ta' dan, San Pawl stqarr bla tlaqliq: *"ma ppretendejtx li kont naf xi ħaġa fostkom, ħlief lil Ġesù Kristu, u 'l dan imsallab"*(1Kor.2:2). Lill-Galatin kitbilhom: *"Ngħid għalija, ma jkun qatt li niftaħar jekk mhux bis-salib ta' Sidna Ġesù Kristu"*(Gal.6:14).

Madre Margerita, imnebbħa minn San Pawl, jew inkella mlibbsa l-istess sentimenti qaddisa tiegħu dwar Ġesù Msallab mill-Ispirtu s-Santu, kienet tagħraf li l-Imsallab hu għajn ta' qawwa u, allura, spiss kienet tistieden lis-Sorijiet: *"il-ħars tiegħek għandu jkun meqjus sewwa u spiss imdawwar lejn Ġesù Msallab... speċjalment meta tkun imnikkta u ttentata, għandek tfittex il-mistrieħ tiegħek minnu biss"*(130). L-istess nistgħu ngħidu dwar l-Imsallab bħala l-għerf ta' Alla. Madre Margerita darba kitbet: *"Biżżejjed tħares lejn l-Imsallab biex titgħallem l-għerf kollu tal-qaddisin"*(142). Il-ħarsa lejn Ġesù Msallab kienet għajn ta' qawwa, għajn ta' għerf għal Madre Margerita, u kienet il-mediċina spiritwali li kienet toffri lis-Sorijiet tagħha meta mnikktin, ittentati, qalbhom maqtugħa.

U jekk San Pawl iddikjara li ma kien jippretendi li jaf xejn ħlief lil Ġesù Msallab u li bih biss jiftaħar, Madre Margerita kienet tinsisti bla waqfien li fil-formazzjoni tas-Sorijiet tagħha jeħtieġ *"li jsir dak kollu possibbli biex nittrasformawlhom qalbhom f'dik tal-ħelu Maħbub Imsallab"* (117), u kienet tixxennaq li *"jkollna x-xorti li narawhom ilkoll innamrati mill-Għarus Imsallab Ġesù"*(117). Dan kollu riditu, għax bħal San Pawl, kienet aktar minn ċerta li "*mill-Għarus Imsallab jixorbu l-għana tal-ħajja spiritwali"*(116), kif kitbet lil Suor Dionisia, majjistra tan-Novizzi fid-dar ta' Ruma, fl-1933.

**San Ġwann Appostlu u l-Imsallab**

Fil-ħsieb ta' San Ġwann Appostlu, is-salib hu xi ħaġa aktar minn tbatija u umiljazzjonijiet: hu l-antiċipazzjoni tal-glorja divina. San Ġwann jurina li fis-Salib, Ġesù hu diġà rebbieħ. Biex jurina din ir-rebħa jinqeda bl-istess kliem li sa dakinhar, l-Atti ta' l-Appostli mar juża biex ifisser it-tlugħ ta' Ġesù fis-sema, bħal *"Il-Mulej qal lil Sidi: Oqgħod fuq il-lemin tiegħi, sa ma nkun qegħedt l-għedewwa tiegħek taħt riġlejk"*(Atti:2:35), u: *"Alla għollieħ bil-leminija tiegħu u għamlu kap u salvatur, biex jagħti lil Iżrael l-indiema u l-maħfra tad-dnubiet"*(Atti:5:31). Għalhekk Ġwanni jurina lil Ġesù jistqarr: *"Meta terfgħu 'l fuq lil Bin il-bniedem, mbagħad tagħrfu li jiena hu..."*(Ġw.8:28), u wkoll: *"U meta nintrefa' 'l fuq mill-art, niġbed il-bnedmin kollha lejja"*(Ġw.12:32). Mela, skond San Ġwann, Ġesù, Bin il-bniedem ġie merfugħ 'l fuq bħas-serp tal-bronż il-ġdid *"biex kull min jemmen fih ikollu l-ħajja ta' dejjem"*(Ġw.3:15), biex jirbaħ. Fir-rakkont tal-Passjoni skond San Ġwann, Ġesù jersaq lejn is-Salib b'mod solenni, jitla' fuqu rebbieħi, għax fuq is-salib *"radd ruħu"*(Ġw.19:30), jiġifieri, ta l-Ispirtu tiegħu u waqqaf il-Knisja; u minn ġenbu minfud *"ħareġ demm u ilma"*(Ġw.19:34) u ħallielna s-Sagramenti tiegħu. Minn dak inhar *"huma għad iħarsu lejn min nifdu"*(Ġw.19:37), għax l-Imsallab hu r-rebħa salvifika għall-bnedmin kollha, li jekk iridu jirbħu ma jistgħux ma jimxux fit-triq tar-rebħa murija minnu.

Madre Margerita kienet temmen bis-sħiħ li Ġesù Msallab hu garanzija ta' rebħa u li timxi wara Ġesù Msallab ifisser tirbaħ. F'ittra ta' Diċembru 1921 kitbet: *"Jaqbel li għalissa nġorru xi salib, filwaqt li fil-ħajja l-oħra nithennew għal dejjem"*(65). F'ittra lil waħda mill-Komunitajiet tagħha, stqarret b'ċertezza: *"Ftit tbatija, li timxi fuq il-passi ta' Ġesù mgħallem tagħna, jiswa, tassew, lin-natura mħassra tagħna. Iżda din biss hi t-triq li twassal fis-sema. Għalhekk, jew nimxu wara Ġesù billi kull waħda ġġorr salibha, jew niċħdu għas-saltna tas-sema"*(V8). Kif San Ġwann uriena lil Ġesù jersaq lejn is-Salib b'mod solenni u jitla' fuqu rebbieħi, hekk Madre Margerita kitbet lil waħda Soru marida fl-1892: *"Oh! kemm hu għażiż in-nifs meħud fuq is-siġra tas-salib flimkien mal-Maħbub waħdieni ta' qalbna. Oh! kemm hu siewi li toqgħod waħdek mal-Maħbub, tbati bl-imħabba!... Oh! tixjin hieni li fuqu tinbena is-saltna ta' l-imħabba safja. Jekk nemmnu dan, kull salib ċkejken li jingħatalna, ma jkunx għalina ta' hena mill-akbar ?"*(138). Skond Madre Margerita kull salib ċkejken hu rebħa oħra fit-triq li twassal lejn ir-rebħa dejjiema!

F'Madre Margerita, l-espressjoni ta' San Ġwann *"Għad iħarsu lejn min nifdu"*(Ġw.19:37), saret: *"itfgħu ħarsa lejn is-Salib meta tkunu mnikktin jew imfixkla mill-passjonijiet tagħkom, u hemm issibu lill-Għarus Ġesù tagħkom umiljat: minn hemm żgur jiġikom il-kuraġġ meħtieġ biex timitawh"*(V8). Madre Margerita, bħal San Ġwann, kienet tara f'Ġesù Msallab, lil dak li *"ħareġ rebbieħ biex jirbaħ"*(Apok.6:2), lil dak li hu garanżija tar-rebħiet tagħna.

**Il-Fqajjar ta' Assisi u l-Imsallab**

Fil-mixja spiritwali ta' San Franġisk ta' Assisi, l-ewwel laqgħa kienet ma' Ġesù Msallab. L-Imsallab ta' San Damjan wera lil Franġisku s-sejħa li jibni u jġedded il-Knisja ta' Kristu. Din id-dehra ta' Kristu Msallab baqgħet miexja ma' Franġisku, wasslitu biex jifhem il-ħtieġa tat-tbatija biex kull ħidma tagħti l-frott tagħha, sakemm Franġisku sar ħaġa waħda ma' l-Imsallab fuq il-għolja tal-Verna.

Tumas ta' Ċelano jirrakkonta li meta Franġisku ta' Assisi kien marid ħafna u mimli uġiegħ ma' ġismu kollu, stqarr bi kliem Pawlu lill-Korintin: *"Jiena naf lil Kristu fqir u msallab"* (F.F.,825), filwaqt li fil-*"Legenda Monacensis"* naqraw li *"waħda wara l-oħra, l-umiltà ta' l-Inkarnazzjoni ta' Ġesù Kristu u l-ogħla karita' tal-Passjoni tiegħu kienu jokkupaw il-moħħ tiegħu l-ħin kollu, hekk li qajla kien jaħseb fuq ħwejjeġ oħra"*(F.F.,1850). Quddiem l-Imsallab, Franġisku kien jitlob: *"O Alla l-aktar għoli u glorjuż, dawwal id-dlamijiet ta' qalbi. Sawwab fija fidi retta, tama ċerta u mħabba perfetta. Agħtini, Mulej, li nħoss u nagħraf lilek, biex nagħmel ir-rieda vera u qaddisa tiegħek"*(F.F.,144). Il-Fqajjar ta' Assisi, kien isib f'Ġesù Msallab, l-għajn li ssaqqi l-ħajja spiritwali tiegħu.

Quddiem l-Imsallab ta' San Damjan, Franġisku stampa f'qalbu t-tbatijiet tal-Fidwa, qabel ma' dawn ġew stampati f'ġismu fuq il-Verna. Quddiem din il-verita', Franġisku xxennaq bil-qawwa kollha, u talab bil-ħeġġa li jġarrab f'ruħu u ġismu dak li ġarrab Ġesù waqt il-Passjoni, u li jitkebbes b'dik l-imħabba kbira li l-Iben ta' Alla kellu għalina l-midinbin.

Madre Margerita, bint denja tal-Fqajjar ta' Assisi, li kienet tixtieq li *"il-Mulej iħares lis-Sorijiet fis-sempliċita' franġiskana tagħhom u jagħmel li jikbru fl-imħabba qaddisa tiegħu"*(88), hi u żżomm ħarsitha fuq Ġesù Msallab, kienet tagħraf li *"dak kollu li nistgħu nagħmlu u nbatu għal Dak li miet imsallab għalina, hu ftit"*(163) u bħal Franġisku t'Assisi kienet tħoss il-ħtieġa li *"inħobbuħ b'imħabba safja u dan ikun biżżejjed"*(79). Quddiem l-imħabba ta' l-Imsallab, bħal Franġisku, kienet tħoss li għandha tħobb b'imħabba safja.

**L-Imsallab: Glorja tan-nisrani**

Fil-ħajja ta' kuljum tan-nisrani, il-*"bniedem il-qadim"* hu msallab, biex hu jkun ħieles għal kollox mid-dnub. Din hi r-rebħa ta' Kristu Msallab fin-nisrani. Ir-raġunar tan-nisrani hu ttrasformat mill-għerf ta' l-Imsallab. U skond dan ir-raġunar, in-nisrani jimxi fuq l-eżempju ta' Kristu, umli u ubbidjenti sal-mewt, anzi sal mewt tas-salib (ara; Fil.:2:1-8). Kien għalhekk li San Pawl, meta kiteb dwar dan il-punt, stieden, anzi ordna: *"aħsbu bħalma kien jaħseb Kristu Ġesù"*(Fil-2:5). U Madre Margerita, fil-jiem tal-Ġimgħa Mqaddsa, f'ittra mingħajr data, tinsisti: *"F'dawn il-jiem qaddisa naraw lill-maħbub Ġesù tagħna kollu mgħajjar, ubbidjenti sal-mewt tas-salib. X'irridu aktar biex inkissru għal kollox is-suppervja tagħna; jiġifieri, l-amor proprju tagħna?"*(79).

In-nisrani, bħala mudell ta' ħajja, għandu jħares lejn Ġesù, *"li tgħabba bi dnubietna sa fuq is-salib, biex aħna mmutu għad-dnubiet u ngħixu għall-ġustizzja"*(1Pt.2:24). Madre Margerita għarfet l-importanza ta' dan il-mudell u ħsiebha kien li hi u s-Sorijiet tagħha, *"nersqu eqreb lejn l-Għarus ("appassionato" = "imġarrab" jew miġnun bl-imħabba għalina") tagħna biex nitgħalllmu nbatu bl-imħabba u nħobbu bit-tbatija"*(163). F'ittra oħra tal-1921, stqarret li minn Ġesu Msallab *"mill-ħelu Maħbub tagħna, tgħalllimna nbatu kull xorta ta' tbatijiet"*(142).

L-insara għandhom iħaddmu l-attenzjoni kollha tagħhom biex ma jkun qatt li jwarrbu lil Kristu u, b'hekk, kif naqraw fl-Ittra lill-Lhud, *"jerġgħu jsallbu lill-Iben ta' Alla u jwaqqgħuh għat-tmaqdir"*(6:6). L-għajta fiduċjuża ta' kull nisrani għandha tkun dik ta' San Pawl: *"ma jkun qatt li niftaħar jekk mhux bis-salib ta' Sidna Ġesù Kristu"*(Gal.6:14). Bħal Madre Margerita jeħtieġ inkunu ċerti li *"mill-Għarus Imsallab ma nistgħux nistennew kuruni tal-ward"*(166), u li *"jeħtieġ li nbatu bil-qalb is-slaleb ċkejkna li Hu jibgħatilna biex jwassalna nirbħu is-sema"*(V7).

Ir-relazzjoni tan-nisrani ma' Ġesù Msallab hi fundamentali għas-salvazzjoni. Il-kmand ċar ta' Ġesù:*"Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu kuljum u jimxi warajja"*(Lq.9:23), jeħtieġ li jittieħed bl-akbar serjeta' minn kull nisrani u jsir n-norma fundamentali ta' ħajtu. Fil-ħajja ta' Madre Margerita, Ġesù Msallab sar l-Għarus Imsallab li fuq is-Salib uriena xi jfisser tħobb, u, għalhekk tikteb dwar *"l-Għarus Imsallab għall-imħabba tagħna"*(75), tixxennaq li *"tmut imsallba ma' l-Għarus Imsallab, ladarba din hi l-prova ta' l-imħabba vera"*(43), tistieden lis-Sorijiet: *"ejjew inħobbu lill-ħelu Ġesù Għarus Imsallab u, biex inħobbuh tassew, jeħtieġ li nkunu msallba miegħu"*(70), u, fuq kollox tfisser li *"ejjew inħobbu l-Imħabba tfisser ejjew inbatu għall-Imħabba"*(141).

**L-Imsallab: mudell tal-Ħajja Reliġjuża**

Meta Madre Margerita titkellem dwar il-Ħajja Reliġjuża tagħmilħa ċara li *"l-għan li għalih Ġesù Kristu sejħilna fil-ħajja reliġjuża hu li jagħmilna bħalU, Imsallab"*(V7), u, minħaba f'hekk tkompli tfisser li *"l-Għarusa, mingħand l-Għarus Imsallab ma tistax tistenna kuruni tal-ward"*(166). Ir-rikonoxxenza għall-vokazzjoni reliġjuża, għandha ssir impenn qawwi *"għal ħajja mill-aktar qaddisa, mill-aktar safja u mill-aktar issagrifikata kif jixraq lil għarusa fidila ta' l-Imsallab"*(105). L-istess konsagrazzjoni reliġjuża, fil-ħsieb ta' Madre Margerita hi tisliba ma' l-Għarus Imsallab. *"Hekku fl-aħħar imsallba ma' l-Għarus Imsallab"*(128), kitbet lil Sr. Giuditta Żammit fl-1930, fl-okkażżjoni tal-Professjoni Reliġjuża tagħha.

Lil dawk responsabbli mill-formazzjoni tan-Novizzi, ma kenitx ħlief tħeġġiġhom *"biex jgħalllmu lin-novizzi jimmeditaw il-Passjoni u l-Mewt tal-wisq ħelu Għarus Imsallab tagħna u li jifhmu sewwa it-tifsira vera ta' l-*

*imħabba safja"*(116), Għax, kif kitbet f'ittra oħra, *"il-vera korrispondenza tikkonsisti fl-imħabba safja ta' għarajjes veri u qaddisa ta' Alla tliet darbiet qaddis, ta' Għarus Imsallab għal imħabbitna"*(75). U, għalhekk, qatt ma kienet tixba' tappella: *"Ningħataw kollna kemm aħna għall-qdusija li hi l-ambizzjoni vera u waħdanija ta' l-għarajjes veri u fidili ta' l-Imsallab"*(97).

Lis-Sorijiet tagħha li bħala parti mill-abitu reliġjuż tagħhom għandhom ix-xbieha ta' Ġesù Msallab imdendla ma għonqhom, kienet tfakkarhom: *"fittex li tiddistakka ruħek dejjem aktar mill-ħwejjeġ maħluqa u minnek innifsek u ngħaqad biss mal-ħelu Għarus Imsallab li miegħu int tgħarrast għal dejjem u li ġġib fuq sidrek mhux bħala tiżjin, imma biex tiftakar fit-tislib miegħek li Hu bir-raġun kollu jippretendi"*(130). Relazzjoni oħra ma' l-Għarus Imsallab li kienet tilmaħ fil-karizma fundamentali tal-Kongregazzjoni tagħha, kienet dik li jissieħbu miegħu Imsallab fit-tpattija għad-dnubiet tal-bnedmin, fl-ispirtu ta' riparazzjoni. F'ittra miktuba fl-1924, tirreferi għall-Professjoni Reliġjuża ta' Sr. Celeste u tgħidilha: *"Kuraġġ qawwi, qawwi, ingħaqad mal-ħelu Għarus Imsallab biex tkun dik li tfarrġu, dik li tagħmillu riparazzjoni; insomma, fejn hu jkun jista' jistrieħ bil-kumdita' kollha"*(69).

**Għeluq**

Darba waħda, il-poeta Ingliż, Alfred Tennyson, waqt li kien jivvjaġġa, waqaf biex jara ħabiba tal-familja tiegħu. Bil-mod ġentili tiegħu staqsieha jekk kienx hemm xi aħbar speċjali. Dik weġbitu: *"Safejn naf jien, hemm aħbar waħda: li Ġesù Kristu miet fuq is-Salib għall-bnedmin kollha"*. Il-poeta kompla: *"iva, tassew: dik aħbar antika u aħbar tajba u aħbar ġdida"*. Ġesu Msallab hu l-qofol tal-Bxara t-Tajba tas-salvazzjoni!

Hekk kif qed infakkru lil Madre Margerita, li fl-Għarus Imsallab sabet it-tifsira vera tal-konsagrazzjoni reliġjuża tagħha, jalla nifhmu lkoll kemm aħna din il-verità mportanti dwar li l-Imsallab hu l-aqwa Bxara t-Tajba tas-salvazzjoni tagħna, u jalla ngħixuha fil-prattika billi nagħmlu minn Ġesù Msallab is-sehem waħdieni tagħna u x-xorti l-aktar għażiża tagħna.

++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++

# Għid u Ewkaristija

Il-Papa Ġwanni Pawlu II fl-Enċiklika tiegħu *"Ecclesia de Eucharistia"*, fost l-oħrajn qalilna li l-Quddiesa hi: *"It-tiġdid sagramentali mill-ġdid tas-sagrifiċċju ta' Kristu nkurunat mill-qawmien tiegħu"*(15). Mela, fis-Sagrifiċċju Ewkaristiku tal-Quddiesa, niċċelebraw mhux biss il-Passjoni u l-Mewt tal-Mulej, iżda wkoll il-Qawmien tiegħu mill-mewt. Hu għalhekk li fl-akklamazzjoni ta' wara l-Konsagrazzjoni, intennu flimkien: *"Inħabbru l-mewt tiegħek, Mulej, inxandru bil-ferħ il-qawmien tiegħek".*

Din il-verità, li fil-Quddiesa niċċelebraw il-passjoni, il-mewt u l-qawmien tal-Mulej, ikompli jgħallimna l-Papa fl-istess Enċiklika, hi *"garanzija tal-qawmien li għad irid jiġi u hi ġejja mill-fatt li l-Ġisem ta' l-Iben t'Alla, mogħti bħala ikel, huwa l-Ġisem irxuxtat tiegħu fl-istat glorjuż. Permezz ta' l-Ewkaristija nduqu, biex ngħidu hekk, is-"sigriet" tal-qawmien"*(18). Hawnhekk il-Papa semmielna wkoll dak li qal Sant'Injazju ta' Antjokja li l-Ħobż Ewkaristiku hu *"antidotu kontra l-mewt".*

Għalhekk ninnutaw li d-duwalità tal-misteru tal-Għid – mewt u qawmien – hi evidenti u dinamika fil-misteru Ewkaristiku. U din il-verità jeġtieg issir l-impenn sħiħ ta' kull min jiċċelebra l-Għid biċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija fil-Quddiesa. Madre Margerita kienet tassew konxja ta' din il-verità, kif ninnutaw mill-kitbiet tagħha, partikularment minn dawk lid-Diretturi Spiritwali.

Spiss kienet titlobhom: *"Irrikkmandani bil-ħeġġa fis-Sagrifiċċju Qaddis biex tingħatali l-grazzja li nintemm kollni kemm jien fil-fjammi ta' l-imħabba divina"*(6), jew, *"Berikni u offrini vittma fis-Sagrifiċċju Qaddis biex inkun ppurifikata u mbagħad ikkunsmata"*(11). Madre Margerita, kif jidher minn dawn iż-żewġ siltiet u minn oħrajn bħalhom, kienet trid tmut u tirxoxta waqt l-Quddiesa, kienet trid tgħix id-duwalità tal-Għid, matul ħajjitha, bi tħejjija għall-Għid dejjiemi tal-Ġenna.

L-eżempju tagħha jista' jgħinna niċċelebraw aħjar il-Quddiesa tagħna u b'hekk inkunu qed napprofittaw tassew minn dak li ried minna lkoll il-Papa Gwanni Pawlu II fit-tagħlim li ħallielna dwar l-Ewkaristija.

# MADRE MARGERITA U L-ISPIRTU PAWLIN (2009)

## (fl-okkażżjoni tas-Sena Pawlina 2008/2009)

**Daħla**

Infakkru dan l-Anniversarju tal-Mewt ta' Madre Margerita, fis-Sena Pawlina. Dan għandu xi tifsira għalina ?... Fid-diskors tiegħu lill-prelati u uffiċjali tal-Kurja Rumana, fit-23 ta' Diċembru 2008, il-Papa Benedittu XVI, fost l-oħrajn, fakkar is-Sena Pawlina li qegħdin fiha u qal: *"Pawlu mhux għalina figura ta' l-imgħoddi. Bl-Ittri tiegħu, għadu jkellimna llum. U min jidħol fi djalogu miegħu jħossu mbuttat minnu lejn Kristu msallab u rxuxtat. Is-Sena Pawlina, għalhekk, hi sena ta' pellegrinaġġ, mhux biss fis-sens ta' vjaġġ lejn il-postijiet pawlini, iżda wkoll, u fuq kollox, pellegrinaġġ tal-qalb, flimkien ma' Pawlu, lejn Ġesù".* Bħal San Pawl, l-Ittri ta' Madre Margerita għadhom ukoll ikellmuna u jgħinuna f'dan il-vjaġġ spiritwali tagħna.

Fid-diskors tal-ftuħ tas-Sena Pawlina, fil-Bażilika ta' *San Paolo fuor le Mura* ta' Ruma, fid-29 ta' Ġunju 2008, il-Papa ppreżenta tliet ħsibijiet minn San Pawl li jgħinuna f'dan il-pellegrinaġġ spiritwali. Qal: *"Insaqsu lilna nfusna: min hu Pawlu? X'qed jgħidli?... Nixtieq nagħżel (kompla l-Papa) tliet siltiet mix-xhieda għanja tat-Testment il-Ġdid, li fihom tidher il-fiżonomija ġewwinija ta' Pawlu, dik li hi speċifika dwar il-karattru tiegħu. Fl-Ittra lill-Galatin tana stqarrija personali ta' fidi li fiha fetaħ qalbu mal-qarrejja ta' kull żmien u wera l-għajn li minnha ħajtu kienet qed tixrob: "Il-ħajja li issa ngħix fil-ġisem qiegħed ngħixha bil-fidi fl-Iben ta' Alla, li ħabbni u ta lilu nnifsu għalija"(Gal. 2:20).Kull ma għamel Pawlu jitlaq miċ-ċentru, mill-imħabba ta' Kristu. Il-fidi tiegħu hi li ġie msaħħar u maħkum mill-imħabba ta' Kristu".* Kien minħabba dan li San Pawl jinsisti b'qawwa li l-imħabba tagħna bi tweġiba għal din l-imħabba hi l-milja tal-liġi, hi l-qofol tal-perfezzjoni.

It-tieni ħsieb tal-Papa jirreferi għall-konverżjoni ta' San Pawl meta Ġesù qallu: *"Sawl, Sawl, għaliex qiegħed tippersegwitani ?"*(At.9,4). Waqt li kien jippersegwita lill-Knisja, Pawlu kien qed jippersegwita lill-istess Kristu. Ġesù jidentifika ruħu, juri ruħu ħaġa waħda mal-Knisja. F'dan il-kliem ta' Kristu għandna t-tagħlim kollu dwar il-Ġisem Mistiku ta' Kristu li Pawlu, imbagħad, fisser tant tajjeb fl-Ittri tiegħu. Il-Knisja mhix sempliċi għaqda b'idejal partikulari, imma hi konformità, hi dawk li jsiru ħaġa waħda ma' Kristu mejjet u rxuxtat. "*Ma tafux li l-iġsma tagħkom huma membri ta' Kristu ?"* (1Kor.6, 15), u wkoll meta tkellem mill-Ewkaristija, tifkira tal-

misteru paskwali tiegħu, kiteb: *"Il-ħobż li naqsmu mhuwiex għaqda mal-Ġisem ta' Kristu ?"*(1Kor.10:16). Kien minħabba din l-għaqda ma' Kristu, li San Pawl ried isir ħaġa waħda ma' Kristu mejjet u rxuxtat, u spiss kien ifakkar u għadu jfakkar lid-dixxipli ta' Kristu: *" intom inżajtu mill-ġisem tad-dnub; ndfintu miegħu bil-magħmudija u fil-magħmudija rxuxtajtu miegħu" (Kol.2:11-12).*

Fit-tielet ħsieb il-Papa qalilna: *"Waħda mill-aħħar sentenzi ta' San Pawl hi l-eżortazzjoni lil Timotju mill-ħabs, meta kien qed jistenna l-mewt: "aqsam mieghi t-tbatijiet għall-Evanġelju" (2Tim.1:8). Dan jaqbel ma' dak li Kristu qal lil Ananija meta ġie mibgħut jgħammed lil Pawlu: "Mur għax dan ir-raġel hu għodda magħżula minni… Jien stess għad nurih kemm irid ibati minħabba ismi"(At.9, 15-16). Is-sejħa biex ikun mgħallem tal-Ġnus hi fl-istess ħin sejħa għal komunjoni ma' Kristu fi tbatijietu. M'hemmx imħabba mingħajr tbatija".* Kien għalhekk li l-għażla ta' Pawlu kienet *"issallabt ma' Kristu"* (Gal.2, 20) u, *"irrid naqsam miegħu t-tbatijiet tiegħu, u nsir nixbhu fil-mewt, biex jirnexxili nikseb il-qawmien mill-imwiet"* (Fil.3, 10-11). Kristu Msallab sar il-ftaħir u r-regola ewlenija tal-ħajja ta' Pawlu.

**Madre Margerita**

Inġbarna hawn, illum it-22 ta' Jannar, biex infakkru s-57 Anniversarju mill-mewt ta' Madre Margerita, Fundatriċi tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù li ġrat f'din id-data ta' l-1952, hawn fil-"Casa Madre" tal-Kongregazzjoni tagħha, filgħodu kmieni. Infakkru dan l-Anniversarju b'radd il-ħajr u b'imħabba, hekk kif qed niċċelebraw mal-Knisja Universali din is-Sena Pawlina, bil-għan preċiż li naraw kemm Madre Margerita kienet tassew milquta mill-ispirtu qaddis ta' l-Appostlu Missierna San Pawl. Dan kollu naslu għalih, mhux biss għax Madre Margerita, fl-ittri tagħha spiss tikkwota lil San Pawl, imma wkoll u fuq kollox, għax dawn it-tliet ħsibijiet li l-Papa Beneditti semma' dwar l-Appostlu tal-Ġnus fil-bidu tas-Sena Pawlina u li *"jiffurmaw il-fiżonomija spiritwali tiegħu"*, nistgħu ngħidu li kienu jiffurmaw ukoll il-*"fiżonomija spiritwali"* ta' Madre Margerita. Iva, San Pawl u Madre Margerita jixxiebhu tassew!

**Iċ-ċentralita ta' l-imħabba**

Pawlu, f'kollox, kien dejjem jitlaq mill-imħabba ta' Alla kif murija fi Kristu. Il-ħajja li għex kienet mibnija fuq *"l-Iben ta' Alla, li ħabbni u ta lilu nnifsu għalija"*(Gal. 2:20). Fl-Ewwel Ittra lill-Korintin (13, 4 eċċ.), imbagħad, f'dak li ġie msejjaħ l-*Innu Pawlin ta' l-imħabba,* iddeskrivielna b'liema kwalitajiet għandha tkun imżejna l-imħabba tagħna biex nikkoperaw bis-sħiħ ma' din l-imħabba ta' Alla għalina.

Quddiem dan kollu min jiddubita mill-ispirtu pawlin ta' mħabba li kien imexxi lil Madre Margerita, meta naqraw fl-ittri tagħha, espressjonijiet bħal dik ta' Pawlu: *"Kemm ħabbna l-Missier etern divin meta tana rigal tant għażiż, bħalma hu l-Waħdieni tiegħu!!!"*(86)? Jew inkella meta kienet tfisser ruħha b'espressjonijiet bħal *"Għaġeb tant kbir ta' mħabba lejn ħlejjaq tant fqajrin, mill-Mulej tant qaddis u kbir"*(71), u wkoll: *"Oċejan ta' mħabba, ta' mħabba nfinita, ta' mħabba eternal… dik il-Qalb li tiġbor fiha n-nar kollu ta' l-imħabba divina"*(37)? U meta, imbagħad, naqraw l-insistenza tagħha biex *"inħobbu l-Imħabba"* u dan *"bl-għemejjel u fis-sewwa, jiġifieri bis-sagrifiċċji, biċ-ċaħda tal-ġudizzju proprju, anke fl-affarijiet iż-żgħar, bl-imħabba ta' l-aħwa u bil-mogħdrija ta' xulxin fid-dgħufija…"*(64), u tkompli tfisser *"nawguralkom imħabba safja, imħabba ġeneruża, imħabba qawwija"*(64), ma tistħajlekx qed taqra lil San Pawl meta jfisser dwar l-imħabba li *"ma tifraħx bl-inġustizzja imma tifraħ bil-verita",* l-imħabba li *"taf tistabar u tħenn, mhijiex għajjura, ma tintefaħx biha nfisha, ma titkabbarx fuq l-oħrajn, ma tagħmelx dak li mhux xieraq, ma tfittixx dak li hu tagħha; xejn ma tinkorla, ma żżommx f'qalbha"*(1Kor. 13,4-6), u l-kumplament ?   U meta taqra kliem Madre Margerita li bih

tagħmel stediniet qawwija biex *"inħobbu lilu biss biss* (128)…*inħobbuĦ* (117)*… inħobbu…*(115)*… nixtieq narah maħbub, adurat u dejjem u minn kulħadd meqjum… bħala l-Kollox"*(109), u dejjem tispiċċa bl-espressjoni *"u dan biżżejjed"*(143) ma tistħajlekx qed taqra kliem San Pawl li *"l-imħabba hi l-milja tal-liġi"*(Rum. 13, 10) jew li *"l-imħabba hi l-qofol tal-perfezzjoni"*(Kol.3, 14), għax l-imħabba vera hi biżżejjed biex niksbu l-perfezzjoni? Tassew ikollna ngħidu li Pawlu u Madre Margerita huma żewġ persuni li setgħu jgħidu b'ċerta determinazzjoni dak li nsibu fl-Ittra lill-Korintin *"l-imħabba ta' Kristu ssuqna"*(2Kor.5,14), u ssuqna lejn fejn? Issuqna biex iseħħ dak li Madre Margerita kienet tixxennaq għalih bla waqfien, jiġifieri, biex: *"Inħobbu l-Imħabba li mhix maħbuba għax mhix magħrufa; għalhekk nagħmlu li tkun magħrufa u żgur issir maħbuba"*(1).

Fejn San Pawl, fl-Ewwel Ittra lill-Korintin stqarr: *"Kieku kelli nqassam ġidi kollu fil-karità u nagħti ġismi għall-ħruq bla ma jkolli mħabba, xejn ma jiswieli"* (1Kor.,13, 3), Madre Margerita bħal tirrepeti dan il-ħsieb meta kitbet lil Sr. Nazzarena Gouder meta din għamlet il-Professjoni: *"M'hemmx bżonn ngħidlek biex tagħmel kollox bl-imħabba, għall-imħabba u fl-imħabba, għax int taf aktar minni li l-Maħbub tagħna ma jogħoġbuhx għemejjel li ma jsirux bl-imħabba, anke jekk ikun l-aktar imsemmija"*(105). Meta fl-1924 kitbet lill-Komunità ta' Troina u qaltilhom: *"Inħobbuh, inħobbuh. Ma tarawx kif jgħaddi l-ħin u fi żmien mhux il-bogħod insibu ruħna għal dejjem miegħU",* żgur li kellha f'moħħha dak li kiteb San Pawl *"l-imħabba ma tintemm qatt"*(1Kor.,13,8), għax riedet tfisser li jekk inħobbu tassew lil Kristu hawn fl-art, meta mmorru l-ġenna miegħu jkollna magħna dik l-imħabba li tibqa' għal dejjem, għax tinbidel fil-glorja li ma tispiċċa qatt..

**Konformità ma' Kristu mejjet u Rxuxtat**

Minn dakinhar li Sawlu ltaqa' ma' Kristu Rxoxt fit-triq ta' Damasku u fih seħħet bidla tal-għaġeb li waħħditu ma' Kristu, għamietu għall-viżjoni tiegħu u fetħitlu għajnejh beraħ għall-viżjoni ta' Kristu, Pawlu seta' jgħid *"Ngħix, imma mhux iżjed jien, iżda jgħix fija Kristu"*(Gal.2,20), u beda jafda mhux aktar fih innifsu u fil-proġetti tiegħu, imma *"għal kollox niflaħ bis-saħħa ta' dak li jqawwini"*(Fil. 4:13), minn dakinhar, l-Appostlu tal-Ġnus fehem il-ħtieġa ta' konformità sħiħa ma' Kristu mejjet u Rxuxtat, u għallem bis-sħiħ, kif qalilna l-Papa li l-Knisja hi l-Ġisem Mistiku ta' Kristu mejjet u rxuxtat u, allura x-xirka ta' dawk li bla waqfien jgħaddu mill-mewt għall-qawmien. Lill-Kolossin kitbilhom: *"intom mittu, imma ħajjitkom hi moħbija flimkien ma' Kristu f'Alla"* (Kol.3, 3), lir-Rumani ħeġġiġhom: *"qisu lilkom infuskom mejtin għad-dnub, iżda ħajjin għal Alla fi Kristu Ġesù"*(Rum. 6, 11),u dwaru nnifsu kiteb lill-Filippin: *"irrid naqsam miegħu (ma' Kristu) it-tbatijiet tiegħu u nsir nixbhu fil-mewt, biex jirnexxili nikseb il-qawmien mill-imwiet"* (Fil. 3, 10-11).

Madre Margerita għamlet tagħha wkoll dawn il-ħsibijiet ta' San Pawl, tant li f'ittra miktuba fil-Ġmgħa Mqaddsa, naqraw: *"… jekk ma mmutux għalina nfusna ma nistgħux nirxuxtaw. Għalhekk ejjew immutu mat-twajjeb Ġesù, biex inqumu għal ħajja ġdida miegħu!"*(79), u darb'oħra: *"… jekk immutu mal-Mulej Ġesù, miegħu wkoll għad inqumu!"*(98). Bħal San Pawl kienet tixxennaq bla waqfien: *"irrid tassew immut għalija nnifsi biex ngħix assolutament fih, kollni kemm jien moħbija u mxejna!"*(14), u wkoll:*"… irrid inkun nista' ngħid tassew: mhux aktar jien li ngħix, imma l-ħelu Ġesù jgħix fija…"*(30), u f'ittra tal-1922, kitbet: *"qatt m'għandna ninsew ir-regola ta' Missierna San Pawl: kollox nista' bl-għajnuna ta' Alla, imma xejn minn rajja…"*(145). Kif kitbet lil Mons. Alfons Agius fl-1941, Madre Margerita għamlet tagħha l-istess xewqat profondi ta' San Pawl (ara: Fil.1, 23): *"spiss jiġuni f'moħħi u f'qalbi t-tnehid tal-kbir appostlu: cupio dissolvi et esse cum Christo (nixtieq nintemm u nkun ma' Kristu)"*(42), u bħalu kienet tixxennaq *"kemm nixtieq nixxejjen għall-ġieħ tiegħu, biex nagħtih glorja!"*(26).

Min-naħa l-oħra, Madre Margerita qatt ma tilfet l-ebda okkażżjoni biex titkellem dwar il-ħtieġa tal-qerda tal-"jien" u l-qawmien għall-"imħabba safja": *"Jeħtieġ nikkumbattu, immutu dejjem, nixxejnu dejjem… naslu għall-qerda tal-jien uman u għall-kisba ta' l-Imħabba divina"*(88). F'waħda mill-ittri ta' wara ż-żjarat kanoniċi tagħha, kitbet: *"Hu veru li lin-natura mħassra tagħna, ftit tas-sagrifiċċju li timxi fuq il-passi ta' Ġesù, mgħallem tagħna, jiswielha. Imma din biss hi t-triq li twassal fis-sema"*(V8).Il-konformità mal-mewt u l-qawmien ta' Kristu kienu dejjem fi ħsiebha kif kienu fi ħsieb San Pawl.

**Kristu Msallab**

Din is-sejħa għal komunjoni ma' Kristu mejjet u rxuxtat, nisslet f'Pawlu mħabba tal-għaġeb għal Kristu Msallab, tant li wieħed mill-punti mportanti tat-tejoloġija tiegħu hu dak dwar l-Imsallab, kif semmielna l-Papa fit-tielet punt li tana għar-riflessjoni tagħna f'din is-Sena Pawlina. Kien jixxennaq b'qawwa: *"irrid naqsam miegħu t-tbatijiet tiegħu, u nsir nixbhu fil-mewt"*(Fil. 3, 10). Għaliex? Għax kif kiteb hu stess, fi Kristu Msallab kien jara l-għerf u l-qawwa ta' Alla: *"Aħna nxandru 'l Kristu msallab… Kristu huwa l-qawwa ta' Alla u l-Għerf ta' Alla"* (1Kor.1, 23-24).

Madre Margerita timxi eżattament fuq dawn il-ħsibijiet ta' San Pawl, meta tinsisti li n-Novizzi tal-Kongregazzjoni tagħha, fil-formazzjoni tagħhom għandhom jiġu mgħejjunin biex *"jagħarfu sewwa ħafna l-kwalitajiet ta' l-Għarus Imsallab… biex ikollna x-xorti narawhom ilkoll jinnamraw mill-Għarus Imsallab Ġesù"*(117). Insaqsu, kif għamilna dwar San Pawl: għaliex? Għax bħal San Pawl fi Kristu Msallab kienet tara l-qawwa ta' Alla: *"ħarstek għandha tkun spiss imdawra lejn Ġesù Msallab… u minnu biss għandek tfittex u tistenna l-mistrieħ tiegħek"*(130), u bħal San Pawl ukoll fi Kristu Msallab kienet tara l-għerf ta' Alla: *"biżżejjed tħares lejn l-Imsallab biex titgħallem l-għerf kollu tal-qaddisin"*(142). F'din il-formazzjoni kienet tilmaħ il-ġejjieni ta' l-istess Kongregazzjoni: *"Jekk jirnexxilek tgħinhom jifhmu sewwa dan l-ispirtu, żgur li jkollhom il-pedament tal-binja spiritwali; jekk le, imsejknin huma u msejknin aħna"*(117), kitbet lill-majestra tan-Novizzi fl-1934.

U kif San Pawl kien isib il-ftaħir spiritwali tiegħu fi Kristu Msallab: *"ngħid għalija ma jkun qatt li niftaħar jekk mhux bis-salib ta' Sidna Ġesù Kristu"*(Gal.6, 14), hekk ukoll Madre Margerita, flimkien mas-sorijiet tagħha, fiċ-ċerimonja tal-Professjoni Reliġjuża, filwaqt li jilbsu l-Kurċifiss, itennu bi ftaħir spiritwali, kif kitbet lil Sr. Geltrude fl-1934: *"kif ngħidu fil-vestizzjoni u fil-professjoni: id-dinja hi msallba għalina u aħna msallbin għad-dinja. Jiġifieri, id-dinja mhi se ssib xejn biex tiftaħar fina"*(126). Nistgħu ngħidu li Madre Margerita u San Pawl jaqblu perfettament fit-tejoloġija tagħhom dwar Ġesù Msallab. L-għażla tagħhom it-tnejn kienet waħda u komuni: *"issallabt ma' Kristu"*(Gal.2, 20).

**Għeluq**

Hemm ħafna aktar xi tgħid dwar l-ispirtu pawlin li bih kienet mimlija Madre Margerita. Iżda għal-lum ikun biżżejjed jekk inżommu f'moħħna dawn it-tliet ħsibijiet offruti lilna mill-Papa Benedittu XVI għal din is-Sena Pawlina:

- iċ-ċentralita ta' l-imħabba; San Pawl: *"ħabbni u ta lilu nnifsu għalija"*(Gal.2,20), u Madre Margerita: *"Il-Missier twajjeb tagħna hu tant ħelu u tant twajjeb"*(38).
- il-konformità ma' Ġesù fil-misteru paskwali tiegħu; San Pawl: *"Ngħix, imma mhux iżjed jien, iżda jgħix fija Kristu"*(Gal. 2, 20), u Madre Margerita: *"mhux aktar jien li ngħix, imma l-ħelu Ġesù ġewwa fija"*(30).

- it-tislib ma' Kristu Msallab: San Pawl: *"Issallabt ma' Kristu"*(Gal.2, 20), u Madre Margerita: *"fl-aħħar imsallba ma' l-Għarus Imsallab"*(128).

B'dawn il-ħsibijiet f'moħħna, inroddu ħajr 'l Alla li tana f'Madre Margerita persuna għażiża u qaddisa mimlija bil-ħsieb u bl-ispirtu ta' l-Appostlu Missierna San Pawl, u nitgħallmu minnha kif inħallu lil San Pawl isuqna lejn Kristu, lejn imħabbtu, biex fuq l-eżempju tagħhom it-tnejn, ta' San Pawl u ta' Madre Margerita, mhux ħlief nistinkaw biex inħobbu l-Imħabba, nidentifikaw ruħna magħha u nissallbu magħha, għall-akbar glorja ta' Alla, għall-qdusija personali tagħna, u għall-ġid ta' l-erwieħ. Ammen.

*******************************************

# MADRE MARGERITA U S-SAĊERDOT (2010)

## (fl-okkażżjoni tas-Sena Saċerdotali 2009/2010)

**Daħla**

L-Appostlu San Pietru, fl-ewwel Ittra tiegħu miktuba għall-ħabta tas-sena 64 W.K. lill-insara ta' l-Asja Minuri, qalilhom; *"Inbnew f'dar spiritwali, saċerdozju qaddis…Intom ġens maħtur, saċerdozju rjal, nazzjon qaddis, poplu li Alla kiseb għalih"*(1Pt.2,5 & 9). Minħabba dan, San Pawl, madwar is-57/58, kien diġà kiteb lir-Rumani: *"Nitlobkom ħuti, għall-ħniena ta' Alla, offru ġisimkom b'sagrifiċċju ħaj, qaddis, jogħġob lil Alla, jiġifieri l-qima spiritwali tagħkom"*(Rum.12:1). Dan kollu ġie mfisser b'mod ċar mill-Konċilju Vatikan II meta għallimna li fil-Knisja nsibu s-saċerdożju komuni ta' l-insara u s-saċerdozju ministerjali tas-saċerdoti: *"Għalkemm huma differenti fl-essenza u mhux biss fil-grad, is-saċerdozju komuni tal-fidili u s-saċerdozju ministerjali jew ġerarkiku huma ordnati għal xulxin; kull wieħed minnhom bil-mod tiegħu jaqsam mis-saċerdozju waħdieni ta' Kristu"*(L.G.,10).

Fis-16 ta' Ġunju 2009, f'ittra li biha ħabbar is-Sena tas-Saċerdoti fl-okkażżjoni tal-150 sena mill-mewt ta' San Ġwann Marija Vianney, Kurat ta' Ars, il-Papa Benedittu XVI kiteb hekk: *"Is-saċerdoti u l-lajċi flimkien jiffurmaw il-poplu saċerdotali wieħed u s-saċerdoti bil-qawwa tal-ministeru tagħhom, jgħixu fost il-lajċi, biex iwasslu 'l kulħadd għall-għaqda fl-imħabba (ara: Rum.12,10)".*(9-10).

Imbagħad, filwaqt li kien qed ifisser il-vokazzjoni Saċerdotali Ministerjali li biha x'uhud huma msejhin biex jieħdu seħem dirett mill-ministeru saċerdotali ta' Kristu *"in persona Christi – fil-persuna ta' Kristu"*, Benedittu XVI kiteb: *"Is-Saċerdozju hu l-imħabba tal-Qalb ta' Ġesù, kif spiss kien jgħid il-qaddis Kurat ta' Ars. Din l-espressjoni li tqanqlek tgħinna nirriflettu, l-ewwelnett bi gratitudni mill-qalb dwar ir-rigal immens li huma s-saċerdoti, mhux biss għall-Knisja, imma għall-bnedmin kollha. Naħseb f'dawk is-saċerdoti kollha li jwasslu kuljum il-kliem u l-għemejjel ta' Kristu lill-fidili u lid-dinja kollha, huma u jagħmlu ħilithom kollha biex jgħixu f'għaqda waħda mal-Mulej fi ħsibijiethom u fir-rieda tagħhom, fis-sentimenti u fl-istil ta' ħajjithom. Kif nista' ma msemmix b'qima lill-ħidmiet apostoliċi tagħhom, lis-servizzi moħbija u bla waqfien tagħhom, lill-imħabba*

*universali tagħhom ? Kif nista' ma nfaħħarx il-fedeltà kuraġġjuża ta' tant saċerdoti li, anke fost ħafna diffikultajiet u nkomprensjonijiet, jibqgħu fidili għall-vokazzjoni tagħhom ta' "Ħbieb ta' Kristu", għax hu sejjhilħom b'isimhom, għażilhom u bagħthom?"*

San Franġisk t'Assisi li kellu stima kbira għas-saċerdozju ministerjali tant li għażel li jibqa' djaknu għax ma ħassux denn li jkun saċerdot, kiteb: *"Ħuti saċerdoti, agħrfu d-dinjità tagħkom, u kunu qaddisin, għax Hu qaddis! U kif il-Mulej żejjinkom fuq kulħadd b'dan il-ministeru, hekk ukoll intom għandkom tħobbuh, tqimuh u taqduh aktar minn kulħadd!"*(Ittra lill-Ordni kollu, 23-24). Fit-Testment tiegħu naqraw: *"Il-Mulej tani u għadu jagħtini fiduċja tassew kbira fis-saċerdoti li jgħixu skond kif trid l-imqaddsa Knisja Rumana, minħabba s-saċerdozju tagħhom, li anke jekk huma jippersegwitawni, xorta nerġa' nfittixhom… U ma rridx nara d-dnub fihom, għax fihom nara lill-Iben ta' Alla u huma s-sidien tiegħi"* (6 & 9).

**Madre Margerita**

Bħas-soltu, illum it-22 ta' Jannar inġbarna flimkien biex infakkru b'radd il-ħajr it-58 Anniversarju tal-Mewt tal-Qaddejja ta' Alla, Madre Margerita De Brincat, Fundatriċi tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù. U billi ninsabu fil-qalba ta' din is-Sena Saċerdotali magħżula, kif diġà għidna, mill-Papa Benedittu XVI fl-okkażżjoni tal-150 Sena mill-mewt ta' San Ġwann Marija Vianney, il-Kurat ta' Ars, żgur li jkun ta' siwi kbir għalina jekk nieqfu nirriflettu ftit dwar dak li Madre Margerita kienet taħseb dwar id-dinjita' saċerdotali, li jekk irridu nfissruha fil-qosor nistgħu ninqdew b'dak li qal il-Papa Benedittu XVI fil-bidu tas-Sena Saċerdotali:*"L-Ordinazzjoni Saċerdotali toħloq irġiel ġodda mżejnin bid-don u bl-uffiċċju li jqaddsu, li jgħallmu u li jmexxu".*

Madre Margerita li għexet bis-sħiħ is-saċerdozju komuni ta' l-insara tant li bla waqfien kienet tassew tixxennaq li tkun *"vittma u appostlu"*, li huma ż-żewġ kwalitajiet ewlenin li jiffurmaw il-poplu saċerdotali tat-Testment il-Ġdid, kellha stima kbira għas-saċerdozju ministerjali, tant li kienet tinqeda bil-mezzi kollha biex tixrob mill-ħidma ministerjali tas-saċerdoti fl-għixien ġeneruż u kollu fedeltà tas-saċerdożju komuni tagħha. L-istess ħaġa kienet tipprova tħeġġeġ fi qlub is-Sorijiet tagħha hi u tfakkarhom *"aħna vittmi u appostli ta' l-erwieħ u qabel ma' l-kalċi jimtela l-erwieħ ma jistgħux igawdu mis-sagrifiċċji u mit-talb tagħna. Għalhekk infittxu li nkunu generużi biex il-kalċi tagħna jimtela u l-erwieħ imsejkna jkunu jistgħu jgawdu minn dak li jfur minnu"*(148).

U kemm hi personalment, kif ukoll is-sorijiet wliedha, kienu jissieħbu mill-aħjar li jistgħu mal-ħidma ministerjali tas-Saċerdoti biex ifawwru l-kalċi ta' ħajjithom biex jgħixu tassew ta' *"vittmi u appostli".* Infatti wara jiem ta' rtir spiritwali f'Settembru 1918, li għalihom kienu preżenti 73 soru, f'ittra lill-Fundatur Dun Gużepp Diacono, il-Fundatriċi fissret ruħha hekk: *"Il-predikatur żviluppa s-sustanza vera tal-qdusija…is-skiet u l-ġabra ħakmu kullimkien… ilkoll ninsabu mimlijin b'ħeġġa qawwija"*(157). F'kelma waħda fissret ruħħa kif il-koperazzjoni mal-ħidma ministerjali tal-predikatur ta' l-irtir kienet qed tħalli effetti qawwija fuq il-ħajja spiritwali tagħha u tas-sorijiet li kienu magħha li kkoperaw b'mod sħiħ mal-ministeru tiegħu. B'koperazzjoni bħal din mal-ħidmiet diversi tal-ministeru saċerdotali, Madre Margerita kienet tistenna li l-kalċi spiritwali tagħha u tas-sorijiet jimtela u jfur biex jgħixu ħajja ta' *"vittmi u appostli",* li hi l-ħajja tas-saċerdożju komuni ta' l-insara.

**Kuntatt Spiritwali ma' Saċerdoti**

Minħabba dan, nafu li Madre Margerita kellha kuntatti siewja u mimlijin fidi ma' diversi Saċerdoti, Għax kif stqarret f'ittra lil Mons. Alfons Agius (1941): is-saċerdot *"mill-ministeru tiegħu għandu diversi possibilitajiet mill-aqwa biex jagħmlu (lil Ġesù) maħbub u magħruf"*(43). Kellha stima kbira lejn il-Fundatur, Dun Gużepp

Diacono, minkejja li fil-bidu tal-Kongregazzjoni, mhux dejjem qablu dwar x'direzzjoni għandha tingħata lill-familja reliġjuża mwaqqfa minnhom. Fis-6 ta' Settembru 1918 kitbitlu: *"Minn qalbi nġedded ir-radd il-ħajr tieghi mhux biss għal dak li għamilt fl-imgħoddi, imma wkoll għal dak li għad trid tagħmel (nemmen fi tjubitek) għall-ġid tal-Kongregazzjoni għażiża tagħna li tgħarfek bħala l-Missier Ġenerali…"*(157).

Kienet spiss tiltaqa' ma' Dun Ġorġ Preca (illum San Ġorġ Preca) il-Fundatur tal-MUSEUM wara li kien jiċċelebra l-Quddiesa fid-Dar Fra Diegu tal-Ħamrun li sa llum għadha mmexxija mis-Sorijiet tagħha, u fl-1917, f'ittra minn Corfù fejn kellha taffronta diffikultajiet kbar, kitbet: *"nixtieq ngħid ħafna affarijiet lil Dun Ġorġ Preca"*(1).

Kienet ukoll qrib ħafna tal-Qaddej t'Alla, Mons. Ġużeppi De Piro, Fundatur tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl li kien jgħinha bil-pariri tiegħu u bil-ħidma tiegħu f'Ruma ħalli tinkiseb l-approvazzjoni pontifiċja tal-Kongregazzjoni li, mbagħad ngħatat fit-23 ta' Diċembru 1946. Lejh Madre Margerita kellha stima kbira u fiduċja qawwija, tant li f'ittra li kitbitlu fl-1920, naqraw: *"jiena fiduċjuża li inti, bil-għajnuna t'Alla,taf twassal dan l-inkarigu tagħna lejn it-tmiem li aħna b'ħerqa nixtiequ"*(158). Kienet qed tirreferi għall-*"inkarigu"* li jmexxi 'l quddiem f'Ruma it-talba għall-approvazzjoni Pontifiċja tal-Kongregazzjoni.

Fuq kollox ta' min isemmi d-Diretturi Spiritwali tagħha, Mons. Anton Galea u Mons. Alfons Agius li fi żminijiet differenti tawha l-għajnuna spiritwali tagħhom, u mill-ittri li kienet tiktbilhom nistgħu nisiltu tant dettalji sbieħ dwar l-istatura spiritwali ta' Madre Margerita. F'dawn l-ittri – minnhom għandna 30 lil Mons. Galea u 32 lil Mons. Agius – kienet tindirizzahom *"Għażiż Missier fil-Qalb ta' Ġesù"*(1), *"Għażiż Missier fl-Imqaddsa Ewkaristija"*(30), *"Wisq Għażiż Missier tar-ruħ tieghi"*(31), *"Għażiż Missier ta' ruhi fil-Qalb ta' Ġesù"*(36). Dawn it-titli jfissru r-rispett u l-qima tagħha lejn il-ministri ta' Alla u mill-mod kif kienet tiftaħ qalbha beraħ magħhom, nistgħu nikkonkludu b'mod mill-aktar ċar x'fiduċja għamja kellha fis-saċerdożju tagħhom. Infatti f'ittra lil Mons. Alfons Agius, miktuba fis-7 t'Ottubru 1941 meta kien diġà ċċelebra l-55 sena tas-Saċerdożju tiegħu, Madre Margerita kitbitlu hekk: *"fl-aħħar ittra tiegħek semmejtli x-xorti ta' tant snin saċerdotali… Il-Mulej jagħtik aktar snin, biex jirnexxilek tirbaħ ħafna erwieħ oħra għalih"*(42).

Aħna u niflu l-ispiritwalità ta' Madre Margerita biex nitgħallmu minnha, ta' min jistaqsi: x'kienet tixtieq tikseb Madre Margerita minn relazzjoni mimlija rispett u fiduċja ma' tant saċerdoti, jew aħjar, mal-ministeru saċerdotali b'mod ġenerali ? Fil-kuntest ta' dak kollu li għandu x'jaqsam ma' l-ispiritwalità tal-Fundatriċi hemm dejjem ir-regola fundamentali ta' ħajjitha *"Inħobbu l-Imħabba"* u dan *"b'imħabba safja, ġeneruża u qawwija"*(ara: 64). Allura anke jekk niflu fejn, kif u meta kienet tirreferi ruħha lil xi saċerdot jew saċerdoti, kienet tagħmel hekk biex tilħaq dan il-għan ewlieni ta' l-ispiritwalità tagħha: *li tikber fl-imħabba safja.* U dan, għax kienet temmen bis-sħiħ li s-saċerdot għandu diversi mezzi, mogħtijin lilu mill-grazzja ta' l-Ordni Sagri biex irawwem lill-fidili fl-imħabba safja.

**Direzzjoni Spiritwali**

Nistgħu nitkellmu, per eżempju, mid-direzzjoni spiritwali li Madre Margerita kienet tfittex b'mod assidwu, sinċier u mimli ħeġġa. Hawnhekk insibu eżempji bħal: *"Missier, meta jkollok ftit ħin liberu, użah b'riżq il-fqajra bintek, billi tiktbilha ftit vrus imħeġġin biex tkebbisha f'imħabbitha għat-twajjeb, twajjeb, twajjeb Ħelu Ġesù. Kollox sewwa?"*(17); *"Oħ! Missier, għinni biex inħobbu… Hu daqshekk Qaddis!"*(40); *"Għidli, Missier tar-ruħ tiegħi, għidli fejn nista' nsib 'l Dak li din il-ħlejqa msejkna tfittex filwaqt li tixxennaq għall-ogħla, għat-tjubija bla tarf tiegħu…"*(34). Hu ċar, minn dawn l-espressjonijiet u minn ħafna oħra bħalhom li hemm fl-ittri miktubin

lid-diretturi spiritwali tagħha, li fil-kura spiritwali mogħtija minn dawn is-saċerdoti, il-Fundatriċi kienet issib għajnuna biex tikber fl-imħabba safja.

Nistgħu nsemmu l-mod kif kienet tixxennaq li tissieħeb fis-Sagrifiċċju tal-Quddiesa li s-Saċerdot jiċċelebra *"in persona Christi"* u nisimgħuha titlob fl-ittri tagħha lid-diretturi spiritwali: *"offrini bħala vittma fis-Sagrifiċċju Qaddis biex nissaffa u nkun ikkunsmata"*(11); *"fil-Quddiesa, flimkien ma' l-Ostja bla tebgħa offri lir-ruħ fqajra u ndenja tiegħi, biex issir ħaġa waħda ma' Dak li hu fuq kollox"*(14);*"Nitolbok tberikni u tiftakar fija bil-ħeġġa matul is-Sagrifiċċju Qaddis, biex nitgħallem nikkorrispondi bil-ġenerożità ma' dak kollu li l-Mulej jitlob mill-bint fqajra tiegħek…"*(30). F'Mejju ta' l-1943, f'ittra lil Mons. Agius, kitbet: *"Ma nixtieq xejn aktar ħlief li nintemm bħal vittma ta' riparazzjoni: għalhekk nitlob lill-Paternità tiegħek, biex fl-Imqaddes Sagrifiċċju, toffrini flimkien mal-Vittma bla tebgħa bil-għan li nissaffa u nsir…"*(59), filwaqt li f'Lulju ta' l-istess sena stqarret: *"Fl-Imqaddes Sagrifiċċju, f'dak il-Kalvarju, kif tħossok qed tmut mal-Vittma bla tebgħa"*(60). Ninnutaw minn dawn ix-xewqat qaddisa tal-Fundatriċi, kemm kienet tapprezza l-ħidma saċerdotali, l-aktar dik taċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrifiċċju Ewkaristiku.

Kienet ukoll temmen bis-sħiħ fil-qawwa ta' medjazzjoni li s-saċerdot għandu ma' Alla ladarba hu l-bniedem ta' Alla, kif naqraw fl-Ittra lill-Lhud: *"kull qassis meħud minn fost il-bnedmin, hu mqiegħed għall-bnedmin f'dak li għandu x'jaqsam ma' Alla"*(Lhud 5,1). Il-Papa Benedittu XVI meta kellem lill-Kleru ta' Varsavja, f'Mejju 2006, qal: *"In-nies jippretendu ħaġa waħda mis-saċerdoti: li jkunu l-ispeċjalisti li jmexxu 'l quddiem il-laqgħa ma' Alla. Mis-saċerdot ma nippretendux li jkun espert fl-ekonomija, fil-bini jew fil-politika. Minnu nistennew li jkun espert fil-ħajja spiritwali, fir-relazzjoni ma' Alla".* Madre Margerita tant kienet temmen f'din il-qawwa ta' medjazzjoni ma' Alla li hemm fis-saċerdot, li spiss, fil-kitbiet tagħha lid-diretturi spiritwali, niltaqgħu ma' espressjonijiet bħal: *"irrikkmandani għat-talb ta' kulħadd għax inħoss ħtieġa estrema"*(1); *"għażiż Missier, nitolbok tiftakar fl-aktar imsejkna fost l-ulied spiritwali tiegħek, u nitolbok tirrikkmandani lilhom, ħalli bit-talb patern tiegħek ikolli x-xorti li nasal b'mod żgur għal dak l-istat ta' mħabba mixtieq mit-tjubija tat-twajjeb Ġesù"*(54), u wkoll: *"Missier, bit-talb qaddis tiegħek għin lil din ir-ruħ fqajra li l-Providenza Divina afdat lill-ħarsien Patern tiegħek"*(55).

Jekk insemmu l-ħtieġa li kienet tħoss, għaliha nfisha u għas-sorijiet tagħha, tas-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni, nifhmu għaliex kienet tħossha grata lejn id-direttur spiritwali tagħha meta kitbet: *"Grazzi għas-suġġeriment patern tiegħek li bih fakkartni fil-ħtijiet u l-ingratitudnijiet mgħoddija tieghi… nemmen li għadni fuq din l-art ingrata minħabba l-ħtijiet kbar u d-dnubiet tiegħi… għinni, għażiż Missier biex nagħmel atti sinċieri ta' ndiema perfetta u ta' umiltà kbira… il-pjagi tal-wisq Ħelu Ġesù tagħna biss jistgħu u nittama li jpattu u jaħfru infedeltà bħal din u ħafna żbalji serji"*(61). F'dan il-kliem ninnutaw id-dispożizzjoni spiritwali abitwali ta' Madre Margerita għas-Sagrament tal-Qrar jew tar-Rikonċiljazzjoni li fih, kif kien itenni l-Kurat ta' Ars *"dan il-Feddej twajjeb hu tant mimli mħabba li jfittixna kullimkien"*. Minn żewġ ittri miktubin lil Mons. Anton Galea, nisiltu l-ħtieġa li kienet tara dwar is-Sagrament tal-Qrar: *"Għażiż Missier, jekk jogħoġbok ejja għax diġà ilna tlett ġimgħat ma nirċievu l-assoluzzjoni Sagramentali…".*U f'oħra: *"Nistennewk kuljum. Xi sorijiet ilhom li ħadu l-assoluzzjoni 17 il-jum"*(26).

Ma nistgħux ma nsemmux xi ħaġa partikulari li kienet tiġri lil Madre Margerita bħala effett tar-rispett kbir li kellha lejn is-Saċerdoti u tax-xewqa kbira tagħha li tarahom jikbru huma wkoll fl-imħabba safja. Spiss, fl-ittri tagħha lid-diretturi spiritwali kien jinbidel ir-rwol tad-direzzjoni spiritwali u hi kienet issir dik li tgħin spiritwalment lid-direttur spiritwali tagħha. Infatti f'ittra lil Mons. Anton Galea naqraw: *"Tħobbu, Missier ?*

*Tħobbu tassew ? Aħ! Inħobbuh tassew diżinteressatament, mingħajr tbajja ta' amor proprju, inħobbu lilu biss, b'imħabba safja għalih innifsu, għax hu ta' min iħobbu, għax hu twajjeb, twajjeb, twajjeb"*(30).

Fl-1940 kitbet lil Mons. Alfons Agius: *"Għażiż Missier, int issib ruħek f'diversi taqbidiet, eċċ. Il-Mulej żgur jgħinek u jfarrġek kif dejjem jagħmel ma' dawk li jaqduh bil-qalb. Għalhekk kuraġġ biex tkompli taħdem fil-għalqa wiesgħa tat-twajjeb Alla"*(32), filwaqt li fl-1942, matul it-Tieni Gwerra Dinjija, kitbitlu: *"Għalhekk, kuraġġ qawwi, qawwi u afda fit-tjubija bla tarf tal-Kollox tagħna, Missier, Ħuna u Għarus…"*(39). Fit-28 ta' Ottubru 1942, kitbet lill-istes Mons. Agius: *"Kuraġġ, kif dejjem intennilek, biex taħdem għall-erwieħ u biex tinkuraġixxi lil kulħadd ħalli jbatu bil-paċenżja; dak li mhux etern mhu xejn!"*(55). Jirriżulta b'mod ċar, minn dan kollu, li mhux biss Madre Margerita kienet tinteressa ruħħa u tagħti sehemha fit-tqaddis tas-saċerdoti, imma wkoll li huma, kif loġikament nistgħu naħsbu, kienu jaċċettaw il-pariri siewja u qaddisa tagħha.

**Għeluq**

F'din it-tifkira tal-mogħdija għall-ħajja dejjiema ta' Madre Margerita, u fl-istess ħin aħna u niċċelebraw is-Sena Saċerdotali, tajna daqqa t'għajn lejn l-ispiritwalità tal-Fundatriċi f'relazzjoni mas-Saċerdożju Ministerjali. Jirriżulta li Madre Margerita kienet tara fil-ħidma saċerdotali mezz effikaċissimu biex tasal ħalli tilħaq l-għan ewlieni tal-ħajja spiritwali tagħha: l-imħabba safja. Infatti f'ittra tat-22 ta' Frar 1942 lil Mons. Agius, fissret ruħha hekk: *"Int, Għażiż Missier, ladarba għandek f'idejk it-teżori tal-Qalb wisq Qaddisa… Ah! itlob bil-ħeġġa, bus dak il-pissidi, għannqu ma' qalbek, eċċ., għax fih hemm il-maħbub Ġesù li tant iħobb l-erwieħ"*(47). *Meta* l-Papa Benedittu XVI kellem lill-membri tal-Kongregazzjoni tal-Kleru fis-16 ta' Marżu 2009, qalilħom: *"Mingħajr saċerdoti m'hemmx Ewkaristija, m'hemmx missjoni".* Madre Margerita kienet taf sewwa dan kollu: kienet taf li mingħajr is-saċerdot it-Tabernaklu, *"il-forn ta' mħabba divina"* jibqa vojt, kienet taf li mingħajr is-saċerdot l-erwieħ jibqgħu 'l bogħod milli jagħrfu l-Imħabba u jħobbuha. U għalhekk għexet kif għexet, dejjem qrib tas-Saċerdoti u tal-ħidmiet saċerdotali.

Illum, aktar minn żmien Madre Margerita jeħtieġ li nagħtu każ ta' kliem il-Papa Benedittu fl-istess okkażżjoni li semmejna, li ma nħallux li minħabba xi forom ġodda ta' organizzazzjonijiet pastorali jew minħabba l-interpretazzjoni żbaljata tal-promozzjoni tal-lajċi, inwarrbu lis-Saċerdoti u l-ħidmiet li jistgħu jitwettqu minnhom.

Madre Margerita li għandħa ħafna xi tnebbaħna f'kull kamp tal-ħajja spiritwali tagħna, tkun għalina llum, ta' għajnuna li timbuttana biex napprezzaw aktar u ninqdew aħjar b'dak kollu li Ġesù Kristu, s-Saċerdot il-Kbir u ta' dejjem, mar jafda f'idejn is-Saċerdoti biex iħaddmuh għall-ġid tagħna fl-għixien tas-saċerdożju komuni nisrani tagħna hekk kif ninsabu fi triqtna lejn is-sema pajjiżna. Ammen.

==========================================

# Madre Margerita mdawwla minn Kristu

# (3 Ħadd matul is-Sena A) (2011)

*"Il-Poplu li kien jinsab fid-dlamijiet ra dawl kbir; dawk li kienu jinsabu f'art u dell il-mewt idda dawl għalihom".* (Iż,9,1 u Mt.4,16).

**Daħla**

Il-Liturġija ta' dan it-3 Ħadd matul Is-Sena A, qed tippreżentalna lil Ġesù Kristu bħala d-dawl li jdawwal il-ħajja tagħna. Dak li ħabbar Iżaija snin qabel, l-Evanġelista Mattew rah jitwettaq meta l-Feddej mar fl-inħawi ta' Żebulon u Neftali, fir-reġjun tal-Galilija, *"il-Galilija tal-Ġnus",* art ta' dlam spiritwali u reliġjuż, minkejja li ekonomikament kienet mxiet 'l quddiem. U fil-persuna mdawwla ta' Ġesù, Mattew ra dawl qawwi li ġie biex idawwal fejn hemm id-dlam, dawl li jdawwal lill-bnedmin biex jagħarfu dak li Alla jrid minnħom.

Nixtieq nibda l-ħsibijiet tiegħi bi ġrajja singulari li seħħet fl-Italja xi snin ilu. Żewġ tfajliet, wara li temmew l-iskola elementari marru Alba, biex jistudjaw fi skola tas-Sorijiet Ulied San Pawl, u hemm ikunu jistgħu jsibu xogħol xieraq għalihom. Wara sena, il-kbira, Ġina, f'ittra lill-ġenituri tagħha, talbet il-permess tagħhom biex tibda n-Novizzjat ma' dawk is-Sorijiet. L-omm inħasdet għax ħasbet li bintha ma kenitx taf x'qed tagħmel. Imma wara diskursata ma' żewġha u mal-Kappillan tal-Parroċċa, tatha l-permess mitlub. Dan il-permess, mogħti bi tbatija u mħabba, il-ġenituri tawħ 7 darbiet oħra, għax 7 wlied oħra ġew imdawwlin mill-Mulej biex iħallu kollox u jimxu warajh mill-qrib. Is-6 bniet qabdu triqat lejn il-Brażil, il-Ġappun, l-Awstralja, iċ-Ċina u t-tifel, Patri Ġerman, lejn it-Turkija, tifla oħra qed trabbi familja għaqlija. Il-missier, Ġerman u l-omm, Domenica, jħossuhom kuntenti li qed jissieħbu fil-ħidma missjunarja ta' wliedhom. Ikollok tgħid: x'jasal biex jagħmel id-dawl tal-Mulej meta jixgħel u jħeġġeġ f'qalb il-bniedem li jiġi mdawwal minnu!

It-tema tad-dawl niltaqgħu magħħa fl-istorja tas-salvazzjoni kollha. L-ewwel ħidma ta' Alla, kif imfissra fil-Ġenesi, kienet *"U Alla fired id-dawl mid-dlam"*(1, 4). Fi tmiem l-istorja tas-salvazzjoni, il-ħolqien l-ġdid *"il-belt ta' Alla ma tkun teħtieġ la xemx u lanqas qamar biex idawwluha, għax biex idawwalha għandha l-glorja ta' Alla, u l-musbieħ tagħha l-Ħaruf"*(Apok.21,23).

Sadattant, rajna r-rejaltà tad-dawl ta' Alla fi Kristu. Meta ħareġ jippriedka fil-Galilija twettqet il-profezija ta' Iżaija. Fil-jiem tal-Milied rajnieh bħala x-Xemx tielgħa, id-dawl li jdawwal il-ġnus, id-dawl li dawwal ir-rgħajja u lill-maġi li ġew mill-bogħod biex iqimuh. Kien imbagħad bi kliemu u b'għemilu li Ġesù wera lilu nnifsu bħala d-dawl tad-dinja. Fl-istess ħin stqarr bil-qawwa kollha: *"Sakemm għadni fid-dinja, jiena hu d-dawl tad-dinja"* (Ġw.9,7), u wkoll: *"Jiena d-dawl tad-dinja. Min jiġi warajja ma jimxix fid-dlam, iżda jkollu d-dawl tal-ħajja"*(Ġw.8, 12). Il-qawwa li ddawwal li toħroġ minn Ġesù Kristu ġejja mill-fatt li hu l-Verb ta' Alla, it-Triq, is-Sewwa u l-Ħajja, iżda, fuq kollox, mill-fatt li hu t-turija prattika ta' l-imħabba ta' Alla, jew aħjar ta' *"Alla li hu Imħabba"*(1Ġw.4,14), u *"b'dan dehret l-imħabba ta' Alla, għax Alla bagħat lil Ibnu l-waħdieni fid-dinja"*(1Ġw.4,9). U, allura, kif ifisser tant tajjeb San Ġwann fl-Ewwel Ittra tiegħu *"jekk nimxu fid-dawl, kif inhu fid-dawl hu (Alla) stess"*(1Ġw.1,7), fina jkun hemm tassew l-imħabba ta' Alla.

**Madre Margerita**

Kif nagħmlu kull sena, f'dan il-jum tat-22 ta' Jannar, inġbarna flimkien biex infakkru l-jum li fih Madre Margerita, il-Fundatriċi tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, minn din il-"Casa Madre" tal-Kongregazzjoni tagħha, ittajret lejn is-sema, sewwasew 59 sena ilu. Inzerta li llum qed niċċelebraw it-3 Ħadd matul is-Sena A. U, allura, bl-għajnuna tal-Liturġija tal-Qari ta' llum nistgħu nagħrfu kif Madre Margerita kienet persuna mdawwla minn Kristu, speċjalment mill-preżenża rejali tiegħu fl-Ewkaristija, u llum tinsab mdawwla fis-sema, minnu li hu d-dawl dejjiemi tal-qaddisin kollha tiegħu. Nistennew bil-ħerqa kollha u nitolbu bil-ħeġġa kollha ta' qalbna, biex il-Knisja, b'mod uffiċjali, twasslilna din il-verità mimlija faraġ u kuraġġ, meta tiddikjara li hi waħda mill-Bejati tagħha.

U, għalhekk, dak li xtaqt li nagħmlu flimkien f'din il-ġurnata għażiża hu li nikkunsidraw kemm tassew Madre Margerita imxiet fid-dawl ta' Kristu, biex aħna wkoll nitgħallmu minnha u nagħmlu bħalha. Tant imxiet fid-dawl ta' Kristu, tant kienet imdawwla minn Kristu, li kull ma jiġri kienet tirriferih lilu u fih kienet issib il-mod kif tikkopera bl-aħjar mod possibbli. Kienet tfisser ruħħa li trid tinħeba *"fil-fond ta' l-abbiss tat-tjubija nfinita tal-Kollox tagħna"*(16), Għax ladarba hu l-Kollox jista' jissuplixxi għall-*"miżerja nfinita tieghi"*(16). Kienet tagħraf fih *"il-Missier l-aktar ħelu"*(109) u, allura kienet tixtieq li *"jkun maħbub, adurat u meqjum dejjem u kullimkien"*(109). Kienet temmen li Ġesù hu *"is-Sid assolut tal-ħlejjaq tiegħu"*(125), u, allura, kienet tippretendi li kulħadd *"jikkorrispondi bil-fedeltà mal-pjani tiegħu"*(125).

Fis-Sagrifiċċju tal-Quddiesa kienet tara f'Ġesù *"il-Vittma bla tebgħa"*(59) u, allura, kienet tixxennaq li *"tkun offruta miegħu bħala vittma ta' riparazzjoni"*(59). Kienet tqis lil Ġesù *"l-Imgħallem tagħna"*(V8) u, allura, riedet dejjem *"timxi wara Ġesù billi ġġorr is-salib tagħha"*(V8). L-aktar fi żmien il-Milied, kienet timtela b'entużjażmu għat-*"Tarbija Divina"*(149) u, allura kienet tgħallem li *"ma nistgħux insiru qaddisin mingħajr umiljazzjonijiet"*(149). F'Ġesù, bħala reliġjuża vera kienet tara *"il-Maħbub Imsallab"*(V1) u, allura riedet li *"l-attenzjoni kollha tkun mixħuta fuqu u b'hekk is-sagrifiċċji kollha jkunulna ta' ferħ"*(V1). Kienet miġbuda bla waqfien mill-preżenza tal-*"Priġunier Re"*(63) fit-Tabernaklu u allura, spiss *"immur qribu u ninxteħet f'riġlejh… u nħoss ħtijieti u l-ħtijiet kollha li tant joffendu lill-Qalb sensibbli tiegħu"*(63) u tfittex li tagħmel riparazzjoni.

Kienet ukoll issib f'Ġesù *"mudell ta' min jimitah"*(78) u, għalhekk kienet attenta biex minnu *"nitgħallmu nħobbu"*(78). Kienet ukoll tara f'Ġesù *"l-Arkitett… il-Proprjetarju Divin"*(148) li jippjana kollox għall-ġid tagħna, u, allura, kienet tifhem li *"l-unika ħaġa meħtieġa għalina hi li nabbandunaw ruħna lilU biss"*(148). Fuq kollox kienet tara f'Ġesù, anzi fil-Qalb tiegħu, *"Tjubija tassew qaddisa, tassew kbira"*(37), u kienet trid li *"ngħoddsu

*f'dak l-Oċejan ta' mħabba, ta' mħabba nfinita, ta' mħabba eterna"*(37). Kienet tistieden lill-oħrajn *"ifirħu dejjem fis-Salvatur tagħna"*(152), u allura, kienet tħeġġeġ il-ħidma *"għall-ġid ta' l-erwieħ, li jiswew id-Demm għażiż tas-Salvatur ħelu tagħna"*(152). Nistgħu nibqgħu sejrin infittxu fil-kitbiet ta' Madre Margerita biex insibu kif kull mument, kull sitwazzjoni ta' ħajjitha kienet imdawwla mill-preżenza ta' Ġesù u f'din il-preżenza mdawwla kienet tagħraf x'għandha tagħmel biex tikkopera bl-aħjar mod mal-ħidma tiegħu.

**Dawl u Nar**

Kemm fi żmien Kristu, kif ukoll fi żmien Madre Margerita, talinqas fl-ewwel nofs ta' ħajjitha, f'pajjiżna, l-aktar element komuni li jdawwal f'ħinijiet mudlama, kien in-nar, jew xi musbieħ. Infatti, Kristu stess spiss jirreferi għan-nar. Hu veru li dan jagħmlu b'tifsiriet diversi, imma fuq kollox ried jifhem dik il-qawwa ta' mħabba li tissawwab fil-qalb tal-bniedem u li ddawwal lill-bniedem biex, kif San Pawl kiteb lill-Filippin, *"nitlob li l-imħabba tagħkom tikber u toktor dejjem iżjed… biex tistgħu tagħrfu tagħżlu l-aħjar*"(Fil.1,9-10). Hu eżattament dan li ried ifisser Ġesù meta qal b'ċerta qawwa: *"Nar ġejt inqiegħed fuq l-art, u kemm nixtieq li diġà qabad"*(Lq. 12,49). Anke meta tkellem min-nar mixgħul minn xi musbieħ, Ġesù ried ifisser il-qawwa tad-dawl li ddawwal mhux biss l-ambjent fejn jinxtegħel, imma wkoll il-qawwa ta' l-eżempju t-tajjeb li għandu jingħata mid-dixxipli tiegħu: *"Belt li tkun qiegħda fuq muntanja ma tistax tinħeba. Anqas ma jixegħlu l-musbieħ u jqegħduħ taħt il-modd, iżda fuq l-imnara, u hekk idawwal lil kull min ikun fid-dar"*(Mt.4,14-15).

Madre Margerita spiss tikteb dwar dan l-aspett ta' dawl li ġabilna l-Feddej, li hu mfisser bil-kelma *"nar"*. Infatti f'ittra ta' l-1920 naqraw: *"Nar, nar ġie biex iġib il-wisq ħelu Salvatur tagħna; u ma jrid xejn aktar ħlief li dan jaqbad fil-qlub kesħin tal-bnedmin. Anke jien, għeżież tieghi, ma nixtieq u ma nawguralkom l-ebda ġid ieħor ħlief imħabba safja, imħabba ġeneruża, imħabba qawwija"*(64). Innutaw ftit kif Madre Margerita kienet temmen fil-qawwa tan-nar, tad-dawl ta' Kristu li jaħdem billi jsawwab l-imħabba fil-qalb tal-bniedem. U tkompli tfisser: *"U għax in-nar filwaqt li jsaħħan idawwal ukoll, hekk ukoll ir-ruħ li tassew tħobb tkun ukoll umli u ubbidjenti…"*(64). Ir-ruħ li tiddawwal minn Kristu tiżżejjen bl-aqwa vitujiet tiegħu.

F'dan il-kuntest, il-Fundatriċi kienet temmen hi u ssaqsi *"u fejn jinsab nar aktar iħeġġeġ, aktar kapaċi jikkonsma kull imperfezzjoni jekk mhux fl-Imqaddes tabernaklu ?"*(140) Dan jiġri għax Ġesù meta nkunu fil-preżenza Ewkaristika tiegħu jdawwalna biex nagħrfu l-imperfezzjonijiet tagħna u jagħtina l-qawwa biex neħilsu minnhom. U, f'din l-istess ittra, tkompli: *"in-nar li jikkonsma l-vittma jeħtieġ ikun dak stess li kkonsma l-Vittma per eċċellenza: b'hekk biss tkun tingħoġob l-immolazzjoni tagħha"*(140). U tfisser ukoll x'tifhem bil-kelma *"nar"* li kif diġà għidna hi dawl li juri u nar li jikkonsma: *"it-tbatijiet, il-weġgħat, l-umiljazzjonijiet ikunu l-ilmijiet li jnaddfu u jsaffu r-ruħ vittma, li imbagħad issir kapaċi li titkebbes bl-imħabba safja u divina"*(140). Ħsibijiet ta' mistiċiżmu għoli u profond! Fihom insibu għaqda mistika bejn in-nar li jdawwal u n-nar li jikkonsma l-imperfezzjonijiet fl-istess ħin.

Infatti f'ittra oħra miktuba mid-Dar ta' l-Adorazzjoni fl-1924, naqraw: *"Ġesù Ostja jkun dejjem is-sieħeb li ma jinfiridx minna u l-imħabba safja tiegħu tikkunsmana bħal xemgħa bin-nar tiegħu"*(86). Dan il-ħsieb mistiku ta' Madre Margerita jġibhielna quddiem għajnejna mixħuta quddiem Ġesù fl-Ewkaristija u hi u tħares lejn ix-xemgħat jikkunsmaw ruħħom bin-nar tagħhom stess kienet tqis ruħha qed jiġrilha l-istess bil-qawwa tan-nar Ewkaristiku. Għalhekk spiss titkellem min-*"Nar Ewkaristiku"*(30, 52), anzi kienet trid li s-sorijiet tagħha jfittxu li *"jikebbsu mill-forn tat-Tabernaklu"*(151).

**Ferħ, Ħelsien, Konverżjoni**

Biex, imbagħad inkomplu mal-Liturġija ta' dan it-3 Ħadd Matul is-Sena A, irridu nqisu li dan id-dawl mixgħul jew aħjar dan in-nar imqabbad minn Kristu jġib ferħ, ħelsien u konverżjoni. Mal-Profeta Iżaija fl-1 Qari, nistgħu nduru lejn Kristu u ntennulu: *"Int kattart il-hena, kabbart il-ferħ: huma ferhu quddiemek, bħalma jifirhu fi żmien il-ħsad, bħalma jifirhu fi żmien il-priża"*(Iż.9,2). Kif id-dawl itajjar id-dwejjaq tad-dlam, hekk id-dawl ta' Kristu jnissel ferħ ġenwin f'qalb il-bniedem. Imma jnissel ukoll ħelsien minn kull xorta ta' jasar, l-aktar mill-jasar tal-ħażen: hekk fisser Iżaija: *"Għax il-madmad li kien itaqqlu u l-ħatar ta' fuq spallejħ int kissirthom bħal f'jum Midjan"*(Iż.9,3). Il-madmad u l-ħatar kienu jitqiegħdu fuq spallejn l-ilsiera u kienu jneħħulhom kull possibiltà ta' moviment hieles. Il-frott ta' dan il-ferħ u ta' dan il-ħelsien li ġabilna Kristu jintwera f'konverżjoni vera: Għalhekk Kristu xandar *"Indmu għax qorbot is-Saltna ta" Alla"*(Mt.12,17), u ltaqa' ma' dawk l-erba' sajjieda – Xmun Pietru u Indrì, u Ġakbu u Ġwanni – li telqu kollox u marru warajh: għad-dawl ta' Kristu għażlu triq differenti minn dik li fiha kienu mexjin sa dakinhar. Ninnutaw ftit x'kapaċi jagħmel id-dawl ta' Kristu!

Id-dawl ta' Kristu jġib ferħ kif hu stess wiegħed lid-dixxipli tiegħu fl-Aħħar Ikla: *"Għad nerġa' narakom u qalbkom tifraħ u l-ferħ tagħkom ħadd ma jeħodulkom"*(Ġw.16,22). U jekk inkomplu nfittxu fil-kitbiet ta' Madre Margerita li, kif rajna s'issa kienet persuna mdawwla mill-imħabba ta' Kristu,  ninnutaw kif dan id-dawl imlielha qalbha bil-ferħ li darba fissret hekk lid-Direttur Spiritwali: *"Grazzi għat-twajjeb Ġesù tagħna ninsabu fil-quċċata tal-ferħ spiritwali taħt xita abbundanti ta' grazzji smewwija"*(8). Min-naħa l-oħra spiss kienet tistieden lis-sorijiet bi kliem San Pawl lill-Filippin (4,3): *"Ifirħu dejjem fis-Salvatur tagħna"*(152). Meta kienet tikteb lil xi soru li tkun waslet għall-Professjoni Reliġjuża, kienet tfissrilha: *"Għandek tassew raġun tifraħ u tgħum fl-imħabba u fil-hena għax il-ħelu Maħbub li miegħu se tintrabat hu tassew ħali fil-għana tiegħu"*(105).

Dan id-dawl ta' Kristu, li minnu qed nitkellmu, tant mela l-qalb ta' Madre Margerita li kienet tħoss il-ħtieġa li tkun għal kollox ħielsa minn kollox u minn kulħadd biex, fil-libertà kollha, tgħum fid-dawl u fin-nar ta' l-imħabba ta' Kristu. San Pawl kiteb lill-Galatin: *"Intom ġejtu msejħa għall-ħelsien, imma tinqdewx b'dan il-ħelsien għall-ġisem, iżda aqdu lil xulxin fl-imħabba"*(Gal.5,13). Anke San Pietru kiteb lill-ewwel insara: *"Għixu bħala nies ħielsa, mhux li tinqdew bil-ħelsien tagħkom bħallikieku tgħattu l-ħażen, imma bħala qaddejja ta' Alla"*(1Pt.2,16). Madre Margerita kienet tħossha ħielsa biex tgħix moħbija *"f'dawk il-fjammi eterni; f'dik il-Qalb li tiġbor fiha n-nar kollu ta' l-imħabba divina"*(37). Kienet ħielsa biex *"spiss ittenni l-wisq għażiż Fiat"*(156), biex tgħix *"il-ħajja ta' mħabba safja hi u tabbanduna ruħha kollha kemm hi, u għal dejjem fil-ħarsien patern tal-Providenza divina"*(16). Bla waqfien, kienet tistieden lis-sorijiet *"għad-distakk assolut mid-dinja kollha u minn kulħadd"*(143), u *"biex imutu tassew għall-ġudizzju tagħhom u għall-għażliet ħielsa tagħhom u biex ma jixtiequ xejn, ħlief li jkunu sorijiet tassew u mhux bin-nofs"*(87). Ninnutaw minn dan kollha kemm Madre Margerita riedet twarrab, minn fuqha stess u minn fuq is-sorijiet tagħha, kull xorta ta' madmad li l-argużin tal-ħażen, ix-xitan, kien jipprova jqiegħed fuq spallejhom biex jagħmilhom ilsiera tiegħu, Għax tassew riditħom ikunu ħielsa għal Kristu, *"ma nieqfux ninsistu li qalbhom tkun spiritwalment ħielsa, distakkata mill-ħlejjaq kollha, l-aktar minnhom infushom… biex narawhom tassew innamrati mill-Għarus Imsallab Ġesù, imġienen, imġienen bl-imħabba għal Dak li jiftaħar li hu Priġunier taħt is-saqaf tal-għarajjes tiegħu"*(117).

Dan id-dawl ta' Kristu kien inissel f'Madre Margerita xewqa ħerqana għal konverżjoni bla waqfien. Il-ħtieġa tal-konverżjoni bla waqfien ġiet imfissra minn San Pietru lill-insara kollha: *"b'ħeġġa akbar għandkom tfittxu li ssaħħu s-sejħa u l-għażla tagħkom, għax jekk tagħmlu hekk, ma titfixklu qatt"*(2Pt.1,10). U l-Fundatriċi, għad-dawl ta' Kristu kienet tagħraf li jeħtieġ *"tikkonverti u ssir Għarusa fidila tiegħu tassew"*(46) u kienet ukoll temmen li *"għadu jħallini f'din l-art ingrata minħabba l-ħtijiet u d-dnubiet gravi tieghi"*(61). U, għalhekk kienet titlob l-għajnuna tad-Direttur Spiritwali *"għinni, għażiż Missier, biex nagħmel atti sinċieri ta' ndiema perfetta u*

*ta' umiltà mill-akbar, ladarba jien tant ingrata lejn Alla tliet darbiet qaddis"*(61). Qatt ma waqfet tħoss il-ħtieġa tal-konverżjoni.

Min-naħa l-oħra kienet spiss issejjaħ lis-sorijiet għal din il-konverżjoni *"bil-kuraġġ iddeċiedu li tagħmlu kull ma tistgħu biex tikkonvertu malajr"*(80), u, fuq kollox kienet turihom kif l-aqwa ħidma għall-konverżjoni tista' ssir għad-dawl ta' Ġesù fl-Ewkarstija: *"Irrikkmanda ruħek spiss u bil-qawwa lill-Qalb Ewkaristika biex jgħinek tagħraf sewwa u taqla' mill-għeruq ta' qalbek kull sentiment proprju u tkabbar biss sentimenti ta' umiltà… f'kelma waħda, l-ideja tal-verità, ix-xejn tagħna u l-kollox tal-Mulej"*(145).

**Għeluq**

Ġrajja: raġel kien jaħdem f'minjiera tal-melħ 'l isfel sewwa minn wiċċ l-art. Il-minjiera kienet kbira u kienet ilha snin tinħadem. Kienu żminijiet oħra meta x-xjenża kienet għadha ma tatx lill-ħaddiema dak li għandhom illum. U, allura, dan ir-raġel kien inizzel miegħu l-baqqun u lampa tal-pitrolju u xi ħaġa biex x'ħin jagħfas il-ġuħ, ikun jista' jitrejjaq.

Darba, wara jum xogħol u tbatija, dar-raġel qabad triqtu lura lejn il-mistrieħ f'daru, imma bi żball laqat il-lampa tal-pitrolju li tkissret f'kemm-il biċċa. *"U iva"*, qal, *"aħjar mingħajrha. Xkiel kienet għalija. Issa nħossni eħfef, b'idejja vojta. Dan l-imkien nafu sewwa għax ilni s-snin nieżel u tiela'."* Iżda d-dlam kien sfieq u għad li kien ilu snin twal iterraq f'dak l-ambjent ma setax isib triqtu 'l barra minn dik il-minjiera. Qata' qalbu u kien biss tard bil-lejl li ġew uliedu u ħarġuħ minn dik il-ħofra mudlama. L-ewwel ħaġa li qalilhom kienet: *"Qatt ma bsart kemm kont neħtieġ dik il-lampa li fiha kont nara xkiel u skomdu"*.

Kultant anke aħna, f'dak li jdawwalna bih Kristu nistgħu naraw xkiel, skomdu, xi ħaġa żejda u li ttaqqalna. Iżda, kif għallmitna Madre Margerita llum, id-dawl ta' Kristu hu l-aħjar direzzjoni lejn il-ferħ, lejn il-ħelsien tassew, lejn konverżjoni ġenwina biex nikkoperaw sewwa ma' dak li li hu l-aktar siewi għall-ħajja spiritwali tagħna, biex inwieġbu bl-aħjar mod għas-sejħat tiegħu, kif għamlu l-Appostli.

Helen Keller, Amerikana li kienet għamja, truxa u bilkemm kapaċi tlissen kelma u bil-għajnuna ta' ċerta Ann Sullivan irnexxielha tirbaħ dawn id-diżabiltajiet, studjat u kitbet għadd ta' kotba u għenet ħafna oħrajn fid-diżabiltajiet tagħhom, f'wieħed mill-kotba tagħha, kitbet: *"Jien għamiltha ma' nies b'għajnejhom mimlijin dawl, però mhumiex kapaċi jaraw 'l hinn minn din il-ħajja li tgħaddi. Hi diżgrazzja kbira trid tara u ma tistax tara, imma hi diżgrazzja akbar tkun tista' tara u ma tridx tara".* U jekk irridu naraw tassew, hemm Kristu li jdawwalna.

Il-mod kif Madre Margerita ħalliet lil Kristu jdawwalha u kif ħallietu jimla kull rokna ta' ħajjitha, għandu jkun għalina eżempju mill-aktar ċar u enerġija spiritwali li timbuttana biex nagħmlu bħalha. L-aħjar deċiżjoni li nistgħu naslu għaliha f'din iċ-ċelebrazzjoni ta' llum, hi li bħalha nħallu lil Kristu jdawwalna u jurina l-aħjar triqat li fihom irridu nimxu biex naslu għad-dawl veru li ma jintefa qatt, dak id-dawl fejn diġà waslet Madre Margerita u minn fejn titlob għalina u tinkuraġġina biex nagħmlu bħalha. Jalla jkun hekk tassew. Ammen.

==========================================

## Il-Milied, San Bonaventura u Madre Margerita

San Bonaventura, id-Duttur kbir tal-Knisja li hu meqjus bħala t-tieni Fundatur ta' l-Ordni Franġiskan, fil-kitba tiegħu *"Is-Siġra tal-Ħajja"*, jikkummenta hekk dwar il-misteru tat-Twelid ta' Ġesu`: *"Hu li kien kbir u għani, sar għalina żgħir u fqir. Għażel li jitwieled barra mid-dar, fi stalla, ikun imfisqi fi ħrieqi ċkejknin, jitmantna b'ħalib verġni u jitqiegħed f'maxtura bejn baqra u ħmara. Imbagħad feġġ għalina d-dawl tal-fidwa l-ġdida, il-jum imħejji għalina sa mill-qedem, il-jum ta' l-hena ta' dejjem, u s-smewwiet xerrdu l-għasel ma' l-art kollha. Għalhekk, o ruħ tiegħi, ħaddan dak il-presepju divin, waħħal xufftejk ma' riġlejn dak it-Tfajjel u bushomlu t-tnejn. Oqgħod aħseb, imbagħad, fuq is-sahra tar-rgħajja, ammira l-qtajja ta' l-anġli li ġew jiġru u ssieħeb magħhom fil-melodiji tagħhom"*(4).

San Bonaventura, milqut sewwa mill-umanita` ta' Kristu, f'dan il-ktieb tiegħu, offrielna meditazzjonijiet sempliċi u fl-istess ħin profondi dwar il-misteri ewlenin ta' Kristu, li fihom jurina lil Kristu bħala s-*Siġra tal-Ħajja* li minnha joħroġ il-frott ta' ħafna virtujiet: l-umilta`, il-faqar, it-tjieba, is-sabar… u oħrajn. Dan l-istess eżerċizzju spiritwali sar ukoll mill-Qaddejja ta' Alla. Madre Margerita, meta, fil-kitbiet tagħha, spiss tistieden il-konċen trazzjoni ta' ħsibijietna fuq il-misteri ewlenin ta' Ġesù: *"Infittxu li nistudjaw il-virtujiet sbieħ ta' Ġesu` Tarbija*(102)*… inħallikom fil-kumpanija ta' Mudell tant ħelu*(78)*… b'ħarsa lejn Ġesu` Msallab nitgħallmu l-għerf kollu tal-qaddisin*(142)*… nirrikkmandalek il-qawwa, is-sabar, eċċ: fittex kollox mit-Tabernaklu mqaddes, hemm jinsab kollox moħbi"*(153).

Dan kollu kien l-effett tal-mod kontemplattiv li bih il-Fundatriċi, bħalma kien jagħmel San Bonaventura, kienet tersaq lejn Kristu fil-misteri tiegħu. Imma dan l-atteġġjament tal-Fundatriċi, jinħass l-aktar f'relazzjoni mal-misteru ta' l-Inkarnazzjoni u t-Twelid ta' Ġesu`, li tant kien iqanqal emozzjonijiet qaddisa fil-qalb tagħha, kif fl-aħħar mill-aħħar kien jagħmel fil-Fqajjar t'Assisi u f'San Bonaventura. Dik il-ħlewwa spiritwali li biha Franġisku qiegħed lil Ġesu` Bambin fil-għar ta' Greccio, dawk is-sentimenti qaddisa li bihom San Bonaventura stieden lilu nnifsu w lilna *"ħaddan il-presepju divin… waħħal xufftejk ma' riġlejn dak it-Tfajjel u bushomlu t-tnejn… oqgħod aħseb… ammira… issieħeb…"*, fil-kitbiet ta' Madre Margerita nsibu replika perfetta tagħhom, anzi mimlijin b'aktar tenerezza u ħlewwa femminili, meta tistieden, *"niltaqgħu qrib il-benniena tat-Tfajjel Re*(45)*… insiru ċkejknin ċkejknin bħat-Tarbija ta' Betlem aħna u noqgħodu qrib il-benniena tiegħu u l-Omm bla Tebgħa tiegħu*(149)*… Qrib il-benniena tat-Tarbija qaddisa, flimkien ma' l-Omm qaddisa tiegħu u tagħna ma' San Ġużepp u mar-Rgħajja niżvugaw imħabbitna*(75)*… fil-presepju, quddiem Alla Tarbija, nitgħallmu nħobbu*(78)*".*

Meta joqrob iż-żmien qaddis li fih, mal-Knisja, niċċelebraw il-misteri ta' l-Inkarnazzjoni u t-Twelid ta' Ġesu` Kristu li bis-seħer tagħhom kienu jissempliċizzaw u kważi jħollu l-qalb ta' qaddisin kbar bħal Franġisku u Bonaventura, u li tant kienu jemozzjonaw spiritwalment il-qalb tal-Fundatriċi, Madre Margerita, żgur li nkunu qed nagħmlu l-isbaħ ħaġa jekk nitħejjew għal dawn il-Festi, billi fi spirtu ta' umilta` u ta' sempliċita, u fuq kollox b'imħabba qawwija li tħoll kull ebusija, nittrenjaw ruħna biex, quddiem il-kobor spiritwali taċ-ċokon imħaddan mit-Tarbija Divina fil-ġuf tal-Verġni Marija u fil-maxtura ta' Betlem, kif tgħallimna l-istess Madre Margerita, inħallu *"lit-tarbija qaddisa Ġesu` jagħmilna ċkejknin, ċkejknin bħalu: għax hu biss meta nsiru hekk li nistgħu nogħoġbuh"*(172).

# Madre Margerita u l-ispirtu ta' Konverżjoni

# (It-3 Ħadd matul is-Sena B) (2012)

*"Indmu u emmnu fil-Bxara t-Tajba"* (Mk.1, 15).

**Daħla**

Il-qari Liturġiku ta' dan it-3 Ħadd matul is-Sena B, hu sejħa qawwija għall-konverżjoni u, fl-istess ħin jindikalna kif għandha tkun it-tweġiba tagħna għal din is-sejħa. Kliem Kristu *"Indmu u emmnu fil-Bxara t-Tajba"*(Mk.1,15) hu l-messaġġ ċentrali tal-Liturġija. L-istess messaġġ, jagħtihulna San Pawl fis-silta tat-tieni Qari mill-Ewwel Ittra lill-Korintin meta jitlobna ma nkunux tad-dinja aħna u ngħixu fiha *"għax is-sura ta' din id-dinja għad tgħaddi"*(1Kor.7,31). L-1 Qari mill-Ktieb tal-Profeta Ġona fissrilna kif il-Mulej talab lil Ġona jmur Ninwè jsejjaħ lill-poplu għall-konverżjoni *"qum, mur f'Ninwè, il-belt il-kbira, u xandrilha l-messaġġ li nghidlek jien"*(Ġona,3,1).

Min-naħa l-oħra, l-istess Liturġija tenfasizza l-mod kif għandha tkun it-tweġiba għal din is-sejħa tal-konverżjoni. Il-Vanġelu jitlob prontezza mingħajr kundizzjonijiet, kif ġara fit-tweġiba ta' l-Appostli li *"minnufih telqu kollox u marru warajh"*(Mk.1,17 u 20), jiġifieri wara Ġesù. San Pawl talab lill-Korintin biex *"dawk li jgawdu d-dinja jgħixu bħallikieku ma jgawduhiex"*(1Kor.7,31), filwaqt li n-nies ta' Ninwè, meta semgħu l-predikazzjoni ta' Ġona, *"emmnu f'Alla, nedew sawma u libsu lbies ta' l-ixkejjer mill-kbar saż-żgħar"*(Ġona,3, 5).Quddiem dan il-messaġġ tal-Liturġija jeħtieġ li llum insibu postna aħna, anke bil-għajnuna tal-Fundatriċi, il-Qaddejja ta' Alla, Madre Margerita.

Il-Papa Benedittu XVI, fl-Ittra Apostolika *"Porta Fidei"* li biha nieda is-Sena tal-Fidi f'għeluq il-50 sena mill-bidu tal-Konċilju Vatikan II, fissrilna kif din is-sena għandha tkun okkażżjoni tajba għal konverżjoni sinċiera: *"Is-Sena tal-Fidi hi sejħa għal konverżjoni awtentika u mġedda lejn il-Mulej, is-Salvatur waħdieni tad-dinja. Fil-misteru tal-mewt u l-qawmien tiegħu, Alla wriena fil-milja tagħha l-Imħabba li ssalva u li ssejħilna għall-konverżjoni tal-ħajja permezz tal-maħfra tad-dnubiet (ara: Atti,5,31). Għal San Pawl din l-Imħabba twassalna f'ħajja ġdida:"Indfinna miegħu fil-mewt permezz tal-magħmudija sabiex kif Kristu kien imqajjem mill-imwiet permezz tal-qawwa glorjuża tal-Missier, hekk aħna ngħixu ħajja ġdida" (Rum.6, 4). Permezz tal-fidi, dil-ħajja ġdida*

*ssawwar l-eżistenza umana kollha skont ir-rejaltà radikali ġdida tal-qawmien mill-mewt. Sakemm il-bniedem jikkopera b'mod ħieles, il-ħsibijiet u x-xewqat, il-mentalità u l-imġieba tiegħu jiġu imsoffijin bil-mod il-mod u ttrasformati, f'mixja li qatt ma tasal għat-tmiem sħiħ tagħha f'din id-dinja. "Il-fidi li taħdem permezz ta' l-imħabba" (Gal.5,6) issir kiriterju ġdid ta' għarfien u ta' ħidma li tbiddel il-ħajja kollha tal-bniedem (ara: Rum.12,2; Kol.3,9-10; Efes.4,20-29; 2Kor.5,17)". (6).*

**Madre Margerita**

Iltqajna hawn flimkien biex niċċelebraw b'radd il-ħajr, is-60 Anniversarju mill-mewt tal-Fundatriċi, Madre Margerita De Brincat, li ġrat hawn fil-"Casa Madre" tal-Kongregazzjoni tagħha, nħar it-22 ta' Jannar 1952, kmieni mat-tbexbix tas-sebħ. Din it-tifkira għażiża hi għalina okkażżjoni f'waqtha biex niflu xi aspett importanti ta' l-ispiritwalità tagħha li jgħinna ngħixu dejjem aħjar is-sejħa spiritwali tagħna. U din l-okkażżjoni tas-Sena tal-Fidi li ġejja, li fiha, kif rajna, il-Papa jixtieqna naslu għal konverżjoni awtentika u mġedda lejn il-Mulej, toffrielna direzzjoni biex infittxu fl-ispiritwalità tal-Fundatriċi, dak l-ispirtu bla waqfien ta' konverżjoni li stinkat biex tgħix fil-ħajja tagħha.

Tajjeb li niftakru li Madre Margerita bħala Franġiskana awtentika kienet tistinka biex tgħix dik il-*"penitenza evanġelika"* li hi waħda mill-karatteristiċi ta' l-Ispiritwalità Franġiskana. Dan l-ispirtu ta' Penitenza hu mixja ta' ħajja skond il-Vanġelu, imfassla fuq it-triq tal-konverżjoni kontinwa, li, qabel xejn, hi don ta' Alla, don li jintlaqa' b'bidla sħiħa minn barra u minn ġewwa. Xi siltiet mir-Regola tat-Terz'Ordni Regulari Franġiskan ifissrulna sewwa dan li qed ngħidu. *"L-Aħwa, rġiel u nisa ta' dan l-Ordni… għandhom jgħixu l-konverżjoni evanġelika fi spirtu ta' talb, faqar u umiltà. Għandhom jinfatmu minn kull ħażen u jgħixu sa l-aħħar fis-sewwa… wara li jwarrbu l-ħsibijiet u x-xewqat żejda, jagħmlu ħilithom, mill-aħjar li jistgħu, biex jaqdu, jħobbu, jweġġħu u jqimu lill-Mulej Alla, b'qalb safja u moħħ nadif… għandhom jibnu fihom infusħom dar u għamara għal dejjem lil Dak li hu l-Mulej Alla li jista' kollox, waqt li jikkonvertu bla heda lejn Alla u lejn għajrhom".* (2,7 & 8).

Jingħad li fl-Iżvizzera hemm id-drawwa li ħdejn il-kanarini jqiegħdu rużinjol. Id-dilettanti ta' l-għasafar sabu li fi ftit żmien it-tisfira tal-kanarini ssir tixbaħ dik tar-rużinjol. Ikollok tgħid, mgħejjunin mill-kumpanija ta' persuna qaddisa bħalma hi Madre Margerita li għexet l-ispiritwalità Franġiskana ta' penitenza evanġelika, nistgħu naslu biex ngħannu l-għanja ta' mħabba safja li twassalna għal-konverżjoni vera. Nistgħu ngħidu li Madre Margerita tista' tkun r-rużinjol tagħna li tgħallimna mixja vera ta' konverżjoni. Magħha nistgħu nagħmlu kif darba kitbet hi stess: *"Imbagħad, tassew li r-ruħ tkun tista' tkanta il-Fiat dejjem ħelu u għażiż ta' l-imħabba safja"*(88).

**Il-Konverżjoni Evanġelika**

L-ideja ċentrali wara din il-ħidma spiritwali – u dan insibuħ ċar kemm fl-ispiritwalità Franġiskana kif ukoll fl-ispiritwalità tal-Fundatriċi – hi li tbiddel ir-rotta, li tikkorieġi l-mixja spiritwali tagħna. B'mod aktar prattiku, din il-konverżjoni tfisser tbiddel l-imġieba personali, tagħmilħa aktar taqbel mal-Vanġelu, timliha b'aktar imħabba vera, jew aħjar tibda tħalli l-imħabba vera tikkondizzjona aktar il-passi u l-għemejjel kollha tal-ħajja tagħna. U dan għandu jkun hekk bir-raġun kollu, meta nqisu li l-Vanġelu hu messaġġ ta' mħabba, meta nisimgħu lil Kristu stess jiġbor il-liġi kollha fil-kmandament ta' l-imħabba. Il-Papa Benedittu fil-*"Porta Fidei"*, filwaqt li qalilna li s-Sena tal-Fidi hi sejħa għall-konverżjoni awtentika, semmagħlna kliem San Pawl li kiteb *"Il-fidi li taħdem permezz ta' l-imħabba" (Gal.5,6),* u, allura hu ċar dak li qed ngħidu li l-konverżjoni vera ssir billi nersqu dejjem aktar lejn l-imħabba vera f'kull ma naħsbu, ngħidu u nagħmlu.

Qed ninsisti dwar dan il-punt importanti mgħallem lilna mill-Vanġelu, mill-Appostli u mill-istess Papa ta' żmienna, għax meta niflu sewwa l-ispiritwalità ta' Madre Margerita nindunaw li għaliha l-konverżjoni tikkonsisti f'mixja bla waqfien mill-vojt spiritwali ta' l-amor proprju lejn il-milja spiritwali ta' l-imħabba safja, mill-egoiżmu, l-akbar għadu ta' ruħna, lejn l-għotja sħiħa tagħna nfusna lil Dak li hu Imħabba. Aktar ma' l-bniedem jitbiegħed mill-egoiżmu tiegħu u jħaddan u jħaddem l-imħabba vera u safja, aktar jirnexxilu jħaffef 'l quddiem f'din il-mixja spiritwali tal-konverżjoni evanġelika.

Infatti, mill-kitbiet tal-Fundatriċi, nistgħu malajr naslu għall-konklużjoni dwar dan il-pass fundamentali fil-ħidma ta' konverżjoni spiritwali: *"Jeħtieġ nikkumbattu dejjem kontra n-natura mħassra tagħna. Jeħtieġ nissagrifikaw ruħna dejjem; immutu dejjem għas-sodisfazzjonijiet tagħna, għat-tendenżi ħżiena tagħna; qatt ma nistgħu nċedu għar-raġunamenti umani, lanqas għall-pretensjonijiet ta' ġisimna*(71)*…L-imħabba t'Alla vera hi tassew rari! L-amor proprju hu tassew komuni! Jeħtieġ nikkumbattu, immutu dejjem, nixxejnu dejjem… b'hekk naslu għall-qerda tal-jien uman u naslu għall-kisba ta' l-imħabba divina! Imbagħad, tassew li r-ruħ tkun tista' tkanta il-Fiat dejjem ħelu u għażiż ta' l-imħabba safja… Nitolbu, nitolbu għal xulxin, ħalli il-wisq ħelu Ġesù tagħna jagħmel li naslu malajr għal dan il-għan tant mixtieq minna*(88)". F'ittra ta' l-1931, miktuba lin-nepputija, Sr. M. Antonia Abela, enfasizzat il-ħtieġa ta' l-imħabba vera u safja: *"Inħobbu b'imħabba bla tarf lil Dak li ħabbna b'imħabba bla tarf!"*, u kompliet dwar il-ħtieġa ta' konverżjoni kontinwa biex dan iseħħ tassew: *"Imma jeħtieġ li nikkumbattu dejjem kontra l-għadu perfidu, li hemm dejjem fina, jiġifieri l-amor proprju. Ftehmna? Kemm hu ħażin! Kemm hu malinn!. Nitolbu dejjem bil-qalb lill-Qalb Qaddisa ta' Ġesù u lill-Verġni Immakulata, biex jagħtuna l-grazzja li nirbħuh sa l-aħħar"* (161).

Din il-mixja ta' konverżjoni mill-amor proprju għall-imħabba safja ġiet imfissra sewwa minn San Pawl fl-1 Qari ta' llum: *"ħa jkunu dawk li għandhom mara, bħallikieku ma għandhomx"*(1Kor.7,29). Forsi l-egoiżmu tagħna, l-amor proprju tagħna, mhux sieħeb jew sieħba qawwija li kif għallmitna l-Fundatriċi qiegħed *"hemm dejjem fina"*(161) u fil-mixja ta' konverżjoni jeħtieġ inħollu għal kollox kull rabta miegħu ? *"Dawk li jibku, bħallikieku ma jibkux, dawk li jifirħu bħallikieku ma jifirhux"*(1Kor.7,30): forsi l-amor proprju tagħna mhux spiss jgħaddina minn triqat ta' niket u ta' ferħ artifiċjali li jekk jirnexxilna nxejnuh nistgħu malajr nissuperawhom ? *"Dawk li jixtru, bħallikieku ma għandhom xejn"*(1Kor.7, 30): forsi l-amor proprju tagħna mhux dejjem iwassalna għal ċerti xirjiet, akkwisti materjali li jkun aħjar jekk ma nitgħabbewx bil-piż tagħhom ? *"Dawk li jgawdu d-dinja, bħallikieku ma jgawduhiex"*(1Kor.7,31): forsi l-amor proprju, il-jien tagħna, mhux dejjem iwassalna għat-tgawdija materjali li jkun aħjar jekk ma nimxux fit-triqat tagħha għax ma fihom ebda sodisfazzjon spiritwali ?

**Ħeġġa għall-Konverżjoni**

Il-Liturġija ta' llum, fil-Qari, urietna b'liema ħeġġa n-nies ta' Ninwè waslu għall-konverżjoni meta semgħu l-predikazzjoni ta' Ġona (ara: Ġona, 3,10). Urietna wkoll b'liema prontezza u ħeġġa, *"Xmun u ħuh Indri"* u *"Gakbu ta' Żebedew u ħuh Ġwanni"* telqu kollox u marru wara Kristu li sejħilhom (ara: Mk.1, 14-20). Illum, aħna u nikkunsidraw l-ispiritwalità tal-Qaddejja ta' Alla, Madre Margerita, biex nitgħallmu minnha, jeħtieġ ninnutaw kif hi ukoll kellha ħeġġa kbira biex tgħix il-konverżjoni tagħha.

Kienet tassew konxja mill-ħtieġa ta' din il-mixja spiritwali. Fl-1942 kitbet: *"Xi jrid it-twajjeb Ġesù tagħna minn din l-ilsira fqajra tiegħu ? Li tikkonverti u ssir għarusa tassew fidila tiegħu"*(46). F'Lulju ta' l-1943, meta kienet qed tħoss il-piż tal-mard itaqqalha, kitbet lill-Mons. Agius: *"Nemmen li minħabba l-ħtijiet u d-dnubiet gravi*

*tieghi li qiegħed iħallini hawn f'din l-art ingrata… għinni, għinni, Missier għażiż biex nagħmel atti sinċieri ta' ndiema perfetta u ta' umiltà mill-akbar, ladarba jien daqshekk ingrata lejn Alla tliet darbiet qaddis"*(61).

Il-kuntatti spissi tagħha mad-Direttur Spiritwali, anke permezz ta' l-ittri kellħom dan il-għan ewlieni: li tgħix il-konverżjoni tagħha. F'ittra ta' l-1922 lill-Mons. Anton Galea, kitbet: *"Meta jkollok ftit ħin hieles, użah b'riżq il-fqajra bintek billi tiktbilha żewġ versi mħeġġin biex tqajjimha xi ftit fl-imħabba għall-ħelu Ġesù twajjeb twajjeb twajjeb"*(17). Fl-1940 kitbet lill-Mons. Alfons Agius: *"Nirrikkmanda lir-ruħ fqajra tieghi għall-ħarsien tal-Paternità tiegħek biex tgħinħa titla 'l fuq 'l fuq ħalli tintemm f'innu ta' nar qaddis ta' mħabba"*(33). Ninnutaw għal darb'oħra d-direzzjoni li xtaqet tieħu fil-ħidma tal-konverżjoni tagħha: lejn l-imħabba safja. F'Ottubru 1940 talbet lil Mons. Agius: *"Oħ! Missier, agħmel karità miegħi, urini b'liema mod r-ruħ fqajra tiegħi tista' ssib lill-Maħbub tant mixtieq. Int tista' tindikali xi mezz biex talinqas nissodisfa l-ġuħ, il-għatx għall-Kollox, għall-Kollox etern u bla tarf"*(34). Fl-1941, kitbet lill-istess Mons. Alfons Agius: *"Aħfirli, Missier, u għinni nikkorrispondi ħalli mmut imsallba ma' l-Għarus Imsallab, ladarba din hi l-prova ta' l-imħabba vera"*(43).

Iżda, jeħtieġ ninnutaw ukoll li din il-ħeġġa għall-konverżjoni, il-Fundatriċi ma kenitx turiha biss għaliha personalment, imma, bħala omm spiritwali vera, kienet ukoll turiha għall-ulied spiritwali tagħha u kienet tinqeda b'kull mezz biex tgħinhom inissluha f'qalbhom u jgħixuha fil-fatti. Infatti f'April ta' l-1922, kitbet lil waħda mis-Sorijiet, b'ton insistenti: *"Umilja ruħek quddiem it-tjubija tiegħu (tal-Mulej) u itlob maħfra għal tant dgħufija li għad hemm fik u b'qalb qawwija iddeċiedi li tagħmel kull ma' tista' biex tikkorieġi ruħek malajr kemm jista' jkun"*(80). F'Ottubru ta' l-istess sena, kitbet lil Soru oħra: *"Ladarba nagħrfu d-difetti tagħna, nistgħu nirmedjaw; imma meta ma nipperswadux ruħna mid-dgħufija, ma naslux għar-rimedju… għalhekk irrikkmanda ruħek spiss u b'ħeġġa lill-Qalb Ewkaristika biex tagħraf u taqla' mill-għeruq ta' qalbek kull sentiment dwarek innifsek u tkabbar biss is-sentimenti ta' umiltà"*(145).

Ninnutaw kif filwaqt li l-Fundatriċi ssejjaħ għall-konverżjoni, fl-istess ħin toffri mezzi prattiċi li jwasslu għaliha. F'Ottubru ta' l-1933, kitbet lin-Novizzi ta' Ruma: *"Jeħtieġ ngħassu serjament u b'ruħ ġeneruża biex inħejju qalb retta u safja għat-tieġ ma' l-Għarus bla tebgħa"*(73). Fil-25 ta' Novembru 1919, wara ż-Żjara Kanonika lill-Komunità ta' Corfù, kitbet: *"Komplu bil-ħeġġa fil-missjoni tagħkom, u b'aktar attenżjoni fittxu li tevitaw l-iċken difetti, filwaqt li tkunu ċerti li, kif jgħid l-Ispirtu s-Santu, min jittraskura n-nuqqasijiet ċkejknin, ftit ftit, bla ma jinduna, jaqa' fi ħtijiet kbar!"*(V1). Fil-11 ta' Lulju 1920, għamlet sejħa qawwija lill-Komunità tan-Nadur, billi kitbet: *"Jekk l-imġieba tagħkom, li mhix għal kollox umli, karitattiva, konkordi u mortifikata, ma għoġbitx lili, ħlejqa msejkna, kemm inqas ma togħġobx 'l Alla li hu l-qdusija fih innifsu ? Għalhekk, għeżież uliedi, fittxu li mill-lum 'l quddiem tkunu aktar twajba akkost ta' kull sagrifiċċju"*(V7).

**Il-Konverżjoni tagħna**

Raġel li għal bosta snin għex imbiegħed minn Alla, ikkonverta. Meta gie mistoqsi x'differenza hemm bejn il-ħajja ta' qabel u dik li qed jgħix issa wara li kkonverta, wieġeb: *"Qabel kont niġri wara d-dnub u issa d-dnub jiġri warajja. U sibt li meta d-dnub ikun quddiem faċli tilħqu, imma jekk ikun fuq wara ma jilħqek qatt sakemm ma tagħżilx li tieqaf"*.

Il-konverżjoni żżommna dejjem mexjin u sakemm inkomplu f'din il-mixja, minkejja li niżbaljaw, imma d-dnub qatt mhu se jilħaqna u jagħmilna lsiera tiegħu. Il-mixja tal-konverżjoni bdejniha fil-Magħmudija u tkompliet fil-Qrar u t-Tqarbin, fil-Konfirmazzjoni. Il-Konsagrazzjoni Reliġjuża li kif għallimna l-Konċilju Vatikan II, hi l-perfezzjoni tal-Magħmudija, hi wkoll il-perfezzjoni tal-mixja tal-konverżjoni tagħna. Is-sejħat bla waqfien li

jsirulna fil-Liturġija tal-Kelma dwar din il-konverżjoni, kif fil-fatt sarilna bil-Liturġija ta' dan il-Ħadd, jimbuttawna 'l quddiem f'din il-mixja spiritwali. L-ispiritwalità Franġiskani bil-*"penitenża evanġelika"* li toffrielna hi wkoll sejħa qawwija f'din il-mixja.

Imma, fuq kollox, l-eżempju u t-tagħlim tal-Fundatriċi, Madre Margerita, li mhux biss tħeġġiġna għal din il-konverżjoni, imma, kif rajna turina mod partikulari kif ngħixuha, mixja bla waqfien mill-amor proprju għall-imħabba safja, huma għalina qawwa speċjali biex niġru 'l quddiem fil-ħajja spiritwali ħalli ma nħallu qatt lid-dnub, bil-konsegwenżi tiegħu, jilħaqna.

Jingħad li meta Dr. Christian Bernard għamel l-ewwel operazzjoni li fiha bidel il-qalb marida ta' bniedem ma' dik ta' wieħed li miet f'inċident tat-traffiku, ħa lil dan Dr. Philip Blaiberg, li ġie operat, ħdejn bozza tal-ħġieġ li fiha kien hemm il-qalb il-marida tiegħu, u qallu: *"Int l-ewwel bniedem fid-dinja li tista' tara l-qalb li twelidt biha barra minn ġismek".* Blaiberg, issummat, ħares sewwa, imbagħad wieġeb lil Dr. Bernard: *"Mela dik kienet il-qalb li tant ġagħlitni nbati. Fl-aħħar ma għadhiex aktar tinkwetani"*.

Insaqsu llum: tghid għad jasal iż-żmien meta aħna wkoll, inħarsu lejn il-qalb mimlija amor proprju ta' l-imgħoddi tagħna u naraw minflokha qalb mimlija mħabba safja frott l-operazzjoni spiritwali ta' konverżjoni evanġelika vera kif għallmitna llum, Madre Margerita ? Għad naslu biex bl-għajnuna ta' operazzjoni evanġelika ta' konverżjoni ma jkollniex l-inkwiet li jiġi minn qalb mimlija egoiżmu ?

**Għeluq**

*"Indmu u emmnu fil-Bxara t-Tajba"* (Mk.1, 15). Iċ-ċelebrazzjoni tas-60 Anniversarju mill-mewt tal-Qaddejja t'Alla, Madre Margerita li qed nagħmlu flimkien illum, hi immarkata minn din is-sejħa qawwija għall-konverżjoni evanġelika, frott tal-Liturġija ta' dan it-3 Ħadd tas-Sena B.

Iżda, kif rajna, din is-sejħa għall-konverżjoni tifforma wieħed mill-elementi ewlenin ta' l-ispiritwalità tal-Fundatriċi. Aħna u nfakkru jum il-wasla tagħha fil-Genna, għandna nħossu li jeħtieġ li dan il-jum isir għalina *"tluq"* ġdid lejn ħajja aħjar, altrimenti nkunu qed infakkru din l-okkażżjoni b'mod vojt jew talinqas b'mod superfiċjali.

Ejjew, għalhekk, illum, f'din l-okkażżjoni għażiża għalina u għall-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, inħossu lkoll il-ħtieġa li nagħmlu pass 'l quddiem fil-ħajja spiritwali, pass 'l quddiem fil-qerda ta' l-amor proprju tagħna, pass 'l quddiem fil-kisba ta' dik l-imħabba safja li hi l-qofol ta' kull spiritwalità vera.

Żgur li f'din il-ħidma tagħna, għandna allejata qaddisa fis-sema. Madre Margerita, li llum nebbhitna dan kollu taqbeż għalina u tgħinna mhux biss bl-istil ta' spiritwalità li ħallitilna, imma wkoll bl-interċessjoni tagħha quddiem it-tron tal-grazzja. Għalhekk ejjew nitgħallmu minnha, nimitawha, nitolbuha u, fuq kollox, ejjew nagħmlu tagħna dak l-ispirtu ta' konverżjoni bla waqfien li mexxiha 'l quddiem lejn is-saltna dejjiema ta' l-Imħabba, fejn nittamaw li aħna wkoll għad naslu, fejnha. Ammen.

====================================

# Madre Margerita u s-Sena tal-Fidi (2013)

**Daħla**

Il-Papa Benediitu XVI fl-Ittra Apostolika *"Porta Fidei",* li biha fil-11 ta' Ottubru 2011 ħabbar is-Sena tal-Fidi li qegħdin niċċelebraw b'tifkira tal-ħamsin anniversarju mill-bidu tal-Konċilju Vatikan II u tal-għoxrin anniversarju mill-publikazzjoni tal-*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, fost l-oħrajn qalilna: *"Il-mistoqsija li għamlu lil Ġesù dawk li kienu jisimgħuh dakinhar hi l-istess waħda li nagħmlu aħna llum: 'x'għandna nagħmlu biex nagħmlu l-opri t'Alla?'(Ġw.6:28). Nafu x'kienet it-tweġiba ta' Ġesù: 'l-opra ta' Alla hija din: li intom temmnu f'dak li huwa bagħat'(Ġw.6:20). Mela, it-twemmin tagħna f'Ġesù Kristu hi t-triq li żgur twassalna għas-salvazzjoni."*(3). U, filwaqt li jitkellem mit-tiġdid tal-Knisja li jistenna matul din is-sena, il-Papa kompla, fl-istess Ittra: *"it-tiġdid tal-Knisja jseħħ billi bl-istess eżistenza tagħhom, l-insara jirradjaw il-kelma tal-verità li ħallielna Ġesù"*(6). U, għalhekk, il-Papa jitlob:*"matul dan iż-żmien jeħtiġilna nżommu ħarsitna fuq Ġesù Kristu, 'li minnu tibda u fih tintemm il-fidi tagħna'(Lhud 12,2)"*(6).

Minn din is-sejħa, biex *"inżommu ħarsitna fuq Ġesù Kristu",* il-Papa jwassalna għal tliet konklużjonijiet prattiċi li hu jistenna li jkunu l-impenji tal-insara kollha, ta' dawk kollha li jemmnu, tagħna, mhux biss matul din is-Sena tal-Fidi, imma dejjem:

- L-impenn ta' konverżjoni lejn Kristu: *"Jekk inħarsu lejn is-Sena tal-Fidi f'dan id-dawl, naraw li hi sejħa biex mill-ġdid nikkonvertu b'mod awtentiku lejn Kristu, il-Feddej waħdieni tad-dinja. Fil-misteru tal-mewt u l-qawmien, Alla rrivela l-milja tal-imħabba li tifdina u ssejħilna għal ħajja ta' konverżjoni permezz tal-maħfra tad-dnubiet (ara Atti 5:31)"*(6).
- L-impenn ta' telqa dejjem akbar f'idejn dak li hu Imħabba: *"Il-fidi tikber u tissaħħaħ biss, billi nemmnu: ma hemmx possibiltà oħra biex inkunu ċerti għajr li nintelqu f'idejn dik l-imħabba li dejjem tikber għax l-għajn tagħha huwa Alla… nixtieq nuri triq li tista' tgħinna nifhmu b'aktar profondità mhux biss x'fiha l-fidi tagħna, imma wkoll dak l-att li bih niddeċiedu li nafdaw ruħna bi sħiħ f'Alla, b'libertà sħiħa"(6 u 10).*
- L-impenn biex il-fidi tagħna ssir imħabba: *"Is-Sena tal-Fidi hi wkoll okkażżjoni f'waqtha biex inqawwu x-xhieda tagħna tal-imħabba… Il-fidi mingħajr imħabba ma tagħtix frott u l-imħabba mingħajr fidi tkun bħal sentiment għaddej il-ħin kollu mid-dubju. Fidi u mħabba huma meħtieġa t-tnejn, għax waħda*

*tippermetti lill-oħra twettaq il-mixja tagħha… Hija l-fidi li biha nistgħu nagħrfu 'l Kristu u mħabbtu li tħeġġiġna ngħinuh kull darba li hu jsir proxxmu fil-mixja ta' ħajjitna"*(14).

Ma' dawn it-tliet impenji ta' fidi li semmielna l-Papa fil-*"Porta Fidei"*, biex inħarsuhom u nikbru fihom b'mod partikulari matul din is-Sena tal-Fidi, hu semmielna wkoll li *"bil-ħila tal-fidi tagħhom, matul is-sekli, irġiel u nisa ta' kull età, li isimhom jinsab miktub fil-Ktieb tal-Ħajja (ara Apok. 7,9 u 13,8), stqarrew is-sbuhija tal-mixja wara l-Mulej Ġesù kull meta kienu jissejħu biex jagħtu xhieda tat-twemmin nisrani tagħhom: fil-familja, fil-professjoni, fil-ħajja publika, fil-qadi tal-kariżmi u ministerji li għalihom kienu msejhin"*(13).

**Madre Margerita**

Fost dawn, illum, it-22 ta' Jannar 2013, aħna li nġbarna hawn biex infakkru waħda minn dawn il-persuni li isimha żgur jinsab imnizzel b'ittri tad-deheb fil-*Ktieb tal-Ħajja*(Apok.7,9 u 13,8) u dejjem tat xhieda tal-fidi nisranija tagħha fil-qadi tal-kariżmi u tal-ministerji li għalihom ġiet imsejħa, insibu lill-Qaddejja ta' Alla, Madre Margerita De Brincat, Fundatriċi tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù. Bħal-lum, 61 sena ilu, minn dan l-imkien ittajret lejn is-sema biex tieħu l-ħlas ta' ħajja ta' fidi li għexet b'ħarsitha dejjem fuq Kristu, b'mod li dejjem irradjat fiha l-verità tal-imħabba ta' Kristu, b'telqa sħiħa fl-imħabba tiegħu li tmexxi kollox. Għalkemm diġà għaddejna biċċa sewwa mis-Sena tal-Fidi, Madre Margerita tista' tkun eżempju prattiku u qawwi dwar kif aħna nistgħu ngħixu dawk l-impenji ta' fidi li semmielna l-Papa Benedittu fil-*"Porta Fidei"* tiegħu. B'dan il-mod, kif qal ukoll il-Papa, *"aħna wkoll ngħixu bil-ħila tal-fidi: billi nagħrfu b'mod ħaj lill-Mulej Ġesù, li jinsab preżenti f'ħajjitna u fl-istorja"*(13).

**Impenn ta' konverżjoni lejn Kristu**

Il-Papa riedna nħarsu lejn din is-Sena tal-Fidi bħala sejħa għal konverżjoni awtentika lejn Kristu, lejn tagħlimu, lejn il-valuri tiegħu. F'dan is-sens nistgħu ngħidu li Madre Margerita kienet tgħix Sena ta' Fidi bla waqfien għax ħsiebha kien dejjem li tgħix din il-konverżjoni lejn Kristu, billi ssir aktar togħġbu. F'ittra miktuba lid-Direttur Spiritwali tagħha, Mons. Alfons Agius, fl-1942, fissret din ix-xewqa tagħha hekk: *"F'kull każ irridu napprofittaw ruħna miż-żmien li ngħatalna ħalli bin-nar Ewkaristiku ntemmu d-djun kollha tagħna u nħassru kull tebgħa ta' ħtija, ħalli mbagħad jiġi l-Għarus ħelu u jeħodna miegħu"*(52). Ninnutaw, fuq kollox, kif kienet issib fin-*"nar Ewkaristiku"*, il-ħeġġa u l-qawwa meħtieġa biex tasal għal din il-konverżjoni.

Fl-1946, filwaqt li fissret ruħha ma' Swor Dijonisja bħala *"Sr. Miseria li għadha titkaxkar fil-kuriduri tal-għażiża Casa Madre"*, kompliet hekk: *"X'jonqsu t-twajjeb Ġesù tagħna? Qed jistenna l-konverżjoni sħiħa tiegħi. Itlob u ġiegħel lill-għeżież sorijiet u wliedi li jitolbu ħalli Ġesù jtemmni fl-imħabba safja tiegħu"*(119). Ninnutaw minn dan il-kliem, kemm Madre Margerita kienet ċerta minn din ix-xewqa għall-konverżjoni li kellu Ġesù dwarha u mill-ħeġġa tagħha biex tgħixha tassew bl-istess qawwa tal-imħabba tiegħu.

Madre Margerita mhux biss kienet imħeġġa biex tgħix hi dil-konverżjoni, imma wkoll kienet tinsisti dwarha mas-Sorijiet tagħha. Kienet tara fil-konverżjoni lejn Kristu espressjoni ta' fidi vera kif uriena l-Papa f'dak li kitbilna għal din is-Sena tal-Fidi. Infatti, f'ittra miktuba fl-1938 lil waħda mis-Sorijiet, indirizzata *"binti ta' qalbi"*, naqraw: *"Irridu nitqaddsu, taf, binti, u mhux diffiċli, jekk nagħrfu ninsew lilna nfusna u nogħġbu lit-twajjeb Ġesù kull hin. Ninħallu mill-JIEN u noħolqu vojt fina, ħalli Ġesù jkun jista' jsaltan fina bil-libertà kollha"*(148). Ninnutaw hawnhekk, u fl-istess ħin ejjew nitgħallmu minn din l-għalliema spiritwali tagħna, kif issir il-vera

konverżjoni lejn Kristu: billi nitbattlu mill-Jien tagħna ħalli nimtlew b'Ġesù Kristu u fl-istess hin inkunu kapaċi nħalluh jaħdem Hu u mhux il-Jien tagħna li tant ifixkilna.

Il-Fundatriċi kienet tassew persważa mill-ħtieġa li fil-ħajja nisranija jkun hemm taqbida dejjem sejra mal-amor proprju ħalli fil-qalb tal-bniedem issaltan l-imħabba safja. Għaliha dan kien wieħed mill-modi prattiċi li bih tista' tingħax il-konverżjoni vera lejn Kristu li qed jissuġġerielna l-Papa fi żminijietna. F'ittra tal-1931 lin-nepputija tagħha, Swor Antonja Abela, li kienet mas-Sorijiet tal-Karità, narawha tisħaq dwar dan il-punt importanti. *"Maħbuba tieghi, ejja nħobbu bla qjies… jeħtieġ iżda li nitqabdu dejjem kontra l-għadu kbir tagħna li qiegħed dejjem fina, jiġifieri l-amor proprju. Kemm hu kattiv u jilħaqlu. Nitolbu lill-Qalb Qaddisa ta' Ġesù u lill-Verġni Immakulata biex jagħtuna l-grazzja li nirbħulu sal-aħħar".*(161).

Il-Papa, f'waħda mis-serje ta' Udjenżi Ġenerali dwar il-Fidi li qed jagħmel din is-sena, tkellem hekk: *"Li nemmnu fil-Mulej mhux fatt li jinteressa biss lill-intelliġenża tagħna, il-parti tal-għarfien intellettwali, imma bidla li tinvolvi l-ħajja kollha u lilna kollna kemm aħna: sentimenti, qalb, intelliġenza, rieda, ġisem, emozzjonijiet, relazzjonijiet umani. Permezz tal-fidi, tabilħaqq li kollox jinbidel fina u għalina"* (Benedittu XVI, *"Daħla għas-Sena tal-Fidi",* Udjenza Ġenerali,17/10/2012). Żgur li dak li għallmitna Madre Margerita dwar il-qerda tal-amor proprju u l-iżvilupp tal-imħabba safja, jgħinna ħafna biex naslu għal din il-bidla, għal din il-konverżjoni li hi l-aqwa frott ta' fidi vera.

**Impenn ta' telqa dejjem akbar f'idejn Dak li hu Imħabba**

Il-Fidi vera għandha ssir telqa sħiħa, abbandun totali f'idejn Dak li hu Imħabba. Infatti l-Papa f'waħda mis-serje ta' Udjenzi Ġenerali għal din is-Sena tal-Fidi, għallem: *"Il-fidi mhix sempliċiment il-kunsens spiritwali tal-bniedem għal veritajiet partikulari dwar Alla; tfisser adeżjoni għall-"Int" li jimlieni bit-tama u bil-fiduċja; hi att li bih nafda ruhi b'libertà sħiħa f'idejn Alla li hu Missier li jħobbni: hi adeżjoni għal "Int" li jagħtini tama u fiduċja… għandna nimmeditaw iktar ta' spiss fuq il-fatt li l-fidi fid-dawl Kristjan tfisser dan l-abbandun fiduċjuż fis-sens profond li qed iżomm ħaj lili u lid-dinja"* ( Benedittu XVI, *"X'inhi l-Fidi?",* Udjenza Ġenerali, 24/10/2012.).

Nistgħu ngħidu b'mod ċert li Madre Margerita hi għalliema spiritwali dwar din il-kwalità ta' fidi vera: l-ispirtu ta' abbandun sħiħ f'idejn Dak li hu Imħabba hu element fundamentali tal-ispiritwalità tagħha. Ir-regola ewlenija li kienet tmexxiha f'kollox kienet: *"ngħixu flimkien il-ħajja tal-imħabba safja billi nintelqu għal kollox, u bla ma nerġgħu lura u għal dejjem fil-ħarsien patern tal-Providenza tiegħu"*(16).

F'ittra tal-1923 miktuba lid-Direttur Spiritwali, Mons. Anton Galea, fissret sewwa dan l-atteġġjament fundamentali tal-ħajja spiritwali tagħha, meta kitbet: *"X'għandi nagħmel għajr li nintelaq kollni kemm jien fil-ħarsien patern tal-Providenza Divina! Neħtieġ l-għajnuna, il-kuraġġ, ħalli fis nintelaq f'dak il-baħar bla tarf tal-Imħabba Divina… fil-ħdan ta' Missier, fejn jinsab dawl sfiq u faraġ… min-naħa l-oħra nħossni bħal tifla żgħira żgħira, imsieħba minn Missier, li l-preżenza tiegħu tnessini kull dieqa"*(25). Minn din id-dikjarazzjoni sinċiera ta' Madre Margerita, malajr naslu biex nifhmu l-fidi tagħha fil-Providenza Divina, fil-kobor bla tarf tal-Imħabba ta' Alla u fil-preżenza paterna ta' Alla fil-ħajja tagħha.

Dan l-ispirtu ta' fidi li jwassal għal telqa sħiħa f'idejn l-Imħabba, kien iwassal lil Madre Margerita biex ittenni dejjem l-*"iva"*, il-*"fiat"* tagħha lill-istess Imħabba. Hekk fissret ruħa f'ittra tal-1921: *"Għandek għax tkun kuntenta b'dak li ħejjietlek il-Providenza Divina! Tenni dejjem l-imqaddes Fiat bla ma tgħejja qatt u qatt"*(142). Kemm għandna tassew x'nitgħallmu dwar x'inhi l-fidi vera, minn Madre Margerita!

**L-impenn biex il-fidi tagħna ssir imħabba**

*"Il-fidi mingħajr imħabba ma tagħtix frott",* qalilna l-Papa Benedittu (P.F.,14), u kompla jfissrilna: *"Il-fidi tikber meta ngħixuha bħala esperjenża tal-imħabba li rċivejna u meta nikkomunikawha bħala esperjenza ta' grazzja u ferħ"*(P.F.,7). U kompla jsaħħaħ dan il-kliem tiegħu b'dak li kiteb l-Appostlu San Ġakbu: *"X'jiswa, ħuti, li wieħed jgħid li għandu l-fidi jekk ma jurihiex fil-għemil tiegħu?"*(Ġak.2,14), naturalment, fl-għemil ta' mħabba. Il-fidi vera, mela, jeħtieġ issir imħabba.

Il-fidi ta' Madre Margerita fil-Providenza ta' Alla, fit-Tjubija tiegħu, fl-Inkarnazzjoni u l-Mewt ta' Ġesù Kristu, fl-Ewkaristija, saret tassew imħabba. Din il-fidi, il-Madre tistqarrha u tiġborha fl-għajta spissa tagħha *"inħobbu, inħobbu l-Imħabba"*(1). U billi kienet tixtieq li kulħadd jikber f'din il-fidi li ssir imħabba, il-għan ewlieni ta' ħajjitha sar *"inqisu għalhekk li (l-Imħabba)  tkun magħrufa u b'hekk tkun tabilħaqq maħbuba"*(1).

Kienet spiss tistieden lis-Sorijiet tagħha: *"ħobbu, ħobbu l-Imħabba u agħmlu kollox, kollox għall-imħabba, bl-imħabba u fl-imħabba"*(137). Kmieni f'ħajjitha, fl-1892, kienet fissret xewqitha: *"Iva, iva, inħobbuh, u ma nħallux min jgħaddina fl-imħabba jew fis-safa tal-imħabba"*(138). Kienet ukoll tinsisti dwar il-ġenwinità tal-imħabba, imħabba li tintwera bil-fatti. Infatti f'ittra tal-1921 naqraw: *"L-imħabba mingħajr ħafna tbatija, sagrifiċċju u umiljazzjoni, m'hi imħabba xejn. Għalhekk napprofittaw ruħna mill-okkażżjonijiet li tibgħatilna l-Providenza Divina. Il-ħarsien tagħha jżommna"*(65). Il-Madre Fundatriċi kienet temmen mhux biss fl-Imħabba imma wkoll wkoll li l-istess Providenza, Oċejan ta' tjubija u mħabba, toffrielna okkażżjonijiet biex ngħixu fidi li ssir imħabba u tagħtina l-qawwa biex nagħtu xhieda awtentika ta' dan kollu.

**Għeluq**

Fl-Ittra Pastorali dwar Madre Margerita li l-Eċċ. T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, ħareġ fl-okkażżjoni tal-150 Anniversarju minn twelidha, naqraw hekk: *"Hija mhux biss ħalliet marka profonda fl-istorja tal-Knisja u tas-soċjetà, imma llum ukoll għadha figura li tqanqal interess u għajn ta' ispirazzjoni għal ħafna".* U filwaqt li Mons. Isqof staqsa x'kien is-sigriet tagħha, jiġifieri ta' Madre Margerita, wieġeb: *"Mix-xhieda li għandna dwarha kif ukoll mill-ittri tagħha faċli nsibu t-tweġiba! Madre Margerita kienet mara li nħatfet mill-ġmiel ta' Ġesù Kristu!"* ( *"Mara li ħabbet l-Imħabba":* Ittra Pastorali  tal-E.T.Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, fil-150 Anniversarju mit-Twelid tal-Qaddejja ta' Alla, Madre Margerita De Brincat, 27/2012, 28 ta' Novembru 2012). Dan jaqbel eżattament ma' dak li kitbilna l-Papa Benedittu XVI dwar is-Sena tal-Fidi, li jeħtieġ li *"l-Insara jirradjaw il-kelma tal-verità li ħallielna Ġesù"*(P.F.,6), fi kliem ieħor li jinħatfu minn Kristu, il-Verb ta' Alla u li jsiru raġġ jiddi ta' dan kollu.

Din ukoll kienet l-akbar xewqa li Madre Margerita kellha dwar is-Sorijiet tagħha, xewqa li kienet tfissirha b'espressjonijiet bħal dawn li ġejjin: *"li jiksbu l-kenn ta' dejjem għand il-Maħbub ta' ruħna"*(7); *"li jkunu jistgħu jħobbu u jiggustaw il-benna tal-Imħabba ħelwa"*(7) ; *"jalla jkollna x-xorti li lkoll narawhom innamrati minn Ġesù, l-Għarus Imsallab… imġienen, imġienen bl-imħabba għal dak li jiftaħar li jinsab Priġunier taħt is-saqaf ta' dar l-għarajjes tiegħu"*(117); *"qaddsuhomlu kollha kollha bl-imħabba Ewkaristika, u bl-imħabba tal-Imsallab"*(120). Fl-aħħar mill-aħħar meta spiss kienet tistieden *"Inħobbu l-Imħabba",* mhux biss kienet tistqarr li Alla hu Mħabba, imma wkoll kienet tixxennaq li din l-imħabba tidħer fl-għemejjel kollha, fil-kliem kollu, tas-Sorijiet u ta' dawk li lilhom kien ikollha l-okkażżjoni li tindirizza kliemha. *"Kemm inħossni ferħana li wliedi huma dejjem lesti jingħataw kollhom kemm huma lil din l-imħabba perfetta tiegħu"*(105), fissret ruħħa darba waħda ma seħbitha, Sr. Nazzarena Gouder.

Għalhekk, illum, aħna u niċċelebraw il-wieħed u sittin anniversarju mill-mewt ta' Madre Margerita f'din is-Sena tal-Fidi, ejjew naraw fiha, kif għallimna l-Papa, fidi li ssir konverżjoni bla waqfien lejn Kristu, fidi li tkun taf tintelaq għal kollox f'idejn Dak li hu Mħabba, u, fuq kollox, fidi li ssir imħabba. Kif rajna, Madre Margerita tista' tgħinna ħafna biex nagħmlu minn din is-Sena tal-Fidi, mixja 'l quddiem lejn fidi vera u awtentika kif imxiet hi. Nitgħallmu minnha u nitolbuha biex mis-sema tħarisna nimxu magħha u bħalha biex mill-Bieb tal-Fidi f'din id-dinja, naslu biex ngħaddu mill-Bieb tal-Glorja fil-ħajja dejjiema. Ammen.

++++++++++++++++++++++++++++++++++++

# Madre Margerita: imħabbra l-"qaddisa" f'mewtha

*"Mietet il-qaddisa tas-Sorijiet tal-Istilla!"* Hekk ħarġet l-aħbar dwar il-mewt ta' Madre Margerita, nhar it-22 ta' Jannar 1952, filgħodu kmieni, fl-inħawi tal-"Casa Madre" tal-Kongregazzjoni tagħha li hemm fi Triq Palma, fir-Rabat, Għawdex.. Din il-ġrajja li, skont l-ispirtu nisrani hi mogħdija minn din il-ħajja li tintemm għall-ħajja ta' dejjem, ġrat fl-erbgħa ta' filgħodu, f'kamra żgħira li l-ħajt tagħha kien jifridha mill-kor fejn jinsab Ġesù fl-Ewkaristija. Dakinhar, Madre Margerita saret ħaġa waħda ma' l-Imħabba f'tgħannieqa dejjiema.  Lejn tmiem is-sena, sewwasew fit-28 ta' Novembru, infakkru jum it-twelid ta' din il-Qaddejja ta' Alla fir-raħal ta' Kerċem, kif ukoll il-Magħmudija tagħha fil-Parroċċa ta' San Ġorġ Martri tal-Belt Victoria, fejn bdiet il-mixja spiritwali tagħha lejn l-Imħabba.

Bejn dawn iż-żewġ anniversarji hemm għomor ta' ftit jiem inqas minn disgħin sena. F'dawn is-snin saret għażla mill-Providenza Divina, dwar it-tfajla Virġinja li minn familja fqajra ġiet mogħtija l-edukazzjoni meħtieġa u, fuq kollox tnisslet fiha mħabba awtentika lejn l-Imħabba Ewkaristka fit-Tabernaklu u lejn l-għotja sħiħa għall-qadi ta' din l-Imħabba. Minn hawn, pass wara l-ieħor, b'għażliet imfissrin ukoll fl-ismijiet li ngħatawlha fil-ħajja reliġjuża tagħha – Maestra Virġinja tal-Beata Margerita u, mbagħad Swor Margerita tal-Qalb ta' Ġesù – inbniet f'ħajjitha spiritwalità kristoċentrika imsawwra fuq il-kult tal-Qalb Qaddisa ta' Ġesù fl-Ewkaristija u mgħejjuna b'mod mill-aħjar mill-ispiritwalità franġiskana.

Minħabba dan ninnutaw kif dik li fl-aqwa ta' dawn id-disgħin sena ta' ħajja saret Madre Margerita tal-Qalb ta' Ġesù, ġabret fil-qosor l-ispiritwalità tagħha li mbagħad tħalliet bħala wirt spiritwali f'kariżma tal-Kongregazzjoni tagħha, fl-*"Inħobbu l-Imhabba"* u bħala ħidma apostolika mill-akbar fil-pjan *"u nagħmlu li l-Imħabba tkun magħrufa u maħbuba minn kulħadd u kullimkien".* Biex nitkellmu b'mod sempliċi, ikollna ngħidu li l-ħajja spiritwali tal-Madre kienet namur kontinwu ma' l-Imħabba Ewkaristika u ħidma bla nifs, biex kemm jista' jkun din l-Imħabba ssir il-punt ta' riferenza spiritwali ta' ħafna bnedmin oħra.

Dan kollu wassal biex Madre Margerita kellha fidi tal-għaġeb fil-Providenza tal-Missier tas-sema li, min-naħa tiegħu, għax tassew kienet togħġbu din il-fidi tagħha, kien ifissidha meta f'kull problema li kienet tħalli f'idejH, kien isibilha s-soluzzjoni f'waqtha. Kienet tfittex il-kenn tat-Tabernaklu fejn l-Imħabba Divina tgħammar mal-bnedmin, tintelaq bla kundizzjonijiet għat-tmexxija ta' din l-Imħabba, tgħid il-FIAT għażiż u qaddis għal kull deċiżjoni ta' din l-Imħabba u b'kuraġġ ta' sur li għamel minnha *"mara ta' ħila"*, imxiet 'l quddiem b'passi ta' ġgant fil-ħajja spiritwali tagħha.

Imma, fuq kollox, ta' min jinnota li Madre Margerita ma riditx tgħix dan l-istil ta' ħajja għaliha biss. Dan l-istil ta' ħajja, din il-kariżma ħallietha b'wirt spiritwali lil dawk li għażlu, jew aħjar lil dawk li ntagħżlu mill-Imħabba biex jimxu fuq il-passi tagħha. Bi kliemha u, l-aktar bl-ittri tagħha offriet dettalji spiritwali mill-aqwa li jsawwru l-ispiritwalità profonda u affaxxinanti tagħha għall-ulied spiritwali tagħha. Kemm sorijiet tqaddsu għax issieħbu

fil-programm spiritwali tagħha! Kemm sorijiet ħadmu bla nifs ma' l-erbat irjieħ tad-dinja biex iwasslu l-messaġġ qaddis tagħha! Kemm persuni ta' kull klassi, li kellhom ix-xorti jissieħbu fl-idejali spiritwali tagħha nstemgħu jtennu li Madre Margerita hi l-qaddisa ta' kull żmien, ta' kull età, ta' kull klassi! B'kemm ħerqa lkoll kemm aħna qed nitolbu u nistennew dak il-jum glorjuż li fih il-Knisja, b'mod uffiċjali tindikahielna bħala norma żgura ta' stil ta' triq spiritwali lejn il-qdusija!

Aħna li kull sena, f'Jannar u f'Novembru, ngħixu t-tifkiriet tal-ġrajjiet ewlenin li ħaddnu is-snin ta' ħajjitha mimlijin b'għana bla prezz ta' spiritwalità mill-aqwa, ejjew nagħmlu li nistgħu biex nitgħallmu minnha, biex nifhmu liema huma l-akbar valuri tal-ħajja u biex b'kull ma nagħmlu, bħalha, *inħobbu l-Imħabba u nistinkaw biex nagħmluha magħrufa u maħbuba minn kulħadd u kullimkien.*

# MADRE MARGERITA DE BRINCAT:

# bil-ġuħ u bil-għatx tal-ġustizzja (2014)

*"Henjin dawk li huma bil-ġuħ u l-għatx tal-ġustizzja, għax huma jkunu mxebbgħin"* (Mt. 5,6).

**Daħla**

Ix-xbieha ta' ġuħ u għatx tressaq lejn xulxin, minn naħa l-ħidma għall-ġustizzja, għall-qdusija, u minn naħa l-oħra l-ħtiġijiet l-aktar profondi u kostanti tal-bniedem. Il-ġuħ u l-għatx jgħajtu bla waqfien għal sodisfazzjon: huma movimenti umani fundamentali. Bihom l-Iskrittura kemm-il darba tpitter ix-xewqa biex, b'kostanza u qawwa, il-bniedem iwettaq ir-rieda ta' Alla. Hekk naqraw f'Salm 42: *"Bħalma għażżiela tixxennaq għan-nixxiegħat ta' l-ilma, hekk tixxennaq ruħi għalik, Alla tiegħi. Ruħi għatxana għal Alla, għal Alla l-ħaj"*(S.42,1). L-istess naqraw f'Salm 63: *"Alla, Alla tiegħi int; lilek ħerqan infittex. Ruħi bil-għatx għalik, għalik imxennaq jiena, bħal art niexfa, maħruqa, bla ilma"*(S.63, 1).

Fi żmien Ġesù kien komuni li tara nies litterament bil-ġuħ u bil-għatx. Kienu jgħixu fejn l-ikel u x-xorb kienu tassew nieqsa. Ġesù, f'din il-Bejatitudni jsaqsi jekk nixtiequx relazzjoni aqwa mal-Missier daqskemm persuna bil-ġuħ kienet tixtieq l-ikel, jew daqskemm persuna bil-għatx kienet tixtieq ix-xorb. Il-messaġġ ta' Ġesù jtenni kliem is-Salmista *"bħalma għażżiela tixxennaq għan-nixxiegħat ta' l-ilma, hekk tixxennaq ruhi għalik, Alla tieghi"*(S. 42, 1). Ir-ruħ tixxennaq l-ikel spiritwali li jinsab fil-preżenza ta' Kristu. Meta Ġesù juża l-kelma *"ġustizzja"* jirreferi għal ħajja skont kif jixtieq Alla minna, għal relazzjoni tajba ma' Alla u ma' l-oħrajn kollha. għalhekk din il-Bejatitudni tridna nsaqsu lilna nfusna dwar kemm aħna għatxana u mġewwħa biex ngħixu l-aħjar relazzjonijiet ma' Alla u mal-oħrajn fl-aspetti kollha ta' ħajjitna.

Tiġi fi ħsibijieti, bħalissa, dik il-ġrajja tal-eremit li kien jittrenja xi dixxipli fil-ħajja spiritwali. Wieħed minnhom kien spiss itennilu: *"kemm nixtieq nikber tassew fil-ħajja spiritwali"*. L-eremit kienu qisu jibqa' passiv quddiem kliem dan id-dixxiplu, għalkemm kien attent għal dak li jgħidlu. Darba, kien jum ta' sħana kbira, u l-eremit mad-dixxipli marru jgħumu fi xmara fil-qrib. Kif kienu jgħumu, l-eremit resaq qrib dak id-dixxiplu li kien xewqan li jikber fil-ħajja spiritwali, qabdu bejn idejh u għoddsu fl-ilma u żammu għal xi ħin taħt l-ilma. Dak, naturalment

beda jagħti kemm jiflaħ b'idejh u b'saqajh. Wara ftit ħin, l-eremit ħallih jitla' minn taħt l-ilma u x'ħin ra li ġie f'tiegħu, staqsih: *"x'kont tixtieq l-aktar x'ħin kont taħt l-ilma ?"* U d-dixxiplu wieġeb lill-eremit: *"l-arja". "Sewwa",* kompla l-eremit, *"jekk tixtieq tikber fil-ħajja spiritwali daqskemm kont tixtieq l-arja x'ħin kont taħt l-ilma, żgur li jirnexxilek tikber spiritwalment".*

Mela tajjeb li nifhmu li din il-Bejatitudni mhix sempliċiment tfisser stil ta' ħajja tajba. Imma qed tfisser x'inhi l-akbar xewqa, l-akbar għażla ta' dawk li huma għatxana, imġewwħa għal dak li hu tajjeb. Nistgħu ngħidu li b'din il-Bejatitudni, Ġesù ried jippreżenta atteġġjament fundamentali għal dawk li jixtiequ jkunu tassew dixxipli tiegħu u, allura bla waqfien jixxennqu li jimxu fuq il-passi tiegħu u jgħixu l-*"ġustizzja"*, dak li hu tajjeb skond it-tagħlim tiegħu. Għalhekk tajjeb inżommu fi ħsiebna li dak li hu tajjeb jinsab fir-rieda ta' Alla kemm dwar dak li hu personali, dwar il-ħajja tiegħi, tiegħek, ta' kull wieħed u waħda minna; kif ukoll dwar dak li hu soċjali, dwar ir-rieda ta' Alla f'dak li jolqot il-ħajja tal-bnedmin kollha. Il-ġuħ u l-għatx għal dak li hu tajjeb fuq bażi personali ma jistax jinfired mill-ġuħ u l-għatx għal dak li hu tajjeb fuq bażi soċjali.

Tajjeb li ninnutaw ukoll li Ġesù qiegħed din il-Bejatitudni fir-raba' post fost it-tmienja, fil-qalba tagħhom. B'hekk ried jindikalna li hi l-qalb tal-Bejatitudnijiet kollha. Min għandu dan il-ġuħ u dan il-għatx għall-ġustizzja, għall-qdusija, żgur li jħaddan ukoll il-faqar tal-ispirtu, żgur li jilqa' bl-aħjar mod in-niket tal-ħajja, żgur li hu ta' qalb ħelwa, mimlija manswetudni. Min għandu dan il-ġuħ u l-għatx għas-sewwa, żgur li jħenn, żgur li hu ta' qalb safja, żgur li jġib il-paċi u żgur ukoll li jilqa' l-persekuzzjoni għall-istess ġustizzja. Ninnutaw, mela kemm hi karatteristika spiritwali fundamentali li jkollok il-ġuħ u l-għatx għall-ġustizzja, għall-qdusija.

Il-Papa Franġisku, f'waħda mill-omiliji riċenti tiegħu, sewwsew f'jum l-1 tas-Sena 2014, fis-Solennità ta' Marija, Omm Alla, għamel riferenza għal dan il-ġuħ u l-għatx għall-ġustizzja u qiegħed lil dawk li jesperimentawh taħt il-ħarsien matern tal-Verġni Marija, Omm Alla: *"Ejjew nafdaw lilha l-mixja tal-fidi tagħna, ix-xewqat ta' qlubna, ħtiġijietna u l-ħtiġijiet tad-dinja kollha, l-aktar ta' dawk li huma bil-ġuħ u bil-għatx għall-ġustizzja u l-paċi".*

**Madre Margerita**

Qed infakkru llum it-tnejn u sittin anniversarju mill-mewt tal-Fundatriċi, il-Qaddejja ta' Alla, Madre Margerita De Brincat. Minn dakinhar li ttajjret lejn is-sema minn dan il-post għażiż saret ħidma kbira li għenitna niskopru l-ispiritwalità profonda u għanja tagħha. Din l-iskoperta wasslet għall-bidu tal-Proċess tal-Beatifikazzjoni u l-Kanonizzazzjoni tagħha, l-ewwel fid-Djoċesi t'Għawdex, imbagħad f'Ruma, u bdejna nsejħulha l-*"Qaddejja ta' Alla"*. Kif nafu, fit-13 t' April 2013, it-Tejoloġi nkarigati mill-istudju tal-ħajja u tal-virtujiet tal-Fundatriċi, taw vot unanimu dwar l-erojċità tal-virtujiet tagħha. Il-bieraħ stess, il-21 ta' Jannar 2014, iltaqgħet is-Sessjoni Ordinarja tal-Kardinali u Isqfijiet tal-Knisja biex tapprova uffiċjalment dak li qalu t-Tejoloġi. Wara nofsinhar waslitilna l-aħbar sabieħa, li ferrħitna lkoll, li din il-laqgħa kellha riżultat mill-aktar pożittiv. Issa nistennew bil-ħerqa li l-Papa Franġisku jawtorizza lill-Kongregazzjoni tal-Kawżi tal-Qaddisin biex tippublika d-digriet li jsejjaħ lill-Qaddejja ta' Alla, Madre Margerita, "*Venerabbli"*.

Wara dan kollu, jeħtieġ inkomplu nitolbu u nistinkaw biex bil-mod kif ngħixu infissru x-xewqa tagħna li ma ndumux ma naraw lill-Knisja tiddikjara solennement il-Beatifikazzjoni ta' Madre Margerita . X'mixja spiritwali, x'turija sopranaturali ta' dak li kapaċi tagħmel il-grazzja ta'Alla, matul dawn is-snin mill-mewt tal-Fundatriċi! Kellhom raġun id-disa' Tejoloġi li studjaw il-ħajja u l-virtujiet ta' Madre Margerita, fit-13 ta' April 2013, jagħtu verdett unanimu dwar l-erojċità tagħhom, u fir-relazzjoni tagħhom dehru li bħal issaħħru mill-ispiritwalità

tagħha. Kellhom raġun ukoll il-Kardinali u l-Isqfijiet li ltaqgħu l-bieraħ jaslu għal riżultat mill-aktar pożittiv dwar il-Fundatriċi tagħna. Inroddu ħajr 'l Alla minn qalbna.

**Esperjenza tal-Bejatitudni**

Nistgħu ngħidu bla tlaqliq li l-Madre Fundatriċi għexet għal kollox l-esperjenza tal-Bejatitudni li qed nirriflettu dwarha fl-okkażżjoni ta' llum: jiġifieri, għexet dan l-atteġġament fundamentali li bih kienet tixxennaq il-ġustizzja, il-qdusija. Infatti, f'ittra li kitbet lil Mons. Anton Galea, Direttur Spiritwali tagħha, fis-27 ta'Awwissu 1920 stqarret: *"O kif inħossni sfinita, imdewba bix-xewqa li nintemm kollni kemm jien, fl-Imħabba Divina... Kif inħoss ruħi għatxana għal Dak li jista' kollox, ngħix fih, eċċ"*(11). U dan il-ġuħ u l-għatx spiritwali tagħha ma kienx riservat għaliha personalment biss: infatti fis-26 ta' Ottubru 1917, kienet diġà fissret lill-istess Mons. Galea, dan il-ġuħ u l-għatx spiritwali li kellha dwar is-salvazzjoni ta' l-erwieħ. Fiha naqraw: *"Inħoss għatx kbir għal dawn l-erwieħ! Iva nħossni naqbad..."*(7).

Niftakru wkoll li San Pawl Appostlu, fl-Ittra lill-Filippin, fisser il-ġuħ u l-għatx li kellu għal Kristu meta kiteb *"nixtieq nintemm u nkun ma' Kristu"*(Fil. 1, 22) . Fil-Vulgata nsibu l-kelma *"cupio"*, nixxennaq bil-kbir, għatxan tassew. Dan l-istess atteġġjament fissritu Madre Margerita f'ittra tal-1941 lil Mons. Alfons Agius, fejn qaltlu *"jiġu spiss fi ħsibijieti u f'qalbi x-xewqat tal-kbir Appostlu: cupio dissolvi et esse cum Christo (nixtieq nintemm u nkun ma' Kristu)"*(42). Forsi ħasset li tista' tfisser ruħha aħjar meta tuża l-kelma latina *"cupio"* ?

Jekk nimxu aktar 'l quddiem fil-ħajja ta' Madre Margerita, ninnutaw li aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar kien jikber fiha dan il-ġuħ u dan il-għatx spiritwali. Infatti f'ittra miktuba lil Mons. Agius fit-3 ta' Ġunju 1941, naqraw *"Ah! Ħallini, għażiż Missier, nitkellem ftit dwar il-qalb fqajra ta' bintek iż-żgħira. Oh! kif tħossha għajjiena, sfinita, imxejna... Ħlejqa msejkna, ingrata, impura, tixxennaq għall-għoli, għall-għoli, biex ittaffi l-għatx tagħha, ixxebba' l-ġuħ tagħha..."*(40). F'ittra oħra tal-20 ta' Ottubru 1940 kienet diġà fissritlu: *"Għażiż Missier, il-leħen tal-Maħbub kultant jagħmilni nħoss għatx kbir... ġuħ kbir għal Alla tliet darbiet Qaddis... iwassalni nbati bħal agonizzanta... Oh! Missier, b'karità, għarrafni b'liema mod tista' ruħ imsejkna ssib lill-Maħbub tant mixtieq... Int tista' tgħarrafni xi mezz biex almenu b'xi mod inkun nista nxebba' l-ġuħ, oh! intaffi l-għatx għal dak li hu <u>Kollox</u>... il-<u>Kollox Etern u Infinit</u>!!*(34).

Dawn l-espressjonijiet mistiċi tal-Fundatriċi huma xhieda biżżejjed tal-għixien ta' din il-Bejatitudni li qed nitkellmu dwarha. Anzi, meta ngħaqqdu dak li hemm f'dawn l-espressjonijiet tagħha max-xewqa fundamentali li *"tħobb l-Imħabba u li l-Imħabba tkun magħrufa u maħbuba minn kulħadd u kullimkien",* malajr naslu għall-konklużjoni li dan l-għatx, dan il-ġuħ spiritwali tagħha ma kienx ilaħħaq biss għaliha personali *"li tħobb l-Imħabba"*, imma wkoll kien iwassal għal dimensjoni universali li biha xtaqet bla waqfien li l-imħabba, il-ġustizzja, il-qdusija tasal għand kulħadd, kullimkien, *"li l-Imħabba tkun magħrufa u maħbuba minn kulħadd u kullimkien"*. Infatti f'ittra oħra tagħha, miktuba lil Mons. Agius fis-17 ta' Lulju 1943, stqarret: *"Xi ħruq inħoss għas-salvazzjoni tal-erwieħ! Irrid u nixxennaq bis-sħiħ li l-erwieħ kollha mifdija mid-Demm wisq għażiż tal-Feddej Divin tagħna, jsalvaw"*(60). Nistgħu ngħidu li l-għatx u l-ġuħ spiritwali għas-salvazzjoni tal-erwieħ, saru fiha nixfa li tirrendi ruħha fi ħruq spiritwali li kien iwassalha tbati: tant hu hekk li l-kliem proprju tagħha bit-Taljan hu: *"che brucio per salvare anime... bramo ed agogno che tutte le anime redente... si salvino"*(60). L-istess ħaġa, imfissra bi xbiehat oħra, tidher f'ittra oħra lill-istess Mons. Agius miktuba fit-12 ta' Settembru 1943: *"leħen ġewwieni li spiss inħoss ġewwa fija, li xi drabi jwassalni biex nibki, u jagħmilni nixtieq ngħajjat lid-dinja kollha: inħobbu l-Imħabba, inħobbu Alla daqshekk twajjeb u daqshekk qaddis!!!"*(62).

**Kienet imxebbgħa ?**

Quddiem dan il-ġuħ, dan il-għatx, dan il-ħruq, dan il-biki ta' Madre Margerita dwar ix-xewqa tagħha biex tħobb l-Imħabba u biex din l-Imħabba tkun maħbuba minn kulħadd u kullimkien, jiġifieri, dwar il-ġustizzja, il-qdusija, ta' min isaqsi: kif kienet tissodisfa dan kollu, il-Fundatriċi ? Kif kienet tiġi mxebbgħa ?

Il-konklużjoni kienet dejjem waħda: li dejjem tfittex li tagħmel ir-rieda ta' Alla, atteġġjament li fih innifsu hu l-akbar att ta' ġustizzja, ta' qdusija. Bħas-Salmista li stqarr *"ruħi għatxana għal Alla, għal Alla ħaj"*(S. 42,1), u mbagħad sab xi jtaffilu dan l-għatx billi jistieden lilu nnifsu *"Ittama f'Alla, għax jien nibqa' nfaħħru hu l-għajnuna tieghi u Alla tieghi"*(S.42,6), hekk ukoll Madre Margerita waqt li tħoss *"għatx kbir... ġuħ kbir għal Alla tliet darbiet qaddis"*(34), titlob l-għajnuna tad-Direttur Spiritwali *"Int tista' turini xi mezz biex almenu b'xi mod nissodisfa dan il-ġuħ, oh! l-għatx għall-<u>Kollox</u> "*(34). F'dan l-atteġġjament kienet turi d-dispożizzjoni tagħha li tissottometi ruħha għar-rieda ta' Alla kif mwassla lilha mid-Direttur Spiritwali tagħha. Meta f'okkażżjoni oħra stqarret li kienet *"tixxennaq għall-Għoli, għall-Għoli, biex ittaffi l-għatx tagħha, ixxebba' l-ġuħ tagħha..."*(40), sabet il-faraġ tagħha: *"Tkun magħmula ir-rieda wisq qaddisa f'dan it-tajn imsejken li ma jafx jagħmel sagrifiċċju, anke l-iċken wieħed"*(40).

F'dan kollu jidher ċar li Madre Margerita, bħas-Salmista, bħal kull min jimxi 'l quddiem fit-triq tal-qdusija, kienet konxja li l-vera *"ġustizzja"*, jiġifieri il-vera qdusija li minnha titkellem il-Bejatitudni li dwarha qegħdin nirriflettu, tikkonsisti f'dak li jrid Alla, fir-rieda qaddisa tiegħu li għaliha l-Fundatriċi kienet dejjem tbaxxi rasħa u r-rieda tagħha, hi u tistqarr bla waqfien *"ċħe bel Fiat ho dovuto or ora ripetere – issa stess x'Fiat sabieħ kelli ntenni"*(27), jew *"ripeto il caro Fiat – intenni l-Fiat għażiż"*(23), jew *"finisco con il bello e santo <u>Fiat</u> - nispiċċa bil-<u>Fiat</u> sabieħ u qaddis"*(42).

Għaliex qed nenfasizza dawn l-espressjonijiet ta' Madre Margerita dwar il-*<u>"Fiat"</u>* ? Għax kif fissret hi stess: *"il-"Fiat voluntas tua, kif fis-sema hekk fl-art", iwassalni għal abbandun qaddis. Fiżikament ma nafx kif nista' nkompli aktar 'l quddiem, imma mbagħad tiġini għajnuna li twassalni..."*(45). Madre Margerita kienet tesperimenta li l-għatx, il-ġuħ, il-ħruq, il-biki li fiżikament jifnuha, kienu jwassluha biex ittenni l-Fiat u tintelaq fir-rieda sabieħa u qaddisa ta' Alla u minn hemm kienet tiġiha ċerta qawwa li twassalha biex tippersevera u tkompli miexja 'l quddiem. Kemm tassew dak li wiegħed Kristu fil-Bejatitudni, li "*dawk li huma bil-ġuħ u l-għatx tal-ġustizzja, ...jkunu mxebbgħin"*(Mt. 5,6) .Naturalment, ikun mxebbgħin bil-mod li Alla jaf li jkun l-aħjar għal dawk li jkunu bil-ġuħ u bil-għatx għall-ġustizzja, għall-qdusija. Ikunu mxebbgħin mhux billi jingħatalhom li kollox jitbiddel malajr fis-sitwazzjoni li jkunu qed jesperimentaw, imma billi jagħtihom il-qawwa li jipperseveraw fix-xewqat tagħhom bla ma jaqtgħu qalbhom, u fl-isforzi sinċieri u ġenwini tagħhom biex jaslu għal dak li jkunu jixxenqu għalih.

Madre Margerita, fil-każ tagħna kienet imxebbgħa, mhux billi kienet tħossha li waslet għal dak li kienet tixxennaq għalih – kemm fuq bażi personali kif ukoll fuq bażi soċjali – imma billi ngħatat il-qawwa li tkun kapaċi tabbanduna ruħha għal dak li jrid Alla minnha. F'dan il-ġuħ u l-għatx kollu kienet tilqa' kull bruda u kull faraġ spiritwali, kull suċċess u kull telfa fil-ħidmiet apostoliċi, kull qawwa biex taħdem, kif ukoll kull dgħufija li kienet iżżommha fis-sodda tal-mard tagħha. Infatti fl-1942, Madre Margerita kitbet hekk lil Mons. Alfons Agius: *"F'kull każ irridu napprofittaw ruħna miż-żmien li jingħatalna... f'jasar hekk mudlam, iebes aktar minn qatt qabel, nintelqu kollna kemm aħna f'dak il-Ħdan tal-Missier, fejn jinsab dak kollu li l-imsejkna ruħ tagħna tista' tixtieq u teħtieġ"*(52). U ftit jiem wara, bħal tkompli dwar l-istess suġġett u tikteb: *"Napprofittaw ruħna*

*minn dak kollu li jippermetti li jsir magħna, dejjem lest biex iqaddisna, hux veru ?...ma naf nagħmel xejn għajr insejjaħ lill-Missier bħal tifla ċkejkna, u nerhi ruħi fi ħdanu"*(53) .

Il-Papa Franġisku, fl-Eżortazzjoni Apostolika tiegħu *"Evangelii Gaudium"* bħal fisser b'mod prattiku il-kontenut ta' din il-Bejatitudni, li dwarha mmeditajna llum f'relazzjoni ma' Madre Margerita, meta kiteb: *"Persuna li mhix konvinta, entużjasta, ċerta u nnamrata, (minn Kristu u dwaru), ma tikkonvinċi lil ħadd"*(267). Fi kliem ieħor: persuna li mhix bil-ġuħ u bil-għatx għal Kristu, ma tasal imkien. U Madre Margerita kienet konvinta, entużjasta, ċerta u nnamrata minn Kristu, u għalhekk waslet fejn waslet u nittamaw li għad tasal aktar.

**Għeluq**

Waqt li qegħdin niċċelebraw din it-tifkira għażiża tal-Fundatriċi, il-Qaddejja ta' Alla Madre Margerita, kellna l-okkażżjoni ninnutaw kemm tassew l-ispiritwalità tagħha, mibnija fuq ġuħ u għatx kbir għall-ġustizzja, tiġbor fiha l-identità Kristjana li Ġesù ppreżentalna fil-Bejatitudnijiet tiegħu. Nagħmlu sewwa, għalhekk, jekk illum neżaminaw lilna nfusna biex naraw jekk dan il-ġuħ u dan il-għatx għall-ġustizzja, kemm dwarna nfusna, kif ukoll dwar l-apostolat tagħna biex inwasslu din il-ġustizzja lill-oħrajn, jeżistux tassew fil-ħajja spiritwali tagħna. Bla ġuħ u għatx għall-ġustizzja ma nagħmlu ebda pass serju 'l quddiem fil-ħajja spiritwali u fl-apostolat tagħna.

Fuq kollox, nitolbu llum lil-Madre Margerita biex mis-sema timliena b'dan l-ispirtu qaddis tal-Bejatitudni li kellha hi, ħalli mgħejjunin minnha u fuq l-eżempju tagħha, nikbru tassew fl-identità Kristjana tagħna. Żgur li dan l-impenn ikun jiswa ħafna biex dak li tassew nixtiequ u qed nitolbu għalih, il-Bejatifikazzjoni tal-Fundatriċi, iseħħ b'aktar ħeffa għall-ġid tal-Kongregazzjoni tagħha u tal-Knisja kollha. Ammen.

++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++

# Il-Venerabbli Madre Margerita De Brincat

**Nhar it-28 ta' Novembru 2012** saru ċelebrazzjonijiet fil-Parroċċa ta' San Ġorġ tal-Belt Victoria u fil-Parroċċa ta' Kerċem, Għawdex biex jitfakkar il-150 Anniversarju mit-Twelid f'Kerċem u mill-Magħmudija fil-Parroċċa ta' San Ġorġ Martri, Victoria, tal-Qaddejja ta' Alla, Madre Margerita De Brincat. Għal din l-okkażżjoni, l-Isqof ta' Għawdex, l-Eċċ. T. Mons. Mario Grech, ħareġ Ittra Pastorali dwar il-qaddejja ta' Alla li nqrat fil-Knejjes kollha ta' Għawdex.

Dawn iż-żewġ ġrajjiet li seħħu f'jum wieħed, kif kienet l-użanza dakinhar, jikkomplimentaw lil xulxin u kienu l-bażi li fuqhom inbniet il-ħajja ta' din il-persuna mportanti għal pajjiżna u għall-Knisja Universali. Bi twelidha bdiet il-ħajja tagħha u bil-magħmudija tagħha bdiet mixja spiritwali li llum qegħdin nistennew ir-riżultat tagħha bil-Beatifikazzjoni. Nitolbu biex kif il-Mulej minn dakinhar 'l hawn għoġbu jinqeda b'din il-persuna biex permezz tagħha seħħu diversi pjani qaddisa tar-rieda tiegħu, hekk ukoll fi żmien mhux il-bogħod tkun tista' sseħħ it-tkomplija perfetta ta' dawn il-pjani tiegħu, billi narawha msebbħa mill-Knisja Ommna.

Iċċelebrajna t-Twelid tagħha fir-raħal ċkejken ta' Kerċem, 150 sena ilu. Mill-bidu, anzi *"sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja"* il-Mulej għażilha biex tkun tiegħu. Nissel f'qalbha mħabba kbira għalih, żejjinha b'karattru mimli virtujiet umani u kristjani u nissel f'qalbha ħeġġa kbira għall-ġid tal-erwieħ. Minħabba f'hekk, mal-mixja taż-żmien uriet b'mod ċar li trid *"tħobb l-Imħabba"* li trid tagħmel lil Kristu *"mudell tassew ħelu"* tal-ħajja tagħha u li trid timpenja ruħha bil-qawwa kollha *"biex l-Imħabba tkun magħrufa u maħbuba minn kulħadd u kullimkien".* Fil-bidu ta' żogħżitha saret *"stilla tiddi"* tal-Qalb ta' Ġesù, żviluppat f'ħajjitha *"spirtu franġiskan"* mill-aqwa, injettat lill-Komunità tas-Sorijiet tal-bidu u ta' warajha bl-ispirtu tagħha, biex illum għandna eżerċtu kbir ta' Sorijiet li ħafna minnhom diġa daħlu fl-eternità qabilha jew warajha u li lkoll għexu, jew għadhom jgħixu, ħajja mnebbħa mill-kariżma li għadditilhom. Illum, qed naraw ukoll għadd ta' lajċi fl-"Assoċjazzjoni tal-Istilel tal-Qalb ta' Ġesù", jitħeggu bl-ispiritwalità tagħha u jgħixu l-apostolat moħbi tar-*"riparazzjoni"* bil-għan li jixorbu mill-għajn spiritwali tagħha. Riedet tkun *"vittma ta' riparazzjoni"* u bit-tagħlim tagħha tfakkarna bla waqfien b'din il-ħidma moħbija u ta' qawwa spiritwali kbira.

Iċċelebrajna l-Magħmudija tagħha fil-Parroċċa ta' San Ġorġ Martri, 150 sena ilu. Twelidha mall-ewwel ġie mżejjen bil-qawwa tas-sema mogħtija minn dan is-sagrament fundamentali għall-ħajja nisranija. Aktar tard bdiet tiltaqa' mal-Għarus Maħbub tagħha wara l-Ewwel Tqarbina, issaħħet bil-Konfirmazzjoni biex titqabad it-taqbida tal-fidi u bil-Konsagrazzjoni Reliġjuża wasslet għall-perfezzjoni dak li rċiviet bis-sagramenti tal-bidu tal-ħajja kristjana tagħha. Il-missjoni tagħha kienet tidher li hi msoqqija mill-qawwa sagramentali: il-kapaċità tagħha biex *"dejjem ittenni il-FIAT"*, il-kuraġġ biex *"tintelaq għal kollox fit-tmexxija tal-Providenza Divina"*, il-ħidma bla nifs *"biex tkebbes il-fjamma ewkaristika fost kulħadd u kullimkien"*, ix-xewqa ħerqana tagħha biex ikollha Sorijiet *"innamrati mill-Għarus Imsallab Ġesù",* l-għatx kbir li *"ssalva l-erwieħ li jiswew id-demm tas-Salvatur ħelu tagħna"*.... dan kollu kien ir-riżultat tal-qawwa tas-sema li ġejja mill-*"Providenza li dejjem turina l-ħarsien li neħtieġu"*.

Madre Margerita, bl-ispiritwalità tagħha tista' tkun ta' għajnuna kbira għalina hekk kif dakinhar ukoll, fl-2012, iċċelebrajna mal-Knisja Universali, s-Sena tal-Fidi mixtieqa mill-Papa Benedittu XVI fl-okkażżjoni tal-50 sena mill-Bidu tal-Konċilju Vatikan II u fl-okkażżjoni tal-20 Sena mill-publikazzjoni tal-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika:

sena li l-effett tagħha għadu jinħass fi żminijietna. Madre Margerita kienet persuna li għexet kull sitwazzjoni ta' ħajjitha b'viżjoni ta' fidi prattika. Kellha fidi li saret abbandun sħiħ fil-Providenza ta' Alla: għexet fidi qawwija u ħajja fil-misteru tal-Inkarnazzjoni, f'Ġesù Msallab u fil-Priġunier tal-Imħabba fl-Ewkaristija. Kienet persuna li għax emmnet fil-Knisja u fil-ħtieġa tal-evanġelizzazzjoni rawwmet Kongregazzjoni biex tagħmel l-Imħabba magħrufa u maħbuba minn kulħadd. Dan l-eżempju jista' jgħinna biex nilħqu da kollu li dakinhar ġie mħabbar lilna mill-Papa Benedittu XVI, fil *"Porta Fidei"*, jiġifieri, li lkoll ngħixu konverżjoni vera li tgħinna nduru lejn il-Mulej.

Aħna u niftakru f'dak li għexet u għamlet il-Fundatriċi, Madre Margerita, tajjeb li nġibu quddiem għajnejna lil din il-persuna affaxxinanti, mhux biex noqogħdu nistagħġbu biha, iżda biex nippruvaw nimitawha f'dak li hu l-aktar ċar fl-ispiritwalità profonda tagħha. Anke jekk inħossu l-ħtieġa biex nitolbu ħalli ma ddumx ma' sseħħ il-ġrajja mixtieqa tal-Bejatifikazzjoni, dan nagħmluh mhux għas-sempliċi raġuni li ngħidu li l-Fundatriċi saret Bejata, imma biex inkunu nistgħu nistrieħ aktar fi żgur fuq tagħlimha u biex l-eżempji ta' ħajja qaddisa li ħallitilna jkunu jistgħu jaslu fost aktar bnedmin ta' rieda tajba.

# Riferenzi:


Arċidjoċesi ta' Malta: "Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika": Media Centre, Blata l-Bajda, Malta: 1992.

Benedittu XVI, Diskors fil-Bażilika ta' San Pawl "fuor le Mura" fil-ftuħ tas-Sena Pawlina, mit-28/6/2008 sad-29/6/2009, b'tifkira tal-elfejn sena mit twelid ta' San Pawl Appostlu, 28/6/2008.

Benedetto XVI, Papa, "Lettera per l'Indizione dell'Anno Sacerdotale in occasione del 150 Anniversario del "Dies Natalis" di Giovanni Maria Vianney, 16/6/2009.

Benedittu XVI, Papa: "Porta Fidei", Ittra Apostolika għas-Sena tal-Fidi, 11/10/2011.

Calliari, Paolo: "Inħobbu l-Imħabba": Profil bijografiku ta' Madre Margerita De Brincat, fundatriċi: Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù: Malta, 1988.

Cauchi, Eċċ. T. Mons. Nikol, Isqof ta' Għawdex, "Il-Missjoni tal-Mara Nisranija", Ittra Pastorali fl-okkażżjoni ta' l-ewwel ċentinarju mit-twaqqif tal-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, 21/1/1980.

Conti, Martino O.F.M., "L'identità dei Fratelli e delle Sorelle del Terzo Ordine Regolare di S. Francesco", Movimento Francescano, Bologna, 1986.

De Margerie, Bertrand S.J.: "Tħe Holy Spirit and the Daily Eucharist Supreme Gifts of tħe Heart of Jesus": International Institute of the Heart of Jesus: Wisconsin: U.S.A.,1976.

Franġisku, Papa: "Evangelii Gaudium", Eżortazzjoni Apostolika dwar ix-Xandir tal-Vanġelu fid-dinja ta' llum, 24/11/2013.

Għaqda Biblika Maltija: "Il-Bibbja": It-Tieni Edizzjoni, Malta: 1996.

Grech, Eċċ. T. Mons. Mario, Isqof t'Għawdex, "Mara li ħabbet l-Imħabba", Ittra Pastorali fl-okkażżjoni tal-150 Sena mit-Twelid ta' Madre Margerita, Għawdex, 28/11/2012.

Giovanni Paolo II, Papa, e Messari, Vittorio, "Varcare la Soglia della Speranza", Roma, 1994.

Ġwanni Pawlu II, Papa, "Redemptor Hominis", Ittra Enċiklika fil-bidu tal-Ministeru Papali tiegħu, 4/3/1979.

Ġwanni Pawlu II, Papa, "Dominum et Vivificantem", Ittra Enċiklika dwar l-Ispirtu s-Santu, 18/5/1986.

Ġwanni Pawlu II, Papa, "Redemptoris Mater", Ittra Apostolika dwar il-Bejata Verġni Marija fil-ħajja tal-Knisja, 25/3/1987.

Ġwanni Pawlu II, Papa, "Mulieris Dignitatem", Ittra Apostolika dwar id-dinjità u l-vokazzjoni tal-Mara, 15/8/1988.

Ġwanni Pawlu II, Papa, "Tertio Millennio Adveniente", Ittra Apostolika bi tħejjija għall-Ġublew tas-Sena 2000, 10/11/1994.

Ġwanni Pawlu II, Papa, "Vita Consacrata" Eżortazzjoni Apostolika Post-Sinodali dwar il-Ħajja Konsagrata u l-Missjoni tagħha fil-Knisja u fid-Dinja, 25/3/1996.

Ġwanni Pawlu II, Papa, "Ecclesia de Eucharistia", Ittra Enċiklika dwar l-Ewkaristija fir-rabta tagħha mal-Knisja, 17/4/2003.

Ġwanni Pawlu II, "Mane Nobiscum Domine", Ittra Apostolika għas-Sena tal-Ewkaristija 2004/2005, 7/10/2003.

Haring, Bernard C.SS.R.:"Heart of Jesus": Symbol of Redeeming Love, Liguori Publications, U.S.A.:1983.

Konċilju Vatikan II, "Sacrosanctum Concilium", Kostituzzjoni dwar il-Liturġija, promulgata mill-Papa Pawlu VI, 4/12/1963.

Konċilju Vatikan II, "Dei Verbum", Kostituzzjoni Dommatika dwar ir-Rivelazzjoni Divina promulgata mill-Papa Pawlu VI, 18/11/1965.

Konċilju Vatikan II, "Lumen Gentium", Kostituzzjoni Dommatika dwar il-Knisja, promulgata mill-Papa Pawlu VI, 21/11/1964.

Konċilju Vatikan II, "Perfectae Caritatis", Digriet dwar it-Tiġdid tal-Ħajja Reliġjuża, promulgat mill-Papa Pawlu VI, 28/10/1965.

Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi, "Ittra lill-Isqfijiet tal-Knisja Kattolika dwar xi aspetti tat-Talb Nisrani", 15/10/1989.

Kongregazzjoni għall-Istituti ta' Ħajja Konsagrata u Soċjetajiet ta' Ħajja Apostolika, "Mutuae Relationes", Direttivi dwar ir-relazzjonijiet bejn l-Isqfijiet u r-Reliġjużi fil-Knisja, 23/4/1978.

Kongregazzjoni għall-Istituti ta' Ħajja Konsagrata u Soċjetajiet ta' Ħajja Apostolika,, "Elementi Essenzjali fit-Tagħlim tal-Knisja dwar il-Ħajja tar-Reliġjużi", Dokument dwar ir-Reliġjużi, 1983.

Kongregazzjoni għall-Istituti ta' Ħajja Konsagrata u Soċjetajiet ta' Ħajja Apostolika, "Direttivi dwar il-Formazzjoni fl-Istituti Reliġjużi", 2/2/1990.

Kongregazzjoni għall-Istituti ta' Ħajja Konsagrata u Soċjetajiet ta' Ħajja Apostolika, "Congregavit nos in unum Christi amor", Digriet dwar il-Ħajja Fraterna fil-Komunità, 2/2/1994.

Kumissjoni Pastorali tal-Kongregazzjoni għall-Evanġelizzazzjoni tal-Popli, "Dans le Cadre"", Digriet dwar is-sehem tal-Mara fl-Evanġelizzazzjoni, Lulju 1976.

Leon-Dufour, Xavier (Editing Director): "Dictionary of Biblical Theology": Updated 2nd Edition, Geoffrey Chapman,1997.

Ljun XIII, Papa, "Auspicata Concessum", Ittra Enċiklika dwar San Franġisk t'Assisi fis-seba' ċentinarju minn twelidu, 17/9/1882.

Madre Margherita del Sacro Cuore: "Sinossi": Brani scelti dai suoi scritti ordinati con le Costituzioni Generali delle Suore Francescane del Cuore di Gesù: Roma, 1990.

Madre Margherita: "Amiamo l'Amore": Lettere della Serva di Dio: Curia Generalizia, Santa Maria Delle Mole: 2001.

Martini, Carlo M., S.J. ,"Through Moses to Jesus', Ave Maria Press: Notre Dame: Indiana: 1988.

Pawlu VI, Papa, "Ecclesiae Sanctae", Ittra Apostolika "Motu Proprio" għat-twettiq ta' xi digrieti tal-Konċilju Vatikan II, 6/8/1966.

Pawlu VI, Papa, "Solemnis Professio Fidei", Il-Kredu tal-Poplu ta' Alla mxandar fi tmiem is-Sena tal-Fidi fid-19-il Ċentinarju mill-Martirju ta' S. Pietru u S. Pawl, 30/6/1968.

Pawlu VI, Papa, "Evangelii Nuntiandi", Eżortazzjoni Apostolika Post-Sinodali dwar l-Evanġelizzazzjoni fid-dinja ta' llum, 8/12/1975.

Pesce, fra Pier Giuseppe O.F.M. (editur), "Inħobbu l-Imħabba", Studji dwar l-Ispiritwalità tal-Qaddejja ta' Alla, Madre Margerita De Brincat, Fundatriċi tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù għad-dawl tal-Ittri tagħha, Ruma, 2005.

Piju XII, Papa:  "Haurietis Aquas": Ittra Enċiklika dwar il-Qalb ta' Ġesù, 15/5/1956.

Pisani, Ġorġ, Poeta, "Innu lil Madre Margerita", 1989, Victoria, Għawdex.

Sacra Congregatio de Causis Sanctorum, "Positio super vita, virtutibus et fama sanctitatis – Gaudisien. Beatificationis et Canonizationis Servae Dei Margaritae a S. Corde Jesu, Fundatricis Sororum Franciscalium a Sacratissimo Corde Jesu (1862-1952), Roma, 2004.

Sacra Congregatio de Causis Sanctorum:  "Gaudisiensis: Beatificationis et Canonizationis Servae Dei Margaritae a S. Corde Jesu (in saeculo: Virginiae De Brincat), Fundatricis Sororum Franciscalium Sacratissimi Cordis Jesu (1862-1952): Relatio et Vota Congressus Peculiaris super Virtutibus die 12 Aprilis an. 2013 habiti", Roma, Tipografia Nova Res s.r.l., 2013.

Santa Tereża t'Avila, "Il-Ħajja", "Fundazzjonijiet", "Il-Mansjonijiet",  Publikazzjoni Karmelitana Tereżjana, Malta, 1990.

Shlemon, Barbara: "Living Each Day by the Power of Faith", Servant Books, Michigan,1986.

Suore Francescane del Cuore di Gesù: "Costituzioni": approvate nel 8/9/2000: Roma, 2001.

Van Breeman, Peter G., "As Bread that is Broken", Dimension Books, 1966.

#####################

# Werrej


1. Preżentazzjoni mis-Superjura tal-Provinċja Maltija tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù
2. Għaliex dan il-Ktieb ? Kelmtejn ta' qabel mill-awtur
3. Madre Margerita De Brincat: Min hi ?
4. L-identità spiritwali tal-Omm tagħna (1987)
5. Madre Margerita: stilla mdawwla tal-Qalb ta' Ġesù
6. Fqar wara Kristu fqir, ma' Madre Margerita (1988)
7. Il-Kristoċentriżmu ta' Madre Margerita (1989)
8. Mill-Avvent lejn il-Milied ma' Madre Margerita
9. Madre Margerita: bniedma li saret Talba (1990)
10. Il-Franġiskaniżmu ta' Madre Margerita (1991)
11. Madre Margerita: Mara ta' Ħila (1992)
12. Madre Margerita: mibnija fuq Kristu (1993)
13. Awtopsja fuq Ġesù Bambin minn Madre Margerita
14. Wara Kristu fit-Triq taċ-Ċaħda, ma' Madre Margerita (1995)
15. Ma' Madre Margerita lejn it-Tielet Millennju (1996)
16. Madre Margerita tgħallima "ngħoddu jiem ħajjitna"
17. Ma' Madre Margerita lejn it-Tielet Millennju: Ġesù Kristu (1997)
18. Ma' Madre Margerita lejn it-Tielet Millennju: l-Ispirtu s-Santu (1998)
19. Ma' Madre Margerita lejn it-Tielet Millennju: il-Missier (1999)
20. Madre Margerita: imdawwla u magħġuna bl-Ewkaristija (2000)
21. L-Ewkaristija: il-Qalb tal-Knisja
22. Madre Margerita: Evangelizzatriċi tal-Imħabba (2001)
23. Madre Margerita u l-Formazzjoni tat-Tfal
24. Il-Qalb Ewkaristika ta' Madre Margerita (2002)
25. Madre Margerita: mudell ta' fidi vera (2004)
26. Madre Margerita u l-Ewkaristija (2005)
27. Milied u Ewkaristija
28. Il-Ħsieb Bibliku ta' Madre Margerita (2006)
29. Madre Margerita u l-Għarus Imsallab (2008)
30. Għid u Ewkaristija
31. Madre Margerita u l-ispirtu Pawlin (2009)
32. Madre Margerita u s-Saċerdot (2010)
33. Madre Margerita: imdawwla minn Kristu (2011)
34. Il-Milied, San Bonaventura u Madre Margerita
35. Madre Margerita u l-ispirtu ta' Konverżjoni (2012)
36. Madre Margerita u s-Sena tal-Fidi (2013)
37. Madre Margerita: imħabbra l-"qaddisa" f'mewtha
38. Madre Margerita De Brincat: bil-ġuħ u bil-għatx tal-ġustizzja (2014)

39. Il-Venerabbli Madre Margerita De Brincat
40. Werrej